| 6 1 9 1 | Rimborż ta' nefqa oħra mġarrba f'isem korpi barranin skons id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 23 893,— | — |
| | *Artikolu 6 1 9 — Total* | p.m. | p.m. | 23 893,— | — |
| | KAPITOLU 6 1 — TOTAL | p.m. | p.m. | 253 532 167,27 | — |
| | KAPITOLU 6 2 | | | | |
| **6 2 0** | ***Provvista bi ħlas ta' materji primi jew materjali fissili speċjali (l-Artikolu 6(b) tat-Trattat Euratom) — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| **6 2 2** | ***Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lill-korpi barranin bi ħlas*** | | | | |
| 6 2 2 1 | Dħul mill-operat tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 7 716 477,47 | — |
| 6 2 2 3 | Dħul ieħor mis-servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil korpi esterni bi ħlas li jintużaw biex jiddisponu approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 7 800 567,04 | — |
| 6 2 2 4 | Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni fuq invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni li ssir miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, irrispettivament minn jekk jistgħux ikunu protetti bi privattiva — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 405 973,22 | — |
| 6 2 2 5 | Dħul ieħor għall-benefiċċju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| 6 2 2 6 | Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi kompetittiva, li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 60 562 810,73 | — |
| | *Artikolu 6 2 2 — Total* | p.m. | p.m. | 76 485 828,46 | — |
| **6 2 4** | ***Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni għall-invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni, irrispettivament jekk jistgħux ikunu protetti bi privattivi jew le (azzjoni indiretta) — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU 6 2 — TOTAL | p.m. | p.m. | 76 485 828,46 | — |
| | KAPITOLU 6 3 | | | | |
| **6 3 0** | ***Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) taħt il-Ftehim ta' Kooperazzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 249 594 532,— | — |
| **6 3 1** | ***Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen*** | | | | |
| 6 3 1 2 | Kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp ta' sistemi ta' infomrazzjoni fuq skala kbira taħt il-ftehim konkluż mal-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera u l-Liechtenstein — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 3 391 696,04 | — |
| 6 3 1 3 | Kontribuzzjonijiet oħra b'rabta mal-acquis ta' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein) — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 21 018 000,— | — |
| | *Artikolu 6 3 1 — Total* | p.m. | p.m. | 24 409 696,04 | — |

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI** *(ikompli)*
**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**
**KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA**

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| **6 3 2** | ***Kontribuzzjonijiet għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv komuni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 79 408 905,33 | — |
| **6 3 3** | ***Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna*** | | | | |
| 6 3 3 0 | Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill- Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 18 948 230,26 | — |
| 6 3 3 1 | Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| 6 3 3 2 | Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | *Artikolu 6 3 3 — Total* | p.m. | p.m. | 18 948 230,26 | — |
| **6 3 4** | ***Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji u strumenti finanzjarji — Dħul assenjat*** | | | | |
| 6 3 4 0 | Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji għall-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-Kummissjoni — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | | — |
| 6 3 4 1 | Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat | p.m. | | | — |
| | *Artikolu 6 3 4 — Total* | p.m. | p.m. | | — |
| | KAPITOLU 6 3 — TOTAL | p.m. | p.m. | 372 361 363,63 | — |
| | KAPITOLU 6 5 | | | | |
| **6 5 0** | ***Korrezzjonijiet finanzjarji*** | | | | |
| 6 5 0 0 | Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-FEŻR, il-FSE, il-FAEGG — Taqsima Gwida, is-SFGS, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FES u l-FEMS — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 42 874 716,75 | — |
| | *Artikolu 6 5 0 — Total* | p.m. | p.m. | 42 874 716,75 | — |
| | KAPITOLU 6 5 — TOTAL | p.m. | p.m. | 42 874 716,75 | — |
| | KAPITOLU 6 6 | | | | |
| **6 6 0** | ***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 471 123 051,21 | — |
| 6 6 0 1 | Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati | 60 000 000 | 60 000 000 | 30 650 167,73 | 51,08 |
| | *Artikolu 6 6 0 — Total* | 60 000 000 | 60 000 000 | 501 773 218,94 | 836,29 |
| | KAPITOLU 6 6 — TOTAL | 60 000 000 | 60 000 000 | 501 773 218,94 | 836,29 |

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 6 7 | | | | |
| ***6 7 0*** | ***Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija*** | | | | |
| 6 7 0 1 | Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 674 797 108,67 | — |
| 6 7 0 2 | Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 168 572 555,38 | — |
| 6 7 0 3 | Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 64 071 461,67 | — |
| | *Artikolu 6 7 0 — Total* | p.m. | p.m. | 907 441 125,72 | — |
| ***6 7 1*** | ***Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*** | | | | |
| 6 7 1 1 | Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 50 156 378,48 | — |
| 6 7 1 2 | Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | *Artikolu 6 7 1 — Total* | p.m. | p.m. | 50 156 378,48 | — |
| | KAPITOLU 6 7 — TOTAL | p.m. | p.m. | 957 597 504,20 | — |
| | **Titolu 6 — Total** | **60 000 000** | **60 000 000** | **2 920 990 417,65** | **4 868,32** |

KUMMISSJONI

# TITOLU 6

# KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-FTEHIMIET U L-PROGRAMMI TAL-UNJONI

## KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

### 6 0 1 *Programmi ta' riċerka mixxellanji*

6 0 1 1 Ftehim ta' kooperazzjoni Svizzera-Euratom fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kontrollata u tal-fiżika tal-plażmi — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 21 841 488,58 |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta mill-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Isvizzera u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, b'mod partikolari dak tal-14 ta' Settembru 1978.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjaraju, kwalunkwe dħul għandu jintuża sabiex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 03 50 u l-Artikolu 08 04 50 (azzjonijiet indiretti) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

6 0 1 2 Ftehim Ewropew dwar l-iżvilupp tal-fużjoni (EFDA) — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 17 388 000,— |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta mill-ftehimiet multilaterali EFDA bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u s-26 assoċjati tal-fużjoni.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 03 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

6 0 1 3 Ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-ambitu tal-programmi ta' riċerka tal-Unjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 403 389 137,16 |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, partikolarment dawk li qed jipparteċipaw f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika (COST), biex ikunu assoċjati ma' programmi ta' riċerka tal-Unjoni.

Kwalunkwe kontribuzzjoni għandha tkopri l-kostijiet tal-laqgħat, kuntratti tal-esperti u nefqa tar-riċerka taħt il-programmi inkwistjoni.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 08 03 50, 08 04 50, 09 04 50, 15 03 50, 32 04 50 (azzjoni indiretta), 10 02 50 u 10 03 50 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

### **6 0 1** *(ikompli)*

6 0 1 3 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/372/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Iżrael dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Istat ta' Iżrael fil-programmi Komunitarji (ĠU L 129, 17.5.2008, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/28/UE tat-12 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjon (ĠU L 14, 19.1.2011, p. 5).

Qed jiġi nnegozjat ftehim komprensiv għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera, li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplimenta l-Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija fis-snin 2014-2020.

Qed jiġi nnegozjat il-Ftehim Internazzjonali li jassoċja lill-Iżrael mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

Qed jiġi nnegozjat il-Ftehim Internazzjonali li jassoċja lill-Moldova mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faroe li jassoċja lill-Gżejjer Faroe mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

6 0 1 5 Ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-istituti minn pajjiżi terzi b'rabta ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn) — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u istituti minn pajjiżi terzi inkonnessjoni ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn).

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 09 04 50, 15 03 50 u 32 04 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

6 0 1 6 Ftehimiet ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul minn Stati li qed jieħdu sehem f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI** *(ikompli)*

***6 0 1*** *(ikompli)*

6 0 1 6 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 09 04 50, 15 03 50 u 32 04 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Atti ta' referenza*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Ministri tal-Istati li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifka u teknika (COST) (iffirmata fi Vjenna fil-21 ta' Novembru 1991) (ĠU C 333, 24.12.1991, p. 1).

***6 0 2*** ***Programmi oħra***

6 0 2 1 Dħul mixxellanju b'rabta mal-għajnuna umanitarja — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Kwalunkwe kontribuzzjoni minn korpi esterni dwar l-għajnuna umanitarja.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont it-Titolu 23 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

***6 0 3*** ***Ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi***

6 0 3 1 Dħul provenjent mill-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fi programmi tal-Unjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 242 255 043,26 |

*Kummenti*

Dħul provenjent mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi hawn taħt elenkati bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi programmi tal-Unjoni. Kwalunkwe dħul minn pajjiżi li huma diġà Stati Membri li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tal-passat.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 61, 2.3.2002, p. 29).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 2).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

### **6 0 3** *(ikompli)*

6 0 3 1 *(ikompli)*

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Bosnja u Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnja u Ħerzegovina fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 9).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u Montenegro fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 29).

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet ewropej l-Istati membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim kwadru bejn il-Komunità ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-Prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005, p. 23).

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri fir-rigward ta' l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll 8 fuq il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità (ĠU L 43, 19.2.2008, p. 11).

Dalwaqt hu mistenni jiġi ffirmat Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fil-programmi tal-Unjoni (COM(2013) 218 final) u, meta dan jiġi ffirmat ikun jista' jiġi nnegozjat Ftehim Internazzjonali li jassoċja lill-Kosovo mal-Orizzont 2020.

Protokolli oħra għal mal-Ftehim Ewropej (Artikoli 228 u 238) li jwaqqfu programmi tal-Unjoni għall-pajjiżi kandidati.

6 0 3 2 Dħul provenjent mill-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, għajr il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent fi ftehimiet ta' kooperazzjoni doganali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 399 942,03 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi għal ftehimiet ta' kooperazzjoni doganali, b'mod partikolari taħt il-proġett Transitu u l-proġett tad-disseminazzjoni ta' tariffi u partikolaritajiet oħra (bil-kompjuter).

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 14 03 03, 14 04 01, 14 04 02 u 14 05 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, r-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja, r-Repubblika tal-Islanda, r-Renju tan-Norveġja, r-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar Proċedura Komuni ta' Transitu (ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/305/KE tat-30 ta' Marzu 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju tal-Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar l-estenzjoni tan-network komuni tal-komunikazzjoni/*interface* komuni tas-sistema (XKK/IKS) fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni tat-tranżitu.(ĠU L 102, 27.4.2000, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Lulju 2000 dwar il-konklużjoni ta' ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitá Ewropea u n-Norveġja dwar l-estensjoni tan-netwerk komuni ta' komunikazzjoni/interface ta' sistemi komuni (NKK/ISK) fl-istruttura tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' transitu.(ĠU L 204, 11.8.2000, p. 35).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

### **6 0 3** *(ikompli)*

6 0 3 2 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jawtorizza l-Kummisjoni biex tinnegozja f'isem il-Komunità Ewropea emenda għall-Konvenzjoni li toħloq il-Kunsill dwar Kooperazzjoni Doganali ffirmat fi Brussel fil-15 ta' Diċembru 1950, bil-ħsieb li l-Komunità Ewropea tkun membru fl-organizzazzjoni.

Id-Deċiżjoni Nru 253/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-11 ta' Frar 2003 li tadotta programm ta' azzjoni għad-dwani fil-Komunità (Dwana 2007) (ĠU L 36, 12.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 624/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2013) (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 25).

6 0 3 3 Parteċipazzjoni ta' korpi esterni fl-attivitajiet tal-Unjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 31 092 007,37 |

*Kummenti*

Kwalunkwe kontribuzzjoni minn korpi esterni lill-attivitajiet tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

## KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA

### **6 1 1** ***Rimborż ta' nefqa mġarrba f'isem Stat Membru wieħed jew aktar***

6 1 1 3 Dħul mill-investimenti kif dispost fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 61 921 310,65 |

*Kummenti*

Deċiżjoni 2003/76/KE tistipula li l-Kummissjoni għandha tingħatalha r-responsabbiltà li tieħu ħsieb l-istralċ tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) li jkunu għadhom ma' ngħalqux meta jiskadi t-Trattat dwar il-KEFA.

Skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni, id-dħul nett mill-investiment tal-assijiet disponibbli jikkostitwixxi dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea magħżula bl-għan speċifiku, jiġifieri li jiffinanzja proġetti ta' riċerka fis-setturi relatati mal-industriji tal-faħam u l-azzar bil-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

Id-dħul nett disponibbli għall-finanzjament tal-proġetti ta' riċerka fis-sena n + 2 jidher fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA f'likwidazzjoni għas-sena n, u wara li jkun tlesta l-proċess tal-likwidazzjoni jidher bħala assi fil-karta tal-bilanċ tal-Fond għar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament daħal fis-seħħ fl-2003. Id-dħul li ġej mill-2012 se jintuża għar-riċerka fl-2014. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iċ-ċaqliq li l-movimenti fis-swieq finanzjarji jistgħu joħolqu fl-iffinanzjar tar-riċerka, ikun applikat arranġament ta' twittija. L-ammont ta' dħul nett li mistenni jkun disponibbli għar-riċerka fl-2014 jammonta għal EUR 48 366 250.

Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE, 72,8 % tal-approprjazzjonijiet tal-fond ikunu għas-settur tal-azzar u 27,2 % għas-settur tal-faħam.

F'konformità mal-Artikolu 21 u l-Artikolu 181(2) tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali taħt il-Kapitolu 08 23 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA** *(ikompli)*

***6 1 1*** *(ikompli)*

6 1 1 3 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

6 1 1 4 Dħul provenjent mill-ammonti rkuprati fl-ambitu tal-programm ta' riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Deċiżjoni 2003/76/KE tistipula li l-Kummissjoni għandha tingħatalha r-responsabbiltà li tieħu ħsieb l-istralċ tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jkunu għadhom ma' ngħalqux meta jiskadi t-Trattat dwar il-KEFA.

Skont l-Artikolu 4(5) ta' dik id-Deċiżjoni, l-ammonti rkuprati għall-ewwel imorru għall-assijiet tal-KEFA fl-istralċ u wara, meta jintemm l-istralċ, għall-assijiet tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

***6 1 2*** ***Rimborż tan-nefqa mġarrba speċifikament kawża ta' twettiq ta' xogħol fuq talba u bi ħlas — Dħul assenjat***

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 2 322,75 |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

***6 1 4*** ***Rimborż ta' sostenn mill-Unjoni għall-proġetti u attivitajiet ta' suċċess kummerċjali***

6 1 4 3 Rimborż ta' sostenn mill-Unjoni għall-attivitajiet Ewropej ta' kapital ta' riskju bħala sostenn għall-intrapriżi żgħar u medji — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ir-rimborż tas-sostenn kollu jew parti minnu għal proġetti li kellhom suċċess kummerċjali, b'parteċipazzjoni possibbli fi profitti li jirriżultaw minn għotjiet mgħoddija bħala parti mill-attivitajiet Ewropej tal-kapital tar-riskju b'appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji skont l-istrumenti Venture Consort u Eurotech Capital.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA** *(ikompli)*

***6 1 4*** *(ikompli)*

6 1 4 4 Rimborż ta' sostenn mill-Unjoni għal strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Rimborż ta' rikavati u ammonti li jifdal wara l-appoġġ tal-Unjoni għal Strumenti ta' Kondiviżjoni tar-Riskji ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta'Koeżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat id-dħul.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 14 u l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

***6 1 5*** ***Ħlas lura ta' għajnuna mill-Unjoni mhux użata***

6 1 5 0 Ħlas lura ta' gaħjnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond ta' Solidarjeta, ISPA, IPA, FES u l-FEMS — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 108 746 581,17 |

*Kummenti*

Rimborż ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, mill-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond ta' Solidarjetà, mill-Istrument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul jintuża sabiex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali abbażi ta' dak li kien juri n-nefqa inizjali li jwassal għad-dħul korrispondenti.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA *(ikompli)*

### ***6 1 5*** *(ikompli)*

6 1 5 1 Rimborż tas-sussidji ta' bilanċjar baġitarju mhux użati — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

6 1 5 2 Rimborż ta' sussidji ta' imgħax mhux użati — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

6 1 5 3 Rimborż tal-ammonti mhux użati fil-qafas tal-kuntratti maħruġa mill-istituzzjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 18 882,18 |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

6 1 5 7 Ħlas lura ta' pagamenti li jkunu għadhom fil-kont taħt il-Fondi Strutturali, il-Fondi ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għas-Sajd u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 80 691 610,16 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba tirreġistra l-ħlas lura ta' pagamenti li jkunu għadhom fil-kont taħt il-Fondi Strutturali (This item is intended to record the repayment of payments on account under the Structural Funds (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

L-ammonti allokati għal din il-partita għandhom, skont l-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, sabiex titnaqqas il-kontribuzzjoni mill-Fondi għall-operazzjoni kkonċernata.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA** *(ikompli)*

***6 1 5*** *(ikompli)*

6 1 5 7 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu D tal-Anness II tiegħu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Kapitolu II tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

6 1 5 8 Rimborż ta' għajnuna mixxellanja mill-Unjoni mhux użata — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 665 623,32 |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

**6 1 6** ***Rimborż tan-nefqa mġarrba f'isem l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika — Dħul assenjat***

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Rimborż mill-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (IAEA) ta' somom li tħallsu mill-Kummissjoni biex iħallsu għall-kontrolli magħmula mill-IAEA skont il-Ftehim ta' verifika (ara l-Artikoli 32 05 01 u 32 05 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima).

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Ftehima bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran' Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika fl-implimentazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi nukleari (ĠU L 51, 22.2.1978, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu.

Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA** *(ikompli)*

**6 1 7** ***Rimborż ta' ammonti mħallsa b'rabta ma' għajnuna mill-Unjoni lill-pajjiżi terzi***

6 1 7 0 Rimborżi fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 414 945,67 |

*Kummenti*

Rimborżi minn offerenti jew riċeventi ta' sovrapagamenti magħmula fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Afrika ta' Isfel.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali taħt il-Partiti 21 02 05 01 u 21 02 05 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

**6 1 8** ***Rimborż ta' ammonti mħallsa b'rabta ma' għajnuna alimentari***

6 1 8 0 Rimborżi mill-offerenti jew riċeventi ta' sovrapagamenti mwettqa b'rabta ma' għajnuna alimentari — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 258 631,12 |

*Kummenti*

Dispożizzjonijiet li jinsabu fl-istediniet għall-offerti jew fil-kondizzjonijiet finanzjarji mehmuża mal-ittri tal-Kummissjoni li jippreskrivu l-kondizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna għall-ikel lir-riċeventi.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

6 1 8 1 Rimborż tal-kostijiet addizzjonali ikkawżati mir-riċeventi tal-għajnuna alimentari — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 788 367,25 |

*Kummenti*

Diżpozizzjonijiet li jinsabu fil-patti tal-konsenja mehmuża mal-ittri tal-Kummissjoni li jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom l-għajnuna alimentari hija mogħtija lir-riċeventi.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 1 — RIMBORŻ TA' NEFQA MIXXELLANJA *(ikompli)*

### 6 1 9 *Rimborż ta' nefqa oħra mġarrba f'isem korpi barranin*

6 1 9 1 Rimborż ta' nefqa oħra mġarrba f'isem korpi barranin skons id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 23 893,— |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali taħt il-Partiti 19 06 04 01 u 22 02 05 01 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi Strument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jwaqqaf Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

## KAPITOLU 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU BI ĦLAS

### 6 2 0 *Provvista bi ħlas ta' materji primi jew materjali fissili speċjali (l-Artikolu 6(b) tat-Trattat Euratom) — Dħul assenjat*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul mill-provvista lill-Istati Membri bi ħlas ta' materja prima jew materjali speċjali fissili għall-programmi tagħhom tar-riċerka.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi legali*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(b) tiegħu.

### 6 2 2 *Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lill-korpi barranin bi ħlas*

6 2 2 1 Dħul mill-operat tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 7 716 477,47 |

*Kummenti*

Dħul ġej mill-operazzjoni tar-reattur ta' flussi għoljin (HFR) fl-istabiliment ta' Petten taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Pagamenti minn korpi esterni biex ikopru kull tip ta' nefqa involuta fl-operazzjoni tal-HFR miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05 u 10 04 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Tlestija ta' programmi preċedenti*

Dan id-dħul huwa pprovdut mill-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU BI ĦLAS** *(ikompli)*

**6 2 2** *(ikompli)*

6 2 2 3 Dħul ieħor mis-servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil korpi esterni bi ħlas li jintużaw biex jiddisponu approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 7 800 567,04 |

*Kummenti*

Dħul minn persuni, ditti u korpi nazzjonali li għalihom iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jagħmel xogħol u/jew jipprovdi servizzi bi ħlas.

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05, 10 02 01, 10 02 51, 10 02 52, 10 03 01, 10 03 51, 10 03 52 u 10 04 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tammonta għan-nefqa taħt kull kuntratt ma' korp estern.

6 2 2 4 Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni fuq invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni li ssir miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, irrispettivament minn jekk jistgħux ikunu protetti bi privattiva — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 405 973,22 |

*Kummenti*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu, jagħti lill-Istati Membri, lill-persuni u lill-impriżi id-dritt — bi ħlas ta' remunerazzjoni xierqa — biex jiksbu liċenzji mhux esklużivi taħt brevetti, drittijiet tal-brevetti provviżorjament protetti, mudelli ta' utilità jew applikazzjonijiet għal brevetti li huma tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05, 10 04 02, 10 04 03 u l-Kapitoli 10 02 u 10 03 fid-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2380/74 tas-17 ta' Settembru 1974 li jadotta dispożizzjonijiet għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-programmi ta' riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 255, 20.9.1974, p. 1).

6 2 2 5 Dħul ieħor għall-benefiċċju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul mill-kontribuzzjonijiet, rigali jew legati minn terzi għad-diversi attivitajiet mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikolu 10 01 05 u l-Kapitoli 10 02, 10 03 u 10 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU BI ĦLAS *(ikompli)*

### 6 2 2 *(ikompli)*

6 2 2 6 Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi kompetittiva, li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 60 562 810,73 |

*Kummenti*

Dħul minn servizzi oħra tal-Kummissjoni li għaliha ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jwettaq xogħol u/jew jipprovdi servizzi bi ħlas u dħul mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-programmi qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali taħt l-Artikoli 10 01 05, 10 02 01, 10 02 51, 10 02 52, 10 03 01, 10 03 51, 10 03 52 u 10 04 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li jammontaw għan-nefqa speċifika taħt kull kuntratt ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni.

### 6 2 4 *Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni għall-invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni, irrispettivament jekk jistgħux ikunu protetti bi privattivi jew le (azzjoni indiretta) — Dħul assenjat*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu, jagħti lill-Istati Membri, lill-persuni u lill-impriżi id-dritt — bi ħlas ta' remunerazzjoni xierqa — biex jiksbu liċenzji mhux esklużivi taħt brevetti, drittijiet tal-brevetti provviżorjament protetti, mudelli ta' utilità jew applikazzjonijiet għal brevetti li huma tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi legali*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2380/74 tas-17 ta' Settembru 1974 li jadotta dispożizzjonijiet għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-programmi ta' riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 255, 20.9.1974, p. 1).

## KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI

### 6 3 0 *Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) taħt il-Ftehim ta' Kooperazzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea — Dħul assenjat*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 249 594 532,— |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu hu maħsub biex jirreġistra kontributi mill-Istati Membri fl-Assoċċjazzjoni Ewropej tal-Kummerċ Ħieles li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom f'ċerti attivitajiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 ta' u mal-Protokoll 32 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekomomika Ewropea.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

### *6 3 0* *(ikompli)*

Il-kontribuzzjoni totali ppjanata tidher fis-sommarju preżentat għall-informazzjoni fl-Anness V tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles ser ikunu disponibbli għall-Kummissjoni skont l-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

### *6 3 1* *Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen*

6 3 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp ta' sistemi ta' infomrazzjoni fuq skala kbira taħt il-ftehim konkluż mal-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera u l-Liechtenstein — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 3 391 696,04 |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 18 02 07, 18 02 08, 18 02 09 u 18 03 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/439/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 35)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/258/KE tal-15 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew in-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 38), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA’ FTEHIMIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

### 6 3 1 *(ikompli)*

6 3 1 2 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta’ ċertifikati ta’ reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar l-istabiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta’ informazzjoni ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta’ Ġunju 2007 dwar l-istabiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta’ informazzjoni ta’ Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/146/KE) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/147/KE) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta’ talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 3)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/149/KE) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta’ Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta’ Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi u ta’ reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta’ Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta’ data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta’ Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta’ Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, relatat b’mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persun (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta’ Ottubru 2011 li jistabilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja(ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI** *(ikompli)*

**6 3 1** *(ikompli)*

6 3 1 3 Kontribuzzjonijiet oħra b'rabta mal-acquis ta' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein) — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 21 018 000,— |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 18 02 51 u 18 03 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/439/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 35)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/258/KE tal-15 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew in-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 38), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim.

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/146/EC) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/147/KE) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 3)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/149/KE) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Mejju 2010 li jistabilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/305/UE tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar ir-regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (ĠU L 137, 25.5.2011, p. 1).

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI** *(ikompli)*

***6 3 1*** *(ikompli)*

6 3 1 3 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/EU tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persun (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/192/UE tat-12 ta' Lulju 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 103, 13.4.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/193/UE tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 103, 13.4.2012, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

***6 3 2*** ***Kontribuzzjonijiet għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv komuni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Dħul assenjat***

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 79 408 905,33 |

*Kummenti*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkontribwixxi għall-ispiża tal-miżuri ta' sostenn se jiġi użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali taħt il-Partita 21 01 04 10 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Atti ta' referenza*

Ftehimiet interni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna tal-Komunità taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perijodu 2008 sa 2013 skont il-Ftehima ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja lil Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika il-Parti Erbgħa tat-Trattat KE (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32).

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI** *(ikompli)*

**6 3 3** ***Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna***

6 3 3 0 Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill- Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 18 948 230,26 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet u persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

6 3 3 1 Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet u persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

6 3 3 2 Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

**6 3 4** ***Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji u strumenti finanzjarji — Dħul assenjat***

6 3 4 0 Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji għall-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-Kummissjoni — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra t-tariffi tal-immaniġġjar li l-Kummissjoni hija awtorizzata tiġbed sabiex tkopri l-ispejjeż tal-immaniġġjar tagħha mis-snin li fihom bdew jintużaw il-kontribuzzjonijiet għal kull fond fiduċjarju.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI** *(ikompli)*

***6 3 4*** *(ikompli)*

6 3 4 0 *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, dawn it-tariffi tal-immaniġġjar għandhom jiġu assimilati fid-dħul assenjat matul il-ħajja tal-fond fiduċjarju.

*Bażi legali*

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 187(7) tiegħu.

Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu.

6 3 4 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | | |

*Kummenti*

*Partita Ġdida*

Ir-rimborżi annwali, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati u rimborżi tal-kapital tas-self, imħallsin lura lill-Kummissjoni jew lill-kontijiet fiduċjarji miftuħin għall-istrumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit skont strument finanzjarju, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jintużaw għall-istess strument finanzjarju, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 140(9) ta' dak ir-Regolament, għal perjodu mhux itwal mill-perjodu tal-approprjazzjonijiet ta' impenn magħduda miegħu sentejn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'att bażiku.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

***6 5 0*** ***Korrezzjonijiet finanzjarji***

6 5 0 0 Korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-FEŻR, il-FSE, il-FAEGG — Taqsima Gwida, is-SFGS, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FES u l-FEMS — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 42 874 716,75 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-korrezzjonijiet finanzjarji marbuta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsima Gwida), l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew tas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI** *(ikompli)*

***6 5 0*** *(ikompli)*

6 5 0 0 *(ikompli)*

L-ammonti allokati għal din il-partita għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

F'konformità mal-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, ta' assistenza kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li kienet tapplika għal din l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2006, li konsegwentament għandu minn hemm 'il quddiem japplika għal dik l-assistenza jew il-proġetti konċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż il-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kwalukwe leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-miri tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u l-koordinazzjoni tal-attivittajiet ta' bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG) (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

### 6 6 0 *Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra*

6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 471 123 051,21 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 60 000 000 | 60 000 000 | 30 650 167,73 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex takkomoda kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li ma jintużax, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

## KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI

### 6 7 0 *Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija*

6 7 0 1 Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 674 797 108,67 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li joħorġu minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċerna n-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (Taqsima Garanzija) taħt l-Intestatura I tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013 u 014-2020 skont l-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika favur il-baġit ġenerali fir-rigward tan-nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 li ntemm fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat fit-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taħt il-FAEG tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita hu stmat li jammonta EUR 1 008 000 000, inkluż EUR 370 000 000 li ġew riportati mill-2013 għall-2014 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2014, EUR 464 000 000 ġew allokati għall-finanzjament ta' ħtiġijiet ta' miżuri skont l-Artikolu 05 02 08 u l-bqija tal-EUR 544 000 000 ġew allokati għall-finanzjament ta' ħtiġijiet ta' miżuri skont l-Artikolu 05 03 01.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***6 7 0*** *(ikompli)*

6 7 0 1 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 168 572 555,38 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi miġbura, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji miċħuda fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsima Gwida) taħt l-intestatura 1 tal-Qafas Pluriennali Finanzjarju tal-2007-2013 u tal-2014-2020 skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u skont l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew żbalji, inklużi interessi, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 320/2006, li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif provdut fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 jew 10 % kif provdut fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Tinkludi wkoll ammonti rkuprati li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ta; approvazzjoni meta jiġi applikat l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Artkolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat fit-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kawlunkwe dħul taħt din il-partita għandu jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita baġitarja taġt il-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat għal EUR 331 000 000 inklużi EUR 166 000 000 riportati mill-2013 għall-2014 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2014, dan l-ammont ġie allokat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

### 6 7 0 *(ikompli)*

6 7 0 2 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 0 3 Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 64 071 461,67 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti miġbura jew rkuprati skont ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003, l-Artikolu 78 u t-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont l-Artikolu 43(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li jammonta għal EUR 125 000 000 inklużi EUR 79 000 000 riportati mill-2013 għall-2014 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju.

Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2014, dan l-ammont tqies għall-iffinanzjar tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

### 6 7 1 *Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*

6 7 1 1 Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 50 156 378,48 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti relatati mal-ħlas lura tal-pagamenti li jinsabu fil-kont taħt il-FAEŻR huma rreġistrati wkoll fuq din il-partita.

F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit taħt il-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2014, ebda ammont speċifiku ma ġie allokat għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi miġbura, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji miċħuda fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u skont l-Artikoli 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Kwalunkwe dħul taħt din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit taħt il-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2014, ebda ammont speċifiku ma ġie allokat għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

### 6 7 1 *(ikompli)*

6 7 1 2 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

# TITOLU 7

# IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

**KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI**
**KAPITOLU 7 1 — MULTI**
**KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI**

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 7 0 | | | | |
| ***7 0 0*** | ***Imgħax fuq arretrati*** | | | | |
| 7 0 0 0 | Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri | 5 000 000 | 5 000 000 | 160 458 470,37 | 3 209,17 |
| 7 0 0 1 | Imgħax ieħor fuq arretrati | 3 000 000 | 3 000 000 | 1 044 458,23 | 34,82 |
| | *Artikolu 7 0 0 — Total* | 8 000 000 | 8 000 000 | 161 502 928,60 | 2 018,79 |
| ***7 0 1*** | ***Imgħax fuq arretrati u mgħax ieħor fuq il-multi*** | 15 000 000 | 142 000 000 | 294 301 251,95 | 1 962,01 |
| | KAPITOLU 7 0 — TOTAL | 23 000 000 | 150 000 000 | 455 804 180,55 | 1 981,76 |
| | KAPITOLU 7 1 | | | | |
| ***7 1 0*** | ***Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra*** | 100 000 000 | 1 472 000 000 | 3 292 301 928,56 | 3 292,30 |
| ***7 1 1*** | ***Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karozzi ġodda tal-passiġġieri*** | p.m. | p.m. | | — |
| ***7 1 2*** | ***Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat*** | p.m. | 20 000 000 | 59 296 944,— | — |
| | KAPITOLU 7 1 — TOTAL | 100 000 000 | 1 492 000 000 | 3 351 598 872,56 | 3 351,60 |
| | KAPITOLU 7 2 | | | | |
| ***7 2 0*** | ***Imgħax fuq depożiti u multi*** | | | | |
| 7 2 0 0 | Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-deficit eċċessiv — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | *Artikolu 7 2 0 — Total* | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU 7 2 — TOTAL | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Titolu 7 — Total** | **123 000 000** | **1 642 000 000** | **3 807 403 053,11** | **3 095,45** |

KUMMISSJONI

# TITOLU 7

# IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

## KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI

### *7 0 0 Imgħax fuq arretrati*

7 0 0 0 Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 5 000 000 | 5 000 000 | 160 458 470,37 |

*Kummenti*

Kwalunkwe dewma minn xi Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, iwassal għall-ħlas ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-istess bħar-rata kif ipuublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C li l-Bank Ċentrali Ewropew applika għall-operazzjonijiet tiegħu ta' rifinanzjament, fl-ewwel jum tax-xahar li fih kienet id-data ta' skadenza, żdiedet b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0.25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, ir-rata għandha tkun daqs ir-rata applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni mill-Banek Ċentrali għall-operazzjonijiet prinċipali tagħhom ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti perċentwali, jew, għall-Istati Membri li għalihom ir-rata tal-Bank Ċentrali mhix disponibbli, l-iktar rata ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni fis-suq tal-flus tal-Istat Membru, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0.25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Ir-rata tal-imgħax tapplika għall-entrati kollha tar-riżorsi proprji enumerati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

7 0 0 1 Imgħax ieħor fuq arretrati

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 3 000 000 | 3 000 000 | 1 044 458,23 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat imgħax fuq il-pagamenti tardivi ta' intitolamenti għajr dawk tar-riżorsi proprji.

*Bażi legali*

Ftehima dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

KUMMISSJONI

## KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI *(ikompli)*

### *7 0 0* *(ikompli)*

7 0 0 1 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

### *7 0 1* *Imgħax fuq arretrati u mgħax ieħor fuq il-multi*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 15 000 000 | 142 000 000 | 294 301 251,95 |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu hu maħsub biex jirreġistra l-imgħax provenjent fuq il-kontijiet speċjali għal multi u imgħax fuq pagamenti tardivi marbuta mal-multi.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

## KAPITOLU 7 1 — MULTI

### *7 1 0* *Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 000 | 1 472 000 000 | 3 292 301 928,56 |

*Kummenti*

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux irrispettaw il-projbizzjonijiet jew ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti numerati hawn taħt jew skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

**KAPITOLU 7 1 — MULTI** *(ikompli)*

***7 1 0*** *(ikompli)*

Il-multi għandhom normalment jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni mhux se tiġbor l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; l-impriża għandha tifhem li għandu jitħallas l-imgħax fuq id-dejn wara d-data finali tal-ħlas u l-Kummissjoni tkun provduta b'garanzija bankarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew soprataxxa sad-data finali tal-ħlas.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonjiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

***7 1 1*** ***Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karozzi ġodda tal-passiġġieri***

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi imposti mill-Kummissjoni.

L-għan tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huwa li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni, għan li jifforma parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

Madankollu fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jaqbżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' għaqda, il-maniġer tal-għaqda.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE tas-17 ta' Frar 2012 dwar metodu għall-ġbir ta' primjums għal emissjonijiet eċċessivi ta' $CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 71).

**KAPITOLU 7 1 — MULTI** *(ikompli)*

***7 1 2*** ***Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat***

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 20 000 000 | 59 296 944,— |

*Bażi legali*

Artikolu 260(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI**

***7 2 0*** ***Imgħax fuq depożiti u multi***

7 2 0 0 Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv — Dħul assenjat

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul ġej minn imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

Skont l-Artikolu 21(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu

KUMMISSJONI

# TITOLU 8

# OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

**KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI**
L-Unjoni m'għandhiex l-informazzjoni u l-indikaturi biex tkejjel il-kontribut tal-industiji kulturali lejn l-iżvilupp ekonomiku, u dan jifframmenta, jostakola u jiskoraġġixxi l-inizjattivi u l-investimenti f'dawn is-setturi. Pereżempju, it-tikketta Kapitali Ewropea tal-Kultura taġixxi ta' katalist għar-riġenerazzjoni urbana u l-attraenza territorjali. Madankollu, ma hija disponibbli l-ebda data komprensiva dwar l-impatt tal-investimenti li jsiru matul il-perjodu ta' validità tat-tikketta. Barra dan, ir-rwol tar-riżorsi, u atturi kulturali fil-qalba ta' ekosistemi kreattivi, billi jistimolaw l-innovazzjoni ekonomika u soċjali, għadu mhuwiex mifhum tajjeb.

Sistemi informatiċi u maniġerjali:

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni skont kuntratt ta' sistemi informatiċi u maniġerjali,

— l-akkwist u l-manutenzjoni ta' sistemi kompleti (turnkey) informatiċi u maniġerjali fil-qasam tal-ġestjoni amministrattiva (persunal, baġit, finanzi, kontabilità, eċċ.),

— studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dawk is-sistemi u mmaniġġar tal-proġett,

— il-kisba ta' ħiliet u kompetenza fil-qasam tat-teknoloġija informatika għad-dipartimenti kollha: kwalità, sigurtà, teknoloġija, żvilupp metodoloġiku, mmaniĠĠar tat-teknoloġija infromatika, eċċ.,

— appoġġ tekniku għal dawk is-sistemi, u xogħol tekniku meħtieġ biex ikun żgurat li joperaw b'mod sodisfaċenti.

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 02*** *(ikompli)*

XX 01 02 11 *(ikompli)*

Taħriġ ieħor u taħriġ maniġerjali:

— nefqa fuq taħriġ ġenerali maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:

— tariffi li jitħallsu lill-esperti imqabbda biex jidentifikaw il-bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,

— tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, maniġment, strateġija, garanzija tal-kwalità u mmaniĠĠar tal-persunal,

— nefqa mġarrba fid-disinn, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-għalliema/kelliema fil-kors tal-ivvjaġġar u s-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),

— il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ estern u biex jingħaqad ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta ma' aspetti prattiċi biex ikunu organizzati dawn il-korsijiet, u l-użu ta' bini u trasport u l-kost tal-ikel u akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-Internet relatati u x-xiri ta' tagħmir ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għat-teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,

— l-iffinanzjar ta' apparat li jiffaċilita t-tagħlim.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA lejn il-kosti ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu fil-linji tal-baġit konċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dħul bħal dan hu stmat li jilħaq l-EUR 719 500.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat ibbażat fuq dejta disponibbli skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 6 203 900.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA*

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 02*** *(ikompli)*

XX 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 12 | Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | | | | |
| XX 01 02 12 01 | Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentazzjonijiet | 5.2 | 5 797 000 | 6 328 000 | 6 541 000,— |
| XX 01 02 12 02 | Taħriġ ulterjuri għall-persunal fid-delegazzjonijiet | 5.2 | 350 000 | 500 000 | 522 000,— |
| | Punt XX 01 02 12 — Total | | 6 147 000 | 6 828 000 | 7 063 000,— |

*Kummenti*

Fir-rigward tal-partiti 19 01 02 12, 20 01 02 12, 21 01 02 12 u 22 01 02 12 dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— spejjeż u gratifiki mixxelanji dwar persunal ieħor, inklużi konsultazzjonijiet ġuridika,

— nefqa provenjenti minn proċeduri ta' reklutaġġ ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi kostijiet ta' pubblikazzjoni, vjaġġar u kostijiet ta' sussistenza u assigurazzjoni għall-aċċidenti għal kandidati li jkunu msejħa għal eżamijiet u intervisti, kostijiet konnessi mal-organizzazzjoni ta' testijiet għal reklutaġġ ta' gruppi u eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ,

— il-kisba, is-sostituzzjoni, il-konverżjoni u l-manutenzjoni ta' apparat ta' natura medika stallat fid-delegazzjonijiet,

— spejjeż relatati mal-kost ta' eżamijiet mediċi annwali ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi analiżijiet u testijiet imwettqa bħala parti minn eżamijiet bħal dawn, attivitajiet kulturali u inizjattivi biex jitħeġġu l-kuntatti soċjali,

— l-ispejjeż relatati mal-kostijiet mediċi tal-persunal lokali impjegati taħt id-dritt kuntrattwali lokali, il-kost tal-konsulenti mediċi u dentisti u l-kostijiet fir-rigward tal-politika dwar l-AIDS fuq il-post tax-xogħol,

— il-gratifika fissa mogħtija lill-uffiċjali li regolarment iġarrbu spejjeż ta' rappreżentazzjoni minħabba l-inkarigi tagħhom, u r-rimborż ta' spejjeż imġarrba minn uffiċjali awtorizzati biex jirrappreżentaw il-Kummissjoni/l-Unjoni fl-interess tas-servizz u minħabba l-inkarigi tagħhom (fil-każ ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni, parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jiġu koperti mill-gratifika fissa għar-rappreżentazzjoni),

— nefqa għall-ivvjaġġar, gratifika ta' sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet u spejjeż inċidentali jew eċċezzjonali li jsiru b'konnessjoni ma' missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħrajn,

— nefqa għall-ivvjaġġar tat-trasport u gratifika ta' sussistenza ta' kuljum relatati ma' evakwazzjonijiet għal raġunijiet mediċi,

— nefqa ġejja minn sitwazzjonijiet ta' kriżi, fosthom l-ivvjaġar, akkomodazzjoni u gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum,

— nefqa fuq taħriġ ġenerali kif ukoll lingwistiku maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:

  — tariffi għall-esperti mqabbda biex jidentifikaw bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,

  — tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, maniġment, strateġija, garanzija tal-kwalità u immaniĠĠar tal-persunal,

  — nefqa mġarrba għat-tfassil, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni jew SEAE fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-għalliema/kelliema fil-korsijiet u l-ispejjeż tas-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 02*** *(ikompli)*

XX 01 02 12 *(ikompli)*

— nefqa relatata mal-aspetti prattiċi u loġistiċi tal-organzzazzjoni ta' korsijiet, inkluż il-kiri tal-post, tat-trasport u tal-apparat għat-taħriġ u għal seminars lokali u reġjonali kif ukoll kostijiet mixellanji b'rabta ma' dan, bħal ma hu fuq xarbiet u ikel,

— il-kost tal-parteċipazzjoni f'konferenzi u simpożja, u l-abbonament f'assoċjażżjonijiet professjonali u xjentifiċi,

— nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-Internet relatati u x-xiri ta' tagħmir ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għal teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 14 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

***XX 01 03*** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u binjiet***

XX 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni | | | | |
| XX 01 03 01 03 | Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni | 5.2 | 54 612 000 | 54 525 000 | 67 575 530,39 |
| XX 01 03 01 04 | Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni | 5.2 | 63 867 000 | 63 545 000 | 68 253 439,56 |
| | Punt XX 01 03 01 — Total | | 118 479 000 | 118 070 000 | 135 828 969,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territoru tal-Unjoni:

— faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefown, sistemi awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari,

— netwerks ta' dejta (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniĠĠar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

— ix-xiri, il-kiri jew lokazzjoni ta' kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew kiri fit-tul ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju, magni tal-faks, fotokopjatriċi u skeners,

— ix-xiri, il-kiri jew lokazzjoni ta' tajprajters, proċessuri tat-test jew kwalunkwe apparat elettroniku ieħor,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, iż-żamma, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,

— l-iżvilupp u l-użu tas-sit Europa fuq l-Internet, is-server konġunt għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni,

— il-ħolqien u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm),

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

KUMMISSJONI

*TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA*

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 03*** *(ikompli)*

XX 01 03 01 *(ikompli)*

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,

— l-ispejjeż ta' abbonamenti u l-ispejjeż ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż fuq netwerks ta' datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn binjiet differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat tal-kompjuter u softwer, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk stampat jew f'forma elettronika, eċċ., persunal li jaħdem barra, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq il-garanzija tas-sigurtà u l-kwalità dwar apparat tal-kompjuter u softwer,

— nefqa għaċ-Ċentru tal-Kompjuter:

  — ix-xiri, il-kiri jew lokazzjoni ta' kompjuters, periferali u softwer għaċ-Ċentru tal-Kompjuter, u l-ispejjeż ta' faċilitajiet ta' salvagwardja ta' riżerva,

  — manutenzjoni, appoġġ, studji, dokumentazzjoni, taħriġ u provisti relatati ma' dan l-apparat u persunal estern,

  — l-iżvilupp u l-manutenzjoni, taħt kuntratt, tas-softwer meħtieġ għall-ħidma taċ-Ċentru tal-Kompjuter.

L-approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi Partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa magħmula fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għall-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel taħt il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq it-EUR 22 141 000.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 03*** *(ikompli)*

XX 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 03 02 | Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | | | | |
| XX 01 03 02 01 | Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata | 5.2 | 45 057 000 | 46 908 000 | 46 690 000,— |
| XX 01 03 02 02 | Apparat, għamara, provvisti u servizzi | 5.2 | 8 741 000 | 9 638 000 | 9 694 000,— |
| | Punt XX 01 03 02 — Total | | 53 798 000 | 56 546 000 | 56 384 000,— |

*Kummenti*

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 03 02, 20 01 03 02, 21 01 03 02 u 22 01 03 02, dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— allokazzjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u sussistenza ta' kuljum,

— fir-rigward tal-kera u deibiti oħra fuq il-binjiet għad-delegazzjonijiet tal-Unjoni barra l-Unjoni:

  — għall-binjiet kollha jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew minn uffiċjali li jaħdmu barra l-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, primjums ta' assigurazzjoni, rinnovament u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina dwar is-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti (magni krittografika, kaxxiforti, żbarri tat-twieqi, eċċ.),

  — għall-binjiet kollha jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u r-residenzi tad-delegati: spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u fjuwil, manutenzjoni u tiswijiet, ġestjoni, rinnovament u spejjeż oħra ta' rutina (taxxi lokali għall-manutenzjoni tat-toroq u l-ġbir tal-iskart u x-xiri ta' sinjali u tabelli),

— fir-rigward tal-kera u debiti oħra fuq binjiet ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni:

  — għall-binjiet kollha jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni: kera; spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u l-enerġija għat-tisħin; primjums tal-assigurazzjoni; manutenzjoni u tiswijiet; rinnovament u tiswijiet kbar; nefqa dwar is-sigurtà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza u l-kiri u l-mili mill-ġdid ta' estinturi; ix-xiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir tat-tifi tan-nar u l-bdil ta' tagħmir ta' uffiċjali volontarji tat-tifi tan-nar; il-kost ta' spezzjonijiet statutorji, eċċ.,

  — għall-binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċjali: rimborż tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-akkomodazzjoni,

— nefqa mġarrba mill-akkwist ta' art għall-bini u binjiet (xiri jew opzjoni ta' xiri b'lokazzjoni) jew il-bini ta' uffiċċji jew akkomodazzjoni oħra, inkluż l-ispejjeż tal-istudju preliminari u diversi tariffi,

— ix-xiri, il-kiri, il-lokazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara u l-apparat, b'mod partikolari awdjoviżiv, li jarkivja, stampanti, tal-librerija, tal-interpretazzjoni u apparat tal-uffiċċju speċjalizzat (fotokopjatriċi, projetturi stampanti, magni tal-faks, eċċ.) kif ukoll il-kisba ta' dokumentazzjoni u provisti dwar dan l-apparat,

— ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tekniku bħal ġeneraturi, kondizzjonaturi tal-arja, eċċ., u l-istallazzjoni ta' tagħmir għall-faċilitajiet tal-benessri fid-delegazzjonijiet,

— ix-xiri, il-bdil, il-kiri, il-lokazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, inkluż għodod,

KUMMISSJONI

*TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA*

**KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA** *(ikompli)*

***XX 01 03*** *(ikompli)*

XX 01 03 02 *(ikompli)*

- primjums tal-assigurazzjoni għall-vetturi,
- ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, inklużi aġġornamenti u abbonamenti ma' gazzetti, perjodiċi u diversi pubblikazzjonijiet, u l-kost tal-legatura u kostijiet oħra għall-preservazzjoni tal-perjodiċi,
- abbonamenti ma' aġenziji tal-aħbarijiet,
- ix-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti għar-riproduzzjoni, u xi stampar esternalizzat,
- it-trasport u l-ikklerjar doganali ta' tagħmir, ix-xiri u tindif ta' uniformijiet għall-messaġġiera, xufiera, eċċ., diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabilità fil-konfront ta' terzi u kontra s-serq), nefqa għall-laqgħat interni (xorb, ikel servut f'okkażjonijiet speċjali),
- il-kost ta' studji, stħarriġiet u konsultazzjonijiet konnessi mal-operazzjoni amministrattiva tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u kull spiża oħra operattiva mhux speċifikament koperta mill-Partiti l-oħra f'dan l-Artikolu,
- spejjeż postali u ta' spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija,
- il-kost tal-posta diplomatika,
- in-nefqa kollha għall-għamara u tagħmir għall-akkomodazzjoni residenzjali disponibbli għall-uffiċjali,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat tal-ipproċessar tad-data (kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparati ta' konnessjoni) bis-softwer meħtieġ,
- is-servizzi mogħtija b'kuntratt, pereżempju għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ ta' sistemi tal-IT fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għar-riproduzzjoni tal-informazzjoni stampata, bħal printers u skeners,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' panew tal-kontrolli tat-telefown u swiċċbords u tagħmir għat-trażmissjoni tad-data bis-softwer meħtieġ,
- debiti ta' abbonament u kostijiet fissi għall-komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefon, telegrafu, teleks, faks), nefqa għan-netwerks għad-datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, appoġġ, assistenza, dokumentazzjoni u provvisti għal dan l-apparat,
- kull nefqa għal operazzjonijiet ta' sigurtà attiva f'delegazzjonijiet f'emerġenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 25 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*TITOLU 01*

## AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

# TITOLU 01

# AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 01 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" | 83 091 934 | 83 091 934 | 82 524 796 | 82 524 796 | 70 648 304,15 | 70 648 304,15 |
| 01 02 | UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA | 9 000 000 | 9 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | *2 000 000* | *2 000 000* | | | | |
| | | 11 000 000 | 11 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 |
| 01 03 | AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI | 118 432 294 | 110 585 305 | 250 210 000 | 201 999 890 | 260 668 316,— | 290 495 811,87 |
| 01 04 | OPERAZZJONIJIET U STRUMENTI FINANZJARJI | p.m. | 92 788 874 | 209 950 000 | 120 872 610 | 188 572 766,54 | 110 148 466,54 |
| | **Titolu 01 — Total** | **210 524 228** | **295 466 113** | **555 684 796** | **418 350 972** | **534 375 396,49** | **484 009 950,16** |
| | ***Riżervi (40 02 41)*** | ***2 000 000*** | ***2 000 000*** | | | | |
| | | **212 524 228** | **297 466 113** | **555 684 796** | **418 350 972** | **534 375 396,49** | **484 009 950,16** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

# TITOLU 01

# AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

## KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" | | | | | |
| ***01 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"*** | 5.2 | 64 450 317 | 63 872 541 | 54 317 531,73 | 84,28 |
| ***01 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"*** | | | | | |
| 01 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 6 403 755 | 6 504 362 | 5 357 733,08 | 83,67 |
| 01 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 7 766 066 | 7 805 800 | 6 589 952,61 | 84,86 |
| | *Artikolu 01 01 02 — Sub-total* | | 14 169 821 | 14 310 162 | 11 947 685,69 | 84,32 |
| ***01 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa speċifika fil-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"*** | | | | | |
| 01 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" | 5.2 | 4 171 796 | 4 042 093 | 3 980 766,80 | 95,42 |
| 01 01 03 04 | Nefqa b'rabta ma' bżonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunkazzjoni u informazzjoni | 5.2 | 300 000 | 300 000 | 402 319,93 | 134,11 |
| | *Artikolu 01 01 03 — Sub-total* | | 4 471 796 | 4 342 093 | 4 383 086,73 | 98,02 |
| | **Kapitolu 01 01 — Total** | | **83 091 934** | **82 524 796** | **70 648 304,15** | **85,02** |

### *01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 64 450 317 | 63 872 541 | 54 317 531,73 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"** *(ikompli)*

### ***01 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"***

01 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 403 755 | 6 504 362 | 5 357 733,08 |

01 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 766 066 | 7 805 800 | 6 589 952,61 |

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża sabiex tiggarantixxi rappreżentanza iktar ibbilanċjata ta' partijiet interessati (negozji, SME, trejdjunjins, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, eċċ.) fi gruppi esperti permezz ta' din il-partita, biex jiġi stabbilit proċess ta' għażla miftuħ u obbligatorju għall-membri fi gruppi esperti u biex jiġi evitat kunflitt tal-interessi.

### ***01 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa speċifika fil-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"***

01 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 171 796 | 4 042 093 | 3 980 766,80 |

01 01 03 04 Nefqa b'rabta ma' bżonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunkazzjoni u informazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 300 000 | 300 000 | 402 319,93 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— in-nefqa biex il-binjiet ikunu attrezzati b'telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari x-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' swiċċbords u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, interfonija u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

— ix-xiri, il-kiri, jew il-lokazzjoni, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju, kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer neċessarju,

— il-kost tal-abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u d-databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni bħal din,

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"** *(ikompli)*

***01 01 03*** *(ikompli)*

01 01 03 04 *(ikompli)*

— debiti ta' abbonamenti u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, telex, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), in-nefqa fuq in-networks tad-datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— il-kost tal-konnessjoni man-netwerks tat-telekomunikazzjoni, pereżempju SWIFT (interbank) u CoreNet (netwerk sigur stabbilit mill-BĊE), u infrastruttura u servizzi relatati,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, l-evalwazzjonijiet, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tip ta' apparat.

*Bażi legali*

ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 01 02 | UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA | | | | | | | | |
| ***01 02 01*** | ***Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro*** | 1.1 | 9 000 000 | 9 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 | 141,30 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | *2 000 000* | *2 000 000* | | | | | |
| | | | 11 000 000 | 11 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 | |
| ***01 02 02*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal-pagamenti*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***01 02 03*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| | **Kapitolu 01 02 — Total** | | **9 000 000** | **9 000 000** | **13 000 000** | **12 953 676** | **14 486 009,80** | **12 717 367,60** | **141,30** |
| | ***Riżervi (40 02 41)*** | | ***2 000 000*** | ***2 000 000*** | | | | | |
| | | | **11 000 000** | **11 000 000** | **13 000 000** | **12 953 676** | **14 486 009,80** | **12 717 367,60** | |

***01 02 01*** ***Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 01 02 01 | 9 000 000 | 9 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 |
| *Riżervi (40 02 41)* | *2 000 000* | *2 000 000* | | | | |
| Total | 11 000 000 | 11 000 000 | 13 000 000 | 12 953 676 | 14 486 009,80 | 12 717 367,60 |

*Kummenti*

*L-ex Artikoli 01 02 02 u 01 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tat-twettiq tal-Programm Konġunt Armonizzat tal-UE ta' Stħarriġiet dwar in-Negozju u l-Konsumaturi (approvat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2006) tal-Istati Membri u l-pajjiżi applikanti (ĠU C 245, 12.10.2006, p. 5).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kost ta' studji, laqgħat ta' ħidma, konferenzi, analiżijiet, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databażijiet u softwer u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri relatati ma':

— monitoraġġ ekonomiku, analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinament ta' politiki ekonomiċi,

— l-aspetti esterni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU),

— l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro,

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA** *(ikompli)*

***01 02 01*** *(ikompli)*

— monitoraġġ ta' riformi strutturali u titjib tal-operazzjoni tas-swieq fl-EMU,

— koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u analiżi u żvilupp tas-swieq finanzjarji, u operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self li jinvolvu lill-Istati Membri,

— il-faċilità li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-bilanċ ta' pagamenti tal-Istati Membri u l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja,

— kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u min jieħu d-deċiżjonijiet fl-oqsma hawn fuq imsemmija,

— l-espansjoni tal-EMU.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri prijoritarji ta' informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tar-regoli u l-funzjonament tal-UEM, kif ukoll dwar il-benefiċċji minn koordinament iktar mill-qrib tal-politika u riformi strutturali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u l-intraprizi rigward l-euro.

Din il-miżura hija maħsuba biex tkun kanal effikaċi ta' komunikazzjoni u djalogu bejn il-poplu tal-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat Membru. Qed titpoġġa enfasi speċjali fuq it-tħejjija taċ-ċittadini fl-Istati Membri l-ġodda għall-introduzzjoni tal-euro.

Hija tinkludi:

— ftehimiet ta' sħubija mal-Istati Membri li jixtiequ jipprovdu informazzjoni dwar l-euro jew dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM),

— kooperazzjoni mill-qrib u networking mal-Istati Membri kollha fil-qafas tan-netwerk tad-Diretturi tal-Komunkazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-UEM,

— l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell ċentrali (opuskoli, fuljetti, newsletters, diżinn ta' websajt, żvilupp u manutenzjoni, wirjiet, stands, konferenzi, seminars, prodotti awdjoviżivi, stħarriġ tal-opinjonijiet, stħarriġ ieħor, studji, materjal promozzjonali, programmi ta' ġemellaġġi, eċċ.),

— inizjattivi ta' komunikazzjoni f'pajjiżi terzi, partikolarment biex tispjega r-rwol internazzjonali tal-euro u l-utilità tal-integrazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu, għandha tqis sew l-eżiti tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

Il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha dwar l-euro fil-Komunikazzjoni tal-11 ta' Awwissu 2004 dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar l-euro u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (COM(2004) 552 final). L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm u dwar l-ippjanar għas-sena li ġejja.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri jew biex tiffinanzja minn qabel b'mod temporanju l-ispejjeż imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-twettiq tal-operazzjonijiet marbuta mal-Bilanċi tal-Pagamenti u l-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 30 000.

*Kundizzjonijiet biex tiġi mmobilizzata r-riżerva*

L-iżblukkar tar-riżerva jiddependi minn jekk il-Kummissjoni tipprovdix informazzjoni sodisfaċenti dwar il-ħtieġa u l-effikaċja tal-programm Prince.

**KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA** *(ikompli)*

***01 02 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002/KE tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi assistenza finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

***01 02 02*** ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal-pagamenti***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

*L-ex Partita 01 04 01 01*

Il-garanzija tal-Unjoni Ewropea hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont f'kapital ta' selfiet li mbgħad jista' jinħareġ lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-flus tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilita' li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE: tas- 6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA** *(ikompli)*

### *01 02 03 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

*L-ex Partita 01 04 01 03*

L-Artikolu 122 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 407/2010, l-ammont ta' self jew linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lil Stati Membri taħt dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-flus tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dejn provviżorjament. Għandu japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sinteżi tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE tal- 11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

*Atti ta' referenza*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikolu 122(2) tiegħu.

**KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 01 03 | AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI | | | | | | | | |
| ***01 03 01*** | ***Parteċipazzjoni fil-kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali*** | | | | | | | | |
| 01 03 01 01 | Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt | 4 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 01 03 01 02 | Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| | *Artikolu 01 03 01 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***01 03 02*** | ***Assistenza makrofinanzjarja*** | 4 | 60 000 000 | 52 153 011 | 94 550 000 | 46 339 890 | 498 316,— | 30 325 811,87 | 58,15 |
| ***01 03 03*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***01 03 04*** | ***Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari f'pajjiżi terzi*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***01 03 05*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet u garanziji fuq self tal-Bank Ewropew ta' Investiment għal operazzjonijiet f'pajjiżi terzi*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***01 03 06*** | ***Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija*** | 4 | 58 432 294 | 58 432 294 | 155 660 000 | 155 660 000 | 260 170 000,— | 260 170 000,— | 445,25 |
| | **Kapitolu 01 03 — Total** | | **118 432 294** | **110 585 305** | **250 210 000** | **201 999 890** | **260 668 316,—** | **290 495 811,87** | **262,69** |

## *01 03 01 Parteċipazzjoni fil-kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali*

### 01 03 01 01 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

KUMMISSJONI

*TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

**KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***01 03 01*** *(ikompli)*

01 03 01 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvlupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1).

01 03 01 02 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Il-bażi kapitali attwali tal-BERŻ tammonta għal EUR 30 000 000 000, filwaqt li t-total tal-kapital tal-ishma sottoskritt mill-Unjoni jgħodd għal EUR 900 440 000 (3 %). L-ishma mħallsa tal-kapital sottoskritt jammontaw għal EUR 187 810 000, u jħallu porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt li jammonta għal EUR 712 630 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvlupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1).

***01 03 02*** ***Assistenza makrofinanzjarja***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 60 000 000 | 52 153 011 | 94 550 000 | 46 339 890 | 498 316,— | 30 325 811,87 |

*Kummenti*

Din l-assistenza eċċezzjonali għandha l-għan li ttaffi l-irbit finanzjarju fuq xi pajjiżi terzi li jkunu għaddejja minn diffikultajiet makrofinanzjarji kkaratterizzati minn żbilanċi fil-bilanċ tal-pagamenti u/jew żbilanċi serji fil-baġit.

**KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***01 03 02*** *(ikompli)*

Hija marbuta direttament mal-implimentazzjoni mill-pajjiżi riċeventi ta' stabbilizzazzjoni makrofinanzjarji u miżuri ta' aġġustament strutturali. Bħala regola, l-azzjonijiet tal-Unjoni jikkomplimentaw lil dawk tal-Fond Monetarju Internazzjonali, koordinat ma' donaturi bilaterali oħra.

L-eżistenza ta' korp nazzjonali indipendenti tal-awditjar fil-pajjiż li jirċievi hija kundizzjoni għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja.

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-awtorità tal-baġit regolarment dwar il-qagħda makrofinanzjarja tal-pajjiżi benefiċjarji u se tirrapporta estensivament dwar l-implimentazzjoni ta' din l-assistenza fuq bażi annwali.

L-approprjazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Artikolu se jkunu użati wkoll biex ikopru għajnuna finanzjarja għall-bini mill-ġdid fil-Ġeorġja taż-żoni milquta mill-kunflitt mar-Russja. L-azzjonijiet għandhom ikunu mmirati primarjament lejn l-istabbilizzazzjoni makrofinanzjarja tal-pajjiż. L-allokazzjoni finanzjarja sħiħa tal-għajnuna kienet deċiża f'konferenza internazzjonali tad-donaturi fl-2008.

L-approprjazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Artikolu se jkunu użati wkoll biex ikopru jew temporanjament jipprefinanzjaw il-kostijiet imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-twettiq tal-operazzjonijiet marbuta ma' operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti ta' assistenza makrofinanzjarja.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/880/KE tat- 30 ta' Novembru 2006 li tipprovdi assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 36).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/KE tal-10 ta' Diċembru 2007 li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/889/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Ġeorġja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tad-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdi l-assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 938/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 277, 21.10.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1.).

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent, għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proprozjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, se jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 02.

02 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal Standardizzazzjoni u approssimizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 160 000 | 160 000 | 159 807,30 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi legali*

Ara l-Artikolu 02 03 02.

**KAPITOLU 02 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA"** *(ikompli)*

***02 01 04*** *(ikompli)*

02 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 350 000 | 1 000 000 | 2 299 283,89 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 01 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-ksib tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 05.

02 01 04 04 Nefqa ta' sostenn għall-Programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 500 000 | 1 000 000 | 999 809,95 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 01 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*. L-attivitajiet marbuta mal-Forum għall-Utenti stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1) jistgħu jiġu koperti wkoll.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA"** *(ikompli)*

***02 01 04*** *(ikompli)*

02 01 04 04 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent, għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proprozjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, se jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-Partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 06.

***02 01 05*** ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Intrapriża u industrija"***

02 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 347 430 | 13 144 875 | 11 280 189,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 01 01 (parzjali) u Partita 02 01 05 01*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 u li għandhom karigi fil-pjanijiet ta' twaqqif awtorizzati involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inklużi uffiċjali u aġenti temporanji ppostjati f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 04.

02 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 637 467 | 3 650 000 | 2 909 900,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa b'rabta mal-persunal estern fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 f'forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inklużi uffiċjali u aġenti temporanji ppostjati f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA"** *(ikompli)*

***02 01 05*** *(ikompli)*

02 01 05 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 04.

02 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 217 314 | 7 409 600 | 11 035 315,93 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 01 04 04 (parzjali) u 02 01 05 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għal kull ġestjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 f'forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefaq amministrattiva oħra mġarrba minn persunal ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita baġitarja, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa fuq għajnuna teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew ta' proġetti, bħal infiq għal, konferenzi, workshops, seminars, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi informatiċi, missjonijiet, taħriġ, u nefqiet fir-rappreżentazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 02 04.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA"** *(ikompli)*

### *02 01 06 Aġenziji eżekuttivi*

02 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni minn Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-Intrapriżi żgħar u medji (Cosme)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 025 000 | 5 000 000 | 5 318 816,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 01 04 30 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-Aġenzija fuq persunal u amministrazzjoni, imġarrba b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-programm ta' Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (Cosme).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent, għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proprozjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, se jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-Partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmExxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġa l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9414 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, tal-ambjent, tal-azzjoni klimatika, tal-kompetittività u l-SMEs, tar-riċerka u l-innovazzjoni, tal-ICT, tal-politika marittima u s-sajd, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 02 | KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) | | | | | | | | |
| ***02 02 01*** | ***Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni*** | 1.1 | 102 709 687 | 14 575 804 | | | | | — |
| ***02 02 02*** | ***Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn*** | 1.1 | 161 907 588 | 87 914 000 | | | | | — |
| ***02 02 51*** | ***Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija*** | 1.1 | p.m. | 26 666 655 | 90 805 000 | 111 452 996 | 94 210 194,69 | 33 666 048,33 | 126,25 |
| ***02 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 02 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Sostenn għall-intrapiżi ż-żgħar u medji (SMEs) fl-ambjent ġdid finanzjarju | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 02 02 77 02 | Proġett pilota — Erasmus għal Intraprendituri Żgħażagħ | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 02 02 77 03 | Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ | 1.1 | p.m. | 835 000 | p.m. | 1 500 000 | 0,— | 3 223 492,98 | 386,05 |
| 02 02 77 04 | Proġett pilota — Azzjonijiet relatati mal-qasam tat-tessuti u x-xedd ir-riġlejn | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 601 892,90 | — |
| 02 02 77 05 | Azzjoni ta' tħejjija — Destinazzjonijiet Ewropej ta' eċċellenza | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 972 824,13 | — |
| 02 02 77 06 | Azzjoni ta' tħejjija — Turiżmu sostenibbli | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 622 354,76 | — |
| 02 02 77 07 | Azzjoni preparatorja — Turiżmu soċjali fl-Ewropa | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 700 000 | 0,— | 549 350,92 | — |
| 02 02 77 08 | Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali | 1.1 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 1 520 000 | 1 999 257,81 | 457 257,81 | 22,86 |
| 02 02 77 09 | Azzjoni preparatorja — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd | 1.1 | 690 000 | 1 035 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 924 519,— | 7 879,48 | 0,76 |
| 02 02 77 10 | Azzjoni ta' tħejjija — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla | 1.1 | p.m. | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | 1 988 102,51 | 603 777,95 | 60,38 |
| 02 02 77 11 | Proġett pilota — Faċilitar tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea | 1.1 | p.m. | 286 000 | p.m. | 286 000 | 0,— | 428 607,— | 149,86 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 02 77 12 | Proġett pilota — Netwerk Ewropew ta' kompetenza dwar elementi terrestri rari | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 1 000 000,— | 0,— | — |
| 02 02 77 13 | Proġett pilota — Żvilupp tad-"distretti kreattivi" Ewropej | 3 | p.m. | 350 000 | p.m. | 500 000 | 954 973,39 | 286 492,02 | 81,85 |
| 02 02 77 14 | Proġett pilota — Eżekuzzjoni rapida u effiċjenti ta' pretensjonijiet pendenti ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li joperaw lil hinn mill-fruntieri | 3 | p.m. | 500 000 | — | 750 000 | 1 521 651,60 | 704 160,87 | 140,83 |
| 02 02 77 15 | Azzjoni preparatorja — Proċessi u standards armonizzati tan-negozju-e bejn l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) Ewropej ta' setturi industrijali relatati | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 668 000,— | — |
| 02 02 77 16 | Proġett pilota — dwar il-Futur tal-Manifattura | 1.1 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 02 02 77 — Sub-total* | | 3 690 000 | 6 506 000 | 5 000 000 | 7 556 000 | 8 388 504,31 | 9 126 090,82 | 140,27 |
| | **Kapitolu 02 02 — Total** | | **268 307 275** | **135 662 459** | **95 805 000** | **119 008 996** | **102 598 699,—** | **42 792 139,15** | **31,54** |

**02 02 01** ***Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 102 709 687 | 14 575 804 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li ssaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u li tħeġġeġ kultura ta' intrapriża filwaqt li tippromwovi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs.

Il-miżuri li se jiġu implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

— netwerks li jgħaqqdu diversi partijiet involuti,

— proġetti tal-ewwel applikazzjoni kummerċjali,

— azzjonijiet ta' analiżi, produzzjoni u koordinazzjoni ta' politiki mal-pajjiżi parteċipanti,

— attivitajiet ta' skambju u tixtrid ta' tagħrif, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni,

— l-appoġġ għal azzjonijiet konġunti tal-Istati Membri jew ir-reġjuni, kif ukoll miżuri oħra previsti fil-programm Cosme.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 01*** *(ikompli)*

L-Unjoni se tappoġġa inizjattiva bħan-"Netwerk Enterprise Europe" u l-azzjonijiet ta' promozzjoni tal-ispirtu ta' intrapriża. Se tipprovdi appoġġ ukoll għal proġetti marbutin mal-ewwel applikazzjoni jew mal-kummerċjalizzazzjoni ta' tekniki, prattiki jew prodotti (ngħidu aħna fil-qasam tal-kunċetti ġodda ta' intrapriża għall-prodotti ta' konsum) li jippreżentaw interess għall-Unjoni, u li diġà għaddew minn testijiet mil-lat tekniku, iżda li, minħabba riskju residwali, għad m'għandhomx preżenza sinifikanti fis-suq. Dawn il-proġetti se jiġu kkonċepiti b'mod li jippromwovu użu usa' fil-pajjiżi parteċipanti, u li jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq.

Proġetti oħrajn se jimmiraw ukoll li jtejbu l-kundizzjonijiet bażiċi biex jiġu garantiti l-kompetittività u l-istabbiltà fit-tul tal-intrapriżi tal-Unjoni, inkluż fis-settur tat-turiżmu, billi jiġu appoġġati l-koerenza u l-konsistenza fl-implimentazzjoni, kif ukoll l-elaborazzjoni ta' politiki mirfuda sew fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, se jitwettqu wkoll proġetti b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-iSmall Business Act għall-Ewropa.

L-attivitajiet turistiċi sostenibbli għandhom jirċievu enfasi speċjali bi prijorità inizjali li għandha tingħata lill-mobilità ratba, netwerks għar-roti, eko-turiżmu u ħarsien tan-natura. L-aċċesibilità għal kulħadd b'mod partikolari għal persuni b'mobilità mnaqqsa u għal persuni żvantaġġati soċjalment hu ukoll ta' importanza għolja f'dan il-kuntest.

L-azzjoni "Erasmus għall-Intraprendituri" timmira li tixpruna l-intraprenditorija Ewropea, l-iskambju ta' tagħrif u ta' prassi tajbin, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' netwerks u ta' sħubijiet mill-aktar siewja.

Minħabba l-kriżi ekonomika attwali diffiċli huwa indispensabbli li jiġu appoġġati l-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari negozji innovattivi li jkunu qed jinfetħu minn żgħażagħ, u li titrawwem l-intraprenditorija billi jiġu assenjati biżżejjed fondi għal programmi bħall-Programm għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME). B'mod partikolari, il-Programm "Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ" kien ta' suċċess kbir u jista' jikkontribwixxi b'suċċess lejn il-ġlieda kontra l-qgħad madwar l-Ewropa.

Il-mezzi finanzjarji għall-programm "Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ" iridu jiżdiedu b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

— il-programm jgħin fit-trawwim tal-intraprenditorija Ewropea, il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki kif ukoll il-ħolqien ta' netwerks u sħubijiet prezzjużi,

— il-programm kellu ħafna suċċess u wera għadd ta' parteċipanti li f'dawn l-aħħar snin żdied u li hu mistenni li jkompli jiżdied,

— il-programm jaffronta b'mod effikaċi l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ peress li jgħin liż-żgħażagħ bla xogħol jibdew jaħdmu għal rashom u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju eżistenti joħolqu l-impjiegi billi jespandu jew jinternazzjonalizzaw in-negozju tagħhom,

— il-għadd ta' applikazzjonijiet hu ferm oltre l-possibilitajiet li tista' twettaq il-Kummissjoni bil-mezzi finanzjarji attwalment disponibbli.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-UE jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-UE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(a) sa (c) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

### 02 02 02 *Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 161 907 588 | 87 914 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs f'forma ta' ekwità u dejn fil-fażijiet tagħhom ta' bidu, ta' tkabbir u ta' trasferiment.

Faċilità ta' garanzija fuq is-self (LGF) għandha tipprovdi kontrogaranziji, garanziji diretti u arranġamenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji għal finanzjament tad-dejn li għandu jnaqqas id-diffikultajiet speċifiċi li l-SMEs vijabbli jaffaċċjaw meta jiġu biex jaċċessaw il-finanzi, minħabba l-perċezzjoni ta' riskju ogħla jew minħabba li ma jkollhomx biżżejjed kollateral disponibbli u għal it-titolizzazzjoni tal-portafolji tal-finanzjament tad-dejn tal-SMEs.

Faċilità ta' ekwità għat-tkabbir (EFG) għandha tippermetti investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jinvestu fl-SMEs fl-istadju tal-espansjoni u t-tkabbir, u b'mod partikolari f'dawk li joperaw b'mod transfruntier. Għandu jkun hemm il-possibilità ta' investiment f'fondi ta' stadju bikri flimkien mal-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. F'każijiet ta' investimenti konġunti f'fondi b'diversi stadji, l-investimenti se jingħataw fuq bażi pro rata mill-EFG tal-Cosme u mill-faċilità ta' ekwità għall-RDI skont l-Orizzont 2020. L-appoġġ mill-EFG għandu jingħata a) direttament mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jew minn entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni jew b) minn fondi ta' fondi jew minn strumenti ta' investiment li jinvestu b'mod transfruntier.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(d) tiegħu.

### 02 02 51 *Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-kompetittività u l-intraprenditorija*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 26 666 655 | 90 805 000 | 111 452 996 | 94 210 194,69 | 33 666 048,33 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 02 02 01 u 02 02 04, ex Partiti 02 02 02 01 u 02 02 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 51*** *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/490/KEE tat-28 ta' Lulju 1989 dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 239, 16.8.1989, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/179/KEE tal-25 ta' Marzu 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini tar-riferenza tal-Grupp Internazzjonali tal-Istudju tar-Ram (ĠU L 89, 10.4.1991, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/319/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 li tirrevedi l-programm dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 175, 4.7.1991, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/537/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini ta' referenza tal-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar in-Nikil (ĠU L 293, 24.10.1991, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/278/KEE tat-18 ta' Mejju 1992 li tikkonferma l-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KE-Ġappun għall-kooperazzjoni Industrijali (92/278/KEE) (ĠU L 144, 26.5.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/379/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar programm multiannwali għal miżuri Komunitarji sabiex jiġu intensifikati l-oqsma prijoritarji u sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsolidament tal-politika għall-intrapriża, partikolarment l-intrapriżi żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 161, 2.7.1993, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/413/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea (96/413/KE) (ĠU L 167, 6.7.1996, p. 55).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/15/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar it-tielet programm multiannwali għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni Ewropea. (mill-1997 sal-2000) (ĠU L 6, 10.1.1997, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (IŻM) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/221/KE tat-12 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar iċ-Ċomb u ż-Żingu (2001/221/KE) (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/651/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 215, 10.8.2002, p. 13).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar proġramm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għal intrapriżi zgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1776/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) (2001-2005) (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 14).

Id-Deċiżjoni 2006/77/KE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittivita, l-Enerġija u l-Ambjent (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 43).

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 310, 9.11. 2006, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

## *02 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

02 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Sostenn għall-intrapiżi ż-żgħar u medji (SMEs) fl-ambjent ġdid finanzjarju

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 03 02*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 02 Proġett pilota — Erasmus għal Intraprendituri Żgħażagħ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 03 04*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 03 Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 835 000 | p.m. | 1 500 000 | 0,— | 3 223 492,98 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 03 05*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 04 Proġett pilota — Azzjonijiet relatati mal-qasam tat-tessuti u x-xedd ir-riġlejn

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 601 892,90 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 02 07*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 05 Azzjoni ta' tħejjija — Destinazzjonijiet Ewropej ta' eċċellenza

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 972 824,13 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 08 01*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 06 Azzjoni ta' tħejjija — Turiżmu sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 622 354,76 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 08 02*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont din l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

L-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa.

02 02 77 07 Azzjoni preparatorja — Turiżmu soċjali fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 700 000 | 0,— | 549 350,92 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 08 03*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 1 520 000 | 1 999 257,81 | 457 257,81 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 08 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex li l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Skont it-Trattat ta' Liżbona, għall-ewwel darba l-Unjoni ngħatat kompetenza fil-qasam tat-turiżmu. Din l-azzjoni preparatorja ġdida tfittex li ssostni prodotti turistiċi tematiċi transfruntieri li jirriflettu, b'mod partikolari, il-wirt kulturali u industrijali komuni Ewropew u t-tradizzjonijiet lokali, u se tfittEx li tibni fuq azzjonijiet preċedenti f'dan il-qasam u fuq l-esperjenza konsolidata ta' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (UNWTO), il-Kummissjoni tal-Ivvjaġġar tal-Ewropa (ETC), eċċ.

B'mod partikolari, biex tinkoraġġixxi lis-settur turistiku Ewropew isir aktar kompetittiv, din l-azzjoni preparatorja se tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-prodotti turistiċi. Hemm potenzjal eċċellenti għat-tkabbir f'numru ta' prodotti u servizzi turistiċi tematiċi transnazzjonali, pereżempju, f'itinerarji kulturali u industrijali li jkopru diversi reġjuni jew Stati Membri. Dawk il-prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu għandhom ikunu promossi wkoll f'pajjiżi terzi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ETC, sabiex tissaħħaħ l-immaġni tal-Ewropa bħala destinazzjoni unika fis-swieq tal-ivvjaġġar fuq distanzi twal.

L-azzjoni preparatorja għandha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— bil-finanzjament ta' prodotti turistiċi transfruntiera, li ttejjeb il-kwalità tal-prodotti u d-destinazzjonijiet turistiċi b'mod ġenerali madwar l-Unjoni,

— li tkompli tiżviluppa l-prodotti u t-turiżmu kulturali bħala parti integrali minn ekonomija sostenibbli, u li ssostni l-ekonomiji reġjonali,

— li tippromwovi t-turiżmu f'reġjuni ta' rikonverżjoni sabiex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir f'dawn ir-reġjuni,

— li tistabbilixxi netwerk ta' partijiet interessati u ta' dawk involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikulari fil-qasam tat-turiżmu kulturali u industrijali,

— li tippromwovi l-valur ta' prodotti kulturali u turiżmu kulturali madwar l-Ewropa u li ssaħħaħ l-immaġni tal-Ewropa bħala l-aqwa destinazzjoni għat-turisti madwar id-dinja kollha,

— li tappoġġa temi u prodotti kulturali jew industrijali transnazzjonali li jgħinu biex isaħħu sens akbar ta' identità Ewropea.

Skont din l-azzjoni preparatorja, għandu jitkompla l-appoġġ għal proġetti relatati mar-rotot kulturali Ewropej (rikonoxxuti mill-Kunsill tal-Ewropa u oħrajn).

Billi dawn ir-rotot jaqsmu diversi reġjuni jew pajjiżi, dawn jirrappreżentaw bażi tajba għall-promozzjoni tat-turiżmu kulturali Ewropea fil-varjetà u l-kumplessità kollha tiegħu.

Ir-rotot kulturali għandhom potenzjal turistiku qawwi, li fil-maġġorparti tiegħu għadu mhux esplorat. Dawn huma kemm transnazzjonali u kemm rappreżentattivi tal-patrimonju u l-valuri komuni tal-Ewropa. Dawn jitqiesu wkoll bħala mudell sostenibbli, etiku u soċjali, billi dawn jibnu fuq l-għarfien lokali, il-ħiliet u l-beni patrimonjali u spiss jippromwovu destinazzjonijiet Ewropej anqas magħrufa.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 09 Azzjoni preparatorja — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 690 000 | 1 035 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 924 519,— | 7 879,48 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 08 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex li l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, it-turiżmu żdied mal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni, li tista' tikkoordina u tikkumplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Sabiex jitrawwem dan il-kompitu ġdid importanti tal-Unjoni, ġie propost li fl-2012 titnieda azzjoni preparatorja bl-iskop li twitti t-triq għal inizjattivi futuri fil-qasam tat-turiżmu u l-aċċessibbiltà. L-iskop prinċipali tagħha huwa li jiġi żviluppat għarfien aħjar tal-aċċessibilità fit-turiżmu bi ffukar speċjali fuq il-kwistjoni tad-diżabilità u l-bżonnijiet speċjali ta' ċerti kategoriji ta' nies. Fil-fatt, minkejja l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, iffirmata mill-Istati Membri kollha, numru kbir ta' persuni b'diżabilità għadhom qed jiffaċċjaw problemi fl-aċċess għas-servizzi fil-qasam tat-turiżmu u t-trasport.

L-azzjoni preparatorja għandha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— it-tkabbir tal-għarfien pubbliku, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, dwar l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi turistiċi, kif ukoll it-titjib tad-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà, persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali u l-industrija tat-turiżmu, sabiex tiffavorixxi soċjetà aktar inklużiva u tiggarantixxi l-moviment liberu u ta' kwalità għolja tal-bnedmin fl-Ewropa,

— il-kontribut għall-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-persunal dwar l-għarfien dwar id-diżabbiltajiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nar u s-sikurezza tal-akkomodazzjoni b'mod ġenerali,

— l-iżvilupp ta' ċittadini u professjonisti ta' ħila, imħarrġa u infurmati tajjeb dwar il-kunċett tal-ospitalità b'rabta mal-aċċessibilità, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji ma' universitajiet u skejjel,

— l-inċentivar u l-ippremjar ta' destinazzjonijiet Ewropej li jagħmlu l-aċċessibbiltà prijorità ewlenija fl-offerti promozzjonali tagħhom,

— l-inċentivar ta' użu aħjar tal-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà fis-servizzi turistiċi għal kulħadd,

— l-inċentivar tal-adattament ta' prodotti turistiċi għall-bżonnijiet ta' persuni b'mobbilità mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali,

— il-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli u aċċessibbli għal persuni b'diżabbilità, persuni b'mobbiltà mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali fl-oqsma kollha, partikolarment fis-servizzi tat-trasport (mobbiltà), l-akkomodazzjoni, il-catering u t-turiżmu b'mod ġenerali,

— iż-żieda ta' kampanji u azzjonijiet ta' informazzjoni rigward id-drittijiet ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u persuni bi bżonnijiet speċjali meta jivvjaġġaw barra mill-pajjiż, sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkollhom iktar informazzjoni u aċċess aħjar,

— it-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera sabiex ikun żviluppat turiżmu aċċessibbli fi ħdan l-industrija li jiggarantixxi l-eżerċizzju tad-drittijiet kemm għaċ-ċittadini Ewropej u kemm għall-viżitaturi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltajiet u bi bżonnijiet speċjali,

— kontribuzzjoni għall-iżvilupp, fit-terminu twil, ta' standards minimi komuni ta' aċċessibilità, ibbażati fuq il-kwalità, għall-oqsma kollha relatati mat-turiżmu u indirizzati għaċ-ċittadini kollha, inklużi persuni b'diżabilità, persuni b'mobilità mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 09 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 10 Azzjoni ta' tħejjija — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | 1 988 102,51 | 603 777,95 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 02 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja hija mmirata li żżid it-tkabbir u l-kompetittività tal-imprendituri żgħażagħ, in-netwerks tal-investiment u l-innovazzjoni mill-Ewropa u minn erba' pajjiżi Mediterranji assoċjati (l-Eġittu, il-Libanu, it-Tuneżija, il-Marokk), għall-iżvilupp tal-mExxejja fi swieq b'potenzjal kbir.

Bini tal-kapaċità:

— se jsir taħriġ dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs sabiex tingħata s-setgħa lil aktar minn 150 imprenditur u lil 500 inkubatur kif ukoll lil netwerks ta' investituri jew imprendituri, segwiti minn konferenzi onlajn ("webinars") u minn assistenza teknika — se jinħolqu żewġ netwerks ta' mentoring (biex jiġu ingaġġati imprendituri anzjani biex jgħinu lil imprendituri oħrajn): programm ta' mentoring għall-imprendituri nisa u ieħor li jinvolvi lill-imprendituri mid-dijaspori Mediterranji fl-Ewropa. Azzjonijiet ta' żvilupp kummerċjali fi tliet setturi ewlenin: l-informatika/il-midja, l-ambjent u l-enerġija u s-settur agroalimentari,

— laqgħat bejn in-negozji waqt avvenimenti għan-negozji biex ilaqqgħu l-aħjar negozji li għadhom jibdew ma' klijenti u investituri potenzjali, b'segwitu għall-preżenza tagħhom,

— se jsiru sessjonijiet ta' ħidma dwar l-investiment waqt fieri internazzjonali ewlenin mhux biss biex ilaqqgħu flimkien negozji li għadhom jibdew u raggruppamenti tal-innovazzjoni mal-aħjar klijenti, iżda anki biex jippromwovu l-offerta Ewro-Mediterranja integrata fuq l-innovazzjoni u biex jiġi stabbilit netwerk internazzjonali ta' ambaxxaturi bis-sostenn tad-djaspori Mediterranji,

— se jiġu żviluppati azzjonijiet dwar l-aċċess għall-finanzjament biex jittejbu l-impatt u l-effikaċja tal-finanzjament Ewropew lill-SMEs Mediterranji,

— se jiġu ppjanati laqgħat bejn in-negozji biex ilaqqgħu flimkien l-aħjar negozji li għadhom jibdew ma' investituri potenzjali,

— se jiġu żviluppati għodod li jidentifikaw ir-riskji u l-opportunitajiet fir-reġjun tal-Mediterran għall-investituri Ewropej,

— se jiġu organizzati sessjonijiet ta' ħidma dwar l-investiment li jlaqqgħu flimkien imprendituri, investituri u netwerks ta' kkowċjar (inkubaturi, imprendituri anzjani) Ewropej u Mediterranji, biex jittejbu l-kosteffiċjenza u l-effiċjenza b'mod ġenerali.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 11 Proġett pilota — Faċilitar tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 286 000 | p.m. | 286 000 | 0,— | 428 607,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 02 12*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 12 Proġett pilota — Netwerk Ewropew ta' kompetenza dwar elementi terrestri rari

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 02 16*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 13 Proġett pilota — Żvilupp tad-"distretti kreattivi" Ewropej

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 350 000 | p.m. | 500 000 | 954 973,39 | 286 492,02 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 02 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 13 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 14 Proġett pilota — Eżekuzzjoni rapida u effiċjenti ta' pretensjonijiet pendenti ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li joperaw lil hinn mill-fruntieri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 500 000 | — | 750 000 | 1 521 651,60 | 704 160,87 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 33 03 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 15 Azzjoni preparatorja — Proċessi u standards armonizzati tan-negozju-e bejn l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) Ewropej ta' setturi industrijali relatati

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 668 000,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 02 03 06*

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 16 Proġett pilota — dwar il-Futur tal-Manifattura

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota se jesplora xenarji għar-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa u l-kwistjonijiet relatati mal-impjiegi skont il-mira li jikber is-sehem tal-PDG Ewropew tal-industrija mil-livell li jinsab illum minn madwar 16 % sa 20 % sal-2020.

Dan se jkompli jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jiffaċilita l-iskambju tal-aqwa prattiki billi juża l-għarfien espert u l-assistenza tal-Eurofound u se jappoġġa wkoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni bħala parti mis-Semestru Ewropew u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Dan il-proġett pilota se jagħmel enfasi importanti fuq il-manifattura, li tikkostitwixxi prijorità fi ħdan l-Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali tal-Kummissjoni, li tistipula strateġija dettaljata għall-indirizzar ta' wħud mill-fatturi li jistgħu jikkontribwixxu lejn l-irkupru ekonomiku. Lil hinn mill-kuntest tal-politika industrijali tiegħu, il-proġett se jkollu dimensjoni dwar l-impjiegi ċara ħafna, filwaqt li jindirizza kwistjonijiet relatati mal-ħolqien tax-xogħol u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, ix-xejriet tar-ristrutturazzjoni, id-dimensjoni tal-ġeneru, il-ħiliet/it-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet, l-intraprenditorija, u l-preżenza tal-SME fi swieq barra l-Unjoni.

Dan il-proġett pilota se jinvestiga u jpoġġi fil-prattika metodi sabiex jiġi previst il-futur tal-manifattura. B'mod partikolari, il-Proġett Pilota se:

— jappoġġa strateġija Ewropea dwar l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid li hija kapaċi tirrispondi għall-bidliet rapidi kkawżati mill-globalizzazzjoni,

— jesplora l-ixpruni ewlenin li se jappoġġaw żviluppi pożittivi fil-manifattura, fejn l-impatt tal-impjiegi se jkun ċentrali; il-każ ta' rinaxximent tal-manifattura Ewropea, xi drabi huwa aktar ekonomiku milli teknoloġiku: billi t-teknoloġija biex jiġu ffrankati l-ħaddiema tnaqqas il-ħtieġa għall-fattur produttiv tax-xogħol, l-ispejjeż tax-xogħol fil-manifattura se jkunu inqas importanti għad-determinazzjoni tas-sit tal-operazzjonijiet, barra minn hekk, id-differenza bejn il-pagi bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja tista' ċertament biss tonqos maż-żmien,

— jinvolvi esplorazzjoni kwantitattiva dettaljata tad-dimensjoni tax-xogħol: hemm raġunijiet tajbin sabiex wieħed jemmen li l-maġġorparti tal-impjiegi maħluqa miż-żamma u ż-żieda tal-manifattura fl-Ewropa se jkun relatat fil-fatt ma' attivitajiet mhux tal-manifattura, jiġifieri s-servizzi tan-negozju, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni u stadji oħra fil-katina tal-forniment tal-manifattura; dan se jkattar l-effetti pożittivi tax-xogħol,

— jinkludi studji sabiex jikkwantifikaw dawn l-effetti katina b'rabta mal-impjiegi, li se jkunu analiżi kwantitattivi li jagħtu stima tal-effetti ta' sostituzzjoni u kumplimentarjetà,

— jesplora kif il-progress fl-industrija politika u l-prestazzjoni jistgħu jirriżultaw f'żieda fl-impjiegi, biex jinkoraġġixxi "tkabbir għani fl-impjiegi",

— jinvolvi numru ta' studji ta' każijiet li jesploraw kif kumpaniji kbar jibqgħu jew imorru lura fl-Ewropa, u b'hekk jinħolqu l-impjiegi f'attivitajiet ewlenin u tul il-katina tal-forniment,

**KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME)** *(ikompli)*

***02 02 77*** *(ikompli)*

02 02 77 16 *(ikompli)*

— jinkludi dimensjonijiet emerġenti ewlenin tal-intraprenditorija, pereżempju fir-rigward ta' "Born Global" (jiġifieri, negozji li għadhom jifthu diġà b'operazzjonijiet fil-livell globali); tali kumpaniji spiss ikollhom enfażi tekonoloġika għolja ħafna fuq pereżempju x-xjenzi tal-ħajja u l-ICT; dan għandu rabta mill-qrib mal-pjan ta' azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 u waħda mill-miri tagħha: il-preżenza ta' 25 % tal-SMEs fi swieq barra mill-Unjoni,

— jesplora xi jfissru llum l-effetti katina eżistenti għall-imjiegi tal-irġiel u tan-nisa u għad-distribuzzjoni tal-ġeneru fil-futur,

— jesplora l-kwistjoni tal-ħiliet/taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet, b'mod partikolari bħala għodda strateġika għall-bidla strutturali; jista' jiġi kkunsidrat studju dettaljat dwar is-sistemi doppji u vokazzjonali sabiex jinħoloq ċentru ta' professjonisti industrijali u riċerkaturi filwaqt li jkun hemm kooperazzjoni mas-CEDEFOP.

Il-Eurofound maċ-Ċentru Ewropew tagħha ta' Monitoraġġ dwar il-Bidla huma f'pożizzjoni tajba sabiex iwettqu dan il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 03 | SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI | | | | | | | | |
| ***02 03 01*** | ***Operat u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimizzazzjoni settorjali*** | 1.1 | 18 100 000 | 16 210 176 | 20 300 000 | 15 487 868 | 19 991 497,47 | 15 254 496,91 | 94,10 |
| ***02 03 02*** | ***Standardizzazzjoni u approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni*** | | | | | | | | |
| 02 03 02 01 | Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI | 1.1 | 17 370 000 | 12 968 141 | 23 500 000 | 16 726 287 | 23 651 503,27 | 16 586 201,81 | 127,90 |
| 02 03 02 02 | Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni | 1.1 | 3 700 000 | 2 778 887 | 3 700 000 | 691 893 | | | — |
| | *Artikolu 02 03 02 — Sub-total* | | 21 070 000 | 15 747 028 | 27 200 000 | 17 418 180 | 23 651 503,27 | 16 586 201,81 | 105,33 |
| ***02 03 03*** | ***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar il-kimiki*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***02 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 02 03 77 01 | Azzjoni ta' thejjija — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri | 2 | p.m. | 373 350 | p.m. | 375 000 | 1 493 400,— | 149 340,— | 40,— |
| | *Artikolu 02 03 77 — Sub-total* | | p.m. | 373 350 | p.m. | 375 000 | 1 493 400,— | 149 340,— | 40,— |
| | **Kapitolu 02 03 — Total** | | **39 170 000** | **32 330 554** | **47 500 000** | **33 281 048** | **45 136 400,74** | **31 990 038,72** | **98,95** |

***02 03 01*** ***Operat u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimizzazzjoni settorjali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 100 000 | 16 210 176 | 20 300 000 | 15 487 868 | 19 991 497,47 | 15 254 496,91 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 01 04 01 u Artikolu 02 03 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa dwar l-azzjonijiet biex itejbu l-operat tas-suq intern:

— tqarrib tal-istandards, u l-introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni għall-istandards u regolamenti tekniċi,

— finanzjament ta' koordinazzjoni amministrattiva u kooperazzjoni bejn il-korpi notifikati,

— eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri u l-Istati tal-EFTA u t-traduzzjoni tal-abbozzi u r-regolamenti tekniċi,

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 01*** *(ikompli)*

— applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tat-tessut, il-prodotti mediċinali, il-kimiki, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi u s-soluzzjonijiet, il-karozzi u s-sikurezza, il-ġugarelli, il-metroloġija legali u l-ippakkjar minn qabel, u l-kwalità tal-ambjent,

— approssimizzazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-“approċċ il-ġdid”, speċjalment l-estensjoni tal-“approċċ il-ġdid” f'setturi oħra,

— provvedimenti ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastrutturi kif ukoll għas-sorveljanza tas-suq,

— provvedimenti ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 764/2008 għall-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor,

— provvedimenti ta' imlimentazzjoni għad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tal-patti u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni,

— organizzazzjoni tas-shubiji mal-Istati Membri, sostenn lill-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern għas-sorveljanza tas-suq,

— għotjiet b'sostenn ta' proġetti ta' interess tal-Unjoni mwettqa minn korpi esterni,

— tagħrif u miżuri pubbliċitarji, sensibilizzazzjoni akbar dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

— implimentazzjoni ta' programm strateġiku fuq is-suq intern u monitoraġġ tas-suq,

— għotjiet b'sostenn għall-Organizzazzjoni għall-Approvazzjoni Teknika Ewropea (EOTA),

— għotjiet lill-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni ta' Farmakopea Ewropea,

— parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, sostenn għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-acquis tal-Unjoni,

— miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, speċjalment dawk li jirriżultaw mir-reviżjoni tar-REACH (komunikazzjoni COM(2013) 49 final).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, fil-forma ta' manutenzjoni, aġġornament u żvilupp ta' sistemi tal-informatika relatati ma' regolamenti tekniċi, u kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/107/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' flexken użati bħala reċipjenti ta' kejl.

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel.

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-Prodotti kosmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 01*** *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 040, 11.2.1989, p. 8).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar 1993, dwar assistenza lill-Kummissjoni u koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta' kwistjonijiet dwar l-ikel (ĠU L 52, 4.3.1993, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 22.7.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KE tas-16 ta' Ġunju 1994 li taċċetta, għan nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta' Pharmacopea Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Direttiva 96/100/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-17 ta' Frar 1997 li temenda l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura imneħħija b'mod illegali mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8453/97) li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegozjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

Id-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 li temenda d-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-pressa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi (ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1).

Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21).

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 01*** *(ikompli)*

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2000 tal-20 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3448/93 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 22.1.2000. p. 1).

Id-Direttiva 2003/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-protezzjoni ta' pedestrians u utenti vulnerabbli oħra tat-triq qabel u fil-każ ta' xi ħabta ma' vettura bil-mutur (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28).

Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti, (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 19-28)

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl.

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 01*** *(ikompli)*

Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE.

Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi

Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7).

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.

Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttiva 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimentaw l-approċċ il-ġdid f'ċerti setturi, bħal dawk relatati mal-makkinarju, il-kompatibilità elettromanjetika, it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni, it-tagħmir elettriku ta' vultaġġ baxx, it-tagħmir protettiv personali, il-liftijiet, l-atmosferi splussivi, it-tagħmir mediku, il-ġugarelli, it-tagħmir ta' pressjoni, l-oġġetti li jaħdmu bil-gass, il-bini, l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, il-bċejjeċ tal-baħar rikreazzjonali, it-tajers, l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur, l-isplussivi, l-oġġetti pirotekniċi, l-installazzjonijiet fir-rotot b'kablaġġ, eċċ.

Id-Direttivi tal-Kunsill adottati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'oqsma mhux koperti mill-"istrateġija l-ġdida".

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 02 Standardizzazzjoni u approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni***

02 03 02 01 Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 17 370 000 | 12 968 141 | 23 500 000 | 16 726 287 | 23 651 503,27 | 16 586 201,81 |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 03 04 01*

Skont l-għan ġenerali li jinżamm il-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-kompetittività tal-industrija Ewropea, partikolarment permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' standards u t-twaqqif ta' standards Ewropej f'każijiet idonei, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— obbligazzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-kuntratti li jkunu ffirmati mal-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej (bħal ETSI, CEN u Cenelec), għall-iżvilupp ta' standards,

— verifika u ċertifikazzjoni ta' konformità mal-istandards, u proġetti dimostrattivi,

— nefqa kuntrattwali għall-eżekuzzjoni tal-programm u proġetti indikati hawn fuq. Dawn il-kuntratti jkopru li ġej: riċerka, assoċjazzjoni, evalwazzjoni, operazzjonijiet tekniċi, koordinazzjoni, boroż ta' studju, għotjiet, taħriġ u mobilità ta' persunal xjentifiku, parteċipazzjoni fi ftehimiet internazzjonali u parteċipazzjoni fin-nefqa fuq apparat,

— titjib fil-prestazzjoni tal-kopi tal-istandards,

— promozzjoni tal-kwalità fl-istandardizzazzjoni, u l-verifika tagħhom,

— sostenn għat-traspożizzjoni ta' standards Ewropej fi standards nazzjonali, partikolarment permezz tat-traduzzjoni tagħhom,

— miżuri dwar l-informazzjoni, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-istandardizzazzjoni u l-promozzjoni ta' interessi Ewropej fl-istandardizzazzjoni internazzjonali,

— servizzi segretarjali għall-kumitati tekniċi,

— proġetti tekniċi fil-qasam ta' testijiet għall-konformità mal-istandards,

— eżami tal-konformità tal-istandards abbozzati mal-mandati rilevanti,

— programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u assistenza lilhom,

— twettiq tax-xogħol meħtieġ biex ikunu applikati standards internazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni b'mod uniformi fl-Unjoni kollha,

— speċifikazzjoni ta' metodi għaċ-ċertifikazzjoni u l-istipular tal-metodi tekniċi ta' ċertifikazzjoni,

— tħeġġiġ tal-użu ta' dawn l-istandards fil-kuntratt tal-akkwist pubbliku,

— koordinazzjoni tad-diversi operazzjonijiet għall-preparazzjoni ta' standards u biex isir iżjed fl-implimentazzjoni tagħhom (gwidi għall-utenti, dimostrazzjoni, eċċ.).

Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun użat biex tiġi inkwadrata u implimentata l-operazzjoni ta' standardizzazzjoni f'konsultazzjoni mal-parteċipanti ewlenin: industrija, rappreżentanti tal-ħaddiema, konsumaturi, intrapriżi żgħar u medji, l-istituzzjonijiet tal-istandardizzazzjoni nazzjonali u Ewropej, l-aġenziji tal-akkwistpubbliku fl-Istati Membri, l-utenti kollha u d-diriġenti tal-politika industrijali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

Fil-każ ta' tagħmir informatiku, u b'appoġġ għall-interoperabbiltà, dispożizzjonijiet speċifiċi huma inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31), li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li, f'ordnijiet ta' akkwist pubbliku, issir referenza għal standards Ewropej jew internazzjonali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 02*** *(ikompli)*

02 03 02 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

02 03 02 02 Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 3 700 000 | 2 778 887 | 3 700 000 | 691 893 | | |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 03 04 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet tal-funzjonament u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governamentali u mingħajr skop ta' qligħ, li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs u tal-konsumaturi, kif ukoll l-interessi ambjentali u soċjali, f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

Tali rappreżentazzjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew jifforma parti mill-objettivi statutorji ta' tali organizzazzjonijiet, u ġew iddelegati minn organizzazzjonijiet nazzjonali bla skop ta' qligħ, f'tal-anqas żewġ terzi mill-Istati Membri, biex jirrappreżentaw tali interessi.

Il-kontribuzzjonijiet lil tali organizzazzjonijiet Ewropej qabel kienu koperti mill-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni, il-politika tal-konsumaturi u l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent, LIFE +. Fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 l-azzjonijiet fil-qasam tal-istandardizzazzjoni ffinanzjati minn programmi speċifiċi nġabru f'daqqa f'att legali wieħed.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE +) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 17).

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

### *02 03 03 Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar il-kimiki*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 03 03 01 u 02 03 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex li n-nefqa fuq il-persunal u amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ebda kontribuzzjoni tal-Unjoni mhi prevista għall-2014, billi l-operat tal-Aġenzija se jiġi ffinanzjat minn "Dħul minn miżati u imposti" li huma preżunti suffiċjenti biex ikopru n-nefqa mistennija. Il-bilanċi pożittivi se jiġu ttrasferiti għas-sena ta' wara sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kompiti tal-Aġenzija.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

### *02 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

02 03 77 01 Azzjoni ta' tħejjija — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 373 350 | p.m. | 375 000 | 1 493 400,— | 149 340,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 03 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-OĠĠETTI U POLITIKI SETTORJALI** *(ikompli)*

***02 03 77*** *(ikompli)*

02 03 77 01 *(ikompli)*

L-industrija Ewropea tal-konverżjoni ta' polimeri hija industrija Ewropea ewlenija li tinvolvi 50,000 kumpanija — li 85 % minnhom huma SMEs — u 1 600 000 impjegat. Il-produzzjoni tagħha laħqet il-45 000 000 tunnellata fl-2009 bil-Ġermanja (23 %), l-Italja (16 %), Franza (12 %), Spanja (8,5 %), ir-Renju Unit (8 %), il-Polonja (5,5 %) ikunu l-ikbar produtturi Ewropej ta' partijiet kompluti tal-plastik. Kważi żewġ terzi tal-iskrapp tal-plastik ġenerat (1 300 000 tunnellata ta' plastik) huma meqjusin skart "finali" u jiġu jew esportati lejn il-Lvant Imbiegħed (essenzjalment iċ-Ċina) jew mitfugħa f'miżbliet. Ir-riċiklaġġ ta' 50 % tal-iskrapp tal-plastik attwalment mhux riċiklat jiffranka kull sena madwar 650 000 tunnellata ta' materjal tal-plastik. Biż-żieda fir-rati ta' riċiklaġġ, din l-azzjoni preparatorja tilħaq il-mira tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar l-effiċjenza fir-riżorsi. RECAP timmira li tkun azzjoni preparatorja għat-titjib fir-riċiklaġġ intern tal-iskrapp tal-plastik. Hija twitti t-triq għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda għar-riċiklaġġ ta' skrapp tal-plastik tal-produzzjoni u għall-implimentazzjoni u l-istrutturazzjoni ta' kanali ta' riċiklaġġ ibbażati fuq soluzzjonijiet u teknoloġiji sostenibbli. Il-proġett joħloq kompetittività u impjiegi, jestendi l-ħajja ta' materjal tal-plastik, jiffranka ż-żejt mhux maħdum, u jrendi l-industrija tal-plastik f'industrija aktar responsabbli. Ġie stabbilit pjan direzzjonali sabiex jiġu speċifikati l-passi neċessarji biex tinkiseb soluzzjoni sostenibbli finali: definizzjoni ta' proġetti kollaborattivi R & Ż biex jingħelbu lmiebet teknoloġiċi, organizzazzjoni u strutturazzjoni tal-kanali ta' riċiklaġġ, trasferiment tal-aħjar prassi u teknoloġiji lejn il-komunità ta' konverturi tal-plastik fl-Unjoni, dimostrazzjoni ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ permezz ta' apparat pilota differenti u l-ħolqien ta' kumpaniji għall-isfruttar tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali iġġenerati. Ir-riżultati għandhom jiġu ripetuti f'diversi reġjuni tal-Unjoni li fihom teżisti densità għolja ta' konverżjoni tal-plastik.

L-ewwel objettiv sekondarju ta' RECAP hu li jwettaq eżerċizzju ta' parametraġġ normattiv dwar l-immaniġġar tal-iskrapp intern f'bosta reġjuni ewlenin tal-Unjoni mill-Industrija tal-Konverżjoni tal-Plastik fi Franza, l-Italja, il-Ġermanja, Spanja, ir-Renju unit, l-Awstrija, u l-Polonja. Kull waħda minn dawn ir-reġjuni tippreżenta il-partikolarità ta' konċentrazzjoni tal-attivitajiet ta' konverżjoni tal-plastik f'perimetru ġeografiku ristrett.

Mill-analiżi tal-parametru normattiv, it-tieni objettiv sekondarju ta' RECAP hu li jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jsiru rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet fil-ġejjieni li se jkunu kkonsolidati f'metodoloġija globali għall-immaniġġar tal-iskrapp intern. Se jiġu stabbiliti bosta xenarji. Kull wieħed inqasam f'objettivi ta' strutturazzjoni (organizzazzjoni ekonomika, finanzjarja u politika tal-kanali ta' riċiklaġġ) u teknoloġiċi (diffikultajiet tal-R & Ż li jridu jiġu megħluba). It-tielet objettiv sekondarju ta' RECAP se jkun li jiġi stabbilit minn qabel xenarju tar-reġjuni studjati fi ħdan il-proġett. Azzjonijiet bħall-varar ta' proġetti R & Ż biex jegħlbu d-diffikultajiet teknoloġiċi identifikati jiffurmaw parti mill-fażi ta' qabel l-implimentazzjoni.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

## KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 04 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI | | | | | | | | |
| **02 04 02** | ***Rwol ta' tmExxija industrijali*** | | | | | | | | |
| 02 04 02 01 | Rwol ta' tmExxija fl-ispazju | 1.1 | 161 352 331 | 14 704 483 | | | | | — |
| 02 04 02 02 | Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 02 04 02 03 | Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) | 1.1 | 32 512 243 | 2 962 930 | | | | | — |
| | *Artikolu 02 04 02 — Sub-total* | | 193 864 574 | 17 667 413 | | | | | — |
| **02 04 03** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 02 04 03 01 | Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima | 1.1 | 69 306 327 | 5 986 022 | | | | | — |
| 02 04 03 02 | Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri | 1.1 | 138 347 362 | 10 865 760 | | | | | — |
| | *Artikolu 02 04 03 — Sub-total* | | 207 653 689 | 16 851 782 | | | | | — |
| **02 04 50** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 02 04 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 02 04 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 45 989 716,74 | 29 023 704,86 | — |
| | *Artikolu 02 04 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 45 989 716,74 | 29 023 704,86 | — |
| **02 04 51** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 410 942 214 | 754 424 535 | 609 070 529 | 615 206 329,59 | 539 684 642,52 | 131,33 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***02 04 52*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | — | 296 526 | 0,— | 2 826 828,29 | — |
| ***02 04 53*** | ***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 41 095 242 | 72 985 000 | 59 425 000 | 72 245 233,22 | 49 288 266,40 | 119,94 |
| | **Kapitolu 02 04 — Total** | | **401 518 263** | **486 556 651** | **827 409 535** | **668 792 055** | **733 441 279,55** | **620 823 442,07** | **127,60** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-Kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għall-Programm Kwadru Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, speċifikament "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha, billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjament addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Dan se jitwettaq biex jitkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell ogħli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, inter alia, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Għal xi wħud minn dawn il-proġetti hija prevista l-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Istati li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn korpi esterni għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jiġu disposti mill-Partita 02 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali ta' dan il-Kapitolu se jiġu disposti taħtl-Artikolu 02 01 05.

### *02 04 02 Rwol ta' tmExxija industrijali*

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li l-Ewropa ssir post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi tippromwovi attivitajiet fejn ikunu n-negozji li jfasslu l-aġenda, kif ukoll li taċċelera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jservu ta' bażi għan-negozji futuri u għat-tkabbir ekonomiku. Din se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji Ewropej billi tipprovdilhom livelli xierqa ta' finanzi u tgħin lil SMEs innovattivi jiżviluppaw f'kumpaniji li jkunu fuq quddiem f'livell dinji.

02 04 02 01 Rwol ta' tmExxija fl-ispazju

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 161 352 331 | 14 704 483 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa:

— li trawwem industrija spazjali kompetittiva u innovattiva u komunità ta' riċerka biex tiġi żviluppata u sfruttata l-infrastruttura spazjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri politiċi u soċjetali tal-Unjoni. Il-linji tal-attivitajiet huma: li jippermettu l-kompetittività Ewropea, in-nondipendenza u l-innovazzjoni tas-settur spazjali Ewropew, li jippermettu l-avvanzi fit-teknoloġiji spazjali, li jippermettu l-esplojtazzjoni tad-dejta spazjali u li jippermettu r-riċerka Ewropea bħala sostenn għas-sħubijiet spazjali internazzjonali.

— li jitrawmu l-mezzi industrijali tal-produzzjoni tal-lum lejn manifattura u proċessar aktar sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li jirriżultaw fi prodotti, proċessi u servizzi aktar innovattivi. B'mod partikolari, it-teknoloġiji sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fl-industriji bi proċessi intensivi fl-enerġija se jkunu fil-mira biex tiżdied il-kompetittività tal-industriji tal-proċessi, billi jitjiebu drastikament l-effiċjenzi fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali tul il-katina tal-valur kollha, filwaqt li tiġi promossa l-adozzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a)(vi) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

***02 04 02*** *(ikompli)*

02 04 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li tgħin biex tirrimedja għan-nuqqasijiet tas-suq fl-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-faċilità ta' ekwità se tiffoka fuq l-investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jagħmlu investimenti fi stadju bikri. Din għandha tippermetti l-investimenti ta' ekwità, fost l-oħrajn, f'fondi b'kapital inizjali, fondi inizjali transfruntiera, strumenti ta' investiment konġunt ta' investituri informali u fondi ta' kapital ta' riskju ta' stadju bikri. Il-faċilità ta' ekwità, li se topera skont id-domanda, għandha tuża approċċ tal-portafoll, fejn il-fondi b'kapital ta' riskju u intermedjarji komparabbli oħrajn jagħżlu d-ditti li għandu jsir investiment fihom.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) tiegħu.

02 04 02 03 Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 32 512 243 | 2 962 930 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tipprovdi finanzjament għan-Netwerk Enterprise Europe stabbilit taħt il-programm Cosme għas-servizzi rinfurzati tagħhom marbutin ma' Orizzont 2020. Is-sostenn jista' jvarja minn titjib tas-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza permezz ta' attivitajiet ta' tfittxija ta' sħab għall-SMEs li jkunu jixtiequ jiżviluppaw proġetti ta' innovazzjoni transfruntiera, għall-provvista ta' servizzi ta' sostenn għall-innovazzjoni,

— issostni l-implimentazzjoni u tikkumplimenta l-miżuri speċifiċi għal kull SME f'Orizzont 2020, speċifikament biex tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs. L-attivitajiet jistgħu jinkludu kampanji ta' għarfien, l-għoti tal-informazzjoni u d-disseminazzjoni tagħha, attivitajiet ta' taħriġ u ta' mobilità, netwerking u skambju tal-aħjar prattiki, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi u servizzi ta' kwalità għolja li jsostnu l-innovazzjoni b'valur miżjud kbir għall-SMEs (pereżempju proprjetà intellettwali u ġestjoni tal-innovazzjoni, trasferiment tal-għarfien), kif ukoll l-għoti ta' għajnuna lill-SMEs biex dawn jiltaqgħu ma' sħab fir-riċerka u fl-innovazzjoni minn madwar l-Unjoni, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fit-teknoloġija u jiżviluppaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom. L-organizzazzjonijiet intermedjarji li jirrappreżentaw gruppi ta' SMEs innovattivi jiġu mistiedna jorganizzaw attivitajiet innovattivi transsettorjali u transreġjonali ma' SMEs b'kompetenzi rinforzanti reċiprokament, sabiex jiġu żviluppati ktajjen ta' valur industrijali ġodda,

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

***02 04 02*** *(ikompli)*

02 04 02 03 *(ikompli)*

— issostni l-innovazzjoni mmotivata mis-suq bl-għan li tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-impriżi billi jittejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-ostakoli speċifiċi li jxekklu t-tkabbir ta' impriżi innovattivi, partikolarment l-SMEs u l-intrapriżi ta' daqs medju b'potenzjal ta' tkabbir rapidu. Jista' wkoll jingħata sostenn speċjalizzat għall-innovazzjoni (pereżempju b'rabta mal-esplojtazzjoni tal-IP, netwerks ta' akkwirenti, sostenn lill-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija, tfassil strateġiku) u jistgħu jiġu sostnuti r-reviżjonijiet ta' politiki pubbliċi b'rabta mal-innovazzjoni.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-UE jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, inklużi kontribuzzjoni CESES in natura għall-proġetti tal-UE.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(c) tiegħu.

***02 04 03*** ***Sfidi soċjetali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 hija tweġiba diretta għall-prijoritajiet politiċi u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jlaqqa' flimkien ir-riżorsi u l-għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq l-attivitajiet marbutin mal-innovazzjoni bħal pereżempju l-proġetti pilota, id-dimostrazzjoni, il-banek tat-testijiet, is-sostenn tal-akkwisti pubbliċi, it-tfassil, l-innovazzjoni mmotivata mill-utenti finali, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet min-naħa tas-suq. L-attivitajiet se jsostnu b'mod dirett il-kompetenzi korrispondenti tal-politika settorjali fil-livell tal-Unjoni.

02 04 03 01 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 69 306 327 | 5 986 022 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni se jkun li ssostni provvista sigura ta' materja prima, sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber, filwaqt li ma jinqabżux il-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tad-dinja. L-attivitajiet se jkollhom fil-mira t-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar il-materja prima u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materja prima li jkunu kosteffikaċi u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u biex dawn jiġu sostitwiti b'alternattivi ekonomikament attraenti b'impatt ambjentali aktar baxx.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

***02 04 03*** *(ikompli)*

02 04 03 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(e) tiegħu.

02 04 03 02 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 138 347 362 | 10 865 760 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— ssostni l-politiki tal-Unjoni dwar is-sigurtà interna u esterna, filwaqt li ttejjeb il-kompetittività u l-bażi teknoloġika tal-industrija tas-sigurtà tal-Unjoni u li tistimola l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti tas-soluzzjonijiet tas-sigurtà. Se jkun hemm attivitajiet li jimmiraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw il-lakuni, u li jwasslu għall-prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà. L-enfasi tal-attivitajiet se tkun li jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu, inkluża l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri; iż-żieda fir-reżiljenza tal-Ewropa fil-kriżijiet u d-diżastri, filwaqt li jiġu mħarsa d-dejta personali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem,

— issostni t-tisħiħ tal-bażi tal-evidenza u s-sostenn għall-Unjoni tal-Innovazzjoni u l-ERA, li huma meħtieġa biex irawmu l-iżvilupp ta' soċjetajiet u politiki innovattivi fl-Ewropa bl-involviment taċ-ċittadini, l-intrapriżi u l-utenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u l-promozzjoni ta' riċerka kkoordinata u politiki ta' innovazzjoni fil-kuntest tal-globalizzazzjoni.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-UE jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-UE.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(3)(f) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

**02 04 50** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

02 04 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu 2014 sal-2020.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

02 04 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 45 989 716,74 | 29 023 704,86 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu qabel l-2014.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

**02 04 51** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 410 942 214 | 754 424 535 | 609 070 529 | 615 206 329,59 | 539 684 642,52 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 04 01 01, 02 04 01 02 u 02 04 01 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

***02 04 51*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni tkun tkopri wkoll in-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn (barra z-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

***02 04 52*** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | — | 296 526 | 0,— | 2 826 828,29 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 04 04 01 u 02 04 04 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li saru aktar kmieni u li huma marbutin mal-programmi ta' qafas tar-riċerka qabel l-2013.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, (KEE) tat-28 ta' Settembru 1987 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, (KEE) tat-23 ta' April 1990 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, (KEE) tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, (KEE) dwar il-Programm ta' Qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

**KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA FIR-RIGWARD TAL-INTRAPRIŻI** *(ikompli)*

***02 04 52*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-Sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li taddotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

***02 04 53*** ***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 41 095 242 | 72 985 000 | 59 425 000 | 72 245 233,22 | 49 288 266,40 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 02 01 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 05 | PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) | | | | | | | | |
| **02 05 01** | ***Żvilupp u forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2019*** | 1.1 | 1 097 830 000 | 667 658 621 | | | | | — |
| **02 05 02** | ***Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)*** | 1.1 | 225 000 000 | 170 148 008 | | | | | — |
| **02 05 11** | ***Aġenzija Ewropea GNSS*** | 1.1 | 24 587 000 | 24 587 000 | 11 700 000 | 11 700 000 | 12 738 648,38 | 12 925 449,38 | 52,57 |
| **02 05 51** | ***Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)*** | 1.1 | p.m. | 281 994 299 | p.m. | 375 830 882 | 181 339 033,75 | 403 044 333,75 | 142,93 |
| | **Kapitolu 02 05 — Total** | | **1 347 417 000** | **1 144 387 928** | **11 700 000** | **387 530 882** | **194 077 682,13** | **415 969 783,13** | **36,35** |

### 02 05 01 *Żvilupp u forniment ta' infrastruttura u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2019*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 097 830 000 | 667 658 621 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi Ewropej GNSS tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati attivitajiet marbutin ma':

— it-tlestija tal-fażi ta' varar tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-kostruzzjoni, l-istabbiliment, il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ispazju u tal-art, kif ukoll l-attivitajiet preparatorji għall-fażi ta' esplojtazzjoni inklużi l-attivitajiet marbutin mal-preparazzjoni għall-provvista tas-servizz,

— il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-ġestjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura spazjali u dik tal-art, l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' standardizzazzjoni, il-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-programm jopera bla xkiel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-approprjazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

**KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)** *(ikompli)*

***02 05 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu.

***02 05 02*** ***Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 225 000 000 | 170 148 008 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi tal-GNSS Ewropej tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati l-attivitajiet relatati mal-esplojtazzjoni tas-sistema EGNOS, inklużi l-elementi kollha li jiġġustifikaw l-affidabilità tas-sistema u l-esplojtazzjoni tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-approprjazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tiegħu.

***02 05 11*** ***Aġenzija Ewropea GNSS***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 24 587 000 | 24 587 000 | 11 700 000 | 11 700 000 | 12 738 648,38 | 12 925 449,38 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 02 05 02 01 u 02 05 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)** *(ikompli)*

***02 05 11*** *(ikompli)*

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea GNSS tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 24 651 117. Ammont ta' EUR 64 117, li ġej mir-riżerva tal-bilanċi pożittivi, jiżdied mal-ammont ta' EUR 24 587 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmExxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (COM(2013) 40).

***02 05 51*** ***Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 281 994 299 | p.m. | 375 830 882 | 181 339 033,75 | 403 044 333,75 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 02 05 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

## KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 02 06 | PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA | | | | | | | | |
| ***02 06 01*** | ***It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)*** | 1.1 | 58 500 000 | 54 927 050 | | | | | — |
| ***02 06 02*** | ***Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)*** | 1.1 | 301 933 000 | 112 727 494 | | | | | — |
| ***02 06 51*** | ***Tlestija tal-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES)*** | 1.1 | p.m. | 17 962 958 | 55 000 000 | 47 071 507 | 38 998 481,31 | 31 707 413,— | 176,52 |
| ***02 06 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 02 06 77 01 | Azzjoni preparatorja — servizzi operazzjonali tal-GMES | 1.1 | p.m. | 1 058 313 | p.m. | 1 350 000 | 0,— | 3 319 711,89 | 313,68 |
| | *Artikolu 02 06 77 — Sub-total* | | p.m. | 1 058 313 | p.m. | 1 350 000 | 0,— | 3 319 711,89 | 313,68 |
| | **Kapitolu 02 06 — Total** | | **360 433 000** | **186 675 815** | **55 000 000** | **48 421 507** | **38 998 481,31** | **35 027 124,89** | **18,76** |

### 02 06 01 *It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 58 500 000 | 54 927 050 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tippermetti l-operat tas-servizzi Copernicus, imfasslin apposta għall-bżonnijiet tal-utenti,

— tikkontribwixxi għall-iżgurar tad-disponibbiltà tal-infrastruttura għall-osservazzjoni, neċessarja biex tippermetti s-servizzi Copernicus,

— toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.

B'mod partikolari, l-iżvilupp tas-servizzi bbażati fuq il-monitoraġġ tad-dinja huwa kruċjali għal min ifassal il-politika u jieħu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa, billi dawn jeħtieġu l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar l-istat tad-dinja u tal-ambjent. Barra minn hekk, dawn għandhom rwol prinċipali fit-titjib tal-kompetittività u l-innovazzjoni, għalkemm il-forniment sostenibbli ta' servizzi relatati mal-monitoraġġ tad-dinja fl-Ewropa xorta jirrikjedi interventi konsistenti mill-pubbliku.

Dan mhux biss minħabba li s-suq ma jissodisfax id-diversi bżonnijiet tal-pubbliku, iżda anki minħabba li s-suq downstream mhuwex suq matur u jiddependi ħafna mill-finanzjament pubbliku u l-iżvilupp tiegħu, sal-lum il-ġurnata, ġie mxekkel b'mod sinifikanti minn inċertezzi dwar l-affordabbiltà u d-disponibbiltà fit-tul tas-servizzi bażiċi u d-dejta li huma msejsin fuqha. Għaldaqstant, il-kisba tal-objettivi speċifiċi msemmijin hawn fuq se tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'settur innovattiv, fejn is-segment downstream prinċipalment magħmul minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Dawn is-servizzi se jiffaċilitaw l-aċċess għad-dejta prinċipali meħtieġa fil-formolazzjoni tal-politika fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali f'oqsma bħall-agrikoltura, il-monitoraġġ tal-foresti, il-ġestjoni tal-ilma, it-trasport, l-ippjanar urban, it-tibdil fil-klima u ħafna oħrajn. Din l-approprjazzjoni prinċipalment tkopri l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tad-delegazzjonijiet għall-programm Copernicus, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 02 — INTRAPRIŻA U INDUSTRIJA*

**KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA** *(ikompli)*

***02 06 01*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti mill-baġit ġenerali. Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita XX tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, imdaħħal fil-Partita XX tad-dikjarazzjoni tad-dħul, se jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-Partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (COM(2013) 312).

**02 06 02** ***Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 301 933 000 | 112 727 494 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tippermetti l-operat tas-servizzi Copernicus, imfasslin apposta għall-bżonnijiet tal-utenti,

— tikkontribwixxi għall-iżgurar tad-disponibbiltà tal-infrastruttura għall-osservazzjoni, neċessarja biex tippermetti s-servizzi Copernicus,

— toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.

B'mod partikolari, l-iżvilupp tas-servizzi bbażati fuq il-monitoraġġ tad-dinja huwa kruċjali għal min ifassal il-politika u jieħu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa, billi dawn jeħtieġu l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar l-istat tad-dinja u tal-ambjent. Barra minn hekk, dawn għandhom rwol prinċipali fit-titjib tal-kompetittività u l-innovazzjoni, għalkemm il-forniment sostenibbli ta' servizzi relatati mal-monitoraġġ tad-dinja fl-Ewropa xorta jirrikjedi interventi konsistenti mill-pubbliku.

Dan mhux biss minħabba li s-suq ma jissodisfax id-diversi bżonnijiet tal-pubbliku, iżda anki minħabba li s-suq downstream mhuwex suq matur u jiddependi ħafna mill-finanzjament pubbliku u l-iżvilupp tiegħu, sal-lum il-ġurnata, ġie mxekkel b'mod sinifikanti minn inċertezzi dwar l-affordabilità u d-disponibilità fit-tul tas-servizzi bażiċi u d-dejta li huma msejsin fuqha. Għaldaqstant, il-kisba tal-objettivi speċifiċi msemmijin hawn fuq se tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'settur innovattiv, fejn is-segment downstream prinċipalment magħmul minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma misitenda jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inzijattiva Komunitarja Interreg li għandha x'taqsam kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-iżvilupp tat-territorju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u fil-kontei konfinali tal-Irlanda (1995-1999) (PEACE I) (COM(1997) 642).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

### 04 02 10 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (2000 sa 2006)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE tal-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 għal azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. L-azzjonijiet innovattivi inkludew studji, proġetti pilota u skambji ta' esperjenza. Huma kienu maħsuba b'mod partikolari biex iwasslu għal titjib kwalitattiv fil-miżuri tal-Fondi Strutturali. L-assistenza teknika kopriet miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, valutazzjoni, superviżjoni u tmexxija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-approprjazzjoni kienet, b'mod partikolari, użata biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet,

— kuntratti għall-għoti ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

### 04 02 11 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (ta' qabel l-2000)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' impenji tal-FSE minn perjodi ta' pprogrammar preċedenti għal azzjonijiet innovattivi jew għal miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u ġestjoni jew kull forma oħra simili ta' assistenza teknika kif dispost fir-Regolamenti rilevanti.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-*ex* miżuri pluriennali, b'mod partikolari dawk approvati u implimentati skont ir-Regolamenti l-oħra msemmija hawn taħt, li mhumiex koperti mill-objettivi prijoritarji tal-Fondi Strutturali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/516/KEE tas-17 ta' Ottubru 1983 fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2950/83 tas-17 ta' Ottubru 1983 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 83/516/KEE fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

***04 02 11*** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta' Lulju 1985 dwar il-programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

***04 02 17*** ***Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Konverġenza (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 6 769 000 000 | 8 354 332 569 | 9 038 000 000 | 8 016 558 860,— | 7 332 907 505,— |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 04 06 01 (parzjali) u 04 02 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għal programmi skont l-objettiv ta' konverġenza tal-FSE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv għandu l-għan li jħaffef il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati u li jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tkabbir u l-impjiegi.

L-għan ta' din l-approprjazzjoni hu li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 105a, 1 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 għall-Anness III tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti ewlenin li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ikunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jitqiesu bħala li huma approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati skont il-komponenti msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

### 04 02 18 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — PEACE (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programm PEACE skont il-FSE għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

Bħala rikonoxximent tal-isforz speċjali għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, ġie allokat total ta' EUR 200 000 000 għall-Programm PEACE għall-perjodu 2007-2013. Dan il-programm huwa implimentat f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' addizzjonalità ta' operazzjonijiet ta' fondi strutturali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2005.

### 04 02 19 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 2 997 183 133 | 3 440 529 741 | 3 305 847 411 | 3 260 207 562,— | 3 378 610 411,05 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programmi skont l-objettiv tal-kompetittività reġjonali u impjiegi waqt il-perjodu ta' pprogrammazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv, minbarra fir-rigward tar-reġjuni l-anqas żviluppati, għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u tal-attrattività tar-reġjuni, kif ukoll l-impjiegi, billi jitqiesu l-miri stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020.

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

### 04 02 20 *Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 6 000 000 | 10 000 000 | 6 500 000 | 11 892 759,13 | 7 511 931,36 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għal miżuri ta' assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006.

Assistenza teknika tkopri miżuri preparatorji, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u maniġerjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat u missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet,

— nefqa ta' sostenn għall-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità fl-ambitu ta' miżuri ta' assistenza teknika,

— nefqa fi grupp ta' livell għoli sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u l-iżvilupp sostenibbli,

— kuntratti għall-forniment ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

### 04 02 60 *Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 5 636 300 000 | 364 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi f'reġjuni anqas żviluppati fil-perjodu ta' pprogrammar 2014 sa 2020. Il-proċess ta' rkupru għal dawn ir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament u soċjalment jeħtieġ sforzi sostnuti fuq terminu twil. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna lil dawk ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-27.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

***04 02 60*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu.

**04 02 61** ***Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 832 300 000 | 108 366 526 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 f'kategorija ġdida ta' reġjuni — "reġjuni fi tranżizzjoni" — li jissostitwixxi s-sistema ta' eliminazzjoni gradwali u ta' introduzzjoni progressiva għall-perjodu 2007-2013. Din il-kategorija ta' reġjuni tinkludi r-reġjuni kollha b'PDG medju per capita ta' bejn 75 % u 90 % tal-UE-27.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(b) tiegħu.

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

### 04 02 62 *Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 3 752 500 000 | 219 610 040 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi f'aktar reġjuni żviluppati fil-perjodu ta' pprogrammar mill-2014 sal-2020. Filwaqt li l-interventi fir-reġjuni anqas żviluppati se jibqgħu prijorità għall-politika ta' koeżjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri sfidi importanti li jikkonċernaw l-Istati Membri kollha bħall-kompetizzjoni globali f'ekonomija tal-għarfien, il-bidla lejn l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-polarizzazzjoni soċjali ggravata mill-klima ekonomika attwali. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna dawk ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa ogħla minn 90 % tal-PDG medju tal-UE-27.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(a) tiegħu.

### 04 02 63 *Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Assistenza teknika operazzjonali*

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, evalwazzjoni, verifika u kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri: nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentazzjonijiet, taħriġ, laqgħat u missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri t-tagħlim amministrattiv u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' msieħba soċjali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

***04 02 63*** *(ikompli)*

04 02 63 01 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 10 000 000 | 6 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, evalwazzjoni, verifika u kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri: nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentazzjonijiet, taħriġ, laqgħat u missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri t-tagħlim amministrattiv u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' msieħba soċjali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri, fost l-oħrajn l-iżvilupp ta':

— għodod għall-applikazzjonijiet ta' proġetti elettroniċi u għar-rappurtar, u l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi,

— reviżjoni minn pari tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità ta' prestazzjoni ta' kull Stat Membru,

— dokumentazzjoni standard dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku,

— sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultati u impatti,

— manwal dwar l-aħjar prattiki li jottimizza l-użu tal-Fond u t-tnaqqis fir-rata tal-iżball.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

04 02 63 02 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operattiva immaniġġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dak l-Istat Membru.

**KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW** *(ikompli)*

***04 02 63*** *(ikompli)*

04 02 63 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

***04 02 64*** ***Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 804 100 000 | 450 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tagħti sostenn addizzjonali lil miżuri kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ iffinanzjati mill-FSE. Tirrappreżenta l-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni b'livell ta' qgħad fost iż-żgħażagħ li fl-2012 kien jaqbeż il-25 % jew għall-Istati Membri fejn r-rata tal-qgħad telgħet b'iktar minn 30 % fl-2012, reġjuni li għandhom rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ta' iktar minn 20 % fl-2012 ("reġjuni eliġibbli"). It-EUR 3 000 000 000 addizzjonali allokati għal din il-linja għall-perjodu 2014-2020 huma maħsuba biex jipprovdu finanzjament b'pariġġ lil interventi tal-FSE fir-reġjuni eliġibbli.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 03 | IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI | | | | | | | | |
| **04 03 01** | ***Prerogattivi u kompetenzi speċifiċi*** | | | | | | | | |
| 04 03 01 01 | Kost tal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-ħaddiema | 1.1 | 425 000 | 225 000 | 450 000 | 247 105 | 450 000,— | 0,— | 0,— |
| 04 03 01 03 | Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi | 1.1 | 6 400 000 | 5 000 000 | 6 092 000 | 5 045 570 | 7 424 622,29 | 5 058 946,12 | 101,18 |
| 04 03 01 04 | Analiżi u studji ta' sitwazzjoni soċjali, demografiji u l-familja | 1.1 | 3 687 000 | 2 487 000 | 4 305 000 | 2 151 838 | 2 151 363,58 | 4 739 348,14 | 190,56 |
| 04 03 01 05 | Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema | 1.1 | 18 600 000 | 14 675 010 | 17 600 000 | 14 134 393 | 17 557 273,72 | 16 080 063,87 | 109,57 |
| 04 03 01 06 | Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi | 1.1 | 7 250 000 | 6 146 352 | 7 250 000 | 5 436 305 | 5 136 304,56 | 4 820 328,85 | 78,43 |
| 04 03 01 07 | Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012) | 1.1 | p.m. | 740 000 | p.m. | 296 526 | 2 652 116,80 | 870 496,52 | 117,63 |
| 04 03 01 08 | Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali | 1.1 | 15 935 000 | 10 320 293 | 16 935 000 | 13 109 449 | 16 984 859,43 | 13 081 281,16 | 126,75 |
| | *Artikolu 04 03 01 — Sub-total* | | 52 297 000 | 39 593 655 | 52 632 000 | 40 421 186 | 52 356 540,38 | 44 650 464,66 | 112,77 |
| **04 03 02** | ***Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali*** | | | | | | | | |
| 04 03 02 01 | PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol | 1.1 | 71 176 000 | 20 774 736 | | | | | — |
| 04 03 02 02 | EURES — Promozzjoni tal-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u r-rinforz tal-opportunitajiet għax-xogħol | 1.1 | 21 300 000 | 12 077 585 | | | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 03 02 03 | Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — Faċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-intraprendituri, speċjalment dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u l-intrapriżi soċjali | 1.1 | 26 500 000 | 9 447 218 | | | | | — |
| | *Artikolu 04 03 02 — Sub-total* | | 118 976 000 | 42 299 539 | | | | | — |
| ***04 03 11*** | ***Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol*** | 1.1 | 19 854 000 | 19 854 000 | 20 115 000 | 20 115 000 | 20 384 777,65 | 20 384 000,— | 102,67 |
| ***04 03 12*** | ***Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*** | 1.1 | 14 013 900 | 14 013 900 | 14 035 000 | 14 035 000 | 15 060 717,48 | 14 047 222,— | 100,24 |
| ***04 03 51*** | ***Tlestija ta' Progress*** | 1.1 | p.m. | 31 294 613 | 58 636 000 | 49 618 639 | 59 608 488,67 | 49 616 966,41 | 158,55 |
| ***04 03 52*** | ***Tlestija ta' EURES*** | 1.1 | p.m. | 10 082 958 | 21 300 000 | 13 837 868 | 21 314 861,50 | 17 461 853,71 | 173,18 |
| ***04 03 53*** | ***Tlestija ta' attivitajiet oħra*** | 1.1 | p.m. | 14 894 437 | 26 500 000 | 20 707 381 | 24 856 766,85 | 33 243 212,39 | 223,19 |
| ***04 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 04 03 77 02 | Proġett pilota — Promozzjoni tal-ħarsien tad-dritt għall-akkomodazzjoni | 1.1 | p.m. | 600 000 | 500 000 | 650 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 04 03 77 03 | Proġett pilota — Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema pustjati | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 388 573,38 | — |
| 04 03 77 04 | Proġett pilota — Miżuri għaż-żamma tal-impjiegi | 1.1 | — | 65 000 | — | 200 000 | 0,— | 395 663,32 | 608,71 |
| 04 03 77 05 | Proġett pilota — Tisħiħ tal-mobilità u l-integrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni | 1.1 | — | 20 000 | — | 30 000 | 0,— | 16 975,— | 84,88 |
| 04 03 77 06 | Proġett pilota — Kooperazzjoni inklużiva bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-impriżi kummerċjali u l-intrapriżi bla skop ta' profitt fir-rigward tal-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fl-impjiegi | 1.1 | — | 350 000 | — | 800 000 | 0,— | 535 057,37 | 152,87 |
| 04 03 77 07 | Azzjoni preparatorja — L-ewwel Impjieg EURES tiegħek | 1.1 | p.m. | 3 880 000 | 5 000 000 | 2 250 000 | 3 250 000,— | 1 197 688,41 | 30,87 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 03 77 08 | Proġett pilota — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali | 1.1 | p.m. | 600 000 | p.m. | 750 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 04 03 77 09 | Azzjoni preparatorja — Ċentri ta' informazzjoni għal ħaddiema ppostjati u ħaddiema migranti | 1.1 | 1 000 000 | 600 000 | 500 000 | 250 000 | | | — |
| 04 03 77 10 | Proġett pilota — Tħeġġiġ tal-konverżjoni ta' xogħol prekarju f'xogħol bid-drittijiet | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 450 000 | 569,77 | 710 938,44 | — |
| 04 03 77 11 | Proġett pilota — Prevenzjoni tal-abbuż fuq l-anzjani | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 538 210,04 | — |
| 04 03 77 12 | Proġett pilota — Saħħa u s-Sikurezza fuq ix-xogħol tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età | 1.1 | p.m. | 200 000 | p.m. | 650 000 | 2 000 000,— | 1 000 000,— | 500,— |
| 04 03 77 13 | Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' attivazzjoni mmirati għaż-żgħażagħ — timplimenta l-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi" | 1.1 | p.m. | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 4 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 04 03 77 14 | Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni soċjali xprunata minn operat soċjali u mill-intraprenditorija żgħażugħa | 1.1 | 1 000 000 | 650 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 04 03 77 15 | Proġett pilota — Fattibilità u valur miżjud ta' skema ta' assikurazzjoni Ewropea jew benefiċċji għall-qgħad | 1.1 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | | | — |
| 04 03 77 16 | Azzjoni preparatorja — Mikro kreditu sabiex ikun miġġieled l-impjieg fost iż-żgħażagħ b'mod speċifiku | 1.1 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 04 03 77 — Sub-total* | | 6 000 000 | 10 965 000 | 9 000 000 | 8 830 000 | 11 250 569,77 | 4 783 105,96 | 43,62 |
| | **Kapitolu 04 03 — Total** | | **211 140 900** | **182 998 102** | **202 218 000** | **167 565 074** | **204 832 722,30** | **184 186 825,13** | **100,65** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01 Prerogattivi u kompetenzi speċifiċi***

04 03 01 01 Kost tal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-ħaddiema

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 425 000 | 225 000 | 450 000 | 247 105 | 450 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal laqgħat konsultattivi preliminari bejn ir-rappreżentanti Ewropej tal-għaqdiet tal-ħaddiema biex jgħinuhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom rigward l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 01 03 Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 6 400 000 | 5 000 000 | 6 092 000 | 5 045 570 | 7 424 622,29 | 5 058 946,12 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 05 u Partita 04 01 04 08*

L-objettiv ta' din l-attività hu li tippromwovi l-mobilità ġeografika u professjonali (inkluża l-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali) tal-ħaddiema fl-Ewropa sabiex jingħelbu l-ostakoli għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' suq tax-xogħol reali fil-livell Ewropew.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-liġi tal-Unjoni permezz ta' finanzjament ta' netwerk ta' esperti dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u s-sigurtà soċjali filwaqt li jsir rapportar b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, u biex jiġu analizzati u evalwati x-xejriet ewlenin fil-leġiżlazzjonijiet fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll tkopri azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-governanza tal-atti legali tal-Unjoni permezz ta' laqgħat tal-kumitati, azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni u sostenn tekniku speċifiku ieħor kif ukoll l-iżvilupp ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar Sigurtà Soċjali (EESSI) u l-implimentazzjoni tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, b'mod partikolari:

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc,*

— l-analiżi u evalwazzjoni ta' xejriet maġġuri fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu ta' ħaddiema, u koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-finanzjament ta' netwerks ta' esperti f'dawk l-oqsma,

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 03 *(ikompli)*

— l-analiżi u riċerka dwar żviluppi ta' politika ġdida fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema marbuta pereżempju mat-tmiem ta' perjodi tranżitorji u l-immodernizzar ta' dispożizzjonijiet tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali,

— sostenn għall-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva u s-sottogruppi tagħha u segwitu tad-deċiżjonijiet meħuda, kif ukoll is-sostenn għall-ħidma tal-Kumitati Tekniċi u Konsultattivi għall-moviment liberu tal-ħaddiema,

— sostenn għal azzjonijiet ta' tħejjija għall-applikazzjoni tar-regolamenti l-ġodda dwar is-sigurtà soċjali, inklużi skambji trans-nazzjonali ta' esperjenza u informazzjoni u inizjattivi ta' taħriġ żviluppati fil-livell nazzjonali,

— il-finanzjament ta' azzjonijiet maħsuba biex jipprovdu servizz aħjar u joħolqu sensibilizzazzjoni pubblika, inklużi miżuri maħsuba biex jidentifikaw problemi ta' sigurtà soċjali ta' ħaddiema immigranti, u miżuri li jħaffu u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, l-analiżi tal-ostakli għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tan-nuqqas ta' koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-persuni b'diżabilità, inkluż l-adattament ta' proċeduri amministrattivi għal tekniki ġodda ta' pproċessar ta' informazzjoni, sabiex tittejjeb is-sistema għall-ksib tad-drittijiet u l-kalkolu u l-ħlas ta' benefiċċji skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71, (KEE) Nru 574/72, ir-Regolament (KE) Nru 859/2003 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, ir-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009, u r-Regolament (UE) Nru 1231/2010,

— il-ħolqien ta' informazzjoni u azzjonijiet sabiex il-membri tal-pubbliku jsiru konxji tad-drittijiet tagħhom rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali,

— is-sostenn tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009. Dan jinkludi ż-żamma tan-nodu ċentrali tas-sistema EESSI, l-ittestjar ta' komponenti tas-sistema, attivitajiet ta' uffiċċji ta' informazzjoni, sostenn għal żvilupp ulterjuri tas-sistema u taħriġ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 45 u 48 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1)

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 03 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

04 03 01 04 Analiżi u studji ta' sitwazzjoni soċjali, demografiji u l-familja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 3 687 000 | 2 487 000 | 4 305 000 | 2 151 838 | 2 151 363,58 | 4 739 348,14 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 07 u Partita 04 01 04 06*

L-objettiv ta' din l-attività huwa li tippromwovi risposti politiċi aħjar fl-Istati Membri għal sfidi demografiċi u soċjali billi tipproduċi u xxerred informazzjoni komparattiva fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet futuri għal politiki soċjali

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' analiżi komparattiva u l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza fil-livelli rilevanti kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni, internazzjonali) rigward is-sitwazzjoni soċjali u demografika u x-xejriet soċjoekonomiċi fl-Unjoni. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll azzjonijiet li jagħtu sostenn lil Osservatorju tas-Sitwazzjoni Soċjali, il-kooperazzjoni ma' attivitajiet rilevanti fl-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ġestjoni ta' grupp ta' sostenn tekniku għall-Alleanza Ewropea għall-Familji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal rapporti tal-Kummissjoni, inklużi r-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni soċjali u rapport dwar il-bidla demografika u l-implikazzjonijiet tagħha kull sentejn (skont l-Artikolu 159 tat-TFUE), kif ukoll rapporti tal-Kummissjonidwar problemi li jirrigwardaw is-sitwazzjoni soċjali (li jistgħu jiġu mitluba mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 161 tat-TFUE).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal analiżi għar-rapportar imsemmi fit-TFUE, kif ukoll għad-disseminazzjoni tal-għarfien dwar l-isfidi soċjali u demografiċi ewlenin u l-modi kif għandhom jiġu indirizzati. B'mod partikolari, l-attivitajiet li ġejjin jistgħu jiġu segwiti b'kunsiderazzjoni dovuta tal-aspett tas-sessi:

— analiżi tal-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fil-kuntest ta' soċjetà għal kull età, f'termini ta' xejriet fil-kura u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni soċjali, politiki ta' mġiba u sostenn, inkluża riċerka dwar minoranzi jew migranti anzjani u s-sitwazzjoni tal-persuni li jagħtu kura b'mod informali,

— analiżi tal-impatt tal-bidla demografika fuq il-politiki, il-miżuri u l-programmi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal aġġustamenti għall-politiki, il-miżuri u l-programmi ekonomiċi u ta' tip ieħor fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sabiex jiġi evitat li t-tixjiħ tas-soċjetà jkollu impatt negattiv,

KUMMISSJONI
*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 04 *(ikompli)*

— analiżi tal-konnessjonijiet bejn l-unitajiet tal-familja u x-xejriet demografiċi,

— analiżi tax-xejriet tal-faqar, id-dħul u d-distribuzzjoni tal-ġid u l-impatt soċjali usa' tagħhom,

— identifikazzjoni tar-relazzjonijiet eżistenti bejn l-iżvilupp teknoloġiku (l-impatt fuq it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, u l-mobbiltà ġeografika u tax-xogħol) u l-konsegwenzi għall-familji u s-soċjetà b'mod ġenerali,

— analiżi tal-konnessjonijiet bejn xejriet tad-diżabbiltà u xejriet demografiċi, analiżi tas-sitwazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà u tal-familji tagħhom u l-bżonnijiet tat-tfal b'diżabbiltà fil-familji u l-komunitajiet tagħhom,

— analiżi tax-xejriet f'objettivi soċjali (f'termini tas-salvagwardja tad-drittijiet miksuba jew tal-estensjoni tagħhom), fir-rigward kemm tal-oġġetti kif ukoll tas-servizzi, fil-kunsiderazzjoni tal-isfidi soċjali kif ukoll tax-xejriet demografiċi l-ġodda u t-tibdil tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet,

— żvilupp ta' għodod metodoloġiċi xierqa (settijiet ta' indikaturi soċjali, tekniki ta' simulazzjoni, ġbir ta' dejta dwar inizjattivi ta' politika fil-livelli kollha, eċċ), sabiex iseddqu r-rapporti dwar is-sitwazzjoni soċjali, dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali b'bażi kwantitattiva u xjentifika soda,

— sensibilizzazzjoni u organizzazzjoni ta' dibattiti dwar l-isfidi demografiċi u soċjali ewlenin bl-għan li jiġu promossi reazzjonijiet ta' politika aħjar,

— il-kunsiderazzjoni tax-xejriet demografiċi, tal-ħajja tal-familja u tat-tfulija fl-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti tal-Unjoni, bħall-moviment ħieles tal-persuni u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

*Atti ta' referenza*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 159 u 161 tiegħu.

04 03 01 05 Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 18 600 000 | 14 675 010 | 17 600 000 | 14 134 393 | 17 557 273,72 | 16 080 063,87 |

*Kummenti*

*Ex Partita 04 03 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Dawk il-miżuri għandhom jgħinu biex ikunu indirizzati l-isfidi ġenerali li tiffaċċja l-politika Ewropa tal-impjiegi u soċjali kif stiupata fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex ikunu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

— l-appoġġ għall-programmi ta' ħidma taż-żewġ istituti speċifiċi tat-trejdjunjins, l-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins u ċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema, li ġew stabbiliti biex jiffaċilitaw il-bini ta' kapaċitajiet permezz ta' taħriġ u riċerka fil-livell Ewropew, kif ukoll biex jitjieb il-grad ta' involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-governanza Ewropea,

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 05 *(ikompli)*

— il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni,

— il-miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 154.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1), u d-Direttivi assoċjati u individwali.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtej-jeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

04 03 01 06 Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 7 250 000 | 6 146 352 | 7 250 000 | 5 436 305 | 5 136 304,56 | 4 820 328,85 |

*Kummenti*

*Ex Partita 04 03 03 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex b'mod partikolari tkopri l-attivitajiet li ġejjin:

— miżuri biex jiġu ffissati l-kondizzjonijiet għad-djalogu soċjali f'involviment bejn kumpaniji u impjegati kif provdut taħt id-Direttiva 2009/38/KE dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, id-Direttivi 2001/86/KE u 2003/72/KE dwar l-involviment tal-ħaddiema fil-kumpaniji Ewropej u f'soċjetajiet ta' kooperattivi Ewropej, rispettivament, id-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea, id-Direttiva 98/59/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2005/56/KE dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata,

— inizjattivi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u min iħaddem fir-rigward tal-informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'kumpaniji li joperaw f'iktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' korsijiet qosra għal negozjaturi u rappreżentanti f'korpi tranżitorji ta' informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati f'dak il-kuntest. Dan jista' jinvolvi msieħba soċjali minn pajjiżi kandidati,

— miżuri li jippermettu li l-imsieħba soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-ħaddiema, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, biex jiġu familjari mal-ftehimiet tal-kumpaniji trans-nazzjonali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati,

— operazzjonijiet li jrawmu l-iżvilupp tal-involviment tal-impjegati fl-impriżi,

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 06 *(ikompli)*

— azzjonijiet innovattivi relatati mal-involviment tal-impjegati, bil-ħsieb li tkun appoġġata l-antiċipazzjoni tal-bidla u l-prevenzjoni u r-riżolviment ta' tilwim fil-kuntest tar-ristrutturar tal-kumpaniji, merġers, take-overs u rilokazzjoni tal-impriżi fuq skala tal-Unjoni u gruppi ta' impriżi fuq skala tal-Unjoni,

— miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali għall-iżvilupp tal-involviment tal-impjegati fit-tfassil ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika, bħal sensji tal-massa, jew il-ħtieġa għal inklinazzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u b'livelli baxxi tal-karbonju,

— skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u prattika tajba fi kwistjonijiet relevanti għal djalogu soċjali fil-livell ta' kumpaniji.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 97/74/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li testendi, għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' fuq, id-Direttiva 94/45/KE dwar l-Istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskopijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 10, 16.1.1998, p. 22).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22).

Id-direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment ta' l-impjegati (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25).

Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 07 Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 740 000 | p.m. | 296 526 | 2 652 116,80 | 870 496,52 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 15*

Is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet kienet maħsuba biex tqajjem il-kuxjenza ġenerali dwar il-valur tat-tixjiħ attiv, biex jiġi stimulat id-dibattitu, tiġi skambjata l-informazzjoni u jiġi żviluppat it-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati fil-livelli kollha, jiġi offrut qafas għal impenn u azzjoni konkreta li jippermettu lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati fil-livelli kollha jiżviluppaw soluzzjonijiet, politiki u strateġiji innovattivi fuq terminu twil permezz ta' attivitajiet speċifiċi u biex jiġu segwiti objettivi speċifiċi marbuta mat-tixjiħ attiv u mas-solidarjetà interġenerazzjonali, u biex jiġu promossi attivitajiet li fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fil-livell tal-Unjoni, attivitajiet f'konformità mal-objettivi tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet u tkopri l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-għeluq tal-konferenza tal-Unjoni mill-Presidenza attwali. Parti minn din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-evalwazzjoni tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-apprprjazzjonijit imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (2012) (COM(2010) 462 final).

04 03 01 08 Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 15 935 000 | 10 320 293 | 16 935 000 | 13 109 449 | 16 984 859,43 | 13 081 281,16 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 04 01 04 02 u 04 03 03 01*

L-għan ta' din l-attività hu li jissaħħaħ ir-rwol tad-djalogu soċjali u li jiġu promossi u adottati ftehimiet u azzjonijiet konġunti oħra bejn l-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni. L-azzjonijiet iffinanzjati għandhom jgħinu organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali jindirizzaw sfidi li tiffaċċja l-politika Ewropea dwar l-impjiegi u dik soċjali kif stipulata fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u li tikkontribwixxi għat-titjib u t-tixrid ta' għarfien dwar l-istituzzjonijiet u l-prattiki tar-relazzjonijiet industrijali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 01*** *(ikompli)*

04 03 01 08 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsba biex tkkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

— studji, konsultazzjonijiet, laqgħat tal-esperti, negozji, informazzjoni, pubblikazzjonijiet u operazzjonijiet oħra marbuta direttament mal-ksib tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li testernalizza l-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizzi *ad hoc,*

— azzjonijiet meħuda mill-imsieħba soċjali biex jippromwovu d-djalogu soċjali (inkluża l-kapaċità tal-imsieħba soċjali) fil-livell tal-industrija multiprofessjonali u intersettorjali,

— azzjonijiet biex jitjieb l-għarfien fuq istituzzjonijiet u prattiki tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni kollha u tixrid ta' riżultati,

— miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hu maħsub ukoll li tkun promossa l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm tat-trejdjunjins u kemm tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem,

— azzjonijiet biex jappoġġaw il-miżuri tar-relazzjonijiet industrijali, b'mod partikolari dawk imfassla għall-iżvilupp ta' għarfien espert u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-Unjoni.

*Bażi legali*

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155.

***04 03 02*** ***Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali***

04 03 02 01 PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 71 176 000 | 20 774 736 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u għall-objettivi ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI f'termini tal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-objettivi speċifiċi tal-assi "Progress" għandhom:

— jiżviluppaw u jxerrdu għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja sabiex jiġi żgurat li l-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-UE jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u fil-pajjiżi parteċipanti l-oħra,

— jJiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni effettiva u inklużiva, tagħlim reċiproku u djalogu dwar il-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-UE fil-livell tal-Unjoni, f'dak nazzjonali u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jingħataw assistenza fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni,

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 02*** *(ikompli)*

04 03 02 01 *(ikompli)*

— jipprovdu lil min ifassal il-politika b'sostenn finanzjarju biex jippromwovu r-riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, jibnu l-kapaċità tal-atturi ewlenin li jiddisinjaw u jimplimentaw l-esperimentazzjoni soċjali, u jagħmlu aċċessibbli l-għarfien u l-kompetenza rilevanti,

— tiġi mmonitorjata u evalwata l-implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida u Rakkomandazzjonijiet Ewropej ta' Impjieg u l-impatt tagħhom, b'mod partikolari permezz tar-Rapport Konġunt ta' Impjieg, u tiġi analizzata l-interazzjoni bejn l-EES u l-politika ġenerali ekonomika u soċjali ta' politika,

— jipprovdu lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali b'sostenn finanzjarju biex jiżviluppaw, jippromwovu u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol,

— iqajmu kuxjenza, jipprovdu skambju ta' prattika tajba, ixerrdu informazzjoni u jippromwovu d-dibattitu dwar l-isfidi prinċipali u kwistjonijiet ta' politika li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-konċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja (pereżempju politiki li jiffavorixxu lill-persuni li jieħdu ħsieb il-familja u dawk li jipprovdu kura b'mod informali fil-post tax-xogħol, kura tat-tfal suffiċjenti ta' kwalità għolja u bi prezzijiet raġonevoli, infrastrutturi ta' appoġġ għal nisa tqal u nisa li li jaħdmu u dawk li qed jipprovaw jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, eċċ) u s-soċjetà li qed tixjieħ, inkluż fost is-sħab soċjali,

— jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi, jiġi promoss l-impjieg fost iż-żgħażagħ u jiġi miġġieled il-faqar billi tiġi promossa aktar konverġenza soċjali permezz tat-Tikketta Soċjali.

L-għan tat-Tikketta Soċjali hu li tippromwovi:

— l-applikazzjoni ta' standards soċjali minimi fl-Ewropa kollha permezz ta' monitoraġġ regolari u valutazzjoni tan-negozji involuti,

— it-titjib tal-konvergenza soċjali f'livell Ewropew,

— tnaqqis fl-impjieg mhux sikur,

— investimenti f'negozji soċjalment responsabbli,

Dan il-proġett se jorbot mal-ħidmiet tal-Grupp espert dwar in-negozju soċjali, se jikkompleta r-rapport intermedju dwar l-inizjattiva ta' negozju soċjali mistenni għall-2014, u se jorbot ma' azzjonijiet taħt l-EaSI u l-Istrateġija Ewropea għar-Responsabilità Soċjali Korporattiva 2014-2020.

It-tikketta soċjali tissemma' fi tmien testi adottati mill-Parlament Ewropew (li minnhom, ħamsa huma testi leġiżlattivi).

Studju ta' fattibilità u konferenza ta' livell għoli mal-partijiet interessati biex jesploraw l-opportunitajiet għall-istabbiliment tat-Tikketta Soċjali — kemm fir-rigward tal-impatt politiku f'oqsma politiċi differenti u fil-livell tal-impriżi. B'mod partikolari, l-istudju għandu jinvestiga:

— l-impatt probabbli u l-benefiċċji tat-Tikketta Soċjali f'oqsma politiċi differenti,

— liema tipi ta' negozji jixtiequ jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju fir-rispett tal-kriterji soċjali minimi lil hinn mil-leġiżlazzjoni soċjali eżistenti internazzjonali, Ewropea u nazzjonali,

— possibilità li tinħoloq karta ta' responsabilità għan-negozji b'valuri soċjali tajba u li jiġu stabbiliti kriterji soċjali progressivi li jeħtieġu jiġu rispettati sabiex negozju jkun jista' jibbenefika minn din it-Tikketta Soċjali,

— kif jiġu vvalutati u sorveljati l-impriżi li jridu din it-Tikketta Soċjali,

— kif jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni (li jindirizza lin-negozji u liċ-ċittadini) b'websajt tat-Tikketta Soċjali, bi kriterji għall-għoti, proċeduri, il-lista tal-kumpaniji li ngħataw it-tikketta, eċċ.

Dan il-proġett għandu jippermetti s-simplifikazzjoni tat-trade marks kollha kemm huma billi joħloq trade mark Ewropea għall-konsumaturi u l-investituri għall-informazzjoni aħjar u trasparenza miżjuda.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 02*** *(ikompli)*

04 03 02 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(a) tiegħu.

04 03 02 02 EURES — Promozzjoni tal-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u r-rinforz tal-opportunitajiet għax-xogħol

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 21 300 000 | 12 077 585 | | | | |

*Kummenti*

L-objettiv ġenerali tal-EaSI huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u għall-objettivi ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea.

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplimentarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-PSCI, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u biex jiġu rinforzati l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiġu żviluppati s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd, l-objettivi speċifiċi tal-assi "EURES" għandhom ikunu:

— jiżguraw li l-postijiet battala u l-applikazzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata jkunu trasparenti għall-applikanti potenzjali u għall-impjegaturi; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u d-disseminazzjoni tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transfruntier bl-użu ta' forom standard ta' interoperabilità,

— jgħinu biex jiżguraw li l-postijiet tal-impjiegi battala u għażliet ta' mobilità fil-livell Ewropew jiġu reklamati b'mod parallel ma' postijiet tal-impjieg battala u applikazzjonijiet nazzjonali u mhux biss wara li l-għażliet lokali jew nazzjonali jiġu eżawriti,

— jiżviluppaw servizzi għar-reklutaġġ u l-kollokament ta' ħaddiema f'impjieg permezz tal-ikklerjar ta' postijiet battala u applikazzjonijiet tax-xogħol fil-livell Ewropew; dan għandu jkopri l-fażijiet kollha tal-kollokament, li jvarjaw mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ għal assistenza ta' wara l-kollokament, inkluż l-għażliet ta' żvilupp ta' ħiliet lingwistiċi, bil-ħsieb li l-applikant jiġi integrat b'suċċess fis-suq tax-xogħol; servizzi bħal dawn għandhom jinkludu skemi ta' mobilità mmirati sabiex jimtlew postijiet battala fejn ikunu ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u/jew sabiex tingħata għajnuna lil gruppi partikolari ta' ħaddiema, bħal pereżempju ż-żgħażagħ,

— l-għoti ta' assistenza għal attivitajiet ta' appoġġ nazzjonali u transkonfinali organizzati mis-sħab tal-EURES,

— taħriġ inizjali u addizzjonali tal-konsulenti tal-EURES fl-Istati Membri,

— kuntatti bejn il-konsulenti tal-EURES u kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi tal-gvern, fosthom dawk ta' pajjiżi kandidati,

— il-promozzjoni tal-EURES fost id-ditti u l-pubbliku ġenerali,

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 02*** *(ikompli)*

04 03 02 02 *(ikompli)*

— l-iżvilupp ta' strutturi speċjali għall-kooperazzjoni u servizzi fir-reġjuni tal-fruntiera skont il-punt (b) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68,

— miżuri li jgħinu biex jeliminaw l-ostakli għall-mobbiltà, b'mod partikolari fil-kamp tas-sigurtà soċjali fl-ambitu tax-xogħol.

Dan il-programm għandu jiffaċilita wkoll it-tlaqqigħ u l-kollokament ta' apprendisti u persuni li jitħarrġu bħala element fundamentali biex tingħata għajnuna lit-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol, kif diġà nbeda fl-azzjoni preparatorja "l-Ewwel impjieg EURES tiegħek" u li ġiet ikkumplementata mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI). Kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), se jiġu mħeġġa biex jirreklutaw aktar żgħażagħ, inkluż permezz ta' sostenn finanzjarju.

Gruppi fil-mira:

— żgħażagħ sa tletin sena, irrispettivament mill-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol tagħhom, minħabba li l-iskema mhijiex esklussivament maħsuba speċifikament għal persuni li qed jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol,

— l-impriżi kollha legalment stabbiliti, b'mod partikolari l-SMEs, li se jassistu fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-impjegar internazzjonali li jaffettwa l-aktar il-kumpaniji iżgħar.

L-impjiegi eliġibbli taħt din il-parti tal-programm se joffru liż-żgħażagħ apprendistati, l-ewwel esperjenza ta' xogħol jew impjiegi speċjalizzati. L-iskema mhux se tappoġġja sitwazzjonijiet ta' sostituzzjoni tax-xogħol jew impjiegi prekarji jew, f'ebda ċirkostanza, impjiegi li jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali tax-xogħol.

Biex ikunu eliġibbli għal fondi, l-impjiegi għandhom jikkonformaw ukoll mal-kriterji li ġejjin:

— ikunu lokalizzati f'pajjiż membru EURES għajr dak tal-pajjiż ta' oriġini taż-żagħżugħ li jkun qed ifittex xogħol (offerti ta' xogħol transnazzjonali,

— jiżguraw kollokament għal perjodu minimu kuntrattwali ta' sitt xhur.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut ukoll sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħal pereżempju l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KKE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(b) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 02*** *(ikompli)*

04 03 02 03 Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — Faċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-intraprendituri, speċjalment dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u l-intrapriżi soċjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 26 500 000 | 9 447 218 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv ġenerali tal-EaSI għall-bidla u l-innovazzjoni soċjali (PSCI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u għall-objettivi ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea.

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplimentarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi x-xogħol u l-inklużjoni soċjali billi jiżdiedu d-disponibilità u l-aċċessibilità tal-mikrofinanzjament għal l-gruppi vulnerabbli u l-mikrointrapriżi, u billi jiżdied l-aċċess għall-iffinanzjar għal intrapriżi soċjali, l-objettivi speċifiċi tal-assi "Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali" għandhom:

— iżidu l-aċċess għal, u d-disponibbiltà ta', mikrofinanzjament għal persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà sabiex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi tagħhom stess; u għall-mikrointrapriżi, speċjalment dawk li jimpjegaw persuni skont kif imsemmi fil-punt (a),

— jibnu l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu,

— jappoġġaw l-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut ukoll sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħal pereżempju l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

Kull rimborż minn strumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c) tiegħu.

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

### 04 03 11 *Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 19 854 000 | 19 854 000 | 20 115 000 | 20 115 000 | 20 384 777,65 | 20 384 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 04 04 03 01 u 04 04 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Il-Eurofound teħtieġ tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 20 371 000. Ammont ta' EUR 517 000 li ġej mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 19 854 000 mdaħħal fil-baġit.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-Ħidma taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ tal-Bidla, deċiż mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7 sad-9 ta' Diċembru 2000 bil-ħsieb li jkunu identifikati, antiċipati u ġestiti xejriet teknoloġiċi, soċjali, (b'mod partikolari demografiċi) u ekonomiċi. Għal dak il-għan, għandu jinġabar, jiġi pproċessat u analizzat tagħrif ta' kwalità għolja.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll ix-xogħol fuq tliet suġġetti ta' importanza fir-rigward tal-politiki tal-familja:

— politiki okkupazzjonali favorevoli għall-familja (bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.),

— fatturi li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-familji fir-rigward tal-akkomodazzjoni soċjali (aċċess għal akkomodazzjoni diċenti għall-familji),

— appoġġ għall-familji tul il-ħajja, pereżempju l-indukrar tat-tfal u kwistjonijiet oħra li koperti mill-mandat tal-Fondazzjoni.

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll studji dwar l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fil-post tax-xogħol u fuq mard relatat max-xogħol.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

### 04 03 12 *Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 14 013 900 | 14 013 900 | 14 035 000 | 14 035 000 | 15 060 717,48 | 14 047 222,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 04 04 04 02 u 04 04 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-Aġenzija) (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 12*** *(ikompli)*

L-objettiv tal-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti għall-użu fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 14 094 900. Ammont ta' EUR 81 000 li ġej mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 14 013 900 mdaħħal fil-baġit.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 2062/94, u b'mod partikolari:

— miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfażi speċjali fuq l-SMEs,

— twaqqif ta' "osservatorju tar-riskji", ibbażat fuq eżempji ta' prassi tajba miġbura mid-ditti jew friegħi speċifiċi ta' attività,

— ukoll f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenzi, informazzjoni u prassi tajba,

— integrazzjoni tal-pajjiżi kandidati f'dawn in-netwerks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

— organizzazzjoni tal-ġimgħa Ewropea fuq is-saħħa u s-sikurezza, li tiffoka fuq riskji speċifiċi u l-bżonnijiet tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1).

***04 03 51*** ***Tlestija ta' Progress***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 31 294 613 | 58 636 000 | 49 618 639 | 59 608 488,67 | 49 616 966,41 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 04 04 01 01, 04 04 01 02, 04 04 01 03 u 04 04 01 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti skont il-Programm għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 51*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1) emendata bid-Deċiżjoni Nru 284/2010/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 6).

***04 03 52 Tlestija ta' EURES***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 10 082 958 | 21 300 000 | 13 837 868 | 21 314 861,50 | 17 461 853,71 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fir-rigward tal-ex Artikolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

***04 03 53 Tlestija ta' attivitajiet oħra***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 14 894 437 | 26 500 000 | 20 707 381 | 24 856 766,85 | 33 243 212,39 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 04 04 07, 04 04 12 u 04 04 15*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fir-rigward tal-*ex* Artikoli.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 53*** *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487/57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-sigurtà, l-iġjene u l-ħarsien tas-saħħa fuq ix-xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri lill-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sa 2006) (2000/750/KE) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2003/C 218/01) tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20).

Id- Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-impjiegi.

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

04 03 77 02 Proġett pilota — Promozzjoni tal-ħarsien tad-dritt għall-akkomodazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 600 000 | 500 000 | 650 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 03 Proġett pilota — Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema pustjati

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 388 573,38 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fl-ambitu tal-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 04 Proġett pilota — Miżuri għaż-żamma tal-impjiegi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 65 000 | — | 200 000 | 0,— | 395 663,32 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 04 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 05 Proġett pilota — Tisħiħ tal-mobilità u l-integrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 20 000 | — | 30 000 | 0,— | 16 975,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 11*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 06 Proġett pilota — Kooperazzjoni inklużiva bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-impriżi kummerċjali u l-intrapriżi bla skop ta' profitt fir-rigward tal-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fl-impjiegi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 350 000 | — | 800 000 | 0,— | 535 057,37 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 12*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 07 Azzjoni preparatorja — L-ewwel Impjieg EURES tiegħek

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 3 880 000 | 5 000 000 | 2 250 000 | 3 250 000,— | 1 197 688,41 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 13*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja hija maħsuba biex tipprovdi liż-żgħażagħ b'aċċess għal aktar opportunitajiet ta' impjieg u biex tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-kollokament tagħhom f'impjieg fl-Istati Membri. Bis-sostenn tat-tlaqqigħ tax-xogħol tal-EURES, se jingħataw servizzi ta' kollokament f'impjieg, u b'hekk jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg fl-Unjoni kollha. Din l-azzjoni għandha titwessa' sabiex tiffaċilita wkoll it-tlaqqigħ u l-kollokament ta' apprendisti u persuni li jitħarrġu bħala element fundamentali biex tingħata għajnuna lit-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol. Kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, se jiġu mħeġġa biex jirreklutaw aktar żgħażagħ, inkluż permezz ta' sostenn finanzjarju.

*Gruppi fil-mira:*

— żgħażagħ sa tletin sena, irrispettivament mill-kwalifiki u esperjenza ta' xogħol tagħhom, minħabba li l-proġett mhuwiex esklussivament maħsub speċifikament għal persuni li qed jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol,

— l-impriżi kollha legalment stabbiliti, b'mod partikolari l-SMEs, li se jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-kostijiet tal-impjegar internazzjonali li jolqot l-aktar impriżi żgħar.

*Impjiegi eliġibbli:*

Il-proġett "L-ewwel xogħol EURES tiegħek" se joffri lill-apprendisti żgħażagħ, l-ewwel esperjenza ta' xogħol jew impjiegi speċjalizzati. Il-proġett mhux se jappoġġja sitwazzjonijiet ta' sostituzzjoni tax-xogħol, impjiegi prekarji jew, f'ebda ċirkostanza, impjiegi li jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali tax-xogħol.

Biex ikunu eliġibbli għal fondi, l-impjiegi jridu jikkonformaw ukoll mal-kriterji li ġejjin:

— ikunu lokalizzati f'pajjiż membru EURES għajr dak tal-pajjiż ta' oriġini taż-żagħżugħ/a li jkun qed ifittex xogħol (vakanzi transnazzjonali,

— jiżguraw postazzjoni għal perjodu minimu kuntrattwali ta' sitt xhur.

Il-kostijiet li ġejjin se jkunu koperti:

— kostijiet marbuta mill-proċess ta' reklutaġġ u gratifiki ta' reklutaġġ allokat mill-membru EURES tal-pajjiż ta' destinazzjoni,

— inċentiv finanzjarju għall-impjegatur biex ikopri l-kostijiet ta' integrazzjoni tal-ħaddiem mobbli (eż. taħriġ inizjali, korsijiet tal-lingwa, sostenn amministrattiv, eċċ.) wara li l-proċess ta' reklutaġġ ikun ġie ffinalizzat,

— l-ispejjeż tal-vjaġġ u ta' sussistenza għall-ewwel intervista u l-ispejjeż marbuta mat-trasferiment f'pajjiż ieħor.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 08 Proġett pilota — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 600 000 | p.m. | 750 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 14*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 09 Azzjoni preparatorja — Ċentri ta' informazzjoni għal ħaddiema ppostjati u ħaddiema migranti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 600 000 | 500 000 | 250 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 03 16*

Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkompli tkopri azzjonijiet li jakkumpanjaw l-objettiv ġenerali sabiex jiġu żgurati t-trattament indaqs u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni ta' ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti permezz ta' ċentri ta' informazzjoni fl-Istati Membri sabiex jipprovdu informazzjoni, konsulenza u appoġġ, inkluż appoġġ legali, lill-ħaddiema ppostjati kif ukoll lill-ħaddiema migranti.

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja hija l-iżgurar tat-trattament ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni ta' ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti permezz ta' ċentri ta' informazzjoni fl-Istati Membri sabiex jipprovdu informazzjoni, konsulenza u appoġġ, inkluż appoġġ legali, lil ħaddiema migranti.

Din l-azzjoni preparatorja hija marbuta mal-inizjattiva li ġejja tal-Unjoni dwar il-libertà tal-moviment fi ħdan l-Unjoni. Din l-inizjattiva hija maħsuba biex ittejjeb l-infurzar tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1). L-għan tagħha hu li telimina l-ostakoli eżistenti għall-mobilità tal-ħaddiema tal-Unjoni billi ssaħħaħ l-infurzar tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni u tipprovdi informazzjoni u sostenn legali lill-migranti li jaffaċċjaw diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità. Din l-azzjoni preparatorja tkompli l-ħidma li saret fil-qafas tal-proġett pilota preċedenti "Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema pustjati" (Artikolu 04 03 09).

Azzjonijiet:

— studju li jesplora l-modalitajiet tal-organizzazzjoni ta' netwerk ta' ċentri fl-Unjoni kollha,

— konferenza tal-partijiet interessati,

— tnedija ta' minn 2 sa 3 miżuri pilota biex jittestja n-netwerk ta' ċentri fi Stati Membri magħżula.

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 09 *(ikompli)*

Iċ-ċentri ta' informazzjoni jistgħu jkunu bbażati fuq attivitajiet ta' informazzjoni mit-trejdjunjins u bl-għajnuna tal-Kummissjoni għandhom:

— jipprovdu lil gruppi ta' immigranti b'sostenn u informazzjoni rigward kwistjonijiet relatati max-xogħol u kwistjonijiet nazzjonali barranin,

— jipprovdu servizzi legali għal immigranti li jistgħu jkunu vittmi ta' sfruttament u fastidju, u li huma intitolati li jippreżentaw pretensjonijiet u lmenti formali f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali,

— jiġġieldu d-diskriminazzjoni u l-intolleranza, li jikkawżaw ħsara lill-integrazzjoni tax-xogħol u dik soċjali,

— jagħtu sostenn lill-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni irregolari billi jipprovdu assistenza legali bl-għan li l-ħaddiema jiġu regolarizzati u li d-drittijiet fundamentali tagħhom jiġu protetti,

— iżommu u jipprovdu informazzjoni legali aġġornata u permanenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' impjieg, sabiex id-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati u tal-ħaddiema immigranti jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ,

— jipprovdu sostenn legali fil-każijiet li ġejjin: ordnijiet ta' deportazzjoni, migranti f'sitwazzjonijiet irregolari, ħaddiema migranti mingħajr dokumenti, tiġdid ta' permessi tax-xogħol u ta' residenza,

— jiżviluppaw azzjonijiet li jindirizzaw il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u jiżviluppaw is-sensibilizzazzjoni tal-impjegaturi rigward il-kwistjoni tax-xogħol mhux iddikjarat,

— jiżviluppaw kampanji dwar nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u dwar it-tħaddim fil-pajjiż ta' oriġini,

— jiddisinjaw kampanji ta' informazzjoni u jorganizzaw konferenzi, seminars, eċċ.,

— irawmu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi tal-impjieg u tal-immigrazzjoni.

Ir-riżultati mistennija ta' din l-azzjoni preparatorja huma: għajnuna fl-integrazzjoni bla xkiel ta' ħaddiema migranti fis-swieq tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti filwaqt li fl-istess ħin jgħinhom jipproteġu u jiżguraw id-dritt tagħhom għal trattament ugwali. F'termini tat-titjib tal-ambjent amministrattiv, l-azzjoni preparatorja se trawwem il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjieg u s-servizzi tal-immigrazzjoni fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 10 Proġett pilota — Tneġġiġ tal-konverżjoni ta' xogħol prekarju f'xogħol bid-drittijiet

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 450 000 | 569,77 | 710 938,44 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 04 08*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fl-ambitu tal-proġett pilota.

KUMMISSJONI
*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 10 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 11 Proġett pilota — Prevenzjoni tal-abbuż fuq l-anzjani

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 538 210,04 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 04 11*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fl-ambitu tal-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 12 Proġett pilota — Saħħa u s-Sikurezza fuq ix-xogħol tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 200 000 | p.m. | 650 000 | 2 000 000,— | 1 000 000,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 04 16*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 13 Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' attivazzjoni mmirati għaż-żgħażagħ — timplimenta l-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi"

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 4 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 04 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa sfida ewlenija fl-Ewropa. Bħalissa, madwar 5 500 000 żagħżugħ u żagħżugħa fl-Unjoni jinsabu qiegħda, waħda minn kull ħames persuni taħt l-età ta' 25 sena tinsab mingħajr xogħol u 15 % jitilqu mill-iskola mingħajr ma jiggradwaw. It-tnaqqis fl-impjiegi taż-żgħażagħ kien aktar evidenti fl-2011 u r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ kompliet tikber fl-2012, biex laħqet il-45 % f'ċerti Stati Membri. Dan għandu konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji għas-soċjetà, kif ukoll għall-individwi. Studji li saru juru li n-nies li jkunu qiegħda waqt żgħożithom għandhom ċans akbar li jerġgħu jkunu qiegħda fuq terminu twil aktar tard fil-ħajja, u huma aktar probabbli li jispiċċaw f'xogħol prekarju. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri jgħinu liż-żgħażagħ kollha biex isibu xogħol jew biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom meta jkunu qiegħda, irrispettivament mil-livell ta' edukazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi miri ċari għall-Istati Membri biex dawn inaqqsu r-rata ta' persuni li jitilqu mill-iskola kmieni għal 10 %, u jgħollu r-rata tal-impjiegi għal 75 %. L-Istrateġija tindirizza dawn il-problemi permezz tal-inizjattiva ewlenija "Żgħażagħ Attivi", u tappella lill-Istati Membri biex jipprovdu l-hekk imsejħa "Garanzija għaż-Żgħażagħ" sabiex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha jkollhom impjieg, li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom, jew li jittieħdu miżuri ta' attivazzjoni fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija element importanti fost il-metodi ta' innovazzjoni għat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, kif imtenni fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 intitolata "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" (COM(2011) 933 final).

F'dan il-kuntest, l-objettivi tal-azzjoni preparatorja huma dawn li ġejjin:

— li jiġu indirizzati ż-żgħażagħ inklużi dawk li mhumiex la f'edukazzjoni u lanqas f'apprendistat jew f'impjieg (l-hekk imsejħa "NEETs"),

— li jiġi esplorat kif il-Garanzija Żgħażagħ tkun tista' taħdem fil-prattika fl-Istati Membri,

— li siru sforzi biex tiġi stabbilita azzjoni innovattiva fir-rigward tat-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-qgħad għall-impjieg u biex jinxtered l-għarfien fl-Istati Membri kollha,

— li jiġi żgurat impjieg jew edukazzjoni ulterjuri jew miżuri ta' attivazzjoni għaż-żgħażagħ fi żmien erba' xhur ta' qgħad,

L-azzjoni preparatorja għalhekk tinkludi l-miżuri li ġejjin:

— sostenn għall-investigazzjoni u l-ġbir ta' esperjenzi ta' proġetti pilota fl-Istati Membri fejn hemm fis-seħħ skema kumparabbli għall-Garanzija Żgħażagħ Ewropea,

— abbażi tal-aħjar prattiki miġbura, il-varar ta' żewġ proġetti pilota jew tlieta fl-Istati Membri biex tiġi stabbilita Garanzija Żgħażagħ lokalment. Dan ifisser li l-partijiet interessati rilevanti fil-livell lokali jiġu appoġġati biex jagħtu konsulti u għajnuna rigward l-implimentazzjoni ta' Garanzija Żgħażagħ,

— it-tfassil ta' programmi alternattivi fil-livell lokali għal min jieqaf imur l-iskola qabel iż-żmien biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u, f'dan il-kuntest, isir iffukar speċjali fuq il-ħolqien ta' netwerks bejn il-partijiet interessati rilevanti (kumpaniji, skejjel, servizzi għall-benessri taż-żgħażagħ) bħala miżura waħda importanti biex tittejjeb l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol,

— l-użu ta' din l-esperjenza fid-dawl ta' skemi futuri ta' finanzjament tal-Unjoni li jkunu rilevanti għaż-żgħażagħ u għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 13 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 14 Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni soċjali xprunata minn operat soċjali u mill-intraprenditorija żgħażugħa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 650 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 04 18*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja se tkun ibbażata fuq l-importanza tal-innovazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' intrapriżi soċjali. Flimkien, dawn iservu bħala xprunaturi għall-bidla li joperaw fuq il-bażi ta' mudelli kummerċjali vijabbli biex jitkompla t-tkabbir inklużiv, soċjalment iktar ġust u ambjentalment sostenibbli. Huma jiġġeneraw ukoll impjiegi permezz ta' attivitajiet li jissodisfaw il-bżonnijiet soċjali fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u inklużiv. L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tiġi identifikata, żviluppata, promossa u mxerrda l-prattika tajba tal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali u ta' intermedjarji finanzjarji fl-għoti ta' għajnuna lil imprendituri żgħażagħ jew soċjali fi żminijiet ikkaratterizzati minn livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. L-azzjoni preparatorja se tikkontribwixxi sabiex jiġi realizzat il-potenzjal tal-intraprenditorija żagħżugħa u soċjali, kif enfasizzat ukoll fl-Istħarriġ tat-Tkabbir Annwali 2012 u fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (COM(2012) 173 final). L-għan huwa li tittejjeb is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fil-livell lokali, u din l-azzjoni preparatorja se turi modi li permezz tagħhom is-sostenn għall-intraprenditorija żagħżugħa u soċjali jistgħu jiġu inkorporati bl-aktar mod effettiv fl-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali, urbani u/jew lokali. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-użu li jista' jsir, mill-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, fil-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali.

Il-kompitu ewlieni se jkun li ssir ħidma konġunta flimkien ma' fornituri finanzjarji potenzjali (b'mod partikolari l-awtoritajiet maniġerjali għal programmi ta' fondi strutturali, b'mod partikolari dawk iffinanzjati mill-FSE), u intermedjarji finanzjarji, inkluż il-Grupp tal-BEI, f'numru limitat ta' reġjuni pilota. Dan se jgħin biex jiġu żviluppati skemi jew fondi fattibbli, xierqa u affidabbli li jipprovdu ekwità jew finanzjar intermedju (inkluża l-filantropija intraprenditorjali). Dawn jistgħu jintużaw għas-sostenn ta' strutturi li jipprovdu servizzi ta' żvilupp kummerċjali u faċilitajiet ta' netwerking, bil-għan li jkunu stimulati u ffaċilitati r-rimjiet ħodor ta' żvilupp u tkabbir f'intrapriżi soċjali. L-azzjonijiet jistgħu jinkludu studji ta' fattibilità, tagħlim reċiproku, id-disseminazzjoni ta' prattika tajba, u assistenza mmirata għall-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, fejn xieraq. Fejn rilevanti, azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu bbażati fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet preċedenti għall-bini tal-kapaċità u t-tagħlim reċiproku tal-awtoritajiet reġjonali u ta' intermedjarji finanzjarji, bħall-Pjattaforma ta' Netwerking JESSICA ([1]). Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti pilota ta' tagħlim se jkunu ta' benefiċċju għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([2]), u jwittu t-triq għall-użu effettiv tal-fondi tal-FSE u ta' fondi oħrajn tal-UE wara l-2014.

([1]) Pjattaforma ta' tagħlim li tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u lill-intermedjarji finanzjarji biex jiżviluppaw skemi ta' sostenn li jistgħu jerġgħu jiġu rimborżati għall-iżvilupp urban sostenibbli fil-kuntest tal-Fondi Strutturali (http://ec.europa.eu/regional_policy/thefunds/instruments/jessica_network_en.cfm).

([2]) B'mod partikolari "Żgħażagħ Attivi", "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi", "Unjoni tal-Innovazzjoni" u "Il-pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali".

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 14 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 77 15 Proġett pilota — Fattibilità u valur miżjud ta' skema ta' assikurazzjoni Ewropea jew benefiċċji għall-qgħad

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 1 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota hu mmirat lejn il-valutazzjoni tal-fattibilità u l-valur miżjud li tiġi introdotta skema Ewropea ta' assigurazzjoni jew benefiċċji għall-qgħad, li possibilment tkun tieħu s-sura ta' konċessjoni minima għall-qgħad. L-għan aħħari jkun li titwitta t-triq għall-implimentazzjoni konkreta ta' din l-idea bħala komponent kruċjali tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

L-azzjonijiet/miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

— studju dettaljati fi tliet partijiet dwar l-għażliet, il-fattibilità u l-valur miżjud ta' skema Ewropea ta' assigurazzjoni. L-ewwel nett, l-istudju se jeżamina l-għażliet possibbli differenti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-iskema, inter alia konċessjoni minima għall-qgħad. It-tieni nett, l-istudju se jittestja l-fattibilità tagħhom waqt li jitqiesu kif dovut il-prattiki diverġenti, kif ukoll il-ftehimiet ta' xogħol kollettivi u l-leġiżlazzjoni fid-diversi Stati Membri. It-tielet nett, l-istudju għandu jivvaluta l-valur miżjud tagħhom u b'mod partikolari kif skema ta' dan it-tip tista' tippermetti t-tkabbir ekonomiku, tipprevjeni l-faqar u sservi ta' bażi biex in-nies jgħixu b'dinjità, jiżvolġu rwol sħiħ fis-soċjetà u jagħmlu progress biex isibu impjieg, u li se tiżvolġi rwol ta' stabbilizzazzjoni awtomatiku għall-ekonomija,

— il-ħolqien ta' netwerk sabiex jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet lokali u territorjali, it-trejdunjins u l-assoċjazzjonijiet dwar l-iskemi nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-qgħad. L-informazzjoni miġbura u skambjata għandha tiffaċilita wkoll it-tfassil tal-istudju,

— l-organizzazzjoni ta' konferenza ta' livell għoli fi tmiem il-proġett biex ir-riżultati tal-istudju jiġu kkomunikati u dibattuti.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI** *(ikompli)*

***04 03 77*** *(ikompli)*

04 03 77 16 Azzjoni preparatorja — Mikro kreditu sabiex ikun miġġieled l-impjieg fost iż-żgħażagħ b'mod speċifiku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 1 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Attwalment ma teżisti l-ebda faċilità ta' mikro-finanzjament li titratta b'mod speċifiku l-impjieg fost iż-żgħażagħ. Din l-azzjoni preparatorja għandha tingħata direttament lill-Fond Ewropew tal-Investiment.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 04 04 — FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 04 | FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI | | | | | | | | |
| **04 04 01** | ***Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*** | 9 | p.m. | 50 000 000 | | | | | — |
| **04 04 51** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2007 sa 2013)*** | 9 | p.m. | p.m. | p.m. | 45 338 161 | 82 837 992,— | 82 837 992,— | — |
| | **Kapitolu 04 04 — Total** | | **p.m.** | **50 000 000** | **p.m.** | **45 338 161** | **82 837 992,—** | **82 837 992,—** | **165,68** |

## 04 04 01 *Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 50 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-FEG sabiex tippermetti lill-Unjoni tipprovdi sostenn temporanju u mmirat lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, ftehimiet kummerċjali jew kriżi mhux mistennija, u biex tipprovdi sostenn finanzjarju għar-riintegrazzjoni rapida tagħhom fl-impjieg stabbli.

L-azzjonijiet imwettqa mill-FEG għandhom ikunu kumplementari ma' dawk tal-FSE. M'għandux ikun hemm finanzjament doppju minn dawn l-istrumenti u t-taħriġ jew il-miżuri ta' tranżizzjoni appoġġati mill-FEG għandhom jinħolqu b'mod speċifiku għas-settur jew ir-rekwiżiti tas-suq biex iġibu magħhom valur miżjud.

Ir-regoli għad-dħul tal-approprjazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit u ġestjoni finanzjarja soda (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855) u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 04 — FOND EWROPEW TA' AĠĠUSTAMENT GĦALL-GLOBALIZZAZZJONI** *(ikompli)*

**04 04 51** ***Tlestija tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 45 338 161 | 82 837 992,— | 82 837 992,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 05 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-FEG, biex tippermetti lill-Unjoni tipprovdi sostenn temporanju u mmirat lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba tibdil strutturali kbir fix-xejriet tal-kummerċ dinji fejn dawn is-sensji jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali jew lokali għal applikazzjonijiet sottomessi qabel il-31 ta' Diċembru 2013. Għal applikazzjonijiet sottomessi qabel il-31 ta' Diċembru 2011, tista' tintuża wkoll għall-għoti ta' sostenn lil ħaddiema li jingħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

L-azzjonijiet imwettqa mill-FEG għandhom ikunu kumplementari ma' dawk tal-FSE. Ma jsir l-ebda finanzjament doppju minn dawn l-istrumenti.

Ir-regoli għad-dħul tal-approprjazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' mejju 2006 u fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26).

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u treġija finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 05 | STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI | | | | | | | | |
| ***04 05 01*** | ***Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*** | | | | | | | | |
| 04 05 01 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 04 05 01 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 04 05 01 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***04 05 02*** | ***Sostenn lill-Islanda*** | | | | | | | | |
| 04 05 02 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 04 05 02 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 04 05 02 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***04 05 03*** | ***Sostenn lit-Turkija*** | | | | | | | | |
| 04 05 03 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 04 05 03 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 04 05 03 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***04 05 51*** | ***Tlestija ta' azzjonijiet (ta' qabel l-2014) — Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni — Żvilupp tar-Riżorsi Umani*** | 4 | p.m. | 69 900 164 | 113 157 077 | 65 152 574 | 112 150 000,— | 58 479 061,11 | 83,66 |
| | **Kapitolu 04 05 — Total** | | **p.m.** | **69 900 164** | **113 157 077** | **65 152 574** | **112 150 000,—** | **58 479 061,11** | **83,66** |

***04 05 01*** ***Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***

04 05 01 01 Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont l-Istrument ta' Assistena ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— appoġġ għal riformi politiċi,

— tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija billi jingħata sostenn għal allinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni", u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, u mal-fondi u l-politiki tal-Unjoni ta' natura strutturali, ta' koeżjoni, u dawk relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tagħha.

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI** *(ikompli)*

***04 05 01*** *(ikompli)*

04 05 01 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont IPA II, din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettiv speċifiku li jiġi pprovdut sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali fil-Balkani tal-Punent, bil-ħsieb li jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(b) tagħha.

***04 05 02*** ***Sostenn lill-Islanda***

04 05 02 01 Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont IPA II, din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fl-Islanda:

— appoġġ għal riformi politiċi,

— tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija billi jingħata sostenn għal allinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni", u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, u mal-fondi u l-politiki tal-Unjoni ta' natura strutturali, ta' koeżjoni, u dawk relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI** *(ikompli)*

***04 05 02*** *(ikompli)*

04 05 02 01 *(ikompli)*

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tagħha.

04 05 02 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont l-IPA II, din l-approprjazzjoni se tindirizza, fl-Islanda, l-objettiv speċifiku li jiġi pprovdut appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali fl-Islanda, bil-għan li jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(b) tagħha.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI** *(ikompli)*

***04 05 03 Sostenn lit-Turkija***

04 05 03 01 Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni" u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont l-IPA II, din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

— appoġġ għal riformi politiċi,

— tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija billi jingħata sostenn għal allinjament progressiv mal-"acquis tal-Unjoni", u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, u mal-fondi u l-politiki tal-Unjoni ta' natura strutturali, ta' koeżjoni, u dawk relatati mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tagħha.

04 05 03 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Skont l-IPA II, din l-approprjazzjoni se tindirizza, fit-Turkija, l-objettiv speċifiku li jiġi pprovdut appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali fl-Islanda, bil-għan li jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — IMPJIEGI, POLITIKI SOĊJALI U ŻVILUPP TAR-RIŻORSI UMANI** *(ikompli)*

***04 05 03*** *(ikompli)*

04 05 03 02 *(ikompli)*

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fl-intestatura għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (COM(2011) 838 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(b) tiegħu.

***04 05 51*** ***Tlestija ta' azzjonijiet (ta' qabel l-2014) — Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni — Żvilupp tar-Riżorsi Umani***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 69 900 164 | 113 157 077 | 65 152 574 | 112 150 000,— | 58 479 061,11 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 04 06 01 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni ta' impenji li saru qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness 3 għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti ewlenin li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ikunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jitqiesu bħala li huma approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati skont il-komponenti msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

**KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 04 06 | FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN | | | | | | | | |
| ***04 06 01*** | ***Promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-taffija tal-agħar forom ta' faqar fl-Unjoni*** | 1.2 | 500 000 000 | 306 000 000 | | | | | — |
| ***04 06 02*** | ***Assistenza teknika*** | 1.2 | 1 280 000 | 1 280 000 | | | | | — |
| | **Kapitolu 04 06 — Total** | | **501 280 000** | **307 280 000** | | | | | — |

*Kummenti*

L-Artikolu 174 TFUE jistipula l-objettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, filwaqt li l-Artikolu 175 jispeċifika r-rwol tal-Fondi Strutturali fil-kisba ta' dan l-objettiv u jiddisponi l-adozzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi Strutturali.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jiddisponi korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa mġarrba bi ksur tal-liġi applikabbli.

L-Artikoli 53 u 54 tal-proposta għal Regolament dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (COM(2012) 617) (FGħEB) dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jiddisponu regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-FGħEB.

Kull dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal rimborż sħiħ, jew parzjali, ta' ħlasijiet ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 41 tar-Regolament propost jiddisponi regoli speċifiċi dwar rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-FGħEB.

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiġu mdaħħla fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

*Bażi legali*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 175 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 21(3) (4), 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Ottubru 2012, dwar il-fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (COM(2012) 617).

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

KUMMISSJONI

*TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI*

**KAPITOLU 04 06 — FOND GĦAL GĦAJNUNA EWROPEA GĦALL-PERSUNI L-AKTAR FIL-BŻONN** *(ikompli)*

**04 06 01** ***Promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-taffija tal-agħar forom ta' faqar fl-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 500 000 000 | 306 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

L-FGħEB jissostitwixxi l-Programm ta' Tqassim tal-Ikel lill-Persuni l-Aktar fil-Bżonn tal-Unjoni Ewropea, li kien intemm fl-aħħar tal-2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull bilanċ pendenti li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3730/87, tar-Regolament (KE) Nru 2802/98 u tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-provvista tal-ikel mill-istokkijiet ta' intervent u prodotti mobilizzati fuq is-suq tal-Unjoni lil organizzazzjonijiet magħżula sabiex jitqassmu lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni u kull bilanċ ieħor relatat mal-applikazzjoni tal-iskema.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista tal-ikel minn stokkijiet tal-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità (ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2802/98 tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar programm ta' għoti ta' prodotti agrikoli lill-Federazzjoni Russa (ĠU L 349, 24.12.1998, p. 12).

Ir-Regolament (UE) Nru 121/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (ĠU L 44, 16.2.2012, p. 1).

### *05 02 05 Zokkor*

05 02 05 01 Rifużjonijiet tal-esportazzjoni taz-zokkor u iżoglukożju

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | – 4 521,61 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-iżoglukożju mogħtija f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kif ukoll in-nefqa pendenti mogħtija f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001, inklużi dawk relatati ma' ċertu zokkor inkorporat fi frott u ħaxix ipproċessat, f'konformità mal-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29).

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 05*** *(ikompli)*

05 02 05 03 Rifużjonijiet fuq il-produzzjoni għal zokkor użat fl-industrija kimika

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | – 29 013,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa pendenti għal rifużjonijiet fuq il-produzzjoni għal zokkor industrijali f'konformità mal-Artikolu 97 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u nefqa pendenti għal rifużjonijiet għall-użu fl-industrija kimika, f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001.

05 02 05 08 Miżuri għall-ħżin taz-zokkor

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna għall-ħżin privat taz-zokkor f'konformità mal-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 05 99 Miżuri oħra (zokkor)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 100 000 | 109 497 084,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għaz-zokkor skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull bilanċ ieħor pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u (KE) Nru 318/2006, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 05. Dawn il-bilanċi pendenti jinkludu, b'mod partikolari, nefqa pendenti possibbli għal miżuri li jgħinu fl-ipproċessar ta' zokkor mhux raffinat prodott fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Exropej, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u għall-għajnuna ta' aġġustament għall-industrija tar-raffinerija, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4), l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

***05 02 06*** ***Żejt iż-żebbuġa***

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 136/66/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment tal-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet (ĠU L 172, 30.9.1966, p. 3025/66).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 97).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 06*** *(ikompli)*

05 02 06 03 Miżuri għall-ħżin ta' żejt iż-żebbuġa

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 17 000 000 | 12 190 099,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba f'konformità mal-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u n-nefqa għall-għajnuna għall-ħżin privat taz-zokkor f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri kull bilanċ pendenti li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 20d(3) tar-Regolament Nru 136/66/KEE (kuntratti ta' ħżin) u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 865/2004 (disturb fis-suq).

05 02 06 05 Miżuri għat-titjib tal-kwalità

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 45 000 000 | 45 000 000 | 42 864 344,91 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-operaturi mġarrba f'konformità mal-Artikolu 103 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 29 sa 31 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri kull nefqa pendenti għal operazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 136/66/KEE li jiddisponi miżuri biex titjieb il-kwalità tal-produzzjoni ta' żejt iż-żebbuġa, kif ukoll kull nefqa pendenti għal operazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 865/2004.

05 02 06 99 Miżuri oħra (żejt iż-żebbuġa)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 300 000 | 100 000 | 294 147,86 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal żejt iż-żebbuġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull bilanċ ieħor pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 136/66/KEE u r-Regolament (KE) Nru 865/2004, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 06. Dawn il-bilanċi pendenti jinkludu, b'mod partikolari, nefqa pendenti possibbli għall-għajnuna għall-konsum għal żejt iż-żebbuġa Komunitarju, (f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE), kostijiet tekniċi, finanzjarji jew ta' ħżin pubbliku ieħor (f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Nru 136/66/KEE), rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' żejt iż-żebbuġa (f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 136/66/KEE) u l-għoti ta' rifużjoni fuq il-produzzjoni ta' żejt iż-żebbuġa użat fil-manifattura tal-ħut u l-ħxejjex ippreservati (f'konformità mal-Artikolu 20a tar-Regolament Nru 136/66/KEE).

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 129, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

KUMMISSJONI
*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

### *05 02 07 Xtieli tessili*

05 02 07 02 Miżuri għall-ħżin tal-fibra tal-għażel

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-għajnuna għall-ħżin privat tal-fibra tal-għażel f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 07 03 Qoton — Programmi nazzjonali ta' ristrutturar

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 100 000 | 10 000 000 | 10 117 244,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq skont il-Kapitolu 2 tar-Regolament 637/2008.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton (ĠU L 178, 5.7.2008, p. 1).

05 02 07 99 Miżuri oħrajn (xtieli li minnhom isiru t-tessuti)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 | 10 000 000 | 15 043 775,21 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 07 01 u 05 02 07 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa pendenti fuq l-għajnuna għall-qoton li mhux magħżul jew mimxut f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1051/2001 kif ukoll kull nefqa oħra għax-xtieli tessili skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li mhumiex koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 07.

Hija tkopri wkoll in-nefqa pendenti għall-għajnuna għall-ipproċessar għall-fibra qasira u twila tal-għażel u għall-fibra tal-qanneb, f'konformità mal-Artikolu 2(3)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1673/2000 u l-Artikoli 91 sa 95 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, in-nefqa pendenti għall-għajnuna għall-produzzjoni għall-fibra tal-għażel u tal-qanneb, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1308/70, bit-tnaqqis tad-deduzzjonijiet magħmula f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, kif ukoll ta' kull bilanċ pendenti fuq miżuri oħra ffinanzjati skont ir-Regolament (KEE) Nru 1308/70.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 07*** *(ikompli)*

05 02 07 99 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1308/70 tad-29 ta' Ġunju 1970 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-kittien u l-qanneb (ĠU L 146, 4.7.1970, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u tal-qanneb imkabbra għall-ħjut (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jaġġusta, għas-sitt darba, is-sistema tal-għajnuna għall-qoton imdaħħal mill-Protokoll 4 anness mal-Att tal-Adeżjoni tal-Greċja (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-għajnuna għall-produzzjoni tal-qoton (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 3).

***05 02 08*** ***Frott u ħxejjex***

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jintroduċi skema ta' għajnuna Komunitarja għall-produtturi ta' ċertu frott taċ-ċitru (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 49).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex (ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1).

05 02 08 03 Fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 285 000 000 | 267 000 000 | 723 163 509,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament parzjali tan-nefqa tal-Unjoni marbuta mal-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, f'konformità mas-Subtaqsima II tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli 32 sa 38 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull nefqa pendenti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 u l-Kapitolu II tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

05 02 08 11 Għajnuna lil organizzazzjonijiet tal-produtturi għar-rikonoxximent preliminari

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 269 000 000 | 253 000 000 | 288 015 298,64 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-għajnuna lill-gruppi ta' produtturi li jkunu ngħataw rikonoxximent preliminari f'konformità mal-Kapitolu I tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 u s-Subtaqsima I tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 08*** *(ikompli)*

05 02 08 12 Skema tal-Frott għall-Iskejjel

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 122 000 000 | 90 000 000 | 58 573 803,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-iskemi tal-frott għall-iskejjel f'konformità mas-Subtaqsima IIa tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli 23 sa 25 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 08 99 Miżuri oħra (frott u ħxejjex)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 700 000 | 1 000 000 | 1 452 621,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 08 01, 05 02 08 09 u 05 02 08 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għall-frott u l-ħxejjex skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull nefqa pendenti għall-miżuri skont ir-Regolamenti (KE) Nru 399/94, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2202/96 u (KE) Nru 1782/2003, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħra skont l-Artikolu 05 02 08.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 399/94 tal-21 ta' Frar 1994 dwar miżuri speċifiċi għall-għeneb imnixxef (ĠU L 54, 25.2.1994, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

***05 02 09*** ***Prodotti tas-settur vinikolu***

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 84, 27.3.1987, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1).

05 02 09 08 Programmi nazzjonali ta' sostenn għas-settur tal-inbid

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 083 000 000 | 1 065 600 000 | 1 069 810 779,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-programmi ta' sostenn għas-settur tal-inbid f'konformità mas-Subtaqsima I u IIa tat-Taqsima IVb tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli 39 sa 54 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 09 99 Miżuri oħra (settur vinikolu)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 000 000 | 6 000 000 | 2 239 159,65 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 09 04, 05 02 09 09 u 05 02 09 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull bilanċ pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 479/2008, (KEE) Nru 822/87 u (KE) Nru 1493/1999, mhux kopert mill-approprjazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 09. Hija maħsuba wkoll biex tkopri kull nefqa pendenti għall-iskema ta' qlugħ tad-dwieli f'konformità mas-Subtaqsima III tat-Taqsima IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

### ***05 02 10*** ***Promozzjoni***

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2702/1999 tal-14 ta' Diċembru 1999 dwar miżuri sabiex jipprovdu t-tagħrif fuq, u jippromwovu, il-prodotti agrikoli f'pajjiżi terzi (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 tad-19 ta' Diċembru 2000 dwar l-azzjonijiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern (ĠU L 328, 23.12.2000, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).

05 02 10 01 Miżuri ta' promozzjoni — Pagamenti minn Stati Membri

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 60 000 000 | 60 000 000 | 47 380 169,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja programmi ta' promozzjoni implimentati mill-Istati Membri rigward prodotti agrikoli, il-metodi ta' produzzjoni tagħhom u prodotti alimentari.

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 10*** *(ikompli)*

05 02 10 02 Miżuri ta' promozzjoni — Pagamenti diretti mill-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 500 000 | 1 350 000 | 1 040 000 | 1 126 798 | 1 326 312,74 | 656 422,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet ta' promozzjoni ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll l-assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' promozzjoni. L-assistenza teknika tkopri laqgħat preparatorji, u miżuri ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, sorveljanza u ġestjoni.

05 02 10 99 Miżuri oħra (promozzjoni)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 6 581,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri oħra f'konformità mar-regolamenti dwar l-interventi ta' promozzjoni, mhux iffinanzjati mill-approprjazzjonijiet għall-Partiti l-oħra taħt l-Artikolu 05 02 10.

***05 02 11*** ***Prodotti/miżuri oħra tal-pjanti***

05 02 11 03 Ħops — Għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 300 000 | 2 300 000 | 2 277 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħops, f'konformità mal-Artikolu 102a tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u f'konformità mal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 11 04 POSEI (esklużi għajnuniet diretti)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 238 000 000 | 230 000 000 | 227 654 016,32 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa mġarrba f'konformità mar-Regolamenti (UE) Nru 228/2013 u (UE) Nru 229/2013 u kull nefqa pendenti provenjenti mill-implimentazzjoni tal-POSEI u l-leġiżlazzjoni tal-ġżejjer Eġej skont ir-Regolamenti (KE) Nru 247/2006 u (KE) Nru 1405/2006,

— sussidji għar-ross tal-Unjoni pprovdut mid-dipartiment estrakontinentali Franċiż ta' Réunion, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 11*** *(ikompli)*

05 02 11 04 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi ċerti miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006, jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

05 02 11 99 Miżuri oħra (prodotti/miżuri oħra tal-pjanti)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 | 700 000 | 99 002 943,75 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 11 01, 05 02 11 05 u 05 02 11 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal prodotti/miżuri oħra tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull bilanċ ieħor pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 u mill-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 603/95 u (KE) Nru 1786/2003, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn skont l-Artikolu 05 02 11. Hija maħsuba wkoll biex tkopri kull nefqa pendenti għall-għajnuna għall-produzzjoni għall-għalf niexef f'konformità mal-Artikolu 87 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u kull nefqa pendenti f'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat (ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 603/95 tal-21 ta' Frar 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-għalf imnixxef (ĠU L 63, 21.3.1995, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1786/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-għalf nie-xef (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 114).

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

## *05 02 12 Ħalib u prodotti tal-ħalib*

05 02 12 01 Rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 100 000 | 172 524,05 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-rifużjonijiet għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 12 02 Intervent f'forma ta' ħżin ta' ħalib xkumat tat-trab

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | – 10 211 676,97 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kostijiet tekniċi, finanzjarji u kostijiet oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżultaw mix-xiri tal-ħżin pubbliku ta' ħalib xkumat tat-trab f'konformità mal-Artikoli 10 sa 13, 18, 25 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8 9, 11 sa 16 u 19 sa 21 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna għall-ħżin privat tal-ħalib xkumat tat-trab f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 12 03 Għajnuna għall-ipproċessar ta' ħalib xkumat

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal:

— għajnuna għal trab tal-ħalib parzjalment xkumat għall-għalf tal-annimali mogħtija skont l-Artikolu 99 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007,

— għajnuna għall-ħalib xkumat ipproċessat f'kaseina skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

05 02 12 04 Intervent f'forma ta' ħżin ta' butir u krema

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 000 000 | 9 000 000 | 7 821 482,68 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna għall-ħżin privat f'konformità mal-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kostijiet tekniċi, finanzjarji u kostijiet oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżultaw mix-xiri tal-ħżin pubbliku ta' butir u krema f'konformità mal-Artikoli 10 sa 13, 18, 25 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16 u 19 sa 21 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 12*** *(ikompli)*

05 02 12 08 Ħalib għall-iskejjel

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 75 000 000 | 74 000 000 | 69 185 489,17 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna tal-Unjoni mogħtija għall-provvista ta' ċerti prodotti tal-ħalib għat-tfal fi stabbilimenti edukattivi, f'konformità mal-Artikolu 102 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 26 sa 28 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 12 99 Miżuri oħra (ħalib u prodotti tal-ħalib)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 | 100 000 | 42 439,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal miżuri fis-settur tal-ħalib skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, mhux koperta mill-approprjazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn taħt l-Artikolu 05 02 12.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-kumpens għal ċerti produtturi tal-ħalib jew prodotti tal-ħalib, magħruf bħala "SLOM".

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2330/98 tat-22 ta' Ottubru 1998 li jipprovdi għal offerta ta' kumpens lil xi produtturi tal-ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib li kellhom restrizzjonijiet temporanji fit-twettiq tan-negozju tagħhom (ĠU L 291, 30.10.1998, p. 4).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2009 tal-15 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi miżura speċifika ta' appoġġ għas-suq fis-settur tal-ħalib (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 70).

***05 02 13*** ***Ċanga u vitella***

05 02 13 01 Rifużjonijiet għaċ-ċanga u l-vitella

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 000 000 | 5 000 000 | 31 489 889,26 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għaċ-ċanga u l-vitella, f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 13*** *(ikompli)*

05 02 13 02 Intervent f'forma ta' ħżin taċ-ċanga u l-vitella

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna għall-ħżin privat taċ-ċanga u l-vitella f'konformità mal-Artikoli 31 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri kostijiet tekniċi, finanzjarji u kostijiet oħrajn, b'mod partikolari d-deprezzament finanzjarju tal-istokkijiet, li jirriżultaw mix-xiri tal-ħżin pubbliku taċ-ċanga u l-vitella f'konformità mal-Artikoli 10 sa 12, 18, 25 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9, 11 sa 16 u 19 sa 21 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 13 04 Rifużjonijiet għal annimali ħajjin

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 2 000 000 | 5 702 980,61 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal annimali ħajjin f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 13 99 Miżuri oħra (ċanga u vitella)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 | 100 000 | 141 656,09 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 13 03 u 05 02 13 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal miżuri fis-settur taċ-ċanga u l-vitella skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull bilanċ ieħor pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-Partiti l-oħrajn taħt l-Artikolu 05 02 13.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri pagamenti pendenti li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kost tal-qtil volontarju ta' annimali bovini qabel it-23 ta' Jannar 2006 u li kellhom iktar minn 30 xahar (OTMS) u mit-23 ta' Jannar 2006 il-qtil ta' annimali bovini li kienu twieldu qabel l-1 ta' Awwissu 1996 (OCDS), li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 716/96 tad-19 ta' April 1996 li jadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq tal-laħam taċ-ċanga fir-Renju Unit (ĠU L 99, 20.4.1996, p. 14).

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella (ĠU L 263, 18.10.2000, p. 34).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

### *05 02 14 Laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż*

05 02 14 01 Intervent f'forma ta' ħżin tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-ħżin privat tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż f'konformità mal-Artikoli 31 u 38 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 14 99 Miżuri oħrajn (il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal miżuri fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll kull bilanċ ieħor pendenti mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2529/2001, mhux koperti mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn taħt l-Artikolu 05 02 14.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikoli 219, 220(1)(b) u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

### *05 02 15 Majjal, bajd u pollam, apikoltura u prodotti oħra tal-annimali*

05 02 15 01 Rifużjonijiet għall-majjal

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 100 000 | 5 000 000 | 18 623 270,14 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal-laħam tal-majjal f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 15*** *(ikompli)*

05 02 15 02 Intervent f'forma ta' ħżin tal-majjal

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 5 818 074,23 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-ħżin privat tal-majjal f'konformità mal-Artikolu 31 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 8, 9 u 17 sa 20 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 15 04 Rifużjonijiet għall-bajd

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 1 818 924,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-bajd f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 15 05 Rifużjonijiet għal-laħam tal-pollam

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 000 000 | 77 000 000 | 79 306 588,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal-laħam tal-pollam f'konformità mal-Artikoli 162 sa 170 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 196 sa 204 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

05 02 15 06 Għajnuna speċifika għall-apikoltura

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 31 000 000 | 30 000 000 | 28 851 433,53 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tagħti sostenn, b'miżuri speċifiċi, is-settur tal-apikoltura, biex tikkumpensa għat-telf ta' dħul u ttejjeb it-tagħrif għall-konsumaturi u t-trasparenza tas-suq, kif ukoll il-kontroll tal-kwalità f'konformità mal-Artikoli 105 sa 110 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u mal-Artikoli 55 sa 57 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 02 — TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ TAS-SETTUR AGRIKOLU PERMEZZ TA' INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI** *(ikompli)*

***05 02 15*** *(ikompli)*

05 02 15 99 Miżuri oħra (tal-majjal, pollam, bajd, apikoltura, prodotti oħra mill-annimali)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 2 000 000 | 3 010,48 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 05 02 15 03, 05 02 15 07 u 05 02 15 99*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra għal miżuri fis-settur tal-laħam tal-majjal, il-pollam, il-bajd, l-apikoltura u prodotti oħra mill-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, mhux koperta mill-approprjazzjonijiet għall-partiti l-oħrajn taħt l-Artikolu 05 02 15.

Hija tinkludi b'mod partikolari n-nefqa għal miżuri eċċezzjonali meħuda f'konformità mal-Artikolu 219, l-Artikolu 220(1)(b) u l-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri li jtejbu l-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-apikultura (ĠU L 125, 28.4.2004, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 03 — GĦAJNUNIET DIRETTI MMIRATI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦALL-INTROJTI TAL-FARMS, LIMITAZZJONI GĦALL-VARJABILITÀ TAL-INTROJTI TAL-FARMS U BIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBJENTALI U KLIMATIĊI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 03 | GĦAJNUNIET DIRETTI MMIRATI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦALL-INTROJTI TAL-FARMS, LIMITAZZJONI GĦALL-VARJABILITÀ TAL-INTROJTI TAL-FARMS U BIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBJENTALI U KLIMATIĊI | | | | | |
| **05 03 01** | ***Għajnuniet diretti diżakkoppjati*** | | | | | |
| 05 03 01 01 | SPU (skema ta' pagament uniku) | 2 | 30 083 000 000 | 30 635 000 000 | 31 080 528 585,40 | 103,32 |
| 05 03 01 02 | SPUE (skema ta' pagament uniku skont l-erja) | 2 | 7 382 000 000 | 6 665 000 000 | 5 915 681 886,30 | 80,14 |
| 05 03 01 03 | Pagament separat għaz-zokkor | 2 | 277 000 000 | 282 000 000 | 281 153 377,85 | 101,50 |
| 05 03 01 04 | Pagament separat għall-frott u l-ħxejjex | 2 | 12 000 000 | 13 000 000 | 12 331 564,75 | 102,76 |
| 05 03 01 05 | Sostenn speċifiku (Artikolu 68) — għajnuniet diretti diżakkoppjati | 2 | 487 000 000 | 469 000 000 | 376 754 993,89 | 77,36 |
| 05 03 01 06 | Pagament separat għall-frott artab | 2 | 11 000 000 | 12 000 000 | | — |
| 05 03 01 99 | Oħrajn (għajnuniet diretti diżakkoppjati) | 2 | p.m. | p.m. | – 985 393,40 | — |
| | *Artikolu 05 03 01 — Sub-total* | | 38 252 000 000 | 38 076 000 000 | 37 665 465 014,79 | 98,47 |
| **05 03 02** | ***Għajnuniet diretti oħra*** | | | | | |
| 05 03 02 06 | Primjum għall-baqar tat-treddigħ | 2 | 902 000 000 | 922 000 000 | 933 970 914,61 | 103,54 |
| 05 03 02 07 | Primjum addizzjonali għall-baqar tat-treddigħ | 2 | 49 000 000 | 51 000 000 | 49 787 898,78 | 101,61 |
| 05 03 02 13 | Primjum għan-nagħaġ u l-mogħoż | 2 | 23 000 000 | 22 000 000 | 22 339 531,32 | 97,13 |
| 05 03 02 14 | Primjum supplementari għan-nagħaġ u l-mogħoż | 2 | 7 000 000 | 7 000 000 | 6 823 711,33 | 97,48 |
| 05 03 02 28 | Għajnuna għad-dud tal-ħarir | 2 | 500 000 | 500 000 | 355 980,51 | 71,20 |
| 05 03 02 36 | Pagamenti għal tipi speċifiċi oħrajn ta' attività agrikola u l-produzzjoni ta' kwalità | 2 | 2 000 000 | 4 000 000 | 113 883 128,40 | 5 694,16 |
| 05 03 02 39 | Ammont addizzjonali għall-produtturi tal-pitrava zokkrija u tal-kannamiela | 2 | 21 000 000 | 21 000 000 | 23 007 418,86 | 109,56 |
| 05 03 02 40 | Għajnuna għaż-żona għall-qoton | 2 | 239 000 000 | 240 000 000 | 245 811 754,46 | 102,85 |
| 05 03 02 42 | Pagament tranżizzjonali dwar il-frott u l-ħaxix — Prodotti oħra għajr it-tadam | 2 | 3 000 000 | 34 000 000 | 34 727 616,16 | 1 157,59 |
| 05 03 02 44 | Sostenn speċifiku (Artikolu 68) — għajnuniet diretti akkoppjati | 2 | 1 089 000 000 | 1 101 000 000 | 785 514 107,12 | 72,13 |
| 05 03 02 50 | POSEI — Programmi tal-Unjoni Ewropea ta' Sostenn | 2 | 407 000 000 | 417 000 000 | 411 085 341,63 | 101,— |
| 05 03 02 52 | POSEI — Gżejjer tal-Eġew | 2 | 18 000 000 | 18 000 000 | 17 898 229,60 | 99,43 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 03 — GĦAJNUNIET DIRETTI MMIRATI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦALL-INTROJTI TAL-FARMS, LIMITAZZJONI GĦALL-VARJABILITÀ TAL-INTROJTI TAL-FARMS U BIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBJENTALI U KLIMATIĊI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 03 02 99 | Oħrajn (għajnuniet diretti) | 2 | 9 675 640 | 17 400 000 | 568 721 151,37 | 5 877,87 |
| | *Artikolu 05 03 02 — Sub-total* | | 2 770 175 640 | 2 854 900 000 | 3 213 926 784,15 | 116,02 |
| ***05 03 03*** | ***Ammonti addizzjonali ta' għajnuna*** | 2 | 600 000 | 1 000 000 | 638 401,56 | 106,40 |
| ***05 03 10*** | ***Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu*** | 2 | 424 500 000 | | | — |
| | **Kapitolu 05 03 — Total** | | **41 447 275 640** | **40 931 900 000** | **40 880 030 200,50** | **98,63** |

*Kummenti*

Kull dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'kull intestatura f'dan il-kapitolu, f'konformità mal-Artikoli 21 u 174(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Meta ġew stabbiliti l-ħtiġijiet baġitarji għal dan il-kapitolu, l-ammont ta' EUR 1 000 000 000 li joriġina mill-Partiti 6 7 0 1, 6 7 0 2 u 6 7 0 3 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul, ġie meqjus fit-tfassil tal-ħtiġijiet baġitarji dwar l-Artikolu 05 03 01 u b'mod partikolari għall-Partita 05 03 01 01.

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

Ir-Regolament (EU) Nru 671/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 dwar l-applikazzjoni tal-pagamenti diretti lill-bdiewa fir-rigward tas-sena 2013 (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2, (EC) No 814/2000, (EC) No 1290/2005 and (EC) No 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

Ir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308//2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward l-applikazzjoni fis-sena 2014 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 964/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 (ĠU L 268, 10.10.2013, p. 5).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 03 — GĦAJNUNIET DIRETTI MMIRATI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦALL-INTROJTI TAL-FARMS, LIMITAZZJONI GĦALL-VARJABILITÀ TAL-INTROJTI TAL-FARMS U BIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBJENTALI U KLIMATIĊI** *(ikompli)*

***05 03 01 Għajnuniet diretti diżakkoppjati***

05 03 01 01 SPU (skema ta' pagament uniku)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 30 083 000 000 | 30 635 000 000 | 31 080 528 585,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa skont l-iskema ta' pagament uniku, skont it-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u t-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003.

05 03 01 02 SPUE (skema ta' pagament uniku skont l-erja)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 382 000 000 | 6 665 000 000 | 5 915 681 886,30 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt l-iskema ta' pagament uniku, skont it-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, it-Titolu IVa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-Atti tal-Adeżjoni tal-2003 u l-2005.

*Bażi legali*

L-Att ta' Adeżjoni tal-2003 tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, u partikolarment l-Anness II tiegħu "Il-Lista msemmija fl-Artikolu 20 tal-Att tal-Adeżjoni", il-punt 6A(26), kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/KE (ĠU L 93, 30.3.2004, p. 1).

L-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u b'mod partikolari l-Anness III tiegħu "Il-lista msemmija fl-Artikolu 19 tal-Att tal-Adeżjoni".

05 03 01 03 Pagament separat għaz-zokkor

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 277 000 000 | 282 000 000 | 281 153 377,85 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt il-pagament separat għaz-zokkor għall-Istati Membri li qed japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, f'konformità mat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u t-Titolu IVa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

05 03 01 04 Pagament separat għall-frott u l-ħxejjex

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 000 000 | 13 000 000 | 12 331 564,75 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa taħt il-pagament separat għall-frott u l-ħaxix għall-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, f'konformità mat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u t-Titolu IVa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 03 — GĦAJNUNIET DIRETTI MMIRATI BĦALA KONTRIBUZZJONI GĦALL-INTROJTI TAL-FARMS, LIMITAZZJONI GĦALL-VARJABILITÀ TAL-INTROJTI TAL-FARMS U BIEX JINTLAĦQU L-OBJETTIVI AMBJENTALI U KLIMATIĊI** *(ikompli)*

***05 03 01*** *(ikompli)*

05 03 01 05 Sostenn speċifiku (Artikolu 68) — għajnuniet diretti diżakkoppjati

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 487 000 000 | 469 000 000 | 376 754 993,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tas-sostenn speċifiku diżakkoppjat mal-produzzjoni skont l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u b'mod partikolari dawk imsemmija fil-punt (v) tal-paragrafu 1(a) u fil-paragrafi 1(c) u (d).

05 03 01 06 Pagament separat għall-frott artab

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-immudellar tas-settur aġrikolu u previżjonijiet ta' terminu qasir u terminu medju tax-xejriet tas-suq u tal-istrutturi agrikoli, u mad-disseminazzjoni tar-riżultati,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-detezzjoni mill-bogħod, kampjunar skont l-erja u mudelli agrometeoroloġiċi għall-istatistika agrikola,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mat-twettiq tal-analiżijiet ekonomiċi u l-iżvilupp ta' indikaturi fil-qasam tal-politika agrikola.

*Bażi legali*

Kompiti provenjenti mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar it-titjib tal-istatistiċi agrikoli tal-Komunità (ĠU L 162, 1.7.1996, p. 14).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 03*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1445/2000/KE tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-appplikazzjoni ta' stħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote-sensing għall-statistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003 (ĠU L 163, 4.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 dwar il-miżuri li l-Kummissjoni għandha twettaq għall-perjodu 2008-2013 bl-użu tal-applikazzjonijiet ta' telerilevament implimentati fil-qafas tal-politika agrikola komuni (ĠU L 25, 30.1.2008, p. 1).

***05 08 06*** ***Tisħiħ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 11 000 000 | 8 000 000 | 7 905 658,47 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-miżuri għat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni mill-Unjoni, kif dispost fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 814/2000 u l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta':

— programmi ta' ħidma annwali mressqa, b'mod partikolari, mill-organizzazzjoniet tal-bdiewa jew tal-iżvilupp rurali, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni ambjentali,

— miżuri speċifiċi ppreżentati, b'mod partikolari, mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, il-midja u l-universitajiet,

— attivitajiet implimentati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni,

— attivitajiet għall-promozzjoni tal-biedja mill-familji.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tiffinanzja informazzjoni fl-iskejjel, fil-punti ta' bejgħ u f'punti oħra ta' kuntatt mal-konsumatur, dwar l-istandards dwar il-kwalità għolja, is-sikurezza tal-ikel, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali li jridu jissodisfaw il-bdiewa Ewropej, meta mqabbla ma' dawk rikjesti f'pajjiżi terzi. Din għandha tenfasizza l-kontribut importanti tal-PAK biex jinkisbu dawn l-istandards għoljin u tinkludi spjegazzjonijiet dwar id-diversi skemi ta' kwalità fis-seħħ, bħad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tiffinanzja kampanja ta' informazzjoni għall-konsumaturi dwar il-kawżi u l-konsegwenzi ta' ħela ta' ikel u pariri dwar modi biex titnaqqas, kif ukoll bil-promozzjoni ta' prattiki ta' parametri normattivi fis-setturi differenti tal-katina alimentari.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000 tas-17 ta' April 2000 dwar il-miżuri ta' tagħrif li għandhom x'jaqsmu mal-politika komuni agrikola (ĠU L 100, 20.4.2000, p. 7).

***05 08 09*** ***Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) — Assistenza Teknika operazzjonali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 670 000 | 2 670 000 | 1 464 807,55 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 5(a) sa (d) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 6(a) u (d) sa (f) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 09*** *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll biex tkopri:

— in-nefqa għall-istabbiliment ta' bank tad-dejta analitika għal prodotti tal-inbid kif dispost fl-Artikolu 87 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid (ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1).

— in-nefqa għall-istudju dwar "Assessing end-user costs of compliance with EU legislation in the fields of environment, animal welfare and food safety" (Valutazzjoni tal-kostijiet għall-utent aħħari tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ambjent, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel).

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

***05 08 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

05 08 77 01 Proġett pilota — Analiżi tal-kostijiet għall-utent aħħari tal-konformità ma' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent, il-benesseri tal-annimali u sikurezza tal-ikel

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 411 089 | p.m. | 939 631 | 0,— | 264 270,96 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 05 08 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 02 Proġett pilota — Skambju tal-aqwa prattika għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonalità

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 05 08 11*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 77*** *(ikompli)*

05 08 77 03 Proġett Pilota — Sostenn għall-koperattivi tal-bdiewa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 192 528,46 |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 02 17 01*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 04 Proġett Pilota — Osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 02 17 02*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 05 Proġett Pilota — Sostenn għal inizjattivi tal-bdiewa u tal-konsumaturi għall-produzzjoni ta' ikel b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, konsum baxx ta' enerġija u li jkun kummerċjalizzat lokalment.

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 02 17 03*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 77*** *(ikompli)*

05 08 77 05 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 06 Azzjoni Preparatorja — Osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 02 17 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms. Isservi fost l-oħrajn biex tittejjeb l-għodda użata għall-monitoraġġ tal-prezzijiet tal-ikel u li tagħmilha iktar faċli li tintuża, billi tiġi inkluża interfaċċja multilingwi li tkopri numru ikbar ta' prodotti tal-ikel u billi jkunu jistgħu jitqabblu aħjar il-prezzijiet fuq kull ħolqa tal-katina tal-provvista tal-ikel fi ħdan u fost l-Istati Membri, biex b'hekk tiġi sodisfatta l-ħtieġa tal-konsumaturi u tal-bdiewa għal iktar trasparenza fl-iffissar tal-prezzijiet tal-ikel.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 07 Proġett Pilota — Miżuri kontra l-ispekulazzjoni tal-komoditajiet agrikoli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 02 17 07*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 77*** *(ikompli)*

05 08 77 08 Proġett pilota — — Programm ta' skambju għal bdiewa żgħażagħ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 600 000 | p.m. | 750 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 04 05 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 09 Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 600 000 | 1 500 000 | 750 000 | | |

*Kummenti*

Ex *Partita 05 04 03 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' azzjoni preparatorja għat-tielet programm tal-Unjoni għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali fl-agrikoltura. Il-programmi preċedenti bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1476/94 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) 870/2004 tlestew fl-2010. L-ewwel evalwazzjonijiet tal-proġetti jissuġġerixxu li hemm bżonn ta' azzjonijiet ulterjuri li jsaħħu l-konservazzjoni tad-diversità ġenetika u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, jikkontribwixxu għal prodotti ta' kwalità u katini tal-ikel lokali; u li jappoġġaw il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' għarfien bejn riċerkaturi, bdiewa, nissiela u netwerks ta' ċittadini impenjati u NGOs, li jinvolvu lill-utenti aħħarin u jqajmu kuxjenza fost il-konsumaturi f'dan il-qasam.

Filwaqt li tibni fuq il-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni Ewropea fl-2013, l-azzjoni ta' tħejjija għandha tipprovdi appoġġ għal proġetti u attivitajiet ta' interkonnessjoni madwar l-Ewropa fil-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi fil-qafas tal-programmi ta' żvilupp rurali imminenti. L-azzjoni ta' tħejjija għandha tikkontribwixxi biex tipprovdi l-elementi għat-tielet programm ta' riżorsi ġenetiċi tal-Unjoni, speċifikament għall-kwistjonijiet li ġejjin:

— kif tittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom dwar l-aħjar prattiki u l-armonizzazzjoni tal-isforzi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi,

— kif tissaħħaħ is-sistema ta' netwerks bejn il-partijiet interessati ewlenin inklużi l-bdiewa, ir-riċerkaturi, il-banek tal-ġeni, l-NGOs u l-utenti aħħarin, u kif jissaħħu l-opportunitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni fil-kuntest ta' skemi ta' kwalità u katini tal-ikel qosra,

— kif jittejjeb l-iskambju ta' għarfien u riċerka fit-tisħiħ tad-diversità ġenetika fi ħdan is-sistemi agrikoli,

— kif il-metodi ta' tnissil u l-leġiżlazzjoni jiġu adattati għall-ħtieġa ta' konservazzjoni tad-diversità ġenetika u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi,

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 77*** *(ikompli)*

05 08 77 09 *(ikompli)*

— kif jingħata kontribut għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri għall-iżvilupp rurali permezz ta' azzjonijiet fil-qasam tad-diversità ġenetika fil-biedja,

— kif jitnaqqas il-piż amministrattiv biex jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-azzjonijiet.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 10 Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu transkonfinali Ewropew

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 200 000 | 600 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-proġett huwa maħsub biex iġib flimkien u jippromwovi l-għarfien fin-negozju agrikolu f'livell transkonfinali fiż-żoni rurali u biex joħloq reġjuni ta' kompetenza fin-negozju agrikolu — l-hekk imsejħa "Agropols", li joffru prospettiva ekonomika sostenibbli lil dawn iż-żoni. Ir-reġjun tal-fruntiera bejn il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi (għall-inqas 4 661 mikrointrapriża u intrapriża żgħira fl-agrikultura u l-ortikultura [SMEs]; intrapriżi fl-industrija; kumpaniji ta' servizzi, istituti edukattivi u tax-xjenza; ċentri ta' amministrazzjoni; kmamar tal-industrija u tal-kummerċ, kmamar tal-agrikultura u assoċjazzjonijiet), li jservu bħala pijunieri għal reġjuni agrikoli oħra Ewropej, huwa dimostrazzjoni ta' kif l-isfidi kontinwi ta' tibdil strutturali fl-agrikultura u l-kompetizzjoni dejjem tiżdied fis-settur agrikolu permezz ta' żvilupp trażversali f'Agropol jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess:

— adattament xjentifiku tal-approċċ ta' żvilupp ekonomiku settorjali għal Agropol,

— il-ħolqien ta' pjan strateġiku għall-iżvilupp ta' Reġjun Ewropew għan-Negozju Agrikolu u l-Ikel fuq bażi komuni,

— mobilizzazzjoni tal-partijiet interessati, partikolarment fl-amministrazzjoni u l-ekonomija, għal għan komuni,

— il-kooperazzjoni twassal għas-suċċess permezz ta' approċċ komuni: Il-konservazzjoni u l-effiċjenza fir-riżorsi kif ukoll l-iżvilupp ta' pjan komprensiv huma l-punti ċentrali tal-proġett. B'hekk il-proġett jikkontribwixxi wkoll sabiex jintgħelbu l-isfidi dinjin bħat-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-materja prima u r-riżorsi naturali kif ukoll is-sikurezza tal-ikel. Bih jiġu appoġġati l-industrija u l-agrikultura ekoloġikament u ekonomikament effettivi u jiġi promoss l-iżvilupp rurali bbilanċjat,

— preżentazzjoni tal-possibilità ta' trasferiment lejn reġjuni oħra Ewropew.

Huwa mistenni li l-proġett jappoġġa lill-Istrateġija Ewropea 2020 u l-inizjattivi ewlenin bħall-Aġenda għal Kapaċitajiet u Impjiegi ġodda, Ewropa effiċjenti fir-riżorsi, il-Kompetittività Industrijali u l-ETP 2020.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** *(ikompli)*

***05 08 77*** *(ikompli)*

05 08 77 11 Proġett pilota — Agroforestrija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-riżultati ta' deċiżjonijiet f'konformità mal-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni Ewropea u l-linji gwida tagħha..

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***05 08 80*** ***Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Universali 2015 "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" f'Milan***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 7 300 000 | 3 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja universali "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja", li se tittella' f'Milan fl-2015.

L-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru l-kostijiet ta' referenza għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Paviljun Taljan (il-kirja tal-post, l-armar u t-tiżjin ta' stands, l-ispejjeż operazzjonali). Il-kost għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti u esibizzjonijiet (eż: ir-rimborż ta' kostijiet għall-esperti, il-materjali għall-wirja, eċċ.) se tkun koperta mill-approprjazzjonijiet tal-programmi speċifiċi rilevanti skont il-qasam ta' politika kkonċernat.

*Bażi legali*

Kompiti provenjenti mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 05 09 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA | | | | | | | | |
| ***05 09 03*** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 05 09 03 01 | Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo | 1.1 | 52 163 000 | 2 290 968 | | | | | — |
| | *Artikolu 05 09 03 — Sub-total* | | 52 163 000 | 2 290 968 | | | | | — |
| ***05 09 50*** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 05 09 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (l-2014 sal-2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 05 09 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | **Kapitolu 05 09 — Total** | | **52 163 000** | **2 290 968** | | | | | **—** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għall-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment l-inizjattivi "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 se jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Il-programm se jitwettaq biex jitkompla x-xogħol sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

**KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea, fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disposti taħt il-Partita 05 09 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jkunu disposti taħt il-Kapitolu 05 01 05.

***05 09 03 Sfidi soċjetali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, bi ffukar ġdid fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

05 09 03 01 Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 52 163 000 | 2 290 968 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-attività se tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli u forestali iktar sostenibbli u produttivi, u fl-istess ħin anki fuq l-iżvilupp ta' servizzi, kunċetti u politiki għal għajxien rurali b'saħħtu. Barra minn hekk se jkun hemm ukoll enfasi fuq ikel sikur u tajjeb għas-saħħa għal kulħadd, kif ukoll fuq metodi kompetittivi għall-ipproċessar tal-ikel li jużaw inqas riżorsi u jipproduċu inqas prodotti sekondarji. Fl-istess ħin, se jsiru sforzi għall-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin (eż. attivitajiet ta' sajd sostenibbli u favur l-ambjent). Se jiġu promossi wkoll industriji Ewropej ibbażati fuq il-prodotti bijoloġiċi b'rilaxxi baxxi ta' karbonju u li jkunu effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittivi.

**KAPITOLU 05 09 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-AGRIKOLTURA** *(ikompli)*

***05 09 03*** *(ikompli)*

05 09 03 01 *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2011, li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (COM(2011) 811 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(b) tiegħu.

***05 09 50*** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

05 09 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (l-2014 sal-2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

KUMMISSJONI

*TITOLU 06*

**MOBILITÀ U TRASPORT**

# TITOLU 06

# MOBILITÀ U TRASPORT

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 06 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" | 72 500 880 | 72 500 880 | 66 811 011 | 66 811 011 | 65 209 019,47 | 65 209 019,47 |
| 06 02 | POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT | 2 582 441 731 | 903 416 322 | 1 613 008 724 | 874 066 537 | 1 581 626 308,— | 977 668 289,12 |
| 06 03 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT | 212 105 039 | 27 367 732 | 58 324 795 | 53 235 521 | 62 597 290,37 | 61 306 793,48 |
| | **Titolu 06 — Total** | **2 867 047 650** | **1 003 284 934** | **1 738 144 530** | **994 113 069** | **1 709 432 617,84** | **1 104 184 102,07** |

# TITOLU 06

# MOBILITÀ U TRASPORT

## KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT" | | | | | |
| ***06 01 01*** | ***Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*** | 5.2 | 40 868 495 | 35 013 858 | 34 413 860,01 | 84,21 |
| ***06 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*** | | | | | |
| 06 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 2 325 880 | 2 362 249 | 2 112 097,41 | 90,81 |
| 06 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 2 232 988 | 2 389 096 | 2 674 249,52 | 119,76 |
| | *Artikolu 06 01 02 — Sub-total* | | 4 558 868 | 4 751 345 | 4 786 346,93 | 104,99 |
| ***06 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobbiltà u Trasport"*** | 5.2 | 2 645 371 | 2 215 808 | 2 524 906,91 | 95,45 |
| ***06 01 04*** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*** | | | | | |
| 06 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Trasport | 1.1 | 2 895 000 | 3 820 000 | 2 878 197,68 | 99,42 |
| | *Artikolu 06 01 04 — Sub-total* | | 2 895 000 | 3 820 000 | 2 878 197,68 | 99,42 |
| ***06 01 05*** | ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*** | | | | | |
| 06 01 05 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 5 612 344 | 5 750 000 | 5 350 000,— | 95,33 |
| 06 01 05 02 | Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 2 768 667 | 2 800 000 | 2 833 000,— | 102,32 |
| 06 01 05 03 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 891 638 | 1 100 000 | 1 022 277,94 | 114,65 |
| | *Artikolu 06 01 05 — Sub-total* | | 9 272 649 | 9 650 000 | 9 205 277,94 | 99,27 |

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***06 01 06*** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 06 01 06 01 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) | 1.1 | 12 260 497 | 9 805 000 | 9 805 000,— | 79,97 |
| 06 01 06 02 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) | 1.1 | p.m. | 1 555 000 | 1 595 430,— | — |
| | *Artikolu 06 01 06 — Sub-total* | | 12 260 497 | 11 360 000 | 11 400 430,— | 92,99 |
| | **Kapitolu 06 01 — Total** | | **72 500 880** | **66 811 011** | **65 209 019,47** | **89,94** |

### 06 01 01 *Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 40 868 495 | 35 013 858 | 34 413 860,01 |

### 06 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"*

06 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 325 880 | 2 362 249 | 2 112 097,41 |

06 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 232 988 | 2 389 096 | 2 674 249,52 |

### 06 01 03 *Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobbiltà u Trasport"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 645 371 | 2 215 808 | 2 524 906,91 |

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

**06 01 04** ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"***

06 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Trasport

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 895 000 | 3 820 000 | 2 878 197,68 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 06 01 04 01, 06 01 04 04 u 06 01 04 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-"Azzjonijiet ta' Sostenn għall-Programmi" (PSA) definiti fl-Artikoli 2(7) u 5(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u marbuta direttament mal-miżuri ta' akkumpanjament neċessarji għall-implimentazzjoni tal-programm "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" u l-linji gwida tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Dan jinkludi n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, azzjonijiet ta' sostenn marbutin direttament mal-kisba tal-objettiv tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Artikolu 06 02 01.

**06 01 05** ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Mobilità u trasport"***

06 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 5 612 344 | 5 750 000 | 5 350 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jokkupaw karigi fil-pjanijiet tat-twaqqif awtorizzati involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inklużi l-uffiċjali u l-persunal temporanju ppostjati fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

***06 01 05*** *(ikompli)*

06 01 05 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 06 03.

06 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 768 667 | 2 800 000 | 2 833 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 06 03.

06 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 891 638 | 1 100 000 | 1 022 277,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-programmi ta' riċerka u innvoazzjoni — Orizzont 2020, f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mġarrba mill-persunal ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

***06 01 05*** *(ikompli)*

06 01 05 03 *(ikompli)*

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew il-proġetti, bħal infiq fuq konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 06 03.

***06 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

06 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 260 497 | 9 805 000 | 9 805 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 06 01 04 31*

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi s-sussidju biex jiġu koperti n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operazzjonali min-naħa tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, b'konsegwenza tal-parteċipazzjoni tagħha fl-immaniġġar tal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fl-ikkompletar tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas tal-programm Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-perjodu 2000-2006 u għall-perjodu 2007-2013.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1) kif emendat bir-Regolament Nru 670/2012 (ĠU L 204, 31.7.2012). Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1) kif emendat bir-Regolament Nru 670/2012 (ĠU L 204, 31.7.2012). Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

***06 01 06*** *(ikompli)*

06 01 06 01 *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/593.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5282 tal-5 ta' Novembru 2007 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport bil-għan li jitwettqu kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit Komunitarju kif emendata bid-Deċiżjoni C(2008) 5538 tas-7 ta' Ottubru 2008.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9235 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u fil-qasam tat-trasport u l-enerġija u tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

06 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 1 555 000 | 1 595 430,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 06 01 04 32*

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi s-sussidju biex jiġu koperti n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operazzjonali min-naħa tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, b'konsegwenza tal-parteċipazzjoni tagħha fl-immaniġġar tal-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fl-ikkompletar tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas tal-programmi Marco Polo għall-perjodu 2000-2006 u għall-perjodu 2007-2013.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat b'mod konformi mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi mdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "MOBILITÀ U TRASPORT"** *(ikompli)*

***06 01 06*** *(ikompli)*

06 01 06 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6)

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija esekuttiva, l-"Aġenzija Esekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti", biex timmaniġġa l-azzjoni tal-Komunità fis-settur ta' l-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti" f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3198 tad-9 ta' Lulju 2007 li tiddelega setgħat lill-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetizzjoni u l-Innovazzjoni" bil-ħsieb ta' twettiq ta' kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa 2003-2006, il-Programm Marco Polo 2003-2006, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u Innovazzjoni 2007-2013 u l-programm Marco Polo 2007-2013, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-approprjazzjonjiiet imdaħħla fil-baġit Komunitarju.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9414 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, tal-ambjent, tal-azzjoni klimatika, tal-kompetittività u l-SMEs, tar-riċerka u l-innovazzjoni, tal-ICT, tal-politika marittima u s-sajd, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 06 02 | POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT | | | | | | | | |
| **06 02 01** | ***Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)*** | | | | | | | | |
| 06 02 01 01 | Tneħħija ta' effetti lembut u bini ta' konnessjonijiet nieqsa | 1.1 | 816 618 378 | p.m. | | | | | — |
| 06 02 01 02 | Żgurar ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul | 1.1 | 136 662 458 | p.m. | | | | | — |
| 06 02 01 03 | Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabilità, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport | 1.1 | 273 324 915 | p.m. | | | | | — |
| 06 02 01 04 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni | 1.2 | 983 000 000 | p.m. | | | | | — |
| 06 02 01 05 | Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport | 1.1 | 240 681 250 | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 06 02 01 — Sub-total* | | 2 450 287 001 | p.m. | | | | | — |
| **06 02 02** | ***Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni*** | 1.1 | 34 173 871 | 34 173 871 | 34 555 811 | 34 555 811 | 35 727 726,— | 35 727 726,— | 104,55 |
| **06 02 03** | ***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima*** | | | | | | | | |
| 06 02 03 01 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | 1.1 | 30 703 795 | 30 703 795 | 31 208 513 | 31 776 724 | 34 093 051,— | 32 036 981,17 | 104,34 |
| 06 02 03 02 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Miżuri kontra t-tniġġis | 1.1 | 19 675 000 | 7 727 442 | | | | | — |
| | *Artikolu 06 02 03 — Sub-total* | | 50 378 795 | 38 431 237 | 31 208 513 | 31 776 724 | 34 093 051,— | 32 036 981,17 | 83,36 |
| **06 02 04** | ***Aġenzija Ferrovjarja Ewropea*** | 1.1 | 23 573 064 | 23 573 064 | 24 871 400 | 24 871 400 | 25 644 223,— | 25 644 000,— | 108,79 |
| **06 02 05** | ***Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni*** | 1.1 | 20 019 000 | 13 894 437 | 26 150 000 | 15 112 564 | 30 221 430,49 | 22 985 807,44 | 165,43 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***06 02 06*** | ***Sigurtà tat-trasport*** | 1.1 | 2 510 000 | 1 514 026 | 2 560 000 | 1 829 154 | 1 672 394,90 | 1 601 218,53 | 105,76 |
| ***06 02 51*** | ***Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej*** | 1.1 | p.m. | 759 405 150 | 1 410 000 000 | 721 545 956 | 1 367 564 015,17 | 818 891 946,85 | 107,83 |
| ***06 02 52*** | ***It-tlestija tal-programm Marco Polo*** | 1.1 | p.m. | 18 525 916 | 60 000 000 | 24 710 478 | 64 683 467,44 | 20 647 650,19 | 111,45 |
| ***06 02 53*** | ***Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis*** | 1.1 | p.m. | 12 198 621 | 22 663 000 | 18 414 450 | 20 520 000,— | 19 525 570,19 | 160,06 |
| ***06 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 06 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkjar trasport intermodali | 1.1 | — | 450 000 | — | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— | 0,— |
| 06 02 77 02 | Azzjoni preparatorja — Faċilitar tat-traffiku transfruntier fil-punti tal-qsim tal-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni (mill-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà tat-traffiku) | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 575 000,— | — |
| 06 02 77 03 | Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG) | 1.1 | p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 06 02 77 04 | Proġett pilota — Sigurtà fuq in-netwerk stradali trans-Ewropew | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 32 388,75 | — |
| 06 02 77 05 | Proġett pilota — Ir-rwol tal-vetturi ferrovjarji fl-interoperabilità Ewropea | 1.1 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| 06 02 77 06 | Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin | 1.1 | 500 000 | 250 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 06 02 77 — Sub-total* | | 1 500 000 | 1 700 000 | 1 000 000 | 1 250 000 | 1 500 000,— | 607 388,75 | 35,73 |
| | **Kapitolu 06 02 — Total** | | **2 582 441 731** | **903 416 322** | **1 613 008 724** | **874 066 537** | **1 581 626 308,—** | **977 668 289,12** | **108,22** |

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

### *06 02 01 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)*

06 02 01 01 Tneħħija ta' effetti lembut u bini ta' konnessjonijiet nieqsa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 816 618 378 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv tal-Partita "Tneħħija ta' effetti lembut u bini ta' konnessjonijiet nieqsa" jirreferi għall-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013. Dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju, tal-proġetti tat-trasport tan-netwerk ewlieni u l-kurituri ta' trasport tal-Unjoni, li jiġu ddefiniti fl-Annessi tas-CEF u l-Linji Gwida tat-TEN-T. L-implimentazzjoni ta' dan l-objettiv hija mistennija li tiġi evalwata permezz tal-konnessjonijiet transfruntieri l-ġodda u mtejba u t-tneħħija ta' effetti lembut, li bbenefikaw mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(a) tiegħu.

06 02 01 02 Żgurar ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 136 662 458 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv tal-Partita "Żgurar ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul" jirreferi għall-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Fil-perjodu 2014-2020, segwitu tal-programm Marco Polo se jiġi implimentat permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-qafas tal-linji gwida tat-TEN-T riveduti. F'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1), huwa se jintroduċi approċċ ġdid b'sostenn għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija fl-Unjoni (baġit indikattiv ta' bejn 70 u 140 miljun fis-sena).

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(b) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 01*** *(ikompli)*

06 02 01 03 Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabilità, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 273 324 915 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv tal-Partita "Ottimizzar tal-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tal-modi tat-trasport u t-titjib tal-interoperabilità, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport" jirreferi għall-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

Dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi evalwata permezz tan-numru ta' portijiet interni u marittimi u ajruporti konnessi man-netwerk ferrovjarju, permezz tan-numru ta' pjattaformi loġistiċi multimodali mtejba, in-numru ta' konnessjonijiet imtejba permezz ta' awtostradi tal-baħar u permezz tan-numru ta' punti ta' provvista f'sorsi alternattivi tal-enerġija fuq in-netwerk ewlieni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(c) tiegħu.

06 02 01 04 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 983 000 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni skont il-Mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi għall-infrastruttura tat-trasport skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa f'konformità mal-Artikolu 84(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

F'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, għandu jiġi trasferit ammont ta' EUR 11 305 500 000 fi prezzijiet kostanti mill-Fond ta' Koeżjoni biex jintefqu f'konformità ma' dak ir-Regolament esklużivament fl-Istati Membri, li huma eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

F'konformità mal-Artikolu 11, dan l-objettiv se jiġi implimentat permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, li jinfetħu esklużivament għall-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament skont il-Fond ta' Koeżjoni. Dawn il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali jikkostitwixxu d-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament fis-sens tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mal-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 5(2), mhux iktar minn 1 % tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokati għall-"azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi".

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 01*** *(ikompli)*

06 02 01 04 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari:

— l-Artikolu 5(1)(a) relatat mat-trasferiment ta' EUR 11 305 500 000 mill-Fond ta' Koeżjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa,

— l-Artikolu 11 relatat mas-sejħiet speċifiċi għall-fondi trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni,

— l-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 5(2) relatati mal-"azzjonijiet ta' sostenn għall-programmi" li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

06 02 01 05 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 240 681 250 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Dan l-objettiv tal-Partita "Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport" għandu l-għan li jimplimenta l-proġetti ta' interess komuni permezz tal-istrumenti finanzjarji, ibbażati fuq valutazzjoni ex ante kif rikjest mill-Artikolu 224 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012. Madwar EUR 2 biljun huma stmati li jkunu disponibbli matul il-QFP li jmiss għal strumenti ta' finanzjament innovattivi bħall-Istrument tal-Bonds tal-Proġetti, l-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self u strumenti oħrajn bħal impriżi konġunti u l-istrumenti ta' ekwità biex jgħaqqdu flimkien ir-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati biex jaċċelleraw l-investimenti fl-infrastruttura fl-Ewropa. L-istrumenti finanzjarji huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament privat u għaldaqstant biex jaċċelleraw jew jagħmlu possibbli l-finanzjament tal-proġetti TEN-T eliġibbli skont il-Linji Gwida tat-TEN-T u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013. L-istrumenti finanzjarji huma maħsuba biex jiġu stabbiliti bħala oqfsa ta' "dejn" jew ta' "ekwità" u għandhom jindirizzaw fallimenti tas-suq speċifiċi u jipprovdu soluzzjonijiet ta' finanzjament xierqa. Dawn huma maħsuba biex jiġu implimentati bħala ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, fis-sens tar-Regolament Finanzjarju jew flimkien mal-entitajiet inkarigati. L-entitajiet inkarigati huma akkreditati biex jipprovdu garanziji lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 01*** *(ikompli)*

06 02 01 05 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

***06 02 02*** ***Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 34 173 871 | 34 173 871 | 34 555 811 | 34 555 811 | 35 727 726,— | 35 727 726,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 02 01 01 u 06 02 01 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 34 173 871.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar metodi ta' ħidma għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (ĠU L 129, 17. 5. 2006, p. 10).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 02*** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20 5. 2006, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

***06 02 03*** ***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima***

06 02 03 01 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 30 703 795 | 30 703 795 | 31 208 513 | 31 776 724 | 34 093 051,— | 32 036 981,17 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 02 02 01 u 06 02 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3) bl-eċċezzjoni tal-miżuri kontra t-tniġġis (ara l-Partita 06 02 03 02).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 inklużi l-miżuri kontra t-tniġġis tammonta għal total ta' EUR 50 452 997. Ammont ta' EUR 74 202 li ġej mill-irkupru ta' bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 50 378 795 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġiż ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 03*** *(ikompli)*

06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Miżuri kontra t-tniġġis

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 19 675 000 | 7 727 442 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri kontra t-tniġġis kif previst fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (COM(2013) 174).

***06 02 04*** ***Aġenzija Ferrovjarja Ewropea***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 23 573 064 | 23 573 064 | 24 871 400 | 24 871 400 | 25 644 223,— | 25 644 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 02 08 01 u 06 02 08 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 04*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 25 007 400. Ammont ta' EUR 1 434 336 li ġej mill-irkupru ta' bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 23 573 064 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30. 4. 2004, p. 1; rettifika: ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (COM(2013) 27).

***06 02 05 Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 20 019 000 | 13 894 437 | 26 150 000 | 15 112 564 | 30 221 430,49 | 22 985 807,44 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 01 04 02 u 06 01 04 09 (parzjalment) u l-ex Artikolu 06 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji u laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tat-trasport kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummmissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, għal kwalunkwe mod tat-trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u fuq passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-modi kollha tat-trasport, il-mobilità urbana, kif ukoll għal kwalunkwe settur ieħor relatat mat-trasport). L-azzjonijiet u l-objettivi prinċipali approvati huma maħsuba biex jappoġġaw il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, l-assistenza teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, it-taħriġ speċifiku, id-definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-użu ta' teknoloġiji tal-ICT, il-promozzjoni ta' politika komuni tat-trasport li tinkludi t-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew approvat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u t-titjib fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn ir-Regolamenti, diretti kemm lejn l-industrija tat-trasport kif ukoll lejn il-pubbliku li jivvjaġġa.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 05*** *(ikompli)*

*It-trasport marittimu u l-loġistika*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà marittima tal-Unjoni.

Dawn l-attivitajiet għandhom jippromwovu u jappoġġaw mobilità intermodali mingħajr xkiel għal persuni b'mobilità mnaqqsa.

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1), il-Kummissjoni hija meħtieġa li tiżviluppa miżuri addizzjonali biex tagħmel l-infurzar tar-Regolament iktar effiċjenti.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14) teħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni minħabba rekwiżiti ta' rappurtar legali tal-Kummissjoni u minħabba l-interazzjoni kumplessa ta' strutturi amministrattivi reġjonali, nazzjonali u internazzjonali (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1), li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru 2012, u r-Regolament (UE) Nru 181/2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1), li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2013, jeħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u l-infurzar ta' dawn ir-Regolamenti fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

Bħala miżura importanti ta' sostenn għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se twettaq kampanja ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mifruxa fuq sentejn dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, li nbdiet fl-2012 u tkopri l-Istati Membri kollha.

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu appoġġati fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kwalunkwe mod ta'' trasport u għal kwalunkwe settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informattivi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu għal żmien twil wieħed mis-setturi li l-awtoritajiet tal-konsumatur jirċievu l-iktar ilmenti dwaru fl-Unjoni. Iż-żieda fin-numru ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod elettroniku (permezz tal-Internet jew il-mowbajl) irriżultat biss f'iktar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fl-appoġġ tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżdied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

*Is-sikurezza tat-toroq*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 intitolata "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010) 389 final) tippreżenta seba' objettivi: l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq, l-infurzar tar-regoli tat-traffiku, infrastruttura sikura, vetturi sikuri, l-użu ta' teknoloġija moderna, ir-rispons tal-emerġenza ta' wara l-korrimenti u l-enfasi speċjali fuq utenti vulnerabbli tat-triq. Tkompli l-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni, il-liċenzji tas-sewqan il-ġodda tal-Unjoni, il-proposta tal-Kummissjoni dwar pakkett dwar l-affidabilità stradali, l-użu ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u sistemi ta' sikurezza tal-vetturi u t-tnedija ta' ħidma lejn strateġija fuq korrimenti serji tat-traffiku fit-toroq. Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq is-sikurezza fit-toroq tinkludi wkoll il-ġestjoni ta' regoli relatati ma' oġġetti perikolużi, iż-żamma ta' bażi ta' dejta Ewropea fuq l-inċidenti fit-toroq (CARE), is-segwitu tad-direttivi tal-ġestjoni tal-infrastruttura u tas-sikurezza fil-mini u diversi aspetti tas-sikurezza tal-utenti tat-toroq vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Orjentazzjonijiet ta' Politika 2011-2020 tkun teħtieġ ukoll azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni għall-iskambju ta' prattiki tajbin, kampanji dwar is-sikurezza fit-toroq, sejħa għall-proposti u l-iżvilupp ta' osservatorju għas-sikurezza fit-toroq.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 05*** *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri n-nefqa għal avvenimenti pubbliċi bħall-Jum Ewropew annwali tas-Sikurezza fit-Toroq u inizjattivi simili ta' sensibilizzazzjoni u interazzjoni maċ-ċittadini.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tistabbilixxi kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar ta' ksur tal-liġijiet tat-traffiku favur is-sikurezza fit-toroq.

*It-Trasport bl-Art*

L-attivitajiet ewlenin fil-qasam tat-trasport bl-art jikkonċernaw it-titjib fl-implimentazzjoni, ir-reviżjoni jew l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda.

*Ajru Uniku Ewropew*

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex titjieb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-estensjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għall-Istati tax-Xlokk permezz tal-Ftehim Multilaterali dwar l-Istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA) huwa pass importanti biex titwettaq il-politika tal-viċinat. Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 096, 31.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 096, 31.3.2004, p. 26).

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315/14, 3.12.2007, p. 4).

Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

### *06 02 06 Sigurtà tat-trasport*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 2 510 000 | 1 514 026 | 2 560 000 | 1 829 154 | 1 672 394,90 | 1 601 218,53 |

*Kummenti*

*Ex Partita 06 01 04 09 (parzjalment) u l-*ex *Artikolu 06 02 11*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estenzjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-objettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

— miżuri biex jiġu evitati atti malizjużi fis-settur tat-trasport,

— approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,

— definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u objettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,

— monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,

— koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,

— promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex, b'mod partikulari, tkopri n-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi kumpens għas-sussistenza għal kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. L-ispiża għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' tħejjija u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiżdiedu ma' dik in-nefqa.

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-ilħiq tal-mira tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva (KE) Nru 65/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28)

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

### 06 02 51 *Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 759 405 150 | 1 410 000 000 | 721 545 956 | 1 367 564 015,17 | 818 891 946,85 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 06 03 01, 06 03 03 u 06 03 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)3512 tat-23 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma multiannwali għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew għall-perjodu 2007-2013.

Ir-Regolament (KE) Nru 67/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 20).

Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 2654 tad-19 ta' Settembru 2001 li tistabbilixxi programm multiannwali indikattiv għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-perjodu 2001-2006.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6382 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T.

### 06 02 52 *It-tlestija tal-programm Marco Polo*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 18 525 916 | 60 000 000 | 24 710 478 | 64 683 467,44 | 20 647 650,19 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 06 02 06 u 06 02 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 52*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1).

### 06 02 53 *Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 12 198 621 | 22 663 000 | 18 414 450 | 20 520 000,— | 19 525 570,19 |

*Kummenti*

*Ex Partita 06 02 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

06 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkjar trasport intermodali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 450 000 | — | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 06 02 14*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li torbot flimkien is-sistemi lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali eżistenti ta' informazzjoni għal min jivvjaġġa kif ukoll li toffri informazzjoni lill-pubbliku internazzjonali u l-possibilità li jixtri biljetti permezz ta' interfaċċja waħda multilingwi. Din l-inizjattiva għandu jkollha l-għan li:

— toħloq interfaċċja Ewropea ta' informazzjoni dwar it-trasport li wieħed ikun jista' jkollu aċċess għaliha faċilment u li tipprovdi lill-passiġġieri dejta dak il-ħin stess għal kwalunkwe vjaġġ fl-Ewropa u għal kwalunkwe mod ta' trasport; din l-interfaċċja tista' wkoll tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u l-impronta ambjentali ta' kwalunkwe vjaġġ (emissjonijiet tas-$CO_2$, konsum tal-fjuwil, eċċ.) biex ikun jista' jsir tqabbil bejn il-modi ta' trasport,

— toħloq għodda għall-ibbukkjar fuq l-internet li tiffaċilita l-ivvjaġġar fl-Ewropa kollha, kif ukoll għodda li tippjana l-vjaġġi, għodda li tagħtik il-prezz tal-vjaġġ u għodda għall-ġestjoni tat-talbiet ta' disponibilità u ta' ħruġ integrat tal-biljetti,

— tgħaqqad is-sistemi ta' informazzjoni tal-vjaġġaturi.

L-azzjoni preparatorja għandha tkun ibbażata fuq ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11). Fl-ewwel stadju, l-azzjoni preparatorja għandha tapplika biss għal numru limitat ta' pajjiżi, numru limitat ta' lingwi, u sett limitat ta' dejta. Għandha tkun ibbażata fuq xenarji differenti li jippreżentaw taħlita differenti ta' modi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-riservazzjoni tal-assistenza għall-persuni b'mobilità mnaqqsa.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Faċilitar tat-traffiku transfruntier fil-punti tal-qsim tal-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni (mill-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà tat-traffiku)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 575 000,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 06 02 13*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 77*** *(ikompli)*

06 02 77 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 06 02 15*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

F'Settembru 2011, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal dwar "sett ta' għodod għal trasport sostenibbli fuq l-ilma", li fih iddeskriviet il-miżuri possibbli biex jiġu minimizzati l-kostijiet ta' konformità għall-industrija minħabba l-limiti ġodda tal-kubrit proposti fuq il-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils marittimi. Qasam ta' enfasi fuq terminu medju sa twil huwa l-implimentazzjoni ta' teknoloġija nadifa tal-bastimenti u fjuwils alternattivi. L-LNG huwa meqjus bħala soluzzjoni promettenti biex ikun hemm konformità ma' dan ir-Regolament u biex tingħata reazzjoni għat-tniġġis tal-arja ġġenerat mill-bastimenti b'mod ġenerali.

Minkejja r-rekord eċċellenti tiegħu fir-rigward tas-sikurezza, l-LNG jitqies bħala periklu potenzjali mill-pubbliku inġenerali. Hija meħtieġa azzjoni biex jinkisbu ħarsa ġenerali u analiżi komprensivi tar-riskji u l-perikli potenzjali għall-ħżin, ir-riforniment u l-immaniġġar tal-LNG (portijiet u bastimenti). Dan jinkludi wkoll analiżi ġenerika tar-riskji tal-LNG, jiġifieri fir-rigward tal-proprjetajiet kimiċi, kif ukoll l-iżvilupp, ta' materjal informattiv u medjatiku maħsub biex jispjega r-riskji/il-vantaġġi tal-LNG għat-tbaħħir, u dan f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kkonċernati kollha.

L-għan huwa li tinkiseb stampa ġenerali tal-iżviluppi fis-suq fir-rigward tal-introduzzjoni ta' bastimenti li jaħdmu bl-LNG jew bastimenti li jkunu lesti biex jibdew jaħdmu bl-LNG kif ukoll l-infrastruttura għall-forniment tal-fjuwil tal-LNG (fuq ix-xatt jew permezz ta' braken bankers) fl-Unjoni.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 77*** *(ikompli)*

06 02 77 04 Proġett pilota — Sigurtà fuq in-netwerk stradali trans-Ewropew

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 32 388,75 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 06 02 12*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 05 Proġett pilota — Ir-rwol tal-vetturi ferrovjarji fl-interoperabilità Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota hu li jiġu analizzati l-problemi ewlenin li jirrigwardaw l-interoperabilità tal-vetturi ferrovjarji fl-Unjoni u li jiġu pprovduti, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati ferrovjarji (trasportaturi bil-baħar, maniġers tal-infrastruttura, impriżi ferrovjarji, kumpaniji tal-merkanzija u operaturi ekonomiċi), soluzzjonijiet li jżidu d-disponibilità ta' vetturi ferrovjarji interoperabbli/multimodali, inkluż billi tiġi ottimizzata d-domanda tas-suq, jiġu proposti miżuri regolatorji u jiġu identifikati l-bżonnijiet tas-suq għal tipi ġodda ta' vetturi ferrovjarji, containers eċċ.

*L-isfond ġenerali*

Fil-White Paper tagħha bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" adottata fit-28 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ħabbret il-viżjoni tagħha tat-twaqqif ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, fejn tikkjarifika li dan l-objettiv jimplika l-ħolqien ta' suq ferrovjarju intern li fih l-impriżi ferrovjarji Ewropej jistgħu jipprovdu servizzi mingħajr ostakoli tekniċi u amministrattivi mhux neċessarji.

Sar progress leġiżlattiv sinifikanti bil-ftuħ tas-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u permezz bir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22). Dawn il-kuriduri huma strument ta' governanza li se jipprovdi aktar disponibilità ta' merkanzija u kapaċità għal operat transkonfinali fluwidu. Il-linji gwida TEN-T il-ġodda u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129) se jikkontribwixxu wkoll billi jipprovdu appoġġ finanzjarju mill-Unjoni biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet infrastrutturali ewlenin fis-settur ferrovjarju (jiġifieri konnessjonijiet neqsin, konġestjonijiet, sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku ġodda, eċċ.) u b'hekk il-kuriduri ferrovjarji tal-Unjoni isiru realtà u aktar operaturi jiġu mħeġġa jaqilbu għall-ferroviji.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 77*** *(ikompli)*

06 02 77 05 *(ikompli)*

Filwaqt li dawn il-passi sinifikanti għandhom jipprovdu, fil-futur qrib, soluzzjonijiet għall-interoperabilità tal-infrastruttura — sinjalar, distanza bejn il-binarji, sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, l-elettrifikazzjoni, eċċ. — għad hemm għadd ta' oqsma ta' tħassib li għandhom jiġu indirizzati bil-għan li ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea ssir realtà.

Id-distanza bejn il-binarji għadha ostakolu ewlieni f'dan ir-rigward. Għal xi żoni fl-Ewropa, ir-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji huma ostakolu ewlieni għall-promozzjoni tal-ġarr tal-merkanzija bil-ferroviji li l-miżuri msemmija aktar 'il fuq jista' jkun li ma jneħħux. Għal xi pajjiżi b'distanza bejn il-binarji qasira ħafna, l-approċċ ta' infrastruttura solida jista' jkun għali wisq. Għal żoni oħra tal-Unjoni, għalkemm jeżistu soluzzjonijiet teknoloġiċi (jiġifieri vaguni baxxi) għal xi restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji, hemm ukoll nuqqas ta' vetturi ferrovjarji baxxi minkejja d-domanda li hemm għalih.

Dan il-proġett pilota se jfittex soluzzjonijiet non-infrastrutturali sabiex jingħelbu l-problemi li jinvolvu prinċipalment iżda mhux esklussivament ir-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji f'kuriduri u rotot tal-merkanzija ewlenin u li jiġu identifikati u proposti soluzzjonijiet għall-fallimenti tas-suq tal-vetturi ferrovjarji.

Jista' jiffoka fuq:

— l-analizzar tad-disponibilità ta' vetturi ferrovjarji interoperabbli/multimodali fuq rotot b'restrizzjonijiet ewlenin tad-distanza bejn il-binarji;

— l-analizzar tad-domanda tas-suq għal vaguni baxxi, u l-analizzar tas-suq tal-vetturi ferrovjarji użati;

— soluzzjoni teknoloġiċi ġodda possibbli għall-vetturi ferrovjarji kemm biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji kif ukoll biex jiżdied l-użu tal-ġarr tal-merkanzija b'tipi ġodda ta' containers jew vaguni ġodda u soluzzjonijiet ta' tgħabija li jistgħu jżidu l-attrattiva tal-ġarr tal-merkanzija bil-ferroviji għall-operaturi ekonomiċi;

— l-identifikar tal-bżonnijiet ta' R & Ż fil-qasam tal-vetturi ferrovjarji sabiex jingħelbu r-restrizzjonijiet tad-distanza bejn il-binarji;

Il-proġett pilota għandu jidentifika l-aħjar prattiki u għandu jgħin biex jiġu identifikati, għall-Parlament u l-Kummissjoni, tibdiliet regolatorji, bżonnijiet ta' finanzjament u riċerka, kif ukoll oqsma possibbli ta' kooperazzjoni ma' strutturi eżistenti li jirregolaw il-ġarr tal-merkanzija (grupp ta' ħidma dwar kuridur ferrovjarju għall-ġarr tal-merkanzija, koordinaturi tal-kuriduri, eċċ).

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 500 000 | 250 000 | | | | |

*Kummenti*

Għalkemm il-Kummissjoni tiġbor u tippubblika volum kbir ta' ċifri relatati mat-trasport u l-istatistika rilevanti, l-avjazzjoni ġenerali għadha ma ġietx koperta. Din l-azzjoni preparatorja se tipproduċi dejta sinifikanti dwar l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, bħall-kilometri tal-passiġġieri, il-forza tax-xogħol, il-fatturat u l-produzzjoni ekonomika. Peress li l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni se tkompli tressaq regolamenti ġodda għal dan is –settur fis-snin li ġejjin, database kompluta tista' tipprovdi valur miżjud għal regolamentazzjoni aħjar.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 02 77*** *(ikompli)*

06 02 77 06 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja tikkonforma mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2009 dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 5), li tevidenzja "nuqqas ta' dejta u informazzjoni statistika dwar l-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali" (premessa C) u tistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta "approċċ sistematiku għall-ġbir u t-tqassim tad-dejta internazzjonali u Ewropea" (paragrafu 27).

L-azzjoni preparatorja tikkunsidra wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (COM(2007) 869), li tappella għal "żvilupp, fuq livell Ewropew, tas-sett bażiku ta' [dejta objettiva u koerenti]".

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 06 03 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT | | | | | | | | |
| **06 03 03** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 06 03 03 01 | Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika | 1.1 | 192 105 039 | 9 415 097 | | | | | — |
| | *Artikolu 06 03 03 — Sub-total* | | 192 105 039 | 9 415 097 | | | | | — |
| **06 03 07** | ***Impriżi Konġunti*** | | | | | | | | |
| 06 03 07 31 | Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 06 03 07 32 | Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) | 1.1 | 20 000 000 | 10 000 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 06 03 07 — Sub-total* | | 20 000 000 | 10 000 000 | | | | | — |
| **06 03 50** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 06 03 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 06 03 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 869 866,77 | 9 364 309,28 | — |
| | *Artikolu 06 03 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 869 866,77 | 9 364 309,28 | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***06 03 51*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 7 952 635 | 58 324 795 | 52 652 523 | 61 683 985,— | 44 959 715,92 | 565,34 |
| ***06 03 52*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | — | p.m. | — | 582 998 | 43 438,60 | 6 982 768,28 | — |
| | **Kapitolu 06 03 — Total** | | **212 105 039** | **27 367 732** | **58 324 795** | **53 235 521** | **62 597 290,37** | **61 306 793,48** | **224,01** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Hija maħsuba biex tintuża għall-Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-programm se jitwettaq sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-Partita 06 03 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 06 01 05.

### 06 03 03 *Sfidi soċjetali*

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

Il-finanzjar għandu jkun iffukat fuq l-isfidi li ġejjin:

— trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat,

— l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aktar fl-oqsma tal-bidla fl-imġiba, iċ-ċaqliqa modali, l-aċċessibilità universali, l-integrazzjoni(l-interkonnettività, l-intermodalità, l-interoperabilità) u s-sostenibilità (it-tibdil fil-klima, ir-riduzzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet u tal-ħsejjes), li huma ta' importanza kruċjali għas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu.

06 03 03 01 Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 192 105 039 | 9 415 097 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni li għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali biex idaħħlu t-trasport f'era ġdida ta' mobilità intelliġenti. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji għall-modi kollha tat-trasport, biex b'hekk inaqqsu drastikament l-emissjonijiet tat-trasport li jikkawżaw dannu għall-ambjent, inaqqsu d-dipendenza tat-trasport fuq il-fjuwils fossili, u għalhekk inaqqsu l-impatt tat-trasport fuq il-bijodiversità u jippreservaw ir-riżorsi naturali. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' investiment f'attivitajiet speċifiċi, notevolment fil-forma ta' sħubijiet pubbliċi privati kbar, bħal inġenji tal-ajru, ferroviji, vetturi u bastimenti li jsiru iktar nodfa u inqas storbjużi, l-iżvilupp ta' apparat, infrastruttura u servizzi intelliġenti u t-titjib tat-trasport u l-mobilità f'żoni urbani.

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni mwettqa skont dan l-Artikolu huma mistennija li jagħtu kontribuzzjonijiet importanti biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni u l-effiċjenza fir-rigward tad-domandi li dejjem jikbru għall-mobilità. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni se jiffokaw ukoll fuq it-tnaqqis sostanzjali tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib sostanzjali fil-mobilità tal-persuni u l-merkanzija, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' trasport u loġistika tal-merkanzija u t-tnaqqis fir-rati tal-inċidenti u d-diżgrazzji fatali u t-titjib fis-sigurtà. L-azzjonijiet skont dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba fil-fatt biex jikkontribwixxu biex jagħmlu l-Ewropa l-iktar reġjun sikur għall-avjazzjoni u biex nersqu lejn il-mira ta' żero fatalitajiet fit-trasport bit-triq sal-2050.

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 03 03*** *(ikompli)*

06 03 03 01 *(ikompli)*

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni huma mistennija li jkollhom rwol sinifikanti fil-kisba tat-tmexxija globali għall-industrija Ewropea tat-trasport, billi jkunu fuq quddiem fit-teknoloġiji l-ġodda u t-tnaqqis fil-kostijiet tal-proċessi ta' manifattura eżistenti, biex b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi b'ħiliet ta' livell għoli fl-industrija Ewropea tat-trasport. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-mezzi tat-trasport u għall-esplorazzjoni ta' kunċetti tat-trasport kompletament ġodda huma mistennija li jiġu żviluppati u koperti minn din l-approprjazzjoni.

Ir-riċerka soċjoekonomika u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem għat-tfassil tal-politiki wkoll se jiġu koperti minn din id-dispożizzjoni: azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-analiżi u l-iżvilupp tal-politika, inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi tat-trasport, huma neċessarji għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u biex jiġu affrontati l-isfidi imposti mit-trasport.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(d) tagħha.

***06 03 07*** ***Impriżi Konġunti***

06 03 07 31 Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-Isfida tas-soċjetà "Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi". Din għandu jkollha l-għan li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkoordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM kollha rilevanti fl-UE u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

KUMMISSJONI

*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 03 07*** *(ikompli)*

06 03 07 31 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

*Atti ta' referenza*

Il-proposta għar-Regolament tal-Kunsill mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, li temenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (COM(2013) 503 final).

06 03 07 32 Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 20 000 000 | 10 000 000 | | | | |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta dwar ir-Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-Isfida tas-soċjetà "Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi". Din għandu jkollha l-għan li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkoordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM kollha rilevanti fl-UE u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

*Atti ta' referenza*

Il-proposta għar-Regolament tal-Kunsill mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, li temenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (COM(2013) 503 final).

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

**06 03 50** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

06 03 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzojni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

06 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 869 866,77 | 9 364 309,28 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 06 06 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

**06 03 51** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 7 952 635 | 58 324 795 | 52 652 523 | 61 683 985,— | 44 959 715,92 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 06 02 01 u 06 06 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 03 51*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka, u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sal-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

***06 03 52*** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | 582 998 | 43 438,60 | 6 982 768,28 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 06 06 05 01 u 06 06 05 02*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti skont il-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

**KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT** *(ikompli)*

***06 03 52*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li adattat id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadotta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-"Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBBILTÀ U T-TRASPORT

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBBILTÀ U T-TRASPORT

*TITOLU 07*

**AMBJENT**

# TITOLU 07

# AMBJENT

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 07 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMBJENT" | 74 705 041 | 74 705 041 | 71 636 610 | 71 636 610 | 70 958 001,35 | 70 958 001,35 |
| 07 02 | POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI | 332 576 915 | 270 853 476 | 376 720 397 | 284 430 127 | 379 748 307,47 | 268 520 661,19 |
| | **Titolu 07 — Total** | **407 281 956** | **345 558 517** | **448 357 007** | **356 066 737** | **450 706 308,82** | **339 478 662,54** |

# TITOLU 07

# AMBJENT

## KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AMBJENT”

Id-dettalji ta’ l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AMBJENT” | | | | | |
| ***07 01 01*** | ***Nefqa b’rabta ma’ uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta’ politika “Ambjent”*** | 5.2 | 46 164 413 | 43 086 217 | 43 116 472,90 | 93,40 |
| ***07 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b’sostenn tal-qasam ta’ politika “Ambjent”*** | | | | | |
Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 1 297 224. Ammont ta' EUR 11 489 li ġej mill-irkupru tal-eċċess qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 1 285 735 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

***07 02 06*** ***Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 35 365 929 | 35 365 929 | 35 797 397 | 35 797 397 | 41 689 562,79 | 41 689 562,79 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 07 03 09 01 u 07 03 09 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva u operatorja.

Il-missjoni tal-Aġenzija hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragunabbli fuq l-ambjent f'livell Ewropew, u b'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, jivvalutaw ir-riżultati ta' dawn il-miżuri u jinfurmaw lill-pubbliku.

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jwasslu għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija għall-Ambjent tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 36 309 240. Ammont ta' EUR 943 311 li ġej mill-irkupru tal-eċċess qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 35 365 929 imdaħħal fil-baġit.

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 06*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta’ Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

***07 02 51*** ***Tlestija ta’ programmi ambjentali preċedenti***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 206 603 663 | 325 541 000 | 229 167 261 | 321 014 700,73 | 212 121 336,76 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 07 02 02, 07 03 01, 07 03 03, 07 03 04, 07 03 06 u 07 03 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta’ impenji li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw mill-objettivi ġenerali tal-programmi LIFE preċedenti jew li rriżultaw minn azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex timplimenta leġiżlazzjoni eżistenti, iżżid il-kuxjenza u azzjonijiet oħra ġenerali bbażati fuq il-programm ta’ azzjoni ambjentali tal-Komunità.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jwasslu għall-provdiment ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

*Bażi legali*

Azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minħabba ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Novembru 2003 li jirrigwardja monitoraġġ ta’ foresti u interazzjonijiet ambjentali tal-Komunità (Ċentru tal-Foresta Forest Focus) (ĠU L 324, 11.12.2003, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta’ April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta’ Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE +) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

07 02 77 01 Proġett pilota — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm ta' qafas komuni Ewropew għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 02 03*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u programm qafas Ewropew komuni għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 112 500 | — | 150 000 | 0,— | 693 943,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tal-impatt ambjentali strateġika tal-iżvilupp fl-Artiku Ewropew

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 375 000 | p.m. | 500 000 | 998 360,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 02 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI
*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 03 *(ikompli)*

Din l-azzjoni ta' tħejjija tikkonċerna valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali tal-iżvilupp tal-Artiku Ewropew. L-għan tagħha huwa li żżid l-għarfien dwar l-Artiku u x-xenarju politiku, ekonomiku u ambjentali tiegħu li qed jinbidel, u l-impatt tal-politiki tal-Unjoni. L-għan tagħha huwa wkoll li jiżdied l-għarfien tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-importanza tagħhom bħala għodda u mezz biex tinġabar informazzjoni għall-użu ta' min jieħu d-deċiżjonijiet u jfassal il-politika u l-proċessi legali relatati.

Il-valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali dwar l-iżvilupp fl-Artiku Ewropew issir bħala ħidma komuni, minn ċentri ewlenin tal-komunikazzjoni u r-riċerka fl-Artiku u universitajiet fl-Unjoni u barra minnha li joħolqu pont li għandu jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-partijiet interessati tal-Artiku u jħeġġu kuntatti bejn l-Unjoni u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-ħidma għandha tiffaċilita d-djalogu fl-Unjoni, tmexxi 'l quddiem l-Aġenda 21 kif ukoll iddaħħal il-perspettivi u l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni, u għandha tkun marbuta mill-qrib mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-Kunsill tal-Artiku, kif stipulat fil-laqgħa ministerjali tiegħu f'Mejju 2011.

Fl-aħħar nett, din l-azzjoni ta' tħejjija hija maħsuba biex tmexxi 'l quddiem it-twaqqif taċ-Ċentru għall-Informazzjoni dwar l-Artiku tal-UE kif imfisser fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Artiku tal-20 ta' Novembru 2008 (COM(2008) 763 final) u fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2011 dwar politika sostenibbli tal-UE għat-Tramuntana Estrema (ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 71).

Il-Kunsill esprima l-appoġġ tiegħu għal użu estiż ta' evalwazzjoniet tal-impatt strateġiċi fil-konklużjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet dwar l-Artiku tat-8 ta' Diċembru 2009.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Bażi ġuridika futura għall-informazzjoni forestali armonizzata tal-UE

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 120 000 | p.m. | 250 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 12*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja tikkontribwixxi għaż-żamma ta' sistema fil-livell tal-Unjoni u l-ġabra ta' informazzjoni forestali komparabbli u armonizzata biex iservu bħala bażi għall-forniment ta' informazzjoni dwar il-foresti fl-Unjoni li tkun rilevanti għall-politika kif meħtieġ skont l-obbligi internazzjonali u l-azzjoni ewlenija 8 tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Foresti (COM(2006) 302 final) fit-tħejjija ta' Regolament futur dwar l-informazzjoni forestali armonizzata tal-Unjoni.

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 04 *(ikompli)*

B'mod aktar speċifiku, din l-azzjoni preparatorja tikkonsisti fil-ġbir ta' dejta kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-foresti, relatata mat-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja, il-bijodiversità u l-kundizzjoni tal-foresti, inklużi l-kundizzjoni tal-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju, abbażi ta' metodi u standards ta' monitoraġġ diġà eżistenti armonizzati transnazzjonalment, preferibbilment għal plots ta' monitoraġġ intensiv u fuq skala kbira, li jassiguraw il-kontinwità tas-serje tad-dejta fejn ikun possibbli. L-azzjoni timmira lejn il-ġbir ta' informazzjoni forestali rappreżentattiva madwar l-Unjoni.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 05 Proġett pilota — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 543 114,59 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 16*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Klima tal-baċin Karpazjan

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 700 000 | — | 1 200 000 | 0,— | 967 292,80 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 07 Proġett pilota — Irkupru ta' bastimenti obsoleti li m'għadhomx jintużaw fis-sajd

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 119 648,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 18*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 08 Proġett pilota — Telf ekonomiku minħabba ammonti kbar ta' ilma li jintilef fil-bliet qabel ma jilħaq il-konsumatur

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | 390 000 | 0,— | 571 500,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 19*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 09 Proġett pilota — Ċertifikazzjoni ta' prattiki agrikoli b'rilaxxi baxxi ta' karbonju

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 95 000 | — | 370 000 | 0,— | 291 191,20 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 21*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 10 Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar il-metodi biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-allerġiji għall-ambrożja u għat-trab tad-dakra

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 150 000 | — | p.m. | 0,— | 681 480,10 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 22*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta’ qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 11 Proġett pilota — Sistema Ewropea ta’ rimborż għall-bottijiet tal-aluminju għax-xorb

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 104 790,90 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 24*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta’ qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 12 Proġett pilota — Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta’ protezzjoni tal-ilma potabbli fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta’ prijoritajiet fost tipi differenti ta’ provvisti tal-ilma potabbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | 185 000 | 0,— | 271 157,40 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 26*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta’ qabel taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 12 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 13 Azzjoni preparatorja — L-iskema BEST (skema volontarja għal servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi fit-territorji tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi u territorji estra-Ewropej)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 1 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 1 982 090,— | 1 923 874,50 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 27*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 14 Proġett pilota — Ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik u l-impatt ambjentali fil-baħar

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | 325 000 | 0,— | 320 796,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 28*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 15 Azzjoni preparatorja — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 400 000 | p.m. | 800 000 | 1 000 000,— | 669 856,60 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 29*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 16 Proġett pilota — Preċipitazzjoni atmosferika — Protezzjoni u użu effiċjenti tal-ilma ħelu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 1 050 000 | p.m. | 375 000 | 1 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 30*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 17 Proġett pilota — Studju komparattiv tal-pressjonijiet u miżuri fil-pjanijiet prinċipali ta' mmaniġġar tal-baċir tax-xmara fl-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | 600 000 | 0,— | 1 039 141,60 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 31*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 17 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 18 Proġett pilota — Impatt fuq terminu twil ta' abitazzjonijiet newtrali fl-emissjonijiet tal-karbonju fuq sistemi tal-ilma mormi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 32*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 19 Proġett pilota — Irkupru ta' skart mill-baħar

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 300 000 | p.m. | 250 000 | 949 675,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 33*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 20 Proġett pilota — Disponibilità, użu u sostenibilità tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u l-enerġija mill-fossili

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 375 000 | p.m. | 125 000 | 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 34*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 21 Proġett pilota — Għarfien ġdid għal immaniġġar integrat tal-attività tal-bniedem fil-baħar

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 600 000 | p.m. | 500 000 | 2 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 35*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 22 Proġett pilota — Protezzjoni tal-bijodiversità permezz ta' remunerazzjoni ta' kisbiet ekoloġiċi abbażi tar-riżultati

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 500 000 | 750 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 36*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 23 Proġett pilota — Komunikazzjoni trażversali dwar politiki tal-UE marbuta mal-Ambjent: L-indirizzar tan-nuqqas ta' kuxjenza ambjentali taċ-ċittadini tal-UE permezz tal-għodod awdjoviżivi (filmati)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 375 000 | 1 500 000 | 750 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 37*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jkompli jkabbar l-għarfien pubbliku dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-bijodiversità u n-natura fl-Unjoni, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali permezz ta' inizjattiva ta' komunikazzjoni pan-Ewropea. Dan jista' jinkiseb permezz tal-produċjoni ta' films li jittrattaw il-kwistjoni speċifiċi għat-tisħiħ tal-għarfien tagħhom dwar it-tibdiliet ambjentali u l-impatt tal-azzjonijiet tal-bniedem fuqhom u biex jistimolaw aktar diskussjoni dwar il-bijodiversità fil-livell Ewropew.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 24 Proġett pilota — "Effiċjenza fir-riżorsi" fil-prattika — Għeluq ta' ċikli minerali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 700 000 | p.m. | 250 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 72*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 25 Azzjoni preparatorja — Komunikazzjoni kostali integrata u sistema tal-immaniġġar tar-riskji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 398 056,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 07 03 13*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

07 02 77 26 Proġett pilota — il-Ħolqien ta' ċentru reġjonali tax-Xlokk tal-Ewropa dwar ir-riċiklar avvanzat ta' skart elettriku u elettroniku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 750 000 | 375 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-proġett pilota għandu l-għan li jixpruna r-riċiklar tal-iskart elettriku u elettroniku fir-reġjun tal-Balkani. L-istudju għandu jinsisti dwar il-bżonn li tiġi żviluppata infrastruttura favur l-ambjent li tkun tista' tipprovdi wkoll benefiċċji ekonomiċi u soċjali lill-ekonomiji lokali. Dawn il-benefiċċji jistgħu jirriżultaw fi profitt għall-komunitajiet lokali permezz tal-ħolqien ta' impjiegi b'mod iktar sostenibbli u għall-industrija biċ-ċentru ta' reċiklaġġ billi jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-materji primi kemm għar-reġjun kif ukoll għall-UE. Dan il-proġett għandu jkun pass importanti 'l quddiem fil-proċess tat-tisħiħ tal-koeżjoni u l-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Balkani kif ukoll għandu jservi ta' sors importanti ta' materja prima sekondarja għall-industriji tal-UE, biex b'hekk tingħata spinta lill-mira fuq il-perjodu twil ta' żmien tal-UE għat-titjieb fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ta' materjali, id-dipendenza akbar tagħha fuq l-importazzjoni ta' xi materja prima minn pajjiżi terzi, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 07 — AMBJENT*

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 27 Proġett pilota — Użu effiċjenti fir-riżorsi ta' skart imħallat

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 500 000 | 250 000 | | | | |

*Kummenti*

*L-iskart imħallat: sors importanti ħafna ta' riżorsi fl-Ewropa*

Ir-riċiklar tal-iskart hu pilastru importanti tal-aġenda għall-Effiċjenza fir-Riżorsi. Madankollu r-riċiklar ta' kwalità għolja fl-Ewropa hu limitat u attwalment hu żviluppat tajjeb fi ftit Stati Membri, għaldaqstant il-potenzjal għoli tar-riżorsi li jistgħu jiġu rkuprati hu attwalment traskurat. Filwaqt li fl-Ewropa hemm enfasi qawwija fuq l-iskart solidu muniċipali ("MSW"), dan jirrappreżenta perċentwal żgħir tal-iskart kollu disponibbli. L-iskart imħallat niexef bħall-Iskart Kummerċjali u Industrijali, l-iskart domestiku goff u l-Iskart mill-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni ("C&DW") jinkludi ħafna aktar riżorsi li jistgħu jiġu estratti ħafna aktar faċilment mill-materjali li joħroġu mill-MSW(imxarrab). Minn dan it-tip ta' skart kollu, is-C&DW hu sinifikanti ħafna, minħabba l-volum tiegħu (dan jirrappreżenta terz tal-iskart kollu fl-UE) u minħabba l-mira li attwalment hemm iffissata għalih skont id-Direttiva qafas dwar l-iskart (70 % riċiklat).

L-iżvilupp tar-riċiklar C&DW (u effettivament ir-riċiklar ta' kwalunkwe tip ta' skart) isegwi ċerta tendenza "ġenerika", kif muri storikament mill-pajjiżi bi prestazzjoni għolja. Dan ifisser li l-mekkaniżmi ġenerali għar-riċiklae jistgħu jiġu identifikati u l-aħjar prattiki jistgħu jiġu deskritti. Mudelli u linjigwida msejsa fuq madwar 30 sena ta' riċiklae fi ftit Stati Membri, għandhom ikunu magħmula disponibbli lil dawk l-Istati Membri fejn ir-riċiklar għadu fil-bidu. Jenħtieġ li r-riċiklar fl-Ewropa jkun stimolat bit-trasferiment tal-għarfien u l-kompetenza esperta.

Elementi importanti tar-riċiklar huma pereżempju l-kontroll tajjeb tal-flussi tal-iskart u l-garanzija tal-kwalità. L-industrija u l-awtoritajiet tar-riċiklar f'numru ta' Stati Membri żviluppaw għodod għal dan il-għan, bħal ma hu s-sistema msejħa Tracemat (materjali tal-intraċċar) u skemi ta' garanzija tal-kwalità inkluż l-ittestjar ambjentali u ċ-ċertifikazzjoni.

Jenħtieġ li r-riċiklar ta' skart imħallat niexef jiġi żviluppat. Materjali ta' valur bħall-injam u l-plastik jistgħu jiġu rkuprati u mħejjija għal użu ġdid. L-impjanti ta' riċiklae jistgħu ukoll jintużaw biex jitrattaw l-MSW jekk il-perċentwal niexfa tkun separata skont is-sors. Il-bini ta' din it-tip ta' kapaċità ta' ssortjar hi possibilità f'dawk l-Istati Membri li jridu jsibu bilanċ ġust bejn ir-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni.

*Mira*

Il-proġett pilota għandu l-għan li jixpruna r-riċiklaġġ fl-Istati MEmbri, b'mod speċifiku fir-rigward tas-C&DW u dak marbut mal-iskart imħallat niexef, bl-implimentazzjoni tat-trasferiment effiċejenti tal-għarfien u tal-kompetenza esperta. Għandu jgħin ukoll lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri stipulati skont id-Direttiva qafas dwar l-iskart. Il-fattur ewlieni ta' suċċess għandu dak tal-parteċipazzjoni tal-industrija tal-iskart. L-esperti huma rikonoxxuti bħala dawk li għandhom din il-kompetenza esperta u għarfien. B'mod speċifiku, il-proġett għandu l-għan li jniedi, fuq bażi xierqa, ir-riċiklar tas-C&DW fi tliet Stati Membri (reġjuni). L-esperjenza storika għandha sservi bħala eżempju għal dawk l-Istati Membri fejn dan it-tip ta' riċiklar għadu ma bediex. Fir-rigward ta' tipi oħrajn ta' skart imħallat niexef, il-każijiet ta' suċċess għandhom jiġu analizzati u għandhom jiġu żviluppati pjanijiet ta' mudelli għal Stati Membri oħrajn. Dan it-tip ta' riċiklar għandu jiġu mniedi fi Stat Membru wieħed (reġjun ta').

**KAPITOLU 07 02 — POLITIKA AMBJENTALI FL-LIVELL TAL-UNJONI U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***07 02 77*** *(ikompli)*

07 02 77 27 *(ikompli)*

Kwistjoni ewlenija f'dan il-proġett hu li juri l-implimentazzjoni b'suċċess tal-ewwel passi lejn ir-riċiklar tas-C&DW f'reġjuni partikolari fl-Ewropa. Biex dan iseħħ hemm bżonn li l-parteċipanti interessati f'dawn ir-reġjuni jaqblu dwar pjan ta' implimentazzjoni. Dan il-pjan jiddeskrivi l-miri li għandhom jinkisbu u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu. Fil-parti l-kbira tagħhom, dawn l-azzjonijiet għandhom jirriflettu l-aħjar prattiki żviluppati abbażi tal-esperjenzi fi Stati Membri bi prestazzjoni ta' suċċess. Il-parteċipanti interessati jaqblu dwar l-azzjonijiet u jiġu assenjati l-partijiet għal kull azzjoni. Kwistjonijiet ewlenin huma l-intraċċar affidabbli tal-iskart u l-kontroll ta' kwalità dwar prodotti riċiklati.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 07 — AMBJENT*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD- DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AMBJENT

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD- DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AMBJENT

*TITOLU 08*

# RIĊERKA U INNOVAZZJONI

# TITOLU 08

# RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 08 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" | 319 266 491 | 319 266 491 | 289 722 798 | 289 722 798 | 309 201 709,97 | 309 201 709,97 |
| 08 02 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA | 5 034 148 618 | 3 129 233 075 | 5 590 109 565 | 4 358 934 852 | 5 419 381 120,56 | 4 512 234 840,33 |
| 08 03 | PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI | 140 512 000 | 102 676 396 | 128 249 670 | 134 574 667 | 180 727 493,27 | 162 037 581,74 |
| 08 04 | PROGRAMM ITER | 720 917 805 | 556 101 060 | 904 900 000 | 245 002 495 | 1 136 844 160,99 | 291 183 690,99 |
| 08 05 | PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TAR-RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 55 710 212,07 | 58 428 955,95 |
| | **Titolu 08 — Total** | **6 214 844 914** | **4 107 277 022** | **6 912 982 033** | **5 028 234 812** | **7 101 864 696,86** | **5 333 086 778,98** |

*Kummenti*

Dawn ir-rimarki japplikaw għal-linji tal-baġit kollha f'dan it-titolu.

L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt dan it-titolu se jikkontribwixxu għal tliet programmi prinċipali ta' riċerka, jiġifieri Orizzont 2020, Euratom u l-programm ITER. Huwa se jkopri wkoll il-programmi ta' riċerka tal-fond tar-riċerka għall-faħam u l-azzar.

Dan se jitwettaq sabiex jiġu segwiti l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għerf, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri billi jappoġġa l-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li tieħu d-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea fil-limiti tal-għarfien, issaħħaħ ir-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, b'mod kwantitattiv u kwalitattiv u l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u tassigura l-aħjar użu tagħhom.

Għandu jittieħed kont b'mod partikolari tal-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni u jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa fix-xjenza u r-riċerka.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat, konferenzi, workshops u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni tal-Unjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi qafas preċedenti.

Dawn l-approprjazzjonijiet ikopru wkoll in-nefqa amministrattiva, inkluża n-nefqa fuq il-persunal, sew jekk koperta mir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll jekk le, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti partiti oħra ta' nefqa relatati ma' infrastruttura interna marbuta mal-kisba tal-għan tal-miżura li minnha jiffurmaw parti integrali, inklużi l-azzjoni u l-inizjattivi meħtieġa għat-tħejjija u l-monitoraġġ tal-istrateġija tal-Unjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (RTD).

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika hija prevista għal xi wħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' twassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

Id-dħul mill-Istati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni ta' korpi li ma jagħmlux parti mill-attivitajiet tal-Unjoni se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt l-Artikolu 02 50 01 u l-Partiti 08 03 50 01 u 08 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan it-Titolu se jkunu pprovduti taħt l-Artikolu 08 01 05.

# TITOLU 08

# RIĊERKA U INNOVAZZJONI

## KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" | | | | | |
| ***08 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"*** | 5.2 | 8 393 529 | 8 879 594 | 9 204 833,81 | 109,67 |
| ***08 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"*** | | | | | |
| 08 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 278 259 | 265 716 | 73 680,16 | 26,48 |
| 08 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 383 826 | 394 554 | 398 047,46 | 103,71 |
| | *Artikolu 08 01 02 — Sub-total* | | 662 085 | 660 270 | 471 727,62 | 71,25 |
| ***08 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"*** | 5.2 | 543 304 | 561 934 | 675 416,34 | 124,32 |
| ***08 01 05*** | ***Nefqa ta' sostenn għal programmi riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"*** | | | | | |
| 08 01 05 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 106 740 801 | 104 931 116 | 108 908 921,10 | 102,03 |
| 08 01 05 02 | Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 24 484 000 | 25 222 000 | 25 626 133,45 | 104,66 |
| 08 01 05 03 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 37 628 811 | 34 793 098 | 46 524 948,15 | 123,64 |
| 08 01 05 11 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom | 1.1 | 11 607 000 | 10 841 905 | 11 252 907,46 | 96,95 |
| 08 01 05 12 | Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom | 1.1 | 932 000 | 932 000 | 946 933,49 | 101,60 |
| 08 01 05 13 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom | 1.1 | 4 413 000 | 3 150 160 | 4 212 359,13 | 95,45 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 01 05 21 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm ITER | 1.1 | 5 128 000 | 4 789 979 | 4 971 561,44 | 96,95 |
| 08 01 05 22 | Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm ITER | 1.1 | 133 000 | 133 000 | 135 131,06 | 101,60 |
| 08 01 05 23 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm ITER | 1.1 | 1 846 000 | 1 317 742 | 1 762 070,01 | 95,45 |
| | *Artikolu 08 01 05 — Sub-total* | | 192 912 612 | 186 111 000 | 204 340 965,29 | 105,92 |
| ***08 01 06*** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 08 01 06 01 | Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020 | 1.1 | 39 415 000 | 39 000 000 | 38 700 000,— | 98,19 |
| 08 01 06 02 | Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020 | 1.1 | 56 369 001 | 45 385 000 | 46 348 974,91 | 82,22 |
| 08 01 06 03 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020 | 1.1 | 19 055 000 | 9 125 000 | 9 459 792,— | 49,64 |
| 08 01 06 04 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020 | 1.1 | 1 915 960 | | | — |
| | *Artikolu 08 01 06 — Sub-total* | | 116 754 961 | 93 510 000 | 94 508 766,91 | 80,95 |
| | **Kapitolu 08 01 — Total** | | **319 266 491** | **289 722 798** | **309 201 709,97** | **96,85** |

***08 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 8 393 529 | 8 879 594 | 9 204 833,81 |

***08 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Riċerka u innovazzjoni"***

08 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 278 259 | 265 716 | 73 680,16 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “RIĊERKA U INNOVAZZJONI”** *(ikompli)*

***08 01 02*** *(ikompli)*

08 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 383 826 | 394 554 | 398 047,46 |

***08 01 03*** ***Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta’ politika “Riċerka u innovazzjoni”***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 543 304 | 561 934 | 675 416,34 |

***08 01 05*** ***Nefqa ta’ sostenn għal programmi riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta’ politika “Riċerka u innovazzjoni”***

08 01 05 01 Nefqa b’rabta ma’ uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta’ programmi ta’ riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 106 740 801 | 104 931 116 | 108 908 921,10 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b’rabta ma’ uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta’ programmi ta’ riċerka u innovazzjoni — l-Orizzont 2020, li għandhom pożizzjonijiet fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f’azzjoni indiretta li taqa’ taħt il-programmi mhux nukleari, inkluż persunal f’delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 02.

08 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta’ riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 24 484 000 | 25 222 000 | 25 626 133,45 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta’ riċerka u innovazzjoni — l-Orizzont 2020 fil-forma ta’ azzjoni indiretta li taqa’ taħt il-programmi mhux nukleari, inkluż persunal estern f’delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 05*** *(ikompli)*

08 01 05 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 02.

08 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 37 628 811 | 34 793 098 | 46 524 948,15 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 03 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — l-Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi mhux nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-ksib tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kull nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew proġetti, bħal, iżda mhux limitata biss, għan-nefqa fuq konferenzi, workshops, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-informatika, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 02.

08 01 05 11 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 11 607 000 | 10 841 905 | 11 252 907,46 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 01 (parti)*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 05*** *(ikompli)*

08 01 05 11 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom, li għandhom pożizzjonijiet fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f'azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 03.

08 01 05 12 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 932 000 | 932 000 | 946 933,49 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom, fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 03.

08 01 05 13 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 413 000 | 3 150 160 | 4 212 359,13 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 03 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-Programm tal-Euratom fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-ksib tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kull nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew proġetti, bħal, iżda mhux limitata biss, għan-nefqa fuq konferenzi, workshops, seminars, żvilupp u manutenzjoni tas-sistemi tal-informatika, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 03.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 05*** *(ikompli)*

08 01 05 21 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm ITER

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 5 128 000 | 4 789 979 | 4 971 561,44 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm ITER, li għandhom pożizzjonijiet fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f'azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari u mhux nukleari, inkluż persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 04.

08 01 05 22 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm ITER

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 133 000 | 133 000 | 135 131,06 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm ITER, fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 04.

08 01 05 23 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm ITER

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 846 000 | 1 317 742 | 1 762 070,01 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 05 03 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-immaniġġjar kollu tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — il-programm ITER fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari, inkluż nefqa amministrattiva oħra magħmula minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 05*** *(ikompli)*

08 01 05 23 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-ksib tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita u kull nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew proġetti, bħal, iżda mhux limitata biss, għan-nefqa fuq konferenzi, workshops, seminars, żvilupp u manutenzjoni tas-sistemi tal-informatika, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 08 04.

***08 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

08 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 39 415 000 | 39 000 000 | 38 700 000,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 04 30*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Ideat" li timplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 06*** *(ikompli)*

08 01 06 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għall-ġestjoni tal-programm speċifiku Komunitarju Ideat fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ta' 2013/779UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/37/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9428 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

08 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 56 369 001 | 45 385 000 | 46 348 974,91 |

*Kummenti*

Ex *Partita 08 01 04 31*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 06*** *(ikompli)*

08 01 06 02 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Nies" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46/KE tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l- Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għall-ġestjoni ta' ċerti oqsma tal-programmi Komunitarji speċifiċi Nies, Kapaċitajiet u Kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/778/UE tat-13 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/46/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9418 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

08 01 06 03 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 19 055 000 | 9 125 000 | 9 459 792,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 02 01 04 30 (parti) u l-Partita 32 01 04 30*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jidher fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 06*** *(ikompli)*

08 01 06 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: Enerġija Intelliġenti — Ewropa (2003-2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġja l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tibdel l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3198 tad-9 ta' Lulju 2007 li tiddelega setgħat lill-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni" bil-għan li jitwettqu l-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Programm Enerġija Intelliġenti — Ewropa 2003-2006, il-Programm Marco Polo 2003-2006, il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni 2007-2013 u l-Programm Marco Polo 2007-2013 li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Komunità.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju" u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9414 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, l-ambjent, l-azzjoni klimatika, il-kompetittività u l-SMEs, ir-riċerka u innovazzjoni, l-ICT, il-politika marittima u s-sajd li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

08 01 06 04 Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks — Kontribuzzjoni minn Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 915 960 | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

**KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "RIĊERKA U INNOVAZZJONI"** *(ikompli)*

***08 01 06*** *(ikompli)*

08 01 06 04 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' C(2013) 9235 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fl-oqsma tat-trasport, l-infrastruttura tal-enerġija u fil-qasam tat-trasport u r-riċerka fl-enerġija u l-innovazzjoni, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

## KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 08 02 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA | | | | | | | | |
| **08 02 01** | ***Xjenza eċċellenti*** | | | | | | | | |
| 08 02 01 01 | Tisħiħ tar-riċerka esploratorja fil-Kunsill Ewropew għar-Riċerka | 1.1 | 1 641 772 694 | 19 785 657 | | | | | — |
| 08 02 01 02 | Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 08 02 01 03 | Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi | 1.1 | 171 632 176 | 309 837 | | | | | — |
| | *Artikolu 08 02 01 — Sub-total* | | 1 813 404 870 | 20 095 494 | | | | | — |
| **08 02 02** | ***Rwol ta' tmexxija industrijali*** | | | | | | | | |
| 08 02 02 01 | Tmexxija fin-nanoteknoloġiji, materjali avvanzati, teknoloġija tal-lażer, bijoteknoloġija u manifatturar u proċessar avvanzati | 1.1 | 460 847 841 | 42 681 808 | | | | | — |
| 08 02 02 02 | Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni | 1.1 | 384 814 753 | 326 766 435 | | | | | — |
| 08 02 02 03 | Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) | 1.1 | 33 663 565 | 3 067 854 | | | | | — |
| | *Artikolu 08 02 02 — Sub-total* | | 879 326 159 | 372 516 097 | | | | | — |
| **08 02 03** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 08 02 03 01 | Titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja | 1.1 | 545 411 715 | 40 118 438 | | | | | — |
| 08 02 03 02 | Titjib tas-sigurtà tal-ikel, żvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, riċerka marina u marittima u l-bijoekonomija | 1.1 | 204 041 869 | 22 468 062 | | | | | — |
| 08 02 03 03 | Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva | 1.1 | 278 434 628 | 28 655 994 | | | | | — |
| 08 02 03 04 | Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika | 1.1 | 394 541 594 | 8 086 531 | | | | | — |
| 08 02 03 05 | Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima | 1.1 | 271 940 800 | 2 478 694 | | | | | — |
| 08 02 03 06 | Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri | 1.1 | 193 407 483 | 17 625 757 | | | | | — |
| | *Artikolu 08 02 03 — Sub-total* | | 1 887 778 089 | 119 433 476 | | | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***08 02 04*** | ***Ix-xjenza għas-soċjetà u magħha*** | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***08 02 05*** | ***Attivitajiet orizzontali ta' Orizzont 2020*** | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***08 02 07*** | ***Impriżi Konġunti*** | | | | | | | | |
| 08 02 07 31 | L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) — Nefqa ta' Appoġġ | 1.1 | 490 000 | 490 000 | | | | | — |
| 08 02 07 32 | L-Impriża Konġunta Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) | 1.1 | 207 300 000 | 16 600 000 | | | | | — |
| 08 02 07 33 | Impriża Konġunta tal-Industriji b'bażi bijoloġika (BBI) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | 977 500 | 977 500 | | | | | — |
| 08 02 07 34 | Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI) | 1.1 | 50 000 000 | p.m. | | | | | — |
| 08 02 07 35 | L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | 1 225 333 | 1 225 333 | | | | | — |
| 08 02 07 36 | L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2) | 1.1 | 100 000 000 | 13 000 000 | | | | | — |
| 08 02 07 37 | L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | 292 667 | 292 667 | | | | | — |
| 08 02 07 38 | L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) | 1.1 | 93 354 000 | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 08 02 07 — Sub-total* | | 453 639 500 | 32 585 500 | | | | | — |
| ***08 02 50*** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 08 02 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 08 02 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 180 845 754,82 | 198 785 408,07 | — |
| | *Artikolu 08 02 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 180 845 754,82 | 198 785 408,07 | — |
| ***08 02 51*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — Azzjonijiet indiretti KE (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 2 568 132 885 | 5 589 609 565 | 4 328 649 206 | 5 236 412 959,21 | 4 187 220 752,34 | 163,05 |
| ***08 02 52*** | ***Tlestija tal-programmi kwadru tar-riċerka preċedenti — Azzjonijiet indiretti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | p.m. | 16 232 123 | — | 30 035 646 | 1 622 406,53 | 125 978 679,92 | 776,11 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***08 02 77*** | ***Proġetti pilola u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 08 02 77 01 | Proġett pilota — Koordinazzjoni tar-riċerka dwar l-użu tal-omeopatija u fitoterapija fit-trobbija tal-annimali | 2 | p.m. | 125 000 | p.m. | p.m. | 500 000,— | 250 000,— | 200,— |
| 08 02 77 02 | Proġett pilota — Irkupru materjali primi kritiċi permezz tar-riċiklaġġ: opportunità għall-UE u l-Unjoni Afrikana | 4 | — | 112 500 | 500 000 | 250 000 | | | — |
| | *Artikolu 08 02 77 — Sub-total* | | p.m. | 237 500 | 500 000 | 250 000 | 500 000,— | 250 000,— | 105,26 |
| | **Kapitolu 08 02 — Total** | | **5 034 148 618** | **3 129 233 075** | **5 590 109 565** | **4 358 934 852** | **5 419 381 120,56** | **4 512 234 840,33** | **144,20** |

*Kummenti*

Orizzont 2020 huwa l-programm ta' finanzjament ġdid tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa jkopri l-perjodu bejn l-2014 u l-2020 u jiġbor flimkien il-finanzjament eżistenti kollu tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż il-Programm Kwadru għar-Riċerka, l-attivitajiet relatati mal-innovazzjoni tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018), ibbażat fuq it-Trattat tal-Euratom, huwa wkoll parti integrali minn Orizzont 2020. Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħra, b'mod partikolari "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija tal-għarfien u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha bl-ingranaġġ ta' finanzjament addizzjonali suffiċjenti għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Din l-approprjazzjoni se tintuża skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'"Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Orizzont 2020 (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

***08 02 01*** ***Xjenza eċċellenti***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li tirrinforza u testendi l-eċċellenza tal-bażi tax-xjenza tal-Unjoni u tassigura provvista stabbli ta' riċerka ta' klassi dinjija sabiex tiġi assigurata l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni. Hija se tappoġġa l-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Ewropa, tipprovdi lir-riċerkaturi aċċess għal infrastruttura tar-riċerka ta' prijorità, u tagħmel lill-Unjoni post attraenti għall-aħjar riċerkaturi tad-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu determinati skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi determinati minn qabel. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stabbilita f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika, u r-riċerka se tiġi ffinanzjata abbażi tal-eċċellenza.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 01*** *(ikompli)*

08 02 01 01 Tisħiħ tar-riċerka esploratorja fil-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 641 772 694 | 19 785 657 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-attività fundamentali tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC) għandha tkun li jipprovdi finanzjament attraenti fit-tul sabiex jappoġġa investigaturi eċċellenti u t-timijiet ta' riċerka tagħhom biex iwettqu riċerka li twassal għal skoperti ġodda, u li jkollha riskju għoli/gwadann kbir. Għandha tingħata prijorità partikolari sabiex jiġu megħjuna riċerkaturi eċċellenti li jkunu għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom biex sakemm isiru indipendenti jingħataw appoġġ adegwat fl-istadju kritiku, meta dawn ikunu qed jistabbilixxu jew jikkonsolidaw it-tim jew il-programm ta' riċerka tagħhom. L-ERC għandu jappoġġa wkoll, kif meħtieġ, modi ta' ħidma emerġenti ġodda fid-dinja xjentifika li jkollhom il-potenzjal li jiksbu riżultati rivoluzzjonarji u jiffaċilita l-esplorazzjoni tal-potenzjal ta' innovazzjoni kummerċjali u soċjali tar-riċerka li jiffinanzja.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 01 02 Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-attività fl-oġġettivi speċifiċi tat-"Teknoloġiji futuri u emerġenti" (FET) għandha ssostni riċerka xjentifika u teknoloġika fundamentali li tesplora teknoloġiji futuri ġodda billi tisfida l-paradimmi preżenti u tazzarda tidħol f'oqsma mhux magħrufa. Barra minn hekk, l-attivitajiet FET għandhom jindirizzaw numru ta' temi ta' riċerka esploratorji promettenti bil-potenzjal li tiġi ġġenerata massa kritika ta' proġetti interrelatati li, flimkien, jikkostitwixxu esplorazzjoni tat-temi wiesgħa u b'ħafna aspetti u jibnu ħażna Ewropea tal-għarfien. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet FET għandhom isostnu riċerka ambizzjuża fuq skala kbira u xprunata mix-xjenza li timmira li tikseb skoperti xjentifiċi. Tali attivitajiet se jibbenefikaw mill-allinjament tal-aġendi Ewropej u nazzjonali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 01*** *(ikompli)*

08 02 01 03 Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 171 632 176 | 309 837 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-attività tal-infrastrutturi tar-riċerka se tassigura l-implimentazzjoni u l-operat tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastruttura tar-Riċerka u ta' infrastrutturi tar-riċerka oħra ta' klassi dinjija, inkluż l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' msieħba reġjonali, għas-sena 2020 u lil hinn. Barra minn hekk, se jkunu assigurati l-integrazzjoni ta', u l-aċċess għal infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp, l-iskjerament u l-operat ta' infrastrutturi elettroniċi. L-attività se tinkoraġġixxi wkoll lill-infrastrutturi tar-riċerka sabiex jaġixxu biex ikunu minn tal-ewwel li jadottaw it-teknoloġija, jippromwovu sħubijiet tar-R & Ż mal-industrija, jiffaċilitaw l-użu industrijali tal-infrastrutturi tar-riċerka u jistimulaw il-ħolqien ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

***08 02 02*** ***Rwol ta' tmexxija industrijali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li tagħmel lill-Unjoni post aktar attraenti għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi tippromwovi attivitajiet fejn in-negozji jistabbilixxu l-aġenda kif ukoll li taċċellera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li se jsostnu n-negozji futuri u t-tkabbir ekonomiku. Hija se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji tal-Unjoni billi tipprovdilhom livelli adegwati ta' finanzi u tgħin lill-SMEs innovattivi jikbru f'kumpaniji ewlenin fid-dinja.

08 02 02 01 Tmexxija fin-nanoteknoloġiji, materjali avvanzati, teknoloġija tal-lażer, bijoteknoloġija u manifatturar u proċessar avvanzati

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 460 847 841 | 42 681 808 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

It-tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali għandha tipprovdi sostenn dedikat għar-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni dwar in-nanoteknoloġija, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija u l-manifatturar u l-ipproċessar avvanzati. Se ssir enfasi fuq l-interazzjonijiet u l-konverġenza ma' u bejn it-teknoloġiji differenti. Barra minn hekk, l-enfasi għandha tkun fuq l-R&D, attivitajiet pilota fuq skala kbira u attivitajiet ta' dimostrazzjoni, pjattaformi għall-ittestjar u laboratorji ħajjin, il-ħolqien ta' prototipi u l-validazzjoni tal-prodott f'linji pilota. L-attivitajiet għandhom ikunu ddisinjati biex jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali billi jistimulaw l-industrija, u b'mod partikolari lill-SMEs, biex jagħmlu aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 02*** *(ikompli)*

08 02 02 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 384 814 753 | 326 766 435 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-attività "Aċċess għal Finanzjament ta' Riskju" se tistabbilixxi żewġ faċilitajiet finanzjarji, jiġifieri Faċilità tad-dejn u Faċilità tal-ekwità, biex tgħin sabiex jissewwew in-nuqqasijiet preżenti tas-suq fl-aċċess għal finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-għan tal-Faċilità tad-dejn huwa li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għal entitajiet pubbliċi u privati u sħubijiet pubbliċi-privati involuti f'attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni li jeħtieġu investimenti aktar riskjużi. L-għan tal-Faċilità tal-ekwità b'mod partikolari huwa li tikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju u tip-provdi ekwità u kważi ekwità biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' żvilupp u ta' finanzjament ta' intrapriżi innovattivi mill-istadju bikri (inklużi t-tnissil u t-trasferiment tat-teknoloġija), biex dawn ikunu jistgħu jikbru u jespandu. Minbarra dawn il-faċilitajiet finanzjarji li għandhom jiġu implimentati f'kumplimentarjetà mal-faċilitajiet tal-COSME fir-rigward tas-sostenn għall-SMEs, se jiġi pprovdut sett ta' miżuri ta' akkumpanjament, bħal skemi ta' appoġġ għall-prontezza tal-investiment.

Kull ħlas lura minn strumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inkluż ħlasijiet lura kapitali, garanziji rilaxxati, u ħlas lura tal-kapital prinċipali ta' għotjiet b'self, imħallas lura lill-Kummissjoni u mdaħħal fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 02*** *(ikompli)*

08 02 02 03 Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 33 663 565 | 3 067 854 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Sabiex tiġi sostnuta l-parteċipazzjoni tal-SMEs f'Orizzont 2020, se jiġi introdott strument dedikat orjentat lejn is-suq, li se jimmira t-tipi kollha ta' SMEs innovattivi li jixtiequ jiżviluppaw, jikbru u jinternazzjonalizzaw. Barra minn hekk, se jiġi pprovdut appoġġ lil SMEs ta' riċerka intensiva fi proġetti ta' riċerka transnazzjonali. Se jiġu sostnuti wkoll attivitajiet li jtejbu l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs u jtejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

***08 02 03*** ***Sfidi soċjetali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet ta' politika u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jiġbor flimkien riżorsi u għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu kollu mir-riċerka sas-suq, b'iffukar ġdid fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi għall-ittestjar, l-appoġġ għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni xprunata mill-utent aħħari, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jappoġġaw direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

08 02 03 01 Titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 545 411 715 | 40 118 438 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Is-saħħa u l-benessri matul il-ħajja għal kulħadd, sistemi tas-saħħa u tal-kura ta' kwalità għolja u ekonomikament sostenibbli, u l-opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u tkabbir fis-settur tas-saħħa u l-industriji relatati tiegħu huma l-għanijiet ta' din l-attività. Għal dak il-għan, l-attivitajiet se jiffukaw fuq il-promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (eż. il-fehim tad-determinanti tas-saħħa, l-iżvilupp ta' vaċċini preventivi aħjar). Barra minn hekk, se ssir enfasi fuq il-ġestjoni, it-trattament u l-kura tal-mard, id-diżabilità u l-funzjonament imnaqqas (eż. bit-trasferiment tal-għarfien għall-prattika klinika u azzjonijiet ta' innovazzjoni li jistgħu jiġu adattati, użu aħjar tad-dejta dwar is-saħħa, għajxien indipendenti u assistit). Barra dan, se jsiru sforzi

KUMMISSJONI
*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 01 *(ikompli)*

sabiex jittejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-forniment tal-prevenzjoni u t-trattament, tiġi identifikata u sostnuta d-disseminazzjoni tal-aħjar prattika fis-settur tal-kura tas-saħħa, u tiġi sostnuta l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jippermettu b'mod partikolari lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Umjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li thassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 02 Titjib tas-sigurtà tal-ikel, żvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, riċerka marina u marittima u l-bijoekonomija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 204 041 869 | 22 468 062 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-attività se tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi ta' agrikoltura u foresterija aktar sostenibbli u produttivi, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żviluppati servizzi, kunċetti u politiki għal għajxien rurali b'saħħtu. Barra minn hekk, se ssir enfasi fuq ikel tajjeb u sikur għal kulħadd kif ukoll metodi ta' pproċessar tal-ikel kompetittivi li jużaw inqas riżorsi u jipproduċu inqas prodotti sekondarji. B'mod parallel, se jsiru sforzi biex ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin jiġu sfruttati b'mod sostenibbli (eż. sajd sostenibbli u favur l-ambjent). Se jiġu promossi wkoll industriji Ewropej b'bażi bijoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittivi.

Parti mill-approprjazzjonijiet se jintużaw biex jiffinanzjaw proġett tal-akkwaponika għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv.

L-akkwaponika titqies bħala rivoluzzjoni ġdida fil-produzzjoni tal-ikel. L-akkwaponika hija mudell sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, ibbażata fuq il-prinċipju bażiku tal-biedja organika, li tgħaqqad l-idroponika (it-tkabbir tal-pjanti fir-ramel, żrar jew ilma) u l-akkwakultura (farm tal-ħut). L-idea hija li jingħaqdu dawn iż-żewġ tekniki f'sistema unika sabiex jissaħħu l-effetti pożittivi ta' kull teknika u jiġu kkanċellati dawk negattivi ta' xulxin.

Il-benefiċċji ewlenin tal-akkwaponika huma:

— ir-riċiklaġġ tal-ilma u l-użu mill-ġdid,

— il-produttività għolja (mkejla f'termini ta' kwantità/spazju),

— l-impronta ambjentali żgħira.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 02 *(ikompli)*

Hemm ħafna sistemi ta' produzzjoni tal-akkwaponika biex jipproduċu l-pjanti u l-ħut. Is-sistemi kollha joperaw fuq l-istess prinċipju, imma madankollu, huma estremament flessibbli kemm fl-opportunitajiet tagħhom kif ukoll fit-tfassil tagħhom. L-isfida ewlenija hija li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-popolazzjoni tal-ħut, in-nutrijenti miġjuba, il-popolazzjoni tal-batterji u l-ikel prodott. Ir-riċerka u l-iżvilupp huma bżonnjużi biex ikomplu jsibu aktar il-bilanċ it-tajjeb.

Għalkemm marġinali fl-Ewropa, il-potenzjal ta' din is-sistema tal-kultura diġà kkonvinċiet ħafna pajjiżi. L-akkwaponika qed iżżid fil-popolarità minħabba l-benefiċċji tagħha. Aktar u aktar nies qed jibdew jirrealizzaw il-potenzjal immens ta' din it-teknika. L-intraprendituri, l-innovaturi u l-produtturi qed jidħlu fl-akkwaponika.

Din it-teknika tal-produzzjoni tal-ikel tista' ġġib ħafna benefiċċji: issaħħaħ is-sistemi tal-ikel lokali, tindirizza l-kwistjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ikel; toħloq opportunitajiet tal-impjieg, tnaqqas l-impatt ambjentali, tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet, tipprovdi l-edukazzjoni u t-taħriġ, biex tiġi stimulata l-industrija u titnaqqas l-impronta tal-karbonju.

Il-proġett huwa għal kollox konformi mal-għan tal-istrateġija Ewropa 2020. L-intenzjoni tiegħu huwa li jikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv fil-kuntest tal-iżvilupp tal-Unjoni u internazzjonali.

L-objettiv globali huwa li jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' sistema tal-produzzjoni tal-ikel innovattiva, effiċjenti mil-lat ta' riżorsi u aktar kompetittiva li tgħaqqad is-sigurtà tal-ikel mal-użu sostenibbli tar-riżorsi filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni ambjentali.

Bħala parti mill-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sigurtà tal-ikel l-Unjoni tippromwovi l-akkwakultura bħala mezz biex jiżdiedu d-disponibilità tal-ikel, l-aċċess għall-ikel, l-impjieg u d-dħul, inkluż fi ħdan il-programm Orizzont 2020. L-akkwaponika hija waħda mill-mezzi sostenibbli biex jintlaħaq dan.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-akkwaponika fil-livell tal-Unjoni, se jappoġġjaw l-iżvilupp ta' settur industrijali ġdid, li jiftaħ prospetti għal negozju ġdid, assoċjazzjonijiet ta' atturi fis-setturi tal-akkwakultura u tal-ortikultura u l-ħolqien ta' short circuits dinamiċi f'żoni rurali u urbani. Barra minn hekk, l-akkwaponika tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ u t-trasformazzjoni tal-komunitajiet (eż. żoni residenzjali, sptarijiet, ħabsijiet, djar tal-kura) u tkun katalista għall-innovazzjoni soċjali.

Riċerka u innovazzjoni ulterjuri f'dan il-qasam jistgħu jippermettu lill-Ewropa li jkollha rwol importanti fil-bijoekonomija globali. Tista' tagħmel lill-Ewropa aktar preżenti fix-xena internazzjonali fir-rigward ta' sistemi tal-produzzjoni tal-ikel innovattivi, sostenibbli u kompetittivi.

Dan il-proġett huwa bbażat fuq approċċ multidimensjonali li jqis:

— Il-bżonn li jiġu żgurati l-prodotti tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ikel permezz tal-agrikultura ekoloġika u billi tiżdied il-produzzjoni tal-akkwakultura,

— L-inklużjoni tan-nutrizzjoni,

— Il-bżonn għall-ekonomija ta' riżorsi (eż. ilma, enerġija, art u kapital) u titjib fl-użu tal-ilma, l-enerġija u l-ispazju,

— Il-protezzjoni tal-ambjent,

— L-importanza tal-iżvilupp tas-suq,

— L-innovazzjoni organizzattiva u soċjali,

— L-organizzazzjonijiet tal-utilità u l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà tal-kumpaniji,

— L-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni,

— Il-bżonn li jinħolqu ħiliet ġodda u impjieg ġdid bil-għan li jiġu modernizzati s-swieq tax-xogħol,

— It-tisħiħ tal-governanza (jiġifieri l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fit-teħid tad-deċiżjonijiet),

— L-importanza marbuta mill-UE mal-koeżjoni territorjali u l-approċċ territorjali integrat,

— Kuntest Ewropew immarkat mill-ħruġ ta' politika ta' bliet sostenibbli,

— L-importanza marbuta mill-UE mal-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien,

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 02 *(ikompli)*

Il-proġett ifittex li jkun transreġjonali, multidixxiplinarju u transdixxiplinarju. Attivitajiet għandhom jinkludu:

— Il-ħolqien ta' inventarju ta' teknoloġiji u mudelli organizzattivi li jużaw l-akkwaponika. L-informazzjoni eżistenti dwar l-akkwaponika hija mferrxa ħafna u għalhekk huwa neċessarju li jiġu identifikati l-atturi, l-għarfien tagħhom u l-missjoni,

— Il-ħolqien ta' "Komunità ta' Prattika" li tgħaqqad flimkien f'netwerk l-għarfien u r-riżorsi f'dan il-qasam u timplimenta skambju, kondiviżjoni u kapitalizzazzjoni dinamiċi tar-riżorsi. Il-ħolqien ta' komunità (Pjattaforma tat-Teknoloġija) inkluż ir-riċerka, il-komunità xjentifika, professjonali u tan-negozju u t-tħaddim ta' dan in-netwerk għandhom jitħeġġu.

Għandu jiġi pprovdut appoġġ għal din il-Pjattaforma tat-Teknoloġija biex:

— tidentifika oqsma ta' bżonn ulterjuri għar-riċerka u l-innovazzjoni,

— tikkoordina l-istabbiliment ta' proġetti pilota tal-innovazzjoni kollaborattivi,

— iżżid it-trasferiment tal-għarfien u xxerred l-innovazzjonijiet u l-aħjar prattiki, l-għarfien u t-tagħlimiet meħuda,

— toħloq u żżomm ċentru tar-riżorsi għat-tixrid tal-għarfien u tar-riżultati.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 03 Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 278 434 628 | 28 655 994 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-isforzi biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija sikura, nadifa u effiċjenti se tiffoka fuq it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tal-Unjoni u l-marka tal-karbonju (per eżempju permezz ta' sistemi u komponenti bi prezzijiet raġonevoli li jinkorporaw it-teknoloġiji intelliġenti) u billi jiżguraw provvista tal-elettriku b'karbonju baxx u bi prezz baxx (per eżempju permezz tar-riċerka, l-iżvilupp u dimostrazzjoni fuq skala kbira tar-rinnovabbli innovattivi u l-ġbir tal-karbonju u teknoloġiji tal-ħżin). Se jkun hemm enfasi fuq fjuwils alternattivi u sorsi ta' enerġija mobbli u fuq l-iżvilupp ta' grid tal-elettriku Ewropew uniku u intelliġenti. L-attivitajiet se jiffukaw ukoll fuq ir-riċerka multidixxiplinari dwar teknoloġiji tal-enerġija u l-implimentazzjoni konġunta ta' programmi ta' riċerka pan-Ewropej u faċilitajiet mill-aqwa. Barra minn hekk, se jiġu żviluppati għodod, metodi u mudelli għal appoġġ tal-politika sod u trasparenti filwaqt li se titħeġġeġ l-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni tal-enerġija. 85 % tal-approprjazzjonijiet tal-baġit se jkunu allokati għall-oqsma ta' politika tal-użu finali effiċjenti tal-enerġija u r-rinovabbli, inklużi l-grids intelliġenti u l-ħażna tal-enerġija mill-2014 'il quddiem.

KUMMISSJONI
*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 04 Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 394 541 594 | 8 086 531 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-enfasi taħt din l-attività se tkun fuq trasport effiċjenti fir-riżorsi (eż. billi jiġi aċċellerat l-iżvilupp u l-iskjerament ta' ġenerazzjoni ġdida ta' inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti elettriċi u oħrajn b'livell baxx ta' emissjonijiet jew mingħajr emissjonijiet) kif ukoll fuq mobbiltà aħjar b'inqas konġestjoni u aktar sikurezza u sigurtà (eż. billi jiġu promossi trasport u loġistika integrati minn bieb għal bieb). L-enfasi se tkun ukoll fuq ir-rinfurzar tal-kompetittività u l-prestazzjoni tal-industriji tal-manifattura tat-trasport Ewropej u s-servizzi relatati, billi, pereżempju, tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' mezzi tat-trasport innovattivi u titħejja t-triq għal dik li jmiss. Se jiġu appoġġati wkoll attivitajiet immirati sabiex itejbu l-fehim ta' tendenzi u prospetti soċjoekonomiċi relatati mat-trasport, u li jagħtu lil dawk li jfasslu l-politika dejta u analiżi bbażati fuq l-evidenza.

Parti mill-approprjazzjonijiet se jintużaw biex jitwettaq studju ta' evalwazzjoni u fattibilità dwar "Lejn użu ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma b'emissjonijiet żero"

L-għan ta' dan il-proġett hu li jiġu evalwati l-passi fl-evoluzzjoni, il-possibilità ta' implimentazzjoni, u biex jitfassal studju ta' fattibilità dwar l-użu ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma b'emissjonijiet żero, li jaħdem b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħall-idroġenu fiċ-ċelloli tal-fjuwil.

Filwaqt li teżisti evidenza tal-prinċipju tal-użu ta' ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu bħala sors ta' enerġija f'entitajiet tat-trasport żgħar bħal karozzi tal-linja, l-użu ta' mezz kbir ta' trasport tul korp tal-ilma (eżempju RoPax ferries) għandu jiġi evalwat aktar sabiex jiġu vvalutati l-possibilitajiet ta' implimentazzjoni. Studju ta' evalwazzjoni u fattibilità għal dan il-metodu u rotta ta' trasport għandu joffri valutazzjoni aktar ċara dwar ir-riskji u l-opportunitajiet tal-użu tal-idroġenu bħala fjuwil għat-trasport u ċ-ċelloli tal-fjuwil bħala mezzi ta' konverżjoni tal-enerġija fl-użu ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma..

L-istudju ta' evalwazzjoni u fattibilità għandu jiffoka b'mod partikolari dwar il-possibilitajiet li tintuża enerġija żejda mill-operat matul il-lejl tal-park eoliku sabiex ikunu iġġenerat fjuwil tal-idroġenu, li mbgħad jipprovdi enerġija għall-propulsjoni tal-bastiment u għall-konsum elettriku tas-servizzi abbord. Għandhom jiġu evalwati ukoll sorsi tal-enerġija mħallta, bħall-pannelli solari u l-flettner rotors abbord jfornu lill-bastimenti b'enerġija addizzjonali, fid-dawl tal-objettiv ġenerali tal-ebda emissjonijiet ta' karbonju, kubrit jew nitroġenu.

Sabiex ikunu ottimizzati l-possibilitajiet ta' implimentazzjoni, l-evalwazzjoni għandha tiffoka fuq rotot ta' baħar qosra b'kunsiderazzjoni tal-prerekwiżiti infrastrutturali u naturali sabiex tkun żgurata provvista effikaċi ta' sorsi ta' enerġija alternattiva (b'mod partikolari l-parks eoliċi), kif ukoll il-lokalità tal-kompetenza esperta u l-preżenza ta' ċentri ta' teknoloġija rilevanti u ta' sħab potenzjali mis-settur privat. Bħala l-ewwel pass għandha tinħoloq mappa ta' postijiet adegwati, sabiex ikunu identifikati rottot possibbli u ottimali għal servizzi ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma b'emissjonijiet żero fl-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 04 *(ikompli)*

L-istudju ta' evalwazzjoni u fattibilità għandu jinkludi l-ippjanar tal-passi meħtieġa biex jitqiesu l-effeti tal-ibridi, batteriji, ċelloli tal-fjuwil u tipi ta' fjuwil fit-triq tal-emissjonijiet sabiex il-vantaġġi tal-effikaċja jkunu jistgħu jittieħdu hekk kif it-teknoloġiji jilħqu livell ta' maturazzjoni xieraq, iżda ukoll biex tinkiseb esperjenza u biex jitfassal żvilupp ġejjieni.

B'żieda ma' dan, valutazzjoni tas-suq fuq ir-rotot identifikati tista' tagħti stampa aktar ċara dwar in-nefqa tal-implimentazzjoni u tal-operat ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma b'emissjonijiet żero u biex finalment ikun ivvalutat jekk servizz tal-mezz ta' trasport tul korp tal-ilma kif deskritt aktar kmieni jkunx ekonomikament vijabbli skont il-kondizzjonijiet attwali tas-suq.

Il-proġett hu previst li jdum għal sena jew sentejn, bl-għażla ta' rotta tal-mezz ta' trasport tul korp tal-ilma waħda jew aktar.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 05 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 271 940 800 | 2 478 694 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-enfasi prinċipali ta' din l-attività hija li tinkiseb ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber fi ħdan il-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. Għal dak il-għan l-enfasi se tkun fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, fuq il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi u fuq l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika permezz tal-ekoinnovazzjoni. Se jiġu żviluppati wkoll sistemi ta' osservazzjoni u informazzjoni ambjentali globali komprensivi u sostnuti.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 03*** *(ikompli)*

08 02 03 06 Trawwim ta’ soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 193 407 483 | 17 625 757 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-għan ta’ din l-attività huwa li trawwem l-iżvilupp ta’ soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri billi żżid l-inklużjoni soċjali, ekonomika u politika, tippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u tappoġġa dinamika interkulturali pożittiva. Ir-riżultati ta’ din ir-riċerka għandhom ikunu l-bażi ta’ politiki li jiġġieldu l-faqar u ma jippermettux l-iżvilupp ta’ diversi forom ta’ diviżjonijiet, diskriminazzjonijiet u inugwaljanzi fis-soċjetajiet Ewropej, bħall-inugwaljanzi bejn is-sessi jew id-diviżjoni tal-innovazzjoni. Dan se jinkludi wkoll l-iżgurar tal-involviment tas-soċjetà fir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tisħiħ tal-bażi tal-evidenza għall-Unjoni tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea ta’ Riċerka kif ukoll il-promozzjoni ta’ kooperazzjoni koerenti u effettiva ma’ pajjiżi terzi.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta’ Servizzi ta’ Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f’impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

***08 02 04*** ***Ix-xjenza għas-soċjetà u magħha***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

L-għan huwa li tinbena kooperazzjoni effettiva bejn ix-xjenza u s-soċjetà, jiġi rreklutat talent ġdid għax-xjenza u l-eċċellenza xjentifika tiġi akkoppjata mal-kuxjenza u r-responsabilità soċjali.

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 04*** *(ikompli)*

Il-punt fokali tal-attivitajiet għandu jkun li: jżidu l-attraenza tal-karrieri xjentifiċi u teknoloġiċi għall-istudenti żgħażagħ, irawmu interazzjoni sostenibbli bejn l-iskejjel, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kontenut u t-tfassil tal-attivitajiet ta' riċerka; jintegraw is-soċjetà fi kwistjonijiet, politiki u attivitajiet ta' xjenza u innovazzjoni sabiex jintegraw l-interessi u l-valuri taċ-ċittadini u jżidu l-kwalità, ir-relevanza, l-aċċettabilità u s-sostenibilità soċjali tar-riċerka u tar-riżultati ta' innovazzjoni f'oqsma varji tal-attivitajiet mill-innovazzjoni soċjali għal oqsma bħall-bijoteknoloġija u n-nannotaknoloġija; iħeġġu liċ-ċittadini jipparteċipaw fix-xjenza permezz ta' edukazzjoni xjentifika formali u informali; jiżviluppaw il-governanza u l-użu tar-riżultati ta' riċerka ffinanzjata pubblikament; jiżviluppaw il-governanza għall-avvanz tar-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli minn kulħadd li tkun sensittiva għall-bżonnijiet u d-domandi tas-soċjetà; jippromwovu qafas ta' etika għar-riċerka u l-innovazzjoni; jieħdu prekawzjonijiet xierqa u proporzjonali fl-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jantiċipaw u jivvalutaw l-impatti ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza potenzjali; itejbu l-għarfien dwar il-komunikazzjoni tax-xjenza sabiex jittejbu l-kwalità u l-effettività tal-interazzjonijiet bejn ix-xjenzjati, il-midja ġenerali u l-pubbliku.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

***08 02 05*** ***Attivitajiet orizzontali ta' Orizzont 2020***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni tkopri azzjonijiet ta' natura orizzontali, li jsostnu l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Dan jinkludi pereżempju attivitajiet immirati sabiex isostnu l-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni, kif ukoll l-użu tar-riżultati sabiex jiġu sostnuti l-innovazzjoni u l-kompetittività. Jista' jinkludi wkoll attivitajiet trasversali li jinvolvu diversi prijoritajiet ta' Orizzont 2020.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

### *08 02 07* *Impriżi Konġunti*

08 02 07 31 L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) — Nefqa ta' Appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 490 000 | 490 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-objettiv speċifiku "Saħħa, bidla demografika u benesseri" tal-prijorità "Sfidi tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni billi tipprovdi dijanjostiċi ġodda u iktar effettivi u trattamenti bħal dawk antimikrobiċi ġodda.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2), imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013 (COM(2013) 495 finali).

08 02 07 32 L-Impriża Konġunta Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi 2 (IMI2)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 207 300 000 | 16 600 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-objettiv speċifiku "Saħħa, bidla demografika u benesseri" tal-prijorità "Sfida tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini tal-Unjoni billi tipprovdi dijanjostiċi ġodda u iktar effettivi u trattamenti bħal dawk antimikrobiċi ġodda.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 07*** *(ikompli)*

08 02 07 32 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li thassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) (COM(2013) 495 final).

08 02 07 33 Impriża Konġunta tal-Industriji b'bażi bijoloġika (BBI) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 977 500 | 977 500 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari tindirizza l-objettiv speċifiku "Is-sikurezza tal-ikel, agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u dik marittima u l-bijoekonomija" u t-Tmexxija industrijali "Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali" Din għandu jkollha l-għan li tiżviluppa ktajjen ta' valur bijoteknoloġiċi ġodda u innovattivi li jissostitwixxu l-ħtieġa għal karburanti fossili u għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp rurali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 07*** *(ikompli)*

08 02 07 33 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, dwar l-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI) (COM(2013) 496 final).

08 02 07 34 Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 50 000 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Is-sikurezza tal-ikel, agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u dik marittima u l-bijoekonomija" tal-prijorità "Sfidi tas-Soċjetà" u "Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali". Din għandu jkollha l-għan li tiżviluppa ktajjen ta' valur bijoteknoloġiċi ġodda u innovattivi li jissostitwixxu l-ħtieġa għal karburanti fossili u għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp rurali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, dwar l-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI (COM(2013) 496 final).

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 07*** *(ikompli)*

08 02 07 35 L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 225 333 | 1 225 333 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta Clean Sky (Clean Sky 2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat" tal-prijorità "Sfidi tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li tnaqqas b'mod radikali l-impatt ambjentali tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-inġenji tal-ajru.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, dwar l-Impriża Konġunta Clean Sky (Clean Sky 2) (COM(2013) 505 final).

08 02 07 36 L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (Clean Sky 2)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 100 000 000 | 13 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta Clean Sky (Clean Sky 2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Trasport Intelliġenti, Ekoloġiku u Integrat" tal-prijorità "Sfidi tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li tnaqqas b'mod radikali l-impatt ambjentali tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-inġenji tal-ajru.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI*

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 07*** *(ikompli)*

08 02 07 36 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013, dwar l-Impriża Konġunta Clean Sky (Clean Sky 2) (COM(2013) 505 final).

08 02 07 37 L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 292 667 | 292 667 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettivi speċifiċi "Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti" u "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat" tal-prijorità "Sfidi tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li tiżviluppa soluzzjonijiet kummerċjalment vjabbli, nodfa, li jużaw l-idroġenu bħala portatur tal-enerġija u taċ-ċelloli tal-fjuwil bħala konvertituri tal-enerġija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2), imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013 (COM(2013) 506 finali).

**KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA** *(ikompli)*

***08 02 07*** *(ikompli)*

08 02 07 38 L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 93 354 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettivi speċifiċi "Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti" u "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat" tal-prijorità "Sfidi tas-soċjetà". Din għandu jkollha l-għan li tiżviluppa soluzzjonijiet kummerċjalment vjabbli, nodfa, li jużaw l-idroġenu bħala portatur tal-enerġija u taċ-ċelloli tal-fjuwil bħala konvertituri tal-enerġija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

*Atti ta' referenza*

*Kummenti*

*Ex Partita 09 02 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti relatati mal-programm multiannwali ta' Modinis.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur tal-internet u ta' teknoloġiji online ġodda (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 1).

***09 03 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

09 03 77 01 Azzjoni preparatorja — Sistema bbażata fuq l-internet għal leġiżlazzjoni aħjar u għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 98 396,22 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 09 03 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad baqagħlhom jitħallsu mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 09 04 | ORIZZONT 2020 | | | | | | | | |
| **09 04 01** | ***Xjenza eċċellenti*** | | | | | | | | |
| 09 04 01 01 | Tishih tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti | 1.1 | 246 003 372 | 10 300 623 | | | | | — |
| 09 04 01 02 | Tishih tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi | 1.1 | 96 956 907 | 2 101 017 | | | | | — |
| | *Artikolu 09 04 01 — Sub-total* | | 342 960 279 | 12 401 640 | | | | | — |
| **09 04 02** | ***Rwol ta' tmexxija industrijali*** | | | | | | | | |
| 09 04 02 01 | Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni | 1.1 | 720 260 961 | 44 192 289 | | | | | — |
| | *Artikolu 09 04 02 — Sub-total* | | 720 260 961 | 44 192 289 | | | | | — |
| **09 04 03** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 09 04 03 01 | Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri | 1.1 | 131 580 377 | 11 991 283 | | | | | — |
| 09 04 03 02 | Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi | 1.1 | 77 973 002 | 505 313 | | | | | — |
| | *Artikolu 09 04 03 — Sub-total* | | 209 553 379 | 12 496 596 | | | | | — |
| **09 04 07** | ***Impriżi Konġunti*** | | | | | | | | |
| 09 04 07 31 | L-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | 540 000 | 540 000 | | | | | — |
| 09 04 07 32 | L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ | 1.1 | 135 000 000 | 33 750 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 09 04 07 — Sub-total* | | 135 540 000 | 34 290 000 | | | | | — |
| **09 04 50** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 09 04 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 09 04 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 148 457 500,92 | 68 125 542,06 | — |
| | *Artikolu 09 04 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 148 457 500,92 | 68 125 542,06 | — |

KUMMISSJONI
*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***09 04 51*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 618 054 637 | 1 521 103 335 | 1 252 627 275 | 1 431 395 376,08 | 1 140 275 304,39 | 184,49 |
| ***09 04 52*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | — | p.m. | — | 10 872 610 | 270 318,65 | 8 240 888,31 | — |
| ***09 04 53*** | ***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP)*** | | | | | | | | |
| 09 04 53 01 | Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (2007 sa 2013) | 1.1 | p.m. | 80 372 211 | 144 265 000 | 130 841 912 | 137 142 229,18 | 113 807 470,— | 141,60 |
| 09 04 53 02 | Tlestija ta' programmi preċedenti tat-tekonoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ta' qabel l-2007) | 1.1 | — | p.m. | — | 1 367 988 | 0,— | 9 850 398,50 | — |
| | *Artikolu 09 04 53 — Sub-total* | | p.m. | 80 372 211 | 144 265 000 | 132 209 900 | 137 142 229,18 | 123 657 868,50 | 153,86 |
| ***09 04 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 09 04 77 01 | Proġett Pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien | 1.1 | 1 500 000 | 750 000 | | | | | — |
| 09 04 77 02 | Proġett pilota — Ikkollegati għas-saħħa: Soluzzjoni ta' Benesseri u ta' Kura tas-Saħħa f'netwerks FTTH b'Aċċess Miftuħ | 1.1 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| 09 04 77 03 | Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politiki | 1.1 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 09 04 77 — Sub-total* | | 3 500 000 | 1 750 000 | | | | | — |
| | **Kapitolu 09 04 — Total** | | **1 411 814 619** | **803 557 373** | **1 665 368 335** | **1 395 709 785** | **1 717 265 424,83** | **1 340 299 603,26** | **166,80** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprazzjoni se tintuża għall-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014 sa 2020.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

L-Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħra, notevolment "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta' riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għarfien, ibbażata fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri jsostni l-kooperazzjoni transnazzjonali fuq kull livell madwar l-Unjoni kollha, iressaq id-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti tal-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa kwantitattivament u kwalitattivament, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-Unjoni kollha u jiżgura li jsir l-aħjar użu minnhom.

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi ta' livell għoli xjentifiku u teknoloġiku u l-valutazzjonijiet magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija possibbli fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn Stati parteċipanti fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknoloġika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali jkunu disposti taħt il-Partita 09 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitlu jkunu disposti taħt l-Artikolu 09 01 05.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 01 Xjenza eċċellenti***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 timmira li tirrinforza u testendi l-eċċellenza fil-bażi xjentifika tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka ta' klassi mondjali biex tiżgura l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni. Se tappoġġa l-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Unjoni, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel l-Unjoni post attraenti għall-aħjar riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li jiġu ffinanzjati se jiġu ddeterminati skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi predeterminati. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stabbilita b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka tiġi ffinanzjata abbażi tal-eċċellenza.

09 04 01 01 Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 246 003 372 | 10 300 623 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv speċifiku huwa t-trawwim ta' teknoloġiji radikali ġodda permezz tal-esplorazzjoni ta' ideat ġodda u ta' riskju għoli li jibnu fuq pedamenti xjentifiċi. Billi jipprovdi sostenn flessibbli għar-riċerka mmirata, kollaborattiva u interdixxiplinarja fuq skali varji u billi jadotta prattiki innovattivi ta' riċerka, l-għan huwa li jiġu identifikati u maħtufa opportunitajiet ta' benefiċċju fit-tul għaċ-ċittadini, għall-ekonomija u għas-soċjetà.

L-attivitajiet taħt l-objettiv speċifiku "Teknoloġiji Futuri u Emerġenti" għandhom jindirizzaw l-ispettru sħiħ ta' innovazzjoni xprunata mix-xjenza: minn esplorazzjonijiet minn isfel għal fuq bikrija u fuq skala żgħira ta' ideat embrijoniċi u fraġli, sal-bini ta' komunitajiet ġodda ta' riċerka u innovazzjoni madwar oqsma tar-riċerka emerġenti trasformattivi u inizjattivi ta' riċerka kbar u federati mibnija madwar aġenda ta' riċerka li timmira lejn il-kisba ta' miri ambizzjużi u viżjonarji.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(b) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 01*** *(ikompli)*

09 04 01 02 Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 96 956 907 | 2 101 017 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv speċifiku huwa li l-Ewropa tistagħna b'infrastruttura ta' riċerka mill-aqwa li tkun aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, u li l-potenzjal tagħha jiġi sfruttat bis-sħiħ għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni.

L-attivitajiet se jiffokaw fuq l-iżvilupp, l-użu u l-operat ta' infrastruttura elettronika. Barra minn hekk, huma previsti attivitajiet għall-innovazzjoni, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tal-infrastruttura tar-riċerka, l-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Se jiġi adottat approċċ integrat u xprunat mis-servizz biex jintraddu infrastrutturi elettroniċi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tax-xjenza, l-industrija u s-soċjetà Ewropea f'termini ta' żvilupp u skjerament ta' servizzi tal-infrastruttura elettronika integrata għal firxa wiesgħa ta' komunitajiet tar-riċerka (de-siloing). Il-massimizzazzjoni tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-iżvilupp tal-infrastruttura elettronika fil-livell nazzjonali u l-espansjoni tal-infrastruttura elettronika lil hinn mix-xjenza bħala tali, għat-trijanglu xjenza — industrija — soċjetà.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(d) tiegħu.

***09 04 02*** ***Rwol ta' tmexxija industrijali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 timmira li tagħmel mill-Unjoni post aktar attraenti għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, permezz tal-promozzjoni ta' attivitajiet fejn in-negozji jistipulaw l-aġenda, kif ukoll li taċċellera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li għandhom jirfdu n-negozji tal-futur u t-tkabbir ekonomiku. Se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal tat-tkabbir ta' kumpaniji tal-Unjoni billi tipprovdilhom livelli adegwati ta' finanzi, u tgħin l-SMEs innovattivi sabiex jikbru f'kumpaniji mill-aqwa fid-dinja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 02*** *(ikompli)*

09 04 02 01 Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 720 260 961 | 44 192 289 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv speċifiku huwa li jinżamm u jinbena rwol ta' tmexxija globali fit-teknoloġiji abilitanti, li jirfdu l-kompetittività f'firxa sħiħa ta' industriji u setturi eżistenti u emerġenti. Skont l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, l-objettiv speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ICT huwa li l-Ewropa tkun tista' tiżviluppa u tuża l-opportunitajiet maħluqa mill-progress fl-ICT għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji u l-komunitajiet xjentifiċi tagħha.

L-ICT tirfed l-innovazzjoni u l-kompetittività f'firxa wiesgħa ta' swieq u setturi privati u pubbliċi, u tippermetti l-progress xjentifiku fid-dixxiplini kollha. Fl-għaxar snin li ġejjin, l-impatt trasformattiv tat-teknoloġiji diġitali, il-komponenti tal-ICT, l-infrastrutturi u s-servizzi se jkun dejjem aktar viżibbli fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Attivitajiet se jsaħħu l-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni u jassiguraw ir-rwol ta' tmexxija globali fl-ICTs, jgħinu biex tiġi xprunata u stimulata l-innovazzjoni permezz tal-użu tal-ICT u jiżguraw li l-progress tal-ICT jissarraf malajr f'benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji, l-industrija u l-gvernijiet tal-Ewropa. L-attivitajiet taħt l-objettiv speċjali "Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" se jkunu bbażati primarjament fuq aġendi ta' riċerka u innovazzjoni definiti mill-industrija u n-negozju, flimkien mal-komunità tar-riċerka, u jkollhom enfasi qawwija fuq l-ingranaġġ tal-investiment tas-settur privat.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a)(i) tiegħu.

***09 04 03*** ***Sfidi soċjetali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 twieġeb direttament għall-prijoritajiet tal-politika u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jġib flimkien riżorsi u għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu kollu mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi għall-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni xprunata mill-utent aħħari, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jsostnu direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 03*** *(ikompli)*

09 04 03 01 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 131 580 377 | 11 991 283 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Il-viżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 hija li tiġi utilizzata u żviluppata s-Saħħa elettronika sabiex tindirizza wħud mill-aktar sfidi urġenti tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa tal-ewwel nofs tas-seklu 21 jiġifieri:

— biex ittejjeb l-immaniġġar tal-mard kroniku u l-multimorbożità (mard differenti fl-istess waqt) u biex issaħħaħ il-prevenzjoni effikaċi u l-prattiki ta' promozzjoni tas-saħħa,

— biex iżżid is-sostenibilità u l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa billi żżid il-potenzjal tal-innovazzjoni, issaħħaħ il-kura li tiffoka fuq il-pazjent/iċ-ċittadin u l-awtonomizzazzjoni tal-pazjent, u theġġeġ il-bidliet organizzazzjonali,

— biex trawwem il-kura tas-saħħa transfruntiera, is-sigurtà tas-saħħa, is-solidarjetà, l-universalità u l-ekwità,

— biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ġuridiċi u tas-suq għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi tas-Saħħa elettronika.

Prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT urew il-ħila tagħhom li jgħinu sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kbar fil-forma ta' soluzzjonijiet ta' saħħa personalizzata, telehealth u telecare, robotika tas-servizzi għas-saħħa u l-kura, sostenn għall-ħajja itwal attiva u indipendenti, u kura domiċiljari. Hija wkoll opportunità kbira u ġdida ta' tkabbir hekk kif qed jinħolqu swieq ġodda kbar għal prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT sabiex jindirizzaw is-saħħa, it-tibdil demografiku u l-benesseri.

L-attivitajiet se jkopru l-iżvilupp u l-użu tal-ICT għal soluzzjonijiet ta' Saħħa, Benesseri u Anzjanità fis-Saħħa. Dan se jibni fuq il-ħolqien ta' teknoloġiji sottostanti li jirriżultaw mill-ICT f'LEIT bħal sistemi mikronano, sistemi integrati, robotika, l-Internet tal-Ġejjieni u teknoloġiji cloud. Se jibni wkoll fuq żvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji li jtejbu s-sigurtà u l-privatezza.

Il-Programm Konġunt tar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-għajxien megħjun kuntestwalment ukoll se jiġi sostnut sabiex jikkontribwixxi għad-disponibilità fis-suq u l-użu ta' prodotti u servizzi msejsa fuq l-ICT u l-innovazzjoni tal-ICT u proġetti pilota se jiġu sostnuti iktar bi tweġiba għas-Sħubija Ewropa għall-Innovazzjoni tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu u l-pjan ta' azzjoni dwar is-Saħħa Elettronika 2020.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-Partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-programm speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 03*** *(ikompli)*

09 04 03 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(a) tiegħu.

09 04 03 02 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 77 973 002 | 505 313 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-objettiv speċifiku huwa li jitrawmu soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet mingħajr preċedent u l-interdipendenzi globali li qed jikbru.

L-attivitajiet se jkopru 4 oqsma ewlenin: L-Innovazzjoni tas-Settur Pubbliku xprunata mill-ICT, l-Għarfien u l-Preservazzjoni tal-bażi intellettwali tal-Ewropa, it-Tagħlim u l-Inklużjoni.

L-innovazzjoni tas-servizz pubbliku xprunata mill-ICT tirreferi għall-użu tal-ICT fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' proċessi, prodotti, servizzi u metodi ta' twettiq ġodda li jwasslu għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza, fl-effettività u fil-kwalità tas-servizzi pubbliċi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-ġejjieni għandhom ikunu diġitali u transfruntieri b'mod awtomatiku.

L-għan tat-tieni sfida huwa "l-kontribut għall-għarfien tal-bażi intellettwali tal-Ewropa:. l-istorja tagħha u l-ħafna influwenzi Ewropej u non-Ewropej; bħala ispirazzjoni għal ħajjitna llum".

L-għan tat-tielet sfida huwa s-sostenn għall-adozzjoni mifruxa tal-ICT fl-iskejjel u għat-taħriġ fl-Ewropa.

Ir-raba' sfida hija li l-anzjani (ta' 65 sena jew iktar), in-nies qiegħda u b'edukazzjoni baxxa, l-immigranti, il-persuni li jkollhom bżonn il-kura, in-nies li jgħixu f'żoni remoti jew aktar fqar, il-persuni b'diżabilità, u n-nies bla dar jitwasslu għal parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. L-attivitajiet jiffokaw fuq l-awtonomizzar tagħhom bil-ħiliet diġitali neċessarji u li jiġu pprovduti b'aċċess għat-teknoloġiji diġitali.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi ta' koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali. Inklużi wkoll f'din il-partita huma l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fl-evalwazzjonijiet ta' proposti u r-rieżamijiet ta' proġetti, l-ispejjeż ta' avvenimenti, laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet, l-ispejjeż tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Programm Speċifiku u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt programmi qafas preċedenti.

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 03*** *(ikompli)*

09 04 03 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(f) tiegħu.

***09 04 07*** ***Impriżi Konġunti***

09 04 07 31 L-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 540 000 | 540 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-parti "Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-prijorità "Tmexxija industrijali". Din għandu jkollha l-għan li l-Ewropa tinżamm fuq quddiem tas-settur tal-komponenti elettroniċi u sistemi u t-tqassir tat-triq lejn l-isfruttar tagħhom.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta ECSEL, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013 (COM(2013) 501 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 07*** *(ikompli)*

09 04 07 32 L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 135 000 000 | 33 750 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea) (ECSEL) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-parti "Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-prijorità "Tmexxija industrijali". Din għandu jkollha l-għan li l-Ewropa tinżamm fuq quddiem tas-settur tal-komponenti elettroniċi u sistemi u t-tqassir tat-triq lejn l-isfruttar tagħhom.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta ECSEL, imressqa mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2013 (COM(2013) 501 final).

***09 04 50*** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

09 04 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Dan l-Artikolu huwa maħsub li jkopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibilità ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi parteċipanti fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014-2020.

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 50*** *(ikompli)*

09 04 50 01 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjaraju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdument ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

09 04 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 148 457 500,92 | 68 125 542,06 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 09 04 02*

Dan l-Artikolu huwa maħsub li jkopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibilità ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi parteċipanti fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014 sa 2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjaraju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

***09 04 51*** ***Tlestija tal-programm kwadru tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 618 054 637 | 1 521 103 335 | 1 252 627 275 | 1 431 395 376,08 | 1 140 275 304,39 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 09 04 01 01, 09 04 01 02, 09 04 01 03, 09 04 01 04 u 09 04 01 05, u l-Artikolu 09 05 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)(ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 51*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013)" (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal- "Impriża Konġunta ARTEMIS" għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52).

***09 04 52*** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | 10 872 610 | 270 318,65 | 8 240 888,31 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 09 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mat-tlestija ta' programmi kwadri tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) wara l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 52*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċemrbu 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u dimostrazzjoni teknoloġiċi (1998 sa 2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-Innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni: "Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

***09 04 53*** ***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP)***

09 04 53 01 Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (2007 sa 2013)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 80 372 211 | 144 265 000 | 130 841 912 | 137 142 229,18 | 113 807 470,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 09 03 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 53*** *(ikompli)*

09 04 53 02 Tlestija ta' programmi preċedenti tat-tekonoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ta' qabel l-2007)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | 1 367 988 | 0,— | 9 850 398,50 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 09 03 02 u l-Partiti 09 03 04 01 u 09 03 04 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti marbutin mal-programm eContent plus, għal netwerks fissetturi tat-telekomunikazzjonijiet u għall-programm multiannwali Modinis.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2717/95/KE tad-9 ta' Novembru 1995 dwar sett ta' linji ta' gwida għall-iżvilupp tal-EURO-ISDN (netwerk diġitali ta' servizzi integrati) bħala netwerk trans-Ewropew (ĠU L 282, 24.11.1995, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/339/KE tal-20 ta' Mejju 1996 li tadotta programm tal-Komunità multiannwali sabiex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' industrija Ewropea ta' kontenut ta' multimedia u sabiex jinkoraġġixxi l-użu ta' kontenut ta' multimedia fis-soċjetà tal-informazzjoni emerġenti (INFO 2000) (ĠU L 129, 30.5.1996, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/664/KE tal-21 ta' Novembru 1996 dwar l-adozzjoni ta' programm multiannwali sabiex tippromwovi d-diversità lingwistika tal-Komunità fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/253/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li tadotta programm multiannwali tal-Komunità sabiex jiġi stimulat l-istabbiliment tas-soċjeta tal-informazzjoni fl-Ewropa (Soċjetà tal-Infomazzjoni) (ĠU L 107, 7.4.1998, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 li tadotta pogramm Komunitarju multiannwu sabiex jistimula l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew dwar in-networks globali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 14, 18.1.2001, p. 32).

Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li tadotta programm multiannwali (2003-2005) għall-monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni eEurope 2005, it-tixrid ta' prattiċi t-tajbin u t-titjib tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni (Modinis) (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-Komunità biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi wżat u sfruttat aktar (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

**09 04 77** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

*Kummenti*

Il-proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 01 Proġett Pilota — Teknoloġiji ta’ Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 500 000 | 750 000 | | | | |

*Kummenti*

Fi żmien meta l-qgħad fost il-ġenerazzjonijiet il-ġodda huwa allarmanti, l-Ewropa trid issir soċjetà mmexxija mill-innovazzjoni sabiex tmur lura għat-triq tat-tkabbir. Għal dan il-għan, hu neċessarju li jinħolqu teknoloġiji ġodda u jerġgħu jinħolqu mezzi li bihom iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jakkwistaw, jittrasferixxu u jibnu flimkien l-għarfien. L-edukazzjoni ogħla u r-riċerka qed jevolvu b’mod rapidu. Il-ħolqien ta’ teknoloġiji tal-għarfien ġodda jeħtieġ li jitħarrġu l-għalliema, l-istudenti u r-riċerkaturi kif ukoll kwalunkwe individwu li jkollu bżonn li jadatta għal domandi tas-suq ġodda. Minħabba l-fluss ta’ dejta li dejjem jikber, għanu jkun hemm il-kapaċità li ċ-ċittadini Ewropew ikollhom is-setgħa jaċċessaw il-kontenut u biex jitgħallmu, ikun fejn ikun u f’kull ħin, f’ekosistema ta’ tagħlim kollaborattiva miftuħa. Ħafna sforzi, bħax-xjenza taċ-ċittadini, logħob ta’ skoperta xjentifika u l-Korsijiet Onlajn Miftuħa Massivi (MOOCs), juru li — bħal ħafna setturi oħrajn — l-edukazzjoni u r-riċerka qed jevolvu b’mod rapidu. L-Ewropa tista’ tlaħħaq biss u tieħu pożizzjoni ewlenija jekk hija tinvesti fil-ġenerazzjoni li jmiss ta’ għodod u fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin ta’ individwi li jkunu ħerqana biex jerġgħu jivvintaw għodod ta’ tagħlim u riċerka.

L-inizjattiva “Il-ftuħ tal-edukazzjoni” proposta mill-Kummissjoni tfittex li toħloq il-bażi għal sfruttament aktar b’saħħtu tal-ICT fl-edukazzjoni. L-għan huwa li l-aċċess għall-edukazzjoni jsir aktar faċli u jiżdiedu l-ineffiċjenzi fit-tagħlim permezz tal-kondiviżjoni u l-ftuħ tal-kontenut għall-individwi kollha. Filwaqt li din l-inizjattiva tfittex li tagħmel il-kontenut disponibbli, għad hemm bżonn li jiġi mmappjat u ċċertifikat l-għarfien akkwistat.

Minħabba l-qgħad taż-żgħażagħ attwali li jikkoeżisti ma’ nuqqas ta’ ħaddiema kkwalifikati f’ħafna Stati Membri, l-Unjoni nieqsa b’mod ċar mill-komponent essenzjali biex tonqos din id-differenza fl-għarfien. L-interessi u l-għarfien attwali tal-individwi għandhom jaqblu mhux biss mal-ħiliet tas-suq tax-xogħol l-aktar rikjesti imma wkoll mal-pjanijiet direzzjonali tat-tagħlim li jistgħu possibbilment jgħinuhom jakkwistaw l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa.

Sabiex jiġi sfruttat għal kollox il-potenzjal ta’ dan it-tip ġdid ta’ sistemi tat-tagħlim għas-suq tax-xogħol, jeħtieġ li jkun hemm metodi li huma kapaċi jivvalidaw il-kwalità tat-tagħlim tagħhom. Konsegwentement, irid jinstab mekkaniżmu li jippermetti l-individwi li jivvalutaw il-kompetenzi tagħhom (joħolqu l-mappa tal-għarfien individwali tagħhom), l-għarfien meħtieġ fis-suq tax-xogħol u t-triq tat-tagħlim li tista’ torbot it-tnejn li huma, b’hekk jiġi provdut il-kontenut it-tajjeb għal kull individwu. L-unika mod kif jista’ jiġi żgurat li l-kontenut it-tajjeb huwa disponibbli għall-grupp ta’ individwi fil-mira t-tajjeb huwa billi jsir hekk. Sabiex tkun tista’ tiġi intraċċata d-direzzjoni tat-tagħlim, trid issir disponibbli validazzjoni tal-għarfien akkwistat, possibilment permezz ta’ ċertifikati jew badges onlajn.

Dan it-tip ta’ innovazzjonijiet soċjali u teknoloġiċi jistgħu jkunu ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini kollha irrelevanti mil-livell ta’ riżorsi tagħhom, il-lingwi li jitkellmu, l-età tagħhom, is-saħħa tagħhom u l-kapital kulturali tagħhom. Tali proġett għalhekk jikkontribwixxi biex jibni pont bejn id-differenza fl-għarfien u jnaqqas il-qgħad billi jgħin speċjalment iż-żgħażagħ attwalment bla mpjieg biex jimmassimizzaw it-tagħlim tagħhom u jsibu opportunitajiet għal karrieri ġodda.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 77*** *(ikompli)*

09 04 77 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 02 Proġett pilota — Ikkollegati għas-saħħa: Soluzzjoni ta' Benesseri u ta' Kura tas-Saħħa f'netwerks FTTH b'Aċċess Miftuħ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Din il-proposta għal proġett pilota għandha l-għan li tittestja l-applikazzjoni tas-servizzi tal-benesseri u tal-kura tas-saħħa f'Netwerks FTTH b'Aċċess Miftuħ. Il-provvista futura ta' servizzi ta' benesseri u ta' kura tas-saħħa hi msejsa fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq l-FTTH, u fuq it-twettiq ta' soluzzjoni ta' saħħa elettronika rapida u fuq skala kbira, li għandha tikkontribwixxi biex tinkiseb waħda mill-miri tal-Aġenda Diġitali tal-Unjoni.

Il-proġett għandu jesplora, jidentifika u jittestja applikazzjonijiet ta' saħħa elettronika ġodda u eżistenti u jtejjeb il-profitabilità u l-użu tas-servizzi. Il-proġett għandu l-għan, pereżempju, li jevalwa l-għoti tas-setgħa lill-pazjent u l-kapaċità ta' professjonisti tal-benesseri u tal-kura tas-saħħa biex jaqsmu informazzjoni dwar il-pazjent. Netwerks FTTH b'Aċċess Miftuħ għandhom il-potenzjal li jwettqu firxa ta' soluzzjonijiet ta' saħħa elettronika, pereżempju l-ġestjoni tal-informazzjoni personali dwar is-saħħa, il-monitoraġġ fid-dar tal-pazjent, it-trasferiment ta' X-rays mill-isptar ċentrali għaċ-ċentru tal-mediċina fiż-żona rurali u t-telefiżjoterapija.

Dan il-proġett għandu jiġi implimentat f'reġjuni rurali b'netwerks tal-FTTH fuq distanza twila u diġà eżistenti bbażati fuq il-kooperazzjoni li joperaw skont prinċipju ta' aċċess miftuħ reali. Dan it-tip ta' netwerk jeżisti pereżempju fin-Nofsinhar tal-Ostrobothnia. Minħabba d-distanza minn fornituri ta' servizzi fiżiċi u minħabba sfidi demografiċi, iż-żoni rurali għandhom isiru l-mira ewlenija fil-provvista ta' soluzzjonijiet ta' benesseri u ta' kura tas-saħħa elettroniċi fil-futur.

L-FTTH hi l-iktar teknoloġija avvanzata għall-appoġġ ta' applikazzjoni ta' benesseri u tal-kura tas-saħħa, b'konnessjonijiet simmetriċi rapidi u b'livell ta' dewmien baxx, b'mod partikolari bil-provvista ta' veloċitajiet rapidi kemm downstream kif ukoll upstream. Barra minn hekk, il-mudell b'aċċess miftuħ jippermetti lill-fornituri kollha tas-servizz li joffru s-servizzi tagħhom b'xejn fuq l-istess kanal. Din il-kompetizzjoni ġusta hi meqjusa li ttejjeb il-promozzjoni tas-servizzi, il-valur għall-flus u l-aċċessibilità.

Dan il-proġett pilota hu uniku u mhuwix żejjed jew f'kunflitt mal-ebda programm nazzjonali jew tal-Unjoni. L-użu ta' netwerks tal-broadband mhuwiex il-punt ewlieni ta' dan il-proġett pilota u b'hekk ma jxekkilx il-programmi nazzjonali jew tal-Unjoni għall-użu tal-broadband fl-Istati Membri.

Dan il-proġett pilota għandu jkollu tul ta' sentejn.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 77*** *(ikompli)*

09 04 77 03 Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politiki

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-proġett pilota għandu l-għan li jaċċellera l-użu sħiħ tal-kapital intellettwali tal-Ewropea għall-benefiċċju taċ-ċittadini, intraprendituri u xjentisti permezz ta' għodod medjatiċi ġodda.

L-iskop huwa biex tiġi żviluppata infrastruttura elettronika bbażata fuq il-kunċett ta' netwerks soċjali, biex tippromwovi l-komunikazzjoni diretta bejn ir-riċerkaturi, in-negozji u l-midja fi ħdan iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA).

Il-proġett, li se jibda mill-oqsma strateġiċi madwar il-prijorità "Sfidi Soċjetali" kif deskritt fl-istrateġija Ewropa 2020, il-proġett pilota se jappoġġa l-ħolqien ta' raggruppamenti virtwali dwar dawn it-temi ewlenin u b'hekk joħloq mod dirett għad-djalogu miftuħ bejn ix-xjenza u s-soċjetà.

Il-proġett pilota se jippromwovi interazzjoni attiva bejn ix-xjenza, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika permezz tal-involviment tal-midja Ewropea u l-midja soċjali, sabiex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-twaqqif ta' aġenda għar-riċerka, proċessi ta' riċerka li għaddejjin bħalissa, kif ukoll diskussjonijiet dwar ir-riżultati u l-impatti tar-riċerka għas-soċjetà, il-politika u r-riċerka addizzjonali.

L-objettivi tal-proġett pilota huma:

— l-iżvilupp ta' infrastruttura elettronika affidabbli u mingħajr skop ta' profitt (simili għan-netwerks soċjali) bħala għodda bażika biex tippromwovi komunikazzjoni aktar b'saħħitha u djalogu bejn id-dixxiplini, is-setturi u l-fruntieri,

— l-integrazzjoni tas-sigurtà tal-identità tar-riċerkaturi u atturi oħra sabiex jiġi żgurat ambjent affidabbli u sikur,

— il-konnessjoni ma' bażijiet ta' data tar-riċerka eżistenti biex jiġi żgurat punt ta' aċċess waħdieni għar-riżultati tar-riċerka mill-pajjiżi u d-dixxiplini kollha (interoperabilità) li jingħaqdu wkoll ma' inizjattivi Ewropej eżistenti,

— il-ħolqien ta' raggruppamenti virtwali dwar is-suġġetti tal-"isfidi soċjetali" li jgħaqqdu flimkien ir-riċerkaturi, l-industrija, il-midja u dawk li jfasslu l-politika sabiex isaħħu l-kollaborazzjonijiet dwar dawn it-temi ewlenin, billi jibda minn kollaborazzjonijiet Ewropej eżistenti li joħolqu għodda faċli u utli li tiffaċilità d-djalogu u l-kollaborazzjonijiet,

— il-ħolqien ta' djalogu dirett bejn dawn ir-raggruppamenti virtwali (ara punt d) u ċ-ċittadini permezz ta' konnessjoni mal-midja ewlenija Ewropea.

Il-proġett għandu l-għan li jwieġeb għal uħud mill-ħtiġijiet u t-tħassib definiti fl-Aġenda Diġitali u Orizzont 2020.

Kwistjonijiet attwali li l-proġett se jindirizza: l-iżviluppi tal-ICT riċenti wrew kif is-setgħa tan-netwerks soċjali u l-infrastrutturi elettroniċi jistgħu jużaw il-potenzjal tan-netwerks.

KUMMISSJONI

*TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA*

**KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***09 04 77*** *(ikompli)*

09 04 77 03 *(ikompli)*

Fil-fatt, il-problemi tal-ambjent onlajn eżistenti għall-Infrastrutturi elettroniċi tar-riċerka huma:

— daqs: il-maġġoranza tan-netwerks eżistenti huma wisq żgħar biex imorru lil hinn mill-qasam u l-grupp ta' riċerka speċifiċi (skont l-istatistika tal-Kummissjoni, id-daqs medju ta' netwerk onlajn ta' riċerkaturi huwa madwar 100 utent). Hemm bżonn netwerk interoperabbli kbir li jippermetti lir-riċerkaturi u partijiet oħra interessati jsibu l-informazzjoni li jkunu qed ifittxu bejn is-setturi u d-dixxiplini kollha b'għodda familjari,

— ambitu: tradizzjonalment, in-netwerks iġibu flimkien lill-utenti fi ħdan l-istess qasam u settur. Sabiex tiġi sfruttata l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Ewropa jeħtieġ li nagħmluha aktar faċli biex jinħolqu konnessjonijiet transdixxiplinarji (intersettorjali u interdixxiplinarji),

— affidabilità: waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn netwerks kbar fir-riċerka ma rnexxewx hija li relazzjonijiet eżistenti għadhom ibbażati fuq konnessjoni personali u l-identitajiet fuq in-netwerks onlajn mhumiex fdati. Sabiex jitrawmu realment il-konnessjonijiet transdixxiplinarji għandna bżonn sistema fejn il-verifika tal-identità toħloq ambjent sikur għall-utenti kollha involuti,

— fiduċja: aspett pivotali għal kull netwerk huwa l-fiduċja. Skont studji tas-suq, netwerk soċjali/infrastruttura elettronika Ewropej ikollhom bżonn jiġu żviluppati f'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati differenti, ikunu mingħajr skop ta' profitt u jkollhom politika tal-politika intellettwali ċara żviluppata flimkien mar-riċerkaturi.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-"NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT U T-TEKNOLOĠIJA"

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-"NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET, IL-KONTENUT U T-TEKNOLOĠIJA"

*TITOLU 10*

**RIĊERKA DIRETTA**

# TITOLU 10

## RIĊERKA DIRETTA

### Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 10 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA" | 353 845 000 | 353 845 000 | 350 080 000 | 350 080 000 | 384 553 025,75 | 384 553 025,75 |
| 10 02 | ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI | 33 556 000 | 27 860 506 | 33 089 156 | 30 721 154 | 35 790 517,82 | 32 965 959,75 |
| 10 03 | PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET DIRETTI | 10 455 000 | 9 530 479 | 10 250 000 | 9 720 153 | 10 744 079,02 | 9 562 710,76 |
| 10 04 | ATTIVITAJIET OĦRA TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 33 800 227,40 | 23 937 535,77 |
| 10 05 | OBBLIGAZZJONIJIET STORIĊI LI JIRRIŻULTAW MINN ATTIVITAJIET NUKLEARI MWETTQA MIĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA FL-AMBITU TAT-TRATTAT TAL-EURATOM | 26 999 000 | 29 000 000 | 30 900 000 | 29 204 688 | 29 364 948,04 | 27 961 409,83 |
| | **Titolu 10 — Total** | **424 855 000** | **420 235 985** | **424 319 156** | **419 725 995** | **494 252 798,03** | **478 980 641,86** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għal-linji baġitarji kollha fil-qasam politiku "Riċerka diretta" (bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu 10 05).

L-approprjazzjonijiet huma maħsubin biex ikopru nefqa li għandha x'taqsam ma':

— persunal li jokkupa karigi fit-tabella ta' stabbiliment awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u persunal estern li jimplimenta l-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni,

— kosti marbutin ma' persunal bħal missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u reklutaġġ,

— l-operat u l-funzjonament tal-istituti tal-JRC, is-sostenn amministrattiv, is-sikurezza u s-sigurtà tas-siti, in-nefqa marbuta mal-IT, il-kosti mhux rikorrenti u l-infrastrutturi tar-riċerka kbar,

— attivitajiet ta' riċerka u sostenn inkluż ir-riċerka esploratorja, apparat xjentifiku u tekniku, sottokuntrattar ta' servizzi, eċċ.,

— kompiti ta' riċerka u sostenn xjentifiku li jirrigwardaw attivitajiet fdati lill-JRC fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva b'sostenn tal-politiki tal-Unjoni u f'isem korpi barranin.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Dħul mixxellanju jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex jintużaw fil-Kapitoli 10 02, 10 03 jew 10 04 jew fl-Artikolu 10 01 05, skont l-iskop tagħhom.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti, hemm il-possibilità li pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partita 6 0 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu pprovduti taħt il-Partiti 10 02 50 01 u 10 03 50 01.

KUMMISSJONI
*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

# TITOLU 10

# RIĊERKA DIRETTA

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"**

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA" | | | | | |
| ***10 01 05*** | ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-politika "Riċerka diretta"*** | | | | | |
| 10 01 05 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 138 577 000 | 145 865 475 | 135 906 245,22 | 98,07 |
| 10 01 05 02 | Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 32 731 000 | 32 407 225 | 48 186 493,95 | 147,22 |
| 10 01 05 03 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 59 870 000 | 64 031 900 | 80 742 502,46 | 134,86 |
| 10 01 05 04 | Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Orizzont 2020 | 1.1 | 3 339 000 | | | — |
| 10 01 05 11 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom | 1.1 | 56 275 000 | 59 234 525 | 55 096 522,44 | 97,91 |
| 10 01 05 12 | Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom | 1.1 | 10 699 000 | 10 592 775 | 16 570 116,95 | 154,88 |
| 10 01 05 13 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom | 1.1 | 38 707 000 | 37 948 100 | 48 051 144,73 | 124,14 |
| 10 01 05 14 | Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Programm tal-Euratom | 1.1 | 13 647 000 | | | — |
| | *Artikolu 10 01 05 — Sub-total* | | 353 845 000 | 350 080 000 | 384 553 025,75 | 108,68 |
| | **Kapitolu 10 01 — Total** | | **353 845 000** | **350 080 000** | **384 553 025,75** | **108,68** |

### *10 01 05 Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-politika "Riċerka diretta"*

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 3 u 6 2 2 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 1, 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dan id-dħul se jintuża biex ikopri, *inter alia*, nefqa mġarrba fuq persunal u riżorsi fir-rigward ta' ħidma magħmula għal partijiet terzi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

KUMMISSJONI
*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"** *(ikompli)*

***10 01 05*** *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 3 1 u tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

L-approprjazzjonijiet jistgħu jiġu ssupplimentati mill-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fuq bażi kompetittiva f'azzjonijiet indiretti u f'attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'sostenn għall-politiki tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' natura kompetittiva mwettqa mill-JRC għandhom ikunu jikkonsistu f':

— attivitajiet imwettqa wara proċeduri ta' għoti jew ta' akkwist,

— attivitajiet f'isem partijiet terzi,

— attivitajiet imwettqa skont ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-provdiment ta' servizzi tekniċi-xjentifiċi.

l-approprjazzjonijiet tal-2013 mill-partiti fl-Artikolu 10 01 05 li huma awtomatikament riportati għall-2014 se jiġu riżervati għat-tliet partiti Orizzont 2020 f'dan l-Artikolu.

10 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 138 577 000 | 145 865 475 | 135 906 245,22 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jokkupaw karigi fit-tabella ta' stabbiliment awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, u b'mod partikolari:

— l-azzjoni diretta, li tikkonsisti f'attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' sostenn xjentifiku u tekniku, u attivitajiet esploratorji ta' riċerka magħmula fl-istabbilimenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka,

— l-azzjoni indiretta, li tikkonsisti fi programmi implimentati bħala parti mill-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka mwettqa fuq bażi kompetittiva.

Il-kosti tal-persunal jinkludu s-salarju bażiku, gratifiki, indennizzi mixxellanji u kontribuzzjonijiet imsejsa fuq dispożizzjonijiet statutorji, inklużi nefqiet marbutin mad-dħul fis-servizz, bidla fil-post tal-impjieg u terminazzjoni tas-servizz.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 02.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"** *(ikompli)*

***10 01 05*** *(ikompli)*

10 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 32 731 000 | 32 407 225 | 48 186 493,95 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta ma' persunal estern li jokkupa karigi li mhumiex fit-tabella ta' stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jiġifieri persunal kuntrattwali, detenturi ta' għotjiet, esperti nazzjonali sekondati u xjenzati li jżuru, inkluż persunal estern sekondat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 59 870 000 | 64 031 900 | 80 742 502,46 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 03 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— Nefqa marbuta ma' persunal mhux koperta mill-Partiti 10 01 05 01 u 10 01 05 02 li tinkludi missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u soċjali, nefqa fuq l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, intervisti lill-kandidati, kosti tar-rappreżentanza, eċċ.,

— Nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha użati għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Din tinkludi:

  — nefqiet marbutin mal-operat u l-funzjonament tal-istituti tal-JRC: il-manutenzjoni regolari tal-binjiet, infrastruttura teknika u apparat xjentifiku; utilitajiet u fluwidi, tisħin, tkessiħ u ventilazzjoni; materjali u apparat tal-ħwienet tax-xogħol; tindif ta' siti, toroq u binjiet, immaniĠĠar tal-iskart; eċċ.,

  — nefqiet marbutin mas-sostenn amministrattiv tal-istituti tal-JRC: għamara; oġġetti ta' kartollerija; telekomunikazzjonijiet; dokumentazzjoni u pubblikazzjonijiet; trasport; provvisti mixxellanji; assigurazzjonijiet ġenerali; eċċ.,

  — nefqiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tas-siti: saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; radjuprotezzjoni; servizzi għat-tifi tan-nar; eċċ.,

  — nefqa marbuta mal-IT: kmamar tal-kompjuters; ħardwer u softwer; servizzi ta' netwerking; sistemi ta' informazzjoni; ħelpdesk u assistenza lill-utenti; eċċ.,

  — kosti mhux rikorrenti: din l-approprjazzjoni tkopri xogħlijiet ta' restawr, rijabilitazzjoni u kostruzzjoni f'siti tal-JRC. Tindirizza nefqiet bħal kosti ta' manutenzjoni eċċezzjonali, xogħlijiet ta' restawr, adattament għal standards ġodda, eċċ. Tista' wkoll tiffinanzja l-infrastrutturi tar-riċerka mhux koperti mill-Partita 10 01 05 04.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"** *(ikompli)*

***10 01 05*** *(ikompli)*

10 01 05 03 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 04 Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 339 000 | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha għall-iffinanzjar ta' proġetti ta' infrastrutturi kbar tar-riċerka, b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda, l-arranġament mill-ġdid ta' binjiet eżistenti u x-xiri ta' apparat importanti relatat mal-infrastruttura teknika tas-siti.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-Partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 11 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 56 275 000 | 59 234 525 | 55 096 522,44 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jokkupaw karigi fit-tabella ta' stabbiliment awtorizzata taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Programm tal-Euratom, u b'mod partikolari:

— l-azzjoni diretta, li tikkonsisti f'attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' sostenn xjentifiku u tekniku, u attivitajiet esploratorji ta' riċerka magħmula fl-istabbilimenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka,

— l-azzjoni indiretta, li tikkonsisti minn programmi implimentati bħala parti mill-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka magħmula fuq bażi kompetittiva.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"** *(ikompli)*

***10 01 05*** *(ikompli)*

10 01 05 11 *(ikompli)*

Il-kosti tal-persunal jinkludu s-salarju bażiku, gratifiki, indennizzi mixxellanji u kontribuzzjonijiet imsejsa fuq dispożizzjonijiet statutorji, inklużi nefqiet marbutin mad-dħul fis-servizz, bidla fil-post tal-impjieg u terminazzjoni tas-servizz.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 03.

10 01 05 12 Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 699 000 | 10 592 775 | 16 570 116,95 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta ma' persunal estern li jokkupa karigi li mhumiex fit-tabella ta' stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jiġifieri persunal kuntrattwali, detenturi ta' għotjiet, esperti nazzjonali sekondati u xjenzati fuq żjara, inkluż persunal estern sekondat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Programm tal-Euratom.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 03.

10 01 05 13 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 38 707 000 | 37 948 100 | 48 051 144,73 |

*Kummenti*

Ex *Partita 10 01 05 03 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— nefqa marbuta ma' persunal mhux koperta mill-Partiti 10 01 05 11 u 10 01 05 12 li tinkludi missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u soċjali, nefqa fuq l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, intervisti lill-kandidati, kosti tar-rappreżentanza, eċċ.,

— nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha użati għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Din tinkludi:

  — nefqiet marbutin mal-operat u l-funzjonament tal-istituti tal-JRC: il-manutenzjoni regolari tal-binjiet, infrastruttura teknika u apparat xjentifiku; utilitajiet u fluwidi; tisħin, tkessiħ u ventilazzjoni; materjali u apparat tal-ħwienet tax-xogħol; tindif ta' siti, toroq u binjiet, immaniĠĠar tal-iskart; eċċ.,

  — nefqiet marbutin mas-sostenn amministrattiv tal-istituti tal-JRC: għamara; oġġetti ta' kartollerija; telekomunikazzjonijiet; dokumentazzjoni u pubblikazzjonijiet; trasport; provvisti mixxellanji; assigurazzjonijiet ġenerali; eċċ.,

  — nefqiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tas-siti: saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; radjuprotezzjoni; servizzi għat-tifi tan-nar; eċċ.,

**KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"** *(ikompli)*

***10 01 05*** *(ikompli)*

10 01 05 13 *(ikompli)*

- nefqa marbuta mal-IT: kmamar tal-kompjuters; ħardwer u softwer; servizzi ta' netwerking; sistemi ta' informazzjoni; ħelpdesk u assistenza lill-utenti; eċċ.,
- kosti mhux rikorrenti: din il-Partita tkopri x-xogħlijiet ta' restawr, rijabilitazzjoni u kostruzzjoni f'siti tal-JRC. Tindirizza nefqiet bħal kosti ta' manutenzjoni eċċezzjonali, xogħlijiet ta' restawr, adattament għal standards ġodda, eċċ. Tista' wkoll tiffinanzja l-infrastrutturi tar-riċerka mhux koperti bil-Partita 10 01 05 14.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 03.

10 01 05 14 Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Programm tal-Euratom

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 13 647 000 | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha għall-iffinanzjar ta' proġetti ta' infrastrutturi kbar tar-riċerka, b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda, l-arranġament mill-ġdid ta' binjiet eżistenti u x-xiri ta' apparat importanti relatat mal-infrastruttura teknika tas-siti.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 10 03.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 02 — ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 10 02 | ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI | | | | | | | | |
| ***10 02 01*** | ***Orizzont 2020 — Appoġġ xjentiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni*** | 1.1 | 33 556 000 | 10 280 091 | | | | | — |
| ***10 02 50*** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 10 02 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 10 02 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 839 899,88 | 1 121 660,77 | — |
| | *Artikolu 10 02 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 839 899,88 | 1 121 660,77 | — |
| ***10 02 51*** | ***Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru — Azzjonijiet diretti (2007 sal-2013)*** | 1.1 | p.m. | 17 580 415 | 33 089 156 | 30 721 154 | 34 738 553,98 | 31 547 220,08 | 179,45 |
| ***10 02 52*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Azzjonijiet diretti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 212 063,96 | 297 078,90 | — |
| | **Kapitolu 10 02 — Total** | | **33 556 000** | **27 860 506** | **33 089 156** | **30 721 154** | **35 790 517,82** | **32 965 959,75** | **118,33** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprazzjoni se tintuża għall-Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-riċerka, u l-innovazzjoni li jkopri l-perjodu 2014-2020.

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva rappreżentattiva Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi rappreżentattivi oħrajn, b'mod partikolari "Ewropa li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta' riċerka addizjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża skont ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 02 — ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI** *(ikompli)*

***10 02 01 Orizzont 2020 — Appoġġ xjentiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 33 556 000 | 10 280 091 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri s-sostenn xjentifiku u tekniku u l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka skont il-Parti IV tal-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 "Azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)", biex tipprovdi appoġġ xjentifiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni Ewropea. Il-prijoritajiet speċifiċi huma:

— xjenza eċċellenti: il-JRC għandu jagħmel riċerka biex isaħħaħ il-bażi ta' evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika, biex jippromwovi l-fehim tal-proċessi naturali sottostanti għall-isfidi soċjetali, u biex jeżamina oqsma emerġenti tax-xjenza u t-teknoloġija, inkluż permezz ta' programm esploratorju ta' riċerka,

— rwol ta' tmexxija industrijali. Il-JRC se jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u l-kompetittività billi: ikompli jikkontribwixxi għall-orjentazzjoni strateġika u l-aġenda xjentifika ta' strumenti rilevanti ta' riċerka indiretta; jappoĠĠa t-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija; u jikkontribwixxi biex jiġi ffaċilitat l-użu, l-istandardizzazzjoni u l-validazzjoni tat-teknoloġiji u d-data tal-ispazju,

— sfidi soċjetali: Il-JRC għandu jagħmel riċerka fuq it-temi li ġejjin: is-saħħa, il-bidla demografika u l-benesseri; is-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka marina u marittima u l-bijoekonomija; l-enerġija sigura, nadifa u effiċjenti; it-trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat; l-azzjoni klimatika, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-materja prima; is-soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri.

Hija tkopri nefqa speċifika li tirrigwarda attivitajiet ta' riċerka u sostenn, inkluż ix-xiri ta' apparat xjentifiku u tekniku, is-sottokuntrattar ta' servizzi xjentifiċi u tekniċi, l-aċċess għall-informazzjoni, l-akkwiżizzjoni ta' prodotti ta' konsum, eċċ. Din tinkludi n-nefqa fuq infrastruttura xjentifika mġarrba direttament għall-proġetti kkonċernati.

Hija tkopri wkoll in-nefqa ta' kwalunkwe tip li għandha x'taqsam ma' kompiti ta' riċerka u sostenn xjentifiku li jirrigwardaw attivitajiet taħt dan l-Artikolu fdati liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva b'sostenn tal-politiki tal-Unjoni u f'isem korpi barranin.

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 3 u 6 2 2 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu3(6) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 02 — ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI** *(ikompli)*

**10 02 50** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

10 02 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa li tirrigwarda dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew Stati (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fil- programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 għall-perjodu 2014-2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 3 1 u tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

10 02 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 839 899,88 | 1 121 660,77 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 10 02 02*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa li tirrigwarda dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew Stati (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku mhux nukleari, mill-perjodu ta' qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 3 1 u tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

**10 02 51** ***Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru — Azzjonijiet diretti (2007 sal-2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 17 580 415 | 33 089 156 | 30 721 154 | 34 738 553,98 | 31 547 220,08 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 10 02 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 3 u 6 2 2 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA*

**KAPITOLU 10 02 — ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI** *(ikompli)*

***10 02 51*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/975/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 368).

— it-tisħiħ u l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u kapitali kif ukoll tas-servizzi finanzjarji għan-negozji u l-individwi privati; l-adattament tal-qafas regolatorju tas-suq, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-monitoraġġ u r-regolazzjoni tal-attivitajiet tal-operaturi u tat-tranżazzjonijiet biex jitqiesu l-bidliet fuq livell globali tal-Unjoni u fuq livelli globali, tar-realtà tal-euro u tal-istrumenti finanzjarji l-ġodda, permezz tal-preżentazzjoni ta' inizjattivi ġodda li jimmiraw lejn il-konsolidament u ssir analiżi dettaljata tar-riżultati miksuba bl-ewwel Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji,

— titjib tas-sistemi ta' pagament u s-servizzi finanzjarji għall-konsumatur fis-suq intern; tnaqqis fil-kost u l-ħin meħtieġ għal dawn it-tranżazzjonijiet, filwaqt li titqies id-dimensjoni tas-suq intern; l-iżvilupp ta' aspetti tekniċi biex jistabbilixxu sistema ta' pagament jew oħra fuq il-bażi ta' segwitu permezz ta' komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni; it-twettiq ta' studji f'dan il-qasam,

— l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikonoxximent reċiproku ta' strumenti finanzjarji fir-rigward ta' pajjiżi terzi, negozjati internazzjonali, assistenza għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta' ekonomija tas-suq,

— l-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Dritt Soċjetarju u l-Governanza Korporattiva, li jista' jagħti lok għal studji dwar diversi suġġetti speċifiċi, fid-dawl tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi neċessarji,

— l-analiżi tal-effett tal-miżuri fis-seħħ fil-qafas tas-segwitu tal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinament tal-istrateġiji ta' politika tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU); il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant; l-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fis-settur postali u d-dupplikazzjoni mar-regolamenti tal-UPU,

— l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta' flus, inkluż il-parteċipazzjoni f'miżuri intergovernattivi jew *ad hoc* f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force) dwar il-ħasil ta' flus maħluq skont l-OECD,

— il-parteċipazzjoni attiva f'laqgħat ta' assoċjazzjonijiet internazzjonali bħall-Assoċjazzjonji Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (AICA/IAIS, International Association of Insurance Supervisors) u l-Kummissjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjoni tat-Titoli (IOSCO, International Organisation of Securities Commission); dan jinvolvi wkoll l-ispejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tal-grupp,

— l-iżvilupp tal-evalwazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-politiki koperti minn dan il-kapitolu għall-fini tat-tfassil ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti relatati,

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** *(ikompli)*

***12 02 01*** *(ikompli)*

— il-ħolqien u ż-żamma ta' sistemi b'konnessjoni diretta mal-effetwar u l-monitoraġġ tal-politiki varati fil-qafas tas-suq intern għas-servizzi,

— l-appoġġ għall-attivitajiet li jfittxu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' politika tal-Unjoni billi jtejbu l-konverġenza u l-kooperazzjoni superviżorja fil-qasam tar-rapportar finanzjarju, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha.

Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, din l-approprjazzjoni tkopri l-kostijiet tal-konsultazzjoni, l-istudji, l-istħarriġiet, l-evalwazzjonijiet, il-parteċipazzjoni, il-produzzjoni, l-iżvilupp tal-pubbliċità, is-sensibilizzazzjoni u l-materjali tat-taħriġ (materjal stampat, materjal awdjoviżiv, valutazzjonijiet, għodod informatiċi, ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni, miżuri ta' informazzjoni u pariri għaċ-ċittadini u n-negozji).

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni biex tiżgura l-funzjonament effikaċi tal- Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tinkludi it-twaqqif ta' korp ta' koordinazzjoni ċentrali li jgħin lill-Istati Membri fis-sorveljanza tal-kooperazzjoni tas-suq, waqt li tibni fuq strutturi u esperjenzi eżistenti. Dan il-korp ta' koordinazzjoni jkun jappoġġa l-kooperazzjoni, il-ġbir tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri biex jiżguraw l-istess livell għoli ta' sorveljanza tas-suq madwar l-Unjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30). Għal dan l-għan, se jiġi organizzat taħriġ konġunt regolari għar-rappreżentanti tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq nazzjonali mill-Istati Membri kollha, li jiffoka fuq l-aspetti prattiċi rilevanti tas-sorveljanza tas-suq bħas-segwitu ta' lmenti, il-monitoraġġ ta' inċidenti, il-verifika li ttieħdet azzjoni korrettiva, is-segwitu ta' għarfien xjentifiku u tekniku li jikkonċerna kwistjonijiet ta' sigurtà u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet tad-dwana. Barra minn hekk, l-iskambji ta' uffiċjali nazzjonali u programmi ta' żjarat konġunti se jrawwmu l-iskambju tal-esperjenza fost l-Istati Membri. Apparti dan, se tinġabar dejta kumparattiva dwar ir-riżorsi ddedikati għas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri differenti u tiġi diskussa fil-livell xieraq mal-awtoritajiet nazzjonali. L-għan hu li tinħoloq is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jkun hemm ir-riżorsi adegwati meħtieġa biex tiġi garantita sorveljanza tas-suq konsistenti, komprensiva u effiċjenti fis-Suq Intern, u li jingħata kontribut għar-reviżjoni li ġejja tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sorveljanza tas-suq, u t-tħejjija tas-segwitu għall-Programm Dwana 2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, stħarriġiet, laqgħat ta' esperti, attivitajiet ta' informazzjoni, attivitajiet u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew ta' miżuri koperti minn dan l-artikolu, flimkien ma' kull nefqa oħra għall-assistenza teknika jew amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2002 bit-titolu: "Nota Metodoloġika għall-Valutazzjoni Orizzontali tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali" (COM(2002) 331 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** *(ikompli)*

### *12 02 02 Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 4 000 000 | 3 250 000 | 2 350 000 | 938 998 | 786 101,02 | 747 418,17 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-miżuri għall-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' SOLVIT u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-servizzi ta' assistenza dwar is-suq uniku.

Is-sistema SOLVIT uriet li hija waħda mill-aktar mekkaniżmi l-aktar effikaċi ta' solviment tat-tilwim barra l-qorti.

Tista' tittratta b'mod effikaċi u effiċjenti l-problemi li jaffaċċaw iċ-ċittadini jew in-negozji, li jirriżultaw minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor. Apparti dan, is-sistema SOLVIT hija kapaċi tipprovdi informazzjoni ta' rispons billi tintuża sistema ta' databażi online aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li ċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jużawha biex iressqu direttament l-problemi tagħhom.

Madankollu, SOLVIT bħal bosta servizzi ta' assistenza pubblika oħra marbuta ma' kwistjonijiet tal-Unjoni għandha mhijiex magħrufa ħafna fost l-utenti potenzjali tas-sistema. Fl-istess ħin iċ-ċittadini u n-negozji ta' spiss jitfixklu dwar l-indirizz it-tajjeb fejn iressqu t-talbiet tagħhom għal informazzjoni, assistenza u soluzzjoni tal-problemi. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, il-Kummissjoni ħabbret, bħala parti mir-reviżjoni tas-Suq Uniku, li se tagħmel ħilitha biex toħloq punt ta' aċċess wieħed ibbażat fuq l-internet li jiggwida liċ-ċittadini u lin-negozji lejn is-servizz it-tajjeb. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni varat sit web ġdid, L-Ewropa Tiegħek (Your Europe), li jipprovdi liċ-ċittadini u n-negozji b'informazzjoni, u jirreferihom direttament lejn is-servizzi relevanti bħal SOLVIT fil-każ li jkollhom bżonn għajnuna. L-Ewropa Tiegħek, flimkien maċ-ċentru telefoniku tal-Europe Direct, jirrappreżentaw il-punt ta' kuntatt waħdieni għas-sistema SOLVIT. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew f'rapport annwali dwar kemm jintuża ta' spiss il-punt ta' kuntatt u miżuri possibbli biex ikompli jittejjeb.

L-Istati Membri għandhom jitħeġġew sabiex jadottaw miżuri xierqa biex javżaw liċ-ċittadini tagħhom dwar l-eżistenza tal-punt ta' kuntatt waħdieni.

Barra minn hekk, fil-pjan ta' azzjoni tat-8 ta' Mejju 2008 tal-Kummissjoni dwar approċċ integrat għall-forniment ta' Servizzi ta' Assistenza dwar is-Suq Uniku liċ-ċittadini u lin-negozji, ġew proposti firxa ta' azzjonijiet biex tiżdied il-kooperazzjoni fost is-servizzi eżistenti ta' assistenza sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ġenerali aħjar, aktar rapidu u armonizzat liċ-ċittadini u n-negozji,

Il-promozzjoni ta' dawn is-servizzi kollha teħtieġ li sseħħ ukoll b'mod aktar koordinat biex ikun evitat li ċ-ċittadini u n-negozji jitfixklu minħabba li jkun hemm wisq ismijiet ta' marki.

Apparti dan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar miżuri konkreti li jkunu ttieħdu f'dan il-qasam.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** *(ikompli)*

### *12 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

12 02 77 01 Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | — | 855 000 | 1 124 913,29 | 1 207 112,29 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 12 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett bi prova.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 02 Proġett pilota — Bini tal-kapaċità tal-utenti aħħarin u partijiet interessati oħra mhux industrijali għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 500 000 | 1 500 000 | 1 000 000 | 1 250 000,— | 937 500,— |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 12 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett bi prova.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** *(ikompli)*

***12 02 77*** *(ikompli)*

12 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 200 000 | 1 200 000 | 1 200 000 | 600 000 | | |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 12 02 05*

Il-Forum tas-Suq Uniku għandu jkun avveniment annwali, li jsir preferibbilment fl-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Jista' jkun preċedut minn numru ta' avvenimenti preparatorji b'kontenut reġjonali, organizzati b'mod konġunt mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni. Dan l-avveniment għandu jkun pjattaforma importanti għall-iskambju tal-aħjar prattika fost il-partijiet interessati, li tinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom fis-Suq Uniku u teżamina l-istat tas-Suq Uniku. Għandu jlaqqa' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-konsumaturi kif ukoll rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jiġi stabbilit impenn ċar favur it-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku. Għandu jkun pjattaforma għad-diskussjoni tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tas-Suq Uniku u għall-preżentazzjoni tal-aspettattivi taċ-ċittadini, tan-negozji u ta' partijiet interessati oħrajn fir-rigward ta' proposti leġiżlattivi futuri. L-għan ta' dan l-avveniment għandu jkun li jittratta t-traspożizzjoni mhux korretta, l-applikazzjoni ħażina u n-nuqqas ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku billi jtejjeb il-koordinazzjoni u l-governanza tas-Suq Uniku, Għandu jinħoloq kumitat ta' tmexxija, li jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE li tkun fil-kariga fiż-żmien meta jsir l-avveniment, liema kumitat għandu jiddefinixxi l-arranġamenti organizzattivi għall-Forum tas-Suq Uniku.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 04 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni mill-impjegati

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 250 000 | 500 000 | 250 000 | | |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 12 02 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett bi prova.

Il-proġett bi prova jimplimenta l-konklużjonijiet ewlenin tas-smigħ pubbliku li sar fil-Parlament Ewropew fit-22 ta' Marzu 2012, li ssottolinja l-ħtieġa li tingabar dejta eżatta dwar il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti dwar is-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati. L-għan ta' dan il-ġbir ta' dejta se jkun li jitwaqqaf Ċentru Ewropew għas-Sjieda tal-Impjegati f'kull Stat Membru, biex jagħti informazzjoni, taħriġ u pariri lill-impjegati, lill-impriżi u lill-pubbliku sabiex jiġu ffaċilitati l-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni xierqa għal żvilupp aħjar tas-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-Unjoni, li l-benefiċċji tagħhom għas-soċjetà huma enfasizzati fl-opinjoni ta' inizjattiva proprja Soc 371 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fl-Ewropa.

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 02 — POLITIKA TA' SUQ UNIKU U MOVIMENT LIBERU TAS-SERVIZZI** *(ikompli)*

***12 02 77*** *(ikompli)*

12 02 77 04 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

12 02 77 05 Azzjoni preparatorja — Bini tal-kapaċità għall-utenti aħħarin u l-partijiet interessati oħra mhux mis-settur industrijali f'rabta mat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 750 000 | 875 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika heżżet b'mod sinifikanti l-kunfidenza tal-konsumaturi, tal-investituri fil-livell tal-konsum u SMEs fil-qafas leġiżlattiv u regolatorju li suppost qiegħed hemm biex jipproteġihom min-nuqqasijiet li jseħħu fis-sistema finanzjarja. Għalhekk, huwa iktar essenzjali minn qatt qabel li l-preokkupazzjonijiet tal-utenti aħħarin u ta' partijiet interessati oħra mhux industrijali għandhom jitqiesu meta jkunu qed jiġu ddisinjati inizjattivi li jkollhom il-għan li jerġgħu jibnu l-kunfidenza taċ-ċittadini fis-solidità tas-settur finanzjarju u fl-abilità li għandha l-integrazzjoni finanzjarja li tagħtihom benefiċċji konkreti.

Din l-azzjoni preparatorja, li ssegwi fuq proġett pilota li rnexxa, timmira li ssaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, bil-għan li dawk li jfasslu l-politiki jkollhom kontrapiż għal-lobbies mis-settur tas-servizzji finanzjarji u li l-pubbliku aktar wiesa' jiġi infurmat dwar il-kwistjonijiet involuti fir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji għall-konsumaturi, l-utenti aħħarin, l-investituri fil-livell tal-konsum u partijiet interessati oħra mhux mis-settur industrijali.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 12 03 | SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI | | | | | | | | |
| ***12 03 01*** | ***Standards fl-oqsma tar-rapportar finanzjarju u awditjar*** | 1.1 | 6 800 000 | 5 276 000 | | | | | — |
| ***12 03 02*** | ***Awtorità Bankarja Ewropea*** | 1.1 | 12 999 920 | 12 999 920 | 7 455 000 | 7 455 000 | 8 299 000,— | 7 561 538,— | 58,17 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | | | *1 500 000* | *1 500 000* | | | |
| | | | 12 999 920 | 12 999 920 | 8 955 000 | 8 955 000 | 8 299 000,— | 7 561 538,— | |
| ***12 03 03*** | ***Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol*** | 1.1 | 8 588 800 | 8 588 800 | 6 385 000 | 6 385 000 | 6 262 000,— | 5 761 040,— | 67,08 |
| ***12 03 04*** | ***Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq*** | 1.1 | 10 368 000 | 10 368 000 | 6 914 000 | 6 914 000 | 7 120 000,— | 6 408 000,— | 61,81 |
| ***12 03 51*** | ***Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, rapportar finanzjarju u awditjar*** | 1.1 | p.m. | 2 495 000 | 7 650 000 | 7 373 371 | 7 450 000,— | 7 743 928,— | 310,38 |
| | **Kapitolu 12 03 — Total** | | **38 756 720** | **39 727 720** | **28 404 000** | **28 127 371** | **29 131 000,—** | **27 474 506,—** | **69,16** |
| | ***Riżervi (40 02 41)*** | | | | ***1 500 000*** | ***1 500 000*** | | | |
| | | | **38 756 720** | **39 727 720** | **29 904 000** | **29 627 371** | **29 131 000,—** | **27 474 506,—** | |

### *12 03 01 Standards fl-oqsma tar-rapportar finanzjarju u awditjar*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 6 800 000 | 5 276 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta b'rabta mal-programm għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

L-għan ġenerali ta' dan il-programm huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern billi jkunu appoġġati l-ħidmiet, l-attivitajiet u l-azzjonijiet ta' ċerti korpi fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

Il-finanzjament tal-Unjoni huwa essenziali sabiex tkun żgurata s-superviżjoni effiċjenti u effettiva tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji, b'mod partikulari minħabba l-kriżi finanzjarja ta' dan l-aħħar.

Attivitajiet bħalma huma l-iżvilupp jew il-provvediment ta' input għall-iżvilupp ta' standards, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ ta' standards jew is-sorveljanza ta' proċessi tal-iffissar ta' standards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika huma koperti mill-programm.

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI** *(ikompli)*

***12 03 01*** *(ikompli)*

Hija l-kontinwazzjoni tal-programm Komunitarju li jiġu appoġġati attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar kif ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2012, li tistabbilixxi programm tal-Unjoni għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 (COM(2012) 782), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

***12 03 02*** ***Awtorità Bankarja Ewropea***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 12 03 02 | 12 999 920 | 12 999 920 | 7 455 000 | 7 455 000 | 8 299 000,— | 7 561 538,— |
| *Riżervi (40 02 41)* | | | *1 500 000* | *1 500 000* | | |
| Total | 12 999 920 | 12 999 920 | 8 955 000 | 8 955 000 | 8 299 000,— | 7 561 538,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 12 04 02 01 u 12 04 02 02*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42) jikkostitwixxu d-dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

KUMMISSJONI

*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI** *(ikompli)*

***12 03 02*** *(ikompli)*

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Bankarja Ewropea tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 13 439 945. Ammont ta' EUR 440 025 li jikkorrispondi għall-irkupru tal-eċċess li joħroġ mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2012, jiżdied mal-ammont ta' EUR 12 999 920 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

***12 03 03*** ***Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 8 588 800 | 8 588 800 | 6 385 000 | 6 385 000 | 6 262 000,— | 5 761 040,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 12 04 03 01 u 12 04 03 02*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 isawru dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel fil-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 8 699 572. Ammont ta' EUR 110 772 li ġej mill-irkupru tal-eċċess li ġej mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2012, jiżdied mal-ammont ta' EUR 8 588 800 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

**KAPITOLU 12 03 — SERVIZZI FINANZJARJI U SWIEQ KAPITALI** *(ikompli)*

**12 03 04** ***Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 10 368 000 | 10 368 000 | 6 914 000 | 6 914 000 | 7 120 000,— | 6 408 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 12 04 04 01 u 12 04 04 02*

B'kunsiderazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-Artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 11 071 823. Ammont ta' EUR 703 823 li ġej mill-irkupru tal-eċċess li ġej mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2012, jiżdied mal-ammont ta' EUR 10 368 000 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

**12 03 51** ***Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, rapportar finanzjarju u awditjar***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 2 495 000 | 7 650 000 | 7 373 371 | 7 450 000,— | 7 743 928,— |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 12 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li jkunu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika (ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8).

KUMMISSJONI
*TITOLU 12 — SUQ INTERN U S-SERVIZZI*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN U S-SERVIZZI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA GĦAS-SUQ INTERN U S-SERVIZZI

*TITOLU 13*

## POLITIKA REĠJONALI U URBANA

# TITOLU 13

# POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 13 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA" | 82 309 166 | 82 309 166 | 88 792 579 | 88 792 579 | 88 177 462,— | 88 177 462,— |
| 13 03 | FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA | 24 988 950 000 | 28 480 284 769 | 30 639 878 699 | 31 410 089 436 | 29 491 058 222,91 | 27 465 447 038,— |
| 13 04 | FOND TA' KOEŻJONI (FK) | 7 963 000 000 | 11 092 840 264 | 12 499 800 000 | 11 414 497 449 | 11 785 940 667,37 | 9 622 175 564,84 |
| 13 05 | STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI | 39 000 000 | 417 929 160 | 549 770 452 | 410 700 951 | 555 341 668,— | 353 885 898,46 |
| 13 06 | FOND TA' SOLIDARJETÀ | p.m. | 150 000 000 | 415 127 031 | 265 127 031 | 726 233 916,— | 726 233 916,— |
| | **Titolu 13 — Total** | **33 073 259 166** | **40 223 363 359** | **44 193 368 761** | **43 589 207 446** | **42 646 751 936,28** | **38 255 919 879,30** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

# TITOLU 13

# POLITIKA REĠJONALI U URBANA

## KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA" | | | | | |
| ***13 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*** | 5.2 | 58 155 170 | 59 230 935 | 59 215 511,60 | 101,82 |
| ***13 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*** | | | | | |
| 13 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 2 024 429 | 2 095 476 | 2 216 518,08 | 109,49 |
| 13 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 2 965 249 | 3 101 813 | 3 122 446,34 | 105,30 |
| | *Artikolu 13 01 02 — Sub-total* | | 4 989 678 | 5 197 289 | 5 338 964,42 | 107,— |
| ***13 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*** | 5.2 | 3 764 318 | 3 748 355 | 4 344 062,38 | 115,40 |
| ***13 01 04*** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*** | | | | | |
| 13 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għal Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) | 1.2 | 11 200 000 | 11 300 000 | 10 311 479,40 | 92,07 |
| 13 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Komponent Żvilupp reġjonali | 4 | p.m. | 5 116 000 | 4 972 037,69 | — |
| 13 01 04 03 | Nefqa ta' sostenn għall-Fond ta' Koeżjoni | 1.2 | 4 200 000 | 4 200 000 | 3 995 406,51 | 95,13 |
| | *Artikolu 13 01 04 — Sub-total* | | 15 400 000 | 20 616 000 | 19 278 923,60 | 125,19 |
| | **Kapitolu 13 01 — Total** | | **82 309 166** | **88 792 579** | **88 177 462,—** | **107,13** |

### ***13 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 58 155 170 | 59 230 935 | 59 215 511,60 |

**KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"** *(ikompli)*

### 13 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*

13 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Appropprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 024 429 | 2 095 476 | 2 216 518,08 |

13 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Appropprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 965 249 | 3 101 813 | 3 122 446,34 |

### 13 01 03 *Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*

*Figuri (Appropprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 764 318 | 3 748 355 | 4 344 062,38 |

### 13 01 04 *Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Politika reġjonali u urbana"*

13 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

*Figuri (Appropprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 11 200 000 | 11 300 000 | 10 311 479,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR skont l-Artikoli 58 u 118 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. L-assistenza teknika tista' tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, sorveljanza, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentrazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet, traduzzjonijiet),

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) sa EUR 3 060 000, kif ukoll missjonijiet marbutin ma' dan il-persunal.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"** *(ikompli)*

***13 01 04*** *(ikompli)*

13 01 04 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Komponent Żvilupp reġjonali

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 5 116 000 | 4 972 037,69 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri ta' assistenza teknika għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni:

— in-nefqa finanzjarja marbuta mal-preparazzjoni, il-valutazzjoni, l-approvazzjoni, is-segwitu, il-kontroll, l-awditjar u l-evalwazzjoni tal-programmi multiannwali u/jew l-operazzjonijiet u l-proġetti individwali li jaqgħu taħt il-komponent tal-iżvilupp reġjonali tal-IPA. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu kuntratti ta' assistenza teknika, studji, kompetenza espert ta' terminu qasir, laqgħat, skambji tal-esperjenzi, netwerking, informazzjoni u pubbliċità u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet u pubblikazzjonijiet ta' taħriġ marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm u kwalunkwe miżura oħra ta' sostenn imwettqa fil-livell tas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jew id-delegazzjonijiet fil-pajjiżi benefiċjarji,

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzata mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc* għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji u l-Kummissjoni,

— l-istallazzjoni, l-operat u l-interkonnessjoni ta' sistemi informatiċi għall-immaniġġar, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni,

— titjibiet fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prassi f'dan il-qasam,

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa t-tagħlim amministrattiv kif ukoll il-kooperazzjoni mal-NGOs u s-sħab soċjali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont il-Kapitolu 13 05.

**KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "POLITIKA REĠJONALI U URBANA"** *(ikompli)*

***13 01 04*** *(ikompli)*

13 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-Fond ta' Koeżjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 200 000 | 4 200 000 | 3 995 406,51 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika fil-Fond ta' Koeżjoni skont l-Artikoli 58 u 118 tar-Regolament propost taħt COM(2013) 246 final. L-assistenza teknika tista' tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, sorveljanza, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet, traduzzjonijiet),

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) sa EUR 1 340 000, kif ukoll missjonijiet marbutin ma' dan il-persunal.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

## KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 03 | FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA | | | | | | | | |
| **13 03 01** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 1 (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 985 469 995 | 0,— | 1 233 709 347,46 | — |
| **13 03 02** | ***Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 18 404 871,70 | — |
| **13 03 03** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 1 (ta' qabel l-2000)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| **13 03 04** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 2 (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 117 927 529 | 13 449,69 | 270 912 561,18 | — |
| **13 03 05** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 2 (ta' qabel l-2000)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| **13 03 06** | ***Tlestija ta' Urban (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 3 097 548 | 3 106,18 | 9 965 326,44 | — |
| **13 03 07** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti — Inizjattivi tal-UE (ta' qabel l-2000)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 225 934,49 | 225 934,49 | — |
| **13 03 08** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali u miżuri ta' innovazzjoni (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 136 000,— | — |
| **13 03 09** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali u miżuri ta' innovazzjoni (ta' qabel l-2000)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| **13 03 12** | ***Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 12 000 000,— | — |

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| **13 03 13** | ***Tlestija tal-inizjattiva Komunitarja Interreg III (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 42 000 000 | 3 699 160,54 | 129 184 779,76 | — |
| **13 03 14** | ***Sostenn għar-reġjuni fuq il-fruntiera ma' pajjiżi kandidati — Tlestija ta' programmi preċedenti (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| **13 03 16** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Konverġenza*** | 1.2 | p.m. | 21 544 000 000 | 25 310 105 801 | 24 798 520 000 | 24 286 754 507,— | 21 338 197 588,40 | 99,04 |
| **13 03 17** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — PEACE*** | 1.2 | p.m. | 26 000 000 | 34 060 138 | 45 000 000 | 33 392 292,— | 31 214 182,38 | 120,05 |
| **13 03 18** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kompetittività reġjonali u impjiegi*** | 1.2 | p.m. | 4 149 480 610 | 4 022 082 950 | 4 229 539 633 | 3 942 734 514,— | 3 339 206 917,07 | 80,47 |
| **13 03 19** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni territorjali Ewropea*** | 1.2 | p.m. | 1 106 791 028 | 1 213 929 810 | 1 145 523 270 | 1 170 680 290,— | 1 038 863 478,22 | 93,86 |
| **13 03 20** | ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali*** | 1.2 | p.m. | 25 600 000 | 50 000 000 | 35 583 088 | 45 518 218,01 | 37 669 113,37 | 147,14 |
| **13 03 31** | ***Tlestija ta' Assistenza teknika u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u għarfien aħjar tal-istrateġija dwar il-makroreġjuni (2007 sa 2013)*** | 1.2 | p.m. | 1 600 000 | 2 500 000 | 494 210 | 2 432 751,— | 894 230,33 | 55,89 |
| **13 03 40** | ***Tlestija ta' Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) il-pakkett Konverġenza (2007 sa 2013)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***13 03 41*** | ***Tlestija ta' Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) il-pakkett Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| ***13 03 60*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*** | 1.2 | 17 627 800 000 | 1 125 000 000 | | | | | — |
| ***13 03 61*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*** | 1.2 | 2 865 400 000 | 167 824 266 | | | | | — |
| ***13 03 62*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*** | 1.2 | 3 650 900 000 | 209 061 086 | | | | | — |
| ***13 03 63*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*** | 1.2 | 209 100 000 | 13 000 000 | | | | | — |
| ***13 03 64*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni Territorjali Ewropea*** | 1.2 | 505 700 000 | 53 703 765 | | | | | — |
| ***13 03 65*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali*** | | | | | | | | |
| 13 03 65 01 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali | 1.2 | 69 000 000 | 47 000 000 | | | | | — |

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 03 65 02 | Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operattiva immaniġġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 13 03 65 — Sub-total* | | 69 000 000 | 47 000 000 | | | | | — |
| ***13 03 66*** | ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Azzjonijiet ta' innovazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli*** | 1.2 | 50 100 000 | p.m. | | | | | — |
| ***13 03 67*** | ***Strateġiji makroreġjonali 2014-2020 — l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku — Assistenza teknika*** | 1.2 | 2 500 000 | 1 250 000 | | | | | — |
| ***13 03 68*** | ***Strateġiji makroreġjonali 2014-2020 — Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju — Assistenza Teknika*** | 1.2 | 2 500 000 | 1 250 000 | | | | | — |
| ***13 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 13 03 77 01 | Proġett pilota — Koordinazzjoni pan-Ewropea tal-metodi ta' integrazzjoni tar-Rom | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 288 393,16 | — |
| 13 03 77 02 | Proġett pilota — Tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u tal-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 92 000 | 0,— | 288 622,— | — |
| 13 03 77 03 | Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' ambjent aktar favorevoli għall-mikrokreditu fl-Ewropa | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 13 03 77 04 | Proġett pilota — Riġenerazzjoni sostenibbli tas-subborgi | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 142 163 | 0,— | 142 162,50 | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 03 77 05 | Azzjoni preparatorja — RURBAN — Sħubija għal żvilupp sostenibbli urban rurali | 1.2 | p.m. | 549 014 | p.m. | p.m. | 0,— | 155 083,50 | 28,25 |
| 13 03 77 06 | Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni tal-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali | 1.2 | p.m. | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,— | 969 563,49 | 48,48 |
| 13 03 77 07 | Azzjoni preparatorja — Definizzjoni ta' mudell ta' governanza għar-Reġjun tad-Danubju tal-Unjoni Ewropea — koordinament aħjar u effikaċi | 1.2 | p.m. | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 | 0,— | 719 908,29 | 71,99 |
| 13 03 77 08 | Proġett pilota — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Kompetenza u l-Eċċellenza fil-makroreġjun tad-Danubju | 1.2 | p.m. | 1 300 000 | p.m. | 600 000 | 0,— | 920 000,— | 70,77 |
| 13 03 77 09 | Azzjoni preparatorja dwar Forum tal-Atlantiku għall-Istrateġija Atlantika tal-Unjoni Ewropea | 1.2 | — | 600 000 | 1 200 000 | 600 000 | 975 000,— | 221 266,26 | 36,88 |
| 13 03 77 10 | Azzjoni preparatorja — Sostenn għal Mayotte, jew għal kwalunkwe territorju ieħor potenzjalment affettwat, fil-proċess tal-qalba għall-istatus ta' reġjun ultraperiferiku | 1.2 | p.m. | 400 000 | p.m. | 600 000 | 2 000 000,— | 1 000 000,— | 250,— |
| 13 03 77 11 | Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti | 1.2 | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 1 000 000 | 629 000,— | 157 708,— | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 03 77 12 | Azzjoni preparatorja — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Kompetenza u l-Eċċellenza fil-makroreġjun tad-Danubju | 1.2 | 1 800 000 | 800 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | — |
| 13 03 77 13 | Proġett pilota — dwar il-Politika ta' Koeżjoni u s-sinerġiji mal-fondi ta' riċerka u żvilupp: it-"triq lejn l-eċċellenza" | 1.2 | 1 200 000 | 600 000 | | | | | — |
| 13 03 77 14 | Azzjoni preparatorja — Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana | 1.2 | 250 000 | 125 000 | | | | | — |
| 13 03 77 15 | Azzjoni preparatorja — Bliet madwar id-dinja: Kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iżvilupp urban | 1.2 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | | | — |
| 13 03 77 16 | Azzjoni preparatorja — Il-qagħda attwali u mix-tieqa tal-potenzjal ekonomiku fir-reġjuni barra mill-belt kapitali Griega, Ateni. | 1.2 | 700 000 | 350 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 13 03 77 — Sub-total* | | 5 950 000 | 8 724 014 | 7 200 000 | 6 934 163 | 5 604 000,— | 4 862 707,20 | 55,74 |
| | **Kapitolu 13 03 — Total** | | **24 988 950 000** | **28 480 284 769** | **30 639 878 699** | **31 410 089 436** | **29 491 058 222,91** | **27 465 447 038,—** | **96,44** |

*Kummenti*

L-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali stabbiliti fl-Artikolu 174 għandhom jiġu sostnuti bl-azzjoni li tittieħed permezz tal-Fondi Strutturali, li tinkludi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). Skont l-Artikolu 176, il-FEŻR huwa maħsub biex jgħin fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-Unjoni. Il-kompiti, l-objettivi ta' prijorità u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali jiġu definiti skont l-Artikolu 177.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa li tkun tikser id-dritt applikabbli.

L-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 77, 136 u 137 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprovdu għal regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-FEŻR.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimborż, in toto jew in parte, tal-pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għal regoli speċifiċi dwar ir-rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-FEŻR.

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiddaħħlu fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Miżuri kontra l-frodi huma finanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi legali*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174, 175, 176 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 83, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 21(3) u (4), 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin tal-24 u 25 ta' Marzu 1999.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

### 13 03 01 *Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 1 (2000 sa 2006)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 985 469 995 | 0,— | 1 233 709 347,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Objettiv 1 tal-FEŻR li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

***13 03 02 Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 18 404 871,70 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' impenji li għad iridu jitlestew mill-perjodu 2000-2006 għall-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda. Il-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni tkompla, b'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin, imsemmi hawn taħt, biex jipprovdi EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-1999) għal perjodu ġdid ta' validità tal-programm (2000 sa 2004). Wara talba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004, EUR 105 000 000 addizzjonali li kellhom jiġu allokati fl-2005 u l-2006, ġew miżjuda biex l-operazzjonijiet taħt il-programm jiġu konformi mal-programmi l-oħra taħt il-Fondi Strutturali li ġew fi tmiemhom fl-2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistipula allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-approprjazzjonijiet għall-impenji għal Għan 1 tal-Fondi Strutturali għal medda ta' żmien bejn l-2000 u l-2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u b'mod partikolari l-premessa 5 tagħha.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 638 dwar l-approvazzjoni tal-għajnuna strutturali tal-Komunità għall-programm operattiv tal-UE għall-PEACE u r-Rikonċiljazzjoni (Il-Programm PEACE II) b'irbit mal-Objettiv 1 fl-Irlanda ta' Fuq (Ir-Renju Unit) u r-Reġjun ta' Fruntiera (L-Irlanda).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999 f'Berlin, u b'mod partikolari l-paragrafu 44(b).

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 li saret fi Brussel, u l-aktar il-paragrafu 49.

***13 03 03 Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 1 (ta' qabel l-2000)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament, mill-FEŻR, ta' impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodi ta' programmazzjoni ta' qabel l-2000 għal dawk li qabel kienu l-Objettivi 1 u 6.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 03*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

***13 03 04*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 2 (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 117 927 529 | 13 449,69 | 270 912 561,18 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Objettiv 2 tal-FEŻR li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000+2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

***13 03 05*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Objettiv 2 (ta' qabel l-2000)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mit-tliet fondi (FEŻR, FSE u t-Taqsima Gwida tal-FAEGG) ta' impenji li għadhom iridu jitħallsu mill-perjodi ta' programmazzjoni ta' qabel l-2000 fir-rigward ta' dawk li kienu l-Objettivi 2 u 5(b).

*Bażi legali*

I r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

I r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 05*** *(ikompli)*

I r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

***13 03 06 Tlestija ta' Urban (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 3 097 548 | 3 106,18 | 9 965 326,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-inizjattiva tal-Komunità URBAN II li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006. Din l-Inizjattiva tal-Komunità kienet iffukata fuq ir-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali tal-bliet u l-inħawi urbani fi kriżi bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli urban.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-28 April 2000 li tistabbilixxi linji gwida għall-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali ta' bliet u ta' inħawi qrib fi kriżi sabiex tippromwovi żvilupp urban sostenibbli (URBAN II) (ĠU C 141, 19.5.2000, p. 8).

***13 03 07 Tlestija ta' programmi preċedenti — Inizjattivi tal-UE (ta' qabel l-2000)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 225 934,49 | 225 934,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' impenji li għad iridu jissaldaw mill-impenji FEŻR marbuta ma' inizjattivi Komunitarji ta' qabel l-2000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 07*** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta' referenza*

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri t-13 ta' Mejju 1992 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistidena jistabbilixxu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja għar-reġjuni dipendenti qawwija fuq is-settur tat-tessuti u ħwejjeġ (RETEX) (ĠU C 142, 4.6.1992, p. 5).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal sussidji globali jew programmi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet għal għajnuna fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd (PESCA) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 1).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 6).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li huma mistiedna jipproponu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tikkonċerna l-addattament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mas-suq waħdieni (Inizjattiva SMEs) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 10).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għall-Inizjattiva RETEX (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 17).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni tad-difiża (Konver) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 18).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda konverżjoni ekonomika taż-żoni li jipproduċu l-azzar (Resider II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 22).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni ekonomika taż-żoni tal-minjieri tal-faħam (Rechar II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 26).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali" (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 30).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja "Impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani" li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani'(Employment) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 36).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-reġjuni l-aktar remoti(REGIS II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 44).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 2000 li jistipula linji gwida għal sussidji globali jew porgrammi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet fi ħdan l-Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 2000 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u netwerks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jistipula linji gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186, 20.7.1995, p. 3).

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 07*** *(ikompli)*

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrgwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 4).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri t-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-8 ta' Mejju 1996 li jistipula linji gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja Interreg li tirrigwarda koperazzjoni transnazzjonali dwar l-ippjanar tal-ispazju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Novembru 1997 dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (mill-1995 sal-1999) (Peace I) (COM(1997) 642 final).

***13 03 08*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali u miżuri ta' innovazzjoni (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 136 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji FEŻR għall-azzjonijiet ta' innovazzjoni u l-assistenza teknika li għad iridu jissaldaw mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 kif hemm stipulat fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. Il-miżuri ta' innovazzjoni jinkludu studji, proġetti pilota u skambji ta' esperjenza. Huma kienu maħsuba b'mod partikolari li jġibu titjib kwalitattiv fil-miżuri tal-Fond Strutturali. Assistenza teknika tkopri miżuri preparatorji, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u mmaniġġar meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FEŻR. L-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet,

— kuntratti għall-forniment ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri meħuda minn sħab bi tħejjija għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

### 13 03 09 *Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali u miżuri ta' innovazzjoni (ta' qabel l-2000)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas tal-impenji magħmula, f'perjodi ta' programmazzjoni aktar bikrin qabel l-2000, mill-FEŻR fir-rigward ta' miżuri innovattivi, preparatorji, ta' monitoraġġ jew ta' evalwazzjoni, u kwalunkwe miżuri ta' assistenza teknika simili previsti fir-Regolamenti kkonċernati. Din tiffinanzja wkoll il-miżuri pluriennali ta' qabel, b'mod partikolari dawk approvati u implementati f'Regolamenti oħra msemmijin hawn taħt, li mhumiex koperti mill-objettivi ta' prijorità tal-Fondi. Din l-approprjazzjoni se tintuża wkoll jekk meħtieġ biex tkopri l-finanzjament fejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti mhumiex disponibbli jew previsti fil-programm mill-2000 sal-2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta' Lulju 1985 li jikkonċerna l-programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

### 13 03 12 *Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 12 000 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-UE għall-finanzjament tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda stabbilit fil-Ftehim Anglo-Irlandiż ta' Novembru 1985 biex jippromwuovi l-progress ekonomiku u soċjali u jitheġġu l-kuntatti, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn il-popli tal-Irlanda.

L-attivitajiet skont il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda jista' jikkumplimenta u jappoġġa l-attivitajiet promossi mill-programm ta' inizjattiva biex ikun megħjun il-proċess ta' PEACE fiż-żewġ partijiet tal-Irlanda.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 12*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2005 tal-24 ta' Jannar 2005 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2005-2006) (ĠU L 30, 3.2.2005, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1232/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Diċembru 2010 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 1).

***13 03 13*** ***Tlestija tal-inizjattiva Komunitarja Interreg III (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 42 000 000 | 3 699 160,54 | 129 184 779,76 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw skont l-inizjattiva Komunitarja Interreg III dwar il-kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Tingħata attenzjoni speċjali għall-attivitajiet transfruntieri, b'mod partikolari bil-għan ta' koordinazzjoni aħjar mal-programmi Phare, Tacis, ISPA u MEDA.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll il-kostijiet tal-kordinazzjoni tal-attivitajiet fil-qasam tal-mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol u tal-ħiliet. Tingħata attenzjoni xierqa għall-koperazzjoni mar-reġjun ultraperiferiċi.

Din l-approprjazzjoni tista' tingħaqad mal-approprjazzjonijet ta' kooperazzjoni transfruntiera ta' Phare għal proġetti komuni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn, operazzjonijiet preparatorji għall-kooperazzjoni lokali u reġjonali bejn l-Istati Membri l-qodma u ġodda u l-pajjiżi kandidati fl-oqsma tad-demokrazija u żvilupp soċjali u reġjonali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-2 ta' Settembru 2004 li tistabbilixxi linji gwida għal inizjattiva tal-Komunità dwar koperazzjoni trans-Ewropea maħsuba biex tħeġġeġ l-iżvilupp armonjuż u bbilanċjat tat-territorju Ewropew — (INTERREG III) (ĠU C 226, 10.9.2004, p. 2).

***13 03 14*** ***Sostenn għar-reġjuni fuq il-fruntiera ma' pajjiżi kandidati — Tlestija ta' programmi preċedenti (2000 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-Approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għal proġetti mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 fir-reġjuni fil-fruntiera ma' pajjiżi kandidati b'konformità mar-regoli tal-inizjattiva tal-Komunità Interreg III marbuta mal-kooperazzjoni transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali. Il-miżuri jieħdu inkonsiderazzjoni l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-impatt tat-tkabbir fuq reġjuni fil-fruntiera ma' pajjiżi kandidati "Azzjoni tal-Komunità għar-reġjuni fil-fruntieri" (COM(2001) 437 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

### 13 03 16 *Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Konverġenza*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 21 544 000 000 | 25 310 105 801 | 24 798 520 000 | 24 286 754 507,— | 21 338 197 588,40 |

*Kummenti*

l-ex *Artikoli 13 03 16 u 13 05 02 (parzjalment)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programmi taħt l-objettiv tal-FEŻR tal-konverġenza fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv jimmira li jħaffef ir-ritmu tal-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati billi jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tintuża biex tindirizza d-diskrepanzi intrareġjonali sabiex tiżgura li l-istat tal-iżvilupp ġenerali ta' reġjun partikolari ma jaħbix iċ-ċikli ta' faqar u unitajiet territorjali żvantaġġati.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat permezz tal-punt 7 tal-Anness III tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

### 13 03 17 *Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — PEACE*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 26 000 000 | 34 060 138 | 45 000 000 | 33 392 292,— | 31 214 182,38 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għall-programm PEACE taħt l-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropew tal-FEŻR tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Il-programm PEACE għandu jiġi implimentat bħala programm ta' kooperazzjoni transfruntiera fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Il-programm PEACE għandu jippromwovi l-istabilità soċjali u ekonomika fir-reġjuni konċernati, inklużi b'mod partikolari azzjonijiet ta' promozzjoni ta' koeżjoni bejn il-komunitajiet. Iż-żona eliġibbli għandha tkun l-Irlanda ta' Fuq kollha u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda. Dan il-programm se jiġi implimentat b'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-addizzjonalità tal-fondi strutturali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 fir-rigward għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 17*** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

***13 03 18*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kompetittività reġjonali u impjiegi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 4 149 480 610 | 4 022 082 950 | 4 229 539 633 | 3 942 734 514,— | 3 339 206 917,07 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għall-programmi taħt l-objettiv tal-FEŻR tal-kompetittività reġjonali u impjiegi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Minbarra fir-reġjuni l-anqas żviluppati, dan l-objettiv għandu jkun immirat lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u l-attrazzjoni tar-reġjuni kif ukoll tal-impjiegi billi jitqiesu l-miri stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

***13 03 19*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni territorjali Ewropea***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 1 106 791 028 | 1 213 929 810 | 1 145 523 270 | 1 170 680 290,— | 1 038 863 478,22 |

*Kummenti*

*l-ex Artikolu 13 03 19 u l-Partiti 13 05 03 01 u 13 05 03 02 (parzjalment)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom mhumiex imħallsa għall-programmi taħt l-objettiv tal-FEŻR ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv għandu jkun immirat lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni territorjali u l-kooperazzjoni makroreġjonali u l-iskambju ta' esperjenza fil-livell xieraq.

Skont l-Artikolu 105a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat permezz tal-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 19*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

***13 03 20*** ***Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 25 600 000 | 50 000 000 | 35 583 088 | 45 518 218,01 | 37 669 113,37 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ipprovdut fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjoni,

— kuntratt għall-forniment ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

***13 03 31*** ***Tlestija ta' Assistenza teknika u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u għarfien aħjar tal-istrateġija dwar il-makroreġjuni (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 1 600 000 | 2 500 000 | 494 210 | 2 432 751,— | 894 230,33 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 31*** *(ikompli)*

Hija maħsuba biex tkopri impenji mill-perjodu ta' programmazzjoni 2017-2013 li għadhom ma tħallsux biex tiżgura:

— iċ-ċirkolazzjoni adegwata ta' informazzjoni permezz ta' ittri aħbar (inkluż online), rapporti u konferenzi u b'mod partikolari forum annwali,

— l-organizzazzjoni ta' avvenimenti fil-post biex ir-reġjuni Ewropej interessati kollha jiġu familjarizzati mal-approċċ tal-Baħar Baltiku u l-prinċipji tal-makroreġjuni,

— il-governanza b'suċċess tal-istrateġija permezz tas-sistema deċentralizzata li ġiet stabbilita u, b'mod partikolari, it-tħaddim tas-sistema tal-koordinaturi ta' oqsma ta' prijorità u l-mexxejja ta' proġetti rappreżentattivi,

— assistenza teknika u amministrattiva għall-ippjanar u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku,

— disponibbilta' ta' kapital inizjali għall-ippjanar u t-tħejjija ta' proġetti li jappoġġaw l-istrateġija,

— sostenn għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili,

— l-għajnuna kontinwa tal-koordinaturi ta' oqsma ta' prijorità fl-attività ta' koordinazzjoni tagħhom,

— parteċipazzjoni f'faċilità ta' implimentazzjoni mal-BEI, jekk ikun rikjest mill-Istati Membri Baltiċi,

— żvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

It-tkomplija tas-sostenn lill-azzjoni ta' assistenza teknika għandha tintuża biex:

— tibqa' tingħata għajnuna lill-Koordinaturi ta' Oqsma ta' Prijorità fl-attività ta' koordinazzjoni tagħhom,

— ikun hemm parteċipazzjoni f'faċilità ta' implimentazzjoni mal-BEI, jekk din tintalab mill-Istati Membri Baltiċi,

— tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR).

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

***13 03 40*** ***Tlestija ta' Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) il-pakkett Konverġenza (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-apprprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-pakkett ta' Konverġenza tal-FEŻR għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 40*** *(ikompli)*

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

***13 03 41*** ***Tlestija ta' Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) il-pakkett Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-Pakkett kompetittività reġjonali u impjiegi FEŻR għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Wara talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

**13 03 60** ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 17 627 800 000 | 1 125 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FEŻR taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi f'reġjuni anqas żviluppati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-proċess ta' rkupru ta' dawn ir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament u soċjalment jirrikjedi sforzi sostnuti fuq perjodu twil. Din il-kategorija ta' reġjuni tinkludi reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

**13 03 61** ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 2 865 400 000 | 167 824 266 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FEŻR taħt l-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi fil-perjodu 2014-2020 f'kategorija ġdida ta' reġjun — "reġjuni fi tranżizzjoni" — li tieħu post is-sistema tal-introduzzjoni gradwali u t-tneħħija gradwali tal-2007-2013. Din il-kategorija ta' reġjuni tinkludi reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa bejn 75 % u 90 % tal-PDG medju tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

### 13 03 62 *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 3 650 900 000 | 209 061 086 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FEŻR taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi f'reġjuni aktar żviluppati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Filwaqt li l-interventi fir-reġjuni anqas żviluppati se jibqgħu prijorità għall-politika ta' koeżjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri sfidi importanti li jikkonċernaw l-Istati Membri kollha bħall-kompetizzjoni globali f'ekonomija tal-għarfien, il-bidla lejn l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-polarizzazzjoni soċjali ggravata mill-klima ekonomika attwali. Din il-kategorija ta'reġjuni tinkludi reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa iktar minn 90 % tal-PDG medju tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

### 13 03 63 *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 209 100 000 | 13 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn addizzjonali speċifiku tal-FEŻR taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi f'reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan il-finanzjament addizzjonali huwa maħsub li jieħu inkonsiderazzjoni l-isfidi speċifiċi li jaffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi identifikati mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-reġjuni sottopopolati tat-tramuntana li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

### ***13 03 64*** ***Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni Territorjali Ewropea***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 505 700 000 | 53 703 765 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FEŻR taħt il-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Hija għandha tiffinanzja l-kooperazzjoni transfruntiera bejn reġjuni qrib xulxin, il-kooperazzjoni transnazzjonali fuq territorji transnazzjonali ikbar u l-kooperazzjoni interreġjonali. Għandha tinkludi wkoll is-sostenn għal attivitajiet ta' kooperazzjoni fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni, li għandha tiġi sostnuta taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

### *13 03 65 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali*

13 03 65 01 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 69 000 000 | 47 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentrazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa, fost l-oħrajn l-iżvilupp ta':

— għodod għall-applikazzjonijiet ta' proġetti elettroniċi u għar-rappurtar, u l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi,

— reviżjoni minn pari tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità ta' prestazzjoni ta' kull Stat Membru,

— dokumentazzjoni standard dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku,

— sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultati u impatti,

— manwal dwar l-aħjar prattiki li jottimizza l-użu tal-Fond u t-tnaqqis fir-rata tal-iżball.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 03 65 02 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Assistenza teknika operattiva immaniġġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament propost taħt COM(2013) 246 finali, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 65*** *(ikompli)*

13 03 65 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

***13 03 66 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Azzjonijiet ta' innovazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 50 100 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-azzjonijiet innovattivi tal-FEŻR fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013. L-azzjonijiet innovattivi għandhom jinkludu studji u proġetti pilota sabiex jiġu identifikati jew ittestjati soluzzjonijiet ġodda għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp urban sostenibbli, li huma ta' rilevanza fil-livell tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

### *13 03 67 Strateġiji makroreġjonali 2014-2020 — l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku — Assistenza teknika*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 500 000 | 1 250 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex timplimenta l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

It-tkomplija tal-appoġġ lill-azzjoni ta' għajnuna teknika fl-2014 għandha tintuża biex:

1. Tibqa' tingħata għajnuna lill-Koordinaturi taż-Żoni ta' Prijorità fl-attività ta' koordinazzjoni tagħhom;

2. Ikun hemm parteċipazzjoni f'faċilità ta' implimentazzjoni mal-BEI, jekk rikjest mill-Istati Membri Baltiċi;

3. Tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR).

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

### *13 03 68 Strateġiji makroreġjonali 2014-2020 — Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju — Assistenza Teknika*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 500 000 | 1 250 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex timplimenta l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

13 03 77 01 Proġett pilota — Koordinazzjoni pan-Ewropea tal-metodi ta' integrazzjoni tar-Rom

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 288 393,16 |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 21*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 02 Proġett pilota — Tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u tal-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 92 000 | 0,— | 288 622,— |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 23*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' ambjent aktar favorevoli għall-mikrokreditu fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 24*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 04 Proġett pilota — Riġenerazzjoni sostenibbli tas-subborgi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 142 163 | 0,— | 142 162,50 |

*Kummenti*

*l-ex Artikolu 13 03 26*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 05 Azzjoni preparatorja — RURBAN — Sħubija għal żvilupp sostenibbli urban rurali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 549 014 | p.m. | p.m. | 0,— | 155 083,50 |

*Kummenti*

*l-ex Artikolu 13 03 27*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni tal-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,— | 969 563,49 |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 28*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 07 Azzjoni preparatorja — Definizzjoni ta’ mudell ta’ governanza għar-Reġjun tad-Danubju tal-Unjoni Ewropea — koordinament aħjar u effikaċi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 | 0,— | 719 908,29 |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 29*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 08 Proġett pilota — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Kompetenza u l-Eċċellenza fil-makroreġjun tad-Danubju

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 1 300 000 | p.m. | 600 000 | 0,— | 920 000,— |

*Kummenti*

*l-ex Artikolu 13 03 30*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 09 Azzjoni preparatorja dwar Forum tal-Atlantiku għall-Istrateġija Atlantika tal-Unjoni Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 600 000 | 1 200 000 | 600 000 | 975 000,— | 221 266,26 |

*Kummenti*

*l-ex Artikolu 13 03 32*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jappoġġaw it-tfassil ta' Strateġija Ewropea għaż-Żona tal-Atlantiku. Pjan ta' azzjoni trasversali bi prijoritajiet konkreti jeħtieġ jiġi definit sabiex din l-Istrateġija tiġi implimentata mill-2014 'il quddiem. Il-partijiet interessati tal-Atlantiku għandhom ikunu involuti fit-tfassil ta' dan il-pjan ta' azzjoni.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun konness mill-qrib mal-politika reġjonali u l-Politika Marittima Integrata, u għandu jiffaċilita s-sinerġiji ma' oqsma ta' politika oħra tal-Unjoni bħan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej, il-Politika Komuni tas-Sajd, l-azzjonijiet klimatiċi u ambjentali, il-programm qafas tar-riċerka u l-iżvilupp u l-politika tal-enerġija, eċċ.

L-azzjoni preparatorja tiffinanzja pjattaforma għad-djalogu tal-partijiet interessati li tissejjaħ "Forum tal-Atlantiku", bil-għan li tiddefinixxi l-proġetti prijoritarji u l-governanza tal-Istrateġija tal-Atlantiku.

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 09 *(ikompli)*

Il-finanzjament tal-azzjoni preparatorja jservi biex:

— jiddaħħal fis-seħħ il-Forum tal-Atlantiku li jħeġġeġ lill-partijiet interessati biex jaħdmu flimkien fi ħdan gruppi ta' ħidma, u jiżgura publiċità adegwat u parteċipazzjoni wiesgħa,

— jinvolvi lill-membri tal-Forum fi proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-Istrateġija tal-Atlantiku — skont il-bżonnijiet tar-reġjuni konċernati u ffukar ċar lejn tkabbir sostenibbli fir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi fl-Atlantiku,

— jappoġġa l-ħidma teknika meħtieġa li tidentifika u tittestja l-fattibilità ta' azzjonijiet prijoritarji konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta' azzjoni.

Sottokuntrattur jassisti lill-partijiet interessati fit-tfassil tal-pjan ta' azzjoni. Is-sottokuntrattur se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja u jaħdem taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni.

L-azzjoni preparatorja ffinanzjat pjattaforma għad-djalogu tal-partijiet interessati (il-Forum tal-Atlantiku), bl-għan li tiddefinixxi l-proġetti prijoritarji u l-governanza tal-Istrateġija tal-Atlantiku.

Wara l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni fi tmiem l-2012, il-Forum fittex li jħejji lill-partijiet interessati biex jimplimentaw dan il-pjan. Konsegwentement, kien meħtieġ li l-azzjoni preparatorja tiġi estiża għall-2013.

L-azzjoni preparatorja sservi biex:

— tistabbilixxi l-Forum Atlantiku billi tinkoraġġixxi l-partijiet interessati ewlenin sabiex jaħdmu flimkien f'workshops, u billi tiżgura pubbliċità adegwata u partiċipazzjoni wiesgħa,

— tinvolvi l-membri tal-Forum fi proċess li għandu jwassal lejn l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni trażversali, li għandha tip-provdi għalih l-Istrateġija Atlantika, skont il-ħtiġijiet tar-reġjuni u enfasi ċar fuq it-tkabbir sostenibbli fir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi fl-Atlantiku,

— tappoġġa l-ħidma teknika meħtieġa li tidentifika u tittestja l-fattibilità ta' azzjonijiet prijoritarji konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta' azzjoni,

— jiġu ppreparati l-partijiet interessati biex jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 10 Azzjoni preparatorja — Sostenn għal Mayotte, jew għal kwalunkwe territorju ieħor potenzjalment affettwat, fil-proċess tal-qalba għall-istatus ta' reġjun ultraperiferiku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 400 000 | p.m. | 600 000 | 2 000 000,— | 1 000 000,— |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 33*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 10 *(ikompli)*

Il-pjan li l-istat ta' Mayotte jinbidel minn stat ta' Pajjiż u Territorju estra-Ewropew għal dak ta' Reġjun Ultraperiferiku huwa l-ewwel wieħed ta' dan it-tip fl-istorja tal-Unjoni. Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona din it-tranżizzjoni ta' stat ġiet simplifikata bl-applikazzjoni tal-Artikolu 355(6) li jipprevedi proċedura ta' votazzjoni unanima fil-Kunsill Ewropew. Il-Gvern ta' Franza bħalissa qiegħed jigbor dokumentazzjoni bl-iskop li jingħata l-istatut ta' Reġjun Ultraperiferiku lid-dipartiment ta' Mayotte fl-2014. Dan ipoġġi lil Mayotte f'sitwazzjoni simili għal dik ta' pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, li huma meħtieġa li jwettqu riformi strutturali essenzjali li b'rabta magħhom l-Unjoni tipprovdi bosta tipi ta' appoġġ maħsuba biex iħaffu t-traspożizzjoni tal-acquis komunitarju u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Bħala riżultat tat-tibdil fl-istat, l-awroritajiet lokali ta' Mayotte ikollhom jiġġestixxu tipi ġodda ta' fondi tal-UE li jinvolvu ammonti u proċeduri differenti minn dawk tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FED) li attwalment jirċievu. Din l-azzjoni preparatorja tikkonċentra essenzjalment fuq l-oqsma tal-assistenza teknika biex jitħarreġ il-persunal amministrattiv ta' Mayotte inkarigat mit-tfassil, l-immaniġġar, is-segwitu u l-monitoraġġ tal-programmi operazzjonali tal-futur. Bħala territorju ta' Stat Membru, Mayotte ma tistax tibbenefika mill-istrument ta' qabel l-adeżjoni iżda billi għadha mhix reġjun kif definit mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-fondi strutturali, ma tistax tibbenefika minn assistenza teknika.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-iskop li tagħti għajnuna lid-Dipartiment ta' Mayotte waqt il-proċess ta' tranżizzjoni lejn stat ta' reġjun ultraperiferiku.

Diversi azzjonijiet huma meħtieġa:

— it-taħriġ ta' persunal amministrattiv ta' Mayotte inkarigat mit-tfassil, l-immaniġġar u l-preparazzjoni, tal-amminstrazzjoni u tas-segwitu u l-kontroll tal-programmi operazzjonali tal-futur,

— it-twettiq ta' studji ta' qabel it-tfassil tal-programmi operazzjonali futuri u evalwazzjoni *ex ante* sabiex tkun issir analiżi tażżona, jingħata sostenn għall-atturi lokali sabiex tiġi stabilita strateġija reġjonali kif ukoll l-prijoritarjijiet tal-programmi,

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' informazzjoni ġenerali għar-rappreżentanti eletti, atturi lokali u uffiċjali fuq il-konsegwenzi tat-tranżizzjoni għall-istat ta' reġjun ultraperefiriku u l-arranġamenti notifika istituzzjonali dwar il-varar ta' programmi,

— l-implimentazzjoni ta' unità Ewropa fis-segretarjat għall-affarijiet ekonomiċi u reġjonali ta' Mayotte sabiex din tiġbor u tiċċirkola l-informazzjoni għas-sħab pubbliċi, twaqqaf u timplimenta programmi operazzjonali u tinforma u tapoġġa lill-promuturi ta' proġetti.

Din l-azzjoni preparatorja tista' tapplika għal kwalunkwe territorju ieħor li jinsab f'pożizzjoni simili.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 11 Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | 1 000 000 | 1 000 000 | 629 000,— | 157 708,— |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 34*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li jipprovdi għajnuna u appoġġ għall-kunsilli lokali u reġjonali fl- Unjoni.

L-ewwel prinċipju tal-azzjoni preparatorja huwa li jħeġġeġ u jappoġġa l-mobilità ta' rappreżentanti lokali u reġjonali eletti fi ħdan l-Unjoni. It-tieni prinċipju tal-azzjoni preparatorja huwa li l-element marbut mal-mobilità huwa inkluż fi programm li jkun hemm qbil dwaru dwar it-taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta' esperjenzi b'iffukar fuq "il-koeżjoni ekonomika u soċjali".

L-objettivi huma:

— li titħeġġeġ il-koperazzjoni multilaterali bejn istituzzjonijiet territorjali reġjonali u lokali fuq livell politiku,

— li jappoġġa l-mobilità ta' rappreżentanti eletti lokalment u fuq livell reġjonali,

— li jistimula r-riċerka komuni u l-iskambju ta' ideat dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom fuq bażi regolari permezz ta' taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta' esperjenzi,

— li jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prassi.

L-azzjoni preparatorja għalhekk hija għodda li ssaħħaħ it-tagħlim u l-esperjenza ta' rapprenżentanti lokali u reġjonali eletti; u biex tiżdied il-kapaċità tal-kunsilli lokali u reġjonali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' kunċetti, prinċipji demokratiċi u strateġiji.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 12 Azzjoni preparatorja — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Kompetenza u l-Eċċellenza fil-makroreġjun tad-Danubju

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 800 000 | 800 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 03 35*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 12 *(ikompli)*

L-objettiv tal-azzjoni preparatorja huwa li torganizza jew tiżviluppa:

— programmi ta' taħriġ, seminars għaż-żgħażagħ bl-għan li jenfasizzaw l-identità reġjonali komuni tan-nazzjonijiet li jgħixu fil-makroreġjun tad-Danubju; il-programmi għandhom jisħqu fuq l-edukazzjoni ċivika u l-opportunitajiet għal skambji kulturali li jikkontribwixxu għal dimensjoni progressiva, sostenibbli u Ewropea ta' koeżistenza orjentata lejn il-ġejjieni, billi jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-fehim aħjar tal-preżenza reġjonali ta' xulxin, il-qrubija u l-ħtieġa tal-kooperazzjoni; u billi jipprovdu ambitu għal djalogi u rikonċiljazzjoni,

— titjib u żvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda għat-trattament tal-kompetenza esperta permezz ta' pjattaformi komuni aċċessibbli u l-informazzjoni dwar il-proġett kif ukoll il-bini ta' netwerks.

L-azzjoni preparatorja se tippromwovi l-istabilità soċjali u ekonomika fir-reġjuni konċernati, inklużi azzjonijiet għall-iżvilupp tal-koeżjoni bejn il-komunitajiet permezz ta' spazji maħluqa għall-familjarizzazzjoni u l-għoti ta' rikonoxximent xieraq lill-kulturi u l-istorja ta' xulxin u se tenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-kooperazzjoni transnazzjonali. Dan għandu joħloq bażi sostenibbli għal pjattaforma komuni li tagħti aċċess għall-kompetenza esperta reġjonali u l-kooperazzjoni reġjonali li tiżdied u għandu wkoll jippermetti li jinkisbu lezzjonijiet mill-esperjenza ta' strateġija makroreġjonali. Iż-żona eliġibbli għandha tkun il-makroreġjun tad-Danubju u l-pajjiż madwaru b'konformità mal-politika Ewropea tal-Viċinat. L-organizzazzjoni ta' programmi għandha tinvolvi lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex ikun żgurat li l-isforzi favur ir-rikonċiljazzjoni jmorru wkoll lil hinn mill-isfera governattiva. Il-programmi eliġibbli għall-fondi għandhom jinvolvu parteċipanti minn tal-anqas tliet Stati Membri mir-reġjun.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 13 Proġett pilota — dwar il-Politika ta' Koeżjoni u s-sinerġiji mal-fondi ta' riċerka u żvilupp: it-"triq lejn l-eċċellenza"

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 200 000 | 600 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett jiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ għat-titjib tal-valur ta' żewġ sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment u Orizzont 2020) billi tiġi promossa l-idea li dawn jingħaqdu. Il-proġett ikollu żewġ objettivi ewlenin, li huma:

L-għoti ta' għajnuna lil Stati Membri ġodda biex jagħlqu l-lakuna fl-innovazzjoni, sabiex jippromwovu l-eċċellenza fir-reġjuni u l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea;

L-istimulazzjoni tal-implimentazzjoni bikrija u effettiva ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti nazzjonali u reġjonali.

KUMMISSJONI
*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 13 *(ikompli)*

Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett:

Il-bini tal-eċċellenza f'qasam speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni spiss jinvolvi s-snin jekk mhux id-deċennji ta' sforzi kontinwi. L-iżvilupp ta' strateġiji ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali/reġjonali tajbin għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3) hu meqjus essenzjali biex jiġu sostnuti l-isforzi fil-livell reġjonali/nazzjonali fi kwalunkwe ħin. Għalhekk, l-appoġġ mill-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti stabbilita konġuntament mad-DĠs JRC u REGIO (li kien jiswa madwar EUR 1,6 miljun fis-sena) li ngħata lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex ifasslu u javvanzaw l-RIS3 tagħhom, huwa essenzjali. Dan jippermetti lir-reġjuni/lill-Istati Membri mill-Istati Membri l-ġodda biex jidentifikaw għadd limitat ta' oqsma ta' riċerka ta' kwalità tajba u attivitajiet industrijali b'potenzjal innovattiv kbir fit-territorju tagħhom li jiġi rinfurzat u żviluppat iktar bl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment (ESIF) biex isiru iktar eċċellenti u iktar kompetittivi fis-sejħiet tal-Orizzont 2020. Dan iżid ukoll il-kapaċità ta' assorbiment ta' Stati Membri Ġodda ta' riżultati ġenerati minn atturi ewlenin fir-riċerka u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn (li ta' spiss ikunu ilhom li ġew stabbiliti) fil-kuntest ta' proġetti preċedenti tal-Programm Qafas. B'hekk, RIS3 tajbin li jiġu implimentati sew se jżidu l-kapaċità ta' assorbiment ta' Stati Membri Ġodda tar-riżorsi kbar ħafna li jiġu allokati għall-innovazzjoni mill-ESIF.

Bir-riżorsi tal-proġett pilota tal-PE lill-Kummissjoni, il-JRC se jiffirma ftehim amministrattiv ġdid ma' DĠ REGIO, biex tiġi mnedija attività ġdida fi ħdan il-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3P) sabiex jiġu appoġġati Stati Membri Ġodda u reġjuni biex jiġu żviluppati u sfruttati s-sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u l-ESIF, billi ssir kontinwazzjoni u sfruttament tas-sinerġiji mal-S3P.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 14 Azzjoni preparatorja — Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 250 000 | 125 000 | | | | |

*Kummenti*

*Ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana bħala magna għat-tkabbir*

Ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala magna għat-tkabbir fl-Ewropa, jżid il-valur lill-Unjoni Ewropea u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija UE2020.

Billi l-UE żviluppat strateġija reġjonali għall-Baħar Baltiku u nbeda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' strateġiji għar-reġjuni tal-Atlantiku u tal-Artiku, tali proċess għadu ma bediex għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana hija r-rabta nieqsa bejn iż-żoni makroreġjonali fil-Grigal u l-Majjistral tal-Ewropa.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tanalizza t-tkabbir potenzjali tar-reġjun u tuża s-sejbiet biex tinvestiga l-valur miżjud li jkun hemm strateġija makroreġjonali konġunta futura għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, minħabba l-fatt li Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'saħħtu għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala magna għat-tkabbir fl-Ewropa u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija UE2020.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 14 *(ikompli)*

*Id-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana*

L-Assemblea Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana żviluppat dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'konsultazzjoni mal-membri u l-partijiet interessati fir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Id-dokument ta' strateġija jqis ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana bħala żona ta' kooperazzjoni territorjali, u l-fokus strateġiku tiegħu huwa fuq l-isfidi ewlenin u l-karatteristiċi komuni fejn l-azzjoni transnazzjonali u l-ħidma kollaborattiva jitqiesu li jagħtu valur miżjud.

Id-dokument ta' strateġija jidentifika ħames prijoritajiet strateġiċi li huma marbutin mill-qrib mal-objettivi UE2020 u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' ħafna (jekk mhux anki kollha) mill-inizjattivi ewlenin tal-UE2020:

— L-immaniġġar tal-ispazju marittimu,

— Iż-żieda tal-aċċessibilità u t-trasport nadif,

— It-trattament tal-bidla fil-klima,

— Il-komunitajiet attraenti u sostenibbli,

— Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-eċċellenza.

Id-dokument ta' strateġija tar-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana huwa l-ewwel pass lejn analiżi tal-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana u l-esplorazzjoni tal-potenzjal għat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija UE2020.

*Azzjoni Preparatorja tar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana*

Biex jiġi esplorat il-potenzjal tat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija UE2020 u jitqiegħed il-pedament għal makroreġjun b'saħħtu, hemm bżonn li titwettaq analiżi aktar fid-dettall tal-ħames prijoritajiet strateġiċi identifikati fid-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u l-valur miżjud tagħhom fil-kuntest ta' komunità Ewropea.

*Attivitajiet*

L-azzjoni preparatorja tiffinanzja numru ta' inizjattivi kkoordinati sew fuq perjodu ta' tliet snin (2014-2017) u tiffoka fuq:

— Analiżi/studji fid-dettall tal-ħames prijoritajiet identifikati fid-dokument 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana,

— Konferenzi tal-partijiet interessati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-impenn, il-kooperazzjoni u l-kontenut,

— Djalogu ta' segwitu mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-awtoritajiet reġjonali, tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tal-UE.

L-attivitajiet għandhom ikunu marbutin mill-qrib mal-politika reġjonali tal-UE u għandhom jiffaċilitaw ukoll sinerġiji ma' oqsma u programmi oħrajn tal-politika tal-Unjoni.

*Riżultat*

Ir-riżultat finali se jkun analiżi dettaljata tal-potenzjal tat-tkabbir tal-makroreġjun tal-Baħar tat-Tramuntana, inklużi l-oqsma ta' intervenzjoni possibbli, u ktieb abjad lill-UE u l-Istati Membri dwar il-valur miżjud ta' strateġija u kooperazzjoni reġjonali kondiviża għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana.

*Implimentazzjoni*

L-approprjazzjonijiet għal din l-azzjoni preparatorja tista' tiġi inserita fil-baġit tal-UE taħt it-titolu "Politika reġjonali" u, minħabba n-natura reġjonali tal-attivitajiet intenzjonati. DĠ REGIO għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Bliet madwar id-dinja: Kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iżvilupp urban

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 1 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika reġjonali u urbana tal-UE kisbet importanza tul dawn l-aħħar snin. Ġew iffirmati Memoranda ta' Fehim dwar il-kooperazzjoni reġjonali maċ-Ċina, ir-Russja, il-Brażil u l-Ukraina; ġiet żviluppata kooperazzjoni ulterjuri mal-Moldova, il-Ġeorġja, iċ-Ċilì, l-Arġentina, il-Peru, l-Afrika t'Isfel, l-Urugwaj u l-Ġappun. Id-djalogu fil-qasam tal-politika reġjonali u urbana, li huwa wieħed mill-komponenti tar-relazzjonijiet diplomatiċi tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, għandu bżonn iktar appoġġ. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tiffoka fuq ċerti kwistjonijiet b'rabta mar-riforma tal-politika ta' koeżjoni, bħad-dimensjoni urbana mtejba.

L-għan tal-azzjoni preparatorja hu li jiġi promoss l-iskambju ta' esperjenza u l-aqwa prattika bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar it-tema ta' żvilupp territorjali b'referenza partikolari għall-iżvilupp urban, is-sħubija urbana-rurali u l-kooperazzjoni urbana transkonfinali.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-azzjoni preparatorja għandu jinkludi:

— l-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju għall-atturi tal-politika urbana,

— l-organizzazzjoni ta' seminars u workshops li għandhom l-għan ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-UE u l-pajjiżi terzi b'rabta mal-iżvilupp urban, is-sħubija urbana-rurali u l-kooperazzjoni urbana transkonfinali,

— it-turija ta' eżempji ta' prattika tajba innovattivi ta' kooperazzjoni bejn bliet tal-Unjoni Ewropea u ta' pajjiżi terzi f'diversi oqsma tematiċi,

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sett ta' strumenti bbażati fuq l-internet li jiffaċilita lill-bliet tal-Unjoni Ewropea biex ifittxu sieħeb għall-kooperazzjoni f'pajjiżi terzi fir-rigward ta' temi speċifiċi.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 16 Azzjoni preparatorja — Il-qagħda attwali u mixtieqa tal-potenzjal ekonomiku fir-reġjuni barra mill-belt kapitali Griega, Ateni.

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 700 000 | 350 000 | | | | |

*Kummenti*

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni preparatorja għandha idealment tagħti l-aħjar eżempju għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija RIS 3 ġenwina f'Reġjun Grieg speċifiku u għandha sservi ta' mudell għal reġjuni ta' konverġenza oħrajn.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 16 *(ikompli)*

*Raġunijiet*

Minħabba l-fatt li diġà sar xogħol preparatorju importanti mill-Kummissjoni biex jinċita l-Greċja u r-Reġjuni tagħha biex jibdew ifasslu Strateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Innovazzjoni Reġjonali, l-isfidi għadhom fil-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni. L-iskambju tal-aħjar prattiki mhux biżżejjed biex jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppati u korrisposti l-punti b'saħħithom tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-bżonnijiet tan-negozju ta' territorju partikolari. Għalhekk huwa importanti ħafna li jissaħħu l-isforzi attwali b'għajnuna diretta, professjonali u mfassla apposta għal reġjun Grieg milqut sew mill-kriżi.

Il-frammentazzjoni attwali u nuqqas ta' sforzi ta' koordinament bejn il-gvernijiet ċentrali u reġjonali ma jiggarantixxux li se jsir proċess ta' skopertà intraprenditorjali xieraq fir-reġjuni Griegi. Għalhekk, huwa kruċjali li titwaqqaf struttura ta' governanza soda u inklużiva b'esperjenza u riżorsi umani relevanti biex jiġu ppjanati u implimentati l-miżuri ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni f'wieħed mir-reġjuni Griegi bħala eżempju. Biex jiġi ffaċilitat u aċċelerat il-proċess ta' żvilupp, l-iskambju ta' ħila esperta ma' speċjalist dwar il-ġeografija ekonomika u l-proċessi tal-bidliet minn reġjuni Ewropej oħra għandu jgħin wieħed mir-reġjuni Griegi fil-proċess ta' skopertà intraprenditorjali. Din l-għajnuna kieku tnaqqas ukoll il-piż fuq ir-riżorsi umani tal-Awtoritajiet Griegi li għandhom bżonn jibnu l-ħila esperta. Din il-ħila esperta għandha bżonn tinħoloq bl-għajnuna tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-amministrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali b'involviment b'saħħtu ta' speċjalisti Ewropej kompetenti u bl-esperjenza fil-qasam tat-trasformazzjoni ekonomika reġjonali bbażata fuq l-għarfien.

*Kamp ta' applikazzjoni*

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġbor il-potenzjal ekonomiku ta' reġjun magħżul, u t-tieni, li jesplora l-possibilitajiet tal-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-espansjoni tiegħu. Ir-reġjun propost huwa wieħed mill-ifqar fil-Greċja u fl-Unjoni Ewropea, ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja. Ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja huwa Reġjun ta' Konverġenza milqut sew mill-kriżi u l-kompetizzjoni ħarxa ta' pajjiżi ġirien bi spiża tax-xogħol baxxa. Minkejja l-preżenza ta' Università u Istitut Teknoloġiku u korpi oħra tar-Riċerka fir-Reġjun, ir-rabtiet tal-attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni mal-bżonnijiet tal-intraprendituri lokali huma kważi mhux eżistenti. Dan il-proġett għandu juri l-eżempju li tkabbir ibbażat fuq l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tal-forzi produttivi lokali lejn l-esportazzjoni huwa fattibbli.

Dan għandu jservi bħala paradigma ta' tkabbir għal reġjuni oħra ta' konverġenza fil-Greċja u fl-Ewropa.

Il-finanzjament disponibbli mill-Unjoni Ewropea għandu jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali, billi jikkonċentra b'mod partikolari fuq:

1) Il-ħolqien u/jew it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-Industrija/Manifattura Reġjonali li tħares 'il barra mal-korpi reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni (preferibbilment fl-istess Reġjun imma wkoll barra mir-Reġjun),

2) L-appoġġ tal-korpi istituzzjonali reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni li joħolqu/jsaħħu r-rabtiet mal-kumpaniji Reġjonali li jħarsu 'l barra biex jipprovdu soluzzjonijiet konkreti għall-bżonnijiet teknoloġiċi tal-kumpaniji li jesportaw tar-Reġjun,

3) Il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi jiġi sfruttat għal kollox l-apparat teknoloġiku disponibbli fl-Istitut Teknoloġiku tar-Reġjun u l-użu ta' tali apparat mill-persunal speċjalizzat lokali ħalli jiġu provduti soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-kumpaniji magħżula li jesportaw u billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali.

4) It-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni bejn l-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi tar-Reġjun u ekonomisti ġeografiċi oħra li jimplimentaw b'suċċess politika ta' RIS 3 f'Reġjun partikolari fi Stat Membru Ewropew ieħor, eż. il-Ġermanja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA** *(ikompli)*

***13 03 77*** *(ikompli)*

13 03 77 16 *(ikompli)*

*Perjodu ta' żmien — Forma ta' għajnuna*

Il-perjodu ta' żmien ta' dan il-proġett m'għandux jaqbeż is-sena mit-tnedija tiegħu u lanqas ma għandu jaqbeż il-finanzjament inizjalment allokat.

*Il-proposta għal azzjoni pilota fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant — Traċja*

Meta jitqiesu l-azzjonijiet meħuda s'issa fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant — Traċja (R-AMTH) dwar l-"istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti" it-tnedija tal-azzjoni pilota hija rrakkomandata biex tgħin issawwar aħjar l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-Reġjun, b'mod partikolari, l-għażla tal-prijoritajiet fuq xiex għandu jikkonċentra l-finanzjament. Għaldaqstant qed tiġi proposta l-iskema pilota li ġejja:

— attivazzjoni ta' programm ta' żvilupp tar-Riċerka Industrijali u t-Teknoloġija maħsub għall-bżonnijiet identifikati fil-proċess ta' skoperta intraprenditorjali. S'issa RIS3 — Valutazzjoni Reġjonali: Il-Maċedonja tal-Lvant — Traċja indikat ċerti setturi fejn ir-reġjun jista' jkollu vantaġġ kompetittiv bħal: enerġija ġeotermali, agrikultura, bhejjem, sajd u bijoteknoloġija, estrazzjoni u pproċessar tal-irħam u ICTs u awtomatizzazzjoni,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u n-netwerking bejn ir-Riċerkaturi u l-Istituzzjonijiet tar-Riċerka tal-R-AMTH bil-forzi produttivi tar-Reġjun. Il-korpi ta' riċerka għandhom juru (eż. taħt memoranda ta' qbil) il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp tas-soluzzjonijiet għall-bżonnijiet tal-utenti eżistenti u potenzjali għall-isfruttament tar-riżultati ta' riċerka u proġetti ta' żvilupp magħmula apposta (li jiffukaw fuq ir-Riċerka Industrijali u l-iżvilupp esperimentali),

— il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi a) jiġi permess programm ta' taħriġ tar-riċerka tal-mobilità u jiġi ottimizzat l-użu tal-apparat tar-riċerka tat-TEI Kavala u b) billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali,

— l-appoġġ tal-kooperazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u akkoppjament tal-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operattiv Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi għall-Maċedonja tal-Lvant u Traċja ma' Awtorità Maniġerjali kif ukoll ekonomisti ġeografiċi li jimplimentaw b'suċċess politika tal-RIS3 f'Reġjun partikolari fi Stat Membru Ewropew ieħor.

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni*

Din l-Iskema Pilota ta' sena se tkun immonitorjata mill-Awtorità Maniġerjali tal-programm Reġjonali għall-Maċedonja tal-Lvant u Traċja. Għandu jiġi stabbilit numru limitat ta' indikaturi speċifiċi tal-eżitu u r-riżultati qabel il-bidu tal-Iskema Pilota, billi talinqas jitkejlu t-tkabbir tal-fatturat, it-tkabbir tal-esportazzjonijiet u l-impjiegi protetti u maħluqa.

Studju ta' evalwazzjoni qasir għandu jiġi kkumissjonat fl-aħħar tal-Iskema Pilota.

Ir-riżultati tal-Iskema Pilota għandhom jiġu ppreżentati fir-Reġjun, f'Ateni waqt seminar speċjali li jrid jiġi organizzat mir-Rappreżentanza tal-Parlament Ewropew f'Ateni u fil-Parlament Ewropew fi Brussell.

*Implimentazzjoni tal-proġett*

Sabiex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji bejn il-proġett u x-xogħol li attwalment qed isir miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni Ewropej, il-Kummissjoni possibilment timplimenta l-proġett permezz taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt, bl-appoġġ tad-DĠ REGIO.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 04 | FOND TA' KOEŻJONI (FK) | | | | | | | | |
| **13 04 01** | ***Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)*** | 1.2 | p.m. | 570 183 553 | p.m. | 953 453 908 | 0,— | 950 370 142,69 | 166,68 |
| **13 04 02** | ***Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)*** | 1.2 | p.m. | 10 002 500 000 | 12 499 800 000 | 10 461 043 541 | 11 785 940 667,37 | 8 671 805 422,15 | 86,70 |
| **13 04 03** | ***Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| **13 04 60** | ***Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi*** | 1.2 | 7 939 400 000 | 505 156 711 | | | | | — |
| **13 04 61** | ***Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali*** | | | | | | | | |
| 13 04 61 01 | Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali | 1.2 | 23 600 000 | 15 000 000 | | | | | — |
| 13 04 61 02 | Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 13 04 61 — Sub-total* | | 23 600 000 | 15 000 000 | | | | | — |
| | **Kapitolu 13 04 — Total** | | **7 963 000 000** | **11 092 840 264** | **12 499 800 000** | **11 414 497 449** | **11 785 940 667,37** | **9 622 175 564,84** | **86,74** |

*Kummenti*

L-Artikolu 177, it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li għandu jiġi stabbilit Fond ta' Koeżjoni sabiex isostni proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

L-Artikolu H tal-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u l-Artikoli 85, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprovdu għal regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa li tkun tikser id-dritt applikabbli. Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimborż, in toto jew in parte, tal-pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għal regoli speċifiċi dwar ir-rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiddaħħlu fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Operazzjonijiet kontra l-frodi jkunu ffinanzjati taħt l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi legali*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu.

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (3) u (4) u l-Artikoli 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

### *13 04 01 Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 570 183 553 | p.m. | 953 453 908 | 0,— | 950 370 142,69 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni li għad iridu jitħallsu qabel is-sena 2000 u t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jistabbilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)** *(ikompli)*

### 13 04 02 *Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 10 002 500 000 | 12 499 800 000 | 10 461 043 541 | 11 785 940 667,37 | 8 671 805 422,15 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom ma tħallsux għall-Fond ta' Koeżjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mill-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ipprovdut fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri:

— in-nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat),

— in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,

— il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi u studji,

— l-għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għal miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

### 13 04 03 *Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

KUMMISSJONI
*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)** *(ikompli)*

***13 04 03*** *(ikompli)*

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Wara talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

***13 04 60*** ***Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 7 939 400 000 | 505 156 711 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-Fond ta' Koeżjoni se jkompli jsostni Stati Membri b'Introjtu Nazzjonali Gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Din l-approprjazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex issostni:

— investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,

— netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport, b'konformità mal-linji gwida adottati bid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)** *(ikompli)*

## *13 04 61 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali*

13 04 61 01 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 23 600 000 | 15 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentrazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa, fost l-oħrajn l-iżvilupp ta':

— għodod għall-applikazzjonijiet ta' proġetti elettroniċi u għar-rappurtar, u l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi,

— reviżjoni minn pari tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità ta' prestazzjoni ta' kull Stat Membru,

— dokumentazzjoni standard dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku,

— sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultati u impatti,

— manwal dwar l-aħjar prattiki li jottimizza l-użu tal-Fond u t-tnaqqis fir-rata tal-iżball.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 04 61 02 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

**KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)** *(ikompli)*

***13 04 61*** *(ikompli)*

13 04 61 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 05 | STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI | | | | | | | | |
| ***13 05 01*** | ***Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)*** | | | | | | | | |
| 13 05 01 01 | Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006) | 4 | p.m. | 40 000 000 | p.m. | 153 290 739 | 0,— | 62 580 074,27 | 156,45 |
| 13 05 01 02 | Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 4 009 116,51 | — |
| | *Artikolu 13 05 01 — Sub-total* | | p.m. | 40 000 000 | p.m. | 153 290 739 | 0,— | 66 589 190,78 | 166,47 |
| ***13 05 02*** | ***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)*** | 4 | p.m. | 272 447 479 | 462 000 000 | 172 734 477 | 462 453 000,— | 222 462 819,41 | 81,65 |
| ***13 05 03*** | ***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)*** | | | | | | | | |
| 13 05 03 01 | Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b | 1.2 | p.m. | 52 000 000 | 51 491 401 | 50 000 000 | 50 481 765,— | 36 197 118,27 | 69,61 |
| 13 05 03 02 | Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 | 4 | p.m. | 26 143 200 | 36 279 051 | 34 675 735 | 42 406 903,— | 28 636 770,— | 109,54 |
| | *Artikolu 13 05 03 — Sub-total* | | p.m. | 78 143 200 | 87 770 452 | 84 675 735 | 92 888 668,— | 64 833 888,27 | 82,97 |

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***13 05 60*** | ***Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*** | | | | | | | | |
| 13 05 60 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-Unjoni | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 13 05 60 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 13 05 60 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***13 05 61*** | ***Sostenn lill-Islanda*** | | | | | | | | |
| 13 05 61 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-acquis tal-Unjoni. | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 13 05 61 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 13 05 61 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***13 05 62*** | ***Sostenn lit-Turkija*** | | | | | | | | |
| 13 05 62 01 | Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-Unjoni | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 13 05 62 02 | Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali | 4 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 13 05 62 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | | | | | — |
| ***13 05 63*** | ***Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali*** | | | | | | | | |
| 13 05 63 01 | Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 13 05 63 02 | Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 | 4 | 39 000 000 | 27 338 481 | | | | | — |
| | *Artikolu 13 05 63 — Sub-total* | | 39 000 000 | 27 338 481 | | | | | — |
| | **Kapitolu 13 05 — Total** | | **39 000 000** | **417 929 160** | **549 770 452** | **410 700 951** | **555 341 668,—** | **353 885 898,46** | **84,68** |

### *13 05 01 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)*

*Kummenti*

L-għajnuna mogħtija bl-istrument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) kienet maħsuba biex tgħin lill-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fl-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni. L-ISPA intuża biex jgħin lill-pajjiżi benefiċjarji biex ikunu konformi mal-*acquis* tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport.

13 05 01 01 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 40 000 000 | p.m. | 153 290 739 | 0,— | 62 580 074,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/1989, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 2666/2000, sabiex jittieħed kont tal-istatus ta' kandidatura tal-Kroazja (ĠU L 389, 30.12.2004, p. 1).

13 05 01 02 Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 4 009 116,51 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** *(ikompli)*

***13 05 01*** *(ikompli)*

13 05 01 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

***13 05 02*** ***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 272 447 479 | 462 000 000 | 172 734 477 | 462 453 000,— | 222 462 819,41 |

*Kummenti*

l-ex *Artikolu 13 05 02 (parzjalment)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Skont l-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

***13 05 03*** ***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni transfruntiera (KTF) (2007 sa 2013)***

13 05 03 01 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 52 000 000 | 51 491 401 | 50 000 000 | 50 481 765,— | 36 197 118,27 |

*Kummenti*

l-ex *Partita 13 05 03 01 (parzjalment)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 għall-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza teknika pprovduta barra mill-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

KUMMISSJONI

*TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA*

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** *(ikompli)*

***13 05 03*** *(ikompli)*

13 05 03 01 *(ikompli)*

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

13 05 03 02 Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 26 143 200 | 36 279 051 | 34 675 735 | 42 406 903,— | 28 636 770,— |

*Kummenti*

*l-ex Partita 13 05 03 01 (parzjalment)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

**KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI** *(ikompli)*

### 13 05 60 *Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*

13 05 60 01 Sostenn għar-riformi politiċi u alinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— sostenn għar-riformi politiċi,

— tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija permezz tas-sostenn għall-alinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni, mal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u ta' żvilupp agrikolu u rurali, u mal-politiki tal-Unjoni, u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tagħhom.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża għall-miżuri li jħinu lill-pajjiżi benefiċjarji jissodisfaw ir-rekwiżiti li jinħolqu minn ivvjaġġar mingħajr visa lejn u mill-pajjiżi Schengen, jew, fil-każ tal-Kosovo, miżuri biex iħaffu l-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-visa.

| ***15 01 01*** | ***Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*** | 5.2 | 49 661 717 | 51 511 216 | 51 956 609,95 | 104,62 |
| ***15 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*** | | | | | |
| 15 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 3 715 743 | 3 724 908 | 3 898 776,71 | 104,93 |
| 15 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 3 815 430 | 3 333 017 | 4 515 989,70 | 118,36 |
| | *Artikolu 15 01 02 — Sub-total* | | 7 531 173 | 7 057 925 | 8 414 766,41 | 111,73 |
| ***15 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*** | 5.2 | 3 214 547 | 3 294 977 | 3 838 398,50 | 119,41 |
| ***15 01 04*** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*** | | | | | |
| 15 01 04 01 | Nefqa ta sostenn għal Erasmus+ | 1.1 | 10 414 108 | 10 274 000 | 10 002 010,— | 96,04 |
| 15 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għal Ewropa Kreattiva | 3 | 2 137 900 | 1 319 000 | 1 431 547,— | 66,96 |
| | *Artikolu 15 01 04 — Sub-total* | | 12 552 008 | 11 593 000 | 11 433 557,— | 91,09 |
| ***15 01 05*** | ***Nefqa ta' sostenn għal programmi Riċerka u Innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*** | | | | | |
| 15 01 05 01 | Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 2 234 614 | 2 325 500 | 1 893 941,— | 84,75 |
| 15 01 05 02 | Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 700 000 | 700 000 | 700 000,— | 100,— |

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 01 05 03 | Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 | 1.1 | 815 112 | 838 150 | 1 077 456,44 | 132,19 |
| | *Artikolu 15 01 05 — Sub-total* | | 3 749 726 | 3 863 650 | 3 671 397,44 | 97,91 |
| **15 01 06** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 15 01 06 01 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus+ | 1.1 | 25 897 000 | 21 658 000 | 23 687 717,— | 91,47 |
| 15 01 06 02 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva | 3 | 12 192 000 | 16 030 000 | 16 532 259,— | 135,60 |
| | *Artikolu 15 01 06 — Sub-total* | | 38 089 000 | 37 688 000 | 40 219 976,— | 105,59 |
| **15 01 60** | ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji*** | 5.2 | 2 534 000 | 2 534 000 | 2 814 204,54 | 111,06 |
| **15 01 61** | ***Kost tal-organizzar ta' apprentistat tal-gradwati mal-istituzzjoni*** | 5.2 | 6 361 000 | 6 551 305 | 7 828 913,78 | 123,08 |
| | **Kapitolu 15 01 — Total** | | **123 693 171** | **124 094 073** | **130 177 823,62** | **105,24** |

### 15 01 01 *Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 49 661 717 | 51 511 216 | 51 956 609,95 |

### 15 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*

15 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 715 743 | 3 724 908 | 3 898 776,71 |

15 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 815 430 | 3 333 017 | 4 515 989,70 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

### *15 01 03* *Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 214 547 | 3 294 977 | 3 838 398,50 |

### *15 01 04* *Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*

15 01 04 01 Nefqa ta sostenn għal Erasmus+

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 414 108 | 10 274 000 | 10 002 010,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 01 04 14, 15 01 04 17, 15 01 04 22 u 15 01 04 55*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż relatati ma' attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-objettivi tiegħu; b'mod partikolari, l-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni sa fejn dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 15 02.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 04*** *(ikompli)*

15 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal Ewropa Kreattiva

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 137 900 | 1 319 000 | 1 431 547,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 01 04 44, 15 01 04 60 u 15 01 04 68*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 15 04.

***15 01 05*** ***Nefqa ta' sostenn għal programmi Riċerka u Innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"***

15 01 05 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 234 614 | 2 325 500 | 1 893 941,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 01 01 (parzjali) u Partita 15 01 05 01*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa b'rabta ma' uffiċjali u l-persunal temporanui fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jokkupaw karigi fil-pjanijiet ta' twaqqif awtorizzati involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inklużi l-uffiċjali u l-persunal temporanju ppostjati fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 05*** *(ikompli)*

15 01 05 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 15 03.

15 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 700 000 | 700 000 | 700 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa għal persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, involuti f'azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 15 03.

15 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 815 112 | 838 150 | 1 077 456,44 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 01 05 03 u 15 02 11 01 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta skont il-programmi mhux nukleari, inkluża nefqa amministrattiva oħra mġarrba mill-persunal ippostjat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita u kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 05*** *(ikompli)*

15 01 05 03 *(ikompli)*

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew il-proġetti, bħal, iżda mhux limitati għal, nefqiet għal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 15 03.

***15 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

15 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus+

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 25 897 000 | 21 658 000 | 23 687 717,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 01 04 30 u 15 01 04 32*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-programmi taħt l-Intestatura 1a, it-tlestija tal-programmi ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, u l-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 kif ukoll biex tkopri l-kostijiet tal-Aġenzija provenjenti mill-ġestjoni tal-programm Erasmus+.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 06*** *(ikompli)*

15 01 06 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 011, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 9.12. 2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal -11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat li Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet mill-FEŻ.

15 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 192 000 | 16 030 000 | 16 532 259,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 15 01 04 31*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-programmi taħt l-Intestatura 3b tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-2007-2013, (ħlief il-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni), kif ukoll biex tkopri l-ispiża operatorja tal-Aġenzija provenjenti mill-ġestjoni ta' programmi skont il-programm Ewropa Kreattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 06*** *(ikompli)*

15 01 06 02 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 011, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26)

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat li Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet mill-FEŻ.

***15 01 60*** ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 534 000 | 2 534 000 | 2 814 204,54 |

*Kummenti*

Ex *Partita 15 01 60 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta' kotba, kotba elettroniċi u pubblikazzjonijiet oħrajn, l-aġġornament ta' volumi eżistenti,

— il-kost tal-legatura u nefqa oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet,

— nefqa fuq abbonamenti għall-gazzetti, perjodiki speċjalizzati,

— pubblikazzjonijiet speċjalizzati oħrajn stampati u elettroniċi.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "EDUKAZZJONI U KULTURA"** *(ikompli)*

***15 01 60*** *(ikompli)*

Ma tkoprix in-nefqa magħmula minn:

— siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li n-nefqa għalih tiddaħħal fl-Artikolu 01 05 tat-Titoli kkonċernati,

— Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03,

— nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fil-partita 01 03 02 tat-Titoli kkonċernati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 56 000.

***15 01 61*** ***Kost tal-organizzar ta' apprentistat tal-gradwati mal-istituzzjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 361 000 | 6 551 305 | 7 828 913,78 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-apprendistati fis-servizz għall-gradwati. Dan l-apprendistat huwa mfassal biex jagħtihom ħarsa ġenerali tal-objettivi stabbiliti u l-isfidi li għandha l-Unjoni, idea dwar kif jaħdmu l-istituzzjonijiet tagħha u opportunità biex itejbu l-għarfien tagħhom permezz ta' esperjenza tax-xogħol fil-Kummissjoni.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-ħlas tal-għotjiet u kostijiet oħra relatati (suppliment għal persuni b'diżabilità, assigurazzjonijiet tal-mard u l-aċċidenti, kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar relatati mal-apprentistat, fil-bidu u fit-tmiem tal-apprentistat, il-kostijiet tal-avvenimenti organizzati fil-qafas tal-programm tal-apprentistat, eż. żjarat, kostijiet tal-ospitar u l-akkoljenza). Din tkopri wkoll il-kostijiet ta' evalwazzjoni sabiex jiġu ottimizzati l-programm u l-kampanji ta' komunikazzjoni u informazzjoni.

Is-selezzjoni tal-apprendisti hija msejsa fuq kriterji oġġettivi u trasparenti.

L-ammont ta' dħul assenjat relatat skont l-Artikolu 21(2) sa (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 985 000.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 15 02 | ERASMUS+ | | | | | | | | |
| ***15 02 01*** | ***Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni, taħriġ u żgħażagħ, ir-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea*** | | | | | | | | |
| 15 02 01 01 | Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-relevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol | 1.1 | 1 315 662 350 | 794 000 037 | | | | | — |
| 15 02 01 02 | Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea | 1.1 | 153 094 542 | 103 175 146 | | | | | — |
| | *Artikolu 15 02 01 — Sub-total* | | 1 468 756 892 | 897 175 183 | | | | | — |
| ***15 02 02*** | ***Żvilupp tal-eċċellenza fl-attivitajiet tat-tagħlim u r-riċerka fl-integrazzjoni Ewropea madwar id-dinja (il-programm Jean Monnet)*** | 1.1 | 34 546 000 | 24 217 999 | | | | | — |
| ***15 02 03*** | ***Żvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport*** | 1.1 | 16 167 000 | 9 333 711 | | | | | — |
| ***15 02 10*** | ***Avvenimenti sportivi annwali speċjali*** | 1.1 | 3 000 000 | 3 000 000 | | | | | — |
| ***15 02 11*** | ***Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)*** | 1.1 | 17 428 900 | 17 428 900 | 17 384 900 | 17 384 900 | 21 093 616,64 | 17 433 900,— | 100,03 |
| ***15 02 12*** | ***Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)*** | 4 | 20 018 500 | 20 018 500 | 20 026 500 | 20 526 500 | 20 144 530,— | 20 144 530,— | 100,63 |
| ***15 02 51*** | ***Linja għat-tlestija għal Tagħlim Tul il-Ħajja, inkluż il-multilingwiżmu*** | 1.1 | p.m. | 222 376 600 | 1 252 739 154 | 1 243 517 142 | 1 462 353 135,27 | 1 419 606 425,56 | 638,38 |
| ***15 02 53*** | ***Linja għat-tlestija għal Żgħażagħ u Sport*** | 1.1 | p.m. | 30 000 000 | 145 539 000 | 127 457 227 | 187 988 961,93 | 175 054 140,98 | 583,51 |
| ***15 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 15 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Programm tat-tip "Erasmus" għall-apprendisti | 1.1 | — | p.m. | — | 275 000 | 0,— | 0,— | — |

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 15 02 77 03 | Proġett pilota biex ikopri l-kostijiet tal-istudji li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż it-twaqqif ta' President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 579 935 | 0,— | 179 300,99 | — |
| 15 02 77 04 | Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 9 402,— | — |
| 15 02 77 05 | Azzjoni preparatorja biex tkopri l-kostijiet tal-istudji li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati u moduli edukazzjonali oħra inkluż il-funzjonament tal-President tal-PEV fil-Kulleġġ tal-Ewropa (Kampus ta' Natolin) | 1.1 | p.m. | 700 000 | 4 000 000 | 2 600 000 | 3 500 000,— | 2 800 000,— | 400,— |
| 15 02 77 06 | Azzjoni preparatorja — Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri Timplimenta Servizz Universali tal-Komunità | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 9 745,32 | — |
| 15 02 77 07 | Azzjoni preparatorja fil-qasam tal-isport | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 209 000 | 0,— | 865 410,41 | — |
| 15 02 77 08 | Azzjoni preparatorja — Sħubijiet Ewropej dwar l-isports | 1.1 | p.m. | 2 492 800 | 4 000 000 | 2 500 000 | 3 999 269,19 | 1 308 190,39 | 52,48 |
| 15 02 77 09 | Azzjoni preparatorja — Pjattaforma Elettronika għall-Viċinat | 1.1 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 15 02 77 — Sub-total* | | 1 000 000 | 3 692 800 | 8 000 000 | 6 163 935 | 7 499 269,19 | 5 172 049,11 | 140,06 |
| | **Kapitolu 15 02 — Total** | | **1 560 917 292** | **1 227 243 693** | **1 443 689 554** | **1 415 049 704** | **1 699 079 513,03** | **1 637 411 045,65** | **133,42** |

### *15 02 01 Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni, taħriġ u żgħażagħ, ir-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea*

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak jinkiseb, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, inklużi kontribuzzjonijiet in natura mis-CESES għall-proġetti tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 01*** *(ikompli)*

15 02 01 01 Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-relevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 315 662 350 | 794 000 037 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

F'konformità mal-objettiv ġenerali b'mod partikolari tal-qafas tal-istrateġija ET 2000 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fl-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issegwi l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

— li jittejjeb il-livell tal-kompetenzi u tal-ħiliet ewlenin notevolment fir-rigward tar-relevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-kontribut għal soċjetà koeżiva, partikolarment permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobilità ta' tagħlim u kooperazzjoni msaħħa bejn id-dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ u d-dinja tax-xogħol,

— li jitrawmu t-titjib fil-kwalità, l-eċċellenza fl-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni fil-livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni transnazzjonali msaħħa bejn min jipprovdi l-edukazzjoni u t-taħriġ u partijiet interessati oħra,

— li jippromwovi l-ħolqien ta' u s-sensibilizzazzjoni dwar qasam Ewropew għat-taglim tul il-ħajja, li jikkumplimenta riformi ta' politika fil-livell nazzjonali u li jappoġġa l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, partikolarment permezz ta' politika ta' kooperazzjoni msaħħa, l-użu aħjar tal-għodod ta' trasparenza u rikonoxximent tal-Unjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin,

— li tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, partikolarment permezz tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u l-edukazzjoni ogħla, billi tiżdied l-attraenza tal-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni ogħla u tiġi appoġġata l-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi l-objettivi ta' żvilupp tagħha permezz tal-promozzjoni tal-mobilità u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi u bini mmirat tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi terzi,

— Li ttejjeb l-istruzzjoni u t-tagħlim ta' lingwital-lingwi u tippromwovi d-diversità lingwistika, inklużi l-lingwi minoritarji u dawk fil-periklu ta' estinzjoni pereżempju billi jingħata appoġġ għal proġetti u netwerks li jipprovdu materjali edukattivi, taħriġ għall-għalliema, l-użu ta' lingwa fil-periklu ta' estinzjoni bħal midja edukattiva, reġenerazzjoni lingwistika u skambju tal-aqwa prattiki, eċċ.

Parti minn dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex jintużaw għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja tal-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej (CESES) u tal-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ, f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 01*** *(ikompli)*

15 02 01 01 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal -11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

15 02 01 02 Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tad-demokrazija Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 153 094 542 | 103 175 146 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

F'konformità mal-objettiv ġenerali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issegwi l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-qasam taż-żgħażagħ:

— li jittejjeb il-livell tal-kompetenzi u l-ħiliet ewlenin taż-żgħażagħ, inkluż dawk li għandhom inqas opportunitajiet, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika fl-Ewropa u fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadinanza attiva, id-djalogu interkulturali, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobilità tat-tagħlim għaż-żgħażagħ, dawk attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ jew f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u mexxejja taż-żgħażagħ, u permezz ta' rabtiet imsaħħa bejn il-qasam taż-żgħażagħ u s-suq tax-xogħol,

— li jitrawwem it-titjib fil-kwalità fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-organizzazzjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ u/jew partijiet interessati oħra,

— li jiġu kkumplimentati riformi ta' politika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, u li jiġu appoġġati l-iżvilupp ta' politika taż-żgħażagħ imsejsa fuq l-għarfien u l-evidenza kif ukoll ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fil-kooperazzjoni politika, użu aħjar tal-għodda tat-trasparenza u ta' rikonoxximent tal-Unjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin,

— li jittejbu d-dimensjoni internazzjonali ta' attivitajiet fil-qasam taż-żgħażagħ u r-rwol tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ bħala strutturi ta' appoġġ għaż-żgħażagħ b'komplimentarjetà mal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-mobilità u kooperazzjoni bejn partijiet interessati tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u permezz ta' ħidma mmirata għall-bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżi terzi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 01*** *(ikompli)*

15 02 01 02 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

***15 02 02 Żvilupp tal-eċċellenza fl-attivitajiet tat-tagħlim u r-riċerka fl-integrazzjoni Ewropea madwar id-dinja (il-programm Jean Monnet)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 34 546 000 | 24 217 999 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

F'konformità mal-objettiv ġenerali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issegwi l-objettivi speċifiċi li ġejjin tal-attivitajiet Jean Monnet:

— Li tippromwovi t-tagħlim u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea dinjija fost l-akkademiċi speċjalizzati, dawk li qed jitgħallmu u ċ-ċittadini, notevolment permezz tal-ħolqien tal-Katedri Jean Monnet u attivitajiet akkademiċi oħra, kif ukoll billi tiġi pprovduta għajnuna għal attivitajiet oħra ta' bini tal-għarfien f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja,

— Li tagħti sostenn lill-attivitajiet ta' istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet akkademiċi attivi fil-qasam tal-istudji ta' integrazzjoni tal-Ewropa u li tagħti sostenn lit-tikketta ta' Jean Monnet għall-eċċellenza,

— Li tagħti sostenn lill-istituzzjonijiet akkademiċi Ewropej li jsegwu għan ta' interess Ewropew,

— Li tippromwovi dibattitu dwar il-politiki u skambji bejn id-dinja akkademika u dawk li jfasslu l-politika dwar prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 02*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

***15 02 03*** ***Żvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 16 167 000 | 9 333 711 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

F'konformità mal-objettiv ġenerali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma li jikkorrispondu għall-objettivi (Artikolu 11) u l-attivitajiet (Artikolu 12) speċifiċi tal-Kapitolu.

Il-Kapitolu tal-Isport tal-programm "Erasmus+" ifittex l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-qasam tal-isport:

— li jindirizza t-theddidiet transnazzjonali bħad-doping, ix-xiri tal-logħob, il-vjolenza, ir-razziżmu u l-intolleranza,

— li jagħti sostenn lill-governanza tajba fl-isport u l-karrieri doppji tal-atleti,

— li jippromwovi l-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni fl-isport.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

### *15 02 10 Avvenimenti sportivi annwali speċjali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 3 000 000 | 3 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tlestija tal-miżuri li kellhom appoġġ bħala avvenimenti sportivi annwali speċjali.

*Avveniment Annwali Speċjali: Il-Ġimgħa Ewropea MOVE*

Impenji: EUR 1 000 000; Pagamenti: EUR 1 000 000

Il-Ġimgħa Ewropea MOVE hija avveniment emblematiku madwar l-Ewropa kollha li tippromwovi sports popolari u attività fiżika u l-impatt pożittiv tagħhom fuq iċ-ċittadini u s-soċjetajiet Ewropej.

Bħala parti mill-viżjoni sabiex 100 miljun persuna Ewropea oħra ssir attiva fl-isports u l-attività fiżika sal-2020, il-Ġimgħa MOVE 2014 hija approċċ minn isfel għal fuq li tinvolvi lill-komunitajiet lokali, il-klabbs sportivi, il-postijiet ta' ħidma u l-bliet f'ċelebrazzjoni fuq skala kbira ta' sports u attività fiżika. Din hija parti integrata tal-kampanja Ewropea NowWeMove u għaldaqstant hija kontribut sostenibbli lejn ċittadini Ewropej aktar attivi fiżikament u aktar b'saħħithom.

Il-Ġimgħa MOVE 2014 se tkun ikkaratterizzata minn 300 avveniment mit-28 Stati Membri kollha u minimu ta' 150 belt, filwaqt li tintroduċi inizjattivi sportivi u tal-attività fiżika ġodda u telenka n-numru kbir ta' azzjonijiet ta' suċċess eżistenti.

*Avveniment Annwali Speċjali: Il-Logħob tas-Sajf tal-Olimpijadi Speċjali Ewropej f'Antwerp, il-Belġju, fl-2014*

Impenji: EUR 2 000 000; Pagamenti: EUR 2 000 000

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' miżuri appoġġati bħala avvenimenti annwali speċjali. L-ammont ta' EUR 2 000 000 huwa allokat sabiex jikkofinanzja l-avveniment multiannwali tal-Logħob tas-Sajf tal-Olimpijadi Speċjali Ewropej f'Antwerp, il-Belġju (bejn it-13 u l-20 ta' Settembru 2014). Dan il-finanzjament se jippermetti wkoll lill-atleti parteċipanti mit-28 Stati Membri kollha biex jitħarrġu, jippreparaw u jattendu għal-logħob fil-Belġju.

Dan l-avveniment se jinkludi 2 000 atleta u d-delegazzjonijiet tagħhom minn 58 pajjiż li se jikkompetu għal perjodu ta' għaxart ijiem. Aktar minn 4 000 voluntier se jgħinu biex dan l-avveniment multisportiv ikun wieħed uniku. Flimkien mal-Programm tal-Isports, se jitwaqqfu Programmi oħra xjentifiċi, edukattivi u għall-familja. Madwar 30 belt Belġjana se jospitaw l-atleti filwaqt li l-avveniment se jkun ospitat f'Antwerp. Ħafna avvenimenti speċjali se jiġu organizzati qabel, matul u wara l-Logħob.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

### *15 02 11 Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 17 428 900 | 17 428 900 | 17 384 900 | 17 384 900 | 21 093 616,64 | 17 433 900,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 02 25 01 u 15 02 25 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva taċ-Ċentru, u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma.

Iċ-Ċentru jeħtieġlu jinforma l-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva. Il-Kummissjoni, meta tintalab miċ-Ċentru, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità baġitarja bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operazzjonali u amministrattivi.

It-tabella ta' stabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 17 433 900. Ammont ta' EUR 5 000 li ġej mill-irkupru ta' bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 17 428 900 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1).

### *15 02 12 Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 20 018 500 | 20 018 500 | 20 026 500 | 20 526 500 | 20 144 530,— | 20 144 530,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 02 27 01 u 15 02 27 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali rigward il-programm ta' ħidma tagħha (Titolu 3).

Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-sostenn tal-pajjiżi msieħba fir-reġjun tal-Mediterran fir-riforma tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom, il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u s-sostenn għall-intraprenditorija.

Il-Fondazzjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 20 143 500. Ammont ta' EUR 125 000 li ġej mill-irkupru ta' bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 20 018 500 mdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

### *15 02 51 Linja għat-tlestija għal Tagħlim Tul il-Ħajja, inkluż il-multilingwiżmu*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 222 376 600 | 1 252 739 154 | 1 243 517 142 | 1 462 353 135,27 | 1 419 606 425,56 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 15 02 02, 15 02 03, 15 02 09 u 15 02 22*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 2317/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi programm għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2004 sa 2008) (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 4.12.2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

Id-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 1999 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni ta' taħriġ professjonali "Leonardo da Vinci" tal-Komunità (ĠU L 146, 11.6.1999, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-edukazzjoni "Socrates" (ĠU L 28, 3.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

### *15 02 53* ***Linja għat-tlestija għal Żgħażagħ u Sport***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 30 000 000 | 145 539 000 | 127 457 227 | 187 988 961,93 | 175 054 140,98 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 15 05 06, 15 05 09 u 15 05 55*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità (ĠU L 117, 18.5.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

### *15 02 77* ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

15 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Programm tat-tip "Erasmus" għall-apprendisti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | 275 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 02 23*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 77*** *(ikompli)*

15 02 77 03 Proġett pilota biex ikopri l-kostijiet tal-istudji li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż it-twaqqif ta' President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 579 935 | 0,— | 179 300,99 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 02 31*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 04 Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 9 402,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 02 32*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 77*** *(ikompli)*

15 02 77 05 Azzjoni preparatorja biex tkopri l-kostijiet tal-istudji li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati u moduli edukazzjonali oħra inkluż il-funzjonament tal-President tal-PEV fil-Kulleġġ tal-Ewropa (Kampus ta' Natolin)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 700 000 | 4 000 000 | 2 600 000 | 3 500 000,— | 2 800 000,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 02 33*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-istudji għal persuni li ġejjin mill-pajjiżi tal-PEV u dawk li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż il-funzjonament sostenibbli tal-President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa u moduli edukattivi oħrajn.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat li ġiet riveduta reċentement, fid-dawl tar-Rebbiegħa Għarbija, kif ipprevedew il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fid-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tagħhom, u fid-dawl tal-Unjoni għall-Mediterran u s-Shubija tal-Lvant, li t-tnejn li huma għandhom rabta diretta mal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant rispettivament, teħtieġ tħejjija fuq bażi regolari ta' interlokuturi futuri Ewropej u mill-pajjiżi ġirien, jiġifieri persunal għal impjiegi relatati mal-UE-PEV. Dawn għandhom ikunu mgħarrfa bis-sħiħ u b'mod professjonali fuq bażi regolari dwar is-sustanza u l-ispirtu tal-politiki tal-UE, il-liġi tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-*acquis communautaire*, u għaldaqstant il-PEV. Dan jeħtieġ offerta ffukata u sofistikata, li tista' tiġi pprovduta biss minn istituzzjoni akkademika magħrufa ħafna u diġà speċjalizzata f'dan il-qasam, bħall-Kulleġġ tal-Ewropa. Iż-żewġ kampusijiet tal-Kulleġġ tal-Ewropa – wieħed fi Bruges, il-Belġju, viċin l-istituzzjonijiet u l-esperti fi Brussell, u l-ieħor f'Natolin/Varsavja, il-Polonja, li jispeċjalizza fil-politika tal-viċinat u l-fruntieri (billi l-Aġenzija Frontex hija bbażata f'Varsavja) fi ħdan il-qafas tal-Presidenza tal-PEV, li diġà ġew stabbiliti grazzi għall-finanzjar tal-UE – jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex joffru programmi mfassla apposta u moduli edukattivi oħra f'dan ir-rigward.

Fil-kunsiderazzjoni tal-esperjenza akkumulata u pożittiva ta' din l-azzjoni preparatorja, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, din l-intestatura baġitarja bl-għanijiet speċifiċi tagħha titkompla b'mod sostenibbli.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 77*** *(ikompli)*

15 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri Timplimenta Servizz Universali tal-Komunità

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 9 745,32 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 05 10*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 07 Azzjoni preparatorja fil-qasam tal-isport

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 209 000 | 0,— | 865 410,41 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 05 11*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Sħubijiet Ewropej dwar l-isports

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 2 492 800 | 4 000 000 | 2 500 000 | 3 999 269,19 | 1 308 190,39 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 05 20*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 77*** *(ikompli)*

15 02 77 08 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja se tħejji t-triq għal programm fil-qasam tal-isports għall-perjodu wara l-2013. Din se tittestja l-fattibilità u l-utilità ta' ideat u kunċetti eżistenti, bil-ħsieb li tinħoloq dimensjoni Ewropea fl-isports.

L-objettiv tal-azzjoni ta' tħejjija huwa li jiġu ttestjati sħubijiet Ewropej, netwerks u l-iskambju tal-aħjar prassi. B'mod partikolari, se tiffoka fuq li ġej:

— kundizzjonijiet ġusti fil-kompetizzjonijiet sportivi b'miżuri ta' sostenn li jipprevienu fenomeni bħax-xiri tal-logħob,

— l-integrità fiżika u morali tal-irġiel u n-nisa li jieħdu sehem fl-isports, u l-kundizzjonijiet ta' taħriġ għall-minorenni,

— ir-rwol tal-isports bħala attività tajba għas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-anzjani,

— is-sensibilizzazzjoni għall-protezzjoni tas-saħħa tal-atleti żgħażagħ permezz ta' monitoraġġ u kontrolli mediċi,

— il-mobbiltà fl-isport, b'mod partikolari ta' voluntieri, kowċis u persunal ta' organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ,

— l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport,

— il-kompetizzjonijiet sportivi konġunti transfruntieri f'reġjuni tal-viċinat u fl-Istati Membri,

— is-sensibilizzazzjoni u l-ġbir ta' informazzjoni dwar "sports indiġeni" li jagħmlu parti mill-wirt kulturali komuni fl-Ewropa,

— l-inklużjoni soċjali u l-proġetti li jagħtu sostenn lill-komunità lokali; organizzazzjoni sportiva tista' turi l-valur miżjud tagħha anki fi kwistjonijiet mhux marbuta mal-isports.

F'dawn l-oqsma kollha, għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet lokali fir-rigward tal-istruttura tal-popolazzjoni u l-età, l-inklużjoni, l-integrazzjoni, l-aċċessibbiltà, l-iżolament soċjali, il-kundizzjoni fiżika u s-saħħa.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għas-sostenn tal-inizjattiva tal-Kapitali Ewropea tal-Isport, imwaqqfa minn ACES Europe (Association of European Capitals and Cities of Sport), partikolarment bl-għan li tittejjeb il-governanza tal-organizzazzjoni, speċjalment il-proċeduri ta' selezzjoni u ta' aġġudikazzjoni, u b'hekk titwessa' l-kopertura ġeografika u jogħla l-livell tal-profil ta' din l-inizjattiva.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 02 — ERASMUS+** *(ikompli)*

***15 02 77*** *(ikompli)*

15 02 77 09 Azzjoni preparatorja — Pjattaforma Elettronika għall-Viċinat

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja se tiżviluppa pjattaforma elettronika għall-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi tal-PEV, l-awtoritajiet lokali, iċ-ċentri akkademiċi u s-soċjetà ċivili, fejn ikun faċilitat skambju flessibbli iżda mmirat ta' know-how u għarfien dwar l-affarijiet tal-Unjoni u l-*acquis communautaire*.

Il-Pjattaforma Elettronika għall-Viċinat se tkattar skambji speċifiċi għall-profili, ir-rekwiżiti u l-limitazzjonijiet tal-parteċipanti fil-pajjiżi tal-PEV, abbażi ta' implimentazzjoni rigoruża minn qabel, żvilupp u stadji ta' ttestjar. Il- Pjattaforma Elettronika se tuża soluzzjonijiet innovattivi, ibbażati fuq l-Internet u interattivi, biex ikun hemm segwitu għall-esperjenza akkwistata mill-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (EĊL) matul żminijiet ta' tranżizzjoni demokratika. Se tkun ikkumplementata b'għadd ta' komunikazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ, fejn jinħoloq il-kuntatt bejn iċ-ċittadini tal-PEV u ċentri akkademiċi u amministrazzjonijiet fl-Unjoni, billi jkun jista' jingħata feedback u jinbena netwerk sabiex jiġi żgurat li jinkisbu objettivi tal-bini tal-kapaċità. Il-pjattaforma elettronika se tippermetti l-involviment ta' esperti ewlenin, l-għoti ta' kontenut ta' kwalità għolja, mezzi ta' komunikazzjoni attivi u l-bini ta' komunitajiet ta' prattika.

L-azzjoni preparatorja se tiġi implimentata mill-Kulleġġ tal-Ewropa (Kampus Natolin) li għandu għarfien uniku dwar il-proċessi tat-tranżizzjoni demokratika u t-trasformazzjonijiet strutturali lejn l-Unjoni kif ukoll esperjenza estensiva fil-kwistjonijiet PEV, li hi importanti għas-suċċess tal-azzjoni preparatorja. B'mod partikolari, Natolin huwa s-sede tal-President tal-PEV iffinanzjat mill-U li l-persunal akkademiku tiegħu jista' jappoġġa lill- Pjattaforma Elettronika għall-Viċinat.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 15 03 | ORIZZONT 2020 | | | | | | | | |
| ***15 03 01*** | ***Xjenza eċċellenti*** | | | | | | | | |
| 15 03 01 01 | Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — Iġġenerar ta' ħiliet ġodda u innovazzjoni | 1.1 | 731 611 715 | 57 002 709 | | | | | — |
| | *Artikolu 15 03 01 — Sub-total* | | 731 611 715 | 57 002 709 | | | | | — |
| ***15 03 05*** | ***Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Integrazzjoni tat-trijanglu tal-għarfien tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni*** | 1.1 | 235 059 644 | 121 406 196 | | | | | — |
| ***15 03 50*** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 15 03 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 15 03 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 48 090 417,37 | 35 900 400,80 | — |
| | *Artikolu 15 03 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 48 090 417,37 | 35 900 400,80 | — |
| ***15 03 51*** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 490 572 208 | 963 502 000 | 834 587 858 | 937 202 742,79 | 714 766 019,28 | 145,70 |
| ***15 03 53*** | ***Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija*** | 1.1 | p.m. | 48 401 107 | 122 574 960 | 93 740 589 | 81 020 666,16 | 68 332 105,16 | 141,18 |
| ***15 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 15 03 77 01 | Proġett Pilota — Sħubijiet ta' għarfien | 1.1 | p.m. | 498 600 | p.m. | 499 900 | 997 196,40 | 498 598,20 | 100,— |
| | *Artikolu 15 03 77 — Sub-total* | | p.m. | 498 600 | p.m. | 499 900 | 997 196,40 | 498 598,20 | 100,— |
| | **Kapitolu 15 03 — Total** | | **966 671 359** | **717 880 820** | **1 086 076 960** | **928 828 347** | **1 067 311 022,72** | **819 497 123,44** | **114,16** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għall-Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp, li jkopri l-perjodu (2014-2020) tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

Il-Programm għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jiġu pprovduti taħt il-Partita 15 03 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 15 01 05.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

### *15 03 01 Xjenza eċċellenti*

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li ssaħħaħ u testendi l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka mill-aqwa biex tiġi żgurata l-kompetittività fuq terminu twil tal-Ewropa. Din se tagħti sostenn lill-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Ewropa, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel lill-Ewropa post attraenti għall-aqwa riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu stabbiliti skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi stabbiliti minn qabel. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stipulata b'kuntatt mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka se tiġi ffinanzjata fuq il-bażi tal-eċċellenza.

15 03 01 01 Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — Iġġenerar ta' ħiliet ġodda u innovazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 731 611 715 | 57 002 709 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' riżorsi umani b'saħħitha u kreattiva, mobbli fost il-pajjiżi u s-setturi, u għandha tkun attraenti għall-aqwa riċerkaturi, Ewropej u mhux Ewropej. Dan se jinkiseb permezz tal-istrutturar u ż-żieda fl-eċċellenza f'parti sostanzjali tat-taħriġ inizjali ta' kwalità għolja tal-kandidati għad-dottorat u tar-riċerkaturi fi stadju bikri u permezz tas-sostenn għall-opportunitajiet attraenti għal karriera ta' riċerkaturi esperjenzati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat mad-dinja kollha. Ir-riċerkaturi huma mħeġġa li jiċċaqilqu bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini biex itejbu l-potenzjal kreattiv u innovattiv tagħhom.

*Bażi legali*

Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c) tagħha.

### *15 03 05 Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Integrazzjoni tat-trijanglu tal-għarfien tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 235 059 644 | 121 406 196 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva, u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), inklużi l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) magħżula mill-EIT.

L-EIT jeħtieġlu jinforma lill-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva. Il-Kummissjoni, jekk tintalab mill-EIT, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità baġitarja bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operazzjonali u amministrattiva.

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***15 03 05*** *(ikompli)*

Fil-qafas tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT u r-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174), l-EIT se jkompli jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali u l-prijoritajiet ta'"Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni", bl-objettiv speċifiku ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT għandu l-għan li jagħti spinta tant meħtieġa lill-kapaċità għall-innovazzjoni tal-Ewropa u l-mira globali tiegħu hija li joħloq mod ġdid Ewropew biex ikun hemm tkabbir ekonomiku u benefiċċji soċjetali essenzjali permezz tal-innovazzjoni billi jgħin biex l-ideat innovattivi jinbidlu fi prodotti u servizzi li joħolqu tkabbir sostenibbli u impjiegi.

Il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni huma l-bażi operazzjonali tal-EIT. Dawn huma sħubijiet xprunati mill-eċċellenza, li jiġbru flimkien il-web kollu tal-innovazzjoni sabiex joffru opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni fl-Ewropa u jiġġeneraw impatt reali f'termini ta' ħolqien ta' negozji ġodda u benefiċċji soċjetali. Dawn jindirizzaw suġġetti ta' innovazzjoni ffukati u jintegraw organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, industriji innovattivi, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, investituri, negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu u spin-offs. L-ewwel tliet KKI ntgħażlu f'Diċembru 2009 u jindirizzaw l-isfidi soċjetali li ġejjin: il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima (permezz tal-Climate-KIC), l-enerġija sostenibbli (permezz tal-KIC InnoEnergy) u s-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-ġejjieni (permezz tal-EIT ICT Labs).

L-EIT għandu l-għan li jiġġenera impatt tanġibbli fl-oqsma li ġejjin:

— L-indirizzar ta' sfidi soċjetali ewlenin: Il-KKI jgħaqqdu l-kompetenza minn dixxiplini differenti biex jiżguraw reazzjonijiet innovattivi u globali għal sfidi soċjetali kumplessi,

— Il-ħolqien ta' qafas ċar li huwa faċli għall-kummerċ: It-tibdil ta' ideat ġodda fi prodotti, servizzi jew opportunitajiet kummerċjali ġodda se jkun il-punt ta' riferiment ewlieni għas-suċċess tal-EIT u tal-KKI,

— It-tisħiħ ta' fluss liberu ta' għarfien permezz ta' kolokazzjoni: Il-KKI huma organizzati madwar ċentri ta' kolokazzjoni — postijiet ġeografiċi fejn il-parti l-kbira tal-katina ta' innovazzjoni, jew il-katina ta' innovazzjoni kollha kemm hi, tinsab fil-qrib. L-enfasi hija fuq nies li ġejjin minn sfondi differenti (l-industrija, l-SMEs, l-akkademji, in-nazzjonalità, il-ġeneru, id-dixxiplina…) li jaħdmu flimkien b'kuntatt wiċċ imb wiċċ, biex b'hekk iwasslu għal mobilità akbar tal-għarfien,

— Il-ħolqien ta' ġenerazzjoni ta' intraprendituri ġdida: Il-persuni b'mentalità intraprenditorjali huma l-motivaturi tal-innovazzjoni, biex b'hekk iżommu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna attivi. L-EIT jippromwovi l-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija bħala l-fattur ewlieni tal-programmi tal-Masters u dottorati tal-KKI billi jitfa' l-enfasi fuq "tagħlim permezz tal-azzjoni" pjuttost milli "tagħlim dwar is-suġġetti". Il-programmi tal-Master u l-PhD se jipprovdu lill-istudenti l-ħiliet intraprenditorjali li jeħtieġu biex jirnexxu fl-ekonomija tal-għarfien, permezz ta' ffukar fuq ir-riżultati tat-tagħlim u l-użu ta' metodi innovattivi ta' tagħlim.

L-objettivi strateġiċi tal-EIT għal dan il-perjodu huma l-konsolidazzjoni u s-sinerġija tal-operazzjonijiet tiegħu u t-tħejjija għall-kisba tal-prijoritajiet stipulati fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (2014-2020): l-ewwel nett, permezz tal-inċentivar tat-tkabbir, l-impatt u s-sostenibilità billi titkompla tissaħħaħ is-sħubija tiegħu mat-tliet KKI eżistenti filwaqt li jinħolqu KKI ġodda. Billi jsegwi triq ta' żvilupp inkrimentali fit-twaqqif ta' KKI ġodda, l-EIT se jiżgura li jasal għal portafoll totali ta' disa' KKI fil-perjodu 2014-2020 (ekwivalenti għat-twaqqif ta' 40-50 ċentru ta' kolokazzjoni fl-Unjoni); it-tieni nett, permezz tat-tisħiħ tal-impatt tal-EIT billi titrawwem l-innovazzjoni mmexxija mill-intraprenditorija fl-Unjoni permezz ta' disseminazzjoni mifruxa ta' mudelli ta' innovazzjoni ġodda li jattiraw u jiżviluppaw talent minn madwar l-Ewropa; u t-tielet, permezz tal-introduzzjoni ta' mezzi ġodda biex ikun hemm impatt, flimkien ma' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***15 03 05*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174).

***15 03 50*** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

15 03 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti filqasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014 sa 2020.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

15 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 48 090 417,37 | 35 900 400,80 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 07 78*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti filqasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

### 15 03 51 *Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 490 572 208 | 963 502 000 | 834 587 858 | 937 202 742,79 | 714 766 019,28 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 15 07 77*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplimenta s-7 Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272).

### 15 03 53 *Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 48 401 107 | 122 574 960 | 93 740 589 | 81 020 666,16 | 68 332 105,16 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 02 11 01 (parzjali) u 15 02 11 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020** *(ikompli)*

***15 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

15 03 77 01 Proġett Pilota — Sħubijiet ta’ għarfien

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 498 600 | p.m. | 499 900 | 997 196,40 | 498 598,20 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 07 79*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 15 04 | EWROPA KREATTIVA | | | | | | | | |
| ***15 04 01*** | ***Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, partikolarment għal SMEs u ogranizzazzjonijiet*** | 3 | 9 000 000 | 6 500 000 | | | | | — |
| ***15 04 02*** | ***Subprogramm tal-kultura – Sostenn ta' azzjonijiet biex is-setturi kulturali u kreattivi joperaw fl-Unjoni u lil hinn minnha u biex jiġu promossi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobilità transnazzjonali*** | 3 | 53 922 000 | 28 577 000 | | | | | — |
| ***15 04 03*** | ***Is-subprogramm MEDIA — Sostenn ta' azzjonijiet biex is-setturi kulturali u kreattivi joperaw fl-Unjoni u lil hinn minnha u biex jiġu promossi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobilità transnazzjonali*** | 3 | 103 321 000 | 55 268 825 | | | | | — |
| ***15 04 51*** | ***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa*** | 3 | p.m. | 26 615 566 | 59 656 000 | 52 550 823 | 63 796 934,50 | 56 408 444,56 | 211,94 |
| ***15 04 53*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti MEDIA*** | 3 | p.m. | 53 000 000 | 112 609 000 | 105 295 588 | 123 018 815,96 | 113 589 085,50 | 214,32 |
| ***15 04 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 15 04 77 01 | Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali | 3 | p.m. | 139 264 | 250 000 | 350 000 | 696 320,— | 0,— | 0,— |
| 15 04 77 02 | Proġett pilota — Mobilità tal-artisti | 3 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 420 808,30 | — |
| 15 04 77 03 | Azzjoni preparatorja — Kultura fir-relazzjonijiet esterni | 3 | p.m. | 339 973 | 200 000 | 200 000 | 485 675,— | 0,— | 0,— |
| 15 04 77 04 | Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals | 3 | p.m. | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 15 04 77 06 | Azzjoni preparatorja — Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali | 3 | 1 000 000 | 1 499 100 | 2 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000,— | 1 600 442,52 | 106,76 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 15 04 77 07 | Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura billi jiġi pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli għal ċerti programmi tat-televiżjoni madwar l-Ewropa kollha | 3 | 1 500 000 | 750 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 15 04 77 — Sub-total* | | 2 500 000 | 2 928 337 | 3 450 000 | 2 050 000 | 3 181 995,— | 2 021 250,82 | 69,02 |
| | **Kapitolu 15 04 — Total** | | **168 743 000** | **172 889 728** | **175 715 000** | **159 896 411** | **189 997 745,46** | **172 018 780,88** | **99,50** |

**15 04 01** ***Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, partikolarment għal SMEs u ogranizzazzjonijiet***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 9 000 000 | 6 500 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mat-Taqsima Transsettorjali tal-programm Ewropa Kreattiva:

Il-Faċilità tas-Settur Kulturali u Kreattiv se jkollha fil-mira s-setturi kulturali u kreattivi u se jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: li tif-faċilita l-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej; ittejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jivvalutaw il-proġetti kulturali u kreattivi, inkluża l-assistenza teknika u miżuri ta' netwerking.

Dan se jinkiseb permezz ta':

— l-għoti ta' garanziji lil intermedjarji finanzjarji adegwati minn kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-Programm Ewropa Kreattiva,

— l-għoti ta' kompetenza u kapaċità addizzjonali lill-intermedjarji finanzjarji biex jevalwaw ir-riskji assoċjati mal-operaturi fis-settur kulturali u f'dak kreattiv.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 01*** *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3) (i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

***15 04 02*** ***Subprogramm tal-kultura – Sostenn ta' azzjonijiet biex is-setturi kulturali u kreattivi joperaw fl-Unjoni u lil hinn minnha u biex jiġu promossi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobilità transnazzjonali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 53 922 000 | 28 577 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mat-Taqsima Transsettorjali tal-programm Ewropa Kreattiva:

— Is-sostenn ta' azzjonijiet li jipprovdu lill-operaturi b'ħiliet u know-how li jinkoraġġixxi l-adattament għat-teknoloġiji ġodda, inkluż l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-bini tal-udjenza u l-mudelli tan-negozju,

— Is-sostenn ta' azzjonijiet li jippermettu li l-operaturi jinternazzjonalizzaw il-karrieri tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha,

— L-għoti ta' sostenn għat-tisħiħ tal-operaturi Ewropej u n-netwerks kulturali internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-opportunitajiet professjonali.

Il-prijoritajiet fil-qasam tal-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— Is-sostenn għal ġiti, avvenimenti u wirjiet internazzjonali,

— Is-sostenn għaċ-ċirkolazzjoni tal-letteratura Ewropea,

— Is-sostenn għall-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess fix-xogħlijiet kulturali Ewropej.

*Miżuri ta' sostenn tat-Taqsima "Kultura"*

It-Taqsima Kultura għandha tipprovdi sostenn għall-miżuri li ġejjin:

— Miżuri transnazzjonali ta' kooperazzjoni li jiġbru flimkien l-operaturi minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transsettorjali,

— Attivitajiet minn korpi Ewropej li jikkonsistu minn netwerks ta' operaturi minn pajjiżi differenti,

— Attivitajiet minn organizzazzjonijiet li jipprovdu pjattaforma Ewropea promozzjonali għall-iżvilupp ta' talent emerġenti u biex jistimulaw iċ-ċirkolazzjoni ta' artisti u xogħlijiet, b'effett sistemiku u fuq skala kbira,

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 02*** *(ikompli)*

— Sostenn għat-traduzzjoni letterarja,

— Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jiksbu viżibilità akbar tar-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej, u jistimulaw djalogu interkulturali u fehim reċiproku, inklużi premjijiet kulturali Ewropej, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

***15 04 03*** ***Is-subprogramm MEDIA — Sostenn ta' azzjonijiet biex is-setturi kulturali u kreattivi joperaw fl-Unjoni u lil hinn minnha u biex jiġu promossi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobilità transnazzjonali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 103 321 000 | 55 268 825 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mat-taqsima MEDIA tal-programm Ewropa Kreattiva:

— l-iffaċilitar tal-akkwiżizzjoni ta' ħiliet u l-iżvilupp ta' netwerks u, b'mod partikolari, it-tħeġġiġ tal-użu ta' teknoloġiji diġitali sabiex jiġi żgurat l-adattament għall-iżvilupp tas-suq,

— iż-żieda fil-kapaċità tal-operaturi awdjoviżivi biex jiżviluppaw xogħlijiet awdjoviżivi b'potenzjal li jiċċirkolaw fl-Ewropa u lil hinn minnha u biex jiffaċilitaw il-koproduzzjoni Ewropea u internazzjonali inkluż ma' xandara tat-TV,

— it-tħeġġiġ ta' skambji bejn in-negozji permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq u l-għodod tan-negozju għal operaturi awdjoviżivi biex iżidu l-viżibilità tal-proġetti tagħhom fis-swieq Ewropej u internazzjonali,

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 03*** *(ikompli)*

— is-sostenn għad-distribuzzjoni teatrali permezz tal-kummerċjalizzazzjoni, l-immarkar korporattiv, id-distribuzzjoni u l-wirja transnazzjonali ta' proġetti awdjoviżivi,

— is-sostenn għall-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni transnazzjonali fuq pjattaformi onlajn,

— is-sostenn tal-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess għal xogħlijiet awdjoviżivi b'mod partikolari permezz ta' promozzjoni, avvenimenti, litteriżmu tal-films u festivals,

— Il-promozzjoni tal-flessibilità ta' modalitajiet ġodda ta' distribuzzjoni biex ikunu jistgħu jinħolqu mudelli ġodda tan-negozju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jintuża għal nefqa addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprvodu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

***15 04 51*** ***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 26 615 566 | 59 656 000 | 52 550 823 | 63 796 934,50 | 56 408 444,56 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 15 04 44 u 15 04 50, u l-Partita 15 04 09 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 51*** *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000 (ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għall-Komunità biex tippromwovi korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

***15 04 53*** ***Tlestija ta' programmi preċedenti MEDIA***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 53 000 000 | 112 609 000 | 105 295 588 | 123 018 815,96 | 113 589 085,50 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 15 04 09 02, 15 04 66 01 u l-Artikolu 15 04 68*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Parlament tal-Kunsill Nru 2000/821/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' programm li jinkoraġġixxi l-iżvilupp, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżwali Ewropej (MEDIA Plus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni) (2001-2005) (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 82).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 53*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għal professjonisti fl-industrija tal-programmi awdjoviżwali Ewropea (MEDIA-Taħriġ) (2001 sa 2005) (ĠU L 26, 27.1.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12).

Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' koperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

***15 04 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

15 04 77 01 Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 139 264 | 250 000 | 350 000 | 696 320,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 04 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 02 Proġett pilota — Mobilità tal-artisti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 420 808,30 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 04 45*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 77*** *(ikompli)*

15 04 77 03 Azzjoni preparatorja — Kultura fir-relazzjonijiet esterni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 339 973 | 200 000 | 200 000 | 485 675,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 04 46*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja tħejji proposta għal strateġija ta' azzjonijiet għall-kultura f'relazzjonijiet esterni Ewropej li jinvolvu livell ogħla ta' partijiet interessati fl-Ewropa u rappreżentanti minn pajjiżi terzi, istituti kulturali u NGOs.

Is-sessjonijiet ta' ħidma għalhekk għandhom l-għan li jimmobilizzaw ir-riżorsi għal kooperazzjoni kulturali u l-bini ta' definizzjoni tal-Unjoni tal-impatt kulturali potenzjali tagħha.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 04 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 04 48*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bil-ħolqien ta' Pjattaforma Ewropea għall-festivals, l-Unjoni għandha:

— iżżid il-valur billi żżid il-parteċipazzjoni tal-festivals u ċ-ċittadini fl-Ewropa,

— iżżid l-isforzi tal-festivals fl-iżvilupp tal-istrateġija Ewropa 2020 tat-tkabbir u l-impjiegi,

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 77*** *(ikompli)*

15 04 77 04 *(ikompli)*

— tipprovdi viżibbiltà tal-ħidma tal-festival fil-livell lokali u f'dak reġjonali u tal-mumenti ta' wirt kulturali,

— tippromwovi t-turiżmu kulturali bħala parti mit-Trattat il-ġdid,

— tiżgura n-networking sostenibbli u proċess wiesa' ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini.

Dan il-proġett pilota jimmultiplika l-enerġija tal-festivals u jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' Ewropa intelliġenti, inklużiva u sostenibbli.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 06 Azzjoni preparatorja — Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 1 499 100 | 2 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000,— | 1 600 442,52 |

*Kummenti*

Ex *Partita 15 04 66 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-objettiv tagħha huwa l-għoti ta' informazzjoni dwar il-grad ta' kumplimentarjetà bejn il-pjattaformi differenti ta' distribuzzjoni disponibbli għall-films Ewropej: l-ewwel darba li jinħarġu fiċ-ċinema, il-VOD, id-DVD u, potenzjalment, it-televiżjoni.

Din l-azzjoni preparatorja se tittestja l-impatt ta' rilaxx simultanju, jew semisimultanju fuq il-pjattaformi ta' distribuzzjoni disponibbli kollha u f'diversi territorji. Biex dan it-tip ta' esperiment ikun utli, għandhom jiġu rrispettati żewġ kriterji:

— l-enfasi fuq films fejn il-perjodi għall-ħruġ fil-mezzi tal-midja mhumiex adattati b'mod korrett, jiġifieri, xogħlijiet li jsibu problemi l-ewwel darba li jinħarġu fiċ-ċinema (nuqqas ta' distributur, rilaxx fuq numru limitat ta' prints, l-ewwel film, eċċ.),

— l-involviment ta' għadd minimu ta' films (mill-inqas 30 film) u numru sinifikanti ta' territorji. Dan il-kriterju dimensjonali huwa essenzjali jekk wieħed għandu jasal għal konklużjonijiet sinifikanti minn din l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA*

**KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA** *(ikompli)*

***15 04 77*** *(ikompli)*

15 04 77 07 Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura billi jiġi pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli għal ċerti programmi tat-televiżjoni madwar l-Ewropa kollha

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 500 000 | 750 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura hija kwistjoni kruċjali f'ekonomija Ewropea diġitalizzata. F'dan il-kuntest, hija kwistjoni ta' urġenza li l-uffiċjali tal-Unjoni jassistu lill-partijiet interessati kulturali Ewropej fit-tfittxija ta' għodod ġodda biex jgħinu fit-tixrid tal-kontenut awdjoviżiv. Ir-rivoluzzjoni diġitali toffri opportunità kbira għat-tixrid transkonfinali onlajn tal-kontenut għall-partijiet interessati Ewropej, iżda dan it-tixrid spiss jonqos minħabba fruntieri lingwistiċi. Permezz tal-forniment ta' verżjonijiet ġodda u varji bis-sottotitoli ta' ċerti programmi televiżivi madwar l-Ewropa kollha, dan il-proġett għandu l-għan jivvaluta l-impatt tad-differenzi lingwistiċi fuq it-tixrid transnazzjonali diġitali tal-kontenut kulturali awdjoviżiv. Dan il-proġett jinkludi evalwazzjoni xjentifika biex titkejjel u tiġi mqabbla l-influwenza tal-kontenut u kemm qed tintlaħaq l-udjenza bil-verżjonijiet lingwistiċi differenti u mingħajrhom kemm fi ħdan l-Ewropa kif ukoll barra minnha. Il-proġett jippermetti għażla trasparenti ta' programmi li għandhom jiġu appoġġati u jagħti lill-partijiet interessati kollha Ewropej l-opportunità li jutilizzaw l-esperjenza u r-riżultati tiegħu. L-objettiv biċ-ċar huwa li jiġu żviluppati mudelli ta' negozju ġodda għal partijiet interessati tal-midja Ewropej u biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbażaw inizjattivi futuri tal-politika fuq l-eżitu.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-EDUKAZZJONI U L-KULTURA

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-EDUKAZZJONI U L-KULTURA

*TITOLU 16*

**KOMUNIKAZZJONI**

# TITOLU 16

# KOMUNIKAZZJONI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 16 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" | 125 826 400 | 125 826 400 | 128 923 159 | 128 923 159 | 128 705 485,41 | 128 705 485,41 |
| 16 02 | TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA | 24 800 000 | 27 410 600 | 29 080 000 | 28 793 787 | 29 087 891,61 | 30 647 733,59 |
| 16 03 | AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI | 95 730 000 | 91 659 374 | 107 239 000 | 94 611 995 | 107 112 672,80 | 98 583 705,19 |
| | **Titolu 16 — Total** | **246 356 400** | **244 896 374** | **265 242 159** | **252 328 941** | **264 906 049,82** | **257 936 924,19** |

# TITOLU 16

# KOMUNIKAZZJONI

## KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" | | | | | |
| ***16 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 01 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni" | 5.2 | 63 750 856 | 64 377 063 | 61 925 911,93 | 97,14 |
| | *Artikolu 16 01 01 — Sub-total* | | 63 750 856 | 64 377 063 | 61 925 911,93 | 97,14 |
| ***16 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 02 01 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri ġenerali | 5.2 | 6 151 110 | 6 174 557 | 8 846 607,14 | 143,82 |
| 16 01 02 03 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni | 5.2 | 16 421 000 | 16 264 200 | 16 407 004,70 | 99,91 |
| 16 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri | 5.2 | 3 730 914 | 3 365 317 | 3 542 110,33 | 94,94 |
| | *Artikolu 16 01 02 — Sub-total* | | 26 303 024 | 25 804 074 | 28 795 722,17 | 109,48 |
| ***16 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri Ġenerali | 5.2 | 4 126 520 | 4 074 022 | 4 543 495,74 | 110,10 |
| 16 01 03 03 | Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: rappreżentanzi tal-Kummissjoni | 5.2 | 26 806 000 | 26 531 000 | 25 262 681,37 | 94,24 |
| | *Artikolu 16 01 03 — Sub-total* | | 30 932 520 | 30 605 022 | 29 806 177,11 | 96,36 |
| ***16 01 04*** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għall-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" | 3 | 147 000 | 250 000 | 228 918,64 | 155,73 |

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni | 3 | 1 185 000 | 3 200 000 | 3 197 127,09 | 269,80 |
| | *Artikolu 16 01 04 — Sub-total* | | 1 332 000 | 3 450 000 | 3 426 045,73 | 257,21 |
| **16 01 06** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 16 01 06 01 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" | 3 | 2 191 000 | 3 370 000 | 3 408 633,07 | 155,57 |
| | *Artikolu 16 01 06 — Sub-total* | | 2 191 000 | 3 370 000 | 3 408 633,07 | 155,57 |
| **16 01 60** | ***Xiri ta' informazzjoni*** | 5.2 | 1 317 000 | 1 317 000 | 1 342 995,40 | 101,97 |
| | **Kapitolu 16 01 — Total** | | **125 826 400** | **128 923 159** | **128 705 485,41** | **102,29** |

### 16 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*

16 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 63 750 856 | 64 377 063 | 61 925 911,93 |

### 16 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"*

16 01 02 01 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri ġenerali

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 151 110 | 6 174 557 | 8 846 607,14 |

16 01 02 03 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 16 421 000 | 16 264 200 | 16 407 004,70 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni, is-sahra b'rata fissa, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-persunal lokali, persunal b'kuntratt u persunal ta' aġenzija impjegati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

*Bażi legali*

Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

***16 01 02*** *(ikompli)*

16 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 730 914 | 3 365 317 | 3 542 110,33 |

*Kummenti*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000.

***16 01 03*** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***

16 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri Ġenerali

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 126 520 | 4 074 022 | 4 543 495,74 |

16 01 03 03 Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: rappreżentanzi tal-Kummissjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 26 806 000 | 26 531 000 | 25 262 681,37 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-ħlas ta' kerjiet u l-ħlas ta' ċens b'rabta ma' binjiet jew partijiet ta' binjiet okkupati, u l-kera ta' swali tal-konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tisħin,

— kostijiet tal-manutenzjoni, kalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-binjiet, liftijiet, tisħin ċentralizzat, apparat tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa minħabba operazzjonijiet regolari ta' tindif, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, il-ħasil, il-ħasil tal-ħwejjeġ, id-drajklining, eċċ., u minħabba tiżbigħ, tiswijiet u l-provvisti għall-manutenzjoni,

— it-tagħmir għall-binjiet, pereżempju alterazzjonijiet għall-kompartimenti, alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi u apparat elettriku, xogħlijiet sanitarji, tibjid, kisi tal-art, eċċ.,

— il-kost għall-apparat meħtieġ,

KUMMISSJONI
*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

***16 01 03*** *(ikompli)*

16 01 03 03 *(ikompli)*

— spejjeż relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-bini, kemm fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi u s-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' tagħmir għall-istallazzjonijiet tan-nar u spejjeż għall-ispezzjonijiet statutorji kif ukoll kuntratti għall-għassa mal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' stallazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir,

— nefqa għal binjiet, b'mod partikolari tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),

— debiti għall-assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' trasformazzjoni u konverżjoni,

— il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tekniku u tagħmir, għamara u vetturi,

— ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, l-aġġornament ta' volumi eżistenti, kostijiet tal-legatura u x-xiri ta' apparat elettroniku ta' identifikazzjoni,

— nefqa għal abbonamenti għall-gazzetti, perjodiċi speċjalisti, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika tal-kummerċ barrani, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet oħra speċjalizzati,

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi elettroniċi ta' informazzjoni u databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elet-troniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,

— drittijiet tal-awtur,

— il-kost tal-kartolerija u provvisti għall-uffiċċji,

— assigurazzjoni,

— il-kost għal materjali tax-xogħol,

— spejjeż għal-laqgħat interni,

— il-kost għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni, u ċaqliq ta' dipartimenti,

— spejjeż mediċi li jiġu bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal,

— il-kost tal-istallazzjoni, iż-żamma u l-operat taż-żoni tal-kejtering,

— nefqa operatorja oħra,

— debiti tal-posta u spedizzjoni,

— abbonamenti u debiti tat-telekomunikazzjonijiet,

— il-kost tax-xiri u l-istallazzjoni ta' apparat tat-telekomunikazzjonijiet,

— in-nefqa tat-teknoloġija informatika (IT) għall-uffiċċji fl-Unjoni, partikolarment nefqa fuq sistemi ta' informazzjoni u mma-niġġjar, infrastruttura ta' awtomatizzazzjoni tal-uffiċċji, kompjuters personali, servers, u infrastruttura relatata, periferali (printers, skeners, eċċ.), apparat tal-uffiċċju (fotokopjatriċi, magni tal-faks, tajprajters, diktafowns, eċċ.) u nefqa ġenerali fuq netwerks, appoġġ, assistenza għall-utenti, taħriġ u migrazzjonijiet tal-IT,

— kwalunkwe nefqa biex tkopri l-kost tax-xiri jew għall-kiri bl-opzjoni ta' xiri ta' binjiet.

Din l-approprijazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li n-nefqa għalih tiddaħħal fl-Artikolu 01 05 tal-titoli konċernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fil-Partita 01 03 02 tat-titoli konċernati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 80 000.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

### ***16 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***

16 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 147 000 | 250 000 | 228 918,64 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 01 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura baġitarja, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet kollha mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Artikolu 16 02 01.

16 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 185 000 | 3 200 000 | 3 197 127,09 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 01 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa orizzontali fuq, *inter alia*, studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza esperta teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta' persuni mistiedna jsegwu xogħol il-Kummissjoni.

*Bażi legali*

Ara l-Partiti 16 03 01 01, 16 03 01 02, 16 03 01 03, 16 03 02 03 u 16 03 02 05

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

### *16 01 06* *Aġenziji eżekuttivi*

16 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 191 000 | 3 370 000 | 3 408 633,07 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 01 04 30*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, li saru minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fit-tmexxija tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" skont l-Intestatura 3b tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 kif ukoll fil-parteċipazzjoni fit-tmexxija tal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" skont l-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet kollha mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija hija stipulata fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea attiva (parteċipazzjoni taċ-ċittadini) (ĠU L 30, 4.2.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2014 ta' XX li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020 (ĠU L …), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat li Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet mill-FEŻ.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"** *(ikompli)*

### *16 01 60* *Xiri ta' informazzjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 317 000 | 1 317 000 | 1 342 995,40 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 01 03 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fl-Unjoni:

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni elettronika bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet onlajn, fornituri tal-informazzjoni u bażijiet ta' dejta esterni,

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni.

Hija tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni ħlief għar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi legali*

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 16 02 | TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA | | | | | | | | |
| **16 02 01** | ***Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni*** | 3 | 23 050 000 | 10 715 600 | | | | | — |
| **16 02 02** | ***Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011*** | 3 | — | p.m. | — | p.m. | 1 500,— | 1 660 675,84 | — |
| **16 02 03** | ***Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013*** | 3 | p.m. | 645 000 | 2 000 000 | 494 210 | | | — |
| **16 02 51** | ***Tlestija tal-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" (2007 sa 2013)*** | 3 | p.m. | 14 800 000 | 26 330 000 | 27 774 577 | 28 414 591,11 | 28 449 960,83 | 192,23 |
| **16 02 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 16 02 77 01 | Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa | 3 | 1 000 000 | 750 000 | 500 000 | 250 000 | | | — |
| 16 02 77 02 | Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 | 3 | — | — | — | — | 0,— | 99 714,34 | — |
| 16 02 77 03 | Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 | 3 | p.m. | p.m. | p.m. | 150 000 | 671 800,50 | 437 382,58 | — |
| 16 02 77 04 | Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili | 3 | 250 000 | 250 000 | 250 000 | 125 000 | | | — |
| 16 02 77 05 | Proġett pilota — Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea | 3 | 500 000 | 250 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 16 02 77 — Sub-total* | | 1 750 000 | 1 250 000 | 750 000 | 525 000 | 671 800,50 | 537 096,92 | 42,97 |
| | **Kapitolu 16 02 — Total** | | **24 800 000** | **27 410 600** | **29 080 000** | **28 793 787** | **29 087 891,61** | **30 647 733,59** | **111,81** |

**16 02 01** ***Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 23 050 000 | 10 715 600 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu Ġdid*

F'konformità mal-programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" u skont il-mira globali li l-Ewropa titressaq eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha, l-objettiv ġenerali tal-programm huwa li jikkontribwixxi għall-fehim dwar l-Unjoni Ewropea u li titrawwem ċittadinanza Ewropea u jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet bħal Sħubijiet, Sostenn Strutturali, Proġetti ta' kommemorazzjoni, L-istorja tal-Unjoni Ewropea u l-identità tagħha, Laqgħat taċ-Ċittadini, Netwerks ta' Bliet Ġemellati, Proġetti taċ-Ċittadini u s-Soċjetajiet Ċivili, Evalwazzjonijiet bejn il-pari, Studji u servizzi ta' komunikazzjoni, Miżuri ta' sostenn, Avvenimenti u strutturi ta' sostenn fl-Istati Membri.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 01*** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-approprjazzjoni hija intiża wkoll sabiex tippromwovi l-parteċipazzzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 billi ċ-ċittadini jiġu informati dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u l-impatt tal-Unjoni fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom fil-lingwi kollha tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2014 ta' XX li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020 (ĠU L …), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu

***16 02 02*** ***Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 1 500,— | 1 660 675,84 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 05 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri inizjattivi organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali u li huma marbuta mal-objettivi tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.

L-azzjoni tlestiet fl-2012.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011) (ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43).

***16 02 03*** ***Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 645 000 | 2 000 000 | 494 210 | | |

*Kummenti*

*Ex Partita 16 05 07 02*

L-objettiv ġenerali tas-Sena Ewropea kien li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet marbutin maċ-ċittadinanza fl-Unjoni, biex iċ-ċittadini jingħataw l-għajnuna ħalli jisfruttaw bis-sħiħ id-dritt li jmorru minn post għal ieħor u li joqogħdu liberament fejn iridu fit-territorju tal-Istati Membri.

F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea ppromwoviet ukoll it-tgawdija, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tad-drittijiet l-oħra marbutin maċ-ċittadinanza fl-Unjoni.

Abbażi ta' dan, l-objettivi speċifiċi tas-Sena Ewropea kienu:

— li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u li joqogħdu liberament fejn iridu fl-Unjoni, u f'dak il-kuntest, dwar id-drittijiet l-oħra kollha garantiti liċ-ċittadini tal-Unjoni, mingħajr diskriminazzjoni, inkluż id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej fi kwalunkwe Stat Membru li jkunu residenti fih,

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 03*** *(ikompli)*

— li jiżdied l-għarfien fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, inklużi ż-żgħażagħ, dwar kif jistgħu, b'mod reali, jibbenefikaw mid-drittijiet tal-Unjoni, kif ukoll dwar il-politiki u l-programmi li jeżistu biex jappoġġaw l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet,

— li jitqajjem dibattitu dwar l-impatt u l-potenzjal tad-dritt għall-moviment liberu u għar-residenza, bħala aspett inaljenabbli taċ-ċittadinanza fl-Unjoni, bl-għan li tiġi stimulata u msaħħa l-parteċipazzjoni attiva ċivika u demokratika taċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-fora ċiviċi dwar il-politiki tal-Unjoni u l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk jissaħħu l-koeżjoni soċjetali, id-diversità kulturali, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rispett reċiproku u s-sens ta' identità Ewropea komuni fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, ibbażati fuq il-valuri ewlenin tal-Unjoni, kif imnaqqxa fit-TUE u t-TFUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri ħlasijiet għal valutazzjoni tar-riżultati ta' din l-inizjattiva.

*Bażi legali*

Deċiżjoni Nru 1093/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013) (ĠU L 325, 23.11.2012, p. 1).

## 16 02 51 *Tlestija tal-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 14 800 000 | 26 330 000 | 27 774 577 | 28 414 591,11 | 28 449 960,83 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 05 01 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti relatati ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

## 16 02 77 *Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

### 16 02 77 01 Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 750 000 | 500 000 | 250 000 | | |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 05 01 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 77*** *(ikompli)*

16 02 77 01 *(ikompli)*

Il-proġett pilota ħaseb li jibda proċess li fih nies ċentrali u dawk li jagħmlu l-opinjonijiet mis-settur kreattiv jingħaqdu flimkien biex jifformulaw narrattiva ġdida dwar l-Ewropa. Il-kompitu hu wieħed li jikkwalifika u jerġa' jinterpreta n-narrattiva eżistenti tal-paċi permezz ta' kummerċ bejn il-fruntieri — biex tiġi identifikata viżjoni tal-Unjoni Ewropea ġdida li ma tkunx biss dwar l-ekonomija u t-tkabbir, iżda wkoll dwar l-unità kulturali (komunità) u l-valuri. Il-kompitu hu wkoll li jiġu identifikati l-valuri Ewropej u l-aspetti kulturali li jgħaqqdu ċ-ċittadini. Dan huwa bżonjuż jekk iċ-ċittadini għandhom jemmnu fil-proġett tal-Unjoni u jekk għandux jissaħħaħ is-sostenn pubbliku.

Il-grupp jeżamina x'inhi l-perċezzjoni attwali tal-Ewropa u joħroġ b'suġġerimenti konkreti dwar kif tinħoloq identità ġdida għall-Ewropa li fiha jkun hemm narrattiva ġdida. Din in-narrattiva għandha tikkorrispondi mal-istorja u l-valuri ewlenin tal-Unjoni u tiddeskrivi l-aspetti kulturali li jgħaqqdu ċ-ċittadini fl-Ewropa.

Il-proċess għandu jkun ġestit b'mod professjonali sabiex ikun żgurat li l-ħidma tal-grupp titwettaq b'mod ikkontrollat bil-għan li titfassal karta.

Objettivi tal-proġett pilota:

— li tiġi prodotta narrattiva ġdida dwar l-Ewropa bbażata fuq in-narrattiva tal-paċi permezz tal-kummerċ,

— li tinħoloq narrattiva li tqiegħed l-Ewropa f'kuntest globali skont l-ordni dinji l-ġdid,

— li terġa' tingħata l-ħajja lill-ispirtu Ewropew u jressaq lill-UE eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha,

— li jintwera l-valur tal-Unjoni liċ-ċittadini tagħha,

— li jiġu identifikati l-valuri kulturali li jgħaqqdu ċ-ċittadini bejn il-fruntieri,

— li finalment din in-narrattiva tiġi fformulata f'karta.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill inkludew proġett pilota fil-baġit 2013 tal-Unjoni li joħloq narrattiva ġdida għall-Ewropa. L-għan ta' dan il-proġett kien li jiġu mobilizzati persuni eminenti u dawk li jfasslu l-opinjonijiet mis-setturi kreattivi, kulturali u xjentifiċi biex tiġi fformulata narrattiva ġdida f'karta li għandha tiġi ppubblikata qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014.

B'segwitu għad-deċiżjoni C(2013)289 tagħha tal-25 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni qiegħda timplimenta dan il-proġett. Kumitat permanenti ta' persuni eminenti mid-dinja kreattiva, kulturali u xjentifika jassisti u jagħti pariri lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-proġett. Il-kumitat huwa responsabbli wkoll għall-abbozzar tal-karta. Tliet gruppi mis-setturi kreattivi, kulturali u xjentifiċi se jipprovdu kontribut għal din il-ħidma u jiddiskutu d-diversi proposti bil-ħsieb li jimmassimizzaw l-fertilizzazzjoni trasversali għall-proġett.

L-eżiti inizjali stabbilixxew:

— ir-relevanza u l-waqt xieraq tal-proġett, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-appoġġ pubbliku għall-Unjoni f'dawn l-aħħar snin tendenzjalment qed jonqos,

— il-ħtieġa li tiġi diskussa u abbozzata narrattiva kontemporanja għall-Ewropa li għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni — il-paċi, id-demokrazija u l-prosperità flimkien ma' viżjoni orjentata lejn il-futur għal destin kondiviż,

— ir-relevanza li jiġi elenkat ir-rwol tal-Unjoni f'dinja dejjem aktar globali u interdipendenti, kif ukoll kunsiderazzjoni għal kulturi minn reġjuni oħra tad-dinja.

Billi l-karta se tinħareġ fl-ewwel kwart tal-2014, ir-riżultati għandhom jinfirxu qabel l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin. Għandu jittieħed approċċ trasversali b'netwerks taċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet kulturali u l-organizzazzjonijiet li jfornu t-tagħrif lill-pubbliku u li jistiednu liċ-ċittadini jkollhom rwol attiv. Barra minn hekk għandu jiġi stabbilit korp ta' ambaxxaturi. Il-kompitu tal-ambaxxaturi għandu jkun li jinteraġixxu maċ-ċittadini fid-dibattitu kontinwu dwar in-narrattiva l-ġdida u li jimpenjaw ruħhom mal-pubbliku Ewropew.

Hu importanti wkoll li tkun żgurata s-sostenibilità tal-proġett, billi narrattiva hija proċess kontinwu.

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 77*** *(ikompli)*

16 02 77 01 *(ikompli)*

Għalhekk l-approprjazzjoni se tintuża l-aktar:

— għall-organizzazzjoni ta' avveniment ewlieni li jiċċelebra l-adozzjoni u t-tnedija pubblika tal-karta,

— għat-twettiq ta' azzjonijiet ta' tixrid sabiex il-karta dwar in-Narrattiva l-Ġdida għall-Ewropa tiġi ppubbliċizzata fl-Istati Membri kollha, l-aktar permezz tal-ambaxxaturi,

— biex jiġi ttestjat il-mod li bih din l-inizjattiva jista' jkollha impatt fit-tul permezz tan-netwerks li jinvolvu l-organizzazzjonijiet kulturali, xjentifiċi u taċ-ċittadini

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 99 714,34 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 05 03 01*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 150 000 | 671 800,50 | 437 382,58 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 05 07 01*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 77*** *(ikompli)*

16 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 250 000 | 250 000 | 250 000 | 125 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 16 05 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-objettiv tal-azzjoni preparatorja hu li jippermetti l-istabbiliment fi Brussell tad-Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili (DESĊ) bħala ċentru ta' riżorsi kost-effiċjenti u bureau konsultattiv dwar id-drittijiet Ewropej u l-parteċipazzjoni ċivika kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sabiex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li:

— titwessa' l-bażi ta' sħubija tad-DESĊ b'organizzazzjonijiet ewlenin fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali,

— jiġu kkonsultati l-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħra ħalli jiżdied l-appoġġ għad-DESĊ u jiġi żviluppat il-kunċett tad-DESĊ,

— jiġi ppjanat l-użu tal-bini fiżiku tad-DESĊ f'termini ta' bureau konsultattiv taċ-ċittadini tal-Unjoni kondiviż ma' diversi organizzazzjonijiet simili, li jiġġenera l-ekonomiji ta' skala.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 02 77 05 Proġett pilota — Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 500 000 | 250 000 | | | | |

*Kummenti*

Fl-1984, il-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau introduċa il-kunċett ta' Ewropa taċ-Ċittadini. Il-Kunsill qies li hu essenzjali li l-Komunità tirrispondi għall-aspettattivi taċ-ċittadini tal-Ewropa billi jiġu adottati miżuri għat-tisħiħ u l-promozzjoni tal-identità u l-immaġni tagħha kemm għaċ-ċittadini tagħha u kemm għall-bqija tad-dinja. Tletin sena wara wasal iż-żmien li jiġi vvalutat kif l-Ewropej jipperċepixxu l-Unjoni. X'inhu l-valur miżjud tagħha? Għalfejn qegħdin flimkien?

L-għan inizjali tal-Unjoni Ewropea — li tkun żgurata l-paċi, titferrex id-demokrazija u tinkiseb il-prosperità — inkiseb. Illum madankollu, bosta partijiet mill-Ewropa jinsabu fi kriżi gravi b'diskussjonijiet jaħarqu dwar ir-raġuni għal sħubija mal-Unjoni. Il-punt prinċipali ta' dawn il-mistoqsijiet spiss tidher li hi l-mistoqsija taħraq: Għalfejn "aħna" ninsabu "magħhom"?

Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-dritt għal kull ċittadin tal-Unjoni li jsib it-triq tiegħu jew tagħha fi ħdan l-Unjoni għandu jiġi rispettat. Għalhekk, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun marbuta ma' fehim tal-valuri u l-kostituzzjonijiet lokali. Fil-qosor, il-wegħda tal-Unjoni għandha tiġi spjegata f'termini tal-valur miżjud tagħha għall-pajjiż u ċ-ċittadini.

**KAPITOLU 16 02 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA** *(ikompli)*

***16 02 77*** *(ikompli)*

16 02 77 05 *(ikompli)*

L-Istati Membru kollha se jkunu għaddew minn proċess deċiżjonali bir-reqqa qabel saru membri mal-Unjoni — proċess emozzjonali segwit minn diskussjonijiet politiċi kontinwi kemm dwar kwistjonijiet ekonomiċi u kemm etiċi bil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jinvolvu liċ-ċittadini tagħhom permezz ta' referenda dwar il-kwistjonijiet ewlenin. B'segwitu għall-adeżjoni, is-shubija ta' kull pajjiż evolviet. Dan il-proġett pilota se jiddeskrivi r-relazzjoni ta' kull Stat Membru mal-Unjoni sabiex ikun żvelat jekk hemmx perċezzjonijiet komuni dwar l-Unjoni fid-diversi Stati Membri.

Dan se jsir permezz ta' intervisti lil ċittadini f'kull qasam tal-ħajja f'kull pajjiż. L-għan tal-intervisti se jkun li jinftiehem kif l-Unjoni hija perċepita miċ-ċittadini tagħha fil-ħajja ta' kuljum. Dawn ir-riżultati se jinġabru f'rapport sabiex tiġi identifikata r-relazzjoni speċifika ta' kull pajjiż mal-Unjoni u b'hekk tinkiseb stampa aktar ċara tal-perċezzjonijiet nazzjonali differenti tal-Unjoni. Dawn il-profili nazzjonali mbagħad se jitqabblu bil-ħsieb li jkun aċċertat il-punt safejn hemm perċezzjonijiet kondiviżi tal-Unjoni fost "persuni reali" fl-Istati Membri. Fil-qosor, il-mistoqsija li għandu jingħata tweġiba għaliha hija: in-nies x'jaħsbu li huma l-aspetti l-aktar pożittivi tal-Unjoni, kemm issa u kemm għall-futur? Hemm perċezzjoni komuni tal-Unjoni minflok 28 perċezzjoni differenti? Jekk iva, x'inhi din il-perċezzjoni?

Il-ħidma li jiġu elenkati l-perċezzjonijiet tal-Unjoni se titwettaq f'koordinazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi simili kontinwi, bħall-proġett pilota "Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa", "Djalogu taċ-Ċittadini" u l-inizjattiva "A soul for Europe".

Għalhekk qed jiġi suġġerit li fil-bidu jkun hemm proġett pilota, sabiex jiskopri u jelenka l-perċezzjonijiet dwar l-Unjoni fi ħdan tal-anqas ħames Stati Membri, bil-għan li jiġu elenkati l-perċezzjonijiet komuni dwar l-Unjoni, jekk ikun hemm, li jmorru lil hinn mir-relazzjoni unika li kull pajjiż għandu mal-Unjoni.

Ir-riżultati tad-Djalogi taċ-Ċittadini jistgħu iservu bħala bażi għall-ħidma ta' dan il-proġett pilota. Ir-riżultati sa issa jissuġġerixxu li ċ-ċittadini jistennew viżjoni ċara dwar tliet mistoqsijiet ewlenin:

— Sa liema punt hija mixtieqa/meħtieġa l-unità u x'inhuma l-oqsma fejn għandu jkun hemm integrazzjoni?

— X'jista' jagħmel lill-Unjoni aktar demokratika u kif jistgħu l-politiċi tal-Unjoni jsiru responsabbli għad-deċiżjonijiet li jieħdu?

— X'inhu l-aħjar bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà?

Għalhekk l-approprjazzjoni se tintuża prinċipalment:

— sabiex jiġu stabbiliti focus groups magħmula minn ċittadini mill-Istati Membri kollha li jgħinu fl-iżvilupp ta' proposti dwar kif l-Unjoni tista' tagħti eżitu għal dawn il-viżjonijiet,

— għat-tixrid u d-diskussjoni ulterjuri dwar ir-riżultati tal-laqgħat tal-focus groups fil-midja tradizzjonali u soċjali,

— ir-riżultati se jiġu ppubblikati f'rapport u jservu ta' segwitu u input addizzjonali għan-"Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa" kif ukoll għal sforzi immirati ta' komunikazzjoni tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 16 03 | AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI | | | | | | | | |
| **16 03 01** | ***Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-UNJONI*** | | | | | | | | |
| 16 03 01 01 | Azzjonijiet ta' Multimedia | 3 | 25 540 000 | 25 526 479 | 28 400 000 | 27 675 735 | 31 694 938,28 | 27 570 086,11 | 108,01 |
| 16 03 01 02 | Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir | 3 | 5 080 000 | 4 449 346 | 5 150 000 | 3 993 213 | 4 887 285,79 | 4 632 574,38 | 104,12 |
| 16 03 01 03 | Uffiċċju tal-informazzjoni | 3 | 14 230 000 | 12 178 887 | 14 800 000 | 11 959 871 | 13 801 249,60 | 12 833 164,05 | 105,37 |
| 16 03 01 04 | Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet tas-"Sħubijiet" | 3 | 10 730 000 | 12 923 887 | 19 726 000 | 18 352 966 | 20 193 075,09 | 18 330 992,50 | 141,84 |
| 16 03 01 05 | Spazji Pubbliċi Ewropej | 5.2 | 1 246 000 | 1 246 000 | 1 300 000 | 1 300 000 | 1 424 759,39 | 1 392 692,81 | 111,77 |
| | *Artikolu 16 03 01 — Sub-total* | | 56 826 000 | 56 324 599 | 69 376 000 | 63 281 785 | 72 001 308,15 | 64 759 509,85 | 114,98 |
| **16 03 02** | ***Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni*** | | | | | | | | |
| 16 03 02 01 | Żjarat lill-Kummissjoni | 3 | 3 600 000 | 3 986 296 | 4 800 000 | 3 369 890 | 3 869 020,92 | 3 084 047,03 | 77,37 |
| 16 03 02 02 | Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv | 5.2 | 5 324 000 | 5 324 000 | 5 553 000 | 5 553 000 | 6 752 999,24 | 6 748 509,60 | 126,76 |
| 16 03 02 03 | Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni | 3 | 18 180 000 | 15 759 479 | 16 860 000 | 13 600 647 | 14 363 990,20 | 14 686 641,44 | 93,19 |
| 16 03 02 04 | Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra | 5.2 | 2 200 000 | 2 100 000 | 2 300 000 | 2 100 000 | 2 716 092,31 | 1 700 855,07 | 80,99 |
| 16 03 02 05 | Analiżi tal-opinjoni pubblika | 3 | 6 300 000 | 5 815 000 | 6 600 000 | 5 831 673 | 6 162 295,48 | 6 799 573,58 | 116,93 |
| | *Artikolu 16 03 02 — Sub-total* | | 35 604 000 | 32 984 775 | 36 113 000 | 30 455 210 | 33 864 398,15 | 33 019 626,72 | 100,11 |
| **16 03 03** | ***Sommarju elettroniku tal-leġiżlazzjoni (SCAD+)*** | 5.2 | — | — | — | p.m. | 0,— | 339 994,48 | — |
| **16 03 04** | ***Dar l-Istorja tal-Ewropa*** | 3 | 800 000 | 400 000 | p.m. | p.m. | | | — |
| **16 03 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 16 03 77 01 | Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transfruntier | 5.2 | 1 500 000 | 750 000 | 750 000 | 375 000 | 247 200,— | 74 160,— | 9,89 |

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 16 03 77 02 | Proġett pilota — Share Europe Online | 5.2 | p.m. | 700 000 | 1 000 000 | 500 000 | 999 766,50 | 150 438,14 | 21,49 |
| 16 03 77 03 | Azzjoni preparatorja — EuroGlobe | 3 | — | — | — | — | 0,— | 239 976,— | — |
| 16 03 77 04 | Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe | 3 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 16 03 77 05 | Azzjoni preparatorja — Share Europe Online | 3 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 16 03 77 — Sub-total* | | 2 500 000 | 1 950 000 | 1 750 000 | 875 000 | 1 246 966,50 | 464 574,14 | 23,82 |
| | **Kapitolu 16 03 — Total** | | **95 730 000** | **91 659 374** | **107 239 000** | **94 611 995** | **107 112 672,80** | **98 583 705,19** | **107,55** |

### *16 03 01 Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-UNJONI*

16 03 01 01 Azzjonijiet ta' Multimedia

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 25 540 000 | 25 526 479 | 28 400 000 | 27 675 735 | 31 694 938,28 | 27 570 086,11 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja tagħrif ġenerali liċ-ċittadini dwar operazzjonijiet relatati mal-Unjoni, bl-iskop li jidhru aktar il-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. Hija tikkonċerna essenzjalment il-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew it-tixrid tal-multimedia (radju, TV, Internet, eċċ.), prodotti ta' tagħrif, inklużi n-netwerks pan-Ewropej magħmula minn midja lokali u nazzjonali, kif ukoll l-għodod meħtieġa biex tiġi żviluppata politika ta' din ix-xorta. Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa tal-evalwazzjoni. L-ammont il-ġdid għandu jintuża għal netwerks pan-Ewropej magħmula minn midja lokali u nazzjonali (radju, TV, Internet, eċċ.).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 01*** *(ikompli)*

16 03 01 02 Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 5 080 000 | 4 449 346 | 5 150 000 | 3 993 213 | 4 887 285,79 | 4 632 574,38 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif liċ-ċittadini, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-mezzi tax-xandir. L-għodda żviluppati għal fehim u rapportar aħjar tal-kwistjonijiet ta' interess attwali jkopru b'mod ewlieni:

— multimedia (ritratti, vidjo, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż fil-pubblikazzjoni/xandir u l-preservazzjoni/id-disseminazzjoni tagħhom fuq terminu twil,

— seminars u sostenn għall-ġurnalisti.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, meta timplimenta din l-intestatura baġitarja, għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 03 Uffiċċju tal-informazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 14 230 000 | 12 178 887 | 14 800 000 | 11 959 871 | 13 801 249,60 | 12 833 164,05 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 03 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' informazzjoni liċ-ċittadini u tkopri:

— il-finanzjament tal-informazzjoni u l-uffiċċji/in-netwerk tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fl-Ewropa kollha (relays tal-Europe Direct, Ċentru ta' Dokumentazzjoni Ewropew, Team Europe, eċċ.); Dawn l-uffiċċji jissupplimentaw ix-xogħol tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,

— is-sostenn, it-taħriġ, il-koordinazzjoni u l-għajnuna lin-netwerks ta' informazzjoni,

— il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u t-tixrid tal-materjal ta' informazzjoni u prodotti ta' komunikazzjoni minn/għal dawn l-uffiċċji.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 01*** *(ikompli)*

16 03 01 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 4158 tal-21 ta' Ġunju 2012, adottata b'antiċipazzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2013 tad-Direttorat Ġenerali Komunikazzjoni dwar għotjiet għall-finanzjament ta' strutturi li jospitaw iċ-ċentri ta' informazzjoni ta' Europe Direct madwar l-Unjoni Ewropea.

16 03 01 04 Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet tas-"Sħubijiet"

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 10 730 000 | 12 923 887 | 19 726 000 | 18 352 966 | 20 193 075,09 | 18 330 992,50 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 03 02 01 u Artikolu 16 03 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif liċ-ċittadini u tkopri n-nefqa fil-komunikazzjoni deċentralizzata: L-objettiv tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni lokali huwa notevolment li gruppi fil-mira jingħataw l-għodod li jippermettulhom li jifhmu aħjar il-kwistjonijiet "jaħarqu" ta' attwalità.

Dawn l-attivitajiet huma implimentati fl-Istati Membri permezz ta':

— l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet speċifiċi ta' komunikazzjoni annwali jew pluriennali,

— l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala nazzjonali jew internazzjonali li jirrispondu għal prijoritajiet ta' komunikazzjoni,

— seminars u konferenzi,

— organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,

— miżuri ta' komunikazzjoni diretti mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),

— miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjonijiet, b'mod partikulari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini Ewropej,

— il-ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew u/jew l-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-mezzi ta' kull sħab u jkunu kkoordinati l-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 01*** *(ikompli)*

16 03 01 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti u assistenza esperta teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta' persuni mistiedna jsegwu xogħol il-Kummissjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 55 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 05 Spazji Pubbliċi Ewropej

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 246 000 | 1 246 000 | 1 300 000 | 1 300 000 | 1 424 759,39 | 1 392 692,81 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 03 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif liċ-ċittadini u tkopri b'mod speċifiku l-ftuħ u l-ġestjoni ta' "Spazji Pubbliċi Ewropej" fid-Djar tal-Ewropa li jakkomodaw uffiċjalment dawn l-istrutturi: Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inkarigu tal-ġestjoni tal-arranġamenti loġistiċi tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej għall-benefiċċju taż-żewġ istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), inklużi l-ispejjeż operazzjonali u l-organizzazzjoni tas-servizzi kkuntrattati. L-Ispazji Pubbliċi Ewropej għandhom jitmexxew b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar il-ġestjoni u l-ħidma tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej, kif ukoll ta' programm ta' ħidma għas-sena li tkun ġejja. Iż-żewġ dokumenti, li jkunu mħejjija b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u li jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni ta' fondi għas-sena ta' wara, għandhom ikunu ppreżentati lill-awtoritajiet tal-baġit fil-ħin sabiex jitqiesu fil-proċedura baġitarja.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

### *16 03 02* *Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni*

16 03 02 01 Żjarat lill-Kummissjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 3 600 000 | 3 986 296 | 4 800 000 | 3 369 890 | 3 869 020,92 | 3 084 047,03 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 01 04 02 u Artikolu 16 05 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluża n-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 02 02 Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 5 324 000 | 5 324 000 | 5 553 000 | 5 553 000 | 6 752 999,24 | 6 748 509,60 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż kollha tat-tħaddim tal-istudios u l-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra ta' informazzjoni awdjoviżiva: persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ.

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Din l-approprjazzjoni għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva għal din il-partita.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-24 ta' April 2008: Nikkomunikaw l-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi (SEC(2008) 0506).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

KUMMISSJONI
*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 02*** *(ikompli)*

16 03 02 03 Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 180 000 | 15 759 479 | 16 860 000 | 13 600 647 | 14 363 990,20 | 14 686 641,44 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 04 02 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni multimedjali dwar l-Unjoni, bl-għan li tipprovdi liċ-ċittadini kollha b'informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. L-għodda onlajn tippermetti l-ġbir ta' mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. Dan huwa kompitu tas-servizz pubbliku. It-tagħrif ikopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibilità għall-Web (WAI).

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

— is-sit Europa, li għandu jikkostitwixxi l-punt prinċipali ta' aċċess għall-informazzjoni eżistenti u s-siti web li jikkonċernaw l-informazzjoni amministrattiva li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jeħtieġu matul il-ħajja tagħhom ta' kuljum u li għalhekk għandhom ikunu aktar strutturati u jsiru aktar faċli għall-utent,

— kanali onlajn kumplimentari bħal midja soċjali, blogs u teknoloġiji tal-web 2.0,

— iċ-ċentru ta' kuntatt Europe Direct (00800-67891011),

— is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,

— stqarrijiet għall-istampa, diskorsi, memos, eċċ. onlajn (RAPID).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex:

— tiffinanzja r-ristrutturar tas-sit Europa b'mod aktar koerenti u biex l-użu ta' kanali onlajn oħra bħal midja soċjali, blogs u l-web 2.0 ikun professjonali. Dan jinkludi kwalunkwe tip ta' azzjonijiet ta' taħriġ għal diversi gruppi ta' partijiet interessati,

— toffri sostenn għall-iskambju tal-aħjar prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,

— tkopri l-kampanji ta' informazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għal dawn is-sorsi ta' informazzjoni, speċjalment għall-operat taċ-ċentru ta' kuntatt tal-Europe Direct, is-servizz ta' informazzjoni ġenerali multilingwi dwar l-affarijiet tal-Unjoni,

— tkopri n-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati relatati mal-attivitajiet tal-Unjoni li spiss jitqassmu permezz ta' netwerk deċentralizzat, primarjament:

  — il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi (fuljetti, gazzetti u perjodiċi): kwalunkwe Rappreżentanza għandha pubblikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),

  — id-disseminazzjoni (anki permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni Ewropea (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

KUMMISSJONI
*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 02*** *(ikompli)*

16 03 02 03 *(ikompli)*

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tħejjija u l-abbozzar (inkluż id-dritt tal-awtur), l-editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, l-akkwist jew il-ġestjoni ta' dejta, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 02 04 Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 2 200 000 | 2 100 000 | 2 300 000 | 2 100 000 | 2 716 092,31 | 1 700 855,07 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 04 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-ħruġ, fi kwalunkwe sura, ta' pubblikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza maġġuri rigward l-attivitajiet tal-Kummissjoni u x-xogħol tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet stipulati fit-Trattati jew pubblikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-rapport ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjoni tal-għalliema, il-mexxejja tal-opinjonijiet u l-pubbliku ġenerali.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost l-oħrajn, il-preparazzjoni u l-abbozzar (inkluż l-kuntratti tal-awturi), editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, riproduzzjoni tad-dokumenti, xiri jew ġestjoni tad-dejta, l-editjar freelance, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluż verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni, u l-promozzjoni ta' dawn id-dokumenti, inkluż f'format li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 02*** *(ikompli)*

16 03 02 05 Analiżi tal-opinjoni pubblika

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 6 300 000 | 5 815 000 | 6 600 000 | 5 831 673 | 6 162 295,48 | 6 799 573,58 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bl-istħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju, l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali bl-"Ewrobarometru", l-istħarriġiet "flash", bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar temi partikolari, fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istħarriġiet.

Din tkopri wkoll l-analiżi tas-sorveljanza kwalitattiva tal-media u n-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***16 03 03*** ***Sommarju elettroniku tal-leġiżlazzjoni (SCAD+)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 339 994,48 |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 04 02 02*

Din l-approprjazzjoni kienet maħsuba biex tkopri pagamenti mis-snin preċedenti relatati mal-produzzjoni ta' sommarji onlajn tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (SCAD+).

Din l-azzjoni ġiet finalizzata fl-2012.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 03*** *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 final).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007: Komunikazzjoni dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Involviment taċ-ċittadini (SEC(2007) 1742).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

***16 03 04*** ***Dar l-Istorja tal-Ewropa***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 800 000 | 400 000 | p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 15 04 70*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi lejn in-nefqa operazzjonali ta' Dar l-Istorja Ewropea, li se tkattar l-għarfien, tqajjem il-kurżità, u toħloq opportunitajiet li jirriflettu l-istorja Ewropea permezz ta' esebizzjoni moderna u ċentru tad-dokumentazzjoni.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

***16 03 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

16 03 77 01 Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transfruntier

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 500 000 | 750 000 | 750 000 | 375 000 | 247 200,— | 74 160,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 02 06*

Din l-azzjoni preparatorja għal għotjiet ta' riċerka Ewropea għall-ġurnalisti għandha l-iskop li tiffaċilita u tiżviluppa riċerka ġurnalistika transfruntiera serja fil-livell tal-Unjoni. Ġew organizzati sejħiet għal offerti bl-iskop li jintgħażlu proġetti investigattivi komuni li jinvolvu ġurnalisti minn minimu ta' żewġ Stati Membri, b'dimensjoni transfruntiera jew Ewropea li tirriżulta minn perspettiva nazzjonali, reġjonali jew lokali. Ir-riżultati tal-investigazzjoni ġurnalistika magħżula se jkunu ppubblikati, tal-anqas, f'kull wieħed mill-Istati Membri involuti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 77*** *(ikompli)*

16 03 77 01 *(ikompli)*

Għal dan il-għan, ġie stabbilit studju ta' fattibilità sabiex jinstabu metodi ġodda biex jiġi varat dan il-proġett. L-istudju wera modi li bihom jista' jiġi ffinanzjat ġurnaliżmu kritiku u indipendenti mill-Unjoni, filwaqt li tkun żgurata l-indipendenza editorjali.

Il-konklużjonijiet tal-istudju se jintużaw biex jinħarġu sejħiet għall-offerti kif inhu deskritt fil-qosor hawn fuq. L-ammont il-ġdid se jintuża għal għotjiet.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 02 Proġett pilota — Share Europe Online

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 700 000 | 1 000 000 | 500 000 | 999 766,50 | 150 438,14 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 16 02 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 03 Azzjoni preparatorja — EuroGlobe

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 239 976,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 03 05 01*

Din l-ppproprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 77*** *(ikompli)*

16 03 77 04 Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Partita 16 03 05 02*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 05 Azzjoni preparatorja — Share Europe Online

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-midja soċjali u l-Internet biddlu b'mod fundamentali l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-persuni. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom itejbu l-mod kif jużaw dawn l-għodod rivoluzzjonarji. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jużaw netwerks tal-midja soċjali u pjattaformi onlajn b'modi aktar innovattivi. L-Istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhom l-ebda politika tal-komunikazzjoni konġunta dwar l-użu ta' dawn l-għodod. Barra minn hekk, dawn l-għodod għadhom jintużaw spiss wisq biex sempliċement jinxtered messaġġ, filwaqt li dawn joffru l-opportunità ta' konversazzjoni bejn il-politiċi u n-nies li jaqdu u li jirrappreżentaw. F'kuntrast ma' midja oħra (it-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti), l-Internet (u l-midja soċjali b'mod partikolari) għandu jintuża biex jippermetti liċ-ċittadini jinteraġixxu: biex jagħtu ideat lil min ifassal il-politika u biex jinbdew diskussjonijiet dwar proposti jew proġetti politiċi.

L-Unjoni għandha tadatta għar-realtà onlajn fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha. L-Unjoni għandha tippermetti liċ-ċittadini tagħha jinteraġixxu u jikkontribwixxu. B'xorti ħażina, il-komunikazzjoni tal-Unjoni attwalment għadha wisq proċess minn fuq għal isfel li la hu interattiv u l-anqas ma jsegwi dak li l-midja l-ġdida tista' twettaq. Għalkemm ir-rata ta' utilizzazzjoni tan-netwerks soċjali fl-Ewropa hija madwar 90 % (fost l-utenti tal-Internet Ewropej), l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Unjoni għadha ma tħaddanx lin-netwerks soċjali, l-Internet u s-servizzi tal-mowbajl biex ittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni jew biex tinvolvi liċ-ċittadini tal-Unjoni. Xi Membri tal-Parlament u Kummissarji jistgħu jkunu qed jużaw in-netwerks soċjali b'mod attiv ħafna, iżda l-istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni jistgħu jagħmlu ħafna biex jinfetħu, jinkludu aħjar liċ-ċittadini u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, li tista' tiġi mfittxija u li tista' tinqasam.

"Share Europe Online" mexxiet b'suċċess proġett pilota sa mill-2012, b'reazzjonijiet pożittivi mill-partijiet interessati kemm fil-livell istituzzjonali ċnetrali u kemm mill-uffiċċji nazzjonali li implimentaw il-proġett.

KUMMISSJONI

*TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI*

**KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI** *(ikompli)*

***16 03 77*** *(ikompli)*

16 03 77 05 *(ikompli)*

Il-proġett pilota fittex li jtejjeb il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw dawn il-midja ġodda, b'enfasi fuq l-uffiċċji lokali tagħhom fl-Istati Membri. Il-proġett introduċa l-prattika tal-ġestjoni tal-komunità tal-midja soċjali fl-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jittejjeb il-forniment ta' informazzjoni liċ-ċittadini onlajn u li l-informazzjoni relatata mal-Unjoni ssir aktar aċċessibbli. Objettiv importanti kien li tinbena l-kapaċità tal-uffiċċji għal attività msaħħa dwar il-midja soċjali billi jiġu aġġornati l-ħiliet tal-persunal tagħhom permezz ta' taħriġ u coaching minn maniġers maħtura tal-komunità.

Il-proġett pilota għen sabiex jonqos id-distakk fil-komunikazzjoni istituzzjonali tal-Unjoni permezz tan-netwerks soċjali fil-lingwi lokali u fil-pjattaformi lokali, grazzi għal attività miżjuda u aktar koordinata tal-uffiċċji involuti. Il-forniment ta' kontenut relatat mal-Unjoni jsir aċċessibbli, relevanti għall-komunità nazzjonali u ottimizzat għal kondiviżjoni soċjali qed iwassal għal livelli miżjuda ta' interazzjoni. Dan qed isaħħaħ id-djalogu mhux biss bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha iżda wkoll bejn iċ-ċittadini infushom.

Id-disponibilità u l-influwenza tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet qed jiżdiedu permezz ta' komunikazzjoni aktar immirata u sħubijiet ma' mexxejja opinjonistiċi u atturi lokali inklużi organizzazzjonijiet popolari u tas-soċjetà ċivili, bl-estensjoni tad-dibattitu dwar kwistjonijiet Ewropej lejn pubbliku akbar u t-twessigħ tal-isfera pubblika Ewropea.

Permezz ta' intuwitu aħjar fil-konversazzjonijiet li jseħħu fuq il-midja soċjali, l-istituzzjonijiet qed itejbu wkoll l-abilità tagħhom li jisimgħu u jieħdu kont tat-tħassib taċ-ċittadini li qed jorganizzaw lilhom infushom dejjem aktar fuq dawn in-netwerks. "Share Europe Online" għandu l-għan li jiffaċilita l-interazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, u li ma jibgħatx opinjonijiet dwar l-Unjoni b'mod minn fuq għal isfel, bil-periklu li jinftiehmu bħala propoganda.

Il-baġit tal-azzjoni preparatorja "Share Europe Online" għandu jservi biex jikkonsolida l-prattika pożittiva li nbdiet taħt il-proġett pilota bil-ħsieb li jitlesta l-aġġornament tal-ħiliet u jiġi ffaċilitat tibdil organizzattiv ulterjuri. L-għan huwa li l-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni jiksbu l-livell ta' għarfien espert meħtieġ sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibilitajiet offruti mill-midja soċjali sabiex tissaħħaħ l-interazzjoni maċ-ċittadini.

Bħall-proġett pilota, l-azzjoni preparatorja għandha tinvolvi persuni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll esperti oħra minn barra, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet popolari. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun ibbażata fuq metodi ta' ħidma miftiehma b'mod konġunt bejn l-istituzzjonijiet involuti tal-Unjoni.

Iż-żieda fl-użu tan-netwerks soċjali wasslet biex in-negozji ħolqu r-rwol ta' "maniġer tal-komunità tal-UE". Il-maniġers tal-komunitajiet jaġixxu bħala ħolqa bejn kumpanija u l-klijenti tagħha, "ixerrdu l-kelma t-tajba dwar il-kumpanija b'lingwa li hija speċifika għan-netwerks soċjali, jimmaniġġjaw komunitajiet virtwali u jifhmu u jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tagħhom". (http://www.colpis.cat/files/documents/388_material.pdf). B'din l-azzjoni preparatorja, il-"maniġers tal-komunità" tal-Unjoni introdotti fil-proġett pilota "Share Europe Online" setgħu jkomplu jagħmlu aċċessibbli informazzjoni dwar l-Unjoni u jirrappreżentaw id-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni u jipprovdu informazzjoni indipendenti dwar l-Unjoni u l-proċedimenti tagħha.

"Share Europe Online" għandu jintegra partijiet minn programmi eżistenti bħal Europe Direct, Euronews, id-diversi pjattaformi tal-web, strateġiji ta' komunikazzjoni u arkivji ta' informazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-azzjoni preparatorja setgħet tkompli l-ħidma li diġà saret taħt il-proġett pilota "Share Europe Online".

*Bażi legali*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UNJONI, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jirrevoka ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI

KUMMISSJONI

*TITOLU 17*

**SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR**

# TITOLU 17

# SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 17 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" | 113 660 222 | 113 660 222 | 115 811 124 | 115 811 124 | 117 174 811,91 | 117 174 811,91 |
| 17 02 | POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR | 21 762 000 | 19 271 000 | 20 700 000 | 19 129 963 | 21 772 252,16 | 18 975 425,03 |
| 17 03 | SAĦĦA PUBBLIKA | 230 494 000 | 216 871 500 | 225 583 000 | 218 839 051 | 233 060 932,10 | 232 187 998,91 |
| 17 04 | SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI | 252 250 000 | 216 997 000 | 272 276 000 | 245 206 536 | 266 935 723,30 | 266 643 494,24 |
| | **Titolu 17 — Total** | **618 166 222** | **566 799 722** | **634 370 124** | **598 986 674** | **638 943 719,47** | **634 981 730,09** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

# TITOLU 17

# SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

## KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR" | | | | | |
| **17 01 01** | ***Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*** | 5.2 | 76 640 919 | 77 696 456 | 77 820 385,55 | 101,54 |
| **17 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*** | | | | | |
| 17 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 7 385 079 | 7 542 595 | 8 175 517,10 | 110,70 |
| 17 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 8 938 344 | 9 785 151 | 9 073 550,12 | 101,51 |
| | *Artikolu 17 01 02 — Sub-total* | | 16 323 423 | 17 327 746 | 17 249 067,22 | 105,67 |
| **17 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur"*** | | | | | |
| 17 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur": Kwartieri Ġenerali | 5.2 | 4 960 880 | 4 916 922 | 5 708 920,56 | 115,08 |
| 17 01 03 03 | Binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur": Grange | 5.2 | 4 565 000 | 4 700 000 | 5 268 184,89 | 115,40 |
| | *Artikolu 17 01 03 — Sub-total* | | 9 525 880 | 9 616 922 | 10 977 105,45 | 115,23 |
| **17 01 04** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*** | | | | | |
| 17 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi | 3 | 1 100 000 | 1 100 000 | 974 563,40 | 88,60 |
| 17 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għall-programm "Saħħa għat-Tkabbir" | 3 | 1 500 000 | 1 500 000 | 1 456 521,82 | 97,10 |

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"**
*(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 01 04 03 | Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | 3 | 1 500 000 | 1 500 000 | 1 473 768,47 | 98,25 |
| | *Artikolu 17 01 04 — Sub-total* | | 4 100 000 | 4 100 000 | 3 904 853,69 | 95,24 |
| ***17 01 06*** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 17 01 06 01 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur | 3 | 1 691 000 | 1 691 000 | 1 734 904,— | 102,60 |
| 17 01 06 02 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm "Saħħa għat-Tkabbir" | 3 | 4 209 000 | 4 209 000 | 4 318 496,— | 102,60 |
| 17 01 06 03 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | 3 | 1 170 000 | 1 170 000 | 1 170 000,— | 100,— |
| | *Artikolu 17 01 06 — Sub-total* | | 7 070 000 | 7 070 000 | 7 223 400,— | 102,17 |
| | **Kapitolu 17 01 — Total** | | **113 660 222** | **115 811 124** | **117 174 811,91** | **103,09** |

### 17 01 01 *Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 76 640 919 | 77 696 456 | 77 820 385,55 |

### 17 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*

17 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 385 079 | 7 542 595 | 8 175 517,10 |

17 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 8 938 344 | 9 785 151 | 9 073 550,12 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"**
*(ikompli)*

***17 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur"***

17 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur": Kwartieri Ġenerali

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 960 880 | 4 916 922 | 5 708 920,56 |

17 01 03 03 Binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur": Grange

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 565 000 | 4 700 000 | 5 268 184,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li tiġġarrab fit-territoru tal-Unjoni:

— il-ħlas ta' kera, ċens u imposti muniċipali dwar binjiet okkupati jew partijiet ta' binjiet, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-kostijiet tax-xiri jew xiri b'lokazzjoni tal-binjiet,

— il-kostruzzjoni tal-binjiet,

— il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,

— il-kostijiet għall-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għal postijiet, liftijiet, central heating, tagħmir tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba minħabba operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u dry cleaning, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u provvisti użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u d-disponiment ta' skart,

— it-trasformazzjoni ta' bini, eż. alterazzjonijiet fil-komparteminenti, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, eċċ., il-kost tat-tibdil tal-kablaġġ ta' netwerks, u l-kost tal-apparat meħtieġ,

— l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni u t-titjib ta' istallazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti ta' tagħmir,

— l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji,

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (knis tat-toroq u manutenzjoni, ġbir tal-iskart, eċċ.),

— debiti għal assistenza teknika marbuta ma' operazzjonijiet kbar ta' tiswjiet, trasformazzjoni u konverżjoni tal-binjiet,

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 03*** *(ikompli)*

17 01 03 03 *(ikompli)*

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid ta' apparat u stallazzjonijiet tekniċi, u partikolarment:

— apparat (inkluż fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (karta, mezzi elettroniċi, eċċ.),

— apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, kaski awdjo u unitajiet tal-kontrolli għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

— tagħmir tal-kċina u apparat tar-ristoranti,

— diversi għodod għall-ħwienet tal-manutenzjoni tal-binjiet,

— faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'disabilità,

— studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

— ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

— is-sostituzzjoni ta' għamara mherrija u miksura,

— provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-kards, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

— attrezzaturi speċifiċi għall-kantins u ristoranti,

— il-kiri tal-għamara,

— il-kostijiet għall-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara (qabel ma jiġu mġedda jew konklużi kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000, u bl-għan li n-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

— xiri ġdid ta' vetturi, inklużi l-kostijiet kollha relatati,

— is-sostituzzjoni ta' vetturi li, matul is-sena, jilħqu kilometraġġ totali li jiġġustifika tali sostituzzjoni,

— il-kost tal-kiri ta' karozzi għall-perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,

— il-kost tal-manutenzjoni, tiswija u assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxellanji, sperparts, għodod, eċċ.), inkluż test nazzjonali tal-karozzi kull sena,

— diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabbiltà għal persuni terzi u assigurazzjoni kontra s-serq) u taxxi nazzjonali fejn ikunu pagabbli u l-kostijiet tal-assigurazzjoni,

— in-nefqa fuq tagħmir ta' xogħol, u partikolarment:

— xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

— ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkabir u ħmieġ anormali,

— xiri jew rimborż tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— nefqa operatorja oħra, bħal:

— in-nefqa biex il-binjiet jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefon, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 03*** *(ikompli)*

17 01 03 03 *(ikompli)*

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u software meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajprajters, proċessaturi tat-testi jew kwalunkwe apparat elettroniku ieħor,

— stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,

— nefqa għall-operat ta' ristoranti, kafetteriji u kantins, b'mod partikolari l-kostijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir u x-xiri ta' diversi provvisti, nefqa għal konverżjonijiet kurrenti u r-rinovament ta' tagħmir, u nefqa sostanzjali fuq il-konverżjoni u r-rinovament li għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-konverżjonijiet, tiswijiet u rinovament ta' tagħmir u provvisti.

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u databażjijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għal din l-informazzjoni,

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,

— nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,

— liċenzji, debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta'datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ, persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

## *17 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Saħħa u protezzjoni tal-konsumatur"*

### 17 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-programm tal-Konsumaturi

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 100 000 | 1 100 000 | 974 563,40 |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 01 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvux ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkw dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 17 02.

### 17 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-programm "Saħħa għat-Tkabbir"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 500 000 | 1 500 000 | 1 456 521,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri koperti b'din il-partita, u kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvux ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 04*** *(ikompli)*

17 01 04 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 17 03.

17 01 04 03 Nefqa ta' sostenn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 500 000 | 1 500 000 | 1 473 768,47 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 17 01 04 01, 17 01 04 05 u 17 01 04 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna teknika u amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, il-verifika u l-kontroll ta' programmi jew proġetti f'dan il-qasam.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna teknika u amministrattiva, studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew tal-miżuri koperti minn din l-approprjazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-għajnuna amministrattiva relatata mal-awditjar tal-pretensjonijiet li jippreżentaw l-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet rispettivi provduta fil-bażi ġuridika.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 17 04.

***17 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

17 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm tal-Konsumatur

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 691 000 | 1 691 000 | 1 734 904,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 01 04 30 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm tal-Konsumatur.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 06*** *(ikompli)*

17 01 06 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Aness "persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2011, dwar programm tal-konsumatur 2014-2020 (COM(2011) 707 final).

Ara l-Kapitolu 17 02.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2103 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

17 01 06 02 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-programm "Saħħa għat-Tkabbir"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 209 000 | 4 209 000 | 4 318 496,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 01 04 30 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm "Saħħa għat-Tkabbir".

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 06*** *(ikompli)*

17 01 06 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Aness "persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2011, dwar l-istabbiliment ta' Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir, it-tielet programm pluriennali tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020 (COM(2011) 709 final).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

17 01 06 03 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel — Kontribuzzjoni fil-qasam tas-Sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 170 000 | 1 170 000 | 1 170 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 17 01 04 30 u 17 01 04 31*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni mill-istrateġija ta' taħriġ tal-Unjoni fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti għan-nefqa għall-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "SAĦĦA U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR"** *(ikompli)*

***17 01 06*** *(ikompli)*

17 01 06 03 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Aness "persunal" għal din it-taqsima.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu.

Ara l-Kapitolu 17 04.

*Atti ta' referenza*

Id- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas- 17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill imressqa fis-6 ta' Mejju 2013 dwar kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqin biex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimal, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, il-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u li jkunu emendati r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, [….]/2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)(COM(2013) 265 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

## KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 17 02 | POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR | | | | | | | | |
| ***17 02 01*** | ***Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom*** | 3 | 21 262 000 | 6 512 000 | | | | | — |
| ***17 02 51*** | ***Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi*** | 3 | p.m. | 12 509 000 | 20 700 000 | 18 779 963 | 21 772 252,16 | 18 458 318,32 | 147,56 |
| ***17 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 17 02 77 01 | Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 200 000 | 0,— | 66 191,20 | — |
| 17 02 77 02 | Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur | 3 | p.m. | p.m. | p.m. | 150 000 | 0,— | 450 915,51 | — |
| 17 02 77 03 | Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl | 2 | 500 000 | 250 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 17 02 77 — Sub-total* | | 500 000 | 250 000 | p.m. | 350 000 | 0,— | 517 106,71 | 206,84 |
| | **Kapitolu 17 02 — Total** | | **21 762 000** | **19 271 000** | **20 700 000** | **19 129 963** | **21 772 252,16** | **18 975 425,03** | **98,47** |

### *17 02 01 Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 21 262 000 | 6 512 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-objettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020. L-objettiv tal-Programm huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq intern fil-qafas tal-istrateġija ġenerali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza, l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u biex jorganizzaw lilhom infushom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, b'sostenn għall-integrazzjoni ta' dawn l-interessi tal-konsumatur f'oqsma oħra tal-politika. Il-Programm se jikkumplimenta, jagħti sostenn u jimmonitorja l-politiki tal-Istati Membri.

Dan l-objettiv ġenerali għandu jitkompla permezz ta' dawn l-erba' objettivi speċifiċi li ġejjin:

— is-sikurezza: li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sikurezza tal-prodotti permezz ta' sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni kollha,

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** *(ikompli)*

***17 02 01*** *(ikompli)*

— informazzjoni u edukazzjoni u sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi: li jiżdiedu l-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, li tiġi żviluppata bażi ta' evidenza għall-politika tal-konsumatur u jingħata sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, billi jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli,

— drittijiet u rimedju: li jiġu żviluppati u rinfurzati d-drittijiet tal-konsumaturi b'mod partikolari permezz ta' azzjoni regolatorja intelliġenti u billi jitjieb l-aċċess għal rimedju sempliċi, effiċjenti, espedjenti u bi prezz baxx inkluż is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim,

— infurzar: li jingħata sostenn għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-infurzar nazzjonali u billi l-konsumaturi jingħataw sostenn permezz ta' pariri.

Il-programm il-ġdid jeħtieġ li jqis ukoll l-isfidi soċjetali ġodda li żdiedu fl-importanza fis-snin riċenti. Dawn jinkludu: iż-żieda fil-kumplessità fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi, il-bżonn li nersqu lejn xejriet iżjed sostenibbli ta' konsum, l-opportunitajiet u t-theddid li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni, żieda fl-esklużjoni soċjali u fl-għadd ta' konsumaturi vulnerabbli u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-…, dwar programm multiannwali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 (ĠU L …, …, p….).

***17 02 51*** ***Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 12 509 000 | 20 700 000 | 18 779 963 | 21 772 252,16 | 18 458 318,32 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 17 02 01 u 17 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li huma relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE. Dik id-Deċiżjoni ġiet rrevokata mid-Deċiżjoni 1926/2006 (ara l-Artikolu 17 02 02).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** *(ikompli)*

***17 02 51*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-finanzjament ta' azzjonijiet Komunitarji fl-appoġġ ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2004 sa 2007 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

***17 02 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

17 02 77 01 Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 200 000 | 0,— | 66 191,20 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | 150 000 | 0,— | 450 915,51 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 02 03*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** *(ikompli)*

***17 02 77*** *(ikompli)*

17 02 77 03 Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 500 000 | 250 000 | | | | |

*Kummenti*

1. *Għan*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-istabbiliment tal-applikazzjoni Ewropea ta' vjaġġar għall-konsumaturi "Vjaġġa fl-Ewropa". L-għan ta' din l-applikazzjoni hu li tistabbilixxi punt ta' kuntatt uniku intiż sabiex jipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumatur u dwar kwistjonijiet transkonfinali, u sabiex jgħin lil dawk li qed jivvjaġġaw meta jiltaqgħu ma' problemi meta jkunu barra pajjiżhom u jkollhom aċċess limitat għall-informazzjoni u għas-servizzi ta' konsulenza.

Din se tipprovdi informazzjoni għall-konsumaturi u tiffoka fuq sitwazzjonijiet transkonfinali reali, dwar suġġetti li jinkludu l-ivjaġġar u l-informazzjoni dwar viżi, id-drittijiet tal-passiġġiera u tal-konsumaturi, il-karti tas-sigurtà soċjali, is-sistemi ta' ħlas, is-sinjali tat-triq, iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECCs) li jistgħu jipprovdu assistenza u konsulenza f'kull wieħed mill-Istati Membri u fin-Norveġja u l-Islanda.

L-istrateġija relatata mal-kontenut ta' din l-applikazzjoni "intelliġenti" se tkun definita mill-Kummissjoni bl-involviment attiv tal-Parlament Ewropew. L-istrateġija għandha tiġi riveduta kull sena sabiex jittieħed kont ta' żviluppi ġodda.

L-applikazzjoni se tagħmel disponibbli menus li jippermettu l-utenti jsibu malajr l-informazzjoni li għandhom bżonn matul vjaġġ fl-Unjoni. Se tkun kompletament multilingwa, jiġifieri dispobbli fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Informazzjoni ġenerali dwar l-Unjoni se tkun disponibbli wkoll f'kull lingwa uffiċjali, informazzjoni dettaljata fil-lingwa/lingwi ta' kull Stat Membru kif ukoll l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż.

Il-mira ta' dan il-proġett hu li jiżviluppa kunċett ta' servizz u iktar tard applikazzjoni li tista' tintuża miċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni fuq appart mobbli sabiex tassistihom bil-kwistjonijiet, mistoqsijiet u problemi dwar l-ivvjaġġar. Din l-applikazzjoni intelliġenti għandha, tirrispondi l-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet abbażi ta' analiżi semantika tal-mistoqsija u tal-kontenut disponibbli. Għandha toffri wkoll l-possibbiltà li wieħed jistaqsi iktar mistoqsijiet, permezz tas-servizz Europe Direct, fl-eventwalità li s-sistema tal-ewwel linja ma tagħtix tweġiba sħiħa. Tweġibiet permezz tal-Europe Direct jingħataw fi skadenzi stabbiliti, skont il-karta tal-kwalità tagħha, u fil-lingwa tal-konsumatur. Is-servizz se jkun b'xejn, ħlief għall-kostijiet tat-telekomunikazzjoni.

Il-kontenut fil-biċċa l-kbira se jiġi mill-kontenut eżistenti tal-websajts ta' "L-Ewropa Tiegħek" u tan-Netwerk ECC tal-Kummissjoni sabiex ikun adattat għal kull kuntest nazzjonali. Barra mill-informazzjoni, l-applikazzjoni se tinkludi parti interattiva/modulu interattiv li se tgħin/jgħin fir-riżoluzzjoni tat-tilwim mal-kummerċjanti. Dan se jagħti lill-konsumaturi xi ħjiel ta' kif jistgħu jsolvu l-kwistjoni partikolari huma nfushom meta jkun barra minn pajjiżhom. Kwistjonijiet aktar kumplessi se jkunu trattati fil-qafas normali tan-netwerk ECC u l-possibbiltajiet rilevanti tas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim/Soluzzjoni għat-Tilwim Onlajn.

Barra mill-ispejjeż ta' żvilupp u ta' produzzjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni u dawk operattivi u l-ispejjeż ta' pubbliċità għall-5 snin li ġejjin.

2. *Implimentazzjoni*

Il-proġett għandu l-ewwel jislet tagħrif dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-komunikazzjoni maċ-ċittadini dwar l-affarijiet tal-Unjonij, u għandu jagħmel ukoll riċerka dwar teknoloġiji ta' komunikazzjoni mill-aktar avvanzati fil-qasam.

Il-proġett għandu mbagħad japplika approċċ kollaborattiv u parteċipattiv sabiex joħloq kunċetti bħal pjattaforma interattiva u servizz ta' captioning billi jinvolvi ċittadini mill-Ewropa kollha permezz studju ta' mġiba, sabiex l-utenti finali vera jkunu dawk li joħolqu l-kunċett ta' bażi tal-applikazzjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 02 — POLITIKA DWAR IL-KONSUMATUR** *(ikompli)*

***17 02 77*** *(ikompli)*

17 02 77 03 *(ikompli)*

Il-proġett se jagħmel l-aqwa użu possibbli u/jew jintegra applikazzjonijiet rilevanti oħra għall-apparat mowbajl (drittijiet tal-passiġġiera, karta ta' assikurazzjoni Ewropea għas-saħħa), websajts għaċ-ċittadini (bħal L-Ewropa Tiegħek, Vjaġġa fl-Ewropa, Taqsima tal-Ivvjaġġar fil-portal taż-Żgħażagħ), u servizzi għaċ-ċittadini (bħal Europe Direct), sabiex ikun żgurat li tiġi evitata duplikazzjoni ta' sforzi.

Fl-aħħar nett, il-proġett għandu jimplimenta l-kunċett żviluppat f'applikazzjoni operattiva, li tirriżulta f'"Applikazzjoni għall-Ivvjaġġar tal-Konsumatur Ewropew" aċċessibbli bla ħlas għall-utenti mill-apparat mowbajl.

3. *Tbassir għall-2014*

Dan il-proġett pilota hu stmat li jdum 22 xahar u għandu jkollu baġit totali ta' EUR 650 000, li jinkludi implimentazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni tal-IT u l-iżvilupp tal-pjattaforma tas-servizz. It-tlestija tal-proġett, inkluż l-ittestjar, hija ppjanata għal Novembru 2015.

Bord Editorjali kompost mill-Kummissjoni u r-rappreżentanti tan-Netwerk ECC se jkun responsabbli mill-politika editorjali, inkluż il-lingwa u l-prijoritajiet għall-għażla tal-kontenut.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

## KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 17 03 | SAĦĦA PUBBLIKA | | | | | | | | |
| ***17 03 01*** | ***Tkeġġiġ tal-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u ż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa, it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-protezzjoni tagħhom minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa*** | 3 | 52 870 000 | 8 697 500 | | | | | — |
| ***17 03 10*** | ***Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard*** | 3 | 56 766 000 | 56 766 000 | 56 727 000 | 56 727 000 | 58 201 902,— | 58 200 000,— | 102,53 |
| ***17 03 11*** | ***Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel*** | 3 | 76 545 000 | 76 545 000 | 74 334 000 | 71 870 000 | 78 280 426,27 | 76 486 090,— | 99,92 |
| ***17 03 12*** | ***Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*** | | | | | | | | |
| 17 03 12 01 | Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini | 3 | 31 333 000 | 31 333 000 | 33 230 000 | 33 230 000 | 31 938 223,18 | 31 938 223,18 | 101,93 |
| 17 03 12 02 | Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni | 3 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 7 656 000,— | 7 646 720,— | 127,45 |
| | *Artikolu 17 03 12 — Sub-total* | | 37 333 000 | 37 333 000 | 39 230 000 | 39 230 000 | 39 594 223,18 | 39 584 943,18 | 106,03 |
| ***17 03 13*** | ***Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk*** | 4 | 200 000 | 200 000 | 192 000 | 189 776 | 200 000,— | 115 773,28 | 57,89 |
| ***17 03 51*** | ***Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika*** | 3 | p.m. | 30 370 000 | 49 800 000 | 46 872 275 | 51 784 380,65 | 57 352 883,19 | 188,85 |
| ***17 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 17 03 77 01 | Proġett pilota — Sitwazzjoni ġdida tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa: l-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom | 1.1 | p.m. | 80 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 150 000,— | 187,50 |
| 17 03 77 02 | Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 17 03 77 03 | Proġett Pilota — Konsum ta' Frott u Ħaxix | 2 | — | 700 000 | — | 500 000 | 1 000 000,— | 298 309,26 | 42,62 |
| 17 03 77 04 | Proġett pilota — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni | 2 | — | 600 000 | 1 000 000 | 700 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 17 03 77 05 | Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2 | 2 | — | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 17 03 77 06 | Azzjoni preparatorja — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq | 2 | — | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 17 03 77 07 | Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi | 3 | p.m. | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 17 03 77 08 | Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa | 3 | 800 000 | 790 000 | 1 300 000 | 650 000 | | | — |
| 17 03 77 09 | Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni | 3 | 1 000 000 | 800 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 17 03 77 10 | Proġett pilota — Mekkaniżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa | 3 | p.m. | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 17 03 77 11 | Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix | 2 | 750 000 | 675 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 17 03 77 12 | Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet. | 2 | 1 500 000 | 750 000 | | | | | — |
| 17 03 77 13 | Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli | 2 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| 17 03 77 14 | Azzjoni preparatorja — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni | 2 | 500 000 | 250 000 | | | | | — |
| 17 03 77 15 | Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija | 3 | 1 230 000 | 615 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 17 03 77 — Sub-total* | | 6 780 000 | 6 960 000 | 5 300 000 | 3 950 000 | 5 000 000,— | 448 309,26 | 6,44 |
| | **Kapitolu 17 03 — Total** | | **230 494 000** | **216 871 500** | **225 583 000** | **218 839 051** | **233 060 932,10** | **232 187 998,91** | **107,06** |

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 01 Tħeġġiġ tal-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa u ż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa, it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-protezzjoni tagħhom minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 52 870 000 | 8 697 500 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-objettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tas-"Saħħa Pubblika" għall-perjodu 2014-2020.

L-objettivi ġenerali tal-Programm għandhom ikunu li jikkumplimenta, jagħti sostenn u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri li jtejbu s-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni u jnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa bil-promozzjoni tas-saħħa, it-tħeġġiġ tal-innovazzjoni fis-saħħa, iż-żieda tas-sostenibilità tas-sistemi tas-saħħa u l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddidiet transfruntieri fuq is-saħħa.

Il-Programm "Saħħa Pubblika" 2014-2020 jiffoka fuq erba' objettivi speċifiċi:

— Jagħti sostenn għall-bini tal-kapaċità tas-saħħa pubblika u jikkontribwixxi għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli: Jidentifika u jiżviluppa għodda u mekkaniżmi fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, u jiffaċilita l-użu volontarju tal-innovazzjoni fl-istrateġiji ta' interventi u prevenzjoni fis-saħħa pubblika,

— Jiffaċilita l-aċċess għall-kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-Unjoni: Iżid l-aċċess għall-kompetenza medika u l-informazzjoni għal kundizzjonijiet speċifiċi anke lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, jiffaċilita l-applikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u jiżviluppa l-għodda għat-titjib fil-kwalità tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti permezz, inter alia, tal-azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-titjib fl-għarfien dwar is-saħħa,

— Jippromwovi s-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, u t-trawwim ta' ambjenti li jagħtu sostenn lil stili ta' ħajja b'saħħithom: Jidentifika, ixerred u jippromwovi l-użu ta' prattiki tajba u msejsa fuq l-evidenza għal miżuri kosteffikaċi ta' prevenzjoni tal-mard u promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza b'mod partikolari l-fatturi ewlenin ta' riskju relatati mal-istil ta' ħajja b'enfasi fuq il-valur miżjud tal-Unjoni,

— Jipproteġi ċ-ċittadini minn theddidiet transfruntieri serji fuq is-saħħa: Jidentifika u jiżviluppa approċċi koerenti u jippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom għal tħejjija u koordinazzjoni aħjar fl-emerġenzi tas-saħħa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2011, dwar it-Twaqqif ta' Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir, u t-tielet programm multiannwali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020 (COM(2011) 709 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

### *17 03 10 Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 56 766 000 | 56 766 000 | 56 727 000 | 56 727 000 | 58 201 902,— | 58 200 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 17 03 03 01 u 17 03 03 02*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa taċ-Ċentru fuq il-persunal u l-amministrazzjoni. B'mod partikolari, it-Titolu 1 ikopri s-salarji tal-personal permanenti u l-esperti sekondati, il-kostijiet relatati mar-reklutaġġ, is-servizzi interim, it-taħriġ tal-personal u l-ispejjeż tal-missjonijiet. Titolu 2 "Nefqa" jirrigwarda l-kera tal-uffiċini u faċilitajiet taċ-Ċentru, l-arredament tal-post, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-istallazzjonijiet tekniċi, il-loġistika u spejjeż amministrattivi oħrajn.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operatorja relatata ma' dawn l-oqsma fil-mira li ġejjin:

— tisħiħ fis-sorveljanza tal-mardiet komunikabbli ġewwa l-Istati Membri,

— tisħiħ tal-appoġġ xjentifiku mogħti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni,

— tisħiħ tal-istat ta' preparatezza tal-Unjoni kontra r-riskji emerġenti mill-mard komunikabbli speċjalment tal-Epatite B, inklużi riskji relatati mar-rilaxx intenzjonat tal-aġenti bioloġiċi, mard ta' oriġini mhux magħrufa, u l-koordinazzjoni tar-rispons,

— it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,

— komunikazzjoni ta' informazzjoni u bini ta' sħubijiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta' emerġenza (Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza) li torbot onlajn liċ-Ċentru ma' ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat ewlenin ta' mard li jittieħed jew mard ieħor ta' oriġini mhux magħrufa.

Iċ-Ċentru għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tal-2014 tammonta għal total ta' EUR 56 766 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

### *17 03 11 Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 76 545 000 | 76 545 000 | 74 334 000 | 71 870 000 | 78 280 426,27 | 76 486 090,— |

*Kummenti*

*Ex Partiti 17 03 07 01 u 17 03 07 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Tkopri b'mod partikolari:

— spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kumitat xjentifiku u tal-gruppi xjentifiċi, gruppi ta' ħidma, il-forum konsultattiv, il-Bord ta' Ġestjoni u laqgħat mal-imsieħba xjentifiċi jew mal-partijiet interessati,

— spejjeż assoċjati mat-twaqqif ta' opinjonijiet xjentifiċi bl-użu ta' riżorsi esterni (kuntratti u sussidji),

— spejjeż assoċjati mal-ħolqien tan-*networks* tal-ġbir tad-dejta u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti,

— spejjeż marbuta mal-għajnuna xjentifika u teknika lill-Kummissjoni (Artikolu 31),

— spejjeż assoċjati mal-identifikazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ loġistiku,

— spejjeż assoċjati mal-kooperazzjoni teknika u xjentifika,

— spejjeż assoċjati mat-tixrid ta' opinjonijiet xjentifiċi,

— spejjeż assoċjati ma' attivitajiet ta' komunikazzjoni.

L-Awtorità għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 77 333 108. Ammont ta' EUR 788 108 li ġej mill-irkupru tal-eċċess qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 76 545 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 12 Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***

17 03 12 01 Kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 31 333 000 | 31 333 000 | 33 230 000 | 33 230 000 | 31 938 223,18 | 31 938 223,18 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 17 03 10 01 u 17 03 10 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2), u n-nefqa operatorja f'konnessjoni mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3), sabiex jitwettqu l-kompiti previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-Partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment taċ-Ċentru tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 33 230 142. Ammont ta' EUR 1 897 142 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 31 333 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993).

*Atti ta' referenza*

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem(ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 12*** *(ikompli)*

17 03 12 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

17 03 12 02 Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 7 656 000,— | 7 646 720,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 03 10 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tintuża mill-Aġenzija biss biex tikkumpensa t-telfien parzjali jew totali ta' pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 6 000 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

### *17 03 13 Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 200 000 | 200 000 | 192 000 | 189 776 | 200 000,— | 115 773,28 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribut tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC), li l-Komunità rratifikat u li tagħha l-Unjoni hija parti.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Kwadru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

### *17 03 51 Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 30 370 000 | 49 800 000 | 46 872 275 | 51 784 380,65 | 57 352 883,19 |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 03 01 01 u l-Artikolu 17 03 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjonijiet Nru 1786/2002/KE u Nru 1350/2007/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

### *17 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

17 03 77 01 Proġett pilota — Sitwazzjoni ġdida tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa: l-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 80 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 150 000,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 02 Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 03 Proġett Pilota — Konsum ta' Frott u Ħaxix

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 700 000 | — | 500 000 | 1 000 000,— | 298 309,26 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 11*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 04 Proġett pilota — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 600 000 | 1 000 000 | 700 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 12*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 05 Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 13*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 14*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Fl-2009, abbażi tal-batterji li l-aktar ta' spiss ġew iżolati minn kulturi tad-demm fl-Ewropa, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard stima li kull sena dawn il-batterji magħżula reżistenti għal diversi mediċini wasslu għal madwar 25 000 pazjent mejjet u f'kostijiet żejda tal-kura tas-saħħa u telf tal-produttività ta' tal-inqas EUR 1,5 biljun fis-sena. Tul dawn l-aħħar deċennji, l-użu irresponsabbli u inkorrett ta' antibijotiċi aċċelera din ix-xejra. Għalhekk ir-reżistenza antimikrobika hija fenomenu li evidentement għandu implikazzjonijiet transfruntieri u l-okkorrenza ta' effett iżolat (outlier effect), li probabbilment ma jkunx jista' jiġi kkontrollat bir-riżorsi u bl-għarfien kurrenti, ma tistax tiġi eskluża.

*L-objettivi tal-azzjoni preparatorja:*

— biex isir studju tal-użu u l-bejgħ mhux xieraq tal-aġenti antimikrobiċi bi jew mingħajr riċetta tat-tabib tul il-katina — mit-tabib u l-ispiżjar għall-pazjent, f'termini ta' mġiba tal-atturi kollha involuti, billi jintgħażlu, bħala każijiet biex jiġu eżaminati, Stati Membri ewlenin bl-ogħla grad ta' aċċess għall-antibijotiċi mingħajr riċetta tat-tabib. L-azzjoni se tipprova tevalwa aħjar ir-raġunijiet għall-użu mhux xieraq ta' antibijotiċi, tivvaluta l-livell ta' antibijotiċi mibjugħin mingħajr riċetta tat-tabib fil-pajjiżi fil-mira (inklużi l-pajjiżi fejn l-infurzar tal-leġiżlazzjoni huwa batut), tidentifika r-raġunijiet għal dan il-livell għoli ta' bejgħ mingħajr riċetta tat-tabib, tevalwa jekk hemmx biżżejjed tagħrif li qed tilħaq lill-atturi rilevanti, tidentifika x'inhuma l-motivazzjonijiet, l-inċentivi, l-prattika u l-perċezzjoni tagħhom tat-theddida globali tar-RAM u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif inhu l-aqwa mod li bih tista' tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni,

— biex tikkontribwixxi u twassal għal politika tal-Unjoni integrata u komprensiva kontra r-RAM.

*Azzjonijiet speċifiċi:*

— stħarriġ komprensiv fil-grupp fil-mira ta' din l-azzjoni ta' tħejjija,

— diskussjonijiet fid-dettall,

— identifikazzjoni ta' każijiet ta' studju f'kull Stat Membru ewlieni.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 07 Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 300 000 | — | 200 000 | 1 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 15*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-objettiv huwa l-ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni li jippromwovi u jsostni strutturi ta' kura adattata u innovattiva għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi (djar għall-adolexxenti). Dan se jiġbor, jiskambja, jiżviluppa u jaqsam l-esperjenza, l-għarfien u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam. In-netwerk għandu jitqies bħala azzjoni ta' segwitu għall-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali u s-serje ta' konferenzi organizzati mill-Kummissjoni f'dan il-qasam.

L-objettivi tan-netwerk tal-Unjoni huma:

— il-ġbir, l-iskambju, l-iżvilupp u l-qsim ta' kompetenzi, esperjenza, għarfien u l-aħjar prattika,

— il-promozzjoni, l-appoġġ u l-għoti ta' għajnuna prattika għall-ħolqien ta' strutturi ta' kura adattata għall-adolexxenti,

— il-faċilitazzjoni ta' taħriġ reċiproku tal-persunal, inklużi żjarat ta' studji u l-apprendistati,

— is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali u tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni,

— il-promozzjoni ta' speċjalizzazzjoni fl-istudju tal-adolexxenza,

— l-istabbiliment ta' rappreżentazzjoni tal-membri tiegħu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u Internazzjonali.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 08 Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 800 000 | 790 000 | 1 300 000 | 650 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 16*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-estensjoni tal-proġett pilota.

Fost dawk milquta minn mard ta' indeboliment intellettwali, it-tfal li jsofru minn disturbi tal-ispettru awtistiku (ASD) huma dawk li x'aktarx igawdu l-aktar minn valur miżjud tal-Unjoni, u għaldaqstant l-ikbar enfasi għal azzjoni għandha ssir għalihom. Fil-preżent, in-nuqqas ta' sforzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali fir-rigward ta' pazjenti ASD li laħqu l-età adulta u li ġew dijanjostikati għall-ewwel darba fl-età adulta qed ikollu impatt negattiv fuq il-Ħajja b'Saħħitha u t-"tixjiħ attiv" potenzjali ta' dik is-subpopolazzjoni speċifika.

KUMMISSJONI
*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 08 *(ikompli)*

Il-ħolqien ta' perspettiva Ewropea kondiviża dwar id-disturbi ġeneralizzati tal-awtiżmu tagħmel neċessarju t-tħeġġiġ tal-appoġġ, prattiki kliniċi transkulturali u kosteffikaċi, ir-riċerka u l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien espert. L-abilità tal-adulti bl-awtiżmu li jieħdu ħsieb, u saħansitra anki li jmantnu lilhom infushom tiddependi mill-ħiliet intellettwali tagħhom u l-abilità tagħhom li jkampaw bir-rekwiżiti soċjali u komunikattivi tas-soċjetà moderna. Pazjenti li ġew dijanjostikati għall-ewwel darba fl-età adulta għandhom it-tendenza li jkollhom kapaċitajiet intellettwali għoljin iżda madankollu xorta ma jirnexxux minħabba ħiliet soċjali u komunikattivi baxxi. L-appoġġ speċifiku jiddependi mill-eżistenza ta' protokolli ttestjati sabiex jiġu identifikati s-sintomi ASD / xejriet tal-imġiba li jidhru mhux biss taħt forom gravi ta' awtiżmu li ġeneralment huwa dijanjostikat fit-tfulija iżda wkoll f'forom iżjed ħfief dijanjostikati għall-ewwel darba fl-età adulta. Jekk l-adulti bl-awtiżmu jiġu mgħallma adegwatament rispons soċjali u mġibiet aċċettati, dawn jistgħu jiffunzjonaw bħala membri kontribwenti tas-soċjetà. Fil-preżent, il-maġġoranza ta' adulti bl-awtiżmu b'funzjoni għolja jgħixu iżolati mis-soċjetà u jiddependu mill-appoġġ soċjali minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-forma speċifika tal-awtiżmu b'funzjoni għolja li jaffettwawhom u nuqqas ta' mezzi speċifiċi biex jappoġġawhom.

*Objettiv tal-proġett*

L-objettivi ta' dan il-proġett għandhom jiffukaw fuq il-kwistjoni ewlenija assoċjata mal-ASD fl-età adulta, jiġifieri l-iskoperta bikrija tal-ASD b'funzjoni għolja u l-iżvilupp ta' modi kif jistgħu jiġu appoġġati dawn il-persuni. L-objettiv strateġiku huwa t-titjib fil-kwalità tal-ħajja, l-integrazzjoni soċjali u vokazzjonali mill-ġdid ta' individwi affettwati mill-ASD u l-evitar tad-diżintegrazzjoni soċjali u l-irtirar kmieni.

*Deskrizzjoni tal-proġett*

L-azzjoni proposta se tibni fuq il-progress pprovdut mill-proġett tas-Sistema Ewropea ta' Tagħrif dwar l-Awtiżmu (EAIS) (http://www.eais.eu/) permezz tal-implimentazzjoni tal-protokolli żviluppati. Din il-proposta hija partikolarment iffukata fuq l-applikazzjoni tal-mudell tas-saħħa pubblika għall-ASD, b'pakketti ta' ħidma fuq il-prevalenza, l-iskrining, id-dijanjożi u l-intervent.

Hemm tliet objettivi speċifiċi x'jintlaħqu għal dan il-proġett. Dawn huma kif ġej:

(1) Li tiġi stmata l-prevalenza tal-ASD f'6 sa 9 żoni pilota, lokalizzati fi Stati Membri differenti, billi jintuża l-Protokoll Ewropew ta' Prevalenza tal-Awtiżmu armonizzat żviluppat mill-proġett EAIS, u li l-protokoll imsemmi qabel jiġi vvalidat f'lingwi u ambiti kulturali differenti. Dan se jwassal għall-ewwel studju kontinentali dwar il-prevalenza tal-awtiżmu u idealment se jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea stima preċiża tan-numru ta' individwi li jsofru mill-ASD fl-Ewropa.

(2) Li tiġi implimentata u, kemm jista' jkun ivvalidata strateġija għall-identifikazzjoni bikrija tal-ASD f'minn 6 sa 9 żoni pilota permezz tal-użu tal-protokoll armonizzat żviluppat mill-proġett EAIS. Dan għandu jinkludi komponent għat-traduzzjoni u l-adattament tal-għodod ta' skrinjar tal-awtiżmu f'lingwi u ambiti kulturali differenti u t-tqabbil tar-riżultati. Barra minn hekk, dan l-objettiv se jimmira li jżid l-għarfien dwar l-awtiżmu fost il-pubbliku u l-komunità tal-professjonisti, u jgħin fit-taħriġ ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa sabiex itejbu l-familjarità u l-kapaċità tagħhom li jirrikonoxxu l-ASD fit-tfulija kif ukoll il-varjanti tal-awtiżmu ta' livell għoli f'età adulta.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 08 *(ikompli)*

(3) Li jiġu rieżaminati l-aħjar prattiki dwar l-intervent bikri, id-dijanjożi u l-ġestjoni klinika tal-ASD, li jkun hemm kollaborazzjoni mas-sħab sabiex jiġi analizzat x'qed jitwassal attwalment bis-servizzi tagħhom fir-rigward tal-intervent bikri għat-tfal u għall-adulti bl-ASD, u li jiġu identifikati l-ħtiġijiet speċifiċi u mbagħad jiġi mfassal programm ta' taħriġ għal intervent adegwat għal dik il-komunità u sabiex isiru rakkomandazzjonijiet dwar it-taħriġ tal-persunal.

Fi tmiem il-perjodu tal-proġett, se jkun hemm stampa ċara tar-rati ta' prevalenza komparabbli u bbażati fuq il-popolazzjoni fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-komunità medika se jkollha linji gwida dwar kif tagħraf l-ASD fi stadju bikri u l-varjanti ta' livell baxx u għoli, u dwar kif l-aħjar li jsiru d-dijanjożi u l-interventi mediċi sabiex ikunu żgurati l-aħjar eżiti individwalment possibbli. L-esperjenza multikulturali u b'diversi lingwi prevista se tipprovdi opportunità unika għall-espansjoni futura kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jsofru mill-ASD. Dan il-proġett se jagħmel enfasi qawwija fuq it-tixrid tal-iskoperti ta' dan l-approċċ olistiku tas-saħħa pubblika madwar il-pajjiżi membri Ewropej sabiex il-benefiċċji potenzjali jkunu jistgħu jitgawdew mill-akbar numru possibbli ta' individwi u familji milquta.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 09 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 800 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Il-fokus ta' dan il-proġett hija l-identifikazzjoni tal-ispiża, il-benefiċċju tas-sistemi tal-kura tas-saħħa orjentata lejn il-kura personali fl-Ewropa, l-iskambju tal-aħjar prattiki, u oqsma potenzjali ta' kollaborazzjoni. Il-proġett se jirsisti biex jiżviluppa fehim aktar profond tal-opportunità offruta mill-kura personali fil-kuntest ekonomiku u soċjali attwali fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' ostakli għall-adozzjoni preżenti. Il-proġett se jittestja l-possibilità li jiġu implimentati l-aħjar prattiki f'ċerti Stati Membri.

L-objettiv tal-proġett: hu li jitwaqqaf qafas għal azzjoni li jżid il-kura personali fil-livell tal-Unjoni u li jiġu żviluppati strateġiji li jagħtu sostenn lill-implimentazzjoni usa' tal-kura personali effettiva. Dawk l-istrateġiji se jinvolvu:

(1) l-impenn tall-Kummissjoni li tagħmel analiżi indipendenti kostijiet-benefiċċji tal-kura personali fl-Unjoni u l-oqfsa attwali fis-seħħ biex itejbu l-kura personali u l-għoti tas-setgħa lill-pazjenti:

— il-Kummissjoni se tniedi sejħa għall-offerti għat-twettiq tal-Istudju u l-mandat għandu jiġi attribwit lil akkademiku rispettat,

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 09 *(ikompli)*

- l-objettivi tal-istudju huma li ssir:
  - reviżjoni tal-istudji u d-dejta disponibbli,
  - analiżi tal-kura personali fl-Unjoni u fl-Istati Membri,
  - identifikazzjoni tal-vantaġġi u l-ostakli fit-twettiq tal-għoti tas-setgħa lill-pazjenti,
  - identifikazzjoni tal-livell ta' riżorsi fis-sistemi tal-kura tas-saħħa li jittrattaw il-kundizzjonijiet minuri u awtolimitattivi li jistgħu jiġu mmaniġġati b'mod effettiv, jekk ikun hemm sostenn tajjeb, permezz tal-kura personali minn pazjenti motivati, li jkollhom is-setgħa u li jkollhom l-informazzjoni meħtieġa,
  - valutazzjoni tal-aħjar prattiki dwar il-kura personali fost l-Istati Membri u ttestjar tat-trasferibbiltà.

Abbażi tar-riżultat tal-istudju l-Kummissjoni għandha tidentifika opportunitajiet differenti għal azzjoni biex tiġi promossa l-kura personali.

(2) Il-ħolqien ta' pjattaforma ta' esperti fil-kura personali u l-kura tas-saħħa li tlaqqa' l-partijiet interessati b'għarfien ta' funzjonijiet differenti.

Mudell:

- Għandhom jieħdu sehem dawk li jfasslu l-politika tal-Unjoni u dik nazzjonali, dawk li jinfluwenzaw il-politika, il-gvernijiet, l-akkademiċi, il-professjonisti fil-kura tas-saħħa, il-gruppi tal-pazjenti, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, l-industrija, l-assiguraturi tal-kura tas-saħħa pubblika u privata,
- aġenda b'objettivi ċari, riżultati, u skeda ta' żmien,
- pjattaforma li għandha tiġi stabbilita mill-organizzazzjoni magħżula fis-sejħiet għall-offerti,
- objettiv tal-pjattaforma:
  - identifikazzjoni tal-lakuni fid-dejta disponibbli u l-informazzjoni li tfixkel il-fehim attwali tal-kura personali,
  - reviżjoni u identifikazzjoni tal-opportunitajiet u l-ostakli kif identifikati fl-istudju tal-Kummissjoni,
  - identifikazzjoni tal-ambitu u l-prijoritajiet għall-azzjoni:
    - oqsma ta' mard fejn il-promozzjoni ta' sistema ta' kura personali tista' twassal għal valur miżjud fil-prevenzjoni u l-ġestjoni effettiva tal-mard,
    - għodda u mekkaniżmi rilevanti għall-promozzjoni ta' mudell ta' kura personali,
    - pubblikazzjoni ta' linjigwida tal-Unjoni mill-pjattaforma dwar kif għandha ssir il-promozzjoni tal-kura personali fl-ambitu maqbul billi jitqiesu r-riżultati tal-ittestjar tat-trasferimenti tal-aħjar prattiki fi Stati Membri differenti,
    - proposta ta' xenarji għall-kollaborazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam,
    - tħejjija ta' għodda ta' komunikazzjoni adattati għall-pazjent/konsumaturi dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard: fuljetti ta' għarfien, għodda interattiva fil-punt tat-twassil tal-kura tas-saħħa,
    - żieda fl-aċċess għall-għodda tad-dijanjożi fil-punt tat-twassil tal-kura tas-saħħa, eż.: miter tal-pressjoni tad-demm, spirometer, għodda għall-valutazzjoni tad-dieta.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 09 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 10 Proġett pilota — Mekkaniżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

Estensjoni ta' dan il-proġett pilota kif ġie adottat fil-baġit għall-2013.

Il-marda tal-arterji koronarji (CAD) hija waħda mill-aktar kaġunijiet frekwenti ta' mewt tan-nisa u l-irġiel fl-Ewropa. Dan il-proġett pilota se jinvolvi studju mmirat biex jistabbilixxi skema tal-aħjar prattika fl-Unjoni kollha, filwaqt li jtejjeb id-dijanjożi u t-terapija billi jqis il-manifestazzjonijiet speċifiċi tal-marda skont is-sess. Dan se jtejjeb l-aktar id-dijanjożi u t-trattament fin-nisa u l-irġiel u l-prinċipji bażiċi jistgħu jiġu jintużaw għal mard ieħor.

L-objettivi tal-programm huma biex il-pajjiżi involuti:

— ikabbru l-għarfien mediku u pubbliku dwar id-differenzi bejn is-sessi fis-CAD rigward il-manifestazzjonijiet kliniċi u l-inċidenza,

— jistabbilixxu linji gwida tal-Unjoni dwar il-manifestazzjonijiet speċifiċi skont is-sess tas-CAD u t-trattamenti,

— jeżaminaw l-implikazzjonijiet skont is-sess fuq id-determinanti tas-saħħa u l-fatturi tar-riskju,

— ixerrdu l-pjan tal-aħjar prattika fl-Istati Membri.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 11 Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 750 000 | 675 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 03 19*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 11 *(ikompli)*

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li jiżdied il-konsum tal-frott u l-ħaxix frisk fil-gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli (nisa tqal bi dħul baxx u t-tfal tagħhom, persuni anzjani, eċċ.), sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika u tiġi stimulata d-domanda fis-suq tal-frott u l-ħaxix.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 12 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet.

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 500 000 | 750 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-istabbiliment ta' proġett pilota li jtejjeb il-qsim ta' għarfien u azzjonijiet biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa fl-Unjoni — b'mod partikolari fl-Istati Membri u fir-reġjuni bl-akbar bżonnijiet, u għal riċevituri ta' fondi ta' koeżjoni.

Għandu jistabbilixxi netwerk ta' skambju bejn esperti u konsulenti ta' politika madwar l-Unjoni, li jiffoka fuq l-appoġġ u t-taħriġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki, kif ukoll numru ta' attivitajiet speċifiċi li jindirzzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa fil-livell nazzjonali u subnazzjonali/reġjonali.

Il-prijoritajiet għan-netwerk se jinkludu, b'mod partikolari, żvilupp ta' għarfien espert fi kwistjonijiet relatati mal-effikaċja tal-prevenzjoni ta' politiki, differenzi u diskriminazzjoni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, kif ukoll strateġiji li jtaffu l-fatturi soċjali, ambjentali u ta' imġiba li jikkontribwixxu għall-inugwaljanzi tas-saħħa.

Il-proġett pilota għandu wkoll iwettaq rieżami u evalwazzjonijiet ta' attivitajiet li jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa li diġà jirċievu appoġġ mill-fondi strutturali u mill-programmi tal-Unjoni. Attivitajiet speċifiċi mwettqa skont dan il-proġett pilota se jiġu definiti wara proċess ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri involuti u fost il-parteċipanti interessati fil-qasam ta' politika tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa.

Dan il-proġett pilota se jkollu l-għan li jtejjeb s-sensibilità u l-għarfien fi gruppi mira ewlenin għal politika dwar l-importanza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-saħħa u l-opportunitajiet biex dan isir, b'mod partikolari permezz tal-fondi strutturali. Għandu wkoll jeżamina mill-ġdid u jevalwa azzjonijiet meħuda permezz tal-fondi u l-programmi strutturali f'din il-kwistjoni, biex b'hekk ikun promoss l-iżvilupp ta' tfassil ta' politika aħjar fil-futur.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 13 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Madwar l-Istati Membri qed tiżdied b'mod qawwi l-okkorrenza ta' mard li ma jitteħidx (NCD). Fl-istess ħin, aktar u aktar Ewropej qed isibu problemi biex jiffaċċjaw problemi li jitrattaw pereżempju l-obeżità u s-saħħa mentali. Il-persuni iżolati u vulnerabbli, b'mod partikolari jiġġieldu l-problemi marbuta mad-detorjarament tas-saħħa. Kemm l-irġiel, kif ukoll in-nisa, jsofru minn nuqqas ta' saħħa għalkemm il-kwistjonijiet dwar is-saħħa mhumiex l-istess u għandhom jiġu indirzzati b'mod differenti.

Fl-2011 il-Kummissjoni ppubblikat rapport komprensiv dwar l-istat tas-saħħa tal-irġiel Ewropej li xehed inugwaljanzi importanti bejn is-saħħa tan-nisa u tal-irġiel. Waħda mid-dikjarazzjonijiet ewlenin tar-rapport hi "It-titjib tas-saħħa tal-irġiel għandu wkoll benefiċċji diretti u indiretti fuq in-nisa u t-tfal." Fl-2009, il-Kummissjoni ppubblikat rapport simili dwar l-istat tas-saħħa tan-nisa Ewropej.

Jidher li hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-fatt li l-problemi tas-saħħa tal-irġiel u tan-nisa għandhom jiġu trattati minn aspetti differenti u għalhekk dan il-proġett għandu l-objettivi li ġejjin:

(1) li jiġbor u jevalwa — pereżempju permezz tal-Indikaturi tas-Saħħa tal-Komunità Ewropea (ECHI) — l-informazzjoni eżistenti dwar id-differenti bejn is-saħħa tal-irġiel u tan-nisa (b'mod partikolari f'dawk iżolati u vulnerabbli) fl-Istati Membri parteċipanti u dwar il-prattiki eżistenti biex tkun indirizzata din il-kwistjoni.

(2) li jżid l-għarfien dwar l-istili ta' ħajja u l-attitudnijiet lejn is-saħħa, prevenzjoni, trattament u rijabilitazzjoni individwali (inkluż mentali) ta' persuni iżolati u vulnerabbli u r-raġunijiet għalfejn jidher li hemm riluttanza akbar f'dan il-grupp partikolari ta' persuni biex jinbidlu l-istili ta' ħajja u biex tintalab l-għajnuna tat-tobba jew ta' servizzi tas-saħħa oħrajn. L-istudji jistgħu jkunu kemm partikolari fuq il-marba kif ukoll ibbażati fuq il-popolazzjoni.

(3) li janalizza s-sistemi tas-saħħa madwar l-Istati Membri differenti biex jiġu identifikati l-kawżi tan-nuqqas ta' użu tas-servizzi tas-saħħa mill-gruppi anqas vantaġġati u x'jista' jsir biex dawn jiġu indirizzati.

(4) abbażi tal-evidenza miġbura jiġu żviluppati u ttestjati strateġiji immirati (ġeneru) biex titjieb is-saħħa ta' dawn il-persuni, u biex ikun iffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-servizzi tas-saħħa u biex jiġu evitati l-problemi għas-saħħa.

(5) li jqassam ir-riżultati u l-eżempji tal-aħjar prattika lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-fornituri tas-saħħa fis-settur primarju u biex iħeġġeġ l-eżami tar-riżultati.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 14 Azzjoni preparatorja — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 500 000 | 250 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tenfasizza l-importanza ta' dieta korretta u tajba għas-saħħa bi ffukar fuq il-popolazzjoni li qed tixjieħ.

Il-fatt li l-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ huwa fenomenu demografiku kkawżat mit-tnaqqis fil-fertilità u ż-żieda fit-tul tal-ħajja mistenni fost iċ-ċittadini Ewropej.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa mistennija tixjieħ matul l-erbgħin sena li ġejjin u dan il-fenomenu huwa marbut mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' nutrizzjoni.

Kif rikonoxxut f'bosta studji, in-nutrizzjoni għandha impatt qawwi u importanti fit-trattament u l-prevenzjoni ta' bosta mard kif ukoll fiż-żamma ta' saħħa tajba u tal-kwalità tal-ħajja f'popolazzjoni li qed tixjieħ.

Iktar ma tavvanza l-età hemm inċidenza għolja ta' mard kroniku. L-evidenza tindika l-effett importanti tan-nutrizzjoni, u b'mod partikolari ta' dieta bilanċjata u tajba għas-saħħa, ibbażata fuq il-frott u l-ħaxix, u fuq is-suxxettibilità għal tali mard, u l-iżvilupp u r-riżultat tagħhom.

Dan il-proġett ifittex ukoll jipprovdi informazzjoni dwar in-nutrizzjoni lill-ġenituri u lit-tfal. Hu jiffoka fuq l-ewwel snin tal-ħajja, u għalhekk jista' jkopri n-nutrizzjoni ta' qabel it-twelid, it-treddigħ u n-nutrizzjoni fit-tfulija. Il-proġett għandu żewġ objettivi ewlenin, li jeduka lill-ġenituri dwar l-importanza ta' nutrizzjoni tajba għal uliedhom, u li jeduka lit-tfal biex konxjament jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa matul ħajjithom kollha. Il-proġett jopera fil-qafas tal-Programm Saħħa u jindirizza speċifikament żewġ objettivi predominanti tal-programm: li tiġi promossa s-saħħa u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, u li tinxterd l-informazzjoni dwar is-saħħa.

Din l-azzjoni preparatorja se tipprova tilħaq l-udjenzi li huwa mmirat lejhom permezz ta' firxa ta' mezzi, bħall-klassijiet ta' qabel it-twelid, l-isptarijiet, in-nurseries u l-istabbilimenti ta' qabel l-iskola, u l-iskejjel. Għandha tinvolvi organizzazzjonijiet xierqa tas-soċjetà ċivili, bħall-NGOs fil-qasam tas-saħħa, kif ukoll il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa bħal, pereżempju pedjatri u qwiebel, u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tas-saħħa. Il-kooperazzjoni bejn dawn l-atturi differenti għandu jkollha l-għan li tipprovdi edukazzjoni mmirata dwar in-nutrizzjoni, indipendentement mill-industrija tal-ikel, kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jitnedew f'forma ta' fuljetti (biex jingħataw, pereżempju, mill-qwiebel lin-nisa tqal, jew mill-pedjatri lill-ġenituri) jew ta' preżentazzjonijiet fl-iskejjel.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 230 000 | 615 000 | | | | |

*Kummenti*

L-epilessija hija marda tal-moħħ karatterizzata minn predispożizzjoni dewwiema li tiġġenera attakki epilettiċi, u minn konsegwenzi newrobijoloġiċi, konjittivi, psikoloġiċi, u soċjali ta' din il-kundizzjoni. Tal-aħħar jinkludu mewt prematura, stigmatizzazzjoni, esklużjoni soċjali, u tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja. Filwaqt li huma disponibbli trattamenti effettivi, jeżistu ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa li jikkawżaw diskrepanzi sinifikanti fit-trattamenti. Stħarriġ Ewropew li sar aktar minn deċennju ilu indika li kien hemm riżorsi insuffiċjenti u diskrepanzi importanti fid-disponibilità tal-kura tal-epilessija fost l-Istati Membri, iżda s-sitwazzjoni attwali mhijiex magħrufa. B'żieda mad-diffikultajiet fl-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati, l-istimi tal-prevalenza u l-kost tal-epilessija fl-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli. Analiżi riċenti mill-European Brain Council stmat li madwar 2.6 miljun persuna fl-Ewropa għandhom l-epilessija, filwaqt li rapport WHO/ILAE/IBE jistima li madwar 6 miljun persuna fl-Ewropa jbatu mill-epilessija. Ir-rata reali ta' prevalenza tal-epilessija probabbilment tista' tvarja xi ftit bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, u possibbilment anke maż-żmien. Madankollu, mhuwiex ċar jekk ir-raġunijiet għall-varjabilità kemm bejn il-pajjiżi u kemm fil-pajjiżi stess f'rati ta' prevalenza rrappurtati fl-Ewropa humiex spjegati minn differenzi reali fil-prevalenza, minn differenzi fil-metodoloġija u n-nuqqas ta' data affidabbli, jew minn kombinazzjoni ta' dawn kollha.

Il-piż tal-epilessija fl-Ewropa huwa għalhekk qasam karatterizzat minn nuqqasijiet konsiderevoli fl-għarfien b'pajjiżi u reġjuni maġġuri mhux riċerkati, u minn osservazzjonijiet konfliġġenti fil-pajjiżi fejn twettqet tali riċerka. Għalhekk hemm ħtieġa urġenti għal studju komprensiv aktar definittiv fl-Ewropa kollha dwar il-piż tal-epilessija u l-aċċess għall-kura tas-saħħa permezz tal-użu ta' metodoloġija xierqa u standardizzata. L-informazzjoni li tirriżulta minn dan l-istudju se tkun essenzjali għall-pjanijiet ta' azzjoni inklużi deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-provvediment ta' kura għall-epilessija sostenibbli, adegwata, ugwali u kosteffettiva fl-Ewropa kollha. Approċċ immirat għat-twassil tal-kura huwa speċjalment importanti għal kundizzjoni bħall-epilessija li tirrapporta piż għoli ta' mard. Il-konfigurazzjoni tat-twassil tas-servizzi tal-kura tas-saħħa sabiex jittaffa dan il-piż fl-Ewropa kollha teħtieġ data preċiża mhux biss dwar dawk li jeħtieġu trattament, dwar attitudnijiet lejn l-epilessija fis-soċjetà u dwar ostakli eżistenti għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, iżda wkoll dwar il-kost ekonomiku tal-kura.

Hu mistenni li studju fuq din l-iskala jkollu impatt kbir fuq l-identifikazzjoni ta' jekk hemmx żoni fl-Ewropa fejn l-epilessija tista' tiġi vvalutata definittivament bħala aktar prevalenti minn oħrajn. Wieħed jittama li dak l-istudju jipprovdi wkoll evidenza konklużiva tar-rata ta' prevalenza tal-epilessija fl-Unjoni li jkollha impatt kbir fuq kif il-marda hija meqjusa f'termini ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Bl-istess mod, studju tal-kostijiet jippermetti ppjanar aħjar għall-ġestjoni ta' din il-marda. L-istudju huwa mistenni li jidentifika nuqqasijiet f'dak li attwalment huwa meqjus bħala kura frammentata tal-epilessija b'differenzi kbar fir-riżorsi bejn l-Istati Membri u kif ukoll il-ħtieġa għal edukazzjoni tal-pubbliku u l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa biex jiġġieldu kontra l-istigma assoċjata mal-epilessija. L-istudju Ewropew uniku propost se jiffaċilita azzjoni pan-Ewropea kkoordinata biex tiżgura kura ugwali għall-epilessija u kwalità tal-ħajja għall-persuni li jbatu mill-epilessija. Se juri wkoll il-ħtieġa għall-Istati Membri individwali biex itejbu l-aċċessibilità tal-kura tal-epilessija, li fl-aħħar ittejjeb il-ħajja tal-persuni li jbatu mill-epilessija fl-Ewropa u tnaqqas il-kostijiet tal-marda.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA** *(ikompli)*

***17 03 77*** *(ikompli)*

17 03 77 15 *(ikompli)*

*Objettiv tal-proġett*

L-objettiv tal-proġett huwa li jivvaluta l-piż tal-epilessija kif ukoll il-kura tas-saħħa tal-epilessija disponibbli fl-Unjoni Ewropea sabiex tinbena pjattaforma tal-informazzjoni kkoordinata fl-Istati Membri kollha tal-UE bl-involviment tal-NGOs, partijiet interessati u organizzazzjonijiet governattivi fir-rigward tal-piż tal-epilessija. Prattiki tajba se jiġu identifikati u se jsiru rakkomandazzjonijiet għal kura tas-saħħa aħjar madwar l-Unjoni kollha.

*L-objettiv strateġiku* huwa li tingħata d-data neċessarja għall-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-kura ta' kwalità għolja għall-epilessija ugwali fl-Istati Membri kollha u b'hekk jitneħħew id-diskrepanzi fit-trattament, jiġu evitati l-konsegwenzi devastanti tal-epilessija, jitnaqqsu l-qgħad, l-istigma, u l-iżolament, u tiġi żgurata kwalità tal-ħajja mtejba għall-persuni li jbatu mill-epilessija, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni bil-Miktub dwar l-Epilessija tal-Parlament Ewropew.

*Deskrizzjoni tal-proġett*

Dan il-proġett kieku l-ewwel jiddefinixxi metoloġija standardizzata xierqa għall-istudju dwar l-istigma ul-attitudnijiet pubbliċi relatati mal-epilessija u l-inċidenza, il-prevalenzau l-kost tagħha u l-aċċess għall- organizzazzjoni u l-kura tal-epilessija. L-azzjoni proposta hija studju standardizzat, prospettiv u bbażat fuq il-popolazzjoni mwettaq f'reġjuni rappreżentattivi fi 8-12-il Stat Membru tal-UE. Dawn se jintgħażlu biex jirrappreżentaw lir-reġjuni kollha tal-Unjoni, Lvant, Punent, Tramuntana u Nofsinhar, u biex jinkludu pajjiżi fejn m'hemmx data disponibbli. Ċerti pajjiżi fejn id-data hija disponibbli minn riċerka preċedenti se jkunu wkoll inklużi biex jippermettu l-validazzjoni tal-metodoloġija attwali. Timijiet tar-riċerka se jiġu stabbiliti fil-pajjiżi parteċipanti. Dawn se jużaw metodoloġija b'sorsi differenti biex ifittxu f'żona ġeografika definita sptarijiet, istituzzjonijiet, prattikanti ġenerali, laboratorji EEG rilevanti biex jaċċertaw każijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-epilessija kif definit mill-ILAE. L-għan huwa li jitkoprew kull grupp ta' età, dewmien tal-mard, u severità. Il-kost tal-kura tas-saħħa u l-kostijiet mhux mediċi diretti kif ukoll kostijiet indiretti se jiġu determinati prospettivament matul perjodu ta' sena għal kull każ ta' epilessija kif ukoll għall-kontrolli mqabbla mingħajr epilessija. L-analiżi se tinkludi valutazzjonijiet ta' stigma, kwalitá tal-ħajja, impjieg u aċċess għall-kura tas-saħħa. It-timijiet tar-riċerka lokali se jużaw kwestjonarji validati biex jivvalutaw għarfien u attitudnijiet lejn l-epilessija fost il-pubbliku u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fir-reġjuni tagħhom kif ukoll jispezzjonaw l-organizzazzjoni tas-saħħa reġjonali għall-kura tal-epilessija.

Ir-riżultati se jintużaw biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika inklużi metodi ta' segwitu għall-implimentazzjoni u s-sostenibilitá tagħhom.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

## KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 17 04 | SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI | | | | | | | | |
| **17 04 01** | ***Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni*** | 3 | 180 000 000 | 4 000 000 | | | | | — |
| **17 04 02** | ***Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom*** | 3 | 5 000 000 | 3 000 000 | | | | | — |
| **17 04 03** | ***Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli*** | 3 | 45 724 000 | 15 000 000 | | | | | — |
| **17 04 04** | ***Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti*** | 3 | 20 000 000 | 7 500 000 | | | | | — |
| **17 04 05** | ***Miżuri ta' emerġenza b'rabta ma' kriżijiet kbar fis-settur agrikolu*** | 2 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| **17 04 10** | ***Kontribuzzjonijiet għall-ftehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti*** | 4 | 276 000 | 276 000 | 276 000 | 272 804 | 250 000,— | 222 558,29 | 80,64 |
| **17 04 51** | ***Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti*** | 3 | p.m. | 186 296 000 | 272 000 000 | 244 633 732 | 265 766 437,30 | 264 562 840,35 | 142,01 |
| **17 04 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 17 04 77 01 | Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali | 2 | — | 300 000 | — | 300 000 | 919 286,— | 0,— | 0,— |
| 17 04 77 02 | Azzjoni preparatorja — Postijiet ta' kontroll (punti ta' mistrieħ) fir-rigward ta' trasport ta' annimali | 2 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 858 095,60 | — |
| 17 04 77 03 | Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-trasport tal-annimali | 2 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| 17 04 77 04 | Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa | 2 | 250 000 | 125 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 17 04 77 — Sub-total* | | 1 250 000 | 925 000 | p.m. | 300 000 | 919 286,— | 1 858 095,60 | 200,88 |
| | **Kapitolu 17 04 — Total** | | **252 250 000** | **216 997 000** | **272 276 000** | **245 206 536** | **266 935 723,30** | **266 643 494,24** | **122,88** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 01 Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 180 000 000 | 4 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tgħin biex taċċelera l-qerda jew il-kontroll tal-mard tal-annimali billi tipprovdi fondi li jissupplimentaw ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni. Il-parti l-kbira ta' dan il-mard jew infezzjonijiet hija ż-żoonożi li tittieħed mill-bniedem (BSE, bruċellożi, influwenza tat-tjur, salmonellożi, tuberkulożi, eċċ.). Barra minn hekk, il-persistenza tal-mard inkwistjoni ttellef l-operat bla xkiel tas-suq intern; il-ġlieda kontrih tgħin biex jittejjeb il-livell tas-saħħa pubblika u biex jingħata spinta lis-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżuri mmirati għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment ħieles ta' oġġetti f'dawn is-setturi, għas-sostenn veterinarju u għall-azzjoni ta' sostenn.

Hija tikkonsisti fil-forniment ta' għajnuna finanzjarja:

— għax-xiri, il-ħżin u l-formulazzjoni tal-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ta' tilqim differenti,

— għall-iżvilupp ta' tilqim markatur jew testijiet li jistgħu jiddistingwu bejn annimali morda u dawk imlaqqma.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u relatati mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013) 327)

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

### *17 04 02* ***Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 5 000 000 | 3 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri azzjonijiet ta' prevenzjoni biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ. Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lejn il-miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u relatati mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013) 327 final).

### *17 04 03* ***Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 45 724 000 | 15 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-miżuri inizjali li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari:

— l-attivitajiet tal-laboratorji tal-Unjoni,

— taħriġ dwar kontroll tal-għalf u l-ikel,

— spejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għal esperti nazzjonali li jipparteċipaw f'missjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju,

— għodod tal-IT, komunikazzjoni u informazzjoni dwar il-kontroll tal-ikel u l-għalf, l-iżvilupp ta' strateġija tal-Unjoni għal ikel aktar sikur,

— għal politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali, inklużi kampanji u programmi ta' informazzjoni li jinfurmaw lill-pubbliku li l-konsum tal-laħam minn annimali mlaqqma mhuwiex ta' ħsara, kif ukoll kampanji u programmi ta' informazzjoni li jenfasizzaw l-aspetti umani tal-istrateġiji ta' tilqim fil-ġlieda kontra l-mard tal-annimali li jittieħed,

— għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tal-annimali matul it-trasport tagħhom għall-qatla,

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 03*** *(ikompli)*

— għall-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema ta' twissija rapida, inkluża sistema ta' twissija rapida mad-dinja kollha, għan-notifika ta' riskji diretti jew indiretti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jkunu ġejjin mill-ikel jew mill-għalf,

— għall-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni jew taħriġ veterinarju,

— għall-għodod tat-teknoloġija tal-informatika, inklużi TRACES u s-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali,

— għall-miżuri biex tiġi miġġielda l-importazzjoni illegali ta' ġlud tal-klieb u l-qtates.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, tal-miżuri disposti fil-bażi ġuridika ta' hawn isfel, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jeliminaw l-ostakoli għall-moviment liberu tal-oġġetti f'dawn is-setturi.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (66/401/KEE) (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (66/402/KEE) (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (68/193/KEE) (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (94/800/KE) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5, L-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Approprjat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja, tal-kapitolu "Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji" tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 03*** *(ikompli)*

Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71)

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u relatati mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE. (COM(2013) 327).

***17 04 04*** ***Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 20 000 000 | 7 500 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

It-tifqigħ ta' ċertu mard tal-annimali fl-Unjoni jista' possibbilment ikollu impatt kbir fuq it-tħaddim tas-suq intern u fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, huwa importanti li l-Unjoni tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja biex tippermetti l-eradikazzjoni l-aktar rapida possibbli ta' kwalunkwe tifqigħa ta' marda serja li tittieħed fl-Istati Membri billi jintużaw ir-riżorsi tal-Unjoni biex jiġġieldu dan il-mard.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba tkopri azzjonijiet kurattivi biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ, fosthom it-tixrid ta' speċijiet u mard invażivi eżotiċi (bħal tan-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn), li qed isiru dejjem aktar frekwenti u qed jinfirxu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 04*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u relatati mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE. (COM(2013) 327).

***17 04 05*** ***Miżuri ta' emerġenza b'rabta ma' kriżijiet kbar fis-settur agrikolu***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa għall-miżuri ta' emerġenza koperti mit-Taqsima 1 tal-Kapitolu I tat-Titolu II u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu II tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2013) 327 meħtieġa biex jaffaċċjaw il-kriżijiet kbar li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni fl-eventwalità li dawn il-kriżijiet jirriżultaw minn problemi fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.

L-approprjazzjonijiet se jkunu disponibbli permezz ta' trasferimenti mill-Artikolu ta' riżerva 40 02 44 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju f'każ li l-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sikurezza tal-ikel fl-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 ma jkunux biżżejjed wara l-eżami dwar l-adegwatezza tar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

*Atti ta' referenza*

Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni f'materji relatati mal-baġit u dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2013, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u relatati mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (COM(2013) 327 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 10*** ***Kontribuzzjonijiet għall-ftehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 276 000 | 276 000 | 276 000 | 272 804 | 250 000,— | 222 558,29 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 17 04 09*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Unjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV), stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Marzu 1991, li tipprevedi dritt ta' proprjetà esklussiv għal min irabbi varjetajiet ġodda ta' pjanti.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill, 2005/523/KE tat-30 ta' Mejju 2005 li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, kif riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 63).

***17 04 51*** ***Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 186 296 000 | 272 000 000 | 244 633 732 | 265 766 437,30 | 264 562 840,35 |

*Kummenti*

*Ex Partiti: 17 04 01 01, 17. 04 02 01, 17 04 03 01, 17 04 04 01, 17 04 07 01 u Artikolu 17 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa minn impenji preċedenti fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (l-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Approprjat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja) tal-kapitolu "Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji".

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 51*** *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar il-bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8).

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

17 04 77 01 Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 300 000 | — | 300 000 | 919 286,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 04 01 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 02 Azzjoni preparatorja — Postijiet ta' kontroll (punti ta' mistrieħ) fir-rigward ta' trasport ta' annimali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 858 095,60 |

*Kummenti*

*Ex Partita 17 04 03 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 03 Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-trasport tal-annimali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

*Attivitajiet tal-proġett*

Dan il-proġett pilota se jiffoka fuq il-ġestjoni tal-annimali trasportati b'enfasi partikolari fuq l-ispeċi ewlenin tal-biedja u bil-parteċipazzjoni tal-atturi interessati fit-trasport tal-annimali (il-bdiewa, trasportaturi speċjalizzati, kummerċjanti, operaturi tal-biċċeriji u l-veterinarji).

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 77*** *(ikompli)*

17 04 77 03 *(ikompli)*

Ir-riżultat finali ta' dan il-proġett pilota se jkun l-analiżi tal-prattiki differenti dwar il-valutazzjoni tal-annimali sabiex jintwerew l-aħjar prattiki. Abbażi ta' din l-analiżi il-proġett għandu jistabbilixxi proċeduri operattivi għat-trasport tal-annimali u wkoll strateġija għat-tqassim ta' dawk il-proċeduri fost il-parteċipanti interessati, inkluż il-possibilità ta' korsijiet ta' taħriġ skont il-bżonn.

*It-trasport tal-annimali — informazzjoni ta' sfond*

Kull sena kważi 40 miljun annimal mrobbi jiġu trasportati bejn l-Istati Membri. Dan it-trasport tal-annimali hu meħtieġ għall-irziezet speċjalizzati fit-tnissil, trobbija, tismin u għall-biċċeriji.

Madankollu, hemm ħafna prattiki differenti fl-Istati Membri, fost l-oħrajn minħabba l-konformità fqira ta' xi rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali tul it-trasport — pereżempju valutazzjonijiet veterinarji kuntradittorji fit-trasport tal-annimali.

Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jitlob li l-annimali jiġu kkontrollati mill-awtorità kompetenti qabel ma jkunu trasportati fuq vjaġġi fit-tul bejn Stati Membri (u ma' pajjiżi terzi). Għandha ssir valutazzjoni ta' saħħet l-annimali anke għal vjaġġi qosra jew nazzjonali.

Veterinarju/bidwi f'razzett partikolari jista' jevalwa l-kondizzjoni tal-annimali u japprova t-trasport. Darba li l-annimal ikun wasal, pereżempju fil-biċċerija, il-veterinarju jista' imbagħad jiddikjara l-annimal bħala mhux tajjeb għat-trasport. Sitwazzjonijiet simili mhumiex tajbin kemm għall-annimali kif ukoll għas-sewwieqa.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 04 77 04 Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 250 000 | 125 000 | | | | |

*Kummenti*

Huwa estremament importanti li tkompli l-produzzjoni tal-ġobon fuq skala żgħira u jespandi s-settur minħabba d-domanda li qed tikber tal-konsumatur għal prodotti lokali ta' kwalità għolja. Il-produzzjoni tal-ġobon fuq skala żgħira tipprovdi l-impjieg u toffri l-opportunità — b'mod partikolari għaż-żgħażagħ — li jidħlu fil-qasam ta' biedja li ma tkunx tirrikjedi l-investiment ta' somom kbar ħafna ta' flus.

Il-produzzjoni tal-ġobon huwa rregolat, fil-parti l-kbira, mir-regoli tal-Unjoni li japplikaw bl-istess mod għall-bdiewa kif ukoll l-impriżi tal-ipproċessar tal-ikel, inkluż impriżi żgħar ħafna. B'dispjaċir, f'ħafna każijiet, dawk ir-regoli huma applikati mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali b'mod riġidu wisq, mingħajr ma jitqiesu l-prinċipji tal-adattabilità u l-flessibilità stabbiliti b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni relevanti.

Dan il-proġett ifittex kif suppost li jiżgura li jitqies b'mod xieraq il-bżonn ta' flessibilità għall-produtturi tal-ġobon fuq skala żgħira u li jassigura l-validazzjoni finali mill-Kummissjoni, b'hekk jintbagħat messaġġ pożittiv dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-Unjoni in ġenerali, mhux biss lill-bdiewa u l-produtturi tal-ġobon imma wkoll lill-konsumaturi.

KUMMISSJONI

*TITOLU 17 — SAĦĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR*

**KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI** *(ikompli)*

***17 04 77*** *(ikompli)*

17 04 77 04 *(ikompli)*

L-approċċ HACCP jfittex li jikkapitalizza l-esperjenza sabiex jitjiebu l-proċessi u b'hekk jiġi żgurat li jkun hemm kontroll aktar mill-qrib fuq is-sikurezza tal-ikel. Huwa approċċ li normalment juża riżorsi ta' kontroll ta' kwalità tat-tip li l-kumpaniji l-kbar biss ikunu kapaċi jwaqqfu. Taħt dan il-proġett, il-produtturi fuq skala żgħira se jingħaqdu flimkien biex ifasslu linji gwida għall-prattika iġjenika xierqa bħala l-ewwel pass biex iwieġbu l-bżonn ta' titjib kontinwu li jkun tal-inqas effettiv bl-istess mod, u wisq probabbli aktar trasparenti.

Wieħed mill-għanijiet tal-proġett hu li jipproduċi linji gwida għal prattika tajba tal-iġjene validati mill-Kummissjoni li jistgħu jservu bħala gwida ta' referenza għal dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam.

Il-linji gwida jridu għalhekk ikunu bbażati fuq kif il-professjonisti fis-settur jaħdmu attwalment, aktar milli fuq it-teorija. Il-fatt li huma se jiġu mfassla minn 11-il organizzazzjoni tal-kummerċ li jagħmlu n-netwerk FACE, bl-assistenza ta' ċentri ta' riċerka li joperaw f'setturi relatati, se jiżgura li jitqies b'mod xieraq l-għarfien tradizzjonali fir-reġjuni varji u li l-għarfien u l-esperjenza biex jiġu implimentati l-approċċi HACCP li huma mfassla għal faċilitajiet tal-ipproċessar żgħar li gruppi varji jkunu akkumulaw ma' medda ta' snin jinqasmu bejniethom u jintużaw b'mod tajjeb.

Dan l-approċċ innovattiv ibbażat fuq l-awtoorganizzazzjoni fil-livell Ewropew u l-parteċipazzjoni ta' sħab relevanti, huwa wkoll konformi mal-idea tal-professjonisti f'kull settur li jieħdu r-responsabilità għal kwistjonijiet ta' saħħa u iġjene li titressaq fil-leġiżlazzjoni relevanti, bl-awtoritajiet leġiżlattivi li jistabbilixxu l-objettivi aħħarin u l-professjonisti li jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati dawk l-objettivi.

Minħabba l-isfidi varji li jaffaċċja (lingwi, loġistika, rekwiżiti organizzattivi eċċ.), dan il-proġett ambizzjuż b'ħafna sħab għandu bżonn appoġġ finanzjarju.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U L-KONSUMATURI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U L-KONSUMATURI

*TITOLU 18*

**AFFARIJIET INTERNI**

# TITOLU 18

# AFFARIJIET INTERNI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJIET INTERNI" | 34 949 809 | 34 949 809 | 40 140 399 | 40 140 399 | 40 713 847,55 | 40 713 847,55 |
| 18 02 | SIGURTÀ INTERNA | 747 715 040 | 565 055 732 | 677 739 140 | 535 582 819 | 783 870 054,63 | 537 469 880,94 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | | *111 280 000* | *66 442 946* | | |
| | | 747 715 040 | 565 055 732 | 789 019 140 | 602 025 765 | 783 870 054,63 | 537 469 880,94 |
| 18 03 | AŻIL U MIGRAZZJONI | 418 727 040 | 162 594 390 | 509 230 000 | 330 673 010 | 465 599 409,34 | 255 869 910,61 |
| | **Titolu 18 — Total** | **1 201 391 889** | **762 599 931** | **1 227 109 539** | **906 396 228** | **1 290 183 311,52** | **834 053 639,10** |
| | ***Riżervi (40 02 41)*** | | | ***111 280 000*** | ***66 442 946*** | | |
| | | **1 201 391 889** | **762 599 931** | **1 338 389 539** | **972 839 174** | **1 290 183 311,52** | **834 053 639,10** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

# TITOLU 18

# AFFARIJIET INTERNI

## KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AFFARIJIET INTERNI”

Id-dettalji ta’ l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AFFARIJIET INTERNI” | | | | | |
| ***18 01 01*** | ***Nefqa b’rabta ma’ uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta’ politika “Affarijiet interni”*** | 5.2 | 25 780 127 | 31 078 583 | 31 220 408,28 | 121,10 |
| ***18 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b’sostenn tal-qasam ta’ politika “Affarijiet interni”*** | | | | | |
| 18 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 1 624 271 | 2 253 261 | 2 672 531,79 | 164,54 |
| 18 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 1 576 693 | 1 741 785 | 1 860 201,— | 117,98 |
| | *Artikolu 18 01 02 — Sub-total* | | 3 200 964 | 3 995 046 | 4 532 732,79 | 141,61 |
| ***18 01 03*** | ***Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta’ politika “Affarijiet Interni”*** | 5.2 | 1 668 718 | 1 966 770 | 2 334 316,73 | 139,89 |
| ***18 01 04*** | ***Nefqa ta’ sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta’ politika “Affarijiet interni”*** | | | | | |
| 18 01 04 01 | Nefqa ta’ sostenn għal Fond għas-Sigurtà Interna | 3 | 2 150 000 | 1 400 000 | 1 316 334,61 | 61,22 |
| 18 01 04 02 | Nefqa ta’ sostenn għall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil | 3 | 2 150 000 | 1 700 000 | 1 310 055,14 | 60,93 |
| | *Artikolu 18 01 04 — Sub-total* | | 4 300 000 | 3 100 000 | 2 626 389,75 | 61,08 |
| | **Kapitolu 18 01 — Total** | | **34 949 809** | **40 140 399** | **40 713 847,55** | **116,49** |

### ***18 01 01 Nefqa b’rabta ma’ uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta’ politika “Affarijiet interni”***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 25 780 127 | 31 078 583 | 31 220 408,28 |

### ***18 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b’sostenn tal-qasam ta’ politika “Affarijiet interni”***

#### 18 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 624 271 | 2 253 261 | 2 672 531,79 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJIET INTERNI"** *(ikompli)*

***18 01 02*** *(ikompli)*

18 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 576 693 | 1 741 785 | 1 860 201,— |

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex tiżgura appoġġ adegwat għall-Grupp ta' Ħidma mwaqqaf mill-Artikolu 29.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għal taħriġ tal-persunal kontra d-diskriminazzjoni.

***18 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Affarijiet Interni"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 668 718 | 1 966 770 | 2 334 316,73 |

***18 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Affarijiet interni"***

18 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Fond għas-Sigurtà Interna

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 150 000 | 1 400 000 | 1 316 334,61 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 01 04 08, 18 01 04 16 u 18 01 04 17*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika tal-Fond għas-Sigurtà Interna stipulata fl-Artikolu 10 tar-Regolament propost jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar dan il-fond (COM(2011/ 752 final). Hija tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (assistenza għat-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' proġett, azzjonijiet relatati mal-awditjar, konferenzi, seminars, workshops u miżuri komuni oħrajn ta' informazzjoni u taħriġ fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi relatati għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji magħżulin, traduzzjonijiet),

— azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi,

— il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea diment li dawn huma relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi,

— l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, il-kontroll u l-evalwazzjoni,

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJIET INTERNI"** *(ikompli)*

***18 01 04*** *(ikompli)*

18 01 04 01 *(ikompli)*

— evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jittejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistika u studji ta' rapporti ta' esperti,

— sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi,

— miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

B'konformità mal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għas-Sigurtà Interna — Fruntieri — għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, il-Kummissjoni tista' tuża mhux iktar mill-ammont iffissat fil-Ftehim tal-pagamenti li saru mill-Istati assoċjati kull sena biex tiffinanzja n-nefqa amministrattiva relatata mal-persunal jew persunal estern meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni tal-Fond u dak il-Ftehim minn dawk l-Istati.

*Bażi legali*

Ara l-Artikolu 18 02 01.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (COM(2011) 750).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji (COM(2011) 753).

18 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 150 000 | 1 700 000 | 1 310 055,14 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 01 04 02, 18 01 04 03, 18 01 04 09 u 18 01 04 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil stipulata fl-Artikolu 10 tar-Regolament propost li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar dan il-fond (COM(2011) 752 final). Tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

**KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJIET INTERNI"** *(ikompli)*

***18 01 04*** *(ikompli)*

18 01 04 02 *(ikompli)*

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (assistenza għat-tħejjija u l-evalwazzjoni ta' proġett, azzjonijiet relatati mal-awditjar, konferenzi, seminars, workshops u miżuri komuni oħrajn ta' informazzjoni u taħriġ fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji magħżulin, traduzzjonijiet),

— azzjonijiet għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, isostnu n-networking, iwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni, iżidu l-għarfien u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza, inkluż ma' pajjiżi terzi.

— il-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea diment li dawn huma relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi,

— l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, il-kontroll u l-evalwazzjoni,

— evalwazzjonijiet, inklużi azzjonijiet biex jittejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki ta' evalwazzjoni, it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, statistiki u studji ta' rapporti ta' esperti,

— sostenn għat-tisħiħ istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni effettiva tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi,

— miżuri relatati mal-analiżi, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament propost u r-Regolamenti speċifiċi, kif ukoll miżuri relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll u assistenza teknika u amministrattiva.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u ma' kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

*Bażi legali*

Ara l-Artikolu 18 03 01.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2011) 751).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 18 02 | SIGURTÀ INTERNA | | | | | | | | |
| **18 02 01** | ***Fond għas-Sigurtà Interna*** | | | | | | | | |
| 18 02 01 01 | Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu | 3 | 252 153 194 | 27 160 000 | | | | | — |
| 18 02 01 02 | Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà | 3 | 148 955 846 | 16 190 000 | | | | | — |
| 18 02 01 03 | Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni | 3 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 18 02 01 — Sub-total* | | 401 109 040 | 43 350 000 | | | | | — |
| **18 02 02** | ***Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja*** | 3 | 80 000 000 | 80 000 000 | 40 000 000 | 40 000 000 | | | — |
| **18 02 03** | ***Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex)*** | 3 | 82 910 000 | 82 910 000 | 78 959 000 | 78 959 000 | 84 000 000,— | 69 500 000,— | 83,83 |
| **18 02 04** | ***Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)*** | 3 | 81 658 000 | 81 658 000 | 75 182 500 | 75 182 500 | 83 655 000,— | 82 655 000,— | 101,22 |
| **18 02 05** | ***Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol)*** | 3 | 7 436 000 | 7 436 000 | 8 450 640 | 8 450 640 | 8 450 640,— | 8 450 640,— | 113,64 |
| **18 02 06** | ***Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)*** | 3 | 14 751 000 | 14 751 000 | 15 447 000 | 15 447 000 | 15 550 920,— | 15 550 920,— | 105,42 |
| **18 02 07** | ***Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu. LISA")*** | 3 | 59 380 000 | 59 380 000 | 41 000 000 | 34 437 000 | 19 105 068,06 | 2 283 974,66 | 3,85 |
| **18 02 08** | ***Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)*** | 3 | 9 235 500 | 4 900 366 | 24 000 000 | 15 081 571 | 16 571 217,20 | 32 957 940,63 | 672,56 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | | | *12 750 000* | *7 500 000* | | | |
| | | | 9 235 500 | 4 900 366 | 36 750 000 | 22 581 571 | 16 571 217,20 | 32 957 940,63 | |
| **18 02 09** | ***Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)*** | 3 | 9 235 500 | 4 900 366 | 7 000 000 | 21 568 782 | 40 453 648,83 | 32 692 524,37 | 667,14 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | | | *1 750 000* | *5 471 400* | | | |
| | | | 9 235 500 | 4 900 366 | 8 750 000 | 27 040 182 | 40 453 648,83 | 32 692 524,37 | |

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***18 02 51*** | ***Tlestija ta' operazzjonijiet u programmi fil-qasam tal-fruntieri esterni, is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet*** | 3 | p.m. | 184 770 000 | 387 700 000 | 246 456 326 | 516 083 560,54 | 293 378 881,28 | 158,78 |
| | *Riżervi (40 02 41)* | | | | *96 780 000* | *53 471 546* | | | |
| | | | p.m. | 184 770 000 | 484 480 000 | 299 927 872 | 516 083 560,54 | 293 378 881,28 | |
| ***18 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 18 02 77 01 | Proġett pilota — Tlestija tal-ġlieda kontra t-terroriżmu | 3 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 18 02 77 02 | Proġett pilota — Mekkaniżmi integrati ġodda għall-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati li jidentifikaw ir-riskji tal-logħob tal-flus fuq l-isport | 3 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 18 02 77 — Sub-total* | | 2 000 000 | 1 000 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | 0,— |
| | **Kapitolu 18 02 — Total** | | **747 715 040** | **565 055 732** | **677 739 140** | **535 582 819** | **783 870 054,63** | **537 469 880,94** | **95,12** |
| | ***Riżervi (40 02 41)*** | | | | ***111 280 000*** | ***66 442 946*** | | | |
| | | | **747 715 040** | **565 055 732** | **789 019 140** | **602 025 765** | **783 870 054,63** | **537 469 880,94** | |

### *18 02 01 Fond għas-Sigurtà Interna*

18 02 01 01 Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 252 153 194 | 27 160 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni ssostni politika komuni dwar il-viżi biex tħaffef l-ivvjaġġar leġittimu, jiġi żgurat trattament indaqs tal-persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi u tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u, sabiex tkun sostnuta l-ġestjoni tal-fruntieri ħalli tiżgura min-naħa, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla intoppi tal-fruntieri esterni b'konformità mal-acquis ta' Schengen.

L-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' azzjonijiet fl-Istati Membri jew dawk li jsiru minnhom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— infrastrutturi għall-qsim tal-fruntiera, binjiet u sistemi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera u l-indirizzar effettiv tal-qsim illegali tal-fruntieri esterni,

— apparat operatorju, mezzi ta' trasport u sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-kontroll effettiv tal-fruntieri u d-detezzjoni ta' persuni, bħal terminali fissi għall-VIS, is-SIS u s-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġni (FADO), inkluża teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku,

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 01*** *(ikompli)*

18 02 01 01 *(ikompli)*

— sistemi informatiċi għall-ġestjoni ta' flussi migratorji bejn il-fruntieri,

— infrastrutturi, binjiet u apparat operatorju meħtieġa għall-ippproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi u kooperazzjoni konsulari,

— studji, proġetti pilota u azzjonijiet bil-għan li jrawmu kooperazzjoni bejn l-aġenziji fi ħdan l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, u li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operazzjonali u l-aħjar prattiki li jinbtu mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll in-nefqa relatata ma' azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— sistemi informatiċi, għodod u apparat għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi,

— azzjonijiet li għandhom l-għan li jrawmu kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi operazzjonijiet konġunti,

— studji, avvenimenti, taħriġ, apparat u proġetti pilota biex jipprovdu kompetenza teknika u operazzjonali *ad hoc* lil pajjiżi terzi,

— studji, avvenimenti, taħriġ, apparat u proġetti pilota li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi, standards operazzjonali u l-aħjar prattiki, li jinbtu mill-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni f'pajjiżi terzi.

Stat Membru jista' juża sa 50 % tal-ammont allokat mill-Istrument għall-programm nazzjonali tiegħu biex jiffinanzja sostenn operatorju għall-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mit-twettiq tal-kompiti u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll tariffi mitlufin minn viżi maħruġin għall-fini ta' transitu u kostijiet addizzjonali mġarrba fl-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Transitu Faċilitat (FTD) u l-iskema tad-Dokument ta' Transitu Ferrovjarju Faċilitat (FRTD) b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Transitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Transitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Transitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, sabiex ikunu eliġibbli għal finanzjament, dawk l-azzjonijiet għandhom ifittxu li jilħqu l-objettivi li ġejjin:

— is-sostenn tal-appoġġ preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta politiki dwar il-fruntieri esterni u dwar il-viżi, inkluż sabiex jimplimenta l-governanza ta' Schengen kif iddeterminat mill-mekkaniżżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas- 7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27),

— it-titjib fl-għarfien u l-fehim tas-sitwazzjoni prevalenti fl-Istati Membri permezz ta' analiżi, evalwazzjoni u monitoraġġ mill-qrib tal-politiki,

— is-sostenn tal-iżvilupp tal-għodod u l-metodi statistiċi u l-indikaturi komuni,

— is-sostenn u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri, u l-valutazzjoni tal-effikaċja u l-impatt tagħhom,

— il-promozzjoni tan-netwerks, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi fil-livell Ewropew,

— it-tisħiħ tal-għarfien dwar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— iż-żieda tal-kapaċità tan-netwerks Ewropej għall-promozzjoni, is-sostenn u iktar żvilupp tal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni,

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 01*** *(ikompli)*

18 02 01 01 *(ikompli)*

— is-sostenn, b'mod partikolari ta' proġetti innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal għal trasferibilità lil Stati Membri oħrajn, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalutaw proġetti ta' riċerka,

— is-sostenn ta' azzjonijiet relatati ma' ċerti pajjiżi terzi u li jsiru fihom.

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll assistenza finanzjarja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali li fiha numru kbir jew sproporzjonat ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew iktar.

Din l-approprjazzjoni se tipprovdi għar-rimborż tal-kostijiet imġarrbin mill-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post (kostijiet tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni) rigward l-appikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Il-kost tal-provvisti u t-tagħmir meħtieġa għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post u għat-tħejjija u s-segwitu tagħhom iridu jiżdiedu ma' dawn il-kostijiet.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizjonali b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża(COM(2011) 750), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u (2) tiegħu.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752).

18 02 01 02 Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 148 955 846 | 16 190 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, serja u organizzata inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi relevanti, il-bini tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni għall-ġestjoni effettiva ta' riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, u t-tħejjija għal attakki terroristiċi u inċidenti oħrajn relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni tan-nies u l-infrastruttura kritika minn dan it-theddid.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 01*** *(ikompli)*

18 02 01 02 *(ikompli)*

Hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet fl-Istati Membri, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,

— il-ħolqien ta' netwerks, fiduċja reċiproka, fehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-kompetenza, l-esperjenza u prattiki tajbin, kondiviżjoni tal-informazzjoni, għarfien u tbassir kondiviżi ta' sitwazzjoni, ipp-janar ta' kontinġenza u interoperabilità,

— attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet tat-theddid, ir-riskji u l-impatt,

— attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, disseminazzjoni u komunikazzjoni, inkluż minn perspettiva tal-ġeneru.

— l-akkwiżizzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' apparat tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, binjiet u sistemi relatati, speċjal-ment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini ta' kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, b'mod partikolari maċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità,

— skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti ta' awtoritajiet relevanti, inkluż minn perspettiva tal-ġeneru, bl-inklużjoni ta' taħriġ fil-lingwi u eżerċizzji jew programmi konġunti,

— miżuri li jvaraw, jittrasferixxu, jippruvawu jivvalidaw metodoloġija jew teknoloġija ġdida, inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll azzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod par-tikolari dawn li ġejjin:

— azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,

— il-ħolqien ta' netwerks, fiduċja reċiproka, fehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-kompetenza, l-esperjenza u l-prattiki tajbin, kondiviżjoni tal-informazzjoni, għarfien u tbassir kondiviżi tas-sitwazzjonijiet, ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,

— l-akkwiżizzjonii u/jew it-titjib ulterjuri ta' apparat tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom,

— l-iskambju, it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' persunal u esperti ta' awtoritajiet relevanti, inkluż taħriġ fil-lingwi,

— sensibilizzazzjoni, attivitajiet ta' disseminazzjoni u komunikazzjoni,

— valutazzjonijiet tat-theddid, ir-riskji u l-impatt,

— studji u proġetti pilota.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni rigward l-objettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament propost (COM(2001) 753 final). Biex ikunu eliġibbli għal finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, il-programmi, il-valutazzjonijiet tat-theddid u r-riskji relevanti, u b'mod partikolari għandhom isostnu:

— sostenn preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta politiki dwar il-fruntieri esterni u dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni ta' kriżijiet,

— proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iktar jew tal-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz wieħed,

— attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet tat-theddid, ir-riskji u l-impatt u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-għanijiet tal-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

KUMMISSJONI
*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 01*** *(ikompli)*

18 02 01 02 *(ikompli)*

— proġetti li jippromwovu l-ħolqien ta' netwerks, il-fiduċja reċiproka, il-fehim u t-tagħlim, l-identifikazzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi fil-livell tal-Unjoni, programmi ta' taħriġ u skambju,

— proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi metodoloġiċi, b'mod partikolari statistiċi, u indikaturi komuni,

— l-akkwiżizzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' apparat tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, binjiet u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini ta' kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, b'mod partikolari Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità,

— proġetti li jżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda u/jew ivaraw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħrajn, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jippruvaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni,

— studji u proġetti pilota,

— azzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom.

Din l-approprjazzjoni tintuża biex tipprovdi assistenza finanzjarja għall-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida ġdida li għandha jew li jista' jkollha impatt avvers importanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iktar.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li tistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji (COM(2011) 753 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u (2) tagħha.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752 final).

18 02 01 03 Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri t-twaqqif u t-tħaddim ta' sistemi informatiċi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u t-tagħmir li jsostni l-ġestjoni ta' flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 01*** *(ikompli)*

18 02 01 03 *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (COM(2011) 750).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752).

***18 02 02*** ***Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 80 000 000 | 80 000 000 | 40 000 000 | 40 000 000 | | |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 18 02 12*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' strument temporanju biex jgħin lill-Kroazja bejn id-data ta' adeżjoni u tmiem l-2014 biex tiffinanzja azzjonijiet fil-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

*Bażi legali*

Il-kompiti li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja.

***18 02 03*** ***Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 82 910 000 | 82 910 000 | 78 959 000 | 78 959 000 | 84 000 000,— | 69 500 000,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 02 03 01 u 18 02 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Aġenziji (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 82 910 000.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 03*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1).

***18 02 04 Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 81 658 000 | 81 658 000 | 75 182 500 | 75 182 500 | 83 655 000,— | 82 655 000,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 05 02 01 u 18 05 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Uffiċċju (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 84 249 589. Ammont ta' EUR 2 591 589 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 81 658 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

***18 02 05 Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 7 436 000 | 7 436 000 | 8 450 640 | 8 450 640 | 8 450 640,— | 8 450 640,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 05 05 01 u 18 05 05 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Kulleġġ (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

Il-Kulleġġ għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 05*** *(ikompli)*

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 8 290 817. Ammont ta' EUR 854 817 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 7 436 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol) (ĠU 256, 1.10.2005, p. 63).

***18 02 06*** ***Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 14 751 000 | 14 751 000 | 15 447 000 | 15 447 000 | 15 550 920,— | 15 550 920,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 05 11 01 u 18 05 11 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva udik relatata mal--persunal taċ-Ċentru (Titoli 1 u 2), in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Iċ-Ċentru għandu jinforma lill- Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 14 793 959. Ammont ta' EUR 42 959 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 14 751 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU 376, 27.12.2006, p. 1).

***18 02 07*** ***Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu. LISA")***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 59 380 000 | 59 380 000 | 41 000 000 | 34 437 000 | 19 105 068,06 | 2 283 974,66 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 02 11 01 u 18 02 11 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u fuq il-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 07*** *(ikompli)*

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 59 380 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

### *18 02 08 Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 02 08 | 9 235 500 | 4 900 366 | 24 000 000 | 15 081 571 | 16 571 217,20 | 32 957 940,63 |
| *Riżervi (40 02 41)* | | | *12 750 000* | *7 500 000* | | |
| Total | 9 235 500 | 4 900 366 | 36 750 000 | 22 581 571 | 16 571 217,20 | 32 957 940,63 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 18 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja n-nefqa operazzjonali tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS), b'mod partikolari l-kost tal-infrastruttura tan-networks u l-kost tal-istudji relatati mas-sistema.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Il-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 08*** *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1272/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1273/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 32).

***18 02 09*** ***Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 02 09 | 9 235 500 | 4 900 366 | 7 000 000 | 21 568 782 | 40 453 648,83 | 32 692 524,37 |
| *Riżervi (40 02 41)* | | | *1 750 000* | *5 471 400* | | |
| Total | 9 235 500 | 4 900 366 | 8 750 000 | 27 040 182 | 40 453 648,83 | 32 692 524,37 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 18 02 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-iżvilupp ta' analiżi, il-kunsinna u l-installazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni fuq skala kbira madwar l-Ewropa "VIS" (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża), b'mod partikolari l-kost tal-infrastruttura tan-netwerk u l-kost tal-istudji relatati mas-sistema.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004, li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

**18 02 51** ***Tlestija ta' operazzjonijiet u programmi fil-qasam tal-fruntieri esterni, is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 02 51 | p.m. | 184 770 000 | 387 700 000 | 246 456 326 | 516 083 560,54 | 293 378 881,28 |
| *Riżervi (40 02 41)* | | | *96 780 000* | *53 471 546* | | |
| Total | p.m. | 184 770 000 | 484 480 000 | 299 927 872 | 516 083 560,54 | 293 378 881,28 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 18 02 06, 18 02 07, 18 05 07, 18 05 08, 18 05 09, 18 08 01 u 18 08 05, u l-Partita 18 05 01 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

L-Azzjoni Konġunta 98/245/ĠAI tad-19 Marzu 1998 adottata mill-Kunsill, abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi programm ta' skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk responsabbli minn azzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (il-programm Falcone) (ĠU L 99, 31.3.1998, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/512/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk li jipprattikaw il-liġi (Grotius II — Penali) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/513/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-awtoritàjiet li jinfurżaw il-liġi (Oisin II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/514/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programmi ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-dawk responsabbli mill-ġlied kontra l-kummerċ tal-essri umani u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal (Stop II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/515/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalita (Hippokrates) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/630/ĠAI tat-22 Lulju 2002 li tistabbilixxi programm kwadru għal koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija fi kwistjonijiet kriminali (AGIS) (ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-programmi speċifiċi "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà'" u Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità għall-Perijodu 2007-2013 bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità' għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-libertajiet (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 7).

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 51*** *(ikompli)*

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas- 16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sal-2013(ĠU 233, 5.9.2007, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/456/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viża) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 124).

***18 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

18 02 77 01 Proġett pilota — Tlestija tal-ġlieda kontra t-terroriżmu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 18 05 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA** *(ikompli)*

***18 02 77*** *(ikompli)*

18 02 77 02 Proġett pilota — Mekkaniżmi integrati ġodda għall-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati li jidentifikaw ir-riskji tal-logħob tal-flus fuq l-isport

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 1 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Ix-xiri tal-logħob huwa theddida serja għall-integrità tal-isports u jista' jkun mezz ta' ħasil tal-flus għall-gruppi kriminali. L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jiżgura imħatri ġusti fuq l-isports, inaqqas il-korruzzjoni fl-isports u jipprevjeni li l-logħob tal-azzard jintuża għal skopijiet ta' kriminalità. Firxa ta' għarfien u esperjenzi għandhom jitħalltu flimkien sabiex jistabbilixxu mekkaniżmi integrati ġodda li jistgħu jinvolvu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi, l-operaturi tal-imħatri online u offline, l-organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard, federazzjonijiet tal-isports, regolaturi tal-logħob tal-azzard, klabbs sportivi u atleti. Aktar skambju tal-informazzjoni bejn atturi privati u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll bejn forzi tal-pulizija minn Stati Membri differenti, jista' jwassal għal prevenzjoni aħjar u rispons aktar mgħaġġel għal attivitajiet suspettużi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Azzjonijiet:

— Ġbir u analiżi tal-informazzjoni minn sorsi kwalifikati: operaturi tal-imħatri online u offline, organizzazzjonijiet tal-logħob tal-azzard, federazzjonijiet tal-isport, regolaturi tal-logħob tal-azzard u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi,

— żvilupp ta' indikaturi tar-riskji li għandhom jintużaw fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni,

— valutazzjoni ta' theddid potenzjali tal-imħatri fuq l-isports,

— tisħiħ tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u kooperazzjoni bejn operaturi privati u forzi tal-pulizija u bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri differenti,

— identifikazzjoni ta' avvenimenti sportivi li jistgħu jkunu mmirati minn atleti korrotti u/jew kriminali għal skopijiet ta' xiri tal-logħob, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-midja, l-internet u n-netwerks soċjali,

— twissija lill-partijiet interessati kollha dwar riskji speċifiċi tax-xiri tal-logħob permezz ta' żvelar ta' informazzjoni b'mod xieraq u f'waqtu,

— appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq ta' investigazzjonijiet, fejn ikun xieraq, kemm f'ċirki sportivi u kriminali,

— ħolqien ta' gruppi ta' ħidma jew sessjonijiet ta' laqgħat fil-livell nazzjonali biex jippromwovu l-iskambju ta' fehmiet u l-aħjar prattiki bejn il-partijiet interessati,

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għar-rappurtar anonimu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 18 03 | AŻIL U MIGRAZZJONI | | | | | | | | |
| **18 03 01** | ***Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*** | | | | | | | | |
| 18 03 01 01 | Tisħiħ u żvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri | 3 | 167 808 176 | 20 510 000 | | | | | — |
| 18 03 01 02 | Sostenn għal migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effikaċi tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji ġusti u effikaċi tar-ritorn | 3 | 233 300 864 | 27 670 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 18 03 01 — Sub-total* | | 401 109 040 | 48 180 000 | | | | | — |
| **18 03 02** | ***Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)*** | 3 | 14 518 000 | 14 518 000 | 12 000 000 | 10 500 000 | 10 000 000,— | 8 851 410,92 | 60,97 |
| **18 03 03** | ***Databażi Ewropea tal-marki tas-swaba' (Eurodac)*** | 3 | 100 000 | 90 000 | p.m. | p.m. | 532 441,70 | 421 021,75 | 467,80 |
| **18 03 51** | ***Tlestija tal-operazzjonijiet u programmi fil-qasam tar-ritorn, refuġjati u flussi migratorji*** | 3 | p.m. | 96 056 390 | 493 730 000 | 317 548 010 | 449 066 967,64 | 243 746 516,18 | 253,75 |
| **18 03 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 18 03 77 01 | Azzjoni preparatorja — Tlestija tal-ġestjoni tar-ritorn fil-qasam tal-migrazzjoni | 3 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 106 364,81 | — |
| 18 03 77 02 | Azzjoni preparatorja — Ġestjoni tal-migrazzjoni — Solidarjetà fil-prattika | 3 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 254 103,51 | — |
| 18 03 77 03 | Azzjoni preparatorja — Tlestija tal-integrazzjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi | 3 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 18 03 77 04 | Proġett pilota — Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati | 3 | p.m. | p.m. | p.m. | 225 000 | 0,— | 753 088,69 | — |
| 18 03 77 05 | Proġett pilota — Finanzjar għall-vittmi tat-tortura | 3 | p.m. | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | 2 000 000,— | 312 404,75 | 31,24 |

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 18 03 77 06 | Azzjoni preparatorja — Tħollija tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza | 3 | p.m. | 500 000 | p.m. | 650 000 | 3 000 000,— | 1 425 000,— | 285,— |
| 18 03 77 07 | Proġett pilota — Analiżi tal-politiki ta' akkoljenza, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati fl-Unjoni | 3 | p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | 1 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 18 03 77 08 | Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-risistemazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati | 3 | p.m. | 250 000 | 500 000 | 250 000 | | | — |
| 18 03 77 09 | Azzjoni preparatorja — Finanzjament għar-riabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura | 3 | 3 000 000 | 1 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 18 03 77 — Sub-total* | | 3 000 000 | 3 750 000 | 3 500 000 | 2 625 000 | 6 000 000,— | 2 850 961,76 | 76,03 |
| | **Kapitolu 18 03 — Total** | | **418 727 040** | **162 594 390** | **509 230 000** | **330 673 010** | **465 599 409,34** | **255 869 910,61** | **157,37** |

## *18 03 01 Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*

18 03 01 01 Tisħiħ u żvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 167 808 176 | 20 510 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-programmi nazzjonali implimentati mill-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti miż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-imigrazzjoni.

B'mod partikolari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ u tiżviluppa s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha u sabiex issaħħaħ is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari rigward dawk li l-iktar li huma affettwati mill-flussi migratorji u l-ażil.

Fil-każ tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet relatati mas-sistemi ta' lqugħ u ażil u, azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tagħhom dwar l-ażil.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

***18 03 01*** *(ikompli)*

18 03 01 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri azzjonijiet relatati mar-risistemazzjoni tal-persuni u r-rilokazzjoni tal-persuni.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, dawn l-azzjonijiet jappoġġaw:

— l-avvanzar tal-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u prattiki tajbin fil-qasam tal-ażil inkluż ir-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni,

— l-istabbiliment ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi, ibbażati fuq sħubijiet transnazzjonali bejn korpi li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew iktar imfasslin sabiex jistimulaw l-innovazzjoni, u sabiex iħaffu l-iskambji tal-esperjenza u l-prattika tajba,

— studji fuq forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil u l-liġi relevanti tal-Unjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattiki u fuq l-aspetti kollha l-oħrajn tal-ażil, inkluża l-komunikazzjoni kooperattiva fuq il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod, metodi u indikaturi statistiċi komuni għall-kejl tal-iżviluppi tal-politiki fil-qasam tal-ażil,

— is-sostenn tal-appoġġ preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar l-ażil,

— il-kooperazzjoni ma' pajjiżi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, sħubijiet għall-mobilità u programmi ta' protezzjoni reġjonali.

L-approprjazzjoni tkopri wkoll ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2011) 751 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2)(a) u (d) tiegħu.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752 final).

18 03 01 02 Sostenn għal migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effikaċi tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji ġusti u effikaċi tar-ritorn

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 233 300 864 | 27 670 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-programmi nazzjonali implimentati mill-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti miż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni.

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

***18 03 01*** *(ikompli)*

18 03 01 02 *(ikompli)*

B'mod partikolari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għas-sostenn tal-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u tippromwovi l-integrazzjoni effettiva ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi, inkluż dawk li jfittxu l-ażil u benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u, biex ittejjeb l-istrateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi fl-Istati Membri b'enfasi fuq is-sostenibbiltà tar-ritorn u r-riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini.

Fir-rigward tal-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiż terz u l-migrazzjoni legali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri miżuri dwar l-immigrazzjoni u ta' qabel it-tluq, miżuri ta' integrazzjoni fil-livell lokali u reġjonali, il-miżuri ta' bini tal-kapaċità tal-Istati Membri.

Fir-rigward ta' strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri miżuri li jakkumpanjaw il-proċeduri ta' ritorn, miżuri ta' ritorn, miżuri ta' kooperazzjoni prattika u bini tal-kapaċità tal-Istati Membri.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, dawn l-azzjonijiet jappoġġaw:

— l-avvanzar tal-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u prattiki tajbin fil-qasam tal-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi, u r-ritorn,

— it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi, ibbażati fuq sħubijiet transnazzjonali bejn korpi li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew iktar imfasslin sabiex jistimulaw l-innovazzjoni, u sabiex iħaffu l-iskambji tal-esperjenza u l-prattika tajba,

— studji fuq forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-integrazzjoni u r-ritorn u l-liġi relevanti tal-Unjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattiki u fuq l-aspetti kollha l-oħrajn tal-integrazzjoni u r-ritorn, inkluża l-komunikazzjoni kooperattiva fuq il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod, metodi u indikaturi statistiċi komuni għall-kejl tal-iżviluppi tal-politiki fil-qasam tal-integrazzjoni u r-ritorn,

— is-sostenn tal-appoġġ preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar l-immigrazzjoni,

— il-kooperazzjoni ma' pajjiżi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, sħubijiet għall-mobilità u programmi ta' protezzjoni reġjonali.

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għall-attivitajiet tiegħu u l-iżvilupp tiegħu fil-ġejjieni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2011) 751 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2)(b) u (c) tiegħu.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi (COM(2011) 752).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

### *18 03 02 Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 14 518 000 | 14 518 000 | 12 000 000 | 10 500 000 | 10 000 000,— | 8 851 410,92 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 18 03 14 01 u 18 03 14 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Uffiċċju (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Uffiċċju għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Uffiċċju tinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 14 656 000. Ammont ta' EUR 138 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 14 518 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

### *18 03 03 Databażi Ewropea tal-marki tas-swaba' (Eurodac)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 100 000 | 90 000 | p.m. | p.m. | 532 441,70 | 421 021,75 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 18 03 11*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-istabbiliment u l-operat tal-unità ċentrali tas-sistema Eurodac.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

***18 03 03*** *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

***18 03 51*** ***Tlestija tal-operazzjonijiet u programmi fil-qasam tar-ritorn, refuġjati u flussi migratorji***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 96 056 390 | 493 730 000 | 317 548 010 | 449 066 967,64 | 243 746 516,18 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 18 02 09, 18 03 03, 18 03 04, 18 03 05, 18 03 07 u 18 03 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalita ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/463/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li tadotta programm ta' azzjoni għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-oqsma tal-fruntieri esterni, viżi, refuġju u immigrazzjoni (ARGO) (ĠU L 161, 19.6.2002, p. 11).

Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45).

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali ta' solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi n-Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7).

Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Id-Deċiżjoni 458/2010/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom (ĠU L 129, 28.5.2010, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI*

**KAPITOLU 18 03 — AŻIL U MIGRAZZJONI** *(ikompli)*

***18 03 51*** *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123).

Id-Deċiżjoni tal-Kummisssjoni 2007/815/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU 326, 12.12.2007, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/837/KE tat-30 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU 330, 15.12.2007, p 48).

| 19 03 01 06 | Miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu | 4 | 7 000 000 | 2 625 000 | 8 332 000 | 4 942 096 | 582 731,— | 190 999,42 | 7,28 |
| 19 03 01 07 | Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea | 4 | 25 000 000 | 15 750 000 | 20 000 000 | 15 814 706 | 27 897 500,— | 18 956 108,15 | 120,36 |
| | *Artikolu 19 03 01 — Sub-total* | | 296 119 000 | 220 975 000 | 376 332 000 | 298 502 575 | 318 489 325,— | 253 087 067,91 | 114,53 |
| **19 03 02** | ***Sostenn għan-nonproliferazzjoni u diżarmament*** | 4 | 18 000 000 | 13 500 000 | 19 500 000 | 17 791 544 | 17 197 028,— | 12 378 474,— | 91,69 |
| | **Kapitolu 19 03 — Total** | | **314 119 000** | **234 475 000** | **395 832 000** | **316 294 119** | **335 686 353,—** | **265 465 541,91** | **113,22** |

*Kummenti*

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun involut mill-qrib fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-laqgħat konġunti ta' konsultazzjoni previsti fil-punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1), li għandhom jiġu intensifikati ulterjorment fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabilità politika (ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1), iridu jinstawraw djalogu kontinwu bejn ir-Rappreżentant Għoli u l-Parlament Ewropew dwar l-għażliet prinċipali u l-aspetti tal-PESK tal-Unjoni, inklużi konsultazzjonijiet qabel l-adozzjoni ta' mandati u strateġiji. Sabiex tiżdied il-koerenza interistituzzjonali tal-PESK u tiġi pprovduta konsulenza aġġornata mill-esperti lill-istituzzjonijiet kollha bħala mezz biex tiġi żviluppata PESK iktar koerenti u effettiva, se tiġi pprovduta riċerka mill-esperti b'rabta mal-politiki, meta jkun xieraq, mill-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà u oħrajn.

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

**19 03 01** ***Sostenn għall-preservazzjoni tal-istabilità permezz ta' missjonijiet ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea***

*Kummenti*

Il-miżuri u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kriżi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fil-qasam tal-monitoraġġ u l-verifikazzjoni ta' proċessi ta' paċi, riżoluzzjoni ta' kunflitti u attivitajiet oħra ta' stabilizzazzjoni, l-Istat tad-dritt u l-missjonijiet tal-pulizija jaqgħu taħt dan l-Artikolu. Jistgħu jiġu stabbiliti operazzjonijiet għall-monitoraġġ ta' punti tal-qsim tal-fruntieri, ftehimiet ta' paċi jew ta' waqfien mill-ġlied jew, b'mod aktar ġenerali, żviluppi politiċi u ta' sigurtà. Bħal fil-każ tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dan il-kapitolu tal-baġit, il-miżuri rilevanti għandhom ikunu ta' natura ċivili.

19 03 01 01 Missjoni ta' monitoraġġ fil-Ġeorġja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 23 000 000 | 15 000 000 | 23 000 000 | 22 733 640 | 20 900 000,— | 21 742 203,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tiffinanzja l-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, f'konformità mal-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

19 03 01 02 EULEX Kosovo

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 100 000 000 | 72 750 000 | 140 000 000 | 108 726 103 | 111 000 000,— | 82 130 703,— |

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Missjoni ta' Stat tad-Dritt fil-Kosovo, skont il-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 01*** *(ikompli)*

19 03 01 02 *(ikompli)*

*Bażi legali*

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

19 03 01 03 EUPOL Afghanistan

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 40 500 000 | 30 000 000 | 61 000 000 | 57 328 309 | 56 870 000,— | 52 209 004,— |

*Kummenti*

Din l-appropprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan, skont il-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/279/CFSP tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) (ĠU L 123, 19.5.2010, p. 4).

19 03 01 04 Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' mmaniġġar tal-kriżi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 65 619 000 | 75 750 000 | 90 000 000 | 64 247 243 | 101 239 094,— | 77 858 049,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri u operazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tal-kriżi barra EULEX KOSOVO, EUMM Georgia u EUPOL AFGHANISTAN. Hija maħsuba wkoll biex tipprovdi għat-tmexxija tas-Segretarjat tal-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża u tas-sistema avvanzata tagħha tal-għarfien tad-distanza bbażata fuq l-Internet, kif ukoll għall-kostijiet tal-maħżen f'missjonijiet ċivili tal-PESK.

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 01*** *(ikompli)*

19 03 01 04 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx it-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jiġi kkumplimentat bil-kontribuzzjonijiet tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE.

*Bażi legali*

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri fil-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX-IRAQ (ĠU L 149, 15.6.2010, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/565/PESK tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar--riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 59)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/576/PESK tat-23 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) (ĠU L 254, 29.9.2010, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/784/PESK tas-17 ta' Diċembru 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/781/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja-Ħerzegovina, (BiH) (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 51).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/312/PESK tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fis-Sudan ta' Isfel (EUAVSEC-South Sudan) (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).

19 03 01 05 Miżuri ta' emerġenza

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 35 000 000 | 9 100 000 | 34 000 000 | 24 710 478 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 03 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' kwalunkwe miżuri mhux previsti taħt l-Artikolu 19 03 01 deċiżi matul is-sena finanzjarja, li jridu jiġu implimentati b'mod urġenti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 01*** *(ikompli)*

19 03 01 05 *(ikompli)*

Dan l-Artikolu huwa maħsub ukoll bħala element ta' flessibbiltà fil-baġit tal-PESK, kif deskritt fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

19 03 01 06 Miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 7 000 000 | 2 625 000 | 8 332 000 | 4 942 096 | 582 731,— | 190 999,42 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 03 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri preparatorji biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK u l-adozzjoni tal-istrumenti ġuridiċi neċessarji. Tista' tkopri miżuri ta' analiżi u evalwazzjoni (evalwazzjoni *ex ante* ta' mezzi, studji speċifiċi, organizzazzjoni ta' laqgħat, ġbir tal-fatti fuq il-post). Fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżi u għar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSRs), b'mod partikolari, il-miżuri preparatorji jistgħu, *inter alia*, iservu għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti operazzjonali għal azzjoni prevista, il-provdiment ta' skjerament inizjali rapidu ta' persunal u riżorsi (eż. spejjeż tal-missjoni, xiri ta' apparat, prefinanzjament tat-tmexxija u kostijiet tal-assigurazzjoni fil-fażi tal-bidu), jew għat-teħid tal-miżuri neċessarji konkreti bi tħejjija għat-tnedija tal-operazzjoni. Tista' tkopri wkoll esperti li jappoġġaw l-operazzjonijiet tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżi fuq kwistjonijiet tekniċi speċifiċi (eż. l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' ħtiġijiet ta' akkwist jew it-taħriġ ta' sigurtà għall-persunal li jkun se jintbagħat fuq missjoni tal-PESK jew li jkun se jingħaqad fi skwadra tal-EUSR.

Hija tkopri wkoll miżuri ta' aġġornament u verifiki tal-miżuri tal-Politika Estera Komuni u ta' Sigurtà u l-finanzjament ta' kull nefqa għar-regolarizzazzjoni ta' miżuri magħluqa qabel.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-miżuri li jaqgħu taħt il-partiti 19 03 01 01, 19 03 01 02, 19 03 01 03, 19 03 01 04 u 19 03 01 07.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 01*** *(ikompli)*

19 03 01 06 *(ikompli)*

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

19 03 01 07 Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 25 000 000 | 15 750 000 | 20 000 000 | 15 814 706 | 27 897 500,— | 18 956 108,15 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 03 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-ħatra tar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSRs) skont l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE għandhom jinħatru bir-rispett dovut għall-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar l-integrazzjoni tal-ġeneri u l-ħatra ta' nisa bħala Rappreżentanti Speċjali tal-UE għalhekk għandha tiġi promossa.

L-approprjazzjoni tkopri n-nefqa fuq is-salarji tal-EUSRs u fuq l-istabbiliment tal-iskwadri u/jew l-istrutturi ta' sostenn tagħhom, inklużi kostijiet tal-persunal barra dawk marbuta ma' persunal sekondat minn Stati Membri jew istituzzjonijiet tal-Unjoni. Tkopri wkoll il-kostijiet ta' kwalunkwe proġetti implimentati taħt ir-responsabbiltà diretta ta' EUSR.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/133/PESK tat-18 ta' Marzu 2013 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel (ĠU L 75, 19.3.2013, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/306/PESK tal-24 ta' Ġunju 2013 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali (ĠU L 172, 25.6.2013, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/307/PESK tal-24 ta' Ġunju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran (ĠU L 172, 25.6.2013, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/350/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/351/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/426/PESK li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/352/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/440/PESK li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 8).

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 01*** *(ikompli)*

19 03 01 07 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/353/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/366/PESK tad-9 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L 189, 10.7.2013, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/383/PESK tal-15 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana (ĠU L 193, 16.7.2013, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/384/PESK tal-15 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/325/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel (ĠU L 193, 16.7.2013, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/393/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/382/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 47).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/527/PESK tal-24 ta' Ottubru 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 284, 26.10.2013, p. 23).

***19 03 02*** ***Sostenn għan-nonproliferazzjoni u diżarmament***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 18 000 000 | 13 500 000 | 19 500 000 | 17 791 544 | 17 197 028,— | 12 378 474,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tiffinanzja miżuri li jikkontribwixxu għan-nonproliferazzjoni ta' armi tal-qerda massiva (nukleari, kimiċi, u bijoloġiċi), primarjament fil-qafas tal-istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ta' Diċembru 2003. Dan jinkludi appoġġ għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja miżuri li jikkontribwixxu għan-nonproliferazzjoni ta' armi konvenzjonali u operazzjonijiet li johduha kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar destabilizzanti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir. Dan jinkludi sostenn għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/833/PESK tat-2 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ECOWAS fil-qafas tal-Moratorju fuq l-armamenti ħfief u ta' kalibru żgħir (ĠU L 359, 4.12.2004, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/852/PESK tad-29 ta' Novembru 2005 għad-distruzzjoni ta' armi żgħar (SALW) u tal-munizzjon tagħhom fl-Ukrajna (ĠU L 315, 30.11.2005, p. 27).

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 02*** *(ikompli)*

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/753/PESK tad-19 ta' Novembru 2007 dwar appoġġ għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-AIEA fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 304, 22.11.2007, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EU kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 219, 20.8.2010, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/430/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti għan-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 202, 4.8.2010, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 259, 1.10.2010, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/765/PESK tat-2 ta' Diċembru 2010 dwar l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) bl-ajru (ĠU L 327, 11.12.2010, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/428/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm biex jiġi implimentat il-Programm ta' Azzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu f'Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/121/PESK tas-27 ta' Frar 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali (ĠU L 54, 28.2.2012, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 87, 24.3.2012, p. 49).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/281/PESK tad-29 ta' Mejju 2012 fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-proposta tal-Unjoni għal Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-atmosferiku (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/421/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 61).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/422/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 li tappoġġa proċess li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi kollha l-oħra ta' distruzzjoni massiva fil-Lvant Nofsani (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 67).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/423/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għan-nonproliferazzoni ta' missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 74).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/662/PESK tal-25 ta' Ottubru 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) (ĠU L 297, 26.10.2012, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/700/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014, adottat mill-Istati Parti għall-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni Tagħhom (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 40).

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)** *(ikompli)*

***19 03 02*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/711/PESK tad-19 ta' Novembru 2012 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Unjoni sabiex issir promozzjoni, fost pajjiżi terzi, tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi u tal-prinċipji u l-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK (ĠU L 321, 20.11.2012, p. 62).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/43/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 dwar il-kontinwazzjoni ta' attivitajiet tal-Unjoni f'appoġġ għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 20, 23.1.2013, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/320/PESK tal- 24 ta' Ġunju 2013 b'appoġġ għas-sigurtà fiżika u l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-ħażniet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Libja u r-reġjun tagħha (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtá tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/517/PESK tal-21 ta' Ottubru 2013 dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/668/PESK tat-18 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 310, 20.11.2013, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/698/PESK tal-25 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għal mekkaniżmu ta' globali rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċtiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom (ĠU L 332, 11.12.2013, p. 19).

**KAPITOLU 19 04 — MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 19 04 | MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS) | | | | | | | | |
| **19 04 01** | ***Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, partikolarment permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali*** | 4 | 40 370 869 | 8 525 916 | | | | | — |
| **19 04 51** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (qabel l-2014)*** | 4 | p.m. | 13 600 000 | 37 921 000 | 29 652 574 | 37 848 459,42 | 25 910 843,98 | 190,52 |
| | **Kapitolu 19 04 — Total** | | **40 370 869** | **22 125 916** | **37 921 000** | **29 652 574** | **37 848 459,42** | **25 910 843,98** | **117,11** |

### 19 04 01 *Titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali, partikolarment permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 40 370 869 | 8 525 916 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni tkopri sostenn finanzjarju għall-ħolqien ta' fiduċja fi proċessi elettorali demokratiċi u għat-titjib tal-affidabilità u t-trasparenza tagħhom permezz tal-varar ta' Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u s-sostenn għall-kapaċità ta' osservazzjoni fil-livell reġjonali u nazzjonali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (COM(2011) 844 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(d) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 04 — MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS)** *(ikompli)*

### 19 04 51 *Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (qabel l-2014)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 13 600 000 | 37 921 000 | 29 652 574 | 37 848 459,42 | 25 910 843,98 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 19 04 03 u 19 04 05 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (OJ L 405, 30.12.2006, p. 41).

**KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 19 05 | KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI) | | | | | | | | |
| **19 05 01** | ***Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avvanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproki*** | 4 | 106 108 730 | 3 764 708 | | | | | — |
| **19 05 20** | ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni għall-Istrument ta' Sħubija*** | 4 | 8 242 776 | 524 166 | | | | | — |
| **19 05 51** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati (mill-2007 sal-2013)*** | 4 | p.m. | 12 974 789 | 23 400 000 | 18 285 754 | 28 033 940,47 | 19 021 432,95 | 146,60 |
| **19 05 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 19 05 77 01 | Proġett pilota — Metodi transatlantiċi għal ġestjoni tal-isfidi globali | 4 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 441 541,70 | — |
| 19 05 77 02 | Azzjonijiet ta' tħejjija — Kooperazzjoni mad-Dimensjoni Transatlantika tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar | 4 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 19 05 77 — Sub-total* | | 1 000 000 | 500 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 441 541,70 | 88,31 |
| | **Kapitolu 19 05 — Total** | | **115 351 506** | **17 763 663** | **23 400 000** | **18 285 754** | **28 033 940,47** | **19 462 974,65** | **109,57** |

### 19 05 01 *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avvanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-interessi reċiproki*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 106 108 730 | 3 764 708 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-avvanz u l-promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni u interessi reċiproki fl-ambitu tal-Istrument ta' Sħubija, b'mod parikolari ma' pajjiżi żviluppati jew li qegħdin jiżviluppaw li qed ikollhom rwol dejjem aktar prominenti fl-affarijiet dinjija, inklużi l-politka barranija, l-ekonomija u l-kummerċ, fora multilaterali, governanza globali u fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali jew fejn l-Unjoni għandha interessi sinifikanti. Din il-kooperazzjoni tinkludi miżuri li jappoġġaw ir-relazzjonijiet bilaterali, reġjonali u multilaterali tal-Unjoni fl-indirizzar ta' sfidi ta' tħassib globali, l-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-istrateġija "Ewropa 2020", opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment u attivitajiet ta' diplomazija pubblika u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)** *(ikompli)*

***19 05 01*** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (COM(2011) 843 finali), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

**19 05 20** ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni għall-Istrument ta' Sħubija***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 8 242 776 | 524 166 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta fl-ambitu ta' dan l-istrument estern sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja għall-implimentazzjoni tal-programm "Erasmus għal Kulħadd".

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (COM(2011) 843 finali).

**19 05 51** ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati (mill-2007 sal-2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 12 974 789 | 23 400 000 | 18 285 754 | 28 033 940,47 | 19 021 432,95 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 05 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

**KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)** *(ikompli)*

***19 05 51*** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2004) 629 finali tad-29 ta' Settembru 2004 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għall-kooperazzjoni ekonomika (DCECI).

***19 05 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

19 05 77 01 Proġett pilota — Metodi transatlantiċi għal ġestjoni tal-isfidi globali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 441 541,70 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 05 03*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet UE-US fil-qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Transatlantika (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 226) u dwar relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi UE-US (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235).

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 05 — KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)** *(ikompli)*

***19 05 77*** *(ikompli)*

19 05 77 02 Azzjonijiet ta' tħejjija — Kooperazzjoni mad-Dimensjoni Transatlantika tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-proġett pilota għandu l-għan li jżid fid-djalogu u l-kooperazzjoni transatlantiċi usa' bl-involviment ta' pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana u n-Nofsinhar sabiex jiġu indirizzati sfidi globali komuni. L-għan hu li tingħata attenzjoni lill-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' objettivi komuni fuq terminu ta' żmien qasir u twil fl-oqsma bħall-kooperazzjoni ekonomika, il-governanza globali, il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u l-enerġija. Din l-azzjoni preparatorja għandha sservi biex issaħħaħ djalogu trijangolari, jew saħansitra djalogu Atlantiku estiż, kif ukoll biex tippromwovi l-idea ta' Komunità Atlantika usa'.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 19 06 — SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 19 06 | SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI | | | | | | | | |
| **19 06 01** | ***Sensibilizzazzjoni informattiva dwar relazzjonijiet esterni tal-Unjoni*** | 4 | 12 000 000 | 12 786 124 | 12 300 000 | 11 861 029 | 11 842 005,13 | 11 163 393,09 | 87,31 |
| | **Kapitolu 19 06 — Total** | | **12 000 000** | **12 786 124** | **12 300 000** | **11 861 029** | **11 842 005,13** | **11 163 393,09** | **87,31** |

### 19 06 01 *Sensibilizzazzjoni informattiva dwar relazzjonijiet esterni tal-Unjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 12 000 000 | 12 786 124 | 12 300 000 | 11 861 029 | 11 842 005,13 | 11 163 393,09 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 11 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq sensibilizzazzjoni informattiva proattiva dwar relazzjonijiet esterni tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' informazzjoni li għandhom jitwettqu taħt dan l-artikolu jaqgħu f'żewġ kategoriji wesgħin: attivitajiet orizzontali u sostenn loġistiku mill-kwartieri ġenerali, u attivitajiet imwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u vis-à-vis organizzazzjonijiet internazzjonali.

*Miżuri magħmula mis-sede:*

— Il-programm tal-viżitaturi tal-Unjoni Ewropea (EUVP), li jsir b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jipprovdi lil madwar 170 parteċipant fis-sena, magħżulin mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-opportunità li jkollhom kuntatt mal-Unjoni billi jżuru l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bħala parti minn programm individwali imfassal apposta għal żjarat ibbażati fuq tema,

— Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-publikazzjonijiet dwar temi ta' prijorità bħala parti mill-programm annwali,

— il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv,

— iżvilupp tal-informazzjoni akkwistata permezz ta' midja elettronika (l-Internet u sistemi ta' messaġġi elettroniċi),

— l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' ġurnalisti,

— is-sostenn għall-attivitajiet ta' informazzjoni ta' dawk li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u li huma konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni,

Il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja xandiriet tal-aħbarijiet bil-Farsi.

*Miżuri deċentralizzati mwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u vis-à-vis organizzazzjonijiet internazzjonali.*

Skont il-miri tal-komunikazzjoni stabbiliti għal kull reġjun u għal kull pajjiż, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jipproponu pjan ta' komunikazzjoni annwali li, ladarba jiġi approvat mill-kwartieri ġenerali, ikun assenjat allokazzjoni tal-baġit li tkopri dawn l-attivitajiet:

— websajts,

— relazzjonijiet mal-midja (konferenzi stampa, seminars, programmi tar-radju, eċċ.),

— prodotti tal-informazzjoni (pubblikazzjonijiet oħra, materjal grafiku, eċċ.),

— organizzazzjoni ta' avvenimenti, inklużi attivitajiet kulturali,

— ittri aħbar,

— kampanja ta' informazzjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA*

**KAPITOLU 19 06 — SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI** *(ikompli)*

***19 06 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAS-"SERVIZZ TAL-ISTRUMENTI TAL-POLITIKA BARRANIJA"

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA GĦAS-SERVIZZ TAL-ISTRUMENTI TAL-POLITIKA BARRANIJA

*TITOLU 20*

**KUMMERĊ**

# TITOLU 20

# KUMMERĊ

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 20 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ" | 105 614 855 | 105 614 855 | 93 543 453 | 93 543 453 | 92 838 638,63 | 92 838 638,63 |
| 20 02 | POLITIKA TAL-KUMMERĊ | 15 493 000 | 9 788 874 | 13 930 000 | 10 633 879 | 11 171 287,61 | 11 947 920,92 |
| | **Titolu 20 — Total** | **121 107 855** | **115 403 729** | **107 473 453** | **104 177 332** | **104 009 926,24** | **104 786 559,55** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

# TITOLU 20

# KUMMERĊ

## KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ" | | | | | |
| **20 01 01** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Kummerċ"*** | | | | | |
| 20 01 01 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ | 5.2 | 47 563 334 | 48 232 346 | 47 305 039,23 | 99,46 |
| 20 01 01 02 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 21 719 988 | 13 867 302 | 13 233 309,92 | 60,93 |
| | *Artikolu 20 01 01 — Sub-total* | | 69 283 322 | 62 099 648 | 60 538 349,15 | 87,38 |
| **20 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kummerċ"*** | | | | | |
| 20 01 02 01 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ | 5.2 | 3 056 479 | 3 236 031 | 3 244 950,47 | 106,17 |
| 20 01 02 02 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 7 744 350 | 6 459 410 | 6 500 098,— | 83,93 |
| 20 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ | 5.2 | 4 274 217 | 4 388 200 | 4 398 571,86 | 102,91 |
| 20 01 02 12 | Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 1 864 021 | 1 541 546 | 1 634 953,— | 87,71 |
| | *Artikolu 20 01 02 — Sub-total* | | 16 939 067 | 15 625 187 | 15 778 573,33 | 93,15 |
| **20 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kummerċ"*** | | | | | |
| 20 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ | 5.2 | 3 078 721 | 3 052 323 | 3 469 865,15 | 112,70 |
| 20 01 03 02 | Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 16 313 745 | 12 766 295 | 13 051 851,— | 80,01 |
| | *Artikolu 20 01 03 — Sub-total* | | 19 392 466 | 15 818 618 | 16 521 716,15 | 85,20 |
| | **Kapitolu 20 01 — Total** | | **105 614 855** | **93 543 453** | **92 838 638,63** | **87,90** |

**KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"** *(ikompli)*

**20 01 01** ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Kummerċ"***

20 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 47 563 334 | 48 232 346 | 47 305 039,23 |

20 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 21 719 988 | 13 867 302 | 13 233 309,92 |

**20 01 02** ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kummerċ"***

20 01 02 01 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 056 479 | 3 236 031 | 3 244 950,47 |

20 01 02 02 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 744 350 | 6 459 410 | 6 500 098,— |

20 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 274 217 | 4 388 200 | 4 398 571,86 |

20 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 864 021 | 1 541 546 | 1 634 953,— |

KUMMISSJONI

*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

**KAPITOLU 20 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KUMMERĊ"** *(ikompli)*

***20 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kummerċ"***

20 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 078 721 | 3 052 323 | 3 469 865,15 |

20 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 16 313 745 | 12 766 295 | 13 051 851,— |

KUMMISSJONI

*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 20 02 | POLITIKA TAL-KUMMERĊ | | | | | | | | |
| ***20 02 01*** | ***Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi*** | 4 | 10 993 000 | 6 769 437 | 9 430 000 | 7 348 934 | 7 366 302,12 | 7 640 468,09 | 112,87 |
| ***20 02 03*** | ***Għajnuna għall-kummerċ — Inizjattivi multilaterali*** | 4 | 4 500 000 | 3 019 437 | 4 500 000 | 3 284 945 | 3 804 985,49 | 4 307 452,83 | 142,66 |
| | **Kapitolu 20 02 — Total** | | **15 493 000** | **9 788 874** | **13 930 000** | **10 633 879** | **11 171 287,61** | **11 947 920,92** | **122,06** |

### 20 02 01 *Relazzjonijiet kummerċjali esterni, inkluż l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 10 993 000 | 6 769 437 | 9 430 000 | 7 348 934 | 7 366 302,12 | 7 640 468,09 |

*Kummenti*

Ex *Partita 20 01 04 01 u l-ex Artikolu 20 02 01*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

*Attivitajiet li jappoġġjaw il-ġestjoni ta' negozjati multilaterali u bilaterali li għadhom għaddejjin u dawk ġodda*

L-azzjonijiet għandhom l-iskop li jsaħħu l-pożizzjoni tan-negozjar tal-Unjoni fin-negozjati kummerċjali bilaterali li jkunu għadhom għaddejjin (fil-kuntest tal-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha) kif ukoll fin-negozjati kummerċjali li għadhom għaddejjin u dawk ġodda bilaterali u reġjonali, biex jiżguraw li l-ħolqien tal-politika tal-Unjoni jkun ibbażat fuq informazzjoni esperta komprensiva u aġġornata u biex jibnu koalizzjonijiet għall-konklużjoni tajba tagħhom, inklużi:

— laqgħat, konferenzi u seminars marbuta mat-tħejjija tal-politika u l-pożizzjonijiet tan-negozjar u mal-ġestjoni ta' negozjati kummerċjali li għadhom għaddejjin kif ukoll negozjati kummerċjali ġodda,

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni u informazzjoni konsistenti u komprensiva, li tippromwovi l-politika kummerċjali tal-Unjoni u tkattar l-għarfien fuq id-dettal u l-oġġettivi tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha,

— attivitajiet u seminars ta' informazzjoni għal operaturi Statali u mhux Statali (inklużi operaturi tas-soċjetà ċivili u dawk tan-negozju) biex jispjegaw l-istat attwali tan-negozjati li jkunu għadhom għaddejjin u tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti.

*Studji, valutazzjonijiet u stimi tal-impatt fir-rigward tal-ftehimiet u l-politiki kummerċjali*

Azzjonijiet biex jiżguraw li l-politika kummerċjali tal-Unjoni jkollha pedament mibni fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni *ex-ante* u *ex-post* u teħodhom inkunsiderazzjoni kif suppost, inklużi:

— stimi tal-Impatt imwettqa bil-ħsieb ta' proposti leġiżlattivi ġodda possibbli u stimi tal-impatt sostenibbli mwettqa b'appoġġ għan-negozjati li għadhom għaddejjin u mfassla biex jivvalutaw il-benefiċċji potenzjali ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' ftehimiet kummerċjali u, fejn meħtieġ, il-proposta ta' miżuri komplementari biex jiġġieldu kontra kwalunkwe effett negattiv għal pajjiżi jew setturi speċifiċi,

— valutazzjonijiet tal-politiki u l-prattiki tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ li għandhom jitwettqu wara l-pjan ta' valutazzjoni pluriennali tiegħu,

— studji espert, legali u ekonomiċi relatati ma' negozjati li jinsabu għaddejjin u ftehimiet eżistenti, l-iżviluppi tal-politika u disputi kummerċjali.

KUMMISSJONI
*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** *(ikompli)*

***20 02 01*** *(ikompli)*

*Assistenza teknika relatata mal-kummerċ, taħriġ u azzjonijiet oħra għall-bini tal-kapaċitajiet diretti lejn pajjiżi terzi*

Azzjonijiet immirati għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi terzi biex jieħdu sehem f'negozjati kummerċjali internazzjonali bilaterali jew bireġjonali, biex jimplimentaw ftehimiet kummerċjali internazzjonali, u biex jieħdu sehem fis-sistema kummerċjali dinija, inklużi:

— Proġetti li jinvolvu tħarriġ u azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità immirati lejn l-iżvilupp ta' uffiċjali u operaturi tal-pajjiż, primarjament fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji,

— ħlas lura ta' spejjeż tal-parteċipanti f'fora u konferenzi mfassla biex ikabbru l-għarfien u l-kompetenza fil-kwistjonijiet tal-kummerċ f'kwistjonijiet kummerċjali fost iċ-ċittadini ta' pajjiż li qed jiżviluppaw,

— il-ġestjoni, żvilupp ulterjuri u promozzjoni tal-Helpdesk tal-Esportazzjoni biex tagħti lill-industrija ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw tagħrif dwar l-aċċess għas-swieq tal-Unjoni, tiffaċilita l-isforzi minn din l-industrija biex tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq offruti mis-sistema ta' kummerċ internazzjonali,

— programmi ta' għajnuna teknika relatati mal-kummerċ irranġati fil-forum tad-WTO (World Trade Organisation) u organizzazzjonijiet oħra multilaterali, b'mod partikolari Fondi Fiduċjarji tad-WTO, fil-qafas tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha.

*Azzjonijiet ta' aċċess għas-suq li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni tal-aċċess għas-suq*

Azzjonijiet b'appoġġ tal-istrateġija tal-Unjoni tal-aċċess għas-suq, li timmira t-tneħħija jew it-tnaqqis tal-ostakoli għall-kummerċ, filwaqt li tidentifika restrizzjonijiet tal-kummerċ f'pajjiżi terzi u, meta xieraq, tneħħi l-ostakoli għall-kummerċ. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu:

— żamma u żvilupp ulterjuri ta' database tal-aċċess għas-suq, disponibbli għall-operaturi ekonomiċi permezz tal-Internet, li telenka l-ostakoli għall-kummerċ u informazzjoni oħra li taffettwa l-esportazzjonijiet tal-Unjoni u l-esportaturi tal-Unjoni; xiri tal-informazzjoni, data u dokumentazzjoni meħtieġa għal din id-database,

— analiżi speċifika tad-diversi ostakli għall-kummerċ fis-swieq ewlenin, inkluż l-analiżi tal-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi tal-obbligi tagħhom skont ftehim internazzjonali tal-kummerċ fir-rigward tal-preparazzjoni tan-negozjati,

— konferenzi, seminars u attivitajiet oħra ta' informazzjoni (pereżempju produzzjoni u distribuzzjoni ta' studji, pakketti tal-istudju, pubblikazzjonijiet u fuljetti) biex jinformaw lin-negozji, uffiċjali tal-Istati membri u operaturi oħra dwar ostakli għall-kummerċ u strumenti tal-politika tal-kummerċ immirati biex jipproteġu l-Unjoni minn prattika kummerċjali inġusta bħalma huma dumping jew sussidji għall-esportazzjoni,

— appoġġ lill-industrija Ewropea għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet imfassla speċifikament għall-kwistjonijiet dwar aċċess għas-suq.

*Attivitajiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti u l-monitoraġġ tal-obbligi kummerċjali*

Azzjonijijiet biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti u l-infurzar ta' sistemi relatati li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-ftehimiet kif ukoll it-twettiq tal-investigazzjonijiet u ż-żjarat ta' spezzjoni biex jiżguraw li l-pajjiżi terzi qed jirrispettaw ir-regoli, inklużi:

— skambju ta' informazzjoni, taħriġ, seminars u attivitajiet tal-komunikazzjoni biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni b'użu doppju,

— attivitajiet biex jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ bl-iskop li jiddefendu l-proċeduri tal-Unjoni minn prattiċi kummerċjali inġusti minn pajjiżi terzi (strumenti tal-Antidumping, ta' kontra s-sussidju u dawk ta' salvagwrdja) li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekonomija tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-attivitajiet se jiffukaw fuq l-iżvilupp, il-manutenzjoni u s-sikurezza tas-sistemi tal-informatika li jappoġġjaw attivitajiet ta' difiża tal-kummerċ, il-produzzjoni tal-għodod tal-komunikazzjoni, ix-xiri ta' servizzi legali f'pajjiżi terzi u t-twettiq tal-istudji tal-esperti,

— attivitajiet ta' sostenn għall-grupp ta' konsulenza dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea, u ftehimiet oħrajn ta' kummerċ ħieles bħall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Kolombja u l-Peru. Dan jinkludi l-finanzjament tal-ispejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni tal-membri u l-esperti,

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** *(ikompli)*

***20 02 01*** *(ikompli)*

— attivitajiet bil-ħsieb li jippromwovu l-politika tal-Unjoni tal-kummerċ estern permezz ta' proċess ta' djalogu strutturat ma' persuni li jeżerċitaw influwenza fuq l-opinjoni pubblika fost is-soċjetà ċivili u partijiet interessati, inklużi l-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju, dwar kwistjonijiet ta' kummerċ estern,

— attivitajiet relatati mal-promozzjoni u l-komunikazzjoni dwar ftehimiet kummerċjali, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab. Dan primarjament se jiġi implimentati permezz tal-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv, elettroniku u grafiku kif ukoll ta' pubblikazzjonijiet stampati, abbonamenti f'medja dwar il-kummerċ u f'dejtabejż, it-traduzzjoni ta' materjali ta' komunikazzjoni f'lingwi mhux tal-Unjoni, azzjonijiet orjentati lejn il-medja, inklużi prodotti ġodda tal-medja,

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni b'appoġġ tal-attivitajiet operattivi fil-qasam tal-Politika tal-Kummerċ, bħal: Dejtabejż Statistiku Integrat (ISDB), sistema elettronika b'użu doppju, Dejtabejż dwar l-Aċċess tas-Suq, Helpdesk tal-Esportazzjoni, Dejtebejż dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni, SIGL u SIGL Wood, is-soċjetà ċivili, monitoraġġ tal-EPA, is-sistema ta' servizz ta' intelliġenza rapida kontra l-iffalsifikar (ACRIS).

*Assistenza legali u assistenza esperta oħra meħtieġa fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti*

Azzjonijiet biex jiżguraw li l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni effettivament jaderixxu ma' u jħarsu l-obbligi li joħorġu mid-WTO, ftehim ieħor multilaterali u bilaterali, inkluż:

— studji tal-esperti, inklużi żjarat ta' spezzjoni, kif ukoll investigazzjonijiet speċifiċi, u seminars dwar l-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi tal-obbligi tagħhom skont ftehim kummerċjali internazzjonali,

— għarfien espert legali, speċjalment dwar kwistjonijiet ta' liġi barranija, li huwa obbligatorju biex jiffaċilita d-difiża tal-Unjoni tal-pożizzjoni tagħha f'każijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim fid-WTO, studji esperti oħra meħtieġa għat-tħejjija, ġestjoni u segwitu tal-każijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim fid-WTO,

— Il-kostijiet tal-arbitraġġ, il-kompetenza legali u l-miżati li ġġarrab l-Unjoni bħala parti għat-tilwim li jinħoloq waqt l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali konklużi skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Soluzzjoni għat-tilwim bejn l-istat u l-investituri kif stabbilita minn ftehimiet internazzjonali*

Din in-nefqa biex tappoġġa:

— il-kostijiet tal-arbitraġġ, il-kompetenza legali u l-miżati li ġġarrab l-Unjoni bħala parti għat-tilwim li jinħoloq waqt l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali konklużi skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— il-pagament ta' kumpens aħħari jew soluzzjonijiet kumpensatorji mħallsin lil investitur fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

*Attivitajiet ta' sostenn għall-politika tal-kummerċ*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispiża ġenerali tat-traduzzjonijiet, attivitajiet għall-istampa, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kull spiża oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti tal-awtorità pubblika mogħtija mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc, bħall-manutenzjoni tas-sit tal-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ.

Kwalunkwe dħul fil-kuntest tal-ġestjoni mill-Unjoni tar-risponsabbilitajiet finanzjarji marbuta ma' soluzzjoni ta' disputi bejn l-Istat u l-investitur jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** *(ikompli)*

***20 02 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/552/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' attivitajiet konnessi mal-istrateġija ta' aċċes għas-suq Komunitarju (ĠU L 265, 30.9.1998, p. 31).

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***20 02 03*** ***Għajnuna għall-kummerċ — Inizjattivi multilaterali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 4 500 000 | 3 019 437 | 4 500 000 | 3 284 945 | 3 804 985,49 | 4 307 452,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament ta' programmi u inizjattivi multilaterali fil-qasam tal-għajnuna marbuta mal-kummerċ biex issaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jieħdu sehem effettiv fis-sistema ta' kummerċ multilaterali u l-arranġamenti kummerċjali reġjonali u biex itejbu l-prestazzjoni kummerċjali tagħhom.

L-inizjattivi u l-programmi multilaterali li se jkunu ffinanzjati skont din l-approprjazzjoni se jappoġġaw l-azzjonijiet li ġejjin:

*Għajnuna għall-politika kummerċjali, sehem fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali*

Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jifformulaw il-politika kummerċjali tagħhom u jsaħħu l-istituzzjonijiet involuti fil-politika kummerċjali, inklużi reviżjonijiet kummerċjali komprensivi u aġġornati biex jintegraw il-kummerċ fil-politika rispettiva tagħhom għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku.

Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jieħdu sehem effettiv fin-negozjati kummerċjali internazzjonali u li jimplimentaw ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

Riċerka li tipprovdi parir lill-persuni li jfasslu l-politika dwar kif l-aħjar jistgħu jiżguraw li l-interessi speċifiċi ta' produtturi żgħar u ħaddiema fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu riflessi fl-oqsma kollha ta' politika u jippromwovu ambjent li jippermetti l-aċċess tal-produtturi għal skemi ta' assigurazzjoni dwar sostenibbiltà relatata mal-kummerċ.

Din l-għajnuna hija mmirata primarjament lejn is-settur pubbliku.

*Żvilupp Kummerċjali*

Azzjonijiet biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista li jkollhom impatt dirett fuq il-ħila tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jisfruttaw il-potenzjal kummerċjali internazzjonali tagħhom, inkluż, b'mod partikolari, l-iżvilupp tas-settur privat.

**KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ** *(ikompli)*

***20 02 03*** *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tikkumplimenta l-programmi ġeografiċi tal-Unjoni u għandha tkopri biss inizjattivi u programmi multilaterali li joffru valur miżjud reali lill-programmi ġeografiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Qafas Integrat għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati.

Il-Kummissjoni se tipprovdi rapport bijennali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati miksuba u dwar l-eżiti ewlenin u l-effetti tal-assistenza tal-Għajnuna għall-Kummerċ. Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar ċifra totali għall-finanzi kollha tal-Għajnuna għall-Kummerċ li ġejjin mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, u ċifra totali għall-Għajnuna għall-Kummerċ mill-'assistenza relatata mal-kummerċ' kollha pprovduta.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 20 — KUMMERĊ*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ

*TITOLU 21*

# ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

# TITOLU 21

# ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 21 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI" | 385 388 840 | 385 388 840 | 401 368 357 | 401 368 357 | 475 449 292,68 | 475 449 292,68 |
| 21 02 | STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) | 2 260 039 588 | 1 638 168 193 | 2 544 242 298 | 1 862 592 152 | 2 648 068 634,19 | 1 973 047 815,39 |
| 21 03 | STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) | 2 132 480 712 | 1 388 280 950 | 2 491 284 700 | 1 430 771 867 | 2 396 620 082,88 | 1 418 036 159,37 |
| 21 04 | STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM | 132 782 020 | 87 115 739 | 128 165 000 | 109 851 930 | 128 077 133,39 | 114 569 855,62 |
| 21 05 | STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI | 82 255 223 | 47 337 395 | 74 600 000 | 47 343 278 | 68 300 000,— | 53 842 961,89 |
| 21 06 | STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI (SKSN) | 29 346 872 | 54 564 789 | 77 476 000 | 64 153 343 | 76 055 700,— | 66 476 410,— |
| 21 07 | SĦUBIJA UNJONI-GROENLANDJA | 24 569 471 | 18 924 882 | 28 717 140 | 26 353 231 | 28 442 000,— | 26 727 652,— |
| 21 08 | ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA | 36 988 018 | 22 815 000 | 36 925 000 | 25 997 562 | 35 731 660,18 | 29 471 597,62 |
| 21 09 | TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+) | — | 15 724 201 | 47 900 000 | 7 363 722 | 75 500 000,— | 2 581 219,68 |
| | **Titolu 21 — Total** | **5 083 850 744** | **3 658 319 989** | **5 830 678 495** | **3 975 795 442** | **5 932 244 503,32** | **4 160 202 964,25** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

# TITOLU 21

# ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI

## KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI" | | | | | |
| ***21 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"*** | | | | | |
| 21 01 01 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid | 5.2 | 72 544 078 | 75 375 653 | 76 082 383,36 | 104,88 |
| 21 01 01 02 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 84 843 704 | 90 137 465 | 82 340 649,18 | 97,05 |
| | *Artikolu 21 01 01 — Sub-total* | | 157 387 782 | 165 513 118 | 158 423 032,54 | 100,66 |
| ***21 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"*** | | | | | |
| 21 01 02 01 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid | 5.2 | 2 855 858 | 3 906 849 | 4 476 261,22 | 156,74 |
| 21 01 02 02 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 1 676 016 | 1 314 748 | 1 404 588,— | 83,81 |
| 21 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid | 5.2 | 5 886 585 | 6 379 288 | 6 706 991,18 | 113,94 |
| 21 01 02 12 | Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 3 763 616 | 4 277 589 | 4 316 278,— | 114,68 |
| | *Artikolu 21 01 02 — Sub-total* | | 14 182 075 | 15 878 474 | 16 904 118,40 | 119,19 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **21 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"*** | | | | | |
| 21 01 03 01 | Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid | 5.2 | 4 695 695 | 4 770 054 | 5 585 347,78 | 118,95 |
| 21 01 03 02 | Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni | 5.2 | 32 938 822 | 35 424 800 | 34 456 890,— | 104,61 |
| | *Artikolu 21 01 03 — Sub-total* | | 37 634 517 | 40 194 854 | 40 042 237,78 | 106,40 |
| **21 01 04** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Żvilupp u Kooperazzjoni"*** | | | | | |
| 21 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ) | 4 | 97 496 612 | 103 818 457 | 105 993 146,16 | 108,71 |
| 21 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV) | 4 | 59 351 299 | 56 556 454 | 55 479 627,36 | 93,48 |
| 21 01 04 03 | Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) | 4 | 10 390 810 | 10 456 000 | 10 163 199,81 | 97,81 |
| 21 01 04 04 | Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Istabilità (IfS) | 4 | 2 087 745 | 1 965 000 | 3 274 734,96 | 156,86 |
| 21 01 04 05 | Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN) | 4 | 1 200 000 | 1 400 000 | 1 276 743,— | 106,40 |
| 21 01 04 06 | Nefqa ta' sostenn għas-Sħubija UE-Groenlandja | 4 | 249 000 | 275 000 | 227 219,— | 91,25 |
| 21 01 04 07 | Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) | 4 | p.m. | p.m. | 79 600 233,67 | — |
| | *Artikolu 21 01 04 — Sub-total* | | 170 775 466 | 174 470 911 | 256 014 903,96 | 149,91 |
| **21 01 06** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 21 01 06 01 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ) | 4 | 2 296 000 | 1 544 000 | 1 332 000,— | 58,01 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 01 06 02 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV) | 4 | 3 113 000 | 3 767 000 | 2 733 000,— | 87,79 |
| | *Artikolu 21 01 06 — Sub-total* | | 5 409 000 | 5 311 000 | 4 065 000,— | 75,15 |
| | **Kapitolu 21 01 — Total** | | **385 388 840** | **401 368 357** | **475 449 292,68** | **123,37** |

### 21 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"*

21 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 72 544 078 | 75 375 653 | 76 082 383,36 |

21 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 84 843 704 | 90 137 465 | 82 340 649,18 |

### 21 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"*

21 01 02 01 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 855 858 | 3 906 849 | 4 476 261,22 |

21 01 02 02 Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 676 016 | 1 314 748 | 1 404 588,— |

21 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 5 886 585 | 6 379 288 | 6 706 991,18 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 02*** *(ikompli)*

21 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 763 616 | 4 277 589 | 4 316 278,— |

***21 01 03*** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Żvilupp u kooperazzjoni"***

21 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 695 695 | 4 770 054 | 5 585 347,78 |

21 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni — EuropeAid fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 32 938 822 | 35 424 800 | 34 456 890,— |

***21 01 04*** ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Żvilupp u Kooperazzjoni"***

21 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 97 496 612 | 103 818 457 | 105 993 146,16 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 19 01 04 01 u 21 01 04 01*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika issa magħluqin; in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 7 600 714. Din l-istima hija bbażata fuq kost ta' unità annwali proviżorju għal kull sena ta' bniedem li 93 % minnu huwa allokat għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % għall-ispejjeż addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u telekomunikazzjonijiet relatati ma' dawk il-membri,

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 04*** *(ikompli)*

21 01 04 01 *(ikompli)*

— nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (aġenti kuntrattwali, aġenti lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-fini ta' ġestjoni devoluta tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċini ta' assistenza teknika magħluqin b'mod gradwali, kif ukoll l-ispejjeż loġistiċi u infrastrutturali addizzjonali, bħall-ispejjeż ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, IT u telekomunikazzjonijiet u kiri kkaġunati direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 02.

21 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 59 351 299 | 56 556 454 | 55 479 627,36 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 02*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limtiata għal EUR 4 846 907. Din l-istima hija bbażata fuq kost ta' unità annwali proviżorju għal kull sena ta' bniedem, li 93 % minnu huwa allokat għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % għall-ispejjeż addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u telekomunikazzjonijiet relatati ma' dawk il-membri,

— nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (aġenti kuntrattwali, aġenti lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-fini ta' ġestjoni devoluta tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċini ta' assistenza teknika magħluqin b'mod gradwali, kif ukoll l-ispejjeż loġistiċi u infrastrutturali addizzjonali, bħall-ispejjeż ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, IT u telekomunikazzjonijiet u kiri kkaġunati direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv.

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 04*** *(ikompli)*

21 01 04 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 03.

21 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 390 810 | 10 456 000 | 10 163 199,81 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 07 (f'parti minnha)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) fil-kwartieri ġenerali li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika issa magħluqin. In-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limtiata għal EUR 1 613 273. Din l-istima hija bbażata fuq kost ta' unità annwali proviżorju għal kull sena ta' bniedem, li 95 % minnu huwa allokat għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % għall-ispejjeż addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u telekomunikazzjonijiet relatati ma' dawk il-membri,

— nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (aġenti kuntrattwali, aġenti lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-fini ta' ġestjoni devoluta tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċini ta' assistenza teknika magħluqin b'mod gradwali, kif ukoll l-ispejjeż loġistiċi u infrastrutturali addizzjonali, bħall-ispejjeż ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, IT u telekomunikazzjonijiet u kiri kkaġunati direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 04.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 04*** *(ikompli)*

21 01 04 04 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Istabilità (IfS)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 087 745 | 1 965 000 | 3 274 734,96 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 03 (f'parti minnha)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (aġenti kuntrattwali, aġenti lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-fini ta' ġestjoni devoluta tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċini ta' assistenza teknika magħluqin b'mod gradwali, kif ukoll l-ispejjeż loġistiċi u infrastrutturali addizzjonali, bħall-ispejjeż ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet u kiri kkaġunati direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 05.

21 01 04 05 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 200 000 | 1 400 000 | 1 276 743,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) fil-kwartieri ġenerali li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika issa magħluqin. In-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 968 300. Din l-istima hija bbażata fuq kost ta' unità annwali proviżorju għal kull sena ta' bniedem, li 93 % minnu huwa allokat għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % għall-ispejjeż addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet relatati ma' dawk il-membri tal-persunal,

— nefqa għal studju, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 04*** *(ikompli)*

21 01 04 05 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 06.

21 01 04 06 Nefqa ta' sostenn għas-Sħubija UE-Groenlandja

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 249 000 | 275 000 | 227 219,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 01 04 20*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex ikopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa għal studju, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 07.

21 01 04 07 Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 79 600 233,67 |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 01 04 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva ta' sostenn kif deċiża skont id-disa' u l-għaxar Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

Kwalunkwe dħul mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-miżuri ta' sostenn mdaħħla fl-Artikolu 6 3 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Approprjazzjonijiet addizzjonali ser ikunu disponibbli taħt il-Partita 21 01 04 07.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 04*** *(ikompli)*

21 01 04 07 *(ikompli)*

(L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 60 000 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu.

***21 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

21 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 296 000 | 1 544 000 | 1 332 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 30 (f'parti minnha)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba minħabba l-ġestjoni ta' programmi operazzjonali tar-"relazzjonijiet esterni" (Intestatura 4) taħt il-kariga tal-Aġenzija skont l-eks Kapitoli 19 06, 19 09 u 19 10, kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali għal ċerti azzjonijiet tal-programm "Erasmus+" biex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri u ta' ċerti azzjonijiet tal-programm operazzjonali skont il-Kapitolu 21 02.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lil, u l-Kooperazzjoni ekonomika ma', l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a) u l-Artikolu 2(1)(a) u (b)(i) tiegħu.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

**KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI"** *(ikompli)*

***21 01 06*** *(ikompli)*

21 01 06 02 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 113 000 | 3 767 000 | 2 733 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 01 04 30 (f'parti minnha)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż operazzjonali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba minħabba l-ġestjoni ta' programmi operazzjonali tar-"relazzjonijiet esterni" (Intestatura 4) inkarigati lill-Aġenzija skont l-eks Kapitolu 19 08, kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali għal ċerti azzjonijiet tal-programm "Erasmus+" sabiex jiġu promossi d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri u ċerti azzjonijiet tal-programmi operazzjonali (Intestatura 4) skont il-Kapitolu 21 03.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lil, u l-Kooperazzjoni ekonomika ma', l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 02 | STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) | | | | | | | | |
| **21 02 07** | ***Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija*** | | | | | | | | |
| 21 02 07 03 | Ambjent u tibdil fil-klima | 4 | 163 093 980 | 18 607 187 | | | | | — |
| 21 02 07 04 | Enerġija sostenibbli | 4 | 82 851 742 | 9 379 233 | | | | | — |
| 21 02 07 05 | L-iżvilupp tal-bniedem | 4 | 163 093 980 | 18 607 187 | | | | | — |
| 21 02 07 06 | Is-sigurtà tal-ikel u l-agrikultura sostenibbli | 4 | 197 017 527 | 23 750 638 | | | | | — |
| 21 02 07 07 | Il-migrazzjoni u l-ażil | 4 | 46 318 690 | 5 294 728 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 02 07 — Sub-total* | | 652 375 919 | 75 638 973 | | | | | — |
| **21 02 08** | ***Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom*** | | | | | | | | |
| 21 02 08 03 | Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp | 4 | 212 398 533 | 2 994 291 | | | | | — |
| 21 02 08 04 | L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp | 4 | 36 366 417 | 184 362 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 02 08 — Sub-total* | | 248 764 950 | 3 178 653 | | | | | — |
| **21 02 09** | ***Il-Lvant Nofsani*** | 4 | 51 182 356 | 3 348 633 | | | | | — |
| **21 02 10** | ***L-Asja Ċentrali*** | 4 | 71 570 570 | 3 535 685 | | | | | — |
| **21 02 11** | ***Il-programm Pan-Afrikan biex jappoġġa l-Istrateġija konġunta Afrika-Unjoni Ewropea*** | 4 | 97 577 288 | 31 380 011 | | | | | — |
| **21 02 12** | ***L-appoġġ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina*** | 4 | 259 304 272 | 7 079 077 | | | | | — |
| **21 02 13** | ***L-appoġġ għall-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel*** | 4 | 25 978 230 | 147 040 | | | | | — |
| **21 02 14** | ***Asja*** | 4 | 537 057 123 | 16 695 125 | | | | | — |
| **21 02 15** | ***Afganistan*** | 4 | 203 496 806 | 5 565 042 | | | | | — |
| **21 02 20** | ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-istrument għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp (SKŻ)*** | 4 | 93 900 074 | 3 283 687 | | | | | — |
| **21 02 30** | ***Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti*** | 4 | 332 000 | 332 000 | 326 000 | 322 225 | 325 207,— | 325 207,— | 97,95 |
| **21 02 40** | ***Ftehimiet dwar il-kommoditajiet*** | 4 | 4 800 000 | 3 565 916 | 5 155 000 | 2 624 253 | 3 590 407,25 | 3 590 407,25 | 100,69 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***21 02 51*** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)*** | | | | | | | | |
| 21 02 51 01 | Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil | 4 | — | 18 900 000 | 58 000 000 | 31 629 412 | 58 735 569,22 | 43 344 537,32 | 229,34 |
| 21 02 51 02 | Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerika Latina | 4 | — | 226 200 000 | 371 064 000 | 293 386 429 | 370 137 966,81 | 288 904 816,23 | 127,72 |
| 21 02 51 03 | Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, ***inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani*** | 4 | — | 529 564 664 | 863 990 519 | 602 853 787 | 890 711 982,32 | 589 195 303,15 | 111,26 |
| 21 02 51 04 | Sigurtà tal-ikel | 4 | — | 124 800 000 | 258 629 000 | 179 991 121 | 247 980 781,90 | 217 764 936,86 | 174,49 |
| 21 02 51 05 | Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp | 4 | — | 167 700 000 | 244 400 000 | 200 450 589 | 231 901 429,08 | 224 038 443,73 | 133,59 |
| 21 02 51 06 | Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija | 4 | — | 97 422 000 | 217 150 000 | 122 563 971 | 209 151 608,61 | 152 907 681,52 | 156,95 |
| 21 02 51 07 | Żvilupp tal-bniedem u soċjali | 4 | — | 61 308 000 | 194 045 000 | 102 952 336 | 160 729 121,— | 155 477 135,19 | 253,60 |
| 21 02 51 08 | Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku | 4 | — | 245 700 000 | 328 982 779 | 309 651 345 | 472 804 561,— | 287 600 551,23 | 117,05 |
| | *Artikolu 21 02 51 — Sub-total* | | — | 1 471 594 664 | 2 536 261 298 | 1 843 478 990 | 2 642 153 019,94 | 1 959 233 405,23 | 133,14 |
| ***21 02 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 21 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Amerika Latina | 4 | — | 375 000 | p.m. | 500 000 | 0,— | 340 734,38 | 90,86 |
| 21 02 77 02 | Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja | 4 | — | 952 768 | p.m. | 3 600 000 | 0,— | 1 666 935,80 | 174,96 |
| 21 02 77 03 | Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina | 4 | — | 815 562 | p.m. | 3 700 000 | 0,— | 2 922 417,21 | 358,33 |
| 21 02 77 04 | Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Asja | 4 | — | 515 825 | p.m. | 550 000 | 0,— | 921 246,67 | 178,60 |
| 21 02 77 05 | Azzjoni preparatorja — Unjoni Ewropea-Asja — Integrazzjoni ta' politika u prattika | 4 | — | 281 080 | p.m. | 300 000 | 0,— | 0,— | 0,— |
| 21 02 77 06 | Proġett pilota — Finanzjament għall-produzzjoni agrikola | 4 | — | 75 000 | p.m. | 514 000 | 0,— | 506 576,70 | 675,44 |

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Ħlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | |
| 21 02 77 07 | Azzjoni preparatorja — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Mira ta' Żvilupp għall-Millennju 5 | 4 | — | 375 000 | p.m. | 500 000 | 2 000 000,— | 0,— | 0,— |
| 21 02 77 08 | Azzjoni preparatorja — Maniġġar tal-ilma fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp | 4 | — | 1 200 000 | p.m. | 1 500 000 | 0,— | 1 994 360,— | 166,20 |
| 21 02 77 09 | Proġett pilota — Monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tan-nefqa fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni | 4 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 195 860,15 | — |
| 21 02 77 10 | Azzjoni preparatorja — Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika għall-benefiċċju tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp | 4 | — | 375 000 | p.m. | 1 385 000 | 0,— | 0,— | 0,— |
| 21 02 77 11 | Azzjoni preparatorja — Riċerka u żvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat | 4 | — | 300 000 | p.m. | 1 270 000 | 0,— | 1 190 665,— | 396,89 |
| 21 02 77 12 | Proġett pilota — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 4 | — | 358 452 | p.m. | 400 000 | 0,— | 160 000,— | 44,64 |
| 21 02 77 13 | Azzjoni preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta' vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 4 | 2 000 000 | 1 200 000 | 1 500 000 | 1 250 000 | 0,— | 0,— | 0,— |
| 21 02 77 14 | Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF) | 4 | — | — | p.m. | 197 684 | 0,— | 0,— | — |
| 21 02 77 15 | Proġett pilota — Investiment strateġiku fil-paċi sostenibbli u d-demokratizzazzjoni fil-Qarn tal-Afrika | 4 | 1 250 000 | 775 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 21 02 77 16 | Proġett pilota — It-tisħiħ tas-servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw | 4 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | | | — |
| 21 02 77 17 | Proġett pilot — Responsabilità Soċjali Korporattiva u l-aċċess għall-ippjanar tal-familja fuq bażi volontarja għall-ħaddiema tal-fabbriki fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw | 4 | 750 000 | 375 000 | | | | | — |
| 21 02 77 18 | Proġett pilota — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fiż-żona Cauca, fil-Kolombja | 4 | 1 500 000 | 750 000 | | | | | — |
| 21 02 77 19 | Azzjoni preparatorja — Bini ta' reżiljenza għal saħħa mtejba ta' komunitajiet nomadiċi fis-sitwazzjonijiet wara l-kriżijiet fir-reġjun tas-Sahel | 4 | 3 000 000 | 1 500 000 | | | | | — |

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Ħlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | |
| 21 02 77 20 | Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tat-tfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, Ilvant tar-RDK | 4 | 2 200 000 | 1 100 000 | | | | | — |
| 21 02 77 21 | Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħiħ tas-shubiji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jit-waqqfu intrapriżi soċjali fl-Afrika tal-Lvant | 4 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 02 77 — Sub-total* | | 13 700 000 | 12 823 687 | 2 500 000 | 16 166 684 | 2 000 000,— | 9 898 795,91 | 77,19 |
| | **Kapitolu 21 02 — Total** | | **2 260 039 588** | **1 638 168 193** | **2 544 242 298** | **1 862 592 152** | **2 648 068 634,19** | **1 973 047 815,39** | **120,44** |

*Kummenti*

L-objettiv primarju tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni huwa tnaqqis fil-faqar, kif stipulat fit-Trattat. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jipprovdi l-qafas politiku ġenerali, il-gwida u l-iffukar biex tkun diretta l-implimentazzjoni tar-Regolament SKŻ.

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitlu se jintużaw biex ikun hemm it-tnaqqis fil-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiliment u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk riflessi fl-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju u fil-qafas għall-iżvilupp internazzjonali emerġenti ta' wara l-2015. Bħala appoġġ għal dan, se tintuża partimill-approprjazzjonijiet għall-promozzjoni u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba. Fejn ikun xieraq għandhom jinstabu sinerġiji ma' strumenti esterni oħrajn tal-Unjoni mingħajr ma jintilef l-iffukar fuq l-objettivi bażiċi msemmija hawn fuq.

100 % tan-nefqa fil-programmi ġeografiċi u tal-inqas 95 % tan-nefqa fil-programmi tematiċi għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-OECD/DAC għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).

Bħala regola ġenerali, tal-inqas 20 % tal-approprjazzjonijiet għandhom jintużaw għal servizzi soċjali bażiċi.

### 21 02 07 *Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija*

*Kummenti*

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw primarjament l-ifqar pajjiżi u dawk l-anqas żviluppati u s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-aktar żvantaġġati fil-pajjiżi koperti bir-Regolament SKŻ.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tnaqqis fil-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli bħala komponent fi ħdan il-programm tematiku Beni u Sfidi Pubbliċi Globali (GPGC). L-objettiv tal-programm huwa li jappoġġa żvilupp sostenibbli inklussiv billi jiġu indirizzati l-beni u l-isfidi pubbliċi globali ewlenin b'mod flessibbli u multisettorjali. L-oqsma ewlenin ta' azzjoni jinkludu l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, l-iżvilupp tal-bniedem (inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni, is-sessi, l-ugwaljanza, l-identità, l-impjieg, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aspetti relatati mal-iżvilupp ekonomiku bħat-tkabbir, l-impjiegi, l-involviment tas-settur tal-kummerċ u dak privat), is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, l-agrikultura sostenibbli, u l-migrazzjoni u l-ażil. Dan il-programm tematiku jippermetti li jingħata rispons pront għal avvenimenti mhux previsti u kriżijiet globali li jaffettwaw l-ifqar popolazzjonijiet. Billi jiġu promossi sinerġiji mas-setturi varji, il-programm GPGC se jnaqqas il-frammentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal Unjoni u jżid il-koerenza u l-kumplimentarjetà ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 07*** *(ikompli)*

21 02 07 03 Ambjent u tibdil fil-klima

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 163 093 980 | 18 607 187 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet taġt "Is-sottotema tal-ambjent u l-bidla fil-klima", tal-programm tematiku "Oġġetti u sfidi pubbliċi globali".

Għandha tintuża b'mod partikolari biex tappoġġa l-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi, ġestjoni sostenibbli tal-art u l-ilmijiet u r-reżiljenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-fenomeni marbutin mal-bidla fil-klima bħalma hi l-okkorrenza iktar frekwenti ta' kudnizzjonijiet estremi tat-temp. Għandha tingħata attenzjoni għal kwistjonijiet relevanti tal-governanza u għandu jingħata appoġġ sabiex jintlaħqu l-miri globali rilevanti, bħal miri sostenibbli mmirati fi ħdan il-qafas ta' żvilupp wara l-2015.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex ikun hemm integrazzjoni tat-tnaqqis ta' riskju ta' diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u fuq strateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Sabiex tkun żgurata trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53 sa 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika ftehimiet dwar il-maniġment u l-implimentazzjoni ta' proġetti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, se tagħmel l-isforzi tagħha biex jikkommettu li jibagħtu l-awditi kollha interni u esterni tagħhom lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni fir-rogward tal-użu tal-fondi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Atti ta' referenza*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 07*** *(ikompli)*

21 02 07 04 Enerġija sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 82 851 742 | 9 379 233 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-"Sottotema enerġija sostenibbli" tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali".

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Hija għandha tintuża biex jitħeġġeġ l-aċċess għal servizzi tal-enerġija sostenibbli siguri, li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li jista' jaffordjahom u li jkunu bla ħsara għall-klima bħala attur ewlieni għat-tneħħija tal-faqar u tkabbir u żvilupp inklussivi b'enfasi speċjali fuq l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali u reġjonali u fuq l-iżgurar tal-aċċess għal nies foqra f'reġjuni remoti.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53-56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar l-immaniġġar u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel l-isforzi kollha biex huma jimpenjaw irwieħhom li jibagħtu il-verifiki interni u esterni tagħhom lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni rigward l-użu tal-fondi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx it-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Atti ta' referenza*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 07*** *(ikompli)*

21 02 07 05 L-iżvilupp tal-bniedem

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 163 093 980 | 18 607 187 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw taħt is-"Sottotema l-iżvilupp tal-bniedem", li tkopri s-saħħa, l-edukazzjoni, il-kwistjonijiet dwar is-sessi u aspetti oħrajn tal-iżvilupp tal-bniedem, tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". Primarjament għandha tkun ta' benefiċċju għall-ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi li tkopri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Il-komponent tas-saħħa għandha tappoġġa aċċess universali għal servizzi tas-saħħa essenzjali ta' kwalità tajba. L-oqsma ta' prijorità għandhom jinkludu s-saħħa tat-tfal u dik maternali, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-aċċess għall-ippjanar tal-familji, protezzjoni kontra l-HIV/AIDS, it-tuberkolożi, il-malarja u mard ieħor relatat mal-faqar, inkluż mard li ġie traskurat, u aċċess għall-appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-vjolenza.

L-aċċess ugwali u l-kwalità tal-edukazzjoni għandhom ikunu appoġġati, inkluż għall-migranti, in-nisa u l-bniet, b'enfasi fuq il-pajjiżi li jinsabu l-aktar 'il bogħod milli jilħqu l-miri globali.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, għandhom jiġu appoġġati programmi biex titħeġġeġ is-setgħa ekonomika u soċjali tan-nisa u l-bniet. L-indirizzar tal-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi u l-appoġġ tal-vittmi għandhom ikunu wkoll prijoritajiet. L-għajnuna biex jitneħħew il-prattiki ta' għażla bbażata fuq is-sessi għandha wkoll tkun fost l-objettivi.

L-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għal attivitajiet bħala appoġġ tat-tfal u ż-żgħażagħ; in-nondiskriminazzjoni; impjieg, ħiliet, protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali; tkabbir, impjiegi u involviment tas-settur privat u kultura.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx it-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari, il-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

*Atti ta' referenza*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 07*** *(ikompli)*

21 02 07 06 Is-sigurtà tal-ikel u l-agrikultura sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 197 017 527 | 23 750 638 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-"Sottotema is-sigurtà tal-ikel u l-agrikultura sostenibbli" tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali".

Għandha tintuża biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-erba' pilastri tas-sigurtà tal-ikel: id-disponibilità tal-ikel (produzzjoni), l-aċċess (inkluż l-art, l-infrastruttura għat-trasport tal-ikel minn żoni biż-żejjed għal dawk b'defiċit, swieq, riżervi tal-ikel domestiċi, xbieki ta' sikurezza), l-utilizzazzjoni (interventi tan-nutrizzjoni f'modi li jkunu soċjalment konxji) u l-istabilità. Billi jsir dan, tingħata prijorità lill-agrikultura fuq skala żgħira u t-trobbija tal-bhejjem, l-ipproċessar tal-ikel biex jinħoloq valur miżjud, il-governanza, l-integrazzjoni reġjonali u l-mekkaniżmi ta' għajnuna għal popolazzjonijiet vulnerabbli.

*Atti ta' referenza*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

21 02 07 07 Il-migrazzjoni u l-ażil

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 46 318 690 | 5 294 728 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' migrazzjoni, li japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, b'attenzjoni speċjali fuq il-migranti vulnerabbli u persuni li tħallew fil-postijiet ta' oriġini, u b'fokus fuq il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-migrazzjoni. Ġestjoni tajba tal-migrazzjoni tax-xogħol kif ukoll it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni relatata malkunflitti għandhom ikunu koperti.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % talkontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 07*** *(ikompli)*

21 02 07 07 *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011 — 2011/0406(COD)).

***21 02 08*** ***Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom***

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet fil-punti taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jappoġġaw inizjattivi ta' żvilupp f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn jew għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-tfassil ta' politika u biex jiġu żgurati r-responsabilità u t-trasparenza.

Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu appoġġati s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u biex jitħeġġu d-djalogu, l-ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet, inkluż fil-livell lokali u reġjonali.

21 02 08 03 Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 212 398 533 | 2 994 291 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa inizjattivi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp mwettqa minn awtoritajiet lokali li ġejjin mill-Unjoni u pajjiżi sħab fil-qasam ta' żvilupp kif ukoll biex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom fil-proċess ta' tfassil ta' politiki, biex:

— jippromwovu soċjetà inklużiva u mogħtija s-setgħa sabiex: (i) jgħinu lil popolazzjonijiet mingħajr aċċess għal servizzi u riżorsi popolari u esklużi mill-proċess ta' tfassil ta' politiki; (ii) isaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'pajjiżi sħab, bil-għan li jħaffu l-parteċipazzjoni tagħhom fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp sostenibbli; u (iii) iħaffu l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet statali u lokali u reġjonali f'kuntesti differenti, u jappoġġaw rwol imsaħħaħ għall-awtoritajiet lokali fil-proċessi ta' deċentralizzazzjoni,

— iżidu s-sensibilità fost l-Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u jimmobilizzaw appoġġ pubbliku attiv fl-Unjoni u l-pajjiżi aderenti għat-tnaqqis tal-faqar u l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli f'pajjiżi sħab u għal relazzjonijiet iktar ġusti bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk fil-fażi tal-iżvilupp, inkluża sensibilizzazzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi tal-Unjoni u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, u jsaħħu r-rwoli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal dawn il-għanijiet,

— jiksbu kooperazzjoni iktar effiċjenti, irawmu sinerġiji u jiżguraw djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u mas-soċjetà ċivili, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Dawn l-inizjattivi jistgħu jinkludu wkoll:

— l-appoġġ lil attivitajiet informattivi għal dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli kollha fuq politiki li huma tal-aktar benefiċċju għal produtturi u ħaddiema emarġinati f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp,

— l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' assoċjazzjonijiet u kooperattivi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex ikunu jistgħu jibnu kapaċitajiet istituzzjonali u produttivi sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti ta' valur miżjud u jkabbru.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 08*** *(ikompli)*

21 02 08 03 *(ikompli)*

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(b) u 2(1)(b)(ii) tiegħu.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

21 02 08 04 L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 36 366 417 | 184 362 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa inizjattivi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp mwettqa minn awtoritajiet lokali li ġejjin mill-Unjoni u pajjiżi sħab fil-qasam ta' żvilupp kif ukoll biex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom fil-proċess ta' tfassil ta' politiki, biex:

— jippromwovu soċjetà inklużiva u mogħtija s-setgħa sabiex: (i) jgħinu lil popolazzjonijiet mingħajr aċċess għal servizzi u riżorsi popolari u esklużi mill-proċess ta' tfassil ta' politiki; (ii) isaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'pajjiżi sħab, bil-għan li jħaffu l-parteċipazzjoni tagħhom fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp sostenibbli; u (iii) iħaffu l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet statali u lokali u reġjonali f'kuntesti differenti, u jappoġġaw rwol imsaħħaħ għall-awtoritajiet lokali fil-proċessi ta' deċentralizzazzjoni,

— iżidu s-sensibilità fost l-Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u jimmobilizzaw appoġġ pubbliku attiv fl-Unjoni u l-pajjiżi aderenti għat-tnaqqis tal-faqar u l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli f'pajjiżi sħab u għal relazzjonijiet iktar ġusti bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk fil-fażi tal-iżvilupp, inkluża sensibilizzazzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi tal-Unjoni u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, u jsaħħu r-rwoli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal dawn il-għanijiet,

— jiksbu kooperazzjoni iktar effiċjenti, irawmu sinerġiji u jiżguraw djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u mas-soċjetà ċivili, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 08*** *(ikompli)*

21 02 08 04 *(ikompli)*

Dawn l-inizjattivi jistgħu jinkludu wkoll:

— l-appoġġ lil attivitajiet informattivi għal dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli kollha fuq politiki li huma tal-aktar benefiċċju għal produtturi u ħaddiema emarġinati f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp,

— l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' assoċjazzjonijiet u kooperattivi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex ikunu jistgħu jibnu kapaċitajiet istituzzjonali u produttivi sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti ta' valur miżjud u jkabbru.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(b) u 2(1)(a) u (b)(i) tiegħu.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

***21 02 09*** ***Il-Lvant Nofsani***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 51 182 356 | 3 348 633 | | | | |

*Kummenti*

Irid isir enfasi fuq l-operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà ta' reliġjon, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-aċċess universali tat-tfal taż-żewġ sessi u tan-nisa kif ukoll tat-tfal b'diżabilitajiet għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, l-ambjent, u l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-foresti tropikali, il-kooperazzjoni reġjonali, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskji, inklużi l-perikli relatati mal-bidla fil-klima, u l-miżuri ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa wkoll li tkopri miżuri li jippromwovu il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddifendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'disabilità.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

**21 02 09** *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tista' tinkludi azzjonijiet relatati ma':

— id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,

— il-ġestjoni tas-settur pubbliku,

— il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,

— il-korruzzjoni u t-trasparenza,

— is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

— ir-rabta żvilupp-sigurtà,

— l-appoġġ għall-iskemi ta' mikrokreditu,

— l-azzjonijiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet biex jgħinu lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jilħqu l-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni,

— l-appoġġ lir-refuġjati u l-popolazzjoni spostata,

— ikun inkoraġġit it-trasferiment tal-kompetenza u jitkattru l-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju fuq iż-żewġ naħat,

— jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD))

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

### *21 02 10 L-Asja Ċentrali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 71 570 570 | 3 535 685 | | | | |

*Kummenti*

L-iskop ewlieni ta' din l-approprjazzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklussiv, koeżjoni soċjali, demokratizzazzjoni u t-titjib fil-ħajja tan-nies. Għandu jintefa' enfasi fuq l-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel u l-agrikultura sostenibbli, l-ilma u s-sanità, l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni u aċċess għas-sigurtà tal-enerġija sostenibbli, b'fokus kostanti fuq dawk li l-aktar ikollhom bżonn. Preparazzjoni għad-diżastri u adattament għat-tibdil fil-klima huma ta' relevanza kbira.

Il-possibilitajiet biex jistimulaw il-ħolqien tal-opportunitajiet tal-impjieg u biex iħeġġu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għandhom jirċievu attenzjoni. Jista' jingħata appoġġ għall-iżvilupp tal-SMEs bil-għan, b'mod partikolari, biex jitħeġġu d-diversifikazzjoni ekonomika u l-iżvilupp soċjali.

Meta u fejn jeżistu sforzi għar-riforma tal-governanza ta' natura sinifikanti u proċessi ta' demokratizzazzjoni ġenwini, l-għoti lilhom ta' appoġġ għandu jkun prijorità. Bl-istess mod, l-allokazzjonijiet għall-immaniġġar tal-fruntieri u l-programmi kontra d-drogi għandhom jiddependu fuq il-perspettiva għall-ilħuq ta' riżultati sinifikanti.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sottomess mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument finanzjarju għal kooperazzjoni ta' żvilupp (COM(2011) 840 final).

### *21 02 11 Il-programm Pan-Afrikan biex jappoġġa l-Istrateġija konġunta Afrika-Unjoni Ewropea*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 97 577 288 | 31 380 011 | | | | |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex ikopri t-tnaqqis u, fuq medda twila ta' żmien, l-eliminazzjoni tal-faqar, it-trawwim ta' ekonomija sostenibbli, l-iżvilupp soċjali u ambjentali, l-istat tad-dritt, governanza tajba u rispett għad-drittijiet tal-bniedem, bħala komponent tal-Programm Pan-Afrikan li qed jitwaqqaf biex tiġi implimentata l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE (JAES).

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 11*** *(ikompli)*

B'mod partikolari l-programm Pan-Afrikan għandu jintuża għall-provvista ta' appoġġ speċifiku ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' natura transreġjonali, kontinentali u transkontinentali, kif ukoll l-inizjattivi relevanti tal-JAES fix-xena dinjija. Il-Programm Pan-Afrikan se jaħdem b'kooperazzjoni ma' strumenti oħra, partikolarment l-Istrument Ewropew ta' Sħubija (ENI), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u programmi tematiċi taħt id-DCI, u se jikkonċentra fuq inizjattivi speċifiċi miftiehma fil-qafas tal-JAES u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħha li għalihom ma jkunux jistgħu jiġu mobilizzati sorsi ta' finanzjament oħra, u b'hekk jiġi żgurat li jkun hemm il-koerenza u s-sinerġija meħtieġa u li ma jkunx hemm irduppjar u finanzjament doppji.

L-istrument għandu jkun iffukat b'mod ċar fuq l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ma għandux jinkludi attivitajiet li jistgħu jiġu koperti minn strumenti oħrajn bħall-istrument tal-istabilità. Il-mira ta' dan l-istrument għandu jkun definit b'mod aktar ċar biex jevita l-irduppjar u l-użu tal-flus tas-SKŻ għal attivitajiet oħra mhux relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni. Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għall-operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak jinkiseb, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni qed jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament *in natura* mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Parti żgħira minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex timplimenta l-għodda tal-Participatory Rangeland Management (PRM) (Ġestjoni tal-Għelieqi Parteċipattiva) fi tliet żoni tal-għelieqi differenti fil-Kanja, fl-Uganda u fit-Tanżanija.

Is-sistema pastorali ta' produzzjoni tal-bhejjem tiddependi mill-mobilità, l-aċċess għall-mergħat u l-ilma, biex jiġu ġestiti kemm il-varjabilità tar-riżorsi staġjonali kif ukoll in-nixfa perjodika. Madankollu, bi tħassib dejjem jikber fil-Qarn tal-Afrika, interessi tal-art fuq skala kbira, telfa fil-bijodiversità, impatt tat-tibdil fil-klima, nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, tkabbir tal-popolazzjoni u nuqqas ta' politiki koerenti b'rabta mal-ġestjoni tal-għelieqi u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'rabta magħhomm is-sistemi ta' għajxien fl-għelieqi u l-produttività tagħhom huma pperikolati. Għaldaqstant hemm bżonn urġenti ta' twaqqif ta' approċċ komprensiv tal-ġestjoni tal-għelieqi tal-Afrika tal-Lvant.

Dan il-proġett pilota għandu jkun magħmul minn tliet stadji:

*Stadju 1: L-investigar tal-PRM u l-immappjar tar-rotot ta' traċċar tal-bhejjem* — għall-ġbir u l-immappjar ta' informazzjoni dwar id-diversi riżorsi u l-użi tagħhom li jinsabu fl-għelieqi, partijiet interessati u utenti.

*Stadju 2: L-innegozjar tal-PRM u l-iffaċilitar tal-appoġġ legali għal rotot ta' traċċar tal-bhejjem* — għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' ġestjoni tal-għelieqi u l-innegozjar magħhom, permezz ta' evalwazzjoni parteċipattiva tar-riżorsi tal-għelieqi, iż-żona ġeografika li għandhom ikunu responsabbli minnha, it-tfassil tal-pjan ta' ġestjoni tal-għelieqi, inkluż il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-ġestjoni adattiva.

*Stadju 3: L-investigazzjoni tal-PRM* — għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni tal-għelieqi u l-konformità mal-ftehim ta' ġestjoni tal-għelieqi min-naħa tal-utenti tal-għelieqi, b'appoġġ mill-uffiċċju tal-gvern adegwat li jipprovdi pariri tekniċi u appoġġ legali.

*Atti ta' referenza*

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(c) u 2(1)(a) u (b)(i) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 11*** *(ikompli)*

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

Is-Sħubija Strateġika UE-Afrika. Strateġija konġunta bejn l-Afrika u l-Unjoni, adottata fil-Laqgħa Għolja ta' Lisbona, fid-9 ta' Diċembru 2007.

***21 02 12*** ***L-appoġġ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 259 304 272 | 7 079 077 | | | | |

*Kummenti*

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt dan l-artikolu huwa primarjament il-kontribut tiegħu għas-sostenn tal-promozzjoni tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u li jisseddaq l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll li jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millenju.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iskemi ta' kooperazzjoni fil-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina, bil-ħsieb li:

— tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tal-MDGs fir-reġjun,

— tappoġġa lit-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-inizjattivi lokali biex iwettqu monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti fuq l-ekonomija nazzjonali, partikolarment ir-rispett tal-istandards tax-xogħol, ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem,

— tappoġġa l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ li jiġġieldu l-prattiki tradizzjonali dannużi bħal mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ tat-tfal,

— trawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili,

— tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali u titħeġġeġ il-koeżjoni soċjali,

— tikkontribwixxi biex jitjiebu l-istandards soċjali b'fokus fuq l-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-impjieg, u s-saħħa, u biex jitjiebu l-iskemi tal-protezzjoni soċjali,

— tħeġġeġ klima aktar favorevoli għal espansjoni ekonomika u settur iktar produttiv, tinkoraġġixxi t-trasferiment tal-għarfien, tħeġġeġ il-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju b'mod bireġjonali,

— tħeġġeġ l-iżvilupp tas-settur privat, inkluża klima tan-negozju pożittiva għall-SMEs permezz, jiġifieri, tad-drittijiet tal-proprjetà legali, billi jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ, jitjieb l-aċċess għall-kreditu, jitjiebu l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju,

— tappoġġa sforzi favur is-sigurtà tal-ikel u tiġġieled in-nutrizzjoni ħażina,

— tappoġġa integrazzjoni reġjonali, fl-Amerika Ċentrali, trawwem żvilupp reġjonali permezz ta' benefiċċji mtejba li ġejjin minn ftehim ta; assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali,

— tippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, u l-ġlieda kontra tibdil fil-klima (mitigazzjoni u adattament),

— jappoġġaw sforzi għat-titjib tal-governanza tajba u jgħinu biex jiġu konsolidati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

— jippromwovu r-riforma tal-politika, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà, u jappoġġaw azzjonijiet relatati biex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' pajjiżi u reġjuni,

— jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 12*** *(ikompli)*

Il-Kummissjoni għandha tkompli tirrapporta annwalment dwar il-benchmark, li ntuża fil-passat, għall-assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandha tiġi allokata għall-infrastruttura soċjali u s-servizzi soċjali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha titqies bħala parti mill-appoġġ ta' donazzjoni ġenerali lis-setturi soċjali u li grad ta' flessibilità għandu jkun in-norma. Barra minn hekk, skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li benchmark ta' 20 % tal-għajnuna allokata taħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mid-DCI jkun iddedikat għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' appoġġ relatat mal-proġetti, il-programmi jew il-baġit marbuta ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jiġi rikonoxxut li livell ta' flessibilità hija n-norma, bħal pereżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-Artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet li għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a) u 2(1)(a) u (b)(i) tiegħu.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

***21 02 13*** ***L-appoġġ għall-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 25 978 230 | 147 040 | | | | |

*Kummenti*

L-approprjazzjoni għall-2014 hija maħsuba biex tgħin lill-Afrika t'Isfel biex issaħħaħ is-sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tar-riċerka tagħha sabiex tkun tista' tikkontribwixxi għal prestazzjoni ekonomika mtejba tal-pajjiż.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 13*** *(ikompli)*

Is-sistema tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tar-riċerka ġiet identifikata bħala waħda mit-tliet oqsma fil-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp 2030 tal-Afrika t'Isfel żviluppata reċentament bħala importanti biex titjieb il-prestazzjoni ekonomika (bl-oqsma l-oħra li huma l-impjieg u l-bini ta' stat kapaċi) billi n-nies jiġu pprovduti bil-ħiliet neċessarji ħalli jittejbu l-prospetti kemm tal-individwi kif ukoll tal-ekonomija. L-appoġġ jista' għalhekk ikun mistenni li jikkontribwixxi biex titjieb il-prestazzjoni tas-sistema tas-settur pubbliku f'oqsma bħat-titjib tal-prestazzjoni tal-għalliema; jitjiebu l-ġestjoni u r-responsabilità tal-iskejjel; jiġi żgurat li l-innovazzjoni teżisti fil-klassijiet; titħeġġeġ l-edukazzjoni tat-tfal żgħar; jitjieb it-tagħlim tal-matematika u tax-xjenza; tiġi pprovduta għajnuna wara l-ħinijiet tal-iskola għat-tfal.

Barra minn hekk, l-objettiv ġenerali ta' dan il-programm huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp 2030 li għadu kemm ġie żviluppat fl-Afrika t'Isfel, u tal-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati li jakkumpanjah, li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-abitanti tal-Afrika t'Isfel, inkluż tnaqqis bin-nofs tal-faqar u l-qgħad, filwaqt li jkunu allinjati mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG). L-għan tal-programm huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali fil-qasam tal-ħolqien ta' impjieg deċenti permezz ta' tkabbir ekonomiku inklussiv u t-twaqqif ta' servizz pubbliku effiċjenti, effettiv u orjentat lejn l-iżvilupp, u ċittadinanza b'saħħitha, ġusta u inklussiva. Oqsma li se jkollhom impatt f'dawn iż-żewġ riżultati ewlenin huma relatati mal-opportunitajiet ta' impjieg għal forza tax-xogħol b'sengħat u kapaċi; il-ħolqien tal-impjieg biex jittejbu l-assi ambjentali u r-riżorsi naturali; u l-ħolqien ta' sistema governattiva responsabbli, effettiva u effiċjenti li se trawwem servizz pubbliku orjentat lejn l-iżvilupp.

L-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-faqar u biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, fid-dawl tal-bżonnijiet ta' komunitajiet li qabel kienu żvantaġġati u jintegraw dimensjonijiet tal-kwistjonijiet bejn is-sessi u ambjentali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-Assoċjazzjonijiet Membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak il-għan jintlaħaq, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Ix-xogħol se jkun probabilment fil-forma ta' piloti f'numru ta' distretti, li mbagħad jiġu replikati b'riżorsi tal-Gvern.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a) u 2(1)(a) u 2(1)(b)(i) u 2(1)(b)(ii) tiegħu.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD))

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

**21 02 14** ***Asja***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 537 057 123 | 16 695 125 | | | | |

*Kummenti*

L-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' skemi ta' żvilupp fil-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn jgħixu l-ifqar nies, immirati sabiex itejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Jiġu enfasizzati l-azzjonjiet li għandhom effett fuq l-organizzazzjoni ekonomika, l-iżvilupp istituzzjonali, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà ta' qima, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-interventi fl-oqsma tad-demokratizzazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-iskambju akkademiku u kulturali, l-iskambju xjentifiku u teknoloġiku, l-ambjent, il-foresti tropikali, il-kampanji ta' ġlieda kontra d-droga, il-kooperazzjoni reġjonali, il-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri u l-azzjonjiet ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, l-appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'diżabilità.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tippromwovi klima kummerċjali pożittiva għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, permezz tad-drittijiet tal-proprjetà legali, it-tnaqqis tal-burokrazija żejda u t-titjib tal-aċċess għall-kreditu kif ukoll it-titjib tal-assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

L-utilizzazzjoni ta' din l-approprjazzjoni tiddependi fuq il-ħarsien tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni. Kunsiderazzjoni xierqa għandha tingħata lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jiġu stabbiliti prijoritajiet bi qbil mal-Kunsens Ewropew għall-iżvilupp u l-Aġenda għall-bidla u mal-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għall-operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak jinkiseb, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni qed jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament *in natura* mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tinkludi azzjonijiet relatati mat-tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem. Setturi li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu:

— il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, u aċċess universali għas-saħħa u l-edukazzjoni,

— l-ambjent kummerċjali, l-integrazzjoni reġjonali u s-swieq tad-dinja,

— l-agrikultura sostenibbli, in-nutrizzjoni u l-enerġija,

— it-tibdil fil-klima u l-ambjent,

— it-tħeġġiġ tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu, xogħol deċenti u ekwità u ugwaljanza bejn is-sessi,

— l-istabbiliment ta' sħubijiet inklużivi madwar il-kummerċ, l-investiment, l-għajnuna, il-migrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ċivili, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija,

— l-appoġġ ta' soċjetà ċivili attiva u organizzata għall-iżvilupp u t-trawwim ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat,

— l-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll investimenti f'teknoloġiji nodfa, enerġiji sostenibbli, it-trasport, l-agrikultura u s-sajd sostenibbli, il-protezzjoni u t-titjib tas-servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, inklużi l-ilma, is-sanità u l-foresti, u impjiegi diċenti inkluż il-ħolqien ta' impjieg għażżgħażagħ u n-nisa fl-ekonomija ekoloġika,

— it-tħeġġiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,

— il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u r-rispons għalihom, inklużi dawk li joriġinaw fl-interfaċċa bejn annimali, bnedmin u d-diversi ambjenti tagħhom,

— appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-irkupru fit-tul wara diżastru, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u n-nutriment u l-assistenza lill-persuni spustjati,

— It-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni.

Din l-approprjazzjoni se tindirizza l-azzjonijiet relatati ma':

— id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem inklużi d-drittijiet tat-tfal u n-nisa u l-istat tad-dritt,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,

— il-ġestjoni tas-settur pubbliku,

— il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,

— il-korruzzjoni u t-trasparenza,

— is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

— il-bini u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-korpi pubbliċi leġittimi, effikaċi u responsabbli, permezz tal-promozzjoni ta' riformi istituzzjonali (fosthom dwar il-governanza tajba u kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) u riformi leġiżlattivi, amministrattivi u regolatorji bi qbil ma' standards internazzjonali, b'mod partikolari fl-istati fraġli u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt,

— il-kuntest tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-drogi u kontra forom oħra ta' traffikar, u l-appoġġ ta' ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u l-kooperazzjoni transkonfinali u t-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili.

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa primarjament il-kontribuzzjoni tagħha lejn il-ksib tal-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millenju kif ukoll il-promozzjoni tad-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jitrawmu żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u jiġu promossi l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Barra minn hekk, bi qbil ukoll mad-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li parametru ta' referenza ta' 20 % tal-għajnuna allokata tagħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mid-DCI jkun iddedikat għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' appoġġ relatat mal-proġetti, il-programmi jew il-baġit marbuta ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fuq iż-żoni ġeografiċi kollha u billi jiġi rikonoxxut li grad ta' flessibilità għandu jkun in-norma, bħal pereżempju fil-każ ta' assistenza eċċezzjonali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a) u 2(1)(b)(i) (ii) tiegħu.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 14*** *(ikompli)*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Ottubru 2011 "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011) 637 final).

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final — C7-0493/2011-2011/0406(COD)).

## 21 02 15 *Afganistan*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 203 496 806 | 5 565 042 | | | | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan. Hija supplimentata b'nefqa minn kapitoli u artikoli oħra, li għalihom japplikaw proċeduri differenti.

Il-Kummissjoni se tissorvelja l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dan il-proċess, b'mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa tal-proċess wara Bonn. Għandha żżomm l-awtorità tal-baġit infurmata dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tagħha.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġa l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż il-waqfien mill-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, u t-tħarbit u l-qerda tan-netwerks tal-oppju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Parti rilevanti minn din l-approprjazzjoni għandha tkun allokata esklużivament biex tiffinanzja l-bidu tal-pjan ta' ħames snin għat-tneħħija gradwali tal-kultivazzjoni tal-oppju billi din tinbidel bi produzzjoni alternattiva sabiex jinkiseb riżultat verifikabbli f'dan il-qasam, skont it-talbiet espressi fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar strateġija ġdida għall-Afganistan (ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 108).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċessi tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta' oriġini skont l-impenji li ħadet il-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' Tokjo f'Jannar 2002.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja tagħha favur oqsma fl-Afganistan bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinovazzjoni ta' sptarijiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal) u proġetti ta' infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks tat-toroq, bankini, eċċ) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impjiegi u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex issir integrazzjoni tas-sistemi tat-tnaqqis ta' riskju mid-diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u l-istrateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, fir-rispett dovut tar-Regolament Finanzjarju, biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Se tingħata attenzjoni partikolari wkoll għas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-azzjonijiet u u l-proġetti l-oħra kollha appoġġati minn din l-approprjazzjoni.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 15*** *(ikompli)*

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu determinati bil-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final).

***21 02 20*** ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-istrument għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp (SKŻ)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 93 900 074 | 3 283 687 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta b'dan l-istrument estern sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri għall-implimentazzjoni tal-programm "Erasmus+".

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011) 840 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 20.3 thereof.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

### 21 02 30 *Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 332 000 | 332 000 | 326 000 | 322 225 | 325 207,— | 325 207,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 07 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni għall-FAO wara l-adeżjoni tagħha, kif ukoll għat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġeneriċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura, wara r-ratifika tiegħu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO). (ĠU C 326, 16.12.1991, p. 238).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE tal-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1).

### 21 02 40 *Ftehimiet dwar il-kommoditajiet*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 4 800 000 | 3 565 916 | 5 155 000 | 2 624 253 | 3 590 407,25 | 3 590 407,25 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 07 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżati tas-sħubija annwali li l- Unjoni għandha tħallas għall-parteċipazzjoni tagħha fuq il-bażi tal-kompetenza esklużiva tagħha fil-qasam.

Attwalment din l-approprjazzjoni tkopri l-ħlas ta':

— miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kafè,

— miżata għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Kawkaw,

— miżata annwali għas-sħubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar il-Ġuta,

— miżata annwali għas-sħubija tal-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton, meta tiġi approvata.

Ftehimiet dwar prodotti tropikali oħrajn x'aktarx isiru fil-futur skont l-espedjenza politika u ġuridika.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/312/KE tal-15 ta' April 2002 dwar l-aċċettazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi t-Termini tar-Referenza tal-Grupp Internazzjonali tal-Istudju tal-Jute, 2001 (ĠU L 112, 27.4.2002, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/970/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw 2001 (ĠU L 342, 17.12.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/76/KE tal-21 ta' Jannar 2008 rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw rigward l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, 2001 (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007 (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12)

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 40*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/634/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 259, 4.10.2011, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/189/UE of 26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L 102, 12.4.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, u Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè, rinegozjat fl-2007 u l-2008, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011 għal perjodu inizjali ta' 10 snin sal-1 ta' Frar 2021, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal perjodu addizzjonali.

Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw, rinegozjat fl-2001 u finalment fl-2010, li għadu ma daħalx fis-seħħ. Rigward il-ftehim tal-2001, l-obbligu beda fl-1 ta' Ottubru 2003 għal perjodu ta' ħames snin, b'estensjonijiet addizzjonali sat-30 ta' Settembru 2012.

Il-Ftehim Internazzjonali tal-Ġuta fl-2001, li jwaqqaf Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Ġuta ġdida. Tul: tmien snin, bil-possibbilta ta' estenżjoni għal tul ta' żmien ieħor ta' mhux aktar minn erba' snin. L-estensjoni attwali ddum sa Mejju 2014.

Il-Kumitat Konsultattiv Internazzjonali dwar il-Qoton: il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (8972/04), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2008 (9986/08) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' April 2010 (8674/10).

***21 02 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)***

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina u l-kooperazzjoni ekonomika magħhom (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politka tal-għajnuna tal-ikel u t-tmexxija tal-għajnuna tal-ikel u l-ħidmiet speċjali b'appoġġ għas-sigurtà tal-ikel (ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' għajnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-AKP (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 955/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jestendi u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 dwar kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jestendi u jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/98 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62).

*Atti ta' referenza*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 51*** *(ikompli)*

Il-Proġetti pilota fis-sens tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju (ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005 bl-isem "Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp — It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju" (COM(2005) 134 final).

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-23 u l-24 ta' Mejju 2005 dwar l-Għanijiet tal-Millenju.

Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 fi Brussell.

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Lulju 2005 dwar is-summit tan-NU.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005 bl-isem "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Investiment fin-nies — Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp soċjali u uman u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013" (COM(2006) 18 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Il-Programm Tematiku 'Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp" (COM(2006) 19 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew of 25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Azzjoni Esterna — Programm Tematiku Għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorżi Naturali fosthom l-Enerġija"(COM(2006) 20 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Strateġija tematika għas-sigurtà tal-ikel — Navvanzaw l-aġenda tas-sigurtà tal-ikel biex niksbu l-MDGs" (COM(2006) 21 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006 bl-isem "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar impriżi żgħar u medji fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 171).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Awtorijajiet lokali: atturi għall-iżvilupp (COM(2008) 626 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Il-politika internazzjonali dwar il-klima adottata wara Kopenħagen: Naġixxu issa sabiex insaħħu l-azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima (COM(2010) 86 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2010 bl-isem "Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel" (COM(2010) 127 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran (2010/2050(INI)).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 51*** *(ikompli)*

21 02 51 01 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 18 900 000 | 58 000 000 | 31 629 412 | 58 735 569,22 | 43 344 537,32 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 02 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-eżilju (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awwissu 2005: "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM(2005) 324 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2006: "Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku" (COM(2006) 26 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Ottubru 2011: "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011) 637 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Novembru 2011: "L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà" (COM(2011) 743 final).

21 02 51 02 Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerika Latina

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 226 200 000 | 371 064 000 | 293 386 429 | 370 137 966,81 | 288 904 816,23 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 09 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 51*** *(ikompli)*

21 02 51 03 Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 529 564 664 | 863 990 519 | 602 853 787 | 890 711 982,32 | 589 195 303,15 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 19 10 01 01 u 19 10 01 02, u l-Artikoli 19 10 02 u 19 10 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 04 Sigurtà tal-ikel

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 124 800 000 | 258 629 000 | 179 991 121 | 247 980 781,90 | 217 764 936,86 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 21 02 01, 21 02 02 u 21 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 05 Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 167 700 000 | 244 400 000 | 200 450 589 | 231 901 429,08 | 224 038 443,73 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 21 03 01 u 21 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 51*** *(ikompli)*

21 02 51 06 Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 97 422 000 | 217 150 000 | 122 563 971 | 209 151 608,61 | 152 907 681,52 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

21 02 51 07 Żvilupp tal-bniedem u soċjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 61 308 000 | 194 045 000 | 102 952 336 | 160 729 121,— | 155 477 135,19 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 21 05 01 01, 21 05 01 02, 21 05 01 03 u 21 05 01 04, u l-ex Artikoli 21 05 02 u 21 05 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina u l-kooperazzjoni ekonomika magħhom (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politka tal-għajnuna tal-ikel u t-tmexxija tal-għajnuna tal-ikel u l-ħidmiet speċjali b'appoġġ għas-sigurtà tal-ikel (ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 955/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jestendi u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 dwar kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jestendi u jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/98 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 51*** *(ikompli)*

21 02 51 08 Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 245 700 000 | 328 982 779 | 309 651 345 | 472 804 561,— | 287 600 551,23 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 21 06 02, 21 06 03, 21 06 04, 21 06 05 u 21 06 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' għajnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-ACP (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

***21 02 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

21 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Amerika Latina

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 375 000 | p.m. | 500 000 | 0,— | 340 734,38 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 09 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 952 768 | p.m. | 3 600 000 | 0,— | 1 666 935,80 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 10 01 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 815 562 | p.m. | 3 700 000 | 0,— | 2 922 417,21 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 10 01 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Asja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 515 825 | p.m. | 550 000 | 0,— | 921 246,67 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 10 01 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 04 *(ikompli)*

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 05 Azzjoni preparatorja — Unjoni Ewropea-Asja — Integrazzjoni ta' politika u prattika

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 281 080 | p.m. | 300 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 10 01 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 06 Proġett pilota — Finanzjament għall-produzzjoni agrikola

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 75 000 | p.m. | 514 000 | 0,— | 506 576,70 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 07 Azzjoni preparatorja — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Mira ta' Żvilupp għall-Millennju 5

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 375 000 | p.m. | 500 000 | 2 000 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 03 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istabbiliment, fl-Afrika tal-Lvant, ta' netwerk reġjonali ta' organizzazzjonijiet impenjati favur l-iżvilupp tal-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju 5, li jgħaqqad flimkien il-pjattaformi nazzjonali ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO) ta' appoġġ u assistenza li jeżistu fil-Kenja, fl-Etjopja, fis-Somalja, fit-Tanżanija, fl-Uganda, fir-Rwanda u fil-Brurundi — kollha pajjiżi b'uħud mill-agħar indikaturi tas-saħħa tal-omm u riproduttiva fid-dinja. In-netwerk tal-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju 5 jimmira li jipprovdi forum informali għall-iskambju ta' ideat, informazzjoni u esperjenza fil-qasam tas-saħħa tal-omm u riproduttiva u jipprovdi opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet membri biex jesploraw possibilitajiet għall-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni fost bosta pajiżi biex tkun enfasizzata l-urġenza meħtieġa għal żieda fl-attenzjoni politika u finanzjarja tal-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju 5.

L-attivitajiet imwettqa taħt dan il-proġett jinkludu l-istabbiliment ta' segretarjat tan-netwerk f'waħda mill-organizzazzjonijiet membri, l-istabbiliment ta' pjattaforma virtwali għad-disseminazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki kif ukoll l-organizzazzjoni ta' avvenimenti reġjonali bl-għan li jitjiebu r-riżultati tas-saħħa tal-omm u riproduttiva fir-reġjun.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Maniġġar tal-ilma fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 1 200 000 | p.m. | 1 500 000 | 0,— | 1 994 360,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 08 *(ikompli)*

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2002: "L-immaniġġar tal-ilma fil-politika għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-prijoritajiet għall-Kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UNJONI" (COM(2002) 132 final).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2006 dwar L-immaniġġar tal-ilma fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp: Il-politika u l-prijoritajiet għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Unjoni (dokument DEVGEN 83 ENV 309, 9696/02).

21 02 77 09 Proġett pilota — Monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tan-nefqa fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 195 860,15 |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 05 01 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 10 Azzjoni preparatorja — Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika għall-benefiċċju tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 375 000 | p.m. | 1 385 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 05 01 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għal mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 591).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 11 Azzjoni preparatorja — Riċerka u żvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 300 000 | p.m. | 1 270 000 | 0,— | 1 190 665,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 05 01 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għal mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 445).

21 02 77 12 Proġett pilota — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 358 452 | p.m. | 400 000 | 0,— | 160 000,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 05 01 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 13 Azzjoni preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta' vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 2 000 000 | 1 200 000 | 1 500 000 | 1 250 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 21 05 01 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja hija maħsuba biex tħarreġ lil tobba mill-Kongo kemm fil-kirurġija ġinekoloġika ġenerali kif ukoll fi proċeduri kritiċi bħat-tiswija ta' fistuli u r-rikostruzzjoni pelvika.

L-Azzjoni preparatorja dwar il-vjolenza sesswali fl-RDK bħalissa tinsab fit-tieni sena ta' eżekuzzjoni tagħha. Din l-azzjoni tista' għalhekk titwettaq it-tielet u l-aħħar darba fl-2014.

*Objettivi*

Dan il-proġett huwa ffinanzjat taħt it-tieni sena ta' azzjoni preparatorja 21 05 01 09 (VVS) u jkopri seba żoni ta' saħħa fil-Lvant tal-RDK, fejn is-sitwazzjoni hija partikolarment deterjorata. Il-proġett jiffoka fuq taħriġ fit-trattament ta' każijiet ta' vjolenza sesswali (tiswija tal-fistuli) u każijiet ġinekoloġiċi u obstetriċi.

L-għanijiet tal-użu tal-krediti huma dawn li ġejjin:

— objettiv ġenerali: kontribuzzjoni għat-titjib tat-trattament tal-vittmi ta' vjolenzi sesswali fit-Tramuntana ta' Kivu u l-Provinċja tal-Lvant,

— objettiv speċifiku:

Tisħiħ tal-kapaċitajiet taċ-ċentri ta' kura u tal-prestatarji tal-kura tas-saħħa fil-qasam tat-tiswija tal-fistuli ġenitali u l-ġinekoloġija kirurġika u obstetrika fit-Tramuntana ta' Kivu u l-Provinċja tal-Lvant.

*Implimentazzjoni*

Il-proġett huwa ffinanzjat taħt l-azzjoni preparatorja u ġie implimentat f'ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fl-RDK, fil-kuntest ta' konvenzjoni ta' finanzjament konkluża mal-RDK.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 14 Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | p.m. | 197 684 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 15 Proġett pilota — Investiment strateġiku fil-paċi sostenibbli u d-demokratizzazzjoni fil-Qarn tal-Afrika

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 250 000 | 775 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 21 03 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Żewġ problemi fundamentali li n-nies u l-pajjiżi fil-Qarn tal-Afrika jbatu minnhom huma (1) in-nuqqas ta' gvern parteċipatorju u stabilità u (2) in-nuqqas ta' demokrazija u proċessi demokratiċi u parteċipazzjoni ġenwina tan-nies. It-tnejn huma relatati ma' kriżi fundamentali u dejjiema fil-governanza fil-pajjiżi kollha tal-Qarn. Fil-fatt, l-impatt ta' din il-kriżi tinħass fil-Grigal tal-Afrika kollha kif ukoll fl-Ewropa. Sakemm il-kwistjonijiet ma jkunux indirizzati mill-Unjoni u oħrajn b'perspettiva komprensiva, ma hemmx tama għal għajxien sostenibbli, tkabbir ekonomiku u reġjun paċifiku u stabbli. Ix-xenarju tar-Rebbiegħa Għarbija f'dan ir-reġjun, mingħajr viżjoni fit-tul u investiment fit-tul mill-komunità internazzjonali biex issostnih, ma hu ser iwassal għal imkien.

Il-proġett pilota propost jindirizza dawn il-kwistjonijiet bi strateġija maqsuma f'żewġ partijiet, b'kull parti li tibni fuq l-oħra. It-tnejn huma essenzjali biex jiġu żviluppati alternattivi kredibbli fit-tul għar-reġimi dittatorjali militari tal-Qarn:

(1) L-iżgurar ta' biżżejjed spazju għas-soċjetà ċivili, flimkien ma' investiment strateġiku f'atturi ġenwini tas-soċjetà ċivili. Is-soċjetà Ċivili fil-Qarn tal-Afrika u d-djaspora tagħha fl-Afrika qed jaffaċċjaw sfidi dejjem ikbar f'termini ta' abbiltà ta' funzjoni u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-politika tal-gvern fil-pajjiżi tal-Qarn qiegħda tissawwar dejjem iktar fuq sfiduċja u ffokata fuq kontroll u konteniment minflok appoġġ jew tħaffif tas-soċjetà ċivili. L-awtoritajiet fil-Qarn jaraw is-soċjetà ċivili bħala theddida, jekk mhux oppożizzjoni diretta, u ma jippermettux li l-politiki tagħhom jiġu komplimentati, u wisq inqas sfidati, mis-soċjetà ċivili. Madankollu, is-soċjetà ċivili għandha sehem importanti fis-sistemi u l-proċessi demokratiċi. Għalhekk, l-ambjent li joħnoq is-soċjetà ċivili jrid jiġi sfidat fil-livell nazzjonali u reġjonali biex is-soċjetà ċivili tkun tista' tieħu sehem fil-proċessi demokratiċi. L-atturi tas-soċjetà ċivili nfushom iridu jingħataw is-saħħa biex jindirizzaw b'mod effettiv dan l-ambjent dejjem iktar diffiċli biex taħdem fih kif ukoll jindirizzaw proċessi demokratiċi tal-ġejjieni.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 15 *(ikompli)*

(2) L-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ u l-movimenti taż-żgħażagħ fil-Qarn tal-Afrika bil-għan li jitħejjew b'mod effettiv għal bidliet demokratiċi fil-ġejjieni. Iż-żgħażagħ, kemm fil-Qarn kif ukoll fid-djaspora fl-Afrika, huma l-ġejjieni tal-pajjiżi tagħhom iżda għandhom nuqqas ta' ħiliet u għarfien, kif ukoll esperjenza ta' ħajja f'ambjent paċifiku u demokratiku. Huma neqsin ukoll mill-mezzi biex jiżviluppaw dawk il-ħiliet u l-gvernijiet tagħhom ftit li xejn jinvestu fiż-żgħażagħ. Spiss isibu kenn f'kampijiet għar-rifuġjati. L-ispostament u l-istatus legali spiss mhux ċar ifissru li jitilfu opportunitajiet ta' tagħlim. Biex jitħarrġu mexxejja u uffiċjali superjuri tal-gvern għall-ġejjieni u sabiex jiġu stabbiliti proċessi demokratiċi enwini, essenzjali li jkun hemm investiment estern fiż-żgħażagħ tal-Qarn. L-investiment fil-ħiliet tagħhom, filwaqt li jiġu sfruttati l-entużjażmu, il-ħolm u t-tamiet tagħhom għall-ġejjieni, huwa iktar strateġiku minn investiment fit-tibdil tal-istabbiliment attwali.

Dan il-proġett pilota jinvesti fil-pajjiżi li ġejjin: is-Sudan u s-Sudan t'Isfel, l-Eritrea, l-Etjopja, is-Somalja (Somaliland, Puntland) u Ġibuti. Ser jinvesti fil-livell nazzjonali kif ukoll (sotto)reġjonali iżda ser jissoponi li approċċ reġjonali jieħu l-prijorità.

In-nies fil-Qarn tal-Afrika jsofru min-nuqqas ta' gvern parteċipatorju, stabilità, demokrazija u parteċipazzjoni ġenwina. Sakemm dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod komprensiv, ma teżisti l-ebda tama għal għajxien sostenibbli, tkabbir ekonomiku, paċi u stabilità fir-reġjun.

Il-proġett pilota għandu l-għan li jikkontribwixxi għal alternattivi fit-tul, u reali għar-reġimi militari dittattorjali fil-Qarn, billi jiżgura biżżejjed spazju għas-soċjetà ċivili u għat-tisħiħ taż-żgħażagħ u tal-gruppi taż-żgħażagħ.

Ġibuti: L-azzjonijiet proposti mill-proġett huma bżonnjużi għax l-OSĊ f'Ġibuti mhumiex żviluppati biżżejjed u għandhom biss rwol marġinali fil-proċess ta' żvilupp tal-pajjiż. Il-proġett jista' jipprovdi wkoll appoġġ biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' familjarità tal-OSĊ ma' proċessi parteċipatorji u jgħin biex jiżdied in-numru ta' sħab li jimplimentaw fil-pajjiż.

L-Etjopja: L-appoġġ għall-OSĊ u d-demokratizzazzjoni fl-Etjopja huwa partikolarment xieraq minħabba l-ambjent diffiċli għall-OSĊ f'dan il-mument. Madankollu, huwa rakkomandat li l-proġett jiġi disinnjat mill-ġdid biex jiffoka fuq il-komponent taż-żgħażagħ għax komponenti oħrajn huma diġà koperti minn strumenti u linji tal-baġit oħrajn (programm tematiku FEŻ, SKŻ-OSĊ/LA, EIDHR). Il-proġett jista' jiffoka wkoll fuq l-għoti ta' appoġġ biex jissaħħaħ in-nuqqas ta' familjarità tal-OSĊ ma' proċessi parteċipatorji u n-numru fiż-żieda ta' sħab li jimplimentaw fil-pajjiż.

Eritrea: għall-Eritrea, l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni u ż-żgħażagħ huwa l-aktar importanti. Fl-istess ħin, wieħed ma għandux iqis li l-ispazju għall-OSĊ biex jaħdmu fl-Eritrea huwa estremament limitat.

Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel: L-irduppjar tal-programmi ġeografiċi huwa evitat billi jiġi pprovdut il-bini tal-kapaċità għall-istrutturi differenti tal-Gvern, b'mod partikolari l-Ġudikatura, taħt il-komponent tal-governanza/stat tad-dritt. Is-sinerġiji ma' strumenti oħrajn, bħall-EIDHR u l-programm tematiku OSĊ/LA tas-SKŻ, għandhom jitħeġġu.

Perspettiva reġjonali: Il-komponent reġjonali ta' dan il-proġett huwa partikolarment utli għax mhuwiex kopert minn xi strument eżistenti.

Il-proġett għandu jifformula wkoll attivitajiet kumplimentari bħal bini tal-kapaċità miżjuda għal assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ u jwaqqaf netwerks addizzjonali bejn organizzazzjonijiet mmirati fil-pajjiżi li jkunu qed jibbenefikaw, kif ukoll biex jiġi estiż il-perjodu tal-azzjoni sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-proġett.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 16 Proġett pilota — It-tisħiħ tas-servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 000 000 | 1 000 000 | | | | |

*Kummenti*

Minkejja kollaborazzjoni bejn l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u l-Unjoni dwar l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' servizzi veterniarji (PVS), dwar il-governanza tas-servizzi tas-saħħa tal-annimali u l-inflUnjoninza avjarja, hemm bżonn urġenti li jissaħħu u jiġu finanzjati servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif spjegat hawn taħt:

(a) Il-mard tal-annimali huwa responsabbli għal 20 % tat-telf tal-produzzjoni mill-bhejjem globalment u ta' 30 % tat-telf f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kważi biljun persuna, f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (Afrika sub-Saħarjana u l-Ażja tax-Xlokk) jiddependu mill-annimali għas-sopravivenza tagħhom. Is-saħħa tal-bhejjem hija essenzjali għat-tnaqqis fil-faqar. Madankollu, il-problemi jistgħu jiġu indirizzati biss fil-bidu jekk jiġu rikonoxxuti, malajr u b'mod professjonali.

Għalhekk, kif iddikjarat f'*Nature News* tal-5 ta' Lulju 2012:

"*Developing countries need help to develop reporting and surveillance networks and training for farmers and veterinarians in spotting and reporting incidents of disease,*"(Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom bżonn l-għajnuna biex jiżviluppaw netwerks ta' rappurtar u ta' sorveljanza u taħriġ għall-bdiewa u l-veterinarji biex dawn jidentifikaw u jirrappurtaw inċidenti ta' mard), *jgħid Bernard Vallat, direttur ġenerali (OIE) f'Pariġi.*

Sforzi internazzjonali reċenti biex tiġi indirizzata l-inflUnjoninza tal-annimali u tl-bnedmin enfasizzaw b'mod ċar il-bżonn li jitħeġġeġ ulterjorment approċċ transsettorjali għal governanza tajba, biex jissaħħu s-sistemi ta' saħħa pubblika u ta' saħħa tal-annimali biex ikun hemm konformità mal-istandards internazzjonali, u biex jiġu promossi alleanzi bejn is-setturi pubbliċi u privati f'dawk l-oqsma.

Il-piż tal-mard tal-annimali, inkluż l-impatt ekonomiku tiegħu (fuq il-produzzjoni primarja, il-kummerċ, u l-prodotti pproċessati) kif ukoll il-bżonn li jiġi indirizzat il-mard kollu tal-annimali, kemm żoonotiku (peż. tuberkolożi, bruċellożi, idrofobija, u antraċe) kif ukoll mhux żoonotiku (peż. marda tal-ilsien u d-dwiefer, *peste des petits ruminants*) għandu jitqies sabiex jiġu protetti l-konsumaturi, l-annimali tal-kumpanija (li jistgħu jittrażmettu mard lill-bnedmin) u l-bhejjem fl-Unjoni wkoll. Huwa meħtieġ xogħol addizzjonali f'pajjiżi ġirien, f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'ekonomiji fi tranżizzjoni, partikolarment fl-Afrika sub-Saħarjana, biex jiġu pprevenuti u kkontrollati l-mard emerġenti u biex tittejjeb il-bijosigurtà. Dan se jappoġġa l-provvista ta' beni pubbliċi globali u jikkontribwixxi biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa pubblika u t-taffija tal-faqar. It-trawwim ta' governanza tajba tal-komponenti pubbliċi u privati tas-servizzi veterinarji, u l-kooperazzjoni mtejba bejniethom u mas-servizzi tas-saħħa pubblika, huma essenzjali għal dinja mtejba u iktar sikura.

Madwar 125 pajjiż diġà bbenefikaw minn *evalwazzjoni tal-prestazzjoni* inizjali *tas-servizzi veterniarji nazzjonali tagħhom* (evalwazzjoni PVS) abbażi tal-istandards internazzjonali għall-kwalità u l-evalwazzjoni tas-servizzi veterinarji. Azzjonijiet ta' segwitu għall-PVS pathway huma parti minn proċess kontinwu, u għandhom l-għan li jtejbu b'mod sostenevoli l-konformità tas-servizzi veterniarji mal-istandards ta'kwalità internazzjonali, u wkoll jaġixxu bħala salvagwardja permanenti effiċjenti għall-annimali, lill-bnedmin u lill-produzzjoni agrikola madwar id-dinja. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment fl-Afrika sub-Saħarjana, kif ukoll f'pajjiżi ġirien, sabiex jiġi monitorjat il-progress magħmul u biex jgħin lit-tisħiħ tas-servizzi veterinarji u s-sistemi tas-saħħa tal-annimali abbażi ta' bżonnijiet u prijoritajiet nazzjonali (PVS gap analysis).

Il-PVS pathwayjiffaċilita u jtejjeb l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni adegwata għal sistemi nazzjonali tas-saħħa tal-annimali, l-identifikazzjoni bikrija, it-trasparenza globali fir-rigward tal-istatus sanitarju nazzjonali permezz tan-notifika ta' mard tal-annimali, inkluż iż-żoonożi, ir-reazzjoni veloċi għall-kriżijiet, miżuri ta' bijosigurtà, kumpens għal bdiewa f'każ ta' tbiċċir obbligatorju, titqib (jekk ikun meħtieġ) u bini tal-kapaċità u kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati (partikolarment bdiewa, raħħala, u veterinarji privati), kif ukoll jiggarantixxi l-użu ta' mediċini ta' kwalità.

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 16 *(ikompli)*

Sfortunatament, l-evalwazzjonijiet PVS li saru s'issa wrew dgħufija preokkupanti u nuqqasijiet kbar f'iktar minn 100 pajjiż. Is-sitwazzjoni hija ta' theddida għall-identifikazzjoni bikrija, u t-trasparenza globali fir-rigward tal-istatus sanitarju nazzjonali u ż-żoonożi u żżid b'mod drammatiku l-ispiża globali tal-ġlieda kontra l-mard pandemiku u l-mard tal-annimali, b'effetti diżastrużi fuq il-biljun persuna li tiddepenedi direttament fuq il-bhejjem.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 17 Proġett pilot — Responsabilità Soċjali Korporattiva u l-aċċess għall-ippjanar tal-familja fuq bażi volontarja għall-ħaddiema tal-fabbriki fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 750 000 | 375 000 | | | | |

*Kummenti*

*Objettivi*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istabbiliment ta' netwerk madwar l-Ewropa kollha li jġib flimkien MNCs b'attivitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u organizzazzjonijiet li jipprovdu servizz ta' ppjanar tal-familja. Il-proġett se jagħżel speċifikament kumpaniji bbażati notevolment f'pajjiżi bi ħtieġa qawwija ta' ppjanar tal-familja. Dan in-netwerk madwar l-Ewropa għandu l-għan li jipprovdi forum għall-iskambju ta' ideat, informazzjoni u esperjenzi fil-qasam tal-ippjanar tal-familja b'rabta mar-responsabilità soċjali korporattiva (CSR) u li jipprovdi opportunitajiet għal kollaborazzjoni bejn kumpaniji u organizzazzjonijiet tal-ippjanar tal-familja biex jiżdied l-aċċess għall-ippjanar tal-familja għall-ħaddiema fil-fabbriki bi ħtieġa qawwija għall-ippjanar tal-familja.

Finalment, l-approprjazzjoni se tistabbilixxi proġett pilota wieħed li jesplora l-konnessjonijiet bejn is-CSR u l-forniment ta' servizzi volontarji tal-ippjanar tal-familja fil-fabbriki.

*Attivitajiet tal-proġett*

L-1 Fażi: Tfassil ta' mappa tal-MNCs preżenti fl-Unjoni li jimpjegaw numri kbar ta' ħaddiema tal-fabbriki nisa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw bi ħtieġa qawwija ta' ppjanar tal-familja

It-2 Fażi: Stabbiliment ta' forum għall-iskambju ta' ideat, informazzjoni u esperjenza fil-qasam tal-ippjanar tal-familja b'rabta mas-CSR.

It-3 Fażi: Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġett pilota CSR fuq bażi volontarja rigward l-ippjanar tal-familja f'fabbrika waħda.

Ir-4 Fażi: Dokumentazzjoni u disseminazzjoni tal-eżitu ta' dan il-programm pilota.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 18 Proġett pilota — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fiż-żona Cauca, fil-Kolombja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 500 000 | 750 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota għandu jkollu l-għan li jattiva mill-ġdid l-ekonomija ta' biedja fuq skala żgħira taż-żona Cauca, sabiex il-komunitajiet żgħar ikollhom mezz sostenibbli kif joħorġu mill-kunflitt armat u soċjali tar-reġjun. Għal dan l-għan, il-proġett pilota għandu jiżgura l-bini, l-iżvilupp u ż-żamma tal-faċilitajiet ta' infrastruttura fiżika u l-ħolqien ta' ċentru ta' distribuzzjoni biex jiġu kummerċjalizzati prodotti agrikoli prodotti minn dawn il-komunitajiet u d-distribuzzjoni ulterjuri tagħhom fil-livell lokali u reġjonali, kif ukoll biex tiġi faċilitata sejba potenzjali ta' soluzzjonijiet għall-kunflitti, bħal f'żoni oħra delikati tal-Kolombja.

*Bażi legali*

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 19 Azzjoni preparatorja — Bini ta' reżiljenza għal saħħa mtejba ta' komunitajiet nomadiċi fis-sitwazzjonijiet wara l-kriżijiet fir-reġjun tas-Saħel

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 3 000 000 | 1 500 000 | | | | |

*Kummenti*

It-Tramuntana tal-Mali u t-Tramuntana tan-Niġer huma soġġetti għal kriżijiet tas-saħħa rikorrenti b'xi wħud mill-iktar indikaturi tas-saħħa baxxi, speċjalment b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva. Għalkemm sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżijiet f'dawn iż-żewġ pajjiżi huma kemmxejn differenti, il-kawżi ewlenin tal-indikaturi tas-saħħa baxxi huma simili: żoni rurali kbar, ostakoli soċjokulturali, infrastruttura tas-saħħa inadegwata, nuqqas ta' kompetenzi fil-kura tas-saħħa u tal-kapaċitajiet, partikolarment fl-għadd ta' professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa, u r-rata baxxa ta' żamma ta' staff mediku. Filwaqt li dawn l-isfidi huma komuni madwar l-Afrika Sub-Saħarjana, il-popolazzjoni prinċipalment nomadika fiż-żona mmirata ta' dan il-proġett għandha bżonnijiet addizzjonali li bħalissa mhux qed jiġu ssodisfati mis-sistema tas-saħħa. Fil-fatt, is-sistema tas-saħħa spiss ma jirnexxielhiex tindirizza n-natura mobbli ta' dawn il-gruppi pastoralisti. Dan jirriżulta minn żieda fil-vulnerabilità ta' dawn il-gruppi li diġà huma affettwati min-nuqqas ta' nutrizzjoni adegwata, inugwaljanzi bejn is-sessi, rati ta' mortalità għoljin tal-ommijiet u tat-trabi u aċċess baxx għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-informazzjoni.

Is-sitwazzjoni parallela ta' wara l-kriżi f'dawn iż-żewġ reġjuni tgħin biex jissieltu lezzjonijiet u l-aħjar prattiki dwar ir-reżiljenza u biex jinħoloq Kollegament tal-Għajnuna ta' Emerġenza, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD) li jkun ferm rilevanti għall-Unjoni fil-kuntest tal-inizjattiva AGIR, u l-aħjar prattiki minn dan il-proġett pilota jistgħu jiġu replikati f'din l-inizjattiva u f'inizjattivi oħra.

Billi jintuża s-settur tas-saħħa bħala eżempju b'enfasi partikolari fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva, l-azzjoni preparatorja se jkollha l-għan li tistabbilixxi xenarji ta' referenza, tislet rakkomandazzjonijiet operattivi dwar ir-reżiljenza u l-LRRD u tikkapitalizza fuqhom biex tingħata spinta lit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' saħħa tal-komunitajiet fir-rigward tal-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi fil-kuntest ta' wara l-kriżijiet fil-Mali u n-Niġer.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 19 *(ikompli)*

*Objettivi*

L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li tinbena kapaċità ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa li jipprovdu servizzi ta' kwalià għolja mmirati lejn il-bżonnijiet speċifiċi tal-gruppi nomadiċi (f'sitwazzjoni ta' wara l-kriżi), b'enfasi partikolari fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva. Billi jintuża s-settur tas-saħħa bħala eżempju, l-azzjoni preparatorja se tevalwa u telenka l-aħjar prattiki dwar il-bini ta' reżiljenza u l-LRRD fil-kuntest ta' wara l-kriżijiet fit-Tramuntana tal-Mali u fit-Tramuntana tan-Niġer. Fl-aħħarnett, jiżviluppa wkoll metodi kif ukoll itejjeb kurrikulu ta'taħriġ fil-qasam tas-saħħa li jindirizza l-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi. Riżultati mistennija minn dan il-proġett se jkunu data affidabbli u komprensiva dwar is-saħħa fil-livell Komunitarju u lokali, biex jitjieb l-ipprogrammar tas-saħħa u tiżdied ir-responsabilità tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u lokali; l-aħjar prattiki fir-rigward tal-bini ta' reżiljenza u l-LRRD se jinqasmu u jinxterdu u l-kurrikulu tat-taħriġ fis-settur tas-saħħa se jiġi żviluppat biex tiżdied il-kapaċità lokali li jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-gruppi nomadiċi.

Il-grupp mira ewlieni hija l-popolazzjoni nomadika fit-Tramuntana rurali tal-Mali u fit-Tramuntana tan-Niġer, u b'mod partikolari l-gruppi ta' din il-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli u li jinsabu fl-ikbar riskju (nisa, tfajliet u tfal ta' taħt il-ħames snin). It-tieni grupp mira jinkludi ħaddiema fil-qasam tas-saħħa professjonisti u tal-komunità fl-istess reġjuni.

L-azzjoni se tiġi implimentata mis-CSOs lokali u mill-protagonisti fil-ħidma umanitarja li għandhom persunal lokali preżenti fir-reġjun, bi qbil mal-prijoritajiet nazzjonali u mal-pjanijiet tal-gvernijiet (inkluż l-ilħiq tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp 4 u 5, peress li kemm il-Mali kif ukoll in-Niġer huma hekk imsejħa "countdown countries" ([1])) u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-protagonisti preżenti fir-reġjuni: l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, il-faċilitajiet tas-saħħa lokali u nazzjonali, il-komunitajiet, kif ukoll il-protagonisti tal-iżvilupp (Unjoni, donaturi, aġenziji tan-NU, is-settur privat, NGOs, awtoritajiet u ħaddiema tal-komunità fis-settur tas-saħħa u f'dak mediku), billi jitqiesu l-isforzi skont l-inizjattiva AGIR.

*Attivitajiet tal-proġett*

L-azzjoni preparatorja se jkollha tliet fażijiet:

*L-ewwel fażi: twettiq ta' riċerka operattiva biex jiġu determinati x-xenarji ta' referenza tas-saħħa tal-gruppi nomadiċi*

L-azzjoni se jkollha l-għan li tistabbilixxi xenarji ta' referenza dwar indikaturi tas-saħħa u tistudja fatturi determinanti għall-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità (ġeografiċi, finanzjarji, soċjokulturali, eċċ.) tal-popolazzjonijiet ta' gruppi nomadiċi, u b'mod partikolari għall-iktar gruppi vulnerabbli u li jinsabu f'riskju (nisa, tfajliet u tfal ta' taħt il-5 snin). Hija se telenka l-kapaċitajiet u inizjattivi tas-saħħa eżistenti (inklużi inizjattivi AGIR u inizjattivi internazzjonali oħra, faċilitajiet tas-saħħa mmexxija mill-gvern u ċentri ta' taħriġ iżda wkoll ħaddiema tas-saħħa tradizzjonali u tal-komunità). Eventwalment, ir-riċerka se tevalwa l-provvista ta' kura tas-saħħa bażika lill-gruppi nomadiċi 'bżonnijiet u informazzjoni u servizzi dwar il-prevenzjoni (inkluża kura tal-ommijiet u tat-trabi, titqib, nutrizzjoni, saħħa riproduttiva, vjolenza abbażi tal-ġeneru, eċċ.) ([2]).

*It-tieni fażi: Provvista ta' rakkomandazzjonijiet operattivi u elenkar tal-aħjar prattiki għal-LRRD u l-bini tar-reżiljenza għat-trasferiment tal-għarfien lill-AGIR u inizjattivi oħra relatati*

Abbażi tal-evalwazzjoni, l-azzjoni se tanalizza fir-rigward ta' kif il-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi ġew indirizzati fir-rispons għall-emerġenza u l-fażi ta' wara l-kriżi (mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u twissija) mill-protagonisti kollha tal-iżvilupp (protagonisti tal-UNJONI, donaturi, aġenziji tal-UNJONI, is-settur privat, NGOs, awtoritajiet u ħaddiema tal-komunità fil-qasam tas-saħħa u f'dak mediku). Hija se tissottolinja l-aħjar prattiki fiż-żewġ pajjiżi partikolarment billi tgħaqqad servizzi tas-saħħa mobbli u statiċi u l-provvista ta' interventi doppji għall-annimali u għall-bnedmin, billi jittieħed kont tas-similitudnijiet u l-approċċi differenti f'kull pajjiż.

---

([1]) Kemm il-Mali kif ukoll in-Niġer huma hekk imsejħa "countdown countries", li jfisser li jenħtieġ progress biex jintlaħqu l-MDGs sal-2015, b'mod partikolari fir-rigward tal-MDGs 4 u 5 (mortalità tat-tfal u tal-ommijiet).

([2]) B'kura bażika wieħed ifisser: Is-saħħa tal-omm u tat-tarbija, titqib u nutrizzjoni (speċifikament tfal b'nuqqas kbir ta' nutrizzjoni u ommijiet li jreddgħu), kura tas-saħħa riproduttiva (kura obstetrika urġenti, kura qabel u wara t-twelid, aċċess għal metodi ta' ippjanar tal-familji, prevenzjoni ta' abort mhux sikur, eċċ.), sorveljanza għal epidemiji u trattament ta' mard (inkluż l-HIV/AIDS), kura medika, ġestjoni psikoloġika u klinika bikrija speċjalment għal każijiet ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru (aggressjoni sesswali, żwieġ kmieni u furzat, mutilazzjoni ġenitali femminili, eċċ.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 19 *(ikompli)*

Fl-aħħarnett, se tipprovdi rakkomandazzjonijiet operattivi għall-involviment futur tal-Unjoni fil-kuntest ta' AGIR dwar kif tinżamm perspettiva fit-tul orjentata lejn ir-reżiljenza fir-rigward tal-gruppi nomadiċi, anke matul kriżijiet u interventi ta' rispons għall-emerġenzi mingħajr ma jiġu destabilizzati l-istrutturi formali u informali lokali u nazzjonali.

*It-tielet fażi: Bini u żamma tal-kapaċità biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-gruppi nomadiċi fost il-ħaddiema professjonisti u tal-komunità tal-kura tas-saħħa għal sistemi tas-saħħa reżiljenti*

L-azzjoni se tibni fuq xi lezzjonijiet tal-passat billi tqis il-kapaċità ta' saħħa biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-grupp nomadiku. Din il-fażi se tiffoka fuq l-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ ibbażat fuq il-bżonnijiet tal-komunitajiet nomadiċi u b'dokumentazzjoni tal-istrateġiji ta' intervent ibbażati fuq il-provi li pproduċew riżultati u wrew sjieda fost il-gruppi nomadiċi. Dan se jseħħ bi sħubija ma' faċilitajiet ta' taħriġ kif ukoll ma' awtoritajiet lokali u nazzjonali. It-taħriġ se jinkludi l-varjetà sħiħa ta' kura tas-saħħa bażika u prevenzjoni, inkluż ir-riferiment ta' nisa tqal għal ċentri tas-saħħa. Se jkun fih ukoll taħriġ dwar il-ġbir u l-monitoraġġ tad-data dwar l-istejtus tas-saħħa tal-gruppi nomadiċi. It-taħriġ se jimmira ħaddiema fil-qasam tas-saħħa b'fokus speċifiku fuq nisa, ħaddiema fil-qasam tas-saħħa bbażati fil-komunità u persuni li tradizzjonalment jgħinu fit-twelid sabiex jiżdied l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għal gruppi nomadiċi. Is-sessjonijiet ta' taħriġ se jkunu allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali u b'appoġġ għall-istituzzjonijiet eżistenti.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 20 Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tat-tfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, Ilvant tar-RDK

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 2 200 000 | 1 100 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, li tinsab fil-Lvant tar-RDK, għaddejja minn fażi ta' kriżijiet li jitfgħu lill-komunitajiet lokali f'sitwazzjoni ta' faqar liema bħalu.

Din il-provinċja, b'84.7 % tal-foqra, hija — flimkien mal-provinċji tal-Ekwatur u dik ta' Bandundu — waħda mill-iktar 3 provinċji foqra tar-RDK

Il-Provinċja ta' Luhwindja, waħda mit-18-il Provinċja, għaddejja wkoll minn din ir-realtà tremenda. Qabel, 'il fuq minn 90 % tal-popolazzjoni tagħha kienet tgħix mill-isfruttament artiġjanali tal-minerali.

Bħalissa, kważi ż-żoni kollha tal-minjieri huma okkupati mill-kumpanija Banro, li tisfrutta industrijalment għas-skapitu ta' attivitajiet oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-benesseri tal-komunitajiet lokali.

Dawn il-komunitajiet, biex jirnexxielhom ikampaw, huma obbligati jħaffru għad-deheb f'siti oħra meqjusa bħala perikolużi, u l-konsegwenzi ta' dan huma deplorevoli. Ir-rata ta' ħruġ mill-iskola jqajmu tħassib kbir. Is-subien u l-bniet minn familji foqra jitilqu l-iskola biex imorru jaħdmu fil-minjieri.

Il-punt (f) tal-Artikolu 53 tal-Liġi tal-10 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tat-tfal jipprojbixxi ħidma li, minħabba n-natura tagħha u l-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata, tista' tkun ta' dannu għas-saħħa, għat-tkabbir, għas-sigurtà u għall-iżvilupp, id-dinjità u l-moralità tat-tfal.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

Il-bniet (sa 13-il sena) u n-nisa li jkunu kap tal-familja jsiru prostituti biex imantnu l-bilanċ soċjetali, speċjalment għaliex il-parti l-kbira tal-irġiel jinsabu mingħajr impjieg remunerat.

Il-prostituzzjoni u l-elementi anċillari tagħha, il-vjolenza fiżika u l-użu tad-drogi jikkostitwixxu problemi kbar li llum joħolqu tħassib kbir fiż-żoni tal-mijieri attivi f'din il-Provinċja.

L-isforzi għandhom ikunu pprovduti mill-gvern, mis-soċjetà ċivili u mill-aġenziji tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti biex jinstabu mekkaniżmi li jwasslu lill-komunitajiet sabiex jilħqu l-Ewwel Għan ta' żvilupp tal-Millennju, it-tnaqqis tal-faqar estrem u tal-ġuħ.

*Objettivi*

L-użu tat-tfal, taż-żgħażagħ, il-prostituzzjoni tal-bniet u tan-nisa fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja huma indikaturi eċċellenti ta' faqar.

L-objettiv globali ta' dan il-proġett huwa li jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-komunitajiet tal-Provinċja ta' Luhwindja, b'mod partikolari b'enfasi fuq dawn iż-żagħżagħ li jaħdmu fil-minjieri u jitilqu l-istudji.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-bniet u lin-nisa prostituti li jgħixu f'awn iż-żoni tal-minjieri, li spiss minn età żgħira jsofru mill-marda tal-HIV/Aids u infezzjonijiet oħra trażmessi sesswalment, u minn wild mhux mixtieq. Biex isir dan, se ssir ħidma mal-isptar PANZI, immexxi mit-tabib Denis Mukwege.

Dawn l-azzjonijiet se jitmexxew b'kollaborazzjoni stretta mal-awtoritajiet lokali, nazzjonali, mal-komunitajiet kif ukoll ma' protagonisti oħra tal-iżvilupp (Sidien tal-fondi, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, is-settur privat u NGOs oħra).

*Attivitajiet tal-proġett*

L-azzjoni se jkollha tliet fażijiet ewlenin:

*L-ewwel fażi: jiddaħħlu ż-żgħażagħ kollha ta' bejn il-5 u l-15-il sena li jiġu miż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja f'ċentru ta' rkupru skolastiku U$D 800 000):*

- sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet lokali dwar il-leġiżlazzjoni u strumenti ġuridiċi oħra nazzjonali u internazzjonali b'rabta mal-protezzjoni tat-tfal,
- kostruzzjoni ta' ċentru ta' rkupru skolastiku għat-tfal irkuprati minn dawn iż-żoni tal-minjieri li xi wħud minnhom qatt ma marru skola,
- ekwipaġġament ta' dawn iċ-ċentri b'materjali meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tagħhom. Dan iċ-ċentru, ladarba jiġi mibni, għandu jkun mgħammar b'materjal pedagoġiku u affarijiet oħra biex it-tfal jitqiegħdu f'kundizzjonijiet skolastiċi kemm jista' jkun ottimali u biex ikunu jistgħu ikomplu l-istudji tagħhom iktar tard,
- reklutaġġ ta' persunal involut fil-proġett. Se jiġi reklutat persunal kwalifikat fil-pedagoġija speċifika, jiġifieri ffukata fuq it-trattament ta' tfal imsejħa "illegali". Dan il-persunal se jkun inkarigat ukoll li jirreġistra t-tfal fiż-żoni tal-minjieri bl-għajnuna tal-ġenituri rispettivi tagħhom,
- organizzazzjoni tat-trattament psikosoċjali. Ladarba t-tfal jiġu reġistrati, għal perjodu inizjali ta' tliet xhur, se jiġu trattati f'ċentru ta' trattament psikoloġiku. Għandu jitqies il-fatt li dawn it-tfal jiġu minn kuntest "perikoluż, mhux komuni". Għaldaqstant se jiġi reklutat espert psikologu,
- orjentazzjoni tat-tfal skont il-livell ta' studji milħuq. Se jkun hemm 3 livelli differenti: L-ewwel livell jikkonċerna t-tfal li qatt ma marru skola u dawk li waqqfu l-iskola fl-ewwel sentejn. Dawn se jirċievu taħriġ tat-tieni sena tal-primarja,
- it-tieni livell jikkonċerna tfal li waqqfu l-iskola fit-tielet jew ir-raba' sena tal-primarja. Dawn se jirċievu taħriġ tar-raba' sena tal-primarja,
- it-tielet livell jikkonċerna tfal li waqqfu l-iskola fil-ħames sena u dawk li fallew is-sitt sena. Dawn se jirċievu taħriġ tas-sitt sena tal-primarja.

Fi tmiem kull sena skolastika, it-tfal kollha li jkunu fis-sitt sena se jagħmlu t-TENAFEP (Test Nazzjonali ta' Tmiem l-Istudji Primarji); test li jħejji lit-tfal jiffaċċjaw l-iskola sekondarja.

Kantina tal-iskola se tkun organizzata biex it-tfal jiġu stimolati jsegwu l-klassijiet u biex il-ġenituri jiġu dissważi milli jibagħtuhom jaħdmu fil-minjieri.

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

Il-flus li jinqalgħu mill-minjieri min-naħa tat-tfal kienu jservu għall-ħlas tal-ispejjeż familjari. Biex tintemm din il-prattika, il-proġett jipprevedi l-għoti ta' Sett (magħmul minn borża ross, kontenitur żgħir ta' żejt) kull xahar u għal kull familja ta' kull tifel u tifla kkonċernati.

— Evalwazzjoni tal-impatt kwalitattiv tal-proġett, jiġifieri n-numru ta' tfal reklutati fil-minjieri, il-progress normali tagħhom fl-iskejjel sekondarji tal-post jew band'oħra, l-involviment tal-komunità u tal-awtoritajiet lokali fir-rigward ta' din il-problema tat-tfal fil-minjieri, il-kwalità tat-tagħlim li jirċievu t-tfal.

*It-tieni fażi: ħolqien ta' ċentru ta' taħriġ professjonali għaż-żgħażagħ (ta' bejn is-16 u t-18-il sena) mill-provinċji ta' Luhwindja (U$D 1 150 000):*

— sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet lokali dwar il-leġiżlazzjoni u strumenti ġuridiċi oħra nazzjonali u internazzjonali b'rabta mal-protezzjoni tat-tfal. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu informati bid-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom,

— bini ta' ċentru ta' taħriġ professjonali. Billi jitqiesu r-realtajiet lokali, se jiġu organizzati l-korsijiet li ġejjin: ħjata, kostruzzjoni, korsijiet ta' mastrudaxxa, tisjir imtejjeb u welding,

— ekwipaġġament ta' dawn iċ-ċentri b'materjali meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tagħhom. Il-korsijiet se jseħħu fl-NGOs lokali, intrapriżi tal-Istat… biex jiġu kkonċiljati t-teorija u l-prattika,

— reklutaġġ ta' persunal involut fil-proġett. Se jiġi reklutat, lokalment jew minn postijiet oħra, persunal kwalifikat għal kull wieħed mill-korsijiet,

— organizzazzjoni tat-trattament psikosoċjali. L-esperjenza wriet li f'din il-fażi ta' etajiet jinsabu devjanti soċjali oħra: pejjiepa tal-qanneb u drogi oħra, prostituti huma komuni f'dan il-grupp tal-età,

— orjentament taż-żgħażagħ skont il-korsijiet magħżula. Wara tmiem it-trattament psikosoċjali tagħhom, iż-żgħażagħ se jiġu orjentati wieħed wieħed lejn kors tal-għażla tagħhom. L-objettiv huwa li jiġu valorizzati filwaqt li jsiru utli għas-soċjetà,

— evalwazzjoni tal-impatt tal-proġett fuq il-benefiċjarji, jekk it-taħriġ tagħhom ikunx ħoloq soluzzjoni għall-problemi lokali. Se jinkitbu evalwazzjoni u rapporti li jintbagħtu lis-sjieda tal-fondi.

*It-tielet fażi: Għajnuna lit-tfajliet u lin-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess, li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, biex dawn joħorġu mill-kundizzjoni tagħhom u biex jingħatawlhom attivitajiet li jiġġeneraw dħul għat-tnaqqis tal-faqar (U$D 760 000)*

— reklutaġġ tal-forza tax-xogħol involuta f'dan il-proġett. Se jiġu reklutati persuni b'għarfien tekniku u persunal ieħor speċjalizzat fil-kwistjoni tat-trattament tat-tfajliet u tan-nisa "marġinalizzati" tas-soċjetà biex imexxu dan il-proġett,

— sensibilizzazzjoni tal-bniet minorenni u tan-nisa prostituti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Matul dawn is-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, se jiġu organizzati regolarment testijiet volontarji ta' identifikazzjoni tal-marda ĦIV/Aids u ta' mard ieħor simili, favur il-benefiċjarji diretti ta' dan il-proġett.

Dawn it-testijiet se jseħħu mill-infirmiera tal-Isptar PANZI, immexxi mit-Tabib Denis Mukwege. Il-każijiet suspetti jistgħu jiġu trasferiti għat-trattament psikomediku.

— taħriġ tat-tfajliet minorenni u tan-nisa prostituti f'suġġetti b'rabta mal-ġestjoni AGR, l-ippjanar tal-wild.

Billi jgħixu f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi drammatiċi, se jingħatawlhom ċerti strateġiji ta' ippjanar tal-wild. L-assoċjazzjoni tista' anke tiffirma ftehimiet ma' dawn il-prostituti biex jiġu limitati l-wild u n-non frekwentazzjoni taż-żoni tal-minjieri.

— ħolqien ta' tim ta' sorveljanza għall-applikazzjoni tal-ftehimiet, l-impenji meħuda bejn l-assoċjazzjoni u t-tfajliet minorenni u n-nisa prostituti, sabiex dawn ma jerġgħux imorru lura fil-minjieri. Persentaġġ notevoli ta' tfal ta' dawn it-tfajliet u nisa prostituti jinsab fiż-żona tal-minjieri,

— orjentament ta' dawn in-nisa lejn attivitajiet li jiġġeneraw dħul: attivitajiet agrikoli (ta' trobbija tal-annimali, ta' negozji żgħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jmantnu lill-familji rispettivi tagħhom. L-objettiv huwa li dawn it-tfajliet u nisa jaslu biex imantnu lilhom infushom.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

Evalwazzjoni tal-proġett: verifikazzjoni jekk il-benefiċjarji żammewx l-impenn tagħhom li jieqfu milli jipprostitwixxu ruħhom fiż-żoni tal-minjieri, jekk l-attivitajiet ta' dħul evolvewx b'mod pożittiv, jekk il-pariri ta' ippjanar tal-wild ġewx applikati.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 21 Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħiħ tas-sħubiji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jitwaqqfu intrapriżi soċjali fl-Afrika tal-Lvant

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni b'appoġġ għall-benessri tal-popli tal-Afrika tal-Lvant u biex tgħin biex dawn joħorġu mill-faqar u jibnu tkabbir ekonomiku awtosuffiċjenti.

Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet, is-sjieda u l-impenn politiku tal-protagonisti lokali biex jinbeda tibdil strutturali b'appoġġ għall-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali li jikkostitwixxu pilastri importanti tal-ekonomija soċjali u s-soċjetà ċivili. Dawn l-intrapriżi b'mod partikolari se jipproduċu u jipprovdu prodotti u servizzi fl-oqsma tal-agrikoltura sostenibbli u l-produzzjoni tal-bhejjem, ir-riżorsi naturali u l-ġestjoni tar-riżorsi, l-effiċjenza tal-enerġija, il-kultura u l-edukazzjoni, kif ukoll is-servizzi ta' saħħa u ta' kura

L-intrapriżi soċjali, flimkien mal-kooperattivi, huma operaturi fl-ekonomija soċjali li jikkumerċjalizzaw prodotti u servizzi biex jiksbu impatt soċjali ([1]) minflok biex jagħmlu qligħ għall-proprjetarji tagħhom jew il-partijiet interessati, u huma ġestiti b'mod miftuħ u responsabbli, u b'mod partikolari jinvolvu lill-impjegati, lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom ([2]). L-ILO għamlet sforzi sinifikanti biex tenfasizza l-importanza tar-rwol tagħhom għall-promozzjoni tas-sostenibilità ekonomika, il-ġustizzja soċjali, il-bilanċ ekoloġiku, xogħol deċenti, stabilità politika, soluzzjoni ta' kunflitti u ugwaljanza bejn is-sessi ([3]), u l-Azzjoni Preparatorja se tintegra l-lezzjonijiet li ssieltu mill-ħidma tal-ILO.

Il-proċess ta' bidu, żvilupp u replikar tal-intrapriżi soċjali u tal-kooperattivi spiss se jkollu jkun ibbażat fuq użu innovattiv u għaqda ta' riżorsi biex jinstabu opportunitajiet biex tiġi katalizzata l-bidla soċjali u/jew jiġu indirizzati l-bżonnijiet soċjali, bi spinta min-naħa tal-intraprendituri soċjali.

([1]) L-impatt soċjali huwa ġenerat permezz ta' azzjoni solidari mal-persuni żvantaġġati u esklużi; maż-żgħażagħ u mal-anzjani, solidarjetà mal-ġenerazzjonijiet futuri (eż. permezz tal-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-iskart), iż-żieda tal-kwalità tal-għajxien ta' kulħadd permezz ta' produzzjoni ta' prodotti u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi u jikkontribwixxu għal żvilupp tal-kapital tal-komunità u soċjali, pereżempju permezz tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa u bi prezz raġonevoli, jew l-iffaċilitar tal-aċċess għal u l-provvista ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja.

([2]) Eva Deraedt, Social Enterprise: *A Conceptual Framework*, studju għall-ILO mill-Hoger instituut voor de arbeid, Leuwen 2009.
Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Inizjattiva ta' Negozju Soċjali — Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni; COM(2011) 682; Brussel il-25 ta' Ottubru 2011.

([3]) Pereżempju: *The Reader 2010*: *Social and Solidarity Economy: Building a Common Understanding; International Training Centre of the International Labour Organization 2010* (Ekonomija Soċjali u Solidari: Nibnu Fehim Komuni — Ċentru tat-Taħriġ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ta-Xogħol 2010).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)** *(ikompli)*

***21 02 77*** *(ikompli)*

21 02 77 21 *(ikompli)*

L-approċċ innovattiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa bbażat fuq l-għaqda ta' riżorsi li ma jintużawx biżżejjed u muturi għall-iżvilupp lokali, u se jiżvilupp u jittestja modi ġodda kif jiġu żviluppati komunitajiet sostenibbli (f'żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant [il-Kenja u l-Etjopja]) b'bażi solida fl-ekonomija soċjali, billi

— jiġu mobilizzati u jingħataw setgħa l-intraprendituri soċjali biex jagħmlu l-bidla minn intraprenditorija informali għal negozji soċjali li jippermettu l-iżvilupp tal-ħiliet, tal-fiduċja proprja, tar-responsabilità reċiproka, tad-dħul u tal-benesseri,

— jiġu stabbiliti sħubiji lokali tal-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ewlenin, partijiet interessati u protagonisti li jippromwovu u jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali, fil-kuntest ta' ekosistema li tista' twassal għall-iżvilupp u s-sostenibilità tagħhom, li jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-parteċipazzjoni, il-kosjieda u l-ġestjoni demokratika,

— jiġu mobilizzati u involuti komunitajiet ta' dijaspora li jgħixu fl-Ewropa li għandhom rwol ekonomiku sinifikanti fil-fluss tal-kapital lejn l-Afrika tal-Lvant, iżda li għandhom ukoll rabtiet soċjo-politiċi mar-reġjun,

— jiġi faċilitat it-tagħlim mill-pari billi jiġu utilizzati u sfruttati l-esperjenza u l-għarfien espert tal-protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati l-Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea li jrnexxielhom jiżviluppaw strutturi ta' ekonomija soċjali ġodda u mudelli ġodda ta' negozju għall-intrapriżi soċjali fil-perjodu ta' trasformazzjoni mill-ekonomiji kkontrollati mill-istat għal ekonomiji tas-suq soċjali.

Għal dan l-għan, l-azzjoni preparatorja se tapplika approċċ esperimentali, u tittestja l-kundizzjonijiet għas-suċċess taħt diversi konfigurazzjonijiet:

— se tinvolvi sħubija bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali fl-Afrika tal-Lvant mal-komunitajiet ta' dijaspora fl-Ewropea u protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati Membri l-ġodda,

— se tidentifika u tagħti s-setgħa lil sħubiji lokali ta' żvilupp f'diversi pajjiżi Ewropej u f'mill-inqas żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant, li jistgħu jikkollaboraw fit-twaqqif ta' intrapriżi soċjali u l-iżvilupp ta' ekosistema tal-ekonomija soċjali fil-komunitajiet tas-sħab Afrikani,

— is-sħubiji lokali transnazzjonali se jiġu stabbiliti u żviluppati bejn inizjattivi ta' ekonomija soċjali fi bliet kbar, bliet ta' daqs medju u rħula rurali.

L-azzjoni preparatorja se tinkludi ħidma analitika (evalwazzjoni parteċipattiva tax-xenarji ta' referenza u żviluppi tal-istrateġija, evalwazzjonijiet tal-fattibilità); ħidma organizzattiva (ċelloli ta' koordinazzjoni għat-tħejjija u l-provvista ta' għajnuna teknika lill-attivitajiet tas-sħab), it-twaqqif ta' spazji ta' tagħlim (permezz ta' żjajjar ta' studju, seminars ta' tagħlim, issekondjar, kooperazzjoni bejn l-intrapriżi soċjali, eċċ.) u l-iżvilupp ta' infrastruttura u l-attivazzjoni ta' ekosistema għall-intrapriżi soċjali, kooperattivi bbażati fuq il-komunità u gruppi ta' produtturi. Dan se jirriżulta fit-tnedija ta' sħubiji transnazzjonali bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali mill-Afrika tal-Lvant u l-Ewropa tal-Lvant, bl-għajnuna ta' komunitajiet ta' dijaspora u protagonisti tal-ekonomija soċjali b'ħafna esperjenza mill-Istati Membri l-ġodda.

Huwa mistenni li l-iżvilupp ta' inizjattivi tal-ekonomija soċjali se jtejbu l-iżviluppi tal-komunitajiet lokali fl-Afrika tal-Lvant u jsaħħu l-proċessi ta' prevenzjoni tal-faqar, partikolarment permezz tat-tnaqqis fl-impjieg informali, l-aċċess għal kosjieda tal-mezzi ta' produzzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-għoti ta' spinta lill-ekonomija soċjali.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 03 | STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) | | | | | | | | |
| ***21 03 01*** | ***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterrann*** | | | | | | | | |
| 21 03 01 01 | Pajjiżi Mediterranji — Drittijiet tal-bniedem u mobilità | 4 | 211 086 641 | 27 144 052 | | | | | — |
| 21 03 01 02 | Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli | 4 | 687 811 401 | 88 913 714 | | | | | — |
| 21 03 01 03 | Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti | 4 | 80 199 203 | 13 961 057 | | | | | — |
| 21 03 01 04 | Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA) | 4 | 300 000 000 | 200 000 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 03 01 — Sub-total* | | 1 279 097 245 | 330 018 823 | | | | | — |
| ***21 03 02*** | ***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant*** | | | | | | | | |
| 21 03 02 01 | Sħubija tal-Lvant — Drittijiet tal-bniedem u mobilità | 4 | 247 066 602 | 23 628 498 | | | | | — |
| 21 03 02 02 | Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli | 4 | 339 852 750 | 34 154 482 | | | | | — |
| 21 03 02 03 | Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti | 4 | 12 966 060 | 916 204 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 03 02 — Sub-total* | | 599 885 412 | 58 699 184 | | | | | — |
| ***21 03 03*** | ***Żgurar ta' kooperazzjoni transfruntiera (KTF) effiċjenti u sostenn ta' kooperazzjonijiet multinazzjonali oħra*** | | | | | | | | |
| 21 03 03 01 | Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 | 4 | 6 500 000 | 933 214 | | | | | — |
| 21 03 03 02 | Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali) | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 21 03 03 03 | Sostenn lil kooperazzjoni oħra multinazzjonali fil-viċinat | 4 | 163 771 093 | 9 853 695 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 03 03 — Sub-total* | | 170 271 093 | 10 786 909 | | | | | — |
| ***21 03 20*** | ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI)*** | 4 | 80 486 950 | 8 736 028 | | | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***21 03 51*** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2014)*** | 4 | — | 909 500 000 | 2 410 468 073 | 1 342 985 867 | 2 295 898 446,88 | 1 347 562 526,04 | 148,17 |
| ***21 03 52*** | ***Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)*** | 1.2 | — | 68 000 000 | 80 816 627 | 85 200 000 | 99 221 636,— | 69 939 439,97 | 102,85 |
| ***21 03 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 21 03 77 01 | Proġett pilota — Azzjonijiet preventivi u ta' rkupru għall-qiegħ tal-Baħar Baltiku. | 4 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 21 03 77 02 | Azzjoni preparatorja — Minoritajiet fir-Russja — Żvilupp tal-kultura, midja u soċjetà ċivili | 4 | — | p.m. | p.m. | 1 286 000 | 0,— | 25 224,07 | — |
| 21 03 77 03 | Azzjoni preparatorja — Strateġija Ewro-Mediterranja ġdida għall-promozzjoni ta' imġjiegi għaż-żgħażagħ | 4 | — | 855 000 | p.m. | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— | 0,— |
| 21 03 77 04 | Proġetti pilota — Finanzjar PEV — Tħejjija ta' persunal għal impjiegi relatati mal-UNJONI-PEV | 4 | — | 315 000 | p.m. | 550 000 | 0,— | 508 969,29 | 161,58 |
| 21 03 77 05 | Azzjonijiet ta' tħejjija — Rkupru ta' Assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija | 4 | 2 740 012 | 1 370 006 | | | | | — |
| | *Artikolu 21 03 77 — Sub-total* | | 2 740 012 | 2 540 006 | p.m. | 2 586 000 | 1 500 000,— | 534 193,36 | 21,03 |
| | **Kapitolu 21 03 — Total** | | **2 132 480 712** | **1 388 280 950** | **2 491 284 700** | **1 430 771 867** | **2 396 620 082,88** | **1 418 036 159,37** | **102,14** |

**21 03 01** ***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterrann***

21 03 01 01 Pajjiżi Mediterranji — Drittijiet tal-bniedem u mobilità

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 211 086 641 | 27 144 052 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,

— l-istat tad-dritt,

— il-prinċipji tal-ugwaljanza,

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 01*** *(ikompli)*

21 03 01 01 *(ikompli)*

— l-istabiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli,

— il-governanza tajba,

— l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili prosperuża inklużi sħab soċjali,

— il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies immexxija sew,

— il-promozzjoni ta' kuntatti bejn in-nies.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(a)(c) tiegħu.

21 03 01 02 Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 687 811 401 | 88 913 714 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transettorjali, anki permezz ta':

  — approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali relevanti oħrajn,

  — il-bini ta' istituzzjonijiet,

  — investments,

— l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv fl-aspetti kollha,

— it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,

— il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,

— l-iżvilupp rurali,

— l-azzjoni klimatika,

— ir-reżiljenza għad-diżastri.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 01*** *(ikompli)*

21 03 01 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak jinkiseb, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(b) u (d) tiegħu.

21 03 01 03 Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 80 199 203 | 13 961 057 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— il-bini tal-fiduċja u tal-paċi, anke fost it-tfal,

— is-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti,

— l-appoġġ lir-refuġjati u l-popolazzjoni spostata inklużi t-tfal.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(e) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 01*** *(ikompli)*

21 03 01 04 Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 300 000 000 | 200 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri operazzjonijiet għall-benefiċċju tan-nies Palestinjani u t-territorji Palestinjani okkupati tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, fil-kuntest tal-proċess għall-paċi fil-Lvant Nofsani.

L-operazzjonijiet għandhom l-għanijiet primarji li:

— jappoġġaw il-bini tal-Istat u l-iżvilupp istituzzjonali,

— jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku,

— jimmitigaw l-effetti fuq il-popolazzjoni Palestinjana tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, fiskali u umanitarji li sejrin għall-agħar permezz tal-forniment ta' servizzi essenzjali u appoġġ ieħor,

— jikkontribwixxu għall-isforzi ta' rikostruzzjoni f'Gaża,

— jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina (UNRWA) u b'mod partikolari għall-programmi tas-saħħa, edukattivi u tas-servizzi soċjali tagħha,

— jiffinanzjaw operazzjonijiet preparatorji li għandhom l-għan li jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-Iżrael u l-ġirien tagħha fil-kuntest tal-proċess paċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-istituzzjonijiet, kwistjonijiet ekonomiċi, l-ilma, l-ambjent u l-enerġija,

— jiffinanzjaw attivitajiet imfasslin sabiex joħolqu opinjoni pubblika favur il-proċess paċifiku,

— jiffinanzjaw tagħrif, inkluż bl-Għarbi u l-Ebrajk, u t-tqassim tat-tagħrif dwar il-kooperazzjoni bejn l-Iżrael u l-Palestina,

— jippromwovu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jippromwovu rispett ikbar għad-drittijiet tal-minoritajiet, jiġġieldu l-anti-Semitiżmu u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni,

— irawmu l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili, inter alia, biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

### *21 03 02 Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant*

21 03 02 01 Sħubija tal-Lvant — Drittijiet tal-bniedem u mobilità

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 247 066 602 | 23 628 498 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali,

— l-istat tad-dritt,

— il-prinċipji tal-ugwaljanza,

— l-istabiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli,

— il-governanza tajba,

— l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili prosperuża inklużi sħab soċjali,

— il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies immexxija sew,

— il-promozzjoni ta' kuntatti bejn in-nies.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(a) u (c) tiegħu.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 02*** *(ikompli)*

21 03 02 02 Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 339 852 750 | 34 154 482 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transettorjali, anki permezz ta':

  — approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali relevanti oħrajn,

  — il-bini ta' istituzzjonijiet,

  — investimenti,

— l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv fl-aspetti kollha,

— it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,

— il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,

— l-iżvilupp rurali,

— l-azzjoni klimatika,

— ir-reżiljenza għad-diżastri.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal operazzjonijiet imwettqa mill-Konfederazzjoni ta' Servizzi ta' Esperti Għolja Ewropej — (CESES) — u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha, inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'impriżi u istituzzjonijiet magħżula tas-settur pubbliku u dak privat. Biex dak jinkiseb, l-uffiċjali awtorizzanti tal-Unjoni jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mir-regolament finanzjarju l-ġdid, filwaqt li b'mod partikolari jitqies il-finanzjament in natura mis-CESES bħala kontribuzzjoni għall-proġetti tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(b) u (d) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA’ VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 02*** *(ikompli)*

21 03 02 03 Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta’ fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta’ konflitti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 12 966 060 | 916 204 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b’mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta’ kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, inter alia, fl-oqsma li ġejjin:

— il-bini tal-kunfidenza,

— is-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta’ kunflitti,

— l-appoġġ lil rifuġjati.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f’isimhom jista’ jwassal għall-provdiment ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta’ sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b’medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Volum adegwat ta’ approprjazzjonijiet għandu jiġi mwarrab għall-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

*Atti ta’ referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta’ Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta’ Viċinat (COM(2011) 839 final), u b’mod partikolari l-Artikolu 2(2)(e) tiegħu.

***21 03 03*** ***Żgurar ta’ kooperazzjoni transfruntiera (KTF) effiċjenti u sostenn ta’ kooperazzjonijiet multinazzjonali oħra***

21 03 03 01 Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 6 500 000 | 933 214 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri programmi ta’ kooperazzjoni transfruntiera tul il-fruntieri esterni tal-Unjoni bejn pajjiżi sħab u Stati Membri biex jiġi promoss żvilupp reġjonali integrat u sostenibbli bejn ir-reġjuni fil-fruntieri ġirien, inklużi l-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed, u integrazzjoni territorjali armonjuża fi ħdan l-Unjoni u mal-pajjiżi ġirien.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 03*** *(ikompli)*

21 03 03 01 *(ikompli)*

Jekk jittieħed f'kunsiderazzjoni l-proċess twil biex jitwaqqfu programmi operazzjonali konġunti, l-impenji ta' kooperazzjoni transfruntiera fl-2014 ser ikunu ftit u fil-parti l-kbira relatati ma' assistenza teknika meħtieġa fil-fażi preparatorja. Ladarba jibdew jiġu implimentati l-programmi, l-impenji ser juru xejra li tiżdied ful il-perjodu 2015-2020 (kif kien il-każ għall-2007-2013).

Parti minn din l-approprjazzjoni se tiġi allokata għal appoġġ addizzjonali għall-għanijiet tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. Dan l-appoġġ jista' jiġi implimentat jew bl-appoġġ dirett ta' proġetti fl-ambitu tal-EUSBSR jew, kif xieraq, permezz ta', pereżempju, id-Dimensjoni tat-Tramuntana fil-qafas tal-Programm tal-Lvant Reġjonali u l-Programm Indikattiv Interreġjonali, il-Programm tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku tal-HELCOM jew il-Programm Konġunt ta' Riċerka għall-Baħar Baltiku BONUS-169.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(f) tiegħu.

21 03 03 02 Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR skont l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea fil-perjodu ta' programmar 2014-2020 għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera u tal-baċiri tal-baħar skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari biex tkopri programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera tul il-fruntieri esterni tal-Unjoni bejn pajjiżi sħab u Stati Membri biex jiġi promoss żvilupp reġjonali integrat u sostenibbli bejn ir-reġjuni fil-fruntieri ġirien, inklużi l-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed, u integrazzjoni territorjali armonjuża fi ħdan l-Unjoni u mal-pajjiżi ġirien.

Jekk jittieħed f'kunsiderazzjoni l-proċess twil biex jitwaqqfu programmi operazzjonali konġunti, l-impenji ta' kooperazzjoni transfruntiera fl-2014 ser ikunu ftit u fil-parti l-kbira relatati ma' assistenza teknika meħtieġa fil-fażi preparatorja. Ladarba jibdew jiġu implimentati l-programmi, l-impenji ser juru xejra li tiżdied ful il-perjodu 2015-2020 (kif kien il-każ għall-2007-2013).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 03*** *(ikompli)*

21 03 03 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(f) tiegħu.

21 03 03 03 Sostenn lil kooperazzjoni oħra multinazzjonali fil-viċinat

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 163 771 093 | 9 853 695 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-approprjazzjonijiet skont din il-partita ser jintużaw biex ikopru azzjonijiet li għandhom l-għan li:

— jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-Unjoni għall-Mediterran,

— jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant,

— jipprovdu appoġġ ġenerali għall-funzjonament tal-kooperazzjoni l-oħra multinazzjonali fl-ENI, bħal pereżempju d-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

Ser tintuża wkoll għal azzjonijiet li jtejbu l-livell u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-assistenza tal-Unjoni kif ukoll għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali u lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-assistenza u li jżidu l-viżibbiltà.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 03*** *(ikompli)*

21 03 03 03 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final).

***21 03 20*** ***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 80 486 950 | 8 736 028 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja pprovduta skont dan l-istrument estern sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni superjuri għall-implimentazzjoni tal-programm "Erasmus+".

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (COM(2011) 839 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu.

***21 03 51*** ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2014)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 909 500 000 | 2 410 468 073 | 1 342 985 867 | 2 295 898 446,88 | 1 347 562 526,04 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 19 08 01 01, 19 08 01 02, 19 08 01 03, 19 08 02 01 u l-ex Artikolu 19 08 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 51*** *(ikompli)*

Hija maħsuba wkoll sabiex tkopri t-tlestija tal-protokolli finanzjarji mal-pajjiżi tal-Mediterran, inkluż, inter alia, appoġġ għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija fi ħdan il-Bank Ewropew ta' Investiment u tkopri l-eżekuzzjoni ta' għajnuna finanzjarja mhux tal-BEI pprovduta fit-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta' protokolli finanzjarji mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-protokolli jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 1986 u l-31 ta' Ottubru 1991 għat-tielet ġenerazzjoni ta' protokolli finanzjarji u l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 1991 u l-31 ta' Ottubru 1996 għar-raba' ġenerazzjoni tal-protokolli finanzjarji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Permezz tal-informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħlin fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; iwasslu għall-forniment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness taż-"Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, b'konformità mal-att bażiku relevanti, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tiġi allokata għal appoġġ addizzjonali għall-objettivi tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tal-UNJONI, direttament jew permezz ta' atturi rilevanti u sħab fir-reġjun.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Algerija (ĠU L 263, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2211/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 264, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2212/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 265, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2213/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 266, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2214/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 267, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2215/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemit tal-Ġordan (ĠU L 268, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2216/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 269, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3177/82 tas-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3178/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemit tal-Ġordan (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 15).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 51*** *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3180/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3181/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 29).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3182/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 36).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/30/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/31/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/32/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 17).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/206/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1762/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokolli dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika konkluża mill-Komunità mal-pajjiżi tal-Mediterran li ma humiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 1), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 51*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Sirjana Għarbija (ĠU L 32, 5.2.1994, p. 44).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1734/94 tal-11 ta' Lulju 1994 fuq il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika max-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża (ĠU L 182, 16.7.1994, p. 4), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 213/96 tad-29 ta' Jannar 1996 fuq l-implimentazzjoni tal-Istrument Finanzjarju tas-Sħab fl-Investiment tal-Komunitajiet Ewropej għall-pajjiżi tal-Amerika Latina, l-Asja, ir-Reġjun tal-Mediterran u l-Afrika ta' Isfel (ĠU L 28, 6.2.1996, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

***21 03 52*** ***Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 68 000 000 | 80 816 627 | 85 200 000 | 99 221 636,— | 69 939 439,97 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 08 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mill-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 għal kooperazzjoni transfruntiera skont l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

***21 03 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

21 03 77 01 Proġett pilota — Azzjonijiet preventivi u ta' rkupru għall-qiegħ tal-Baħar Baltiku.

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 08 01 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 77*** *(ikompli)*

21 03 77 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 03 77 02 Azzjoni preparatorja — Minoritajiet fir-Russja — Żvilupp tal-kultura, midja u soċjetà ċivili

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | p.m. | 1 286 000 | 0,— | 25 224,07 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 08 01 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Strateġija Ewro-Mediterranja ġdida għall-promozzjoni ta' imġjiegi għaż-żgħażagħ

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 855 000 | p.m. | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 08 01 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

Fil-qafas tad-demokratizzazzjoni emerġenti fost il-ġirien tan-Nofsinhar tal-Mediterran, il-flus bejn iż-żewġ naħat ta' professjonisti żgħażagħ miż-żewġ naħat tal-Mediterran fil-livell professjonali huwa element essenzjali għall-konsolidament tad-demokrazija u l-inklużjoni ta' professjonisti żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

L-għan ewlieni tal-azzjoni preparatorja huwa li tippromwovi u sseddaq l-iskambju reċiproku ta' professjonisti żgħażagħ fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran. L-attivitajiet ikopru wkoll taħriġ vokazzjonali.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 03 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)** *(ikompli)*

***21 03 77*** *(ikompli)*

21 03 77 04 Proġetti pilota — Finanzjar PEV — Tħejjija ta' persunal għal impjiegi relatati mal-UNJONI-PEV

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 315 000 | p.m. | 550 000 | 0,— | 508 969,29 |

*Kummenti*

*Ex Partita 19 08 01 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 03 77 05 Azzjonijiet ta' tħejjija — Rkupru ta' Assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 2 740 012 | 1 370 006 | | | | |

*Kummenti*

Peress li d-diversità u l-kumplessità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fl-Istati mitluba u l-għarfien espert ġuridiku u l-kapaċitajiet istituzzjonali limitati fl-Istati li qed jitolbu jibqgħu jikkostitwixxu ostakoli kbar fil-qasam tal-irkupru ta' assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni, huwa importanti ħafna li tingħata assistenza ġuridika u teknika sostanzjali lill-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran ikkonċernati.

Din l-azzjoni preparatorja, ibbażat fuq inizjattivi tal-Unjoni fis-seħħ li jappoġġaw l-awtoritajiet Eġizzjani u Tuneżini involuti fl-irkupru tal-assi miżapproprjati minn eks dittaturi u r-reġimi tagħhom, huwa intiż sabiex issaħħaħ l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam permezz tal-bini ta' kapaċità kif ukoll il-promozzjoni ta' kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' għarfien espert u informazzjoni bejn l-Istati li qed jitolbu u dawk mitluba, u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kif xieraq.

Din l-azzjoni preparatorja tkopri l-ispejjeż ta' tnedija għal dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ u l-finanzjament tal-ispejjeż annwali ta' ġestjoni tiegħu.

*Bażi legali*

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

## KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 04 | STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM | | | | | | | | |
| ***21 04 01*** | ***Tisħiħ tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-appoġġ għal riformi demokratiċi*** | 4 | 132 782 020 | 3 815 739 | | | | | — |
| ***21 04 51*** | ***Tlestija tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (ta' qabel l-2014)*** | 4 | — | 83 300 000 | 128 165 000 | 109 451 930 | 127 677 133,39 | 113 940 795,01 | 136,78 |
| ***21 04 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 21 04 77 01 | Azzjoni preparatorja — Stabiliment ta' netwerk ta' prevenzjoni tal-konflitti | 4 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 21 04 77 02 | Proġett pilota — Forum tas-Soċjetà Ċivili UNJONI-Russja | 4 | — | — | p.m. | 400 000 | 400 000,— | 0,— | — |
| 21 04 77 03 | Proġett pilota — Finanzjar għall-vittmi tat-tortura | 4 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 629 060,61 | — |
| | *Artikolu 21 04 77 — Sub-total* | | — | — | p.m. | 400 000 | 400 000,— | 629 060,61 | — |
| | **Kapitolu 21 04 — Total** | | **132 782 020** | **87 115 739** | **128 165 000** | **109 851 930** | **128 077 133,39** | **114 569 855,62** | **131,51** |

### 21 04 01 *Tisħiħ tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-appoġġ għal riformi demokratiċi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 132 782 020 | 3 815 739 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

L-għan ġenerali ser ikun ta' kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, skont il-politiki u l-linji gwida tal-Unjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili.

L-oqsma ewlenin ta' attività ser jinkludu:

— iż-żieda tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif iddikajrat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem, u t-tisħiħ tal-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, l-iktar permezz tal-appoġġ għall-organizzazzjonijiet relevanti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u l-vittmi ta' ripressjoni u abbuż,

— l-appoġġ u l-konsolidazzjoni tar-riformi demokratiċi f'pajjiżi terzi, billi tissaħħaħ id-demokrazija parteċipatorja u rappreżentattiva, it-tisħiħ taċ-ċiklu demokratiku ġenerali, u t-titjib tal-affidabbiltà tal-proċessi elettorali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jkun kumplimentat bil-kontribuzzjonijiet għall-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (COM(2011) 844 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a)(b)(c) tiegħu.

### ***21 04 51*** ***Tlestija tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (ta' qabel l-2014)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 83 300 000 | 128 165 000 | 109 451 930 | 127 677 133,39 | 113 940 795,01 |

*Kummenti*

*Ex Artikoli 19 04 01 u 19 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati skont l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, b'konformità mal-att bażiku relevanti, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

**KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM** *(ikompli)*

***21 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

21 04 77 01 Azzjoni preparatorja — Stabiliment ta' netwerk ta' prevenzjoni tal-konflitti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 04 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 04 77 02 Proġett pilota — Forum tas-Soċjetà Ċivili UNJONI-Russja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | p.m. | 400 000 | 400 000,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 04 77 03 Proġett pilota — Finanzjar għall-vittmi tat-tortura

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 629 060,61 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 04 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM** *(ikompli)*

***21 04 77*** *(ikompli)*

21 04 77 03 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18).

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-2865 laqgħa tal-Kunsill għar-Relazzjonijiet Esterni, il-Lussemburgu, 29 ta' April 2009.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.3.2010, p. 389).

KUMMISSJONI
*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 05 | STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI | | | | | | | | |
| ***21 05 01*** | ***Theddidiet għas-sigurtà globali u transreġjonali*** | 4 | 82 255 223 | 4 031 479 | | | | | — |
| ***21 05 51*** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)*** | 4 | — | 42 810 916 | 74 600 000 | 46 803 278 | 68 300 000,— | 53 654 419,69 | 125,33 |
| ***21 05 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 21 05 77 01 | Proġett pilota — Sostenn għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn hemm it-theddida tal-piraterija | 4 | — | 495 000 | p.m. | 340 000 | 0,— | 0,— | 0,— |
| 21 05 77 02 | Azzjoni preparatorja — Rispons ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp | 4 | — | — | p.m. | 200 000 | 0,— | 188 542,20 | — |
| | *Artikolu 21 05 77 — Sub-total* | | — | 495 000 | p.m. | 540 000 | 0,— | 188 542,20 | 38,09 |
| | **Kapitolu 21 05 — Total** | | **82 255 223** | **47 337 395** | **74 600 000** | **47 343 278** | **68 300 000,—** | **53 842 961,89** | **113,74** |

### *21 05 01 Theddidiet għas-sigurtà globali u transreġjonali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 82 255 223 | 4 031 479 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni tkopri l-komponent fit-tul tal-"assistenza fil-kuntest ta' kundizzjonijiet stabbli għal kooperazzjoni" tal-IfS, definit fl-Artikolu 5 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà (COM(2011) 845 final) u tkopri perikli globali u transreġjonali fil-perjodu 2014-2020.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħinu fis-salvagwardja ta' pajjiżi u popolazzjonijiet kontra riskji ta' oriġini intenzjonali, aċċidentali jew naturali. *Inter alia,* dawn jistgħu jinkludu:

— il-promozzjoni ta' attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża, u appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u l-impjieg alternattiv ta' xjenzati u inġiniera li qabel kienu impjegati fl-oqsma relatati mal-armi,

— sostenn għal miżuri biex titjieb il-prattika tas-sikurezza relatata ma' faċilitajiet ċivili fejn jinħażnu jew jiġu mmaniġġati materjali jew aġenti sensittivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari, fil-kuntest ta' programmi ċivili ta' riċerka,

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI** *(ikompli)*

***21 05 01*** *(ikompli)*

— sostenn, fi ħdan il-qafas ta' linji ta' politika ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u l-objettivi tagħhom, għall-istabbiliment ta' infrastruttura ċivili u studji ċivili rilevanti meħtieġa għ aż-żarmar, ir-rimedjazzjoni jew il-konverżjoni ta' fa ċilitajiet u siti relatati mal-armi fejn jiġi ddikjarat li dawn ma għadhomx jappartjenu għall-programm ta' difiża,

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-iskjerament ta' kontroll effettiv tat-traffikar f'materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (inkluż l-apparat għall-produzzjoni jew il-kunsinna tagħhom jew il-kontrolli tal-fruntieri effettiv), anki permezz tal-installazzjoni ta' apparat loġistiku modern ta' evalwazzjoni u kontroll. L-azzjonijiet relatati ma' diżastri naturali u industrijali kif ukoll attivitajiet kriminali,

— l-appoġġ lill-IAEA biex tissaħħaħ il-kapaċità teknika tagħha għall-qbid tat-traffikar illeċitu ta' materjali radjuattivi,

— l-iżvilupp ta' qafas ġuridiku u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq prodotti li għandhom użu doppju, inklużi miżuri ta' Kooperazzjoni reġjonali,

— l-iżvilupp ta' miżuri ċivili effettivi dwar il-preparatezza għal diżastri, l-ippjanar għal emerġenzi, ir-rispons għall-kriżijiet, u l-kapaċitajiet għat-tindif fir-rigward ta' inċidenti ambjentali kbar possibbli f'dan il-qasam.

Miżuri oħrajn fil-qasam tal-perikli globali u transreġjonali ser ikopru:

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni tal-liġi u dawk ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra terroriżmu-estremiżmu vjolenti- u l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar illeċitu ta' nies, drogi, armi tan-nar u materjali splussivi, iċ-ċiberkriminalità, mediċina falsifikata u fil-kontroll effettiv ta' kummerċ u transitu illegali. Prijorità ġdida hija l-indirizzar tal-effetti globali u transreġjonali b'impatt potenzjalment distabbilizzanti,

— l-appoġġ għal miżuri biex jindirizzaw perikli għat-trasport internazzjonali u infrastruttura kritika, inkluż it-traffiku ta' passiġġiera u merkanzija, operazzjonijiet tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, netwerks elettroniċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— l-iżgurar li hemm rispons adegwat għal perikli kbar għas-saħħa pubblika, bħal mard pandemiku b'impatt transnazzjonali potenzjali.

Miżuri bħal dawn jistgħu jiġu adottati skont dan l-istrument fil-kuntest ta' kundizzjonijiet stabbli, meta jkollhom l-għan li jindirizzaw perikli globali u transreġjonali speċifiċi b'effett destabbilizzanti, u biss sal-punt li ma jkunx jista' jiġi pprovdut rispons adegwat u effettiv skont l-istrumenti relatati tal-Unjoni għal assistenza esterna.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà (COM(2011) 845 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2)(c) tiegħu.

**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI** *(ikompli)*

### 21 05 51 *Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 42 810 916 | 74 600 000 | 46 803 278 | 68 300 000,— | 53 654 419,69 |

*Kummenti*

*Ex Partiti 19 06 01 02, 19 06 02 01, 19 06 02 03 u l-Artikolu 19 06 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1724/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art tal-antipersonnell fil-pajjiżi terzi (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1725/2001 tat-23 ta' Lulju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art antipersunal fil-pajjiżi terzi għajr dawk fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

### 21 05 77 *Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

21 05 77 01 Proġett pilota — Sostenn għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn hemm it-theddida tal-piraterija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 495 000 | p.m. | 340 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 06 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 05 — STRUMENT GĦALL-ISTABILITÀ (IFS) — THEDDIDIET GLOBALI U TRANSREĠJONALI** *(ikompli)*

***21 05 77*** *(ikompli)*

21 05 77 02 Azzjoni preparatorja — Rispons ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | — | p.m. | 200 000 | 0,— | 188 542,20 |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 06 08*

Din il-partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI (SKSN)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 06 | STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI (SKSN) | | | | | | | | |
| ***21 06 01*** | ***Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi tal-materjal nukleari f'pajjiżi terzi*** | 4 | 29 346 872 | 24 814 789 | | | | | — |
| ***21 06 51*** | ***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)*** | 4 | — | 29 750 000 | 77 476 000 | 64 153 343 | 76 055 700,— | 66 476 410,— | 223,45 |
| | **Kapitolu 21 06 — Total** | | **29 346 872** | **54 564 789** | **77 476 000** | **64 153 343** | **76 055 700,—** | **66 476 410,—** | **121,83** |

***21 06 01*** ***Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi tal-materjal nukleari f'pajjiżi terzi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 29 346 872 | 24 814 789 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta': promozzjoni ta' kultura effettiva tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz ta':

— appoġġ kontinwu għall-korpi regolatorji, l-organizzazzjonijiet ta' sostenn tekniku, u t-tisħiħ tal-qafas regolatorju, l-iktar rigward l-attivitajiet ta' liċenzjar sabiex tiġi stabbilita sorveljanza regolatorja indipendenti b'saħħitha,

— appoġġ għat-trasport, it-trattament u r-rimi sikur ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv kemm mill-impjant nukleari kif ukoll minn sorsi (orfni) oħrajn, (applikazzjonijiet mediċi, estrazzjoni tal-uranju),

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għad-dekummissjonament ta' stallazzjonijiet eżistenti u r-rimedju ta' *ex* siti nukleari,

— il-promozzjoni ta' oqfsa, proċeduri u sistemi regolatorji effettivi biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra radjazzjonijiet jonizzanti minn materjali radjuattivi, b'mod partikolari minn sorsi radjuattivi b'attività qawwija, u r-rimi sikur tagħhom,

— il-finanzjament ta' stress tests ibbażati fuq l-acquis,

— l-istabiliment tal-qafas regolatorju u l-metodoloġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji nukleari, inkluż għall-kontabbiltà u l-kontroll xierqa ta' materjali fissili fil-livell tal-Istat u l-operaturi,

— l-istabiliment ta' arranġamenti effettivi għall-prevenzjoni ta' aċċidenti b'konsegwenzi radjoloġiċi kif ukoll il-mitigazzjoni tat-tali konsegwenzi jekk iseħħu, u għall-ippjanar, it-tħejjija u r-rispons għa emerġenzi, il-protezzjoni ċivili u miżuri ta' riabilitazzjoni,

**KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI (SKSN)** *(ikompli)*

***21 06 01*** *(ikompli)*

— miżuri għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali (inkluż fil-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-IAEA) fl-oqsma msemmijin hawn fuq, inklużi l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni u taħriġ u riċerka,

— it-tisħiħ tal-proċeduri ta' emerġenza fil-każ ta' aċċidenti nukleari, kif ukoll it-taħriġ u l-ikkowċjar, inter alia, sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet tar-regolaturi.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri proġetti tas-saħħa u ambjentali rigward il-konsegwenzi tal-aċċident ta' Chernobyl, li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, speċjalment fl-Ukraina u l-Belarus.

Ser tingħata prijorità sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fil-pajjiżi li huma parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Il-ħidma relevanti li qabel kienet issir skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ser tibda taqa' taħt is-SKSN sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (COM(2011) 841 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu.

***21 06 51*** ***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 29 750 000 | 77 476 000 | 64 153 343 | 76 055 700,— | 66 476 410,— |

*Kummenti*

*Ex Artikolu 19 06 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, b'konformità mal-att bażiku relevanti, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 908 tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-ewwel pagament tat-tielet kontribuzzjoni Komunitarja lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 28).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 21 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI*

**KAPITOLU 21 07 — SĦUBIJA UNJONI-GROENLANDJA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 21 07 | SĦUBIJA UNJONI-GROENLANDJA | | | | | | | | |
| **21 07 01** | ***Kooperazzjoni mal-Groenlandja*** | 4 | 24 569 471 | 11 699 882 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | 0,— |
| **21 07 51** | ***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)*** | 4 | — | 7 225 000 | 28 717 140 | 26 353 231 | 28 442 000,— | 26 727 652,— | 369,93 |
| | **Kapitolu 21 07 — Total** | | **24 569 471** | **18 924 882** | **28 717 140** | **26 353 231** | **28 442 000,—** | **26 727 652,—** | **141,23** |

## *21 07 01 Kooperazzjoni mal-Groenlandja*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 24 569 471 | 11 699 882 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex:

— tassisti lill-Groenlandja fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tagħha, inklużi x-xjenzjati, u l-bżonn li jittejjbu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Groenlandja fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— issaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjoni tal-Groenlandja biex issawwar aħjar u timplimenta politiki nazzjonali b'mod partikolari f'oqsma ġodda ta' interess reċiproku.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar") (ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2011, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra (COM(2011) 846 final), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu.

Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-16 ta' Lulju 2012, dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (COM(2012) 362 final).

KUMMISSJONI

| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 264 697 163 | 23 410 407 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettiv speċifiku tal-integrazzjoni reġjonali u tal-kooperazjoni territorjali li jinvolu pajjiżi benefiċjarji, l-Istati Membri u, fejn xieraq, pajjiżi terzi fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixi l-Istrument Ewropew tal-Viċinat.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' programmi ta' qabel l-adeżjoni reġjonali u multi-benefiċjarji għall-pajjiżi benefiċjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għajnuna teknika lil pajjiżi benefiċjarji fil-qasam tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-*acquis* tal-Unjoni kollu, b'għajnuna lill-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-*acquis*, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jilħqu l-għanijiet tagħhom u għal monitoraġġ tar-rata tagħhom ta' suċċess.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L …, …, p. …) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(d) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L …, …, p. …).

**KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR** *(ikompli)*

***22 02 04*** *(ikompli)*

22 02 04 02 Kontribuzzjoni lill-Erasmus+

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 29 243 936 | 4 036 318 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika u finanzjarja provduta taħt dan l-istrument estern sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja sabiex jiġi implimentat il-programm "Erasmus għal kulħadd".

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L …, …, p. …) u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu.

22 02 04 03 Kontribuzzjoni għall-Komunità għall-Enerġija tax-Xlokk tal-Ewropa

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 3 445 024 | 3 445 024 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Komunità tal-Enerġija. Dan il-baġit huwa relatat man-nefqa amministrattiva u operazzjonali.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L …, …, p. …).

***22 02 51*** ***Tlestija ta' assistenza preċedenti ta' qabel l-adeżjoni (ta' qabel l-2014)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 690 141 998 | 974 579 737 | 811 786 225 | 1 012 957 572,36 | 827 761 507,43 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 22 02 01, 22 02 02, 22 02 03, 22 02 06, 22 02 11 u 32 04 11 u l-ex Partiti 22 02 04 01, 22 02 04 02, 22 02 05 01, 22 02 05 02, 22 02 05 03, 22 02 05 04, 22 02 05 09, 22 02 05 10, 22 02 07 01, 22 02 07 02, 22 02 10 01 u 22 02 10 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-istralċ tal-impenji li saru qabel l-2014.

KUMMISSJONI

*TITOLU 22 — TKABBIR*

**KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR** *(ikompli)*

***22 02 51*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-ħidma li tirriżulta mill-poteri speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 34 tal-Att ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u l-Artikolu 31 tat-Titolu III tal-Att ta' Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 (parti mit-Tratat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea).

Kompiti li jirriżultaw mill-poteri speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni bl-Artikolu 30 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar l-għajnuna ekonomika lir-Repubblika tal-Ungerija u lir-Repubblika tal-Poplu Pollakk (ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta' Lulju 1996 dwar miżuri finanzjarji u tekniċi biex jakkumpanjaw (MEDA) ir-riforma tal-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 555/2000 tat-13 ta' Marzu 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet fi ħdan il-qafas ta' strateġija ta' qabel l-adeżjoni għar-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 68, 16.3.2000, p. 3).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2000 tal-10 ta' April, 2000, dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri biex tissaħħaħ aktar l-għaqda doganali bejn il-KE u t-Turkija (ĠU L 94, 14.4.2000, p. 6).

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 fuq l-għajnuna għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1628/96 u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/89 u (KEE) Nru 1360/90 u d-Deċiżjonijiet 97/256/KE u 1999/311/KE (ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jikkonċerna għajnuna finanzjarja ta' qabel is-sħubija għat-Turkija (ĠU L 342, 27.12.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE tad-29 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija (ĠU L 198, 20.7.2006, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

***22 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

22 02 77 01 Proġett pilota — Preservazzjoni u restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 763 960 | p.m. | 932 000 | 0,— | 1 607 209,13 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 22 02 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

**KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR** *(ikompli)*

***22 02 77*** *(ikompli)*

22 02 77 01 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

22 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 1 089 670 | p.m. | p.m. | 3 000 000,— | 184 873,88 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 22 02 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 22 — TKABBIR*

**KAPITOLU 22 03 — REGOLAMENTAZZJONI DWAR L-GĦAJNUNA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 22 03 | REGOLAMENTAZZJONI DWAR L-GĦAJNUNA | | | | | | | | |
| ***22 03 01*** | ***Sostenn finanzjarju biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka*** | 4 | 31 482 280 | 18 169 738 | 31 000 000 | 14 265 853 | 28 086 556,83 | 25 137 803,75 | 138,35 |
| | **Kapitolu 22 03 — Total** | | **31 482 280** | **18 169 738** | **31 000 000** | **14 265 853** | **28 086 556,83** | **25 137 803,75** | **138,35** |

***22 03 01 Sostenn finanzjarju biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torka***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 31 482 280 | 18 169 738 | 31 000 000 | 14 265 853 | 28 086 556,83 | 25 137 803,75 |

*Kummenti*

L-ex *Partita 22 02 07 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontinwazzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 389/2006 biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru billi tingħata spinta lill-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta b'enfażi partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika li tkopri l-oqsma speċifikati f'dak ir-Regolament, b'mod speċjali azzjonijiet għall-iżvilupp rurali, ir-ristrutturar tal-infrastruttura, ir-rikonċiljazzjoni u miżuri ta' bini ta' fiduċja kif ukoll boroż ta' studju fi Stati Membri għal studenti Turko-Ċiprijotti. L-istrument tat-TAIEX se jintuża għat-tħejjija tat-testi legali bħala tħejjija għall-applikazzjoni tal-*acquis* tal-Unjoni immedjatament wara kwalunkwe riżoluzzjoni politika għar-riunifikazzjoni.

L-approprjazzjonijiet se jippermettu wkoll il-kontinwazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u l-aċċellerazzjoni tal-ħidma tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa, kif ukoll l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Wirt Kulturali, inklużi proġetti tal-minoranzi.

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża, fost affarijiet oħra, biex jiġu sostnuti r-riżultati ta' xogħlijiet, provvisti u għotjiet li jkunu qed jiġu ffinanzjati skont allokazzjonijiet preċedenti. Barra minn dan, jistgħu jitkomplew skemi ta' għota indirizzati lejn varjetà kbira ta' benefiċjarji fi ħdan is-soċjetà ċivili tal-komunità (organizzazzjonijiet mhux governattivi, studenti u għalliema, skejjel, bdiewa, irħula żgħar, is-settur privat) Dawn l-attivitajiet huma mmirati lejn l-iżvilupp soċjoekonomiku u huma intenzjonati biex imexxu 'l quddiem ir-riunifikazzjoni. Il-prijorità għandha tingħata, fejn ikun possibbli, għal proġetti ta' rikonċiljazzjoni li jibnu l-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u biex tinbena l-fiduċja. Dawn il-miżuri huma xhieda tax-xewqa qawwija, u tal-impenn, li għandha l-Unjoni lejn ftehim finali f'Ċipru, u r-riunifikazzjoni tiegħu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' għajnuna finanzjarja biex jinkuraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-komunità Turko-Ċiprijotta (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

KUMMISSJONI

*TITOLU 22 — TKABBIR*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-"TKABBIR"

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-"TKABBIR"

— NEGOZJATI TA' QABEL L-ADEŻJONI GĦAT-TKABBIR

KUMMISSJONI

*TITOLU 23*

**GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI**

# TITOLU 23

# GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 23 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI" | 35 275 161 | 35 275 161 | 36 465 828 | 36 465 828 | 35 435 069,02 | 35 435 069,02 |
| 23 02 | GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI | 911 276 000 | 776 425 349 | 855 657 000 | 922 435 150 | 1 233 551 176,46 | 1 071 224 031,73 |
| 23 03 | MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI | 47 765 000 | 35 944 416 | 23 200 000 | 18 588 070 | 21 686 090,78 | 19 847 695,50 |
| 23 04 | EU AID VOLUNTEERS | 12 148 000 | 3 239 416 | 2 000 000 | 2 000 000 | 3 000 000,— | 2 337 513,46 |
| | **Titolu 23 — Total** | **1 006 464 161** | **850 884 342** | **917 322 828** | **979 489 048** | **1 293 672 336,26** | **1 128 844 309,71** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

# TITOLU 23

# GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

## KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI" | | | | | |
| **23 01 01** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"*** | 5.2 | 20 584 133 | 21 189 943 | 20 105 266,90 | 97,67 |
| **23 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"*** | | | | | |
| 23 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 2 006 811 | 2 090 567 | 2 356 917,52 | 117,45 |
| 23 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 1 822 829 | 1 944 339 | 1 971 225,03 | 108,14 |
| | *Artikolu 23 01 02 — Sub-total* | | 3 829 640 | 4 034 906 | 4 328 142,55 | 113,02 |
| **23 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"*** | 5.2 | 1 332 388 | 1 340 979 | 1 474 926,85 | 110,70 |
| **23 01 04** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"*** | | | | | |
| 23 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għal għajnuna umanitarja, għajnuna alimentari u thejjija għad-diżastri | 4 | 9 000 000 | 9 600 000 | 9 317 348,22 | 103,53 |
| 23 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili fl-Unjoni | 3 | p.m. | 300 000 | 209 384,50 | — |
| | *Artikolu 23 01 04 — Sub-total* | | 9 000 000 | 9 900 000 | 9 526 732,72 | 105,85 |
| **23 01 06** | ***Aġenziji eżekuttivi*** | | | | | |
| 23 01 06 01 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja EU Aid Volunteers (EUAV) | 4 | 529 000 | | | — |
| | *Artikolu 23 01 06 — Sub-total* | | 529 000 | | | — |
| | **Kapitolu 23 01 — Total** | | **35 275 161** | **36 465 828** | **35 435 069,02** | **100,45** |

**KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"**
*(ikompli)*

**23 01 01** ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 20 584 133 | 21 189 943 | 20 105 266,90 |

**23 01 02** ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***

23 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 006 811 | 2 090 567 | 2 356 917,52 |

23 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 822 829 | 1 944 339 | 1 971 225,03 |

**23 01 03** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 332 388 | 1 340 979 | 1 474 926,85 |

**23 01 04** ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***

23 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal għajnuna umanitarja, għajnuna alimentari u tħejjija għad-diżastri

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 9 000 000 | 9 600 000 | 9 317 348,22 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa ta' sostenn marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-politika dwar l-għajnuna umanitarja. Dan ikopri, fost affarijiet oħra:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tkunx tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*,

— il-miżati u l-ispejjeż rimborżabbli mġarrba f'kuntratti ta' servizz biex isiru awditi u evalwazzjonijiet ta' sħab u azzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja,

— nefqa fuq studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet; dwar sensibilizzazzjoni pubblika u kampanji ta' informazzjoni; dwar kwalunkwe miżura oħra li tenfasizza l-karattru tal-Unjoni tal-għajnuna,

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"** *(ikompli)*

***23 01 04*** *(ikompli)*

23 01 04 01 *(ikompli)*

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati u persunal tal-aġenzija), limitata għal EUR 1 800 000. Dan il-persunal hu maħsub biex jieħu f'idejh il-kompiti li ġew fdati f'idejn kuntratturi esterni li jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni ta' esperti individwali u biex jamministraw programmi f'pajjiżi terzi. Dak l-ammont, ibbażat fuq stima ta' nefqa annwali għal kull persuna kull sena, hu maħsub biex ikopri r-rimunerazzjoni tal-persunal estern inkwistjoni u t-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, in-nefqa fuq it-teknoloġija informatika (IT) u dik fuq it-telekomunikazzjoni relatata mal-kompiti tagħhom,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta' komunikazzjoni, u servizzi tekniċi neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-UE għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili,

— nefqa fuq l-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistemi informatiċi, aċċessibbli permezz tas-sit web Europa jew permezz ta' sit web sikura fid-Data Centre, maħsuba biex itejbu l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-aġenziji, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, sħab oħra fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u l-esperti tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja f'dan il-qasam.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont l-Artikoli 23 02 01 u 23 02 02.

23 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili fl-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 300 000 | 209 384,50 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal assistenza teknika u/jew amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, it-tmexxija, il-monitoraġġ, il-verifika tal-kontijiet, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-Istrument Finanzjarju għall-protezzjoni ċivili u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta' komunikazzjoni, u servizzi tekniċi u ta' servizzi umani neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-Unjoni għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili,

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm, u kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

**KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"** *(ikompli)*

***23 01 04*** *(ikompli)*

23 01 04 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribut tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 23.03.

***23 01 06*** ***Aġenziji eżekuttivi***

23 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja EU Aid Volunteers (EUAV)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 529 000 | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-operat tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba bħala riżultat tal-ġestjoni tal-programm Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (EU Aid Volunteers) fdat lill-Aġenzija taħt il-Kapitolu 23 04.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'.... li jistabbilixxi Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja EU Aid Volunteers (ĠU L …, p. …).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

## KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 23 02 | GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI | | | | | | | | |
| **23 02 01** | ***Konsenja ta' għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi*** | 4 | 874 529 000 | 747 582 107 | 819 738 000 | 890 311 529 | 1 197 902 057,72 | 1 033 769 840,89 | 138,28 |
| **23 02 02** | ***Prevenzjoni tad-diżastri, tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u preparatezza*** | 4 | 36 747 000 | 28 843 242 | 35 919 000 | 32 123 621 | 35 649 118,74 | 37 454 190,84 | 129,85 |
| | **Kapitolu 23 02 — Total** | | **911 276 000** | **776 425 349** | **855 657 000** | **922 435 150** | **1 233 551 176,46** | **1 071 224 031,73** | **137,97** |

### 23 02 01 *Konsenja ta' għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 874 529 000 | 747 582 107 | 819 738 000 | 890 311 529 | 1 197 902 057,72 | 1 033 769 840,89 |

*Kummenti*

L-ex *Artikoli 23 02 01 u 23 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-iffinanzjar ta' għajnuna umanitarja u operazzjoni ta' għajnuna alimentari ta' natura umanitarja biex jiġu megħjuna nies f'pajjiżi barra l-Unjoni li jkunu vittmi ta' kunflitti jew diżastri, sew naturali kif ukoll ikkawżati mill-bniedem (gwerer, ġlied, eċċ.) jew emerġenzi kumparabbli, għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jintlaqgħu l-ħtiġijiet umanitarji li huma kkawżati minn sitwazzjonijiet bħal dawn. Din se titwettaq skont ir-regoli dwar l-għajnuna umanitarja tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96.

L-għajnuna tingħata lil vittmi mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, oriġini etnika, ir-reliġjon, id-diżabilità, is-sess, l-età, l-affiljazzjoni nazzjonali jew politika. Dik l-assistenza hija provduta sakemm jibqa' meħtieġ li jintlaqgħu l-ħtiġijiet umanitarji li sitwazzjonijiet bħal dawn jikkawżaw.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri x-xiri u l-kunsinna ta' kull prodott jew apparat meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, inkluż il-bini ta' djar jew xelters għall-gruppi affettwati ta' persuni, xogħol ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'terminu qasir, partikolarment ta' infrastruttura u faċilitajiet, il-kostijiet assoċjati ma' persunal estern, espatrijat, jew lokali, ħażna, konsenji bil-baħar internazzjonali jew nazzjonali, appoġġ loġistiku u distribuzzjoni ta' għajnuna u kull azzjoni oħra mmirata li tiffaċilita l-libertà ta' aċċess lil min jirċievi l-għajnuna.

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża għall-iffinanzjar tax-xiri u t-tqassim tal-ikel, żrieragħ, qobla jew kwalunkwe prodott jew tagħmir meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja għall-ikel.

Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri kosti oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja kif ukoll il-kosti tal-miżuri li huma essenzjali għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna tal-ikel ta' xorta umanitarja fil-perjodu mitlub u b'mod li jintlaqgħu l-ħtiġijiet tar-reċipjenti, jiġi sodisfatt ir-rekwiżit li jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta' kosteffettività u tingħata aktar trasparenza.

Tkopri, fost l-oħrajn:

— studji ta' vijabbiltà dwar ħidmiet umanitarji, evalwazzjonijiet ta' proġetti u pjanijiet ta' għajnuna umanitarja, u ħidmiet ta' viżibbiltà u kampanji ta' informazzjoni marbuta ma' ħidmiet umanitarji,

— il-monitoraġġ ta' proġetti u pjanijiet ta' għajnuna umanitarja, il-promozzjoni u żvilupp ta' inizjattivi maħsuba biex tiżdied il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni biex l-għajnuna tkun aktar effikaċi u jitjieb il-monitoraġġ tal-proġetti u l-pjanijiet,

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI** *(ikompli)*

***23 02 01*** *(ikompli)*

— is-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna li jiffurmaw parti mill-għajnuna umanitarja u alimentari, b'mod partikolari it-termini għall-provvista, konsenja, distribuzzjoni u l-użu tal-prodotti involuti, inkluż l-użu ta' fondi li jikkorrispondu,

— miżuri għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-Unjoni mal-Istati Membri, pajjiżi donaturi oħra, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari dawk parti min-Nazzjonijiet Uniti), organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom,

— il-finanzjament ta' kuntratti ta' assistenza teknika għall-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' kompetenza prattika u kompetenza esperta bejn l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji umanitarji tal-Unjoni jew bejn dawn il-korpi u dawk tal-pajjiżi terzi,

— studji u taħriġ marbuta mal-kisba tal-għanijiet tal-qasam tal-politika tal-għajnuna umanitarja,

— għotjiet ta' azzjoni u għotjiet għall-kostijiet operatorji għal netwerks umanitarji,

— operazzjonijiet umanitarji tat-tneħħija tal-mini inkluż kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika għall-komunitajiet lokali dwar mini kontra l-persuni,

— nefqa tan-netwerk dwar l-għajnuna umanitarja (NOHA), skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja. Din hija diploma postgraduate multi-dixxiplinarja ta' sena fil-qasam umanitarju mfassla biex tippromwovi professjonaliżmu akbar fost ħaddiema fil-qasam umanitarju, u li tinvolvi ħanfa universitajiet parteċipanti,

— it-trasport u t-tqassim ta' għajnuna, inkluż kull operazzjoni relatata bħalma hi l-assigurazzjoni, it-tagħbija, il-ħatt, il-koordinazzjoni, eċċ.,

— miżuri ta' sostenn li huma essenzjali għall-programmazzjoni, il-koordinazzjoni u l-aħjar implimentazzjoni tal-għajnuna, li l-kost tagħha ma jkunx kopert minn approprjazzjonijiet oħra, pereżempju operazzjonijiet eċċezzjonali ta' trasport u ħażna, l-ipproċessar jew il-preparazzjoni ta' oġġetti tal-ikel fuq il-post, diżinfezzjoni, servizzi tal-konsulenti, assistenza teknika u tagħmir involut direttament fl-għoti ta' għajnuna (għodod, attrezzaturi, fjuwil, eċċ.),

— skemi bi prova dwar suriet ġodda ta' trasport, ippakkjar jew ħżin, studji ta' operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, operazzjonijiet ta' viżibbiltà marbuta mal-operazzjonijiet umanitarji, u kampanji ta' informazzjoni sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika,

— il-ħażna tal-ikel (inkluż spejjeż amministrattivi, operazzjonijiet futuri, b'għażliet jew le, taħriġ ta' tekniċi, xiri tal-imballaġġar u unitajiet ta' ħażna mobbli, kost tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' ħażniet, eċċ.),

— l-assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' għajnuna umanitarja, b'mod partikolari l-ispiża li tkopri kuntratti ta' esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż ta' infrastruttura u loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjonijiet ta' spiża, ta' unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili li huma mferrxa madwar id-dinja.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli minn 58 sa 62 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar it-treġija u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel kull sforz biex huma jimpenjaw ruħhom li jibagħtu l-verifiki interni u esterni kollha tagħhom dwar l-użu tal-Fondi tal-Unjoni lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI** *(ikompli)*

***23 02 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

***23 02 02*** ***Prevenzjoni tad-diżastri, tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u preparatezza***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 36 747 000 | 28 843 242 | 35 919 000 | 32 123 621 | 35 649 118,74 | 37 454 190,84 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 23 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' operazzjonijiet bħala tħejjija għal jew prevenzjoni diżastri jew emerġenzi kumparabbli u jiġi żgurat l-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija minn kmieni għal kull tip ta' diżastru naturali (għargħar, ċikluni, żbroffi ta' vulkani, eċċ.), inkluż ix-xiri u t-trasport ta' kull apparat meħtieġ għal dan il-għan.

Din l-approssimazzjoni tista' wkoll tkopri kostijiet oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' preparatezza għad-diżastri, bħal ma huma:

— l-iffinanzjar ta' studji xjentifiċi fuq il-prevenzjoni tad-diżastri,

— il-kostituzzjoni ta' ħażniet ta' emerġenza ta' prodotti u tagħmir biex jintuża f'operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja,

— l-assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari l-ispiża li tkopri kuntratti ta' esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż ta' infrastruttura u loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjonijiet ta' spiża, ta' unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili li huma mferrxa madwar id-dinja.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 23 03 | MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI | | | | | | | | |
| **23 03 01** | ***Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom*** | | | | | | | | |
| 23 03 01 01 | Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom fl-Unjoni | 3 | 27 052 000 | 13 000 000 | | | | | — |
| 23 03 01 02 | Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom f'pajjiżi terzi | 4 | 5 326 000 | 1 767 479 | | | | | — |
| | *Artikolu 23 03 01 — Sub-total* | | 32 378 000 | 14 767 479 | | | | | — |
| **23 03 02** | ***Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar*** | | | | | | | | |
| 23 03 02 01 | Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar fl-Unjoni | 3 | 1 167 000 | 950 000 | | | | | — |
| 23 03 02 02 | Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi | 4 | 14 220 000 | 4 226 937 | | | | | — |
| | *Artikolu 23 03 02 — Sub-total* | | 15 387 000 | 5 176 937 | | | | | — |
| **23 03 51** | ***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (ta' qabel l-2014)*** | 3 | p.m. | 16 000 000 | 23 200 000 | 18 088 070 | 21 686 090,78 | 17 496 569,06 | 109,35 |
| **23 03 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 23 03 77 01 | Proġett pilota — Kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra d-diżastri naturali | 3 | p.m. | p.m. | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 23 03 77 02 | Azzjoni preparatorja — Kapaċità tal-Unjoni għal rispons rapidu | 2 | — | p.m. | p.m. | 500 000 | 0,— | 2 351 126,44 | — |
| | *Artikolu 23 03 77 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | 500 000 | 0,— | 2 351 126,44 | — |
| | **Kapitolu 23 03 — Total** | | **47 765 000** | **35 944 416** | **23 200 000** | **18 588 070** | **21 686 090,78** | **19 847 695,50** | **55,22** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

***23 03 01 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom***

23 03 01 01 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom fl-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 27 052 000 | 13 000 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-għan tagħha hu li tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u dawk il-pajjiżi kandidati li ffirmaw *memorandum* ta' ftehim mal-Unjoni fil-qasam tal-istat ta' tħejjija u prevenzjoni għar-rigward ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġiż marittimu u emerġenzi gravi ta' saħħa, li jseħħu fl-Unjoni. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

Hija tkopri, b'mod partikolari:

— azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni bil-għan li jingħata appoġġ lil, u titmexxa 'l quddiem, il-ħila tal-Istati Membri li jagħmlu valutazzjoni u l-immappjar tar-riskju, bħall-iskambju tal-prattika tajba, il-kompilazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-ġestjoni tar-riskju attività fosthom permezz ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari,

— il-ħolqien u l-maniġment ta' ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi li jopera b'mod sħiħ 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Dan ikopri, fost affarijiet oħra, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta' komunikazzjoni, u servizzi tekniċi u ta' servizzi umani neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operazzjonali fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-Unjoni għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili. Iċ-Ċentru jeħtieġ teknoloġija avvanzata biex jimmassimizza l-ġbir ta' informazzjoni u jiffaċilita t-tifrix ta' informazzjoni lil diversi partijiet interessati, sħab u timijiet fil-post matul emerġenzi maġġuri. F'sitwazzjoni ta' kriżi, aktar ma tkun disponibbli informazzjoni f'idejn dawk li jkollhom jieħdu d-deċiżjonijiet tfisser ħajjiet salvati,

— il-ħolqien ta' "kapaċità Ewropea għar-rispons ta' emerġenza", kapaċità għal-lest biex tipprovdi riżorsi u tagħmir lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza,

— l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' proċess ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-"Kapaċità Ewropea għar-rispons ta' emerġenza". Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' għanijiet għall-kapaċità u rekwiżiti ta' kwalità,

— l-identifikazzjoni ta' lakuni sinifikanti l-kapaċità ta' rispons "kapaċità Ewropea ta' rispons għall-emerġenza" u se tagħti s-sostenn tagħha għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet meħtieġa,

— l-identifikazzjoni ta' esperti ta' intervent, moduli u appoġġ ieħor ta' intervent li huma disponibbli fl-Istati Membri għall-intervent ta' għajnuna f'każ li tinqala' xi emerġenza,

— l-iżvilupp u ż-żamma ta' netwerk ta' esperti mħarrġa tal-Istati Membri sabiex jgħinu fil-livell ta' kwartieri ġenerali fil-kompiti ta' monitoraġġ, informazzjoni u koordinazzjoni ta-ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi,

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

***23 03 01*** *(ikompli)*

23 03 01 01 *(ikompli)*

— programm ta’ tagħlimiet miksubin mill-interventi u mill-eżerċizzji tal-protezzjoni ċivili mwettqin fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-protezzjoni ċivili,

— programm ta’ taħrig għall-iskwadri tal-intervent, għall-persunal estern u esperti, sabiex jagħtihom it-tagħrif u l-għodda meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem, b’mod effettiv, fl-interventi tal-Unjoni u sabiex tiġi żviluppata kultura komuni Ewropea ta’ intervent,

— it-twaqqif u l-ġestjoni ta’ netwerk ta’ taħriġ miftuħa għal ċentri ta’ taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal maniġerjali ta’ emerġenza u għal atturi rilevanti oħra biex jipprovdu gwida fuq it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali,

— l-istabbiliment u l-ġestjoni ta’ programm ta’ eżerċizzji li jinkludi eżerċizzji mill-post ta’ kmand, eżerċizzji fuq skala reali u eżerċizzji għall-moduli tal-protezzjoni ċivili biex tiġi ttestjata l-interoperabilità, jitħarrġu uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u tinħoloq kultura ta’ intervent komuni,

— skambju ta’ esperti biex il-protezzjoni ċivili tal-Unjoni tinftiehem aktar u biex jaqsmu t-tagħrif u l-esperjenzi,

— sistemi ta’ informazzjoni u komunikazzjoni (ICT), b’mod partikolari s-CECIS (Sistema Komuni ta’ Komunikazzjoni u Informazzjoni f’każ ta’ Emerġenza) li tiffaċilita l-iskambju ta’ informazzjoni mal-Istati Membri waqt emerġenzi — biex titjieb l-effiċjenza u tippermetti l-iskambju ta’ tagħrif “klassifikat UE”. Din tkopri l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) tas-sistemi. Se tkopri wkoll spejjeż ta’ tmexxija ta’ proġetti, kontroll tal-kwalità, sigurtà, dokumentazzjoni u taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni ta’ sistemi bħal dawn,

— l-istudju u l-iżvilupp ta’ moduli tal-protezzjoni ċivili fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE inkluż appoġġ biex titjieb l-interoperabbiltà tagħhom,

— l-istudju u l-iżvilupp ta’ sistemi ta’ individwazzjoni u ta’ twissija bikrija tad-diżastri,

— l-istudju u l-iżvilupp ta’ bini ta’ xenarji, tal-immappjar tal-assi u l-pjanijiet għall-iskjerament tal-kapaċitajiet ta’ reazzjoni,

— il-laqgħat ta’ ħidma, is-seminars, il-proġetti, l-istudji, l-istħarriġ, l-ippjanar, il-bini tax-xenarji u l-ippjanar tal-kontinġenza, l-għajnuna għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet; il-proġetti ta’ wiri,

— azzjonijiet oħrajn ta’ appoġġ u li jikkumplimentaw meħtieġa fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-protezzjoni ċivili biex jinkiseb livell għoli ta’ protezzjoni kontra d-diżastri u jissaħħaħ l-istat ta’ tħejjija tal-Unjoni għar-Reazzjoni għad-Diżastri.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f’konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kontrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-forniment ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

***23 03 01*** *(ikompli)*

23 03 01 02 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom f'pajjiżi terzi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 5 326 000 | 1 767 479 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa għall-azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-għan tagħha hu li tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA, il-pajjiżi li se jaderixxu, u dawk il-pajjiżi kandidati (potenzjali) li ffirmaw memorandum ta' ftehim mal-Unjoni fil-qasam tal-istat ta' tħejjija u prevenzjoni għar-rigward ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġiż marittimu u emerġenzi gravi ta' saħħa, li jseħħu f'pajjiżi terzi. Hija tkopri b'mod partikulari l-mobilizzazzjoni ta' esperti biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' prevenzjoni u l-istat ta' tħejjija f'pajjiżi terzi f'każ ta' diżastri, u l-appoġġ loġistiku bażiku għal dawn it-tip ta' esperti.

Għandu wkoll l-għan li jipprovdi appoġġ finanzjarju għal ċerti azzjonijiet koperti bl-Artikoli 21 u l-Artikolu 22 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE għal pajjiżi kandidati li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni u l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat sakemm dawn jikkumplementaw il-finanzjament disponibbli mill-istrument għall-assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kuntrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

## ***23 03 02 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar***

### 23 03 02 01 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar fl-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 167 000 | 950 000 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili fi ħdan l-Unjoni skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili:

— il-forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex dawn ikollhom aċċess għar-riżorsi għat-tagħmir u għat-trasport,

— il-forniment ta' riżorsi addizzjonali ta' trasport u loġistika assoċjata, meħtieġa għall-iżgurar ta' rispons rapidu għal emerġenzi kbar u li jikkumplimentaw it-trasport ipprovdut mill-Istati Membri,

— il-mobilizzazzjoni ta' esperti biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' għajnuna u biex jiffaċilitaw l-għajnuna tal-Unjoni fi Stati Membri f'każ ta' diżastri, u l-appoġġ loġistiku bażiku għal dawn it-tip ta' esperti,

— l-iskjerament ta' esperti mħarrġa mill-Istati Membri liċ-ċentru ta' reazzjoni għall-emerġenzi sabiex tassisti fil-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' dak iċ-ċentru,

— kwalunkwe azzjoni ta' appoġġ u kumplimentari sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni tar-rispons bl-aktar mod effettiv.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kontrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c).

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

***23 03 02*** *(ikompli)*

23 03 02 02 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 14 220 000 | 4 226 937 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili:

— mobilizzazzjoni ta' esperti sabiex jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-għajnuna u jiffaċilitaw l-assistenza Ewropea f'pajjiżi terzi f'każ ta' diżastri,

— il-forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex dawn ikollhom aċċess għar-riżorsi għat-tagħmir u għat-trasport,

— l-għoti ta' assistenza Ewropea tal-protezzjoni ċivili, inkluż l-għoti ta' informazzjoni relevanti dwar il-mezzi ta' trasport, kif ukoll ta' loġistika assoċjata fil-każ ta' diżastri,

— l-appoġġ lill-għajnuna konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni f'każ ta' emerġenzi kbar f'terzi pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidmiet tal-protezzjoni ċivili, b'talba tal-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri,

— kwalunkwe azzjoni ta' appoġġ u kumplimentari sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tar-rispons bl-aktar mod effettiv.

Sħab li jimplimentaw jistgħu jinkludu awtoritajiet tal-Istati Membri jew pajjiżi benefiċjarji u l-aġenziji tagħhom, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom, NGOs, operaturi pubbliċi u privati u organizzazzjonijiet jew operaturi individwali (inkluż persunal issekondat mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri) bil-kompetenza speċjalizzata u l-esperjenza xierqa.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kontrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

### 23 03 51 *Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (ta' qabel l-2014)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 16 000 000 | 23 200 000 | 18 088 070 | 21 686 090,78 | 17 496 569,06 |

*Kummenti*

*L-ex Artikoli 23 23 01, 23 03 03 u 23 03 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-approvazzjoni tal-impenji li saru għal programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Hija intenzjonata wkoll biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li ġejjiin minn azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u minn azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-ħarsien tal-ambjent marittimu, tal-kosta, u tas-saħħa tal-bniedem kontra r-riskji ta' tniġġiż fil-baħar aċċidentali jew deliberatament.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll intenzjonata sabiex tkopri parti min-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi bl-Istrument Finanzjarju tal-protezzjoni ċivili u l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili:

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kuntrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).

Id-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis tal-ibħra, sewwa jekk aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-protezzjoni ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

**KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI** *(ikompli)*

***23 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

23 03 77 01 Proġett pilota — Kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra d-diżastri naturali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 23 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti fil-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1)

23 03 77 02 Azzjoni preparatorja — Kapaċità tal-Unjoni għal rispons rapidu

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | p.m. | 500 000 | 0,— | 2 351 126,44 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 23 03 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti bl-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjonijiet preparatorja fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 04 — EU AID VOLUNTEERS**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 23 04 | EU AID VOLUNTEERS | | | | | | | | |
| **23 04 01** | ***EU Aid Volunteers — Tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tir-rispondi għal kriżijiet umanitarji*** | 4 | 12 148 000 | 2 759 416 | | | | | — |
| **23 04 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 23 04 77 01 | Azzjoni preparatorja — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja | 4 | p.m. | 480 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 3 000 000,— | 2 337 513,46 | 486,98 |
| | *Artikolu 23 04 77 — Sub-total* | | p.m. | 480 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 3 000 000,— | 2 337 513,46 | 486,98 |
| | **Kapitolu 23 04 — Total** | | **12 148 000** | **3 239 416** | **2 000 000** | **2 000 000** | **3 000 000,—** | **2 337 513,46** | **72,16** |

### 23 04 01 *EU Aid Volunteers — Tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal kriżijiet umanitarji*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 12 148 000 | 2 759 416 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-twaqqif ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("EU Aid volunteers"), li huwa previst mill-Artikolu 214.5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-objettiv huwa li dan ikun jesprimi l-valuri umanitarji tal-Unjoni u s-solidarjetà man-nies fil-bżonn permezz tal-promozzjoni ta' sistema effettiva u viżibbli tal-inizjattiva tal-EU Aid Volunteers. Dan għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex twieġeb għal kriżijiet umanitarji u biex tibni l-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri f'pajjiżi terzi. L-Unjoni trid tiżgura għajnuna umanitarja adegwata quddiem iż-żieda fin-numru u d-daqs tal-kriżijiet umanitarji, kemm diżastri naturali kif ukoll kriżijiet ikkawżati mill-bniedem. Voluntiera mhejjija tajjeb jistgħu jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-Unjoni sabiex tlaħħaq ma' dawn il-ħtiġijiet umanitarji addizzjonali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri dawn il-miżuri u partiti ta' nefqa:

— l-istandards li jirregolaw il-ġestjoni tal-volontarji tal-EU Aid volunteers,

— mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni biex jintbagħtu u jintlaqgħu organizzazzjonijiet,

— l-identifikazzjoni u l-għażla ta' kandidati volontiera,

— it-taħriġ u l-preparazzjoni ta' qabel il-mobilizzazzjoni tal-volontiera,

— ir-reġistru tal-EU Aid volunteers,

— l-iskjerament tal-EU Aid volunteers f'pajjiżi terzi,

— it-tiswir tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti,

— in-Netwerk tal-EU Aid volunteers,

— il-komunikazzjoni, tkattir tal-għarfien u viżibilità.

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

**KAPITOLU 23 04 — EU AID VOLUNTEERS** *(ikompli)*

***23 04 01*** *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("EU Aid volunteers") (ĠUL …, p. …) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(c) tiegħu.

***23 04 77*** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

23 04 77 01 Azzjoni preparatorja — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 480 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 3 000 000,— | 2 337 513,46 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 23 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti fl-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjonijiet preparatorja fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-GĦAJNUNA UMANITARJA U L-PROTEZZJONI ĊIVILI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-GĦAJNUNA UMANITARJA U L-PROTEZZJONI ĊIVILI

*TITOLU 24*

## ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

# TITOLU 24

# ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 24 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI" | 57 206 000 | 57 206 000 | 53 727 800 | 53 727 800 | 57 387 637,37 | 57 387 637,37 |
| | *Riżervi (40 01 40)* | | | *3 929 200* | *3 929 200* | | |
| | | 57 206 000 | 57 206 000 | 57 657 000 | 57 657 000 | 57 387 637,37 | 57 387 637,37 |
| 24 02 | PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III) | 13 677 700 | 11 004 993 | 14 000 000 | 9 884 191 | 14 204 359,65 | 10 490 618,52 |
| 24 03 | PROGRAMM TA' SKAMBJU, ASSISTENZA U TAĦRIĠ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-FALSIFIKAR (PERICLES 2020) | 924 200 | 900 000 | 1 000 000 | 889 577 | 947 529,18 | 849 919,60 |
| 24 04 | SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS) | 6 423 000 | 5 800 000 | 6 700 000 | 4 942 096 | 6 181 444,06 | 6 413 605,29 |
| | **Titolu 24 — Total** | **78 230 900** | **74 910 993** | **75 427 800** | **69 443 664** | **78 720 970,26** | **75 141 780,78** |
| | ***Riżervi (40 01 40)*** | | | ***3 929 200*** | ***3 929 200*** | | |
| | | **78 230 900** | **74 910 993** | **79 357 000** | **73 372 864** | **78 720 970,26** | **75 141 780,78** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

# TITOLU 24

# ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

## KAPITOLU 24 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI" | | | | | |
| **24 01 07** | ***Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)*** | 5.2 | 57 206 000 | 53 727 800 | 57 387 637,37 | 100,32 |
| | *Riżervi (40 01 40)* | | | *3 929 200* | | |
| | | | 57 206 000 | 57 657 000 | 57 387 637,37 | |
| | **Kapitolu 24 01 — Total** | | **57 206 000** | **53 727 800** | **57 387 637,37** | **100,32** |
| | ***Riżervi (40 01 40)*** | | | ***3 929 200*** | | |
| | | | **57 206 000** | **57 657 000** | **57 387 637,37** | |

### *24 01 07 Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|
| 24 01 07 | 57 206 000 | 53 727 800 | 57 387 637,37 |
| *Riżervi (40 01 40)* | | *3 929 200* | |
| Total | 57 206 000 | 57 657 000 | 57 387 637,37 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 24 01 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), inkluż għall-persunal tal-OLAF impjegat mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, li l-għan tiegħu huwa li jiġġieled il-frodi fi ħdan qafas interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 20 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/EC, KEFA, Euratom of 28 April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU 24 02 — PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 24 02 | PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III) | | | | | | | | |
| **24 02 01** | ***Prevenzjoni u ġlieda kontra l-frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*** | 1.1 | 13 677 700 | 2 200 000 | | | | | — |
| **24 02 51** | ***Tlestija ta'azzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi*** | 1.1 | p.m. | 8 804 993 | 14 000 000 | 9 884 191 | 14 204 359,65 | 10 085 918,52 | 114,55 |
| **24 02 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 24 02 77 01 | Proġett pilota — Żvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku li jinvolvi l-fondi tal-Unjoni | 5.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 404 700,— | — |
| | *Artikolu 24 02 77 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 404 700,— | — |
| | **Kapitolu 24 02 — Total** | | **13 677 700** | **11 004 993** | **14 000 000** | **9 884 191** | **14 204 359,65** | **10 490 618,52** | **95,33** |

**24 02 01** ***Prevenzjoni u ġlieda kontra l-frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 13 677 700 | 2 200 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi programm biex jiġu promossi l-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (programm Hercule III), u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L …, p. …), ub'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha.

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU 24 02 — PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III)** *(ikompli)*

**24 02 51** ***Tlestija ta'azzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 8 804 993 | 14 000 000 | 9 884 191 | 14 204 359,65 | 10 085 918,52 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 24 02 01*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri l-kostijiet ta' tlestija għal azzjonijiet jew attivitajiet organizzati fil-qafas tal-programm Hercule II fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-qasam tal-prevenzjoni ta', u tal-ġlieda kontra, il-kutrabandu u l-iffalsifikar tas-sigaretti.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritjiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (ke) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immex-xija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-kunsill (EURATOM) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

Id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9).

**24 02 77** ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

24 02 77 01 Proġett pilota — Żvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku li jinvolvi l-fondi tal-Unjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 404 700,— |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 24 02 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU 24 03 — PROGRAMM TA' SKAMBJU, ASSISTENZA U TAĦRIĠ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-FALSIFIKAR (PERICLES 2020)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 24 03 | PROGRAMM TA' SKAMBJU, ASSISTENZA U TAĦRIĠ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-FALSIFIKAR (PERICLES 2020) | | | | | | | | |
| ***24 03 01*** | ***Protezzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat*** | 1.1 | 924 200 | 500 000 | | | | | — |
| ***24 03 51*** | ***Tlestija ta' Pericles*** | 1.1 | p.m. | 400 000 | 1 000 000 | 889 577 | 947 529,18 | 849 919,60 | 212,48 |
| | **Kapitolu 24 03 — Total** | | **924 200** | **900 000** | **1 000 000** | **889 577** | **947 529,18** | **849 919,60** | **94,44** |

### *24 03 01 Protezzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 924 200 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE, 2001/924/KE, 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE (ĠU L …, …, p. …), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu.

### *24 03 51 Tlestija ta' Pericles*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 400 000 | 1 000 000 | 889 577 | 947 529,18 | 849 919,60 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 24 02 02*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja l-kostijiet ta' tlestija tal-programm Pericles għat-taħriġ, l-iskambju u l-għajnuna għall-ħarsien tal-euro kontra l-frodi.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles"), ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50.

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU 24 03 — PROGRAMM TA' SKAMBJU, ASSISTENZA U TAĦRIĠ GĦALL-PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-FALSIFIKAR (PERICLES 2020)** *(ikompli)*

***24 03 51*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li testendi l-effetti tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi skambju, għajnuna u programm ta'taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm Pericles) għall-Istati Membri li għadhom m'addottawx l-euro bħala munita unika (ĠU L 339, 21.12.2001, p. 55).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu, "Il-Protezzjoni tal-euro — Il-Ġlieda kontra l-iffalsifikar" (COM(1998) 474 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 1998 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew, "Il-Protezzjoni tal-euro — Il-Ġlieda kontra l-iffalsifikar" (ĠU C 379, 7.12.1998, p. 39).

KUMMISSJONI

*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU 24 04 — SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS)**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 24 04 | SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS) | | | | | | | | |
| **24 04 01** | ***Sostenn għal assistenza reċiproka f'affarijiet doganali u faċilitar ta' għodod elettroniċi siguri tal-komunikazzjoni għall-Istati Membri biex jirrapportaw irregolaritajiet*** | 1.1 | 6 423 000 | 2 900 000 | | | | | — |
| **24 04 51** | ***Tlestija tas-sistema ta' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS) preċedenti*** | 1.1 | p.m. | 2 900 000 | 6 700 000 | 4 942 096 | 6 181 444,06 | 6 413 605,29 | 221,16 |
| | **Kapitolu 24 04 — Total** | | **6 423 000** | **5 800 000** | **6 700 000** | **4 942 096** | **6 181 444,06** | **6 413 605,29** | **110,58** |

### 24 04 01 *Sostenn għal assistenza reċiproka f'affarijiet doganali u faċilitar ta' għodod elettroniċi siguri tal-komunikazzjoni għall-Istati Membri biex jirrapportaw irregolaritajiet*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 6 423 000 | 2 900 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1), u speċjalment l-Artikolu 23 tiegħu.

### 24 04 51 *Tlestija tas-sistema ta' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS) preċedenti*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 2 900 000 | 6 700 000 | 4 942 096 | 6 181 444,06 | 6 413 605,29 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 24 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija ta' azzjonijiet appoġġati minn sistema ta' informazzjoni kontra l-frodi (AFIS).

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1), u speċjalment l-Artikolu 23 tiegħu.

KUMMISSJONI
*TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINSTRATTIV GĦALL-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

*TITOLU 25*

**KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA**

# TITOLU 25

# KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 25 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" | 194 113 789 | 194 363 789 | 189 330 661 | 190 080 661 | 192 529 241,04 | 191 416 884,09 |
| 25 02 | RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI | — | 472 800 | 4 006 000 | 4 006 000 | 3 224 373,69 | 4 083 658,40 |
| | **Titolu 25 — Total** | **194 113 789** | **194 836 589** | **193 336 661** | **194 086 661** | **195 753 614,73** | **195 500 542,49** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

# TITOLU 25

# KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

## KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 25 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" | | | | | | | | |
| ***25 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"*** | | | | | | | | |
| 25 01 01 01 | Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika" | 5.2 | 140 191 930 | 140 191 930 | 141 669 902 | 141 669 902 | 141 483 981,96 | 141 483 981,96 | 100,92 |
| 25 01 01 03 | Salarji, gratifiki u pagamenti tal-Membri tal-istituzzjoni | 5.2 | 12 245 000 | 12 245 000 | 9 532 000 | 9 532 000 | 8 929 881,33 | 8 929 881,33 | 72,93 |
| | *Artikolu 25 01 01 — Sub-total* | | 152 436 930 | 152 436 930 | 151 201 902 | 151 201 902 | 150 413 863,29 | 150 413 863,29 | 98,67 |
| ***25 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"*** | | | | | | | | |
| 25 01 02 01 | Persunal estern tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika" | 5.2 | 6 254 025 | 6 254 025 | 6 273 249 | 6 273 249 | 6 195 432,14 | 6 195 432,14 | 99,06 |
| 25 01 02 03 | Konsulenti speċjali | 5.2 | 1 090 000 | 1 090 000 | 844 000 | 844 000 | 608 431,85 | 608 431,85 | 55,82 |
| 25 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra għall-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika" | 5.2 | 12 611 369 | 12 611 369 | 12 841 109 | 12 841 109 | 15 331 448,97 | 15 331 448,97 | 121,57 |
| 25 01 02 13 | Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni | 5.2 | 4 405 000 | 4 405 000 | 4 405 000 | 4 405 000 | 4 178 923,75 | 4 178 923,75 | 94,87 |
| | *Artikolu 25 01 02 — Sub-total* | | 24 360 394 | 24 360 394 | 24 363 358 | 24 363 358 | 26 314 236,71 | 26 314 236,71 | 108,02 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| ***25 01 03*** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"*** | 5.2 | 9 074 465 | 9 074 465 | 8 965 401 | 8 965 401 | 10 363 466,47 | 10 363 466,47 | 114,20 |
| ***25 01 07*** | ***Kwalità tal-leġiżlazzjoni — Kodifika tad-dritt tal-Unjoni*** | 5.2 | 500 000 | 500 000 | 600 000 | 600 000 | 180 000,— | 180 000,— | 36,— |
| ***25 01 08*** | ***Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — spejjeż ġuridiċi*** | 5.2 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 991 266,20 | 3 991 266,20 | 107,87 |
| ***25 01 10*** | ***Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operat tal-arkivji storiċi tal-Unjoni*** | 5.2 | 2 304 000 | 2 304 000 | | | | | — |
| ***25 01 11*** | ***Reġistri u pubblikazzjonijiet*** | 5.2 | 1 738 000 | 1 738 000 | | | | | — |
| ***25 01 77*** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 25 01 77 01 | Proġett pilota — Sistema interistituzzjonali għall-identifikazzjoni ta' xejriet ta' terminu twil | 5.2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 148 853,42 | — |
| 25 01 77 02 | Azzjoni preparatorja — Sistema interistituzzjonali li tiddentifika x-xejriet fit-terminu twil | 5.2 | p.m. | 250 000 | 500 000 | 1 250 000 | 1 266 408,37 | 5 198,— | 2,08 |
| | *Artikolu 25 01 77 — Sub-total* | | p.m. | 250 000 | 500 000 | 1 250 000 | 1 266 408,37 | 154 051,42 | 61,62 |
| | **Kapitolu 25 01 — Total** | | **194 113 789** | **194 363 789** | **189 330 661** | **190 080 661** | **192 529 241,04** | **191 416 884,09** | **98,48** |

***25 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***

25 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 140 191 930 | 141 669 902 | 141 483 981,96 |

25 01 01 03 Salarji, gratifiki u pagamenti tal-Membri tal-istituzzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 245 000 | 9 532 000 | 8 929 881,33 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

— is-salarji bażiċi tal-Membri tal-Kummissjoni,

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

***25 01 01*** *(ikompli)*

25 01 01 03 *(ikompli)*

— il-gratifiki tar-residenza tal-Membri tal-Kummissjoni,

— il-gratifiki tal-familja tal-Membri tal-Kummissjoni, li jikkomprendu:

  — il-gratifika tal-unità domestika,

  — il-gratifika tat-tfal dipendenti,

  — il-gratifika tal-edukazzjoni,

  — il-gratifiki tar-rappreżentazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni,

  — il-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra l-mard u l-aċċidenti kkawżati fuq il-post tax-xogħol għal Membri tal-Kummissjoni,

  — il-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra l-mard u għal *ex* Membri tal-Kummissjoni,

  — għotjiet tat-twelid,

  — fil-każ ta' mewt ta' Membru tal-Kummissjoni:

    — ir-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sal-aħħar tat-tielet xahar wara dak meta tkun seħħet il-mewt,

    — il-kostijiet tat-trasport tal-ġisem lejn il-post ta' oriġini tad-deċedut,

  — il-kost ta' ponderazzjonijiet applikati għall-emolumenti u gratifiki tranżitorji,

  — il-kost tal-ponderazzjoni applikat għal parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż li mhux il-pajjiż tal-impjieg,

  — il-kost ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni, gratifiki tranżitorji u pensjonijiet approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprijazzjoni maħsuba wkoll biex titqies kwalunkwe approprijazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jiġu koperti:

— spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni (inkluż il-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jħallu l-istituzzjoni,

— gratifiki tal-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea(ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u partikolarment l-Artikoli 2, 3, 4a, 4b, 5, 11 u 14 tiegħu.

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

***25 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***

25 01 02 01 Persunal estern tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 254 025 | 6 273 249 | 6 195 432,14 |

25 01 02 03 Konsulenti speċjali

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 090 000 | 844 000 | 608 431,85 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni ta' konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti tal-istituzzjoni.

*Bażi legali*

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

25 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra għall-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 12 611 369 | 12 841 109 | 15 331 448,97 |

25 01 02 13 Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 405 000 | 4 405 000 | 4 178 923,75 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar, gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum u nefqa addizzjonali jew eċċezzjonali mġarrba waqt missjoni,

— nefqa għall-obbligi tal-Kummissjoni għall-intratteniment u r-rappreżentazzjoni (din in-nefqa tista' ssir individwalment mill-membri tal-Kummissjoni fil-qadi ta' dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet tal-istituzzjoni).

Ikunu disponibbli bħala dħul assenjat rifużjonijiet tal-ispejjeż tal-missjoni mħallsa f'isem istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Unjoni u għal terzi.

L-ammont ta' dħul miġbur skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 20 000.

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

***25 01 02*** *(ikompli)*

25 01 02 13 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

Il-Komunikazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Nru SEC(2004)1487 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2007)3494 tat-18 ta' Lulju 2007 dwar ir-Regolament dwar l-ispejjeż ta' rappreżentanza u divertiment magħmula mill-Kummissjoni, il-President jew il-Kummissarji.

**25 01 03** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 9 074 465 | 8 965 401 | 10 363 466,47 |

**25 01 07** ***Kwalità tal-leġiżlazzjoni — Kodifika tad-dritt tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 500 000 | 600 000 | 180 000,— |

*Kummenti*

*L-ex Partita 25 01 07 01*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa dwar il-kodifikazzjoni u l-abbozzar ġdid tal-istrumenti tal-Unjoni.

**25 01 08** ***Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — spejjeż ġuridiċi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 700 000 | 3 700 000 | 3 991 266,20 |

*Kummenti*

*L-ex Partita 25 01 08 01*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' qabel il-kawża u ta' medjazzjoni u għas-servizzi tal-avukati u esperti oħra li jintalbu jagħtu pariri lill-Kummissjoni.

Tkopri wkoll kostijiet ta' aġġudikamenti kontra l-Kummissjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew qrati oħra.

L-ammont ta' dħul miġbur skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 250 000.

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

### 25 01 10 *Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operat tal-arkivji storiċi tal-Unjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 304 000 | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għall-ġestjoni (persunal u kostijiet operatorji) tal-Istitut Universitarju Ewropew tal-arkivji storiċi tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar [dokument mhux disponibbli bil-Malti] (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 14).

*Atti ta' referenza*

Kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, iffirmat fis-17 ta' Diċembru 1984.

### 25 01 11 *Reġistri u pubblikazzjonijiet*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 738 000 | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa relatata mar-reġistri u d-dejtabejżis ta' dokumenti tal-Kummissjoni dwar proċeduri, u dokumenti istituzzjonali, ta' referenza u dokumenti uffiċjali oħra, partikolarment nefqa relatata ma':

— il-ġbir, l-analiżi u l-preparazzjoni ta' dokumenti, inklużi l-kuntratti tal-awtur u xogħol freelance,

— l-iżvilupp, iż-żamma u l-operazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni b'appoġġ ta' tali attività,

— il-ġbir, inkluż ix-xiri ta' dejta, ta' dokumentazzjoni u tad-drittijiet għall-użu,

— l-editjar inkluż id-dħul tad-dejta u l-ġestjoni tad-dejta, ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni,

— it-tixrid permezz ta' kwalunkwe mezz, inkluż l-istampar, l-istazzjonar fuq l-internet, id-distribuzzjoni, u l-ħażna,

— il-promozzjoni ta' dawk it-testi u d-dokumenti.

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

***25 01 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

25 01 77 01 Proġett pilota — Sistema interistituzzjonali għall-identifikazzjoni ta' xejriet ta' terminu twil

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 148 853,42 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 25 01 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

25 01 77 02 Azzjoni preparatorja — Sistema interistituzzjonali li tiddentifika x-xejriet fit-terminu twil

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 250 000 | 500 000 | 1 250 000 | 1 266 408,37 | 5 198,— |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 25 01 10*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li titwaqqaf sistema interistituzzjonali li tidentifika x-xejriet fit-tul dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika li tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni Ewropea. L-intenzjoni hija li tipprovdi analiżi komuni tar-riżultati probabbli dwar kwistjonijiet ewlenin u tagħmilhom għad-dispożizzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika. Barra minn hekk, biex jinkiseb dan il-għan, ikun xieraq li jiġi analizzat fid-dettall it-tfassil ta' mekkaniżmi speċifiċi għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni ta' xogħol aktar mill-qrib fost id-dipartimenti ta' riċerka tal-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni li xogħlhom hu li janalizzaw xejriet ta' politika ta' terminu medju u twil.

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tħejjija huwa:

- li tinħoloq Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġija u l-Politika (ESPAS) mal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni sal-2014 fuq il-bażi ta' proposta eventwali proposta mill-Kummissjoni Ewropea (l-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju). L-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji ta' Sigurtà (EUISS) għandu jkompli jipprovdi faċilitajiet u appoġġ tekniku sakemm is-sistema tkun operazzjonali. Is-sistema:
  - tkun interistituzzjonali u tiffoka fuq xejriet globali fuq medda twila, kemm esterni u interni, marbuta mal-Unjoni,

**KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"** *(ikompli)*

***25 01 77*** *(ikompli)*

25 01 77 02 *(ikompli)*

  — għandha tkun imfassla biex tipprovdi kontribut regolari lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li trawwem il-ħsieb strateġiku fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul, inkluż kuntatt mal-akkademiċi u l-partijiet interessati l-oħrajn biex tinkiseb perspettiva wiesgħa:
    — dan l-input għandu jinkludi valutazzjoni ta' tendenzi fit-tul u t-tressiq ta' rapport lill-presidenti li jmiss tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jagħti ħarsa lejn il-possibilitajiet ta' sfida għall-perjodu 2014-2019,
    — barra minn hekk, ir-rapporti jistgħu jinkludu dokumenti għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni għal dibattitu fuq suġġetti prospettivi li jgħinu biex jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni,
  — għandha tiżviluppa rabtiet ma' pajjiżi oħrajn li qegħdin iwettqu xogħol dwar tendenzi globali sabiex tibbenefika mill-għarfien espert tagħhom u wkoll billi tipprovdi l-għarfien espert tagħha lil pajjiżi oħrajn li jkunu qed jiffaċċjaw it-tendenzi u l-bidliet strateġiċi,
— li jinbena u jinżamm sit web miftuħ bħala ripożitorju globali għall-informazzjoni rilevanti kollha sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess għaċ-ċittadini, li jgħaqqad dan is-sit ma' siti webs oħrajn fuq tendenzi fit-tul madwar id-dinja.

*Bażi legali*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

**KAPITOLU 25 02 — RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 25 02 | RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI | | | | | | | | |
| **25 02 01** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-arkivji storiċi tal-Unjoni*** | 5.2 | — | 226 800 | 2 268 000 | 2 268 000 | 2 215 000,— | 2 093 967,55 | 923,27 |
| **25 02 04** | ***Informazzjoni u pubblikazzjonijiet*** | | | | | | | | |
| 25 02 04 01 | Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-bażijiet ta' dejta dokumentarji | 5.2 | — | 176 000 | 760 000 | 760 000 | 461 431,75 | 752 723,85 | 427,68 |
| 25 02 04 02 | Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet diġitali | 5.2 | — | 70 000 | 978 000 | 978 000 | 547 941,94 | 1 236 967,— | 1 767,10 |
| | *Artikolu 25 02 04 — Sub-total* | | — | 246 000 | 1 738 000 | 1 738 000 | 1 009 373,69 | 1 989 690,85 | 808,82 |
| | **Kapitolu 25 02 — Total** | | — | **472 800** | **4 006 000** | **4 006 000** | **3 224 373,69** | **4 083 658,40** | **863,72** |

### 25 02 01 *Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-arkivji storiċi tal-Unjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 226 800 | 2 268 000 | 2 268 000 | 2 215 000,— | 2 093 967,55 |

*Kummenti*

*L-ex Partita 25 02 01 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar [dokument mhux disponibbli bil-Malti] (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 14).

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, iffirmat fis-17 ta' Diċembru 1984.

**KAPITOLU 25 02 — RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI** *(ikompli)*

***25 02 04 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet***

25 02 04 01 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-bażijiet ta' dejta dokumentarji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 176 000 | 760 000 | 760 000 | 461 431,75 | 752 723,85 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

*Bażi legali*

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

25 02 04 02 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet diġitali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 70 000 | 978 000 | 978 000 | 547 941,94 | 1 236 967,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

*Bażi legali*

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAS-SEGRETARJAT ĠENERALI

— KOORDINAZZJONI FI ĦDAN IL-KUMMISSJONI

— KOORDINAZZJONI U RELAZZJONIJIET MAL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦALL-BUREAU TA' KONSULENTI DWAR IL-POLITIKA EWROPEA

— KONSULENZA TAL-POLITIKI

— KABINETTI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦALL-BUREAU TA' KONSULENTI DWAR IL-POLITIKA EWROPEA

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAS-SEGRETARJAT ĠENERALI

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAS-SERVIZZ ĠURIDIKU

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAS-SERVIZZ ĠURIDIKU

— APPOĠĠ LOĠISTIKU GĦALL-KUMMISSJONI U PROTOKOLL

*TITOLU 26*

## AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

# TITOLU 26

# AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 26 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" | 966 875 044 | 966 875 044 | 988 983 348 | 988 983 348 | 1 117 383 793,26 | 1 117 383 793,26 |
| 26 02 | PRODUZZJONI MULTIMEDJALI | 10 890 000 | 10 022 520 | 14 738 200 | 12 849 449 | 13 615 201,67 | 15 646 527,79 |
| 26 03 | SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI | 23 700 000 | 14 194 437 | 26 300 000 | 21 472 610 | 26 937 754,81 | 22 319 185,47 |
| | **Titolu 26 — Total** | **1 001 465 044** | **991 092 001** | **1 030 021 548** | **1 023 305 407** | **1 157 936 749,74** | **1 155 349 506,52** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

# TITOLU 26

# AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI”

Id-dettalji ta’ l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI” | | | | | |
| **26 01 01** | ***Nefqa relatata ma’ uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta’ politika “Amministrazzjoni tal-Kummissjoni”*** | 5.2 | 102 920 661 | 105 041 573 | 105 830 144,89 | 102,83 |
| **26 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b’sostenn tal-qasam ta’ politika “Amministrazzjoni tal-Kummissjoni”*** | | | | | |
| 26 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 5 755 909 | 5 818 812 | 6 450 183,87 | 112,06 |
| 26 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 18 063 893 | 17 986 456 | 21 745 962,01 | 120,38 |
| | *Artikolu 26 01 02 — Sub-total* | | 23 819 802 | 23 805 268 | 28 196 145,88 | 118,37 |
| **26 01 03** | ***Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta’ politika “Amministrazzjoni tal-Kummissjoni”*** | 5.2 | 6 661 938 | 6 647 424 | 7 763 870,61 | 116,54 |
| **26 01 04** | ***Nefqa ta’ sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta’ politika “amministrazzjoni tal-Kummissjoni”*** | | | | | |
| 26 01 04 01 | Nefqa ta’ sostenn għal soluzzjonijiet ta’ interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) | 1.1 | 400 000 | 400 000 | 518 470,54 | 129,62 |
| | *Artikolu 26 01 04 — Sub-total* | | 400 000 | 400 000 | 518 470,54 | 129,62 |
| **26 01 09** | ***Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet*** | 5.2 | 80 755 000 | 84 274 000 | 90 588 018,39 | 112,18 |
| **26 01 10** | ***Konsolidazzjoni tad-dritt tal-Unjoni*** | 5.2 | 1 070 000 | 1 070 000 | 1 249 999,94 | 116,82 |
| **26 01 11** | ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (L u C)*** | 5.2 | 10 672 000 | 11 805 000 | 13 106 267,20 | 122,81 |
| **26 01 12** | ***Sommarji tal-leġiżlazzjoni tal-UE*** | 5.2 | 533 000 | 533 000 | | — |
| **26 01 20** | ***Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal*** | 5.2 | 27 883 000 | 28 535 000 | 28 939 371,48 | 103,79 |
| **26 01 21** | ***Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali*** | 5.2 | 36 260 000 | 36 721 000 | 41 442 564,20 | 114,29 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **26 01 22** | ***Infrastruttura u Loġistika (Brussell)*** | | | | | |
| 26 01 22 01 | Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell | 5.2 | 68 833 000 | 69 455 000 | 73 368 453,73 | 106,59 |
| 26 01 22 02 | Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell | 5.2 | 208 880 000 | 203 592 000 | 277 140 338,— | 132,68 |
| 26 01 22 03 | Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell | 5.2 | 70 207 000 | 71 229 000 | 75 818 096,88 | 107,99 |
| 26 01 22 04 | Nefqa għall-apparat u l-għamara fi Brussell | 5.2 | 7 586 000 | 8 271 000 | 13 665 763,40 | 180,14 |
| 26 01 22 05 | Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fi Brussell | 5.2 | 8 401 000 | 9 930 000 | 14 519 237,69 | 172,83 |
| 26 01 22 06 | Għassa tal-binjiet fi Brussell | 5.2 | 31 939 000 | 32 500 000 | 37 614 336,93 | 117,77 |
| | *Artikolu 26 01 22 — Sub-total* | | 395 846 000 | 394 977 000 | 492 126 226,63 | 124,32 |
| **26 01 23** | ***Infrastruttura u Loġistika (Lussemburgu)*** | | | | | |
| 26 01 23 01 | Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-loġistika fil-Lussemburgu (OIL) | 5.2 | 24 539 000 | 25 191 000 | 24 425 502,77 | 99,54 |
| 26 01 23 02 | Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fil-Lussemburgu | 5.2 | 39 332 000 | 40 091 000 | 49 717 007,87 | 126,40 |
| 26 01 23 03 | Nefqa b'rabta mal-binjiet fil-Lussemburgu | 5.2 | 17 138 000 | 17 481 000 | 17 460 700,09 | 101,88 |
| 26 01 23 04 | Nefqa għall-apparat u l-għamara fil-Lussemburgu | 5.2 | 1 087 000 | 1 087 000 | 969 068,43 | 89,15 |
| 26 01 23 05 | Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fil-Lussemburgu | 5.2 | 1 017 000 | 1 034 000 | 1 019 208,12 | 100,22 |
| 26 01 23 06 | Għassa tal-binjiet fil-Lussemburgu | 5.2 | 5 862 000 | 5 640 000 | 5 999 246,91 | 102,34 |
| | *Artikolu 26 01 23 — Sub-total* | | 88 975 000 | 90 524 000 | 99 590 734,19 | 111,93 |
| **26 01 40** | ***Sigurtà u monitoraġġ*** | 5.2 | 7 888 000 | 8 044 000 | 8 939 293,11 | 113,33 |
| **26 01 60** | ***Politika tal-persunal u maniġment*** | | | | | |
| 26 01 60 01 | Servizz mediku | 5.2 | 5 463 000 | 5 554 000 | 5 898 027,61 | 107,96 |
| 26 01 60 02 | Nefqa għal kompetizzjonijiet, selezzjonijiet u reklutaġġ | 5.2 | 1 520 000 | 1 620 000 | 1 208 442,10 | 79,50 |
| 26 01 60 04 | Kooperazzjoni interistituzzjonali fl-isfera soċjali | 5.2 | 6 919 000 | 7 048 000 | 15 272 549,90 | 220,73 |
| 26 01 60 06 | Uffiċjali tal-istituzzjonijiet li huma assenjati temporanjament mas-servizzi ċivili nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi jew privati | 5.2 | 250 000 | 250 000 | 182 000,— | 72,80 |
| 26 01 60 07 | Ħsarat | 5.2 | 150 000 | 150 000 | 4 350 000,— | 2 900,— |
| 26 01 60 08 | Assigurazzjonijiet mixxellanji | 5.2 | 58 000 | 58 000 | 24 500,— | 42,24 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI”** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 01 60 09 | korsijiet tal-lingwi | 5.2 | 3 417 000 | 3 524 000 | 4 226 122,28 | 123,68 |
| | *Artikolu 26 01 60 — Sub-total* | | 17 777 000 | 18 204 000 | 31 161 641,89 | 175,29 |
| ***26 01 70*** | ***Skejjel Ewropej*** | | | | | |
| 26 01 70 01 | Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell) | 5.1 | 7 530 524 | 7 570 534 | 7 101 658,— | 94,30 |
| 26 01 70 02 | Brussell I (Uccle) | 5.1 | 23 834 870 | 24 097 099 | 24 485 327,— | 102,73 |
| 26 01 70 03 | Brussell I (Woluwe) | 5.1 | 22 672 844 | 23 717 185 | 23 288 067,— | 102,71 |
| 26 01 70 04 | Brussell III (Ixelles) | 5.1 | 22 856 466 | 23 692 379 | 22 759 039,— | 99,57 |
| 26 01 70 05 | Brussell IV (Laeken) | 5.1 | 11 370 694 | 10 617 239 | 9 512 316,— | 83,66 |
| 26 01 70 11 | Lussemburgu I | 5.1 | 19 323 075 | 20 608 988 | 24 128 581,— | 124,87 |
| 26 01 70 12 | Lussemburgu II | 5.1 | 14 824 360 | 17 094 433 | 9 204 874,— | 62,09 |
| 26 01 70 21 | Mol (BE) | 5.1 | 5 784 399 | 6 097 656 | 6 058 349,— | 104,74 |
| 26 01 70 22 | Frankfurt am Main (DE) | 5.1 | 7 206 917 | 6 903 749 | 6 854 139,— | 95,11 |
| 26 01 70 23 | Karlsruhe (DE) | 5.1 | 2 655 164 | 2 785 194 | 3 054 845,— | 115,05 |
| 26 01 70 24 | Munich (DE) | 5.1 | 522 840 | 348 531 | 424 350,— | 81,16 |
| 26 01 70 25 | Alicante (ES) | 5.1 | 7 248 534 | 7 839 695 | 8 097 123,— | 111,71 |
| 26 01 70 26 | Varese (IT) | 5.1 | 9 985 084 | 10 972 286 | 9 670 615,— | 96,85 |
| 26 01 70 27 | Bergen (NL) | 5.1 | 4 097 910 | 4 579 641 | 4 304 020,— | 105,03 |
| 26 01 70 28 | Culham (UK) | 5.1 | 4 350 182 | 4 629 474 | 5 062 003,— | 116,36 |
| 26 01 70 31 | Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2 | 5.1 | 1 149 780 | 6 848 000 | 3 925 738,31 | 341,43 |
| | *Artikolu 26 01 70 — Sub-total* | | 165 413 643 | 178 402 083 | 167 931 044,31 | 101,52 |
| | **Kapitolu 26 01 — Total** | | **966 875 044** | **988 983 348** | **1 117 383 793,26** | **115,57** |

**26 01 01** ***Nefqa relatata ma’ uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta’ politika “Amministrazzjoni tal-Kummissjoni”***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 102 920 661 | 105 041 573 | 105 830 144,89 |

**26 01 02** ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b’sostenn tal-qasam ta’ politika “Amministrazzjoni tal-Kummissjoni”***

26 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 5 755 909 | 5 818 812 | 6 450 183,87 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 02*** *(ikompli)*

26 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 18 063 893 | 17 986 456 | 21 745 962,01 |

***26 01 03*** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 661 938 | 6 647 424 | 7 763 870,61 |

***26 01 04*** ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***

26 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA)

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 400 000 | 400 000 | 518 470,54 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, kif ukoll kwalunkwe nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc, billi l-kuntratti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 26 03.

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

**26 01 09** ***Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 80 755 000 | 84 274 000 | 90 588 018,39 |

*Kummenti*

Ex *Partita 26 01 09 01*

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

Fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-kontabilità tal-kostijiet, il-kost tas-servizzi li jwettaq għal kull istituzzjoni hija stmata kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Parlament Ewropew | 7 485 989 | 9,27 % |
| Kunsill | 8 107 802 | 10,04 % |
| Kummissjoni | 45 868 840 | 56,80 % |
| Qorti tal-Ġustizzja | 4 974 508 | 6,16 % |
| Qorti tal-Awdituri | 1 493 968 | 1,85 % |
| Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | 1 106 343 | 1,37 % |
| Kumitat tar-Reġjuni | 880 229 | 1,09 % |
| Oħrajn | 10 837 321 | 13,42 % |
| Total | 80 755 000 | 100,00 % |

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 4 550 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 195 sa 200 tiegħu.

**26 01 10** ***Konsolidazzjoni tad-dritt tal-Unjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 070 000 | 1 070 000 | 1 249 999,94 |

*Kummenti*

Ex *Partita 26 01 10 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-konsolidazzjoni ta' strumenti tal-Unjoni u għall-forniment ta' strumenti konsolidati tal-Unjoni lill-pubbliku, fil-forom kollha u fuq il-mezzi kollha tal-pubblikazzjoni, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 100.

*Bażi legali*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh ta' Diċembru 1992 (SN/456/92, l-Anness 3 mal-Parti A, p. 5).

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 10*** *(ikompli)*

Id-Dikjarazzjoni dwar il-kwalità tal-binja lingwistika tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam.

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Frar 2003: l-Aġġornament u s-Simplifikazzjoni tal-*Acquis* Komunitarju (COM(2003) 71 final),

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2010: Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea (COM(2010) 543 final),

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Diċembru 2012: Idoneità Regolatorja tal-UE (COM(2012) 746 final).

## **26 01 11** ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (L u C)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 672 000 | 11 805 000 | 13 106 267,20 |

*Kummenti*

Ex *Partita 26 01 11 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-pubblikazzjoni, fil-forom kollha, u għad-distribuzzjoni, l-ikkatalogar, l-indiċjar u l-arkivjar ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 221 000.

*Bażi legali*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 254 tiegħu. Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 297 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1958 li toħloq *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (ĠU 17, 6.10.1958, p. 419/58).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

### 26 01 12 *Sommarji tal-leġiżlazzjoni tal-UE*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 533 000 | 533 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni ta' sommarji onlajn tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (li jippreżentaw l-aspetti ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'mod konċiż u li jinqara faċilment) u l-iżvilupp ta' prodotti relatati.

Kull waħda miż-żewġ istituzzjonijiet l-oħra, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, hija mistennija li tikkontribwixxi mit-taqsima rispettiva tagħha tal-baġit ġenerali b'ammont daqs tal-Kummissjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 1 066 000.

*Bażi legali*

Attività li tirriżulta mill-kompiti tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ipprovduti fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007, Nikkomunikaw dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Ninvolvu liċ-ċittadini (SEC(2007)1742).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE/Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

### 26 01 20 *Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 27 883 000 | 28 535 000 | 28 939 371,48 |

*Kummenti*

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 406 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

### 26 01 21 *Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 36 260 000 | 36 721 000 | 41 442 564,20 |

*Kummenti*

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq is-EUR 7 522 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2002 tistabbilixxi l-uffiċċju għall-amministrazzjoni ta' benefiċċji u pagamenti għal prerogattivi individwali (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 30).

### 26 01 22 *Infrastruttura u Loġistika (Brussell)*

26 01 22 01 Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 68 833 000 | 69 455 000 | 73 368 453,73 |

*Kummenti*

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq is-EUR 7 500 000.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/523/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell.

26 01 22 02 Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 208 880 000 | 203 592 000 | 277 140 338,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— kera u ċens dwar binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-kostijiet tax-xiri jew xiri bil-lokazzjoni ta' binjiet,

— il-kostruzzjoni ta' binjiet.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi Partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, iżda mhux fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa fir-rigward tagħhom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 22*** *(ikompli)*

26 01 22 02 *(ikompli)*

Dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lokgħall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji ikkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 572 843.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 4 930 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 22 03 Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 70 207 000 | 71 229 000 | 75 818 096,88 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— il-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— debiti tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,

— kostijiet tal-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-postijiet, liftijiet, tisħin ċentrali, apparat tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa li ssir b'operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u ħasil fix-xott, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u fornituri użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— it-tiġdid ta' bini, pereżempju alterazzjonijiet għall-partitioning, alterazzjonijiet għall-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, plumbing, tibjid, għata tal-art, eċċ., u l-kost tat-tibdiliet għall-kablaġġ assoċjat mal-apparat, u l-kost tal-apparat meħtieġ (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi waqt ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' tagħmir għall-installazzjonijiet tan-nar u kostijiet għall-ispezzjonijiet statutorji (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klaw-żoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— nefqiet relatati ma' xogħol ta' verifika dwar l-aċċessibilita tal-bini għal persuni b'diżabilita u/jew mobilita mnaqqsa u l-introduzjoni ta' adattamenti neċessarji bħala segwitu għal verifika ta' dan it-tip sabiex il-bini jsir kompletament aċċessib-bli għall-viżitaturi kollha,

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwiżizzjoni, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 22*** *(ikompli)*

26 01 22 03 *(ikompli)*

— nefqa oħra relatata mal-binjiet, b'mod partikolari tariffi għall-immaniġġar tal-binjiet b'diversi lokatarji, il-kostijiet marbuta ma' kejl tal-binjiet, u tariffi tal-utilitajiet (tindif u manutenzjoni tat-toroq, ġbir ta' skart, eċċ.),

— tariffi għal assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' arredament għall-binjiet.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

Dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji ikkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 192 576.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq id-EUR 9 011 000.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-4 ta' Lulju 2007 fl-inkjesta fuq inizjattiva tiegħu OI/3/2003/JMA dwar il-Kummissjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 22 04 Nefqa għall-apparat u l-għamara fi Brussell

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 7 586 000 | 8 271 000 | 13 665 763,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' apparat tekniku u stallazzjonijiet, u b'mod partikolari:

  — apparat (inklużi fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (stampati, mezzi elettroniċi, eċċ.),

  — apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, awdjokaski u unitajiet tas-swiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-kċina u apparat tar-ristoranti,

  — diversi għodod għall-uffiċina tal-manutenzjoni tal-bini,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilità,

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 22*** *(ikompli)*

26 01 22 04 *(ikompli)*

    — studji, dokumentazzjoni u taħriġ relatati ma' dan l-apparat (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
    - xiri ta' vetturi ġodda, inkluża għallinqas vettura waħda adattata għat-trasport ta' persuni b'mobilità mnaqqsa,
    - il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, jilħqu kilometraġġ totali li jiġġustifika s-sostituzzjoni,
    - il-kost tal-kiri ta' karozzi għal perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta ta' vetturi, jew meta l-flotta tal-vetturi ma tissodisfax il-bżonnijiet ta' passiġġieri b'mobilità mnaqqsa,
    - il-kost tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrifikanti, tajers, tubi interni, provvisti mixxellanji, parts, għodod, eċċ.),
    - diversi tipi ta' assigurazzjoni (partikolarment ir-responsabilità għal terzi persuni u l-assigurazzjoni kontra s-serq) u l-kostijiet tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
    - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,
    - il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
    - provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
    - il-kiri ta' għamara,
    - kostijiet tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),
- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
    - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
    - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fl-uffiċina teknika u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħlijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, tkagħbir u ħmieġ anormali,
    - xiri jew rimbors tal-kost ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ix-xiri ta' biljetti (biljett tluq biss u *business pass*), aċċess bla ħlas fuq rotot tat-trasport pubbliku għall-iffaċilitar tal-mobbiltà bejn binjiet differenti tal-Kummissjoni jew bejn binjiet tal-Kummissjoni u binjiet pubbliċi (eż. ajruport), servizzi ta' roti jew kwalunkwe mezz ieħor li jinkoraġġixxi l-użu tat-trasport pubbliku u l-mobbiltà tal-persunal tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' vetturi ta' servizz,
- in-nefqa għax-xiri ta' materjali għas-servizzi ta' protokoll ta' ospitalità.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 1 520 000.

KUMMISSJONI

*TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI*

**KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"** *(ikompli)*

***26 01 22*** *(ikompli)*

26 01 22 04 *(ikompli)*

Il-ħolqien ta' approprjazzjoni speċifika għar-rimborż tal-biljetti staġunali tat-trasport pubbliku huwa miżura modesta iżda kruċjali biex jiġi kkonfermat l-impenn tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ f'konformità mal-politika tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tagħhom u mal-objettivi miftiehma tal-bidla fil-klima.

*Bażi legali*

Id-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva 90/270/KEE tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 22 05 Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fi Brussell

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 8 401 000 | 9 930 000 | 14 519 237,69 |

*Kummenti*

| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 32 02 77 02 | Azzjoni preparatorja — Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jimplimentaw is-sorsi enerġetiċi rinovabbli (id-Direttiva 2009/28/KE) | 2 | — | 350 000 | — | 150 000 | 500 000,— | 0,— | 0,— |
| 32 02 77 03 | Proġett pilota — Sostenn għall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' żieda tal-użu tal-enerġija solari (solari termali u fotovoltajka) | 2 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 32 02 77 04 | Proġett pilota — Programm qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 32 02 77 05 | Azzjoni preparatorja — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| 32 02 77 06 | Proġett pilota — mudelli tekno-ekonomiċi għal netwerks ta' tisħin distrett-wali b'inputs multipli | 2 | 1 750 000 | 875 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 32 02 77 — Sub-total* | | 1 750 000 | 1 365 000 | — | 210 000 | 700 000,— | 0,— | 0,— |
| | **Kapitolu 32 02 — Total** | | **424 037 500** | **108 237 427** | **34 569 795** | **308 049 421** | **34 007 098,97** | **205 232 668,83** | **189,61** |

***32 02 01 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa***

32 02 01 01 Promozzjoni tal-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabilità tan-netwerks permezz tal-infrastruttura

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 122 042 833 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni li jikkontribwixxu prinċipalment għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u l-interoperabilità tan-netwerks tal-gass u l-elettriku bejn il-pajjiżi.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(b)(i) tiegħu.

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 01*** *(ikompli)*

32 02 01 02 Titjib tas-sigurtà tal-provvista, tar-reżiljenza tas-sistemi u s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-sistemi tal-Unjoni permezz tal-infrastruttura

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 122 042 833 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tar-reżiljenza tas-sistemi u s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-sistemi tal-Unjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(b)(ii) tiegħu.

32 02 01 03 Kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent permezz tal-infrastruttura

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 122 042 834 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-kofinanzjament ta' studji u xogħlijiet għal proġetti ta' interess komuni (PCI) li jikkontribwixxu prinċipalment għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-netwerk ta' trażmissjoni, u permezz tal-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti tal-enerġija u tad-diossidu tal-karbonju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(b)(iii) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 01*** *(ikompli)*

32 02 01 04 Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 40 771 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji stabbiliti skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex jippermettu jew jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament fuq terminu twil jew ir-riżorsi tal-investituri privati u għaldaqstant biex iħaffu jew jagħmlu possibbli l-finanzjament tal-proġetti ta' interess komuni eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39). L-istrumenti finanzjarji se jitwaqqfu bħala oqfsa ta' "dejn" jew "ekwità" wara valutazzjoni ex-ante rikjesta mill-Artikolu 224 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012. Huma maħsubin biex jiġu implimentati bħala ġestjoni diretta mill-entitajiet inkarigati, skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju jew flimkien mal-entitajiet inkarigati.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

***32 02 02*** ***Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 4 900 000 | 1 482 073 | 4 700 000 | 2 780 313 | 4 685 648,97 | 2 834 839,31 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 03 u l-*ex *Partiti 32 01 04 01 u 32 01 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u implimentazzjoni meħtieġa għal politika Ewropea ta' enerġija li tkun kompetittiva, sikura u sostenibbli, għas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'kwalunkwe aspett ta' perspettiva Ewropea u globali kif ukoll għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u paragunabbli.

L-objettivi ewlenin miftiehma huma l-istabbiliment ta' politika Ewropea progressivament komuni li tiżgura sigurtà tal-provvista tal-enerġija kontinwa, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal netwerks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatt tal-politiki kkunsidrati, tisħiħ tad-drittijiet u tal-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija bbażati fuq għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kwalunkwe tip ta' enerġija.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-esperti marbuta direttament mal-ġbir, il-validazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni meħtieġa dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija (evalwazzjoni bejn il-pari).

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 02*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 04.02.2006, p. 22-27)

Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 9).

Ir-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15).

Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 833/2010 tal-21 ta' Settembru 2010 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 36).

Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).

*Atti ta' referenza*

Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għall-attivitajiet taż-żejt u tal-gass li jitwettqu lil hinn mill-kosta (ĠU C 18, 21.1.2012, p. 8).

***32 02 03*** ***Sigurtà tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura enerġetiċi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 300 000 | 190 000 | 300 000 | 184 515 | 250 000,— | 751 459,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 16*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għal analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u miżuri meħtieġa biex tittejjeb is-Sigurtà tas-settur tal-enerġija, l-għajnuna teknika u t-taħriġ speċifiku.

L-għanijiet ewlenin huma li jiġu żviluppati u applikati regoli ta' Sigurtà fil-qasam tal-enerġija u b'mod partikolari:

— miżuri għall-prevenzjoni ta' atti malizzjużi fis-settur tal-enerġija, b'referenza partikolari għall-istallazzjonijiet u infrastruttura tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni u trażmissjoni tal-enerġija,

— approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prassi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-Sigurtà tal-enerġija,

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 03*** *(ikompli)*

— definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u għanijiet ta' Sigurtà għas-settur tal-enerġija u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,

— monitoraġġ ta' miżuri meħuda fuq is-Sigurtà tal-enerġija mill-awtoritajiet nazzjonali, operaturi u atturi ewlenin oħra f'dan il-qasam,

— koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-Sigurtà tal-enerġija, inklużi fornituri ġirien u pajjiżi ta' tranżitu u sħab dinjija oħra.

— promozzjoni ta' żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-Sigurtà tal-enerġija.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv ta' dan l-artikolu.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***32 02 10*** ***Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 10 188 000 | 10 188 000 | 7 369 795 | 7 369 795 | 7 241 850,— | 7 241 850,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 32 04 10 01 u 32 04 10 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 16 mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat taħt l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju li għandhom jitniżżlu taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija huwa deskritt fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 10 880 000. Ammont ta' EUR 692 000 li ġej mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 10 188 000 mdaħħal fil-baġit.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 10*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

***32 02 51 Tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk enerġetiku trans-Ewropew***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 9 753 197 | 22 200 000 | 11 972 009 | 21 129 600,— | 10 737 761,21 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 32 03 01 u 32 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks tal-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22. 9. 2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

***32 02 52 Tlestija ta' proġetti enerġetiċi biex jgħinu l-irkupru ekonomiku***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 85 259 157 | — | 285 532 789 | 0,— | 183 666 759,31 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 32 04 14 01, 32 04 14 02, 32 04 14 03 u 32 04 14 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 31).

KUMMISSJONI
*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

### *32 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

32 02 77 01 Proġett pilota — Sigurtà tal-enerġija — Gass tas-skist

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 140 000 | — | 60 000 | 200 000,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 18*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 02 Azzjoni preparatorja — Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jimplimentaw is-sorsi enerġetiċi rinovabbli (id-Direttiva 2009/28/KE)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | 350 000 | — | 150 000 | 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 19*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Fil-qafas tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16) li tistabbilixxi miri nazzjonali għall-iskambju ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum final gross tal-enerġija, qed jiġi propost mekkaniżmu ġdid biex jintlaħqu l-miri nazzjonali, li taħtu l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu minn skemi ta' appoġġ nazzjonali u ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni pprovduti fil-kuntest tad-Direttiva RES 2009/28/KE. Dawn il-mekkaniżmi, li jintroduċu flessibilità għall-Istati Membri fuq bażi ta' kooperazzjoni volontarja, jirreferu għal trasferimenti ta' statistika bejn l-Istati Membri (Art. 6), proġetti konġunti bejn l-Istati Membri (Artikoli 7 u 8), proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u partijiet terzi (Art. 9 u 10) u skemi konġunti ta' appoġġ bejn l-Istati Membri (Artikolu 11).

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li teżamina l-kundizzjonijiet kollha għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-interazzjoni tagħhom ma' mekkaniżmi oħrajn jew skemi ta' appoġġ nazzjonali, u li tivvaluta l-bżonn li jiġi żviluppat qafas speċifiku għall-operat ta' dan il-mekkaniżmu. L-iżvilupp ta' dan il-qafas ta' operazzjoni għandu jingħata prijorità fl-Istati Membri b'kapaċitajiet limitati ta' netwerks transfruntieri kif ukoll f'żoni li għandhom potenzjal għoli għal proġetti speċifiċi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 77*** *(ikompli)*

32 02 77 03 Proġett pilota — Sostenn għall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' żieda tal-użu tal-enerġija solari (solari termali u fotovoltajka)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 17*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 04 Proġett pilota — Programm qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 12*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 05 Azzjoni preparatorja — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 13*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 02 — ENERĠIJA KONVENZJONALI U RINNOVABBLI** *(ikompli)*

***32 02 77*** *(ikompli)*

32 02 77 05 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

32 02 77 06 Proġett pilota — mudelli tekno-ekonomiċi għal netwerks ta' tisħin distrettwali b'inputs multipli

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 1 750 000 | 875 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jżid l-effiċjenza totali tan-netwerks ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali, bl-iżvilupp ta' tisħin u tkessiħ distrettwali tal-ġenerazzjoni li jmiss, permezz ta':

— użu intelliġenti u kontroll ta' sistemi distribwiti ta' ħżin tal-enerġija fin-netwerk,

— disinn imtejjeb u substazzjonijiet b'kontroll intelliġenti fil-bini li jaħdmu b'temperatura baxxa ta' tisħin u b'temperatura għolja ta' tkessiħ, u

— kontroll intelliġenti tan-netwerk ġenerali, inklużi sorsi rinnovabbli (primarjament enerġija solari termali, dik ġeotermali, sħana mitlufa), id-domanda għall-enerġija termali tal-bini kollegat u sistemi ta' ħżin tal-enerġija termali kemm distribwita u kemm kollettiva.

L-ewwel serje ta' riżultati tipprevedi l-ħidma ta' studju inizjali (2014-2015) u tinkludi:

— algoritmu b'kontroll intelliġenti għal ħżin u substazzjonijiet ta' ħżin ta' enerġija termali,

— sistema bi prezz baxx biex ikun determinat l-istat ta' ċarġ ta' sistemi ta' ħżin ta' enerġija termali kompatta u distribwita fil-bini,

— disinn imtejjeb tas-substazzjon b'temperatura baxxa, kif ukoll

— skema ta' kontroll ġenerali sabiex jiġi ttrattat l-iżbilanċ bejn sorsi tas-sħana multipli (mhux prevedibbli) rinnovabbli u l-ħtiġijiet tal-enerġija termali fil-bini kollegat.

L-għan globali huwa li tiżdied l-effiċjenza ġenerali tan-netwerk termali u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja tas-sistema ta' rinforz għat-tisħin (gas fired boiler) u t-tkessiħ (chiller) b'tal-anqas 20 %.

It-tieni serje tikkonsisti fl-implimentazzjoni fuq il-post ta' madwar 60 binja, li wħud minnhom għandhom jiġu kollegati fi ħdan il-qafas tal-proġett pilota fl-2014/2015. L-iffrankar totali fl-emissjonijiet minħabba l-ottimizzazzjoni tan-netwerk (= ħżin + substazzjonijiet + kontroll) huwa stmat għal 1 021 tunnellata fis-sena. L-iffrankar fl-emissjonijiet bl-użu tal-enerġija rinnovabbli għadhom (s'issa) ma ġewx inklużi fil-kalkoli, billi l-enfasi hija fuq in-netwerk tal-ġenerazzjoni li jmiss.

*Bażi legali*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 32 03 | ENERĠIJA NUKLEARI | | | | | | | | |
| **32 03 01** | ***Salvagwardji nukleari*** | 1.1 | 20 520 000 | 17 000 000 | 20 550 000 | 15 814 706 | 20 316 372,02 | 16 061 090,81 | 94,48 |
| **32 03 02** | ***Sikurezza nukleari u radjuprotezzjoni*** | 1.1 | 3 286 000 | 2 700 000 | 2 200 000 | 1 976 838 | 1 716 214,— | 1 668 208,46 | 61,79 |
| **32 03 03** | ***Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari*** | | | | | | | | |
| 32 03 03 01 | Programm Kozloduy | 1.1 | 39 416 000 | p.m. | | | | | — |
| 32 03 03 02 | Programm Ignalina | 1.1 | 60 641 000 | p.m. | | | | | — |
| 32 03 03 03 | Programm Bohunice | 1.1 | 30 320 000 | p.m. | | | | | — |
| | *Artikolu 32 03 03 — Sub-total* | | 130 377 000 | p.m. | | | | | — |
| **32 03 51** | ***Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 180 000 000 | 267 000 000 | 181 869 118 | 259 904 000,— | 179 016 544,78 | 99,45 |
| | **Kapitolu 32 03 — Total** | | **154 183 000** | **199 700 000** | **289 750 000** | **199 660 662** | **281 936 586,02** | **196 745 844,05** | **98,52** |

### *32 03 01 Salvagwardji nukleari*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 20 520 000 | 17 000 000 | 20 550 000 | 15 814 706 | 20 316 372,02 | 16 061 090,81 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 05 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, b'mod partikolari:

— spejjeż għall-missjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta' kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),

— taħriġ ta' spetturi u laqgħat ma' Stati Membri u operaturi nukleari,

— xiri ta' apparat għall-użu f'ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' apparat ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, apparat għall-kejl tal-gamma, in-newtroni u l-infraħmar, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,

— xiri u rinnovament ta' ħardwer tat-teknoloġija informatika għall-ispezzjonijiet,

— proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet t-teknoloġija informatika (żvilupp u manutenzjoni),

— bdil ta' apparati ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,

— manutenzjoni tat-tagħmir, inkluża assigurazzjoni ta' tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f'siti GBNS,

— miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż immaniġġjartal-iskart u trasport ta' kampjuni,

— analiżijiet fuq il-post (kost lavorattiv u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),

— ftehimiet fuq il-lant fil-post (laboratorji, uffiċċji, eċċ.),

— immaniġġjar ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, ħardwer tat-teknoloġija informatika, xiri ta' provvisti u oġġetti tal-konsum, eċċ.),

KUMMISSJONI
*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)*

***32 03 01*** *(ikompli)*

— appoġġ tat-teknoloġija informatika u testijiet għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Dan li ġej ukoll se jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju:

— pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mħallsa,

— rimborż ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-provvisti, xogħol jew servizzi.

Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi legali*

Il-Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim bejn tliet partijiet, bejn l-Komunità, l-Istati Membri li ma jużawx armi nukleari u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Il-Ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 1992 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għal analiżi ta' verifika tal-kampjuni ta' salvagwardji (SEC(1992) 515).

***32 03 02*** ***Sikurezza nukleari u radjuprotezzjoni***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 3 286 000 | 2 700 000 | 2 200 000 | 1 976 838 | 1 716 214,— | 1 668 208,46 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 05 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, partikolarment fl-Istati Membri ġodda u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tar-radjuprotezzjoni,

— nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni ijonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi. Dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)*

***32 03 02*** *(ikompli)*

— nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korpi ta' ispetturi għall-verifika tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni ijonizzanti fl-Istati Membri. Din in-nefqa tinkludi flimkien mal-gratifiki tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjoni), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet,

— nefqa marbuta mal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi li jaqgħu taħt dan l-artikolu.

*Bażi legali*

Il-kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II u l-Artikolu 174.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu (ġabra ta' informazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li tikkumplimenta l-istandards bażiċi ta' sikurezza) u l-Artikolu 33 tiegħu (l-implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 97/43/Euratom tat-30 ta' Ġunju 1997 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-individwi kontra l-perikoli tar-radjazzjoni jonizzanti konnessa ma' espożizzjoni għal raġunijiet mediċi, u li tħassar id-Direttiva Nru 84/466/Euratom (ĠU L 180, 9.7.1997, p. 22).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjuattivi siġillati ta' attività għolja u sorsi orfni (ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

It-twettiq tal-obbligi li tpoġġew fuq il-Kummissjoni mil-leġiżlazzjoni speċifika li ġejja,

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunità għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 1),

— It-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 35, it-tieni paragrafu (Verifika ta' monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali), tiegħu.

***32 03 03*** ***Programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari***

32 03 03 01 Programm Kozloduy

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 39 416 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Kozloduy (il-Bulgarija), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Bulgarija.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)*

***32 03 03*** *(ikompli)*

32 03 03 01 *(ikompli)*

Il-Kummissjoni trid tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programmi Kozloduy tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma rikjesti għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-objettivi tiegħu. Dawk l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, l-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni Ewropea sa fejn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, attivitajiet marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 647/2010.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jirrevoka r-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(a) tiegħu.

32 03 03 02 Programm Ignalina

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 60 641 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Litwanja.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma rikjesti għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-objettivi tiegħu. Dawk l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, l-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni sa fejn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1369/2013, l-attivitajiet marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-assistenza teknika u amministrattiva oħra kollha mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)*

***32 03 03*** *(ikompli)*

32 03 03 02 *(ikompli)*

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu.

32 03 03 03 Programm Bohunice

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 30 320 000 | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-fond ta' dekummissjonar tal-impjant nukleari ta' Bohunice (is-Slovakkja), f'konformità mal-ftehimiet iffirmati mal-Islovakkja.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekummissjonar.

Il-Kummissjoni trid tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi impenjati skont din il-partita, kif ukoll estimi aġġornati tal-kostijiet u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tar-reatturi nukleari kkonċernati.

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Bohunice tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma rikjesti għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-objettivi tiegħu. Dawk l-attivitajiet jinkludu, mod partikolari, l-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni sa fejn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013, l-attivitajiet marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' wkoll tkopri l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (Euratom) Nru 549/2007.

*Bażi legali*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont l-Artikolu 203.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jirrevoka r-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2)(b) tiegħu.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 03 — ENERĠIJA NUKLEARI** *(ikompli)*

### *32 03 51 Tlestija tal-assistenza ta' dekummissjonar nukleari (2007 sa 2013)*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 180 000 000 | 267 000 000 | 181 869 118 | 259 904 000,— | 179 016 544,78 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 05 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

*Bażi legali*

Il-kompitu jirriżulta minn poteri speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003 (il-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja u l-Protokoll Nru 9 dwar l-unità 1 u l-unità 2 tal-impjant nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja, it-tnejn annessi mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003).

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika fil-Kapitolu 203.

Il-kompitu li jikkonċerna l-impjant nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija b'mod analogu jingħata direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll N° 4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina" (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja mal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 647/2010 tat-13 ta' Lulju 2010 dwar assistenza finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija (Il-Programm Kozloduy) (ĠU L 189, 22.7.2010, p. 9).

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 32 04 | ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA | | | | | | | | |
| **32 04 03** | ***Sfidi soċjetali*** | | | | | | | | |
| 32 04 03 01 | Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva | 1.1 | 292 962 845 | 28 886 164 | | | | | — |
| | *Artikolu 32 04 03 — Sub-total* | | 292 962 845 | 28 886 164 | | | | | — |
| **32 04 50** | ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku*** | | | | | | | | |
| 32 04 50 01 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | — |
| 32 04 50 02 | Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 839 274,61 | 1 745 293,24 | — |
| | *Artikolu 32 04 50 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 839 274,61 | 1 745 293,24 | — |
| **32 04 51** | ***Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 125 175 972 | 171 635 030 | 116 069 721 | 169 703 008,29 | 119 659 458,84 | 95,59 |
| **32 04 52** | ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)*** | 1.1 | p.m. | 4 739 966 | p.m. | 14 826 287 | 0,— | 16 971 736,83 | 358,06 |
| **32 04 53** | ***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2007 sa 2013)*** | 1.1 | p.m. | 59 021 214 | 137 250 000 | 80 000 000 | 132 998 223,56 | 89 257 739,02 | 151,23 |
| **32 04 54** | ***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)*** | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 422 073,87 | — |
| | **Kapitolu 32 04 — Total** | | **292 962 845** | **217 823 316** | **308 885 030** | **210 896 008** | **304 540 506,46** | **228 056 301,80** | **104,70** |

*Kummenti*

Dawn il-kummenti japplikaw għall-intestaturi tal-baġit kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, fil-qasam tal-enerġija skont il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET), li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

L-attivitajiet ta' Orizzont 2020 rilevanti għall-enerġija skont il-Pjan SET, b'mod partikolari l-isfida soċjetali "Enerġija Sigura, Nadifa u Effiċjenti", iżda wkoll partijiet rilevanti ta' taqsimiet oħra tal-programm, inkluż l-"Aċċess għall-Finanzjament" se jikkontribwixxu prinċipalment għall-Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħra, b'mod partikolari "Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (ŻER). Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Orizzont 2020 se jitwettaq biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà tal-għarfien, fuq il-bażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri s-sostenn tal-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi qafas preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn Stati li qed jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika mdaħħla fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-Partita 32 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitolu se jiġu pprovduti taħt l-Artikolu 32 01 05.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

**32 04 03** ***Sfidi soċjetali***

*Kummenti*

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu mis-suq tal-innovazzjonijiet. L-attivitajiet se jkunu ta' sostenn dirett għall-kompetenzi tal-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

32 04 03 01 Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 292 962 845 | 28 886 164 | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-għanijiet u l-inizjattivi tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan). Dawn primarjament huma: ir-riħ, ix-xemx, il-bijoenerġija, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju, il-bliet intelliġenti u l-grids tal-provvista tal-elettriku. B'rikonoxximent ta' kemm il-kontribut ta' dawn huwa importanti għas-sistemi tal-enerġija sostenibbli tal-ġejjieni, tal-anqas 85 % tal-approprjazzjonijiet tal-baġit se jiġu allokati għall-oqsma ta' politika tal-użu finali effiċjenti tal-enerġija u r-rinovabbli, inkluż il-grid intelliġenti u l-ħażna tal-enerġija mill-2014 'il quddiem.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(c) tagħha).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

**32 04 50** ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

32 04 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | | | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014-2020.

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

***32 04 50*** *(ikompli)*

32 04 50 01 *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul kollu mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

32 04 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 839 274,61 | 1 745 293,24 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 06 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa korrispondenti għad-dħul li jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul kollu mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

***32 04 51*** ***Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 125 175 972 | 171 635 030 | 116 069 721 | 169 703 008,29 | 119 659 458,84 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 06 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

***32 04 51*** *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

***32 04 52*** ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 4 739 966 | p.m. | 14 826 287 | 0,— | 16 971 736,83 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 32 06 04 01 u 32 06 04 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti qabel l-2007 skont il-programmi kwadri tar-riċerka preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221 Euratom/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm qafas tal-Komunita Ewropea tal-attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994 sal-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm qafas tal-Komunita Ewropea tal-attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (mill-1998 sal-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

***32 04 52*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

***32 04 53*** ***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2007 sa 2013)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| p.m. | 59 021 214 | 137 250 000 | 80 000 000 | 132 998 223,56 | 89 257 739,02 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

***32 04 54*** ***Tlestija tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 422 073,87 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 32 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"(2003-2006).

**KAPITOLU 32 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-ENERĠIJA** *(ikompli)*

***32 04 54*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003-2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

KUMMISSJONI
*TITOLU 32 — ENERĠIJA*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ENERĠIJA

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT-ĠENERALI GĦALL-ENERĠIJA

KUMMISSJONI

*TITOLU 33*

**ĠUSTIZZJA**

# TITOLU 33

# ĠUSTIZZJA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 33 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA" | 41 753 064 | 41 753 064 | 38 567 096 | 38 567 096 | 37 969 870,89 | 37 969 870,89 |
| 33 02 | DRITTIJIET U ĊITTADINANZA | 83 943 081 | 84 300 081 | 101 317 768 | 84 743 099 | 101 301 119,79 | 83 661 531,16 |
| 33 03 | ĠUSTIZZJA | 77 718 671 | 66 973 671 | 78 103 660 | 60 313 777 | 80 781 921,76 | 69 884 155,14 |
| | **Titolu 33 — Total** | **203 414 816** | **193 026 816** | **217 988 524** | **183 623 972** | **220 052 912,44** | **191 515 557,19** |

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

# TITOLU 33

# ĠUSTIZZJA

## KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA" | | | | | |
| **33 01 01** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | 5.2 | 32 974 581 | 29 363 205 | 28 597 683,78 | 86,73 |
| **33 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | | | | | |
| 33 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 3 072 252 | 3 126 611 | 3 716 721,53 | 120,98 |
| 33 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 1 271 824 | 1 336 067 | 1 376 456,— | 108,23 |
| | *Artikolu 33 01 02 — Sub-total* | | 4 344 076 | 4 462 678 | 5 093 177,53 | 117,24 |
| **33 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | 5.2 | 2 134 407 | 1 858 213 | 2 054 100,30 | 96,24 |
| **33 01 04** | ***Nefqa ta' sostenn operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | | | | | |
| 33 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għall-Programm tad-Drittijiet u Ċittadinanza | 3 | 1 100 000 | 2 233 000 | 1 714 131,11 | 155,83 |
| 33 01 04 02 | Nefqa ta' sostenn għall-Programm tal-Ġustizzja | 3 | 1 200 000 | 650 000 | 510 778,17 | 42,56 |
| | *Artikolu 33 01 04 — Sub-total* | | 2 300 000 | 2 883 000 | 2 224 909,28 | 96,74 |
| | **Kapitolu 33 01 — Total** | | **41 753 064** | **38 567 096** | **37 969 870,89** | **90,94** |

### 33 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 32 974 581 | 29 363 205 | 28 597 683,78 |

### 33 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*

33 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 072 252 | 3 126 611 | 3 716 721,53 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA"** *(ikompli)*

***33 01 02*** *(ikompli)*

33 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 271 824 | 1 336 067 | 1 376 456,— |

***33 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 134 407 | 1 858 213 | 2 054 100,30 |

***33 01 04 Nefqa ta' sostenn operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"***

33 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm tad-Drittijiet u Ċittadinanza

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 100 000 | 2 233 000 | 1 714 131,11 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 33 01 04 01, 33 01 04 02 u 33 01 04 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-ilħiq tal-objettivi tiegħu; b'mod partikulari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn jitqies li jkunu marbuta mal-objettivi ġenerali tal-programm, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni ta' miżuri Komunitarji biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u biex jiġu ttrattati l-ħtiġijiet partikolari ta' nies b'diżabilità,

— in-nefqa għall-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, u kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija 'l barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠUSTIZZJA"** *(ikompli)*

***33 01 04*** *(ikompli)*

33 01 04 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 33 02.

33 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Programm tal-Ġustizzja

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 200 000 | 650 000 | 510 778,17 |

*Kummenti*

Ex *Partiti 33 01 04 03, 33 01 04 04 u 33 01 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u l-ilħiq tal-objettivi tiegħu; b'mod partikulari, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, safejn jitqies li jkunu marbuta mal-objettivi ġenerali tal-programm, spejjeż marbuta ma' netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 33 03.

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 33 02 | DRITTIJIET U ĊITTADINANZA | | | | | | | | |
| **33 02 01** | ***Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini*** | 3 | 23 007 000 | 5 467 000 | | | | | — |
| **33 02 02** | ***Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza*** | 3 | 31 151 000 | 7 284 000 | — | — | 0,— | 0,— | 0,— |
| **33 02 06** | ***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)*** | 3 | 21 109 000 | 21 109 000 | 21 024 400 | 21 024 400 | 20 376 020,— | 20 376 020,— | 96,53 |
| **33 02 07** | ***Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)*** | 3 | 6 776 081 | 6 776 081 | 6 322 368 | 6 322 368 | 7 741 800,— | 7 741 800,— | 114,25 |
| **33 02 51** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet u ċ-ċittadinanza, u ugwaljanza*** | 3 | p.m. | 41 333 000 | 72 221 000 | 56 521 331 | 73 183 299,79 | 54 982 094,79 | 133,02 |
| **33 02 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 33 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni Ewropea bejn awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali responsabbli mid-drittijiet tat-tfal u s-soċjetà ċivili, li tippromwovi u tiddefenti d-drittijiet tat-tfal | 3 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 33 02 77 02 | Proġett pilota — Introduzzjoni fil-livell Ewropew ta' mekkaniżmu ta' twissija rapida għas-sottrazzjoni u t-telf ta' minuri | 3 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 33 02 77 03 | Azzjoni preparatorja — Standardizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar vjolenza relatata mal-ġeneru u vjolenza fuq it-tfal | 3 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | — |
| 33 02 77 04 | Proġett pilota — Metodoloġija trans-Ewropea għall-iżvilupp ta' politiki msejsa fuq l-evidenza għad-drittijiet tat-tfal | 3 | p.m. | 637 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 329 816,24 | 51,78 |
| 33 02 77 05 | Proġett pilota — Impjieg ta' persuni fuq l-spettru awtistiku | 3 | p.m. | p.m. | — | p.m. | 0,— | 231 800,13 | — |
| 33 02 77 06 | Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali | 3 | p.m. | 425 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 33 02 77 07 | Proġett pilota — Applikazzjoni u Servizz tal-Lingwa tas-Sinjali f'Ħin Reali tal-Unjoni Ewropea | 3 | p.m. | 319 000 | 750 000 | 375 000 | | | — |
| 33 02 77 08 | Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jittrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili | 3 | 900 000 | 450 000 | | | | | — |
| 33 02 77 09 | Proġett pilota — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Roma u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma | 3 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 33 02 77 — Sub-total* | | 1 900 000 | 2 331 000 | 1 750 000 | 875 000 | 0,— | 561 616,37 | 24,09 |
| | **Kapitolu 33 02 — Total** | | **83 943 081** | **84 300 081** | **101 317 768** | **84 743 099** | **101 301 119,79** | **83 661 531,16** | **99,24** |

*Kummenti*

Il-programm il-ġdid "Drittijiet u Ċittadinanza" huwa s-suċċessur ta' tliet programmi preċedenti: "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza", "Daphne III", u s-sezzjonijiet "Antidiskriminazzjoni u Diversità" u "Ugwaljanza bejn is-Sessi" tal-Programm għall-"Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali" ("Progress"). L-objettiv tal-programm huwa li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' qasam, li fih id-drittijiet ta' individwi jiġu promossi u protetti billi jisaħħaħ l-eżerċizzju ta' drittijiet ġejjin miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, bil-promozzjoni ta' prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ugwaljanza kif ukoll il-ħarsien minn kull forma ta' vjolenza, konribut għall-protezzjoni ta' data personali, u tisħiħ tal-protezzjoni għad-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet ġejjin mill-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur.

### 33 02 01 *Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 23 007 000 | 5 467 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi biex ittejjeb l-eżerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ta' data personali, biex issaħħaħ ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal, tagħti kontribut għall-protezzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u lin-negozji biex jinnegozjaw u jixtru b'fiduċja fi ħdan is-suq intern billi jiġu implimentati d-drittijiet li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur u tiġi appoġġata l-libertà li wieħed jinnegozja fis-suq intern permezz ta' tranżazzjonijiet transkonfinali.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 01*** *(ikompli)*

F'dan il-kuntest, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li se jiffukaw fuq l-oqsma li ġejjin:

— it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-għarfien dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka fost il-partijiet interessati kollha involuti,

— it-titjib tal-għarfien u l-komprensjoni ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-prinċipji garantiti mit-Trattat, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni jkunu bbażati fuq l-evidenza.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni li ġejja:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għall-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn/ieħor,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni; kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll ta' riżultati tal-programm; żvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— sostenn għal atturi ewlenin, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; sostenn għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari Artikolu 4(1)(e) sa (i) tiegħu.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

### *33 02 02 Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 31 151 000 | 7 284 000 | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani.

F'dan il-kuntest, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li se jiffukaw fuq l-oqsma li ġejjin:

— it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-għarfien dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka fost il-partijiet interessati kollha involuti,

— it-titjib tal-għarfien u l-komprensjoni ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-prinċipji garantiti mit-Trattat, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni jkunu bbażati fuq l-evidenza.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni li ġejja:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, approċċi, indikaturi jew parametri ta' riferenza sensittivi għall-ġeneru u bbaġittjar li jirrispetta ż-żewġ sessi; studji, riċerki, analiżijiet u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; tfassil u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni; workshops, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għall-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn/ieħor,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni; kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll ta' riżultati tal-programm; żvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— sostenn għal atturi ewlenin, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; sostenn għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 02*** *(ikompli)*

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari Artikolu 4(1)(a) sa (d) tiegħu.

***33 02 06*** ***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 21 109 000 | 21 109 000 | 21 024 400 | 21 024 400 | 20 376 020,— | 20 376 020,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 33 02 03 01 u 33 02 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operazzjonali (it-Titolu 3) tal-Aġenzija, li hija responsabbli li tipprovdi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert marbut mad-drittijiet fundamentali sabiex jappoġġawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

L-Aġenzija tista' tkun mistennija li twettaq l-għanijiet/ħidmiet operattivi li ġejjin:

— l-għoti ta' assistenza lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' netwerking tal-imsieħba u djalogu fuq il-livell Ewropew,

— il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu l-għarfien biex tissaħħaħ il-viżibilità tad-drittijiet fundamentali,

— it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 06*** *(ikompli)*

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-Aġenzija ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 21 229 000. Ammont ta' EUR 120 000 mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 21 109 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

***33 02 07*** ***Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 6 776 081 | 6 776 081 | 6 322 368 | 6 322 368 | 7 741 800,— | 7 741 800,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 33 06 03 01 u 33 06 03 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-Istitut (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-Istitut għandu jinforma lill-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont id-Deċiżjoni 2006/996/KE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-post tas-sede tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 61), is-sede tal-Istitut huwa f'Vilnius.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 7 340 081. Ammont ta' EUR 564 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 6 776 081 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

**33 02 51** ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet u ċ-ċittadinanza, u ugwaljanza***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 41 333 000 | 72 221 000 | 56 521 331 | 73 183 299,79 | 54 982 094,79 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 33 02 01, 33 02 04, 33 02 05, 33 05 01, 33 05 02, 33 06 01, 33 06 02 u 33 06 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pajjiżi kandidati jistgħu jużaw l-istrument Phare ta' qabel l-adeżjoni biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

L-Azzjonijiet preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487/57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u tas' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 51*** *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u biex tipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.04. 2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

*Atti ta' referenza*

Il-Kompitu li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

Il-Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Impjiegi.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122).

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

### *33 02 77* *Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

33 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni Ewropea bejn awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali responsabbli mid-drittijiet tat-tfal u s-soċjetà ċivili, li tippromwovi u tiddefenti d-drittijiet tat-tfal

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 33 02 06*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

L-Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2006 "Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2006) 367).

33 02 77 02 Proġett pilota — Introduzzjoni fil-livell Ewropew ta' mekkaniżmu ta' twissija rapida għas-sottrazzjoni u t-telf ta' minuri

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 33 02 07*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Il-Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 77*** *(ikompli)*

33 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Standardizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar vjolenza relatata mal-ġeneru u vjolenza fuq it-tfal

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 33 02 08*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 04 Proġett pilota — Metodoloġija trans-Ewropea għall-iżvilupp ta' politiki msejsa fuq l-evidenza għad-drittijiet tat-tfal

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 637 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 329 816,24 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 33 02 09*

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 05 Proġett pilota — Impjieg ta' persuni fuq l-spettru awtistiku

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | — | p.m. | 0,— | 231 800,13 |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 33 06 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 77*** *(ikompli)*

33 02 77 05 *(ikompli)*

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 06 Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 425 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 33 06 09*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Il-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali turi l-potenzjal għal azzjoni mill-awtoritajiet lokali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Sabiex ikunu politikament effettivi, jeħtieġ li l-objettivi varji ddikjarati fil-Karta jiġu ddefiniti f'termini ta' indikaturi relevanti, li jkunu jistgħu jitkejlu b'mod speċifiku u ċar, kompleti u komprensivi, realistiċi u modifikabbli u jkunu jippermettu li l-qagħda attwali tal-implimentazzjoni tiġi allinjata mal-objettivi tal-Karta. Il-proġett pilota għandu jiffinanzja azzjonijiet immirati għall-iżvilupp ta' tali indikaturi biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-Karta (simili għas-segwitu tal-Unjoni għall-proċess ta' Beijing tan-NU). F'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jista' jiġi involut minħabba l-għarfien tiegħu fl-iżvilupp tal-indikaturi. Il-proġett pilota għandu jservi għal sentejn, b'baġit totali ta' EUR 1 miljun, u għandu jippermetti lill-atturi lokali li jimmonitorjaw aħjar l-implimentazzjoni tal-Karta.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 07 Proġett pilota — Applikazzjoni u Servizz tal-Lingwa tas-Sinjali f'Ħin Reali tal-Unjoni Ewropea

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 319 000 | 750 000 | 375 000 | | |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 16 04 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 77*** *(ikompli)*

33 02 77 07 *(ikompli)*

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġu żviluppati kunċett ta' servizz imbagħad aktar tard pjattaforma teknoloġika u servizz li jista' jintuża minn kwalunkwe ċittadin fl-Unjoni li jkun trux jew li jkollu diffikultajiet ta' smigħ biex jassistih b'interpretazzjoni fi żmien reali dak il-ħin stess fil-lingwa tas-sinjali minn interpretu ċċertifikat tal-lingwa tas-sinjali jew servizz fi żmien reali ta' didaskalija (iffinanzjat mill-Istat Membru jew istituzzjoni tal-Unjoni rispettivi) biex tkun possibbli l-komunikazzjoni indipendenti mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni. Dan ifisser li l-għan globali huwa li jiġu żviluppati servizz ibbażat fuq apparat tal-idejn u fuq l-internet u applikazzjoni tal-IT li tikkonnettja persuni torox u b'diffikultajiet ta' smigħ ma' interpreti tal-lingwa tas-sinjali u persuni responsabbli mid-didaskalija akkreditati matul l-interazzjoni tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni.

Il-ġustifikazzjoni tal-proġett hija marbuta mal-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda aċċess għal komunikazzjoni diretta mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għal ċittadini torox, inklużi MPE u amministraturi torox u b'diffikultajiet ta' smigħ, u huwa kważi dejjem meħtieġ interpretu tal-lingwa tas-sinjali biex ċittadin trux jew b'diffikultajiet ta' smigħ ikollu aċċess għall-istituzzjonijiet. Is-soltu, interpretu jakkumpanja tali ċittadin matul iż-żjara fl-istituzzjoni, ħaġa li tirrikjedi sforz organizzattiv enormi u li tikkawża spejjeż kbar ħafna għal kull min ikun involut.

Dan il-proġett pilota jiżgura l-aċċess għal komunikazzjoni diretta mal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni għall-kważi miljun ċittadin trux u bejn 60 u 80 miljun persuna b'diffikultajiet ta' smigħ li jużaw lingwi differenti tas-sinjali fl-Istati Membri kollha.

Dan il-proġett pilota huwa skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Lulju 1988 dwar il-lingwa tas-sinjali għal persuni torox (ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236), ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Novembru 1998 dwar il-lingwi tas-sinjali (ĠU C 379, 7.12.1998, p. 66) u tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 (ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9).

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 08 Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jittrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 900 000 | 450 000 | | | | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota se jagħti lill-atturi rilevanti fl-Istati Membri rilevanti opportunità li jiżviluppaw pjattaforma ta' għarfien ibbażata fuq l-internet dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM). Din il-pjattaforma għandha tiġi żviluppata għall-professjonisti mill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa, il-protezzjoni tat-tfal, l-asil, il-migrazzjoni, il-pulizija u l-ġudikatura li jittrattaw ma' nisa u bniet li jgħixu bl-FGM jew li jinsabu fil-periklu li jgħaddu minnha, u għall-midja. Sħab importanti oħra jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Tali pjattaforma se tagħti informazzjoni faċilment aċċessibbli u appoġġ lill-professjonisti sabiex jagħtu sostenn lill-vittmi b'mod aktar effettiv, jagħtu kontribut għall-prevenzjoni tal-FGM u jħarsu lin-nisa u l-bniet li jgħixu bl-FGM jew li jinsabu fil-periklu li jgħaddu minnha. Barra minn hekk, se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad- Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57) u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60) b'referenza partikolari għall-eliġibilità u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET U ĊITTADINANZA** *(ikompli)*

***33 02 77*** *(ikompli)*

33 02 77 08 *(ikompli)*

Se tiġi żviluppata pjattaforma tal-għarfien komprensiva bbażata fuq l-internet dwar l-FGM għall-professjonisti fl-Ewropa li tkun imsejsa fuq għodda tat-tagħlim elettroniku b'moduli separati għal kull korp u awtorità governattiva. Din se tiġi żviluppata bil-lingwi tal-pajjiżi parteċipanti, b'informazzjoni komuni għall-Istati Membri kollha u l-leġiżlazzjoni speċifika għall-pajjiż u l-punti ta' kuntatt. Se jiġu żviluppati moduli għall-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjali u għall-professjonisti f'firxa wiesgħa ta' oqsma (il-ħaddiema soċjali, il-ħarsien tat-tfal, iċ-ċentri ta' akkoljenza, is-servzzi ta' migrazzjoni, l-edukazzjoni u l-midja). Dan jista' jiġi kkumplementat minn linji gwida għall-professjonisti li jeħtieġu parir immedjat. Din l-għodda se tgħin biex jittejjeb l-għarfien tal-prattika, tiġi pprevenuta l-istigmatizzazzjoni fil-midja u jiġu protetti n-nisa u l-bniet li jgħixu bl-FGM jew li qegħdin fil-periklu li jgħaddu minnha.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 09 Proġett pilota — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Roma u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 000 000 | 500 000 | | | | |

*Kummenti*

Il-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ b'saħħithom u jinvolvu lis-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tar-Roma, fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji. Il-bini tal-kapaċità hija meħtieġa biex tħejji lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Roma lokali biex jikkontribwixxu għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-proġett pilota jikkontribwixxi għall-ħolqien u l-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili tar-Roma lokali kif ukoll iservi bħala mekkaniżmu ta' monitoraġġ rigward l-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-Roma speċjalment fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' "shadow reports" fejn koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jissupplimentaw jew jippreżentaw informazzjoni u data alternattiva għar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom. Dawn ix-shadow reports jistgħu jipprovdu għarfien lokali għall-proċessi politiċi nazzjonali u tal-Unjoni u jirriflettu dwar l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern. Il-monitoraġġ ikun jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġiji fl-erba' oqsma ta' prijorità (impjieg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa), fis-setturi tal-antidiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi u jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-Fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Roma.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 33 03 | ĠUSTIZZJA | | | | | | | | |
| **33 03 01** | ***Faċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u sostenn ta' taħriġ ġudizzjali*** | 3 | 28 580 000 | 7 485 000 | | | | | — |
| **33 03 02** | ***Titjib tal-kooperazzjoni ġudizjali fl-affarijiet ċivili u kriminali*** | 3 | 14 228 000 | 3 727 000 | | | | | — |
| **33 03 03** | ***Prevenzjoni u tnaqqis tad-domanda u l-provvista tad-drogi*** | 3 | 3 004 000 | 788 000 | | | | | — |
| **33 03 04** | ***L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)*** | 3 | 31 206 671 | 31 206 671 | 30 053 660 | 30 053 660 | 32 967 000,— | 32 967 000,— | 105,64 |
| **33 03 51** | ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga u Ġustizzja*** | 3 | p.m. | 22 500 000 | 47 050 000 | 29 010 117 | 46 314 921,76 | 36 032 814,34 | 160,15 |
| **33 03 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 33 03 77 01 | Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlattivi fid-dritt tal-kuntratti | 3 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 884 340,80 | — |
| 33 03 77 02 | Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew | 3 | p.m. | 492 000 | p.m. | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— | 0,— |
| 33 03 77 03 | Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali | 3 | p.m. | 425 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | — |
| 33 03 77 04 | Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji | 3 | 700 000 | 350 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 33 03 77 — Sub-total* | | 700 000 | 1 267 000 | 1 000 000 | 1 250 000 | 1 500 000,— | 884 340,80 | 69,80 |
| | **Kapitolu 33 03 — Total** | | **77 718 671** | **66 973 671** | **78 103 660** | **60 313 777** | **80 781 921,76** | **69 884 155,14** | **104,35** |

### *33 03 01 Faċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u sostenn ta' taħriġ ġudizzjali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 28 580 000 | 7 485 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u s-sostenn ta' taħriġ ġudizzjali. F'dan il-kuntest, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-azzjonijiet li se jiffukaw fuq l-oqsma li ġejjin:

— it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-għarfien dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 01*** *(ikompli)*

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka,

— it-titjib tal-għarfien u l-komprensjoni ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-iffunzjonar tajjeb ta' żona Ewropea tal-ġustizzja bl-għan li jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni jkunu msejsa fuq evidenza.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ għal membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjali, bħal skambji ta' persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, attivitajiet ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn u ta' xorta oħra kif ukoll sensibilizzazzjoni biex tiġi identifikata u indirizzata aħjar il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni; kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll ta' riżultati tal-programm; żvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— appoġġ għal atturi ewlenin, bħall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; sostenn għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 3 u l-Artikolu 4(1)(b) u (c) tiegħu.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

### *33 03 02 Titjib tal-kooperazzjoni ġudizjali fl-affarijiet ċivili u kriminali*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 14 228 000 | 3 727 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-applikazzjoni effettiva, komprensiva u konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet ċivili u kriminali.

F'dan il-kuntest, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-azzjonijiet li se jiffukaw fuq l-oqsma li ġejjin:

— it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-għarfien dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka,

— it-titjib tal-għarfien u l-komprensjoni ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-iffunzjonar tajjeb ta' żona Ewropea tal-ġustizzja bl-għan li jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni jkunu msejsa fuq evidenza.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ għal membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjali, bħal skambji ta' persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, attivitajiet ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn u ta' xorta oħra kif ukoll tqajjim tal-kuxjenza biex tiġi identifikata u indirizzata aħjar il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea; kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll ta' riżultati tal-programm; żvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— appoġġ għal atturi ewlenin, bħall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; sostenn għal netwerks ewlenin fil-livell Ewropew li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi ta' adeżjoni, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 02*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 3 u l-Artikolu 4(1)(a) tiegħu.

***33 03 03*** ***Prevenzjoni u tnaqqis tad-domanda u l-provvista tad-drogi***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 3 004 000 | 788 000 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tad-domanda għad-drogi u taddisponibilità tagħhom. F'dan il-kuntest, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-azzjonijiet li se jiffukaw fuq l-oqsma li ġejjin:

— it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-għarfien dwar id-dritt u l-politiki tal-Unjoni,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-iżvilupp ta' għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka,

— it-titjib tal-għarfien u l-komprensjoni ta' kwistjonijiet potenzjali li jaffettwaw l-iffunzjonar tajjeb ta' żona Ewropea tal-ġustizzja bl-għan li jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni jkunu msejsa fuq evidenza.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; monitoraġġ u valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti, konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ għal membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju, bħal skambji ta' persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ lill-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn u ta' xorta oħra,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' disseminazzjoni, bħall-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin u skambji dwarhom, approċċi u esperjenzi innovattivi, organizzazzjoni ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars; organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni, kampanji u avvenimenti tal-midja, fosthom komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' materjal għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni kif ukoll ta' riżultati tal-programm; żvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— appoġġ għal atturi ewlenin, bħall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; sostenn għal netwerks ewlenin fil-livell tal-Unjoni li l-attivitajiet tagħhom ikunu konnessi mal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm; netwerking fost korpi u organizzazzjonijiet speċjalizzati, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-livell Ewropew; finanzjament ta' netwerks tal-esperti; finanzjament ta' osservatorji fil-livell Ewropew.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 03*** *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari l-Artikoli 3 u l-Artikolu 4(1)(c) tiegħu.

***33 03 04*** ***L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 31 206 671 | 31 206 671 | 30 053 660 | 30 053 660 | 32 967 000,— | 32 967 000,— |

*Kummenti*

Ex *Partiti 33 03 02 01 u 33 03 02 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Eurojust trid tinforma l-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2014 tammonta għal total ta' EUR 32 449 671. Ammont ta' EUR 1 243 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 31 206 671 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

**33 03 51** ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga u Ġustizzja***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 22 500 000 | 47 050 000 | 29 010 117 | 46 314 921,76 | 36 032 814,34 |

*Kummenti*

Ex *Artikoli 33 03 01, 33 03 04, 33 03 05 u 33 04 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 ta' April 2002 li jistabbilixxi qafas ġenerali ta' attivitajiet tal-Komunitàli jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Kriminali bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-"Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

Id-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

33 03 77 01 Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlattivi fid-dritt tal-kuntratti

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 884 340,80 |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 33 03 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 02 Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 492 000 | p.m. | 750 000 | 1 500 000,— | 0,— |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 33 03 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 03 Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | 425 000 | 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

L-ex *Artikolu 33 03 09*

Skont id-dejta l-iktar reċenti disponibbli 300 000 koppja ta' nazzjonalitajiet differenti jiżżewwġu kull sena fl-Ewropa; 129 000 ta' dawn iż-żwiġijiet jintemmu f'divorzju jew separazzjoni.

Fis-snin reċenti, dan il-fenomenu wassal għal żieda drammatika f'kunflitti ta' ġurisdizzjoni dwar il-kustodja tat-tfal li jitwieldu minn koppji binazzjonali u għal żieda f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 77*** *(ikompli)*

33 03 77 03 *(ikompli)*

L-għan ta' dan il-proġett hu li jinħoloq strument ta' informazzjoni għall-koppji binazzjonali kollha dwar ir-reponsabilitajiet tal-ġenituri u d-drittijiet tat-tfal f'każijiet ta' separazzjoni jew ta' divorzju tal-ġenituri.

Dan l-istrument għandu l-għan li jipprovdi "kunsens informat" li jenfasizza d-differenzi bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri fir-rigward tal-konsegwenzi tas-separazzjoni u tad-divorzju, regoli dwar il-kustodja ta' minuri skont konvenzjonijiet internazzjonali u l-konsegwenzi tal-ħtif internazzjonali tat-tfal, speċjalment fir-rigward tal-impatt fuq it-tfal involuti.

L-esperjenza tal-Medjatur tal-Parlament Ewropew għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' tfal wera li hemm firxa wiesgħa ta' ċirkostanzi li joħorġu mill-inċertezza tad-dritt applikabbli, mill-kunflitti ta' ġurisdizzjoni u l-għarfien totalment inadegwat u s-sensibilità għad-drittijiet u l-obbligi għal koppji binazzjonali.

Azzjonijiet:

— paragun bejn il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tas-separazzjoni, id-divorzju u l-kustodja tat-tfal,

— l-iżvilupp ta' strumenti ta' informazzjoni (pereżempju *vade mecum*, gwidi prattiċi, fuljetti informattivi, eċċ.) li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa (drittijiet, doveri u responsabilitajiet tal-ġenituri lejn it-tfal),

— il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri fid-distribuzzjoni ta' din l-informazzjoni,

— strumenti li jżidu l-għarfien u s-sensibilità fost il-koppji bi-nazzjonali.

*Bażi legali*

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 04 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 700 000 | 350 000 | | | | |

*Kummenti*

L-għan hu li jiġu ffinanzjati proġetti fil-livell tal-Unjoni li jqajmu l-kuxjenza tat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji ċivili, kriminali u amministrattivi

B'hekk, il-proġetti għandhom jiżviluppaw u jniedu programmi komprensivi ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel b'fokus fuq tfal fl-iskejjel sekondarji. B'mod partikolari dan jista' jinkludi attivitajiet interattivi (bħal proċessi ipotetiċi/qorti ipotetika) li jippermettu lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji jifhmu d-drittijiet tagħhom, b'ċertu grad ta' tfassil speċifiku għal kull pajjiż parteċipanti biex jitqies il-kuntest nazzjonali. Il-proġetti għandhom jiffaċilitaw lit-tfal jesperjenzaw il-fażijiet ta' kawżi kriminali, ċivili jew amministrattivi ipotetiċi, u jtejbu l-fehim tagħhom dwar id-diversi rwoli u responsabbiltajiet (eż it-tfal soġġetti għal proċedimenti, ix-xhud, il-gwardjan, il-ġenitur, l-avukat, il-prosekutur, l-imħallef, il-ħaddiem soċjali, l-uffiċjal tal-pulizija eċċ) kif ukoll id-drittijiet tagħhom.

KUMMISSJONI
*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

**KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA** *(ikompli)*

***33 03 77*** *(ikompli)*

33 03 77 04 *(ikompli)*

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ottima tal-proġetti, għandhom jiġu ppreparati ma' u għandhom jinvolvu lit-tfal, l-għalliema u l-persunal b'mod li jkattar il-parteċipazzjoni u jtihom s-setgħa u għandu jkollhom l-impenn ta' skejjel parteċipanti minn qabel biex jiġu faċilitati l-attivitajiet.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ĠUSTIZZJA

*TITOLU 34*

**AZZJONI KLIMATIKA**

# TITOLU 34

# AZZJONI KLIMATIKA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 34 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" | 22 161 118 | 22 161 118 | 25 376 268 | 25 376 268 | 25 926 376,37 | 25 926 376,37 |
| 34 02 | AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI | 99 310 001 | 20 549 907 | 24 650 000 | 22 734 068 | 18 705 961,54 | 16 356 707,01 |
| | **Titolu 34 — Total** | **121 471 119** | **42 711 025** | **50 026 268** | **48 110 336** | **44 632 337,91** | **42 283 083,38** |

# TITOLU 34

# AZZJONI KLIMATIKA

## KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" | | | | | |
| **34 01 01** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*** | 5.2 | 14 089 139 | 17 960 999 | 17 889 818,06 | 126,98 |
| **34 01 02** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*** | | | | | |
| 34 01 02 01 | Persunal estern | 5.2 | 1 617 046 | 1 679 374 | 1 848 529,36 | 114,32 |
| 34 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | 5.2 | 2 083 959 | 2 194 255 | 2 296 510,98 | 110,20 |
| | *Artikolu 34 01 02 — Sub-total* | | 3 701 005 | 3 873 629 | 4 145 040,34 | 112,— |
| **34 01 03** | ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*** | 5.2 | 911 974 | 1 136 640 | 1 312 225,24 | 143,89 |
| **34 01 04** | ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*** | | | | | |
| 34 01 04 01 | Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni klimatika | 2 | 3 459 000 | 2 405 000 | 2 579 292,73 | 74,57 |
| | *Artikolu 34 01 04 — Sub-total* | | 3 459 000 | 2 405 000 | 2 579 292,73 | 74,57 |
| | **Kapitolu 34 01 — Total** | | **22 161 118** | **25 376 268** | **25 926 376,37** | **116,99** |

### 34 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 14 089 139 | 17 960 999 | 17 889 818,06 |

### 34 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"*

34 01 02 01 Persunal estern

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 617 046 | 1 679 374 | 1 848 529,36 |

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"** *(ikompli)*

***34 01 02*** *(ikompli)*

34 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 083 959 | 2 194 255 | 2 296 510,98 |

***34 01 03*** ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 911 974 | 1 136 640 | 1 312 225,24 |

***34 01 04*** ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***

34 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni klimatika

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 459 000 | 2 405 000 | 2 579 292,73 |

*Kummenti*

*Il-Partiti Preċedenti 07 01 04 04 (parti) u 07 01 04 05*

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm LIFE tista' tkopri spejjeż relatati ma' attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' spezzjoni, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u għall-kisba tal-objettivi tiegħu; b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm ikunu relatati mal-objettivi ġenerali tal-programm LIFE, spejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm. Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ bil-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll:

— il-hosting, il-manutenzjoni, is-sigurtà, il-garanzija tal-kwalità, l-operar u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informatika (IT) marbuta direttament mal-ksib tal-objettivi tal-politika tas-sottoprogramm għall-azzjoni klimatika taħt il-programm LIFE, b'mod partikolari r-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u sistemi tal-IT marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tas-saff tal-ożonu, bħal pereżempju l-bażi tad-dejta dwar is-Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu,

— in-nefqa għal sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm LIFE jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita fil-qasam tal-azzjoni klimatika.

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"** *(ikompli)*

***34 01 04*** *(ikompli)*

34 01 04 01 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, il-programm LIFE se jkun miftuħ għall-pajjiżi li ġejjin u l-parteċipazzjoni tagħhom se ssir f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali jew multilaterali rispettivi li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni:

— l-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA): Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

— il-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi aderenti fl-Unjoni: Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju,

— il-pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— il-pajjiżi li saru membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew (ĠU L 117, 5.5.1999, p. 1). Kull dħul minn kontribuzzjonijiet tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, din l-approprjazzjoni tista' tkopri attivitajiet barra mill-Unjoni u f'pajjiżi u territorji barranin skont id-Deċiżjoni 2001/822/KE (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1), sakemm dawn l-attivitajiet ikunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Persuna ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tista' tipparteċipa fil-proġetti ffinanzjati minn għotja ta' azzjoni sakemm il-benefiċjarju li jikkoordina l-proġett ikun ibbażat fl-Unjoni u l-attività li tkun se titwettaq barra mill-Unjoni tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fl-Istati Membri.

*Bażi legali*

Ara l-Kapitolu 34 02.

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI**

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| 34 02 | AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI | | | | | | | | |
| **34 02 01** | ***Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni*** | 2 | 43 842 591 | 2 564 853 | | | | | — |
| **34 02 02** | ***Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima*** | 2 | 43 842 591 | 1 282 426 | | | | | — |
| **34 02 03** | ***Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha*** | 2 | 9 574 819 | 1 939 670 | | | | | — |
| **34 02 04** | ***Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali*** | 4 | 850 000 | 850 000 | 950 000 | 657 579 | 735 042,89 | 735 042,89 | 86,48 |
| **34 02 51** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika*** | 2 | — | 8 612 958 | 20 700 000 | 19 076 489 | 13 167 351,65 | 13 661 048,44 | 158,61 |
| **34 02 77** | ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*** | | | | | | | | |
| 34 02 77 01 | Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni | 2 | — | 4 700 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 4 803 567,— | 1 960 615,68 | 41,72 |
| 34 02 77 02 | Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+ | 2 | 1 200 000 | 600 000 | | | | | — |
| | *Artikolu 34 02 77 — Sub-total* | | 1 200 000 | 5 300 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 4 803 567,— | 1 960 615,68 | 36,99 |
| | **Kapitolu 34 02 — Total** | | **99 310 001** | **20 549 907** | **24 650 000** | **22 734 068** | **18 705 961,54** | **16 356 707,01** | **79,60** |

## 34 02 01 *Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 43 842 591 | 2 564 853 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Taħt il-programm LIFE, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' sostenn għar-rwol tal-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu fil-qasam tal-azzjoni klimatika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni Ewropea taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC),

KUMMISSJONI
*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 01*** *(ikompli)*

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett "Klima u Enerġija",

— l-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, b'mod partikolari l-iskambju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, sabiex permezz ta' tnaqqis kosteffiċjenti fl-emissjonijiet jintlaħqu l-miri "20/20/20" għall-klima/l-enerġija tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-Qafas 2030 għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija, u l-Pjan Direzzjonali 2050 biex b'hekk ikun hemm sostenn għaċ-ċaqliqa lejn ekonomija/soċjetà effiċjenti fl-użu tal-karbonju.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni permezz ta':

— għotjiet ta' azzjoni għal assistenza integrata u teknika, "l-aħjar prattika", informazzjoni, sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, proġetti preparatorji, proġetti pilota u/jew ta' dimostrazzjoni permezz ta' sejħa annwali għall-proposti, inklużi l-iżvilupp jew id-disseminazzjoni tat-tekniki tal-aħjar prattiki, għarfien u teknoloġiji fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra,

— studji u evalwazzjonijiet, analiżi ekonomiċi u ħolqien ta' xenarji,

— arranġamenti amministrattivi mad-DĠ JRC,

— kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tal-avjazzjoni u l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS),

— tfassil ta' mekkaniżmi innovattivi u integrati ta' sostenn għall-iżvilupp ta' politiki u ta' strateġiji innovattivi effiċjenti fl-użu tal-karbonju, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda possibbli sabiex jiġi sfruttat kompletament il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda jew sabiex jinkiseb iktar finanzjament għall-implimentazzjoni tal-politika dwar il-klima tal-Unjoni,

— sostenn tal-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u metodoloġiji ta' "traċċar tal-klima" sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa relatata mal-klima taħt l-objettiv ta' razzjonalizzazzjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss "sabiex jiżdied il-proporzjon ta' razzjonalizzazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni fil-futur, b'kontribuzzjoni minn politiki differenti,

— servizzi bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali fil-qasam tal-azzjoni klimatika,

— servizzi bil-għan li tiġi mmonitorjata r-razzjonalizzazzjoni/l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika f'oqsma/programmi tal-politika oħrajn,

— konferenzi, seminars u sessjonijiet ta' ħidma ma' esperti u partijiet interessati,

— żvilupp u manutenzjoni ta' netwerks, bażijiet ta' dejta u sistemi ta' informazzjoni u informatika marbutin direttament mal-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-proċess tat-titjib tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali. In-nefqa koperta se tinkludi l-kosti tal-iżvilupp, tal-manutenzjoni, tal-operat, u tas-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' sostenn għall-politika, b'mod partikolari r-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u s-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu (ODS). Hija se tkun qed tkopri wkoll il-kost tal-immaniġġjar tal-proġett, tad-dokumentazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi.

Kooperazzjoni ma'organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet, strumenti finanzjarji jew permezz ta' proċeduri ta' akkwist. Il-programm LIFE se jiffinanzja miżuri u proġetti b'valur Ewropew miżjud.

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 01*** *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, il-programm LIFE se jkun miftuħ għall-pajjiżi li ġejjin u l-parteċipazzjoni tagħhom se ssir f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali jew multilaterali rispettivi li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhomfil-programmi tal-Unjoni:

— l-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA): Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

— il-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi aderenti fl-Unjoni: Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju,

— il-pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— il-pajjiżi li saru membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew (ĠU L 117, 5.5.1999, p. 1). Kull dħul minn kontribuzzjonijiet tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja attivitajiet barra mill-Unjoni u f'pajjiżi u territorji barranin skont id-Deċiżjoni 2011/822/KE (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1) sakemm dawn l-attivitajiet ikunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati. Persuna ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tista' tipparteċipa fil-proġetti ffinanzjati minn għotja ta' azzjoni sakemm il-benefiċjarju li jikkoordina l-proġett ikun ibbażat fl-Unjoni u l-attività li tkun se titwettaq barra mill-Unjoni tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fl-Istati Membri.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

***34 02 02*** ***Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 43 842 591 | 1 282 426 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Taħt il-programm LIFE, din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament ta' miżuri ta' sostenn għar-rwol tal-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu fil-qasam tal-azzjoni klimatika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija" u l-pakkett futur "Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija",

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 02*** *(ikompli)*

— l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-adattament li tiżgura l-adattament tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni ta' dan l-impatt, u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri naturali u għal dawk ikkaġunati mill-bniedem,

— is-sostenn għaċ-ċaqliqa lejn ekonomija/soċjetà effiċjenti fl-użu tal-karbonju u fir-riżorsi u reżiljenti għall-klima se teħtieġ l-isfruttar tal-kontribuzzjoni ta' bosta politiki tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-Trasport u l-Enerġija, azzjonijiet esterni, eċċ.) għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' razzjonalizzazzjoni u ta' adattament.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni permezz ta':

— għotjiet ta' azzjoni għal assistenza integrata u teknika, "l-aħjar prattika", informazzjoni, sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, proġetti preparatorji, pilota u/jew ta' dimostrazzjoni integrata u/jew ta' dimostrazzjoni permezz ta' sejħa annwali għall-proposti, inklużi l-iżvilupp jew id-disseminazzjoni tat-tekniki tal-aħjar prattiki, għarfien u teknoloġiji fil-qasam tal-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima,

— studji u evalwazzjonijiet, analiżi ekonomiċi u ħolqien ta' xenarji,

— arranġamenti amministrattivi mad-DĠ JRC,

— servizzi bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali fil-qasam tal-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima,

— servizzi bil-għan li tiġi mmonitorjata r-razzjonalizzazzjoni/l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika f'oqsma/programmi tal-politika oħrajn,

— identifikazzjoni ta' azzjonijiet, strateġiji u strumenti legali li għandhom jitwettqu fil-livelli tal-Unjoni u f'dawk nazzjonali, reġjonali u lokali għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima,

— żvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' sostenn għall-iżvilupp ta' politiki u ta' strateġiji ta' adattament effiċjenti fl-użu tal-karbonju, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda possibbli sabiex jiġi sfruttat kompletament il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda, sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfiet u għargħar kbar u avvenimenti klimatiċi estremi, kif ukoll sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri,

— sostenn tal-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u metodoloġiji ta' "traċċar tal-klima" sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa relatata mal-klima taħt l-objettiv ta' razzjonalizzazzjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss "sabiex jiżdied il-proporzjon ta' razzjonalizzazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni fil-futur, b'kontribuzzjoni minn politiki differenti,

— konferenzi, seminars u sessjonijiet ta' ħidma ma' esperti u partijiet interessati,

— żvilupp u manutenzjoni ta' netwerks, bażijiet ta' dejta u sistemi ta' informazzjoni u informatika marbutin direttament mal-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima tal-Unjoni fil-qasam tal-adattament u r-razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika. In-nefqa koperta se tinkludi l-kosti tal-iżvilupp, tal-manutenzjoni, tal-operat, u tas-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' tali sistemi ta' sostenn għall-politika. Hija se tkopri wkoll il-kost tal-ġestjoni tal-proġett, tad-dokumentazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi,

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet, strumenti finanzjarji jew permezz ta' proċeduri ta' akkwist. Il-programm LIFE se jiffinanzja miżuri u proġetti b'valur Ewropew miżjud.

KUMMISSJONI
*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 02*** *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, il-programm LIFE se jkun miftuħ għall-pajjiżi li ġejjin u l-parteċipazzjoni tagħhom se ssir f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali jew multilaterali rispettivi li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhomfil-programmi tal-Unjoni:

— l-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA): Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

— il-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi aderenti fl-Unjoni: Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju,

— il-pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— il-pajjiżi li saru membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew (ĠU L 117, 5.5.1999, p. 1). Kull dħul minn kontribuzzjonijiet tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, din l-approprjazzjoni tista' tkopri attivitajiet barra mill-Unjoni u f'pajjiżi u territorji barranin skont id-Deċiżjoni 2001/822/KE (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1) sakemm dawn l-attivitajiet ikunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri li fihom japplikaw it-Trattati. Persuna ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tista' tipparteċipa fil-proġetti ffinanzjati minn għotja ta' azzjoni sakemm il-benefiċjarju li jikkoordina l-proġett ikun ibbażat fl-Unjoni u l-attività li tkun se tit-wettaq barra mill-Unjoni tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fl-Istati Membri.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b#mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.

***34 02 03*** ***Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 9 574 819 | 1 939 670 | | | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Taħt il-programm LIFE, din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament ta' miżuri ta' sostenn għar-rwol tal-Kummissjoni fit-tisħiħ tal-governanza klimatika, għall-bini tal-kapaċità u għas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett "Klima u Enerġija 2009",

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 03*** *(ikompli)*

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda taħt il-Qafas 2030 għall-Klima u l-Enerġija,

— l-iżgurar tal-adattament tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni ta' dak l-impatt,

— l-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, sabiex permezz ta' tnaqqis kosteffiċjenti fl-emissjonijiet jintlaħqu l-miri "20/20/20" għall-klima/l-enerġija tal-istrateġija Ewropa 2020, biex b'hekk ikun hemm sostenn għaċ-ċaqliq lejn ekonomija/soċjetà effiċjenti fl-użu tal-karbonju,

— il-promozzoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) primarjament attivi fil-qasam tal-azzjoni klimatika f'livell Ewropew u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-NGOs fil-proċess ta' djalogu dwar it-tfassil tal-politika dwar l-azzjoni klimatika u fl-implimentazzjoni tagħha u fil-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni sabiex tiġi żgurata rappreżentazzjoni bilanċjata tal-partijiet interessati u integrazzjoni sistematika ta' aspetti relatati mal-klima.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni permezz ta':

— għotjiet ta' azzjoni għal assistenza teknika, "l-aħjar prattika", informazzjoni, sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, proġetti preparatorji, pilota u/jew innovattivi permezz ta' sejħa annwali għall-proposti, inklużi l-promozzjoni għall-iżvilupp jew id-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki u approċċi ta' linji politiċi, is-sostenn tal-komunikazzjoni, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-klima, soluzzjonijiet u prattiki, inkluż l-iżvilupp ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni, u l-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar affarijiet klimatiċi fil-qasam tal-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima,

— għotjiet operatorji li joffru sostenn għall-attivitajiet operazzjonali/programmi ta' ħidma tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li primarjament huma attivi fil-qasam tal-protezzjoni u t-titjib tal-azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

— konferenzi, seminars u sessjonijiet ta' ħidma ma' esperti u partijiet interessati,

— żvilupp u manutenzjoni ta' netwerks, bażijiet ta' dejta u sistemi ta' informazzjoni u informatika marbutin direttament mal-promozzjoni u l-bini tal-kapaċità tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima tal-Unjoni. In-nefqa koperta se tinkludi l-kosti tal-iżvilupp, tal-manutenzjoni, tal-operat, u tas-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' tali sistemi ta' sostenn għall-politika. Hija se tkopri wkoll il-kost tal-ġestjoni tal-proġett, tad-dokumentazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi,

— informazzjoni, pubblikazzjoni u attivitajiet ta' disseminazzjoni, inklużi avvenimenti, wirjiet, produzzjonijiet awdjoviżivi u miżuri simili ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tal-objettivi tal-azzjoni klimatika, iċ-ċaqliqa lejn ekonomija/soċjetà effiċjenti fl-użu tal-karbonju.

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz tal-għotjiet ta' azzjoni għall-proġetti u tal-għotjiet operatorji lill-NGOs jew permezz ta' proċeduri ta' akkwist. Il-programm LIFE se jiffinanzja miżuri u proġetti b'valur Ewropew miżjud.

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, il-programm LIFE se jkun miftuħ għall-pajjiżi li ġejjin u l-parteċipazzjoni tagħhom se ssir f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet bilaterali jew multilaterali rispettivi li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni:

— l-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA): Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

— il-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi aderenti fl-Unjoni: kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju,

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 03*** *(ikompli)*

— il-pajjiżi li għalihom tapplika l-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— il-pajjiżi li saru membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew (ĠU L 117, 5.5.1999, p. 1.). Kull dħul minn kontribuzzjonijiet tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, din l-approprjazzjoni tista' tkopri attivitajiet barra mill-Unjoni u f'pajjiżi u territorji barranin skont id-Deċiżjoni 2001/822/KE (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1) sakemm dawn l-attivitajiet ikunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri li fihom japplikaw it-Trattati. Persuna ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tista' tipparteċipa fil-proġetti ffinanzjati minn għotja ta' azzjoni sakemm il-benefiċjarju li jikkoordina l-proġett ikun ibbażat fl-Unjoni u l-attività li tkun se titwettaq barra mill-Unjoni tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni jew sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-interventi mwettqa fl-Istati Membri.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

**34 02 04** ***Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali***

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| 850 000 | 850 000 | 950 000 | 657 579 | 735 042,89 | 735 042,89 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 07 02 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kontribuzzjonijiet obbligatorji u volontarji għal numru ta' konvenzjonijiet, protokolli u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti minnhom, u xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali futuri li jinvolvu lill-Unjoni.

F'xi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokolli sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/540/KEE tal-14 ta' Ottubru 1988 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-ħarsien tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu (ĠU L 297, 31.10.1988, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

KUMMISSJONI
*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

### *34 02 51 Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika*

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 8 612 958 | 20 700 000 | 19 076 489 | 13 167 351,65 | 13 661 048,44 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 07 12 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE +) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

### *34 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji*

34 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Ħlas | Impen | Ħlas | Impen | Ħlas |
| — | 4 700 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 4 803 567,— | 1 960 615,68 |

*Kummenti*

Ex *Artikolu 07 13 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

*Bażi legali*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 77*** *(ikompli)*

34 02 77 02 Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tat-toroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+

*Figuri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 1 200 000 | 600 000 | | | | |

*Kummenti*

L-Unjoni impenjat riżorsi sinifikanti, u pprovdiet inċentivi pożittivi għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex inaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali fil-livell dinji permezz tar-REDD+. L-Unjoni, jekk jitqiesu wkoll l-kontributi mill-Istati Membri individwali tagħha, hija l-akbar sieħeb ta' finanzjament għal dan il-programm

Evalwazzjonijiet bikrin jissuġġerixxu li n-nuqqas ta' metodoloġiji komuni u ta' riżorsi suffiċjenti (umani, tekniċi u finanzjarji) għall-previżjoni, il-kejl, ir-rappurtar, il-verifika u t-tqabbil (FMRVC) tal-emissjonijiet forestali fuq perjodu ta' żmien u bejn il-pajjiżi, huma punt dgħajjef ewlieni tar-REDD+.

Dan il-Proġett Pilota jipproponi l-użu tat-toroq eżistenti u tal-espansjoni għall-aċċessibilità, bil-ftuħ ta' toroq ġdda, bħala indikatur ta' prestazzjoni bikri, għal proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mid-deforestazzjoni u li jsaħħu l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT). Fl-istess ħin il-proġett pilota se jintegra l-informazzjoni dwar l-aċċessibilità (pereżempju netwerk ta' toroq) f'metodoloġiji FMRVC armonizzati bħala mezz biex titjieb l-effiċjenza u l-affidabilità tar-rappurtar tar-REDD+, biex b'hekk jitħejja r-reġim klimatiku għal wara l-2020, li għandu jintlaħaq ftehim dwaru fil-COP-21 UNFCCC f'Pariġi, f'Diċembru 2015.

F'żoni tropikali, id-data mis-satelliti u mill-art tindika li l-ftuħ ta' triq ġdida minn foresta ġeneralment twassal għall-bini ta' toroq sekondarji (pavimentati jew le) li jikkawżaw aktar degradazzjoni u deforestazzjoni (konverżjoni għall-agrikultura jew ranching). Rapporti xjentifiċi jaqblu fuq il-fatt li l-maġġoranza tad-deforestazzjoni, frammentazzjoni u degradazzjoni tal-foresti sseħħ f'"żona ta' riskju" madwar netwerks ta' infrastruttura jew aċċess.

Għaldaqstant il-bini ta' toroq ġodda mhux biss huwa kawża ta' aktar deforestazzjoni u ta' degradazzjoni forestali, iżda hu wkoll indikatur kosteffiċjenti tal-possibilità ta' emissjonijiet tal-foresta u telf tal-bijodiversità. Jistgħu jinħolqu "Mapep ta' Żoni mingħajr Toroq" mill-informazzjoni spazjali dwar l-infrastruttura, inklużi t-toroq, u mbagħad sovrapposti ma' mapep aġġornati tal-foresta sabiex issir valutazzjoni bikrija tal-impatti tal-politiki settorjali tal-Unjoni u tal-effiċjenza tal-attivitajiet REDD+ appoġġati. Jista' jikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq mira strateġika tal-Unjoni misluta mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, speċifikament li, sal-2020, ir-rata ta' telf tal-ħabitats naturali kollha, inkluż il-foresti, għandha mill-anqas titnaqqas bin-nofs u fejn fattibli tinġieb fix-xejn, u b'hekk id-degradazzjoni u l-frammentazzjoni jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-espansjoni tal-aċċessibilità tista' tgħin fil-kejl tal-prestazzjoni fil-ħames attivitajiet inklużi fir-REDD+ (deforestazzjoni, degradazzjoni forestali, konservazzjoni, ġestjoni, tisħiħ tal-istokk tal-karbonju forestali). B'żieda ma' dan, l-ippjanar tat-toroq hu għodda strateġika rikonoxxuta li tista' tintuża kemm mid-donaturi u kemm mill-benefiċjarji tal-iskema REDD+ u hu marbut mal-muturi internazzjonali tad-deforestazzjoni (inkluż l-importazzjonijiet fl-Unjoni).

Din l-approprjazzjoni għandha tgħin fil-forniment u biex jitkoprew l-ispejjeż għal:

— il-ħolqien ta' mappa globali aġġornata ta' żoni mingħajr toroq f'reġjuni foresta, b'enfasi fuq il-foresti tropiċi (abbażi tal-aħjar dejta spazjali disponibbli u tal-aħjar immaġni mis-satellita). dawn il-mapep għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit elettroniku apposta,

— l-iżvilupp ta' mudell predittiv għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali abbażi tat-toroq eżistenti u l-tbassir tal-kostruzzjoni ta' toroq fl-inħawi ta' prijorità;

KUMMISSJONI
*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

**KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI** *(ikompli)*

***34 02 77*** *(ikompli)*

34 02 77 02 *(ikompli)*

— it-tfassil ta' fuljett dwar l-impatti tal-politiki settorjali tal-Unjoni (pereżempju infrastruttura, agrikultura u estrazzjoni mill-minjieri) fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali,

— il-preżentazzjoni tal-elementi rendibbli msemmija aktar kmieni f'workshops u simpożji (speċjalment bħala avvenimenti sekondarji tul il-UNFCCC u CBD COPs) u t-tqassim tal-materjal rilevanti.

*Bażi legali*

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA*

## ATTIVITAJIET MINGĦAJR LINJI TAL-BAĠIT

— SOSTENN AMMINISTRATTIV GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA

— STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA

*TITOLU 40*

**RIŻERVI**

# TITOLU 40

# RIŻERVI

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| 40 01 | RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA | p.m. | p.m. | 6 829 200 | 6 829 200 | 0,— | 0,— |
| 40 02 | RIŻERVI GĦALL-INTERVENTI FINANZJARJI | 573 523 000 | 264 342 000 | 1 043 006 985 | 224 868 185 | 0,— | 0,— |
| 40 03 | RIŻERVA NEGATTIVA | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |
| | **Titolu 40 — Total** | **573 523 000** | **264 342 000** | **1 049 836 185** | **231 697 385** | **0,—** | **0,—** |

KUMMISSJONI

*TITOLU 40 — RIŻERVI*

# TITOLU 40

# RIŻERVI

## KAPITOLU 40 01 — RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA

Id-dettalji ta' l-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

| Titolu Kapitolu Artikolu Punt | Intestatura | FF | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 01 | RIŻERVI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA | | | | | |
| ***40 01 40*** | ***Riżerva amministrattiva*** | | p.m. | 6 829 200 | 0,— | — |
| ***40 01 42*** | ***Riżerva ta' kontinġenza*** | 5.2 | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Kapitolu 40 01 — Total** | | **p.m.** | **6 829 200** | **0,—** | **—** |

### 40 01 40 *Riżerva amministrattiva*

*Figuri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | 6 829 200 | 0,— |

*Kummenti*

| **24 02 01 u 24 02 51**<br><br>Il-ġlieda kontra l-frodi | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

KUMMISSJONI

*LISTA TAL-INTESTATURI TAL-BAĠIT MIFTUĦA GĦALL-PAJJIŻI KANDIDATI U, JEKK IKUN APPLIKABBLI, IL-PAJJIŻI POTENZJALI TAL-BALKANI TAL-PUNENT*

*(EUR miljun)*

| | Stati li Jirċievu | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MK | TR | AL | BA | ME | RS | Kosovo* | Total |
| **26 01 04 01 u 26 03 01 01**<br>Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **32 04 53**<br>Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza / Finalizzazzjoni tal-Ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **Linji baġitarji kkonċernati** (1)<br>Horizon 2020 / Finalizzazzjoni tas-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka — KE (mhux nukleari) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| **Linji baġitarji kkonċernati** (2)<br>Riċerka u Taħriġ Euratom/ Finalizzazzjoni tas-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka — Euratom (nukleari) | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

(1) Linji baġitarji 02 04 02, 02 04 51, 06 03 03 01, 06 03 50, 08 01 06 03, 08 02 01, 08 02 02, 08 02 03, 08 02 04, 08 02 50, 08 03 50, 08 04 50, 08 01 06 04, 09 04 02, 09 04 03, 09 04 50, 10 02 01, 10 02 50, 15 03 01 01, 15 03 50, 32 04 03 01 u 32 04 50.

(2) Linji baġitarji 08 03 01, 08 04 01, 10 03 01 u 10 03 50.

KUMMISSJONI

## OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## A. **INTRODUZZJONI**

Dan l-Anness huwa mfassal skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Huwa jipprovdi tagħrif dwar l-ammonti tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self iggarantiti mill-baġit tal-Unjoni: self għall-appoġġ tal-bilanċ tal-pagamenti, operazzjonijiet ta' teħid b'self sabiex tingħata għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi, teħid b'self tal-Euratom sabiex isir kontribut għall-iffinanzjar meħtieġ għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sigurtà ta' impjanti tal-enerġija nukleari f'ċerti pajjiżi terzi u self tal-Bank Ewropew għall-Investiment f'ċerti pajjiżi terzi.

Fil-31 ta' Diċembru 2012, l-operazzjonijiet pendenti koperti mill-baġit tal-Unjoni kienu jammontaw għal EUR 82 277 116 000; minn dak it-total EUR 59 177 969 000 kienu ġewwa l-Unjoni u EUR 23 099 147 000 barra l-Unjoni (ċifri mqarrba u rata tal-kambju tal-euro applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2012).

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## B. PREŻENTAZZJONI FIL-QOSOR TAD-DIVERSI KATEGORIJI TA' OPERAZZJONIJIET MUTWARJI U MUTWANTI GGARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI

### I. FAĊILITÀ UNIKA LI TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA TA' TERMINU MEDJU GĦALL-BILANĊI TA' PAGAMENTI TAL-ISTATI MEMBRI

#### 1. *Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1360/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/531/UE tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-Unjoni fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 286, 29.10.2013, p. 1).

#### 2. *Deskrizzjoni*

Skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, l-Unjoni għandha s-setgħa tagħti self lill-Istati Membri li għandhom, jew li huma serjament mhedda b'diffikultajiet relatati mal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom preżenti jew tal-movimenti tal-kapital. L-Istati Membri li ma adottawx l-euro biss jistgħu jibbenefikaw minn din il-faċilità. L-ammont pendenti ta' self huwa limitat għal EUR 12 000 000 000 bħala kapital prinċipal.

Nhar it-2 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-faċilità għal EUR 25 000 000 000.

Fl-4 ta' Novembru 2008, il-Kunsill iddeċieda li jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja lill-Ungerija fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 6 500 000 000 għal maturità medja massima ta' ħames snin.

Fl-20 ta' Jannar 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 3 100 000 000 għal maturità medja massima ta' seba' snin.

Fis-6 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lir-Rumanija fil-forma ta' self fuq terminu ta' żmien medju ta' prinċipal sa EUR 5 000 000 000 għal maturità medja massima ta' ħames snin.

Fit-18 ta' Mejju 2009, il-Kunsill iddeċieda jestendi l-faċilità sa EUR 50 000 000 000.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għar-Rumanija għajnuna prekawzjonarja fuq terminu ta' żmien medju li tammonta għal massimu ta' EUR 4 000 000 000 fil-forma ta' self b'maturità medja massima ta' 8 snin.

#### 3. *Effett fuq il-baġit*

Minħabba li ż-żewġ partijiet ta' dawn l-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self isiru fuq termini identiċi, huma jaffettwaw lill-baġit biss jekk il-garanzija tiġi attivata f'każ ta' inadempjenza. Fil-31 ta' Diċembru 2012 l-ammont pendenti taħt dan l-istrument huwa ta' EUR 11 400 000 000.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## II. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL TEĦID B'SELF MILL-UNJONI GĦAL ASSISTENZA FINANZJARJA FL-AMBITU TAL-MEKKANIŻMU EWROPEW TA' STABBILIZZAZZJONI FINANZJARJA

### 1. ***Bażi ġuridika***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

L-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

### 2. ***Deskrizzjoni***

L-Artikolu 122 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddisponi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn, *inter alia*, ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010, l-ammont pendenti ta' self jew linji ta' kreditu mogħtija lil Stati Membri taħt il-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tisservizzja d-dejn fil-każ tal-inadempjenza tad-debituri.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. Japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Fis-7 ta' Diċembru 2010, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Irlanda selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 22 500 000 000, b'massimu ta' maturità medja ta' 7,5 snin (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Fit-30 ta' Mejju 2011, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel disponibbli għall-Portugall selfa li tammonta għal massimu ta' EUR 26 000 000 000 (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE u 2011/344/UE billi jestendi l-maturitajiet u japplika t-tnaqqis tal-marġni tar-rata tal-imgħax għall-porzjonijiet kollha li diġà ġew żborżati (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31 rigward l-Irlanda (2011/682/UE) u p. 32 rigward il-Portugall (2011/683/UE)).

Fil-31 ta' Diċembru 2012 l-ammont pendenti taħt dan l-istrument huwa EUR 43 800 000 000.

### 3. ***Effett fuq il-baġit***

Mil-lat tan-nefqa, il-baġit ikun affettwat jekk il-garanzija tiġi attivata f'każ ta' inadempjenza.

Min-naħa tad-dħul, id-dispożizzjoni dwar id-dħul mill-imgħax li jirriżulta mid-differenzjali tal-imgħax bejn it-transazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self imħallsa mill-benefiċjarju — li inizjalment saret fid-Deċiżjonijiet 2011/77/UE u 2011/344/UE u li tapplika għall-pajjiżi benefiċjarji b'mod individwali fl-Artikolu 1(5) ta' dawk id-Deċiżjonijiet — tħassret bid-Deċiżjonijiet 2011/682/UE u 2011/683/UE.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## III. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI TAL-MEDITERRANN

### 1. *Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/EC TAL-10 ta' Diċembru 2007 li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

### 2. *Deskrizzjoni*

Fl-10 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Lebanon fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' għaxar snin. L-ewwel parti ta' EUR 25 000 000 tħallset fl-2009.

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## IV. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

### 1. *Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/732/KE tat-8 ta' Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lir-Rumanija (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 29).

### 2. *Deskrizzjoni*

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lir-Rumanija assistenza makrofinanzjarja addizzjonali fil-forma ta' self fit-tul ta' kapital sa EUR 200 000 000 għal perjodu massimu ta' 10 snin (RUMANIJA IV). L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 tħallas fid-29 ta' Ġunju 2000. It-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 tħallas fis-17 ta' Lulju 2003.

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## V. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA LILL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

### 1. *Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Ġeorġja (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Ġeorġja biex tiġi estiża lit-Taġikistan (ĠU L 77, 28.3.2000, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makro-finanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

### 2. *Deskrizzjoni*

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self eċċezzjonali lill-Ġeorġja u lill-Armenja (self lill-Ġeorġja b'ammont massimu ta' EUR 142 000 000 bħala kapital u self lill-Armenja ta' EUR 28 000 000), b'durata massima ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 110 000 000 tħallas kollu lura lill-Ġeorġja fl-24 ta' Lulju 1998. It-tieni porzjon ma għandux isir aktar.

Fl-20 ta' Marzu 2000, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għat-tielet operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għat-Taġikistan. Is-self huwa tal-ammont massimu ta' EUR 75 000 000 bħala kapital prinċipal b'durata massima ta' 15-il sena. Is-self ta' EUR 60 000 000 tħallset fl-2001. It-tieni porzjon ma għandux isir aktar.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti tal-Unjoni Ewropea għall-Armenja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal tul ta' żmien massimu ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 26 000 000 kien żborżat fl-2011, it-tieni u l-aħħar wieħed fl-2012.

Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Ġeorġja assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. Ma sar l-ebda żborż.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. Ma sar l-ebda żborż.

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## VI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' TEĦID B'SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA FINANZJARJA LIL PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

### 1. *Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/471/KE tat-22 ta' Lulju 1997, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 200, 29.7.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 123, 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 ta' Novembru 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

### 2. *Deskrizzjoni*

Fit-22 ta' Lulju 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM I).

Is-self huwa ta' ammont massimu ta' EUR 40 000 000 bħala kapital għal tul ta' żmien ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjoni ta' EUR 25 000 000, għal ammont massimu ta' 15-il sena, tħallset lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fit-30 ta' Settembru 1997. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

It-tieni porzjoni ta' EUR 15 000 000 tħallset fit-13 ta' Frar 1998. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

Fl-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Ħerzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għaldik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fis-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Ħerzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija ta' EUR 9 000 000, għal tul massimu ta' ħmistax-il sena, tħallas fis-sħuħija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' tmien snin. L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ partijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu fl-2013.

## 3. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## VII. GARANZIJA GĦAL TEĦID B'SELF MILL-EURATOM BIEX JITTEJJEB IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U TAS-SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDIPENDENTI

### 1. *Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

### 2. *Deskrizzjoni*

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu tas-self Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozludoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament kien fl-2006 Fl-2000 il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajjna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalent EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel parti) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 inħarġu fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

### 3. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI MEDITERRANJI

### 1. *Bażi ġuridika*

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokolli Mediterranji).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1273/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem tat-2 Protokolli għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.1980, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta'Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll "Jugoslavja").

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389, 31.12.1987, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1994, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 li permezz tagħha l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għal telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' dawk l-inħawi tat-Turkija milquta mit-terremoti (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċizjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159 M, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200 M, 1.8.2007, p. 740), sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

## 2. *Garanzija tal-baġit tal-Unjoni*

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mill-impennji finanzjarji tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fl-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-approprjazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Ġordan, is-Sirja, Iżrael, il-Greċja, l-*ex* Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l- Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

## 3. *Deskrizzjoni*

Skont il-Protokolli Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment mill-fondi proprji tiegħu. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jagħti self għal finijiet li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi inkwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agrikoli u promozzjoni ta' impriżi żgħar u medji).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterrann imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1999 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self mogħti tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-Bank Ewropew tal-Investiment il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estiż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE rristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi ristretta għal 65 %.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## 4. *Effett fuq il-baġit*

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,

— l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajnuna mhux rimborżabbli, suġġetta għall-ammonti kumplessivi stabbiliti mill-Protokolli Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

### 1. *Bażi ġuridika*

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investiment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fil-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda Deċiżjoni 2000/24/KE biex tikkonsidra t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159 M, 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200 M, 1.8.2007, p. 740). Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

KUMMISSJONI

*OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)*

## 2. *Garanzija tal-baġit tal-Unjoni*

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka fir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awwissu 1994.

Il-kolonna 3 "Ammont inizjali riċevut/imħallas sal-31 ta' Diċembru 2012": b'referenza għall-1986, pereżempju, din il-kolonna turi t-total kumulattiv tal-ammonti kollha riċevuti sal-31 ta' Diċembru 2012 taħt self iffirmat fl-1986 (Tabella 1), inkluż ir-rifinanzjament (li jipproduċi xi duplikazzjoni).

Il-kolonna 4 "Ammont pendendi fil-31 ta' Diċembru 2012": dawn huma ċifri netti, bl-ebda duplikazzjoni minħabba operazzjonijiet ta' rifinanzjament. Dawn jinkisbu bit-tnaqqis miċ-ċifra fil-kolonna 3 tat-total kumulattiv tar-rimborżi li saru sal-31 ta' Diċembru 2012, inklużi r-rimborżi fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament (total mhux mogħti fit-tabelli).

Kolonna 7 = kolonna 4 – kolonna 5.

MFA 2011: wara l-Ftehim ta' Self iffirmat minn Montenegro fid-9 ta' Frar 2010 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro, is-self inizjali maħruġa lis-Serbja u lil Montenegro ġew mibdija mill-ġdid b'data inizjali virtwali fl-2011 sabiex jiġi implimentat il-qsim tal-pajjiżi, li jispjega l-ammonti differenti bejn is-self mogħti u s-self miksub, minħabba li l-kuntratti mal-banek tas-self ma nbidlux.

KUMMISSJONI

# INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Introduzzjoni

Dan l-Anness sar skont l-Artikolu 49(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

Huwa jipprovdi informazzjoni kemm dwar l-istrumenti finanzjarji eżistenti li għandhom impatt baġitarju f'termini ta' impenn u/jew approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2013 u l-istrumenti finanzjarji l-ġodda (2014-2020) li għandhom impatt baġitarju li jibda mill-2014 skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) 2014-2020 inklużi fl-atti bażiċi jew il-proposti għal att bażiku.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar l-istrumenti tinstab fid-Dokument ta' Ħidma dwar strumenti finanzjarji li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit skont l-Artikolu 38(5) tar-Regolament Finanzjarju.

## Lista ta' strumenti finanzjarji

### Strumenti ta' ekwità

— Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt "Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni" (CIP) (GIF)

— Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (COSME)

— Faċilità ta' Ekwità (kapital fi stadju bikri) għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont 2020

— Strument ta' Ekwità "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (FNE)

### Strumenti ta' garanzija

— Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt "Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni" (CIP) (SMEG07)

— Faċilità ta' Garanzija Microfinanzjarja tal-Progress Ewropew (PMF-G)

— Faċilità ta' Garanzija ta' Self taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju" (COSME)

— Faċilità Ewropea ta'Mikrofinanzjament għall-Progress taħt il-"Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali" tal-UE (PSCI) (EaSI) (suċċessur għall-EPMF).

— Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva")

— Faċilità ta' Garanzija ta' Self għall-Istudenti ("Programm Erasmus+")

### Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

— Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji taħt is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka (2007-2013) (FP7) (RSFF)

— Strument ta' Garanzija ta' Self (LGTT)

— Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti (IBP)

— Is-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020

— Strument FNE għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (Kondiviżjoni tar-Riskji ta' Self u Bonds tal-Proġetti)

### Veikoli ta' Investiment Iddedikati

— Il-Mikrofinanzjament Ewropew għall-Progress FCP-FIS (PMF FCP-FIS)

— Il-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite)

— Il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF)

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilitajiet Esterni (mhux iffinanzajati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)

## Faċilitajiet reġjonali

— Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)

— Faċilità ta' Investiment tal-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment Asjatika (AIF)

— Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina (LAIF)

## Faċilitajiet addizzjonali

— Sostenn għall-Faċilità għal Sħubija ta' Investiment Ewro-Mediterranja (FEMIP)

— Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

## Strumenti finanzjarji fil-pajjiżi tat-tkabbir

## It-Turkija

— Proġett Anatoljan tal-Kapital ta' Riskju

— Faċilità ta' Garanzija ta' Greater Anatolia

## Il-Balkani tal-Punent

— Faċilità ta'garanzija taħt il-Faċilità għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ta' Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent

— Fond għall-Espansjoni ta' Intrapriżi (ENEF) taħt il-Faċilità għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ta' Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent

— Fond għall-Innovazzjoni ta' Intrapriżi (ENIF) taħt il-Faċilità għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ta' Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent

— Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF) — (Spazju riżervat għal strumenti finanzjarji futuri)

## Sostenn tas-settur privat (Pakkett ta' Rispons għall-Kriżi)

— Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għat-Turkija

— Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għall-Balkani tal-Punent

## Oħrajn (mixxellanji)

— Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)

— Fond "Green for Growth" (GGF)

— Self ta' Sostenn għat-Turkija għall-Irkupru ta' SMEs

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Informazzjoni finanzjarja dwar strumenti finanzjarji

## Strumenti ta' ekwità

## Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt "Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni" (CIP) (GIF) — Qabel l-2014

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

L-Artikolu 01 04 04 — Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013).

L-Artikolu 01 04 51 — Ikkompletar ta' programmi fil-qasam tal-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014)

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-istrumenti finanzjarji huma parti mill-Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP), wieħed mit-tliet programmi speċifiċi taħt il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) ([1]).

L-objettiv kumplessiv tal-istrumenti finanzjarji taħt CIP huwa t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex ikun sostnut l-investiment tagħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża innovazzjoni ekoloġika. Dan isir billi żdiedu l-volumi ta' investiment ta' fondi ta' capital ta' riskju u veikoli ta' investiment oħra.

Il-Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir (GIF) hija implimentata mill-Fond Ewropew tal-Investiment (EIF) f'isem il-Kummissjoni. Hija għandha l-għan li żżid il-provvista ta' ekwità għal SMEs innovattivi fl-istadji bikrija tagħhom (GIF1) u fil-fażi ta' espansjoni tagħhom (GIF2). Proposti ta' investiment minn Intermedjarji Finanzjarji jiġu magħżula abbażi ta' avviż ta' implimentazzjoni (ĠU C 302, 14.12.2007, p. 8).

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien, il-perjodu ta' impenn għall-GIF jintemm fil-31.12.2013 iżda l-istrumenti se jeżistu sa meta jsir l-istralċ wara l-2026.

L-impenji baġitarji totali għall-istrumenti finanzjarji CIP għall-perjodu sħiħ kienu previsti li huma EUR 1,13 biljun, b'qasma oriġinali indikattiva ta' EUR 620 miljun għall-GIF (inkluża l-innovazzjoni ekoloġika) u EUR 510 miljuni għall-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs.

### *(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li jirriżulta mill-istrumenti finanzjarji eżistenti*

L-impenn baġitarju tal-GIF għall-2013 jammonta għal EUR 103 miljuni.

L-effett tal-ingranaġġ fuq GIF huwa mistenni li jkun 5 li jfisser li l-impatt tal-impenn baġitarju tal-2013 fuq l-ekonomija ġenerali huwa mistenni li jilħaq EUR 515-il miljun ta' investiment ta' ekwità f'SMEs innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir.

([1]) Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (COSME) — 2014 sa 2020

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 2187/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjoni rilevanti***

02 02 02 — Titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014)

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir (EFG) għandha tiffoka fuq fondi li jipprovdu kapital tar-riskju u finanzjament intermedju, bħal self subordinat u self parteċipanti, għal intrapriżi li jinsabu fil-fażi ta' espansjoni u tkabbir, b'mod partikolari dawk li joperaw transfruntieri, filwaqt li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu investimenti f'intrapriżi li għadhom fi stadju bikri flimkien mal-Faċilità ta' Ekwità għar-Riċerka u Innovazzjoni (R u I) taħt Orizzont 2020.

Fil-każ tal-aħħar, l-investiment mill-EFG ma għandux jaqbeż 20 % tal-investiment totali tal-UE minbarra f'każijiet ta' fondi maqsumin f'diversi stadji, fond ta' fondi, meta finanzjament mill-EFG u l-Faċilità ta' Ekwità għar-R u I se jkun ipprovdut fuq bażi prorata, abbażi tal-fondi tal-politika tal-investimsent.

L-EFG għandha tinkludi finanzjament tal-avvjament (seed funding), finanzjament informali (angel funding), finanzjament ta' ekwità jew kważi-ekwità soġġetti għad-domanda tas-suq, iżda li jeskludi l-iżmembrament tal-assi (asset stripping). Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda l-limitu ta' 20 %.

Is-sostenn ikun fil-forma ta' wieħed minn dawn l-istrumenti li ġejjin:

(a) sostenn dirett mill-Fond Ewropew tal-Investiment (EIF) jew entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni jew

(b) minn fondi ta' fondi jew veikoli ta' investiment li jinvestu lil hinn mill-fruntieri stabbiliti mill-FEI jew entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni flimkien ma' investituri privati u/jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi nazzjonali.

L-objettiv ġenerali tal-politika huwa li tipprovdi aċċess imsaħħaħ għal kapital tar-riskju li għalih fl-Ewropa hemm nuqqas sinifikanti fis-suq u li tagħti sostenn lill-iżvilupp ta' suq pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju. Dan tal-aħħar jinkiseb billi tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jinvestu fuq livell transfruntiera.

L-implimentazzjoni tal-investimenti diretti msemmija fil-punt(a) hawn fuq se tkun fdata f'idejn il-FEI fil-Lussemburgu soġġett għall-konklużjoni sodisfaċenti ta' ftehim ta' delega mal-Kummissjoni.

Il-ftehim ta' delegazzjoni li għandu jkun iffirmat mal-entità fdata, se jiżgura li l-Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji sakemm dawn huma mmaniġġjati b'mod professjonali u indipendenti u juru l-kapaċità sabiex isostnu b'suċċess l-SMEs fit-tkabbir tagħhom.

Minn perspettiva teknika, l-entità fdata, se tingħata struzzjonijiet biex tinvesti fuq bażi pari-passu ma' investituri pubbliċi u privati oħra. Ir-riċeventi aħħarija mmirati huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fokus speċifiku fuq settur.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument ta' ekwità mhux se jaqbeż l-2035 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija prevista li tkun EUR 663 miljun.

***(iv) Operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ***

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-2014: EUR 62 miljun

L-effett tal-ingranaġġ se jiġi ffissat fl-indikaturi għall-programm COSME u l-firxa indikata sa issa hija 4-6 fuq it-tul taż-żmien tal-programm. L-effett ta' ingranaġġ indikat fil-programm COSME jinsab fil-firxabejn 4-6 fuq il-ġajja tal-programm.

L-ingranaġġ fil-mira se jissarraf f'ammont totali ta' investimenti ta' kapital ta' riskju mmobilizzat li jvarja minn EUR 250 miljun għal EUR 370 miljun għall-baġit tal-2014.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità ta' Ekwità (kapital fi stadju bikri) għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont 2020

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE(ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

### *(ii) Linji baġitarji rilevanti*

Partita 02 04 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riksju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-Istrument Finanzjarju inkluż il-perjodu ta' żmien u l-impatt fuq il-baġit*

Faċilità tal-ekwità fil-livell tal-Unjoni għar-R&I hija meħtieġa sabiex tikkontribwixxi biex titjieb id-disponibbiltà ta' finanzjament ta' ekwità għal investimenti fi stadju bikri u fi stadju ta' tkabbir u biex tingħata spinta lill-iżvilupp tas-suq tal-kapital ta' riskju tal-Unjoni.

L-għan huwa li tikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju u li tipprovdi ekwità u kważi ekwità biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' żvilupp u ffinanzjar ta' impriżi innovattivi mill-istadju tat-tnissil sat-tkabbir u l-espansjoni.

Il-Faċilità tal-Ekwità se tiffoka fuq fondi fi stadju bikri ta' kapital ta' riskju li jipprovdu kapital ta' riskju u kważi-ekwità (inkluż kapital intermedju) għal portafolli individwali tal-impriżi. Il-faċilità se jkollha wkoll il-possibbiltà li tagħmel investimenti fl-istadji tal-espansjoni u tat-tkabbir flimkien mal-Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME), biex ikun żgurat sostenn kontinwu matul l-istadji tal-bidu u tal-iżvilupp ta' kumpaniji.

Fil-każ ta' dan tal-aħħar, l-investiment mill-Faċilità ta' Ekwità ta' Orizzont 2020 ma għandux jissupera l-20 % tal-investiment totali tal-UE għajr f'każijiet ta' fondi f'ħafna stadji, fejn il-finanzjament mill-EFG u l-faċilità ta' Ekwità għar-R u I se jiġi pprovdut fuq bażi pro rata, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. Bħall-EFG, il-Faċilità ta' Ekwità tevita l-kapital ta' akkwiżizzjoni jew sostituzzjoni intenzjonat għall-iżmantellar ta' impriża akkwistata.

L-objettiv ġenerali tal-politika huwa li tipprovdi aċċess imsaħħaħ għal kapital tar-riskju li għalih fl-Ewropa hemm nuqqas sinifikanti fis-suq u li tagħti sostenn lill-iżvilupp ta' suq pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju.

F'termini ta' valur miżjud tal-Unjoni, il-Faċilità tal-Ekwità għar-R&I se tikkumplimenta skemi nazzjonali li ma jistgħux jieħdu ħsieb investimenti transkonfinali fir-R&I. In-negozjati fi stadju bikri se jkollhom ukoll effett ta' dimostrazzjoni li jistgħu jibbenefikaw minnu l-investituri pubbliċi u privati madwar l-Ewropa. Għall-fażi tat-tkabbir biss huwa fil-livell Ewropew biss li tista' tintlaħaq l-iskala meħtieġa u tinkiseb il-parteċipazzjoni qawwija ta' investituri privati li huma essenzjali għall-funzjonament ta' suq ta' kapital ta' riskju li jsostni lilu nnifsu.

L-implimentazzjoni ta' investimenti diretti taħt din il-faċilità se jiġu fdati f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) fil-Lussemburgu.

Il-ftehim ta' delegazzjoni li għandu jkun iffirmat mal-entità fdata, se jiżgura li l-faċilità ta' ekwità fi stadju bikri hija aċċessibbli taħt l-Orizzont 2020 għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji sakemm dawn ikunu mmaniġġjati b'mod professjonali u indipendenti u juru l-kapaċità sabiex isostnu b'suċċess lill-kumpaniji tal portafoll fl-istadju bikri tagħhom ta' żvilupp u tkabbir.

Minn perspettiva teknika, l-entità fdata, se tingħata struzzjonijiet biex tinvesti fuq bażi pari-passu ma' investituri pubbliċi u privati oħra. Ir-riċeventi aħħarin mmirati huma kumpaniji fi stadju bikri (speċjalment SMEs jew kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja) mingħajr fokus speċifiku fuq settur.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument ta' ekwità mhux se jaqbeż l-2035 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet).

### *(iv) Operazzjonijiet previsti u volum immirat*

L-allokazzjoni tal-baġit previst għall-2014 tammonta għal EUR 40 miljun.

L-effett tal-ingranaġġ previst tal-Faċilità ta' Ekwità ta' Orizzont 2020 se jkun bejn wieħed u ieħor 4-6 skont it-tip ta' investiment u l-forma ta' kooperazzjoni b'fondi kapitali ta' riskju u/jew investituri ta' trasferiment tal-għarfien.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Strument ta' Ekwità Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — 2014 sa 2020

## *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

## *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjoni rilevanti*

Dan l-istrument għandu jkun kopert mil-linji baġitarji (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014):

— Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport;

— Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni

— Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi.

## *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

*Strument Finanzjarji CEF*

L-objettiv tal-istrumenti finanzjarji fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa li jħaffu l-aċċess tal-proġetti tal-infrastruttura għall-finanzjament tal-proġetti u għall-finanzjament korporattiv billi jużaw il-finanzjament mill-Unjoni bħala ingranaġġ. Għandhom jgħinu fil-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar, u fit-tħaffif ta' involviment ikbar mis-settur privat fil-finanzjament fit-tul tat-tali proġetti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

Għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perjodu medju sa twil u għandhom joħolqu benefiċċji ikbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Barra minn hekk, dawn l-istrumenti għandhom jipprovdu lill-partijiet interessati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, maniġers tal-infrastrutturi, kumpaniji tal-kostruzzjoni u operaturi b'għażla ta' għodod ta' sostenn finanzjarju tal-UE orjentati lejn suq koerenti.

L-Istrument ta' Ekwità FNE: L-għan tal-Istrument ta' Ekwità għandu jkun li jikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet fis-swieq kapitali Ewropej billi jipprovdi strumenti ta' ekwità jew kważi-ekwità lill-proġetti Ewropej.

L-ammonti massimi tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu limitati kif ġej:

— 33 % tad-daqs tal-ekwità mmirata, jew

— il-koinvestiment mill-Unjoni fi proġett ma għandux jaqbeż 30 % tal-ekwità totali ta' kumpanija.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħha, qed jiġi previst li dan isir permezz ta' Entitajiet Fdati magħżula f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tintuża:

— għal parteċipazzjonijiet ta' ekwità, u

— biex ikunu koperti t-tariffi u l-ispejjeż assoċjati mat-twaqqif u l-immaniġġjar tal-Istrument ta' Ekwità, inkluża l-evalwazzjoni tiegħu, li ġew determinati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prattika tas-suq,

— għal azzjonijiet ta' sostenn relatati b'mod dirett.

Perjodu ta' żmien tal-Istrument ta' Ekwità FNE: L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrument ta' Ekwità FNE għandu jiġi impenjat mill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni reali ta' investimenti ta' ekwità mill-entitajiet fdati jew mill-veikoli ta' investiment iddedikati għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022. L-istralċ propju tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2032.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li jirriżulta mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-istrumenti tas-CEF ser ikollhom fil-mira proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

L-ammont totali ta' fondi tal-UE disponibbli għal dan l-istrument għandu jiġi definit wara li titlesta l-valutazzjoni ex-ante li għaddejja.

L-ingranaġġ mistenni tal-istrument ta' EkwitàFNE definit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet kollha minn investituri oħra) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni, huwa mistenni li bħala medja jvarja minn 5 sa 10, skont l-ispeċifiċitajiet tas-suq.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Strumenti ta' Garanzija

## Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt CIP (SMEG07) — Qabel l-2014

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

01 04 04 — Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013).

01 04 51 — Ikkompletar ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (qabel sal-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014)(fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014)

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Strumenti finanzjarji huma parti mill-Programm għall-Imprenditorjat u l-innovazzjoni, wieħed mit-tliet programmi speċifiċi taħt CIP ([1]).

L-għan kumplessiv tal-istrumenti finanzjarji taħt CIP huwa t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex ikun sostnut l-investiment tagħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża innovazzjoni ekoloġika. Dan iseħħ billi jkun ipprovdut ingranaġġ għall-istrumenti ta' dejn tal-SMEs sabiex tiżdied il-provvista ta' finanzi bid-dejn lil SMEs.

Il-Faċilità ta' Garanzija SME (SMEG) hija mħaddma mill-FEI f'isem il-Kummissjoni. Hija tipprovdi kontrogaranziji u kogaranziji għal skemi ta' garanzija u garanziji diretti għal Intermedjarji Finanzjarji li joperaw f'pajjiżi eliġibbli.

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien, il-perjodu ta' impenn għall-Faċilità ta' Garanzija SME jintemm fil-31.12.2013 iżda l-istrument se jibqa' jeżisti sakemm isir l-istralċ wara l- 2026.

L-impenji baġitarji totali għall-istrumenti finanzjarji CIP għall-perjodu kollu bejn l-2007 u l-2013 kienu previsti li huma EUR 1,13 biljun, b'qasma indikattiva oriġinali ta' EUR 620 miljun għall-GIF u EUR 510 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija SME.

### *(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.*

L-impenji baġitarji għall-2013 jammontaw għal EUR 13 495 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija SME.

L-effett tal-ingranaġġ fuq il-Faċilità ta' garanzija tal-SME huwa mistenni li jkun 29 li jfisser li l-impatt ta' dan l-impenn baġitarju fuq l-ekonomija globalment huwa mistenni li jilħaq EUR 3 914 miljun f'self lil SMEs benefiċjarji.

([1]) Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013), (ĠU L 310, 9.11.2006, p.15).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (EPMF-G) — Qabel l-2014

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 04 04 15 — Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Ikkompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjieg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilħqu gruppi li normalment ma setgħux jinqdew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-faċilità għandha tipprovdi lill-Unjoni riżorsi biex jiżdied l-aċċess u d-disponibbiltà għal mikrofinanzjament għal:

(a) persuni li tilfu jew li qegħdin f'riskju li jitilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriża tagħhom stess, inkluż l-impjieg indipendenti,

(b) mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemmijin fil-punt (a).

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 105 miljun, li minnhom EUR 25 miljun huma previsti għall-Faċilità ta' Garanzija Mikrofinanzjarja (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF Fonds Commun de Placement — Fons d'Investissements Spécialisé (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

— garanziji (EPMF-G),

— strumenti ta' dejn u ekwità (FCP-FIS),

Miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma neċessarji direttament għall-implimentazzjoni effikaċi u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/EU u sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha.

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu għandha tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenji baġitarji EPMF-G li saru fl-2013 jammontaw għal total ta' EUR 4,1 miljuni.

Il-volumi mmirati ta' self lil mikroimpriżi benefiċjarji huma stmati li jilħqu EUR 47 560 000 għall-Faċilità ta' Garanzija EPMF (impenji baġitarji tal-2013 ta' EUR 4,1 miljuni; effett ta' ingranaġġ ta' 11,6).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità ta' Garanzija ta' Self taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju" (COSME)

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33.).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

02 02 02 — Intejbu l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (LGF) għandha tkun imħaddma mill-FEI jew entitajiet oħra fdati bl-implimentazzjoni f'isem il-Kummissjoni. Il-faċilità għandha tipprovdi:

— kontragaranziji u arranġamenti oħra ta' kondiviżjoni tar-riskji għal skemi ta' garanzija,

— garanziji diretti u arranġamenti oħra li jikkondividu r-riskju għal kwalunkwe intermedjarju finanzjarju ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà.

il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self għandha tikkonsisti fiż-żewġ azzjonijiet li ġejjin:

— l-ewwel azzjoni, iffinanzjar ta' dejn permezz ta' self, inkluż permezz ta' self ta' subordinazzjoni u self ta' parteċipazzjoni, jew lokazzjoni, għandha tnaqqas id-diffikultajiet partikolari li jaffaċċjaw l-SMEs biex jaċċessaw finanzi jew minħabba r-riskju għoli perċepit tagħhom jew minħabba nuqqas ta' kollateral suffiċjenti disponibbli,

— it-tieni azzjoni, it-titolizzazzjoni ta' portafolji ta' finanzjament ta' dejn ta' SME għandha timmobilizza iffinanzjar addizzjonali ta' dejn taħt arranġamenti xierqa ta' kondiviżjoni tar-riskji mal-istituzzjonijiet immirati. Is-sostenn għal dawk it-tranżazzjonijiet għandu jkun kundizzjonali fuq l-intrapriża mill-istituzzjonijiet ta' oriġini biex tuża parti sinifikanti mil-likwidità li tirriżulta jew mill-kapital mobilizzat għal self ġdid lil SME f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-ammont ta' dan il-finanzjament ġdid ta' dejn għandu jkun ikkalkulat b'relazzjoni għall-ammont tar-riskju tal-portafoll garantit u għandu jiġi nnegozjat, flimkien mal-perjodu ta' żmien, individwalment mal-istituzzjoni tal-oriġini.

L-LGF għandha, minbarra self f'portafoll titolizzat, tkopri self sa EUR 150 000 u b'maturità minima ta' 12-il xahar. L-LGF għandha tkun imfassla b'tali mod li jkun possibbli li tirrapporta dwar SMEs innovattivi appoġġjati, kemm f'termini ta' numru kif ukoll f'termini ta' volum ta' self.

L-għan kumplessiv tal-politika huwa li l-politika tipprovdi aċċess imsaħħaħ għall-finanzjament għall-SMEs, speċjalment għal dawk l-SMEs li ma jistgħux jiksbu finanzjament minħabba r-riskju għoli perċepit tagħhom jew minħabba nuqqas ta' kollateral suffiċjenti disponibbli.

L-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self se sseħħ permezz ta' entità fdata, li se tkun il-Bank Ewropew tal-Investiment fil-Lussemburgu, soġġett għall-konklużjoni ta' suċċess ta' ftehim ta' delega mal-Kummissjoni.

Il-ftehim ta' delegazzjoni li għandu jkun iffirmat mal-entità fdata se jiżgura li l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji (soċjetajiet ta' garanzija, istituti promozzjonali nazzjonali, banek kummerċjali, kooperattivi, eċċ.) li għandhom l-esperjenza fi tranżazzjonijiet finanzjarji mal-SMEs jew li għandhom il-kapaċità jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji ma' SMEs.

Minn perspettiva teknika, l-entità fdata probabbilment tiggarantixxi lill-intermedjarji finanzjarji li jkopru parti mit-telfiet mistennija ta' portafoll ta' tranżazzjonijiet iġġenerati ġodda tal-SMEs.

Ir-riċeventi aħħarija mmirati huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fokus speċifiku fuq settur. Il-firxa ta' prodotti finanzjarji li tista' tiġi sostnuta permezz tal-garanziji se tinżamm wiesgħa sabiex ma tiddiskriminax fost il-popolazzjoni tal-SMEs.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument ta' garanzija mhux se jaqbeż l-2035 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). Il-perjodu ta' żmien tal-istrument ta' ekwità mhux se jaqbeż l-2035 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). Ftehimiet ta' garanzija individwali li għandhom jiġu ffirmati mill-entità fdata se jkollhom perjodu ta' żmien massimu ta' 10 snin.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija prevista li tkun EUR 718,4 miljun.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-2014: EUR 100 miljun, li minnhom mhux iktar minn EUR 60 miljun bħala kontribuzzjoni għal inizjattiva konġunta tal-SME.

L-effett tal-ingranaġġ indikat fil-programm COSME jinsab l-firxa indikata sa issa hija 20 – 30 fuq il-ħajja tal-programm.

L-ingranaġġ immirat se jissarraf f'ammont totali ta' finanzjament immobilizzat li jvarja minn EUR 1,6 biljun għal EUR 2,51 biljuni għall-baġit tal-2014.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Faċilità Ewropea ta'Mikrofinanzjament għall-Progress taħt il-"Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali" (EaSI) — 2014 sal-2000

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238)

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 04 03 02 03 — Mikrofinanzjament u Imprenditorjat Soċjali — Niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-imprendituri, speċjalment dawk l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan tal-istrument huwa li jippromwovi l-impjieg u l-inklużjoni soċjali billi jżid id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għal gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi u billi jżid l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali.

Minbarra l-objettivi ġenerali, l-objettivi speċifiċi tal-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Imprenditorjat Soċjali għandhom ikunu li:

— Jiżdied l-aċċess għal, u d-disponibbiltà ta', mikrofinanzjament għal:
  - (a) persuni li tilfu jew li jinsabu f'riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew dawk li għandhom diffikultà biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq konvenzjonali tal-kreditu u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi tagħhom,
  - (b) mikrointrapriżi speċjalment dawk li jimpjegaw persuni msemmija fil-punt (a),

— Jiżviluppaw il-kapaċità istituzzjonali ta' fornituri ta' mikrokreditu,

— Jappoġġjaw l-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali, b'mod partikolari bili jiffaċilitaw l-aċċess għall-mikrofinanzi.

L-istrument finanzjarju ta' Mikrofinanzjament fl-ambitu tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali se jkun għaddej bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020. Il-perjodu ta' żmien tal-istrument jirreferi għas-sena 2028 (2014 + 10 + 4).

Il-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji huwa previst li jkun għall-perjodu ta' impenn kollu:

— EUR 83,8 miljuni għall-komponent Mikrofinanzjarju,

— EUR 83,8 miljuni għall-komponent tal-Inprenditorjat Soċjali u EUR 18,6 miljun għal kwistjonijiet trażversali

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

F'dak li jirrigwarda l-istrument ta' mikrofinanzjament, il-Kummissjoni tistenna prodotti simili bħal dawk li bħalissa jinsabu taħt il-programm Mikrofinanzjament għall-Progress, jiġifieri garanzija, self u ekwità u prodotti għall-fornituri tal-mikrofinanzi li jsellfu ammonti sa massimu ta' EUR 25 000 (pereżempju mikroself) lil intraprendituri. Għall-bini tal-kapaċità, qed jiġu previsti self, ekwità u għotjiet potenzjali lill-fornituri tal-mikrofinanzjament.

F'dak li jirrigwarda s-sostenn għall-imprenditorjat soċjali, matul in-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament propost għal Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, ġie miftiehem li l-intrapriżi soċjali għandhom jirċievu ekwità, kważi-ekwità, strumenti ta' self u għotjiet sa massimu ta' EUR 500 000. Fir-rigward tal-prodotti għal intermedjarji bħall-fondi għal investiment soċjali, id-daqsijiet tal-investimenti ġeneralment se jkunu ikbar milli għall-mikrofinanzjament. Il-FEI, li bħalissa qed imexxi l-proġett pilota f'dan il-qasam, jistenna li d-daqsijiet tal-investiment ikunu bejn EUR 10 miljuni u EUR 12-il miljun.

Inizjalment, il-Kummissjoni assumiet effett ta' ingranaġġ ta' 5 għall-mikrofinanzjament (bħall-istrument kurrenti) u 3 għall-imprenditorjat soċjali. L-evalwazzjonijiet ex-ante rikjesti mir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Applikazzjoni tiegħu (Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012) se jipprovdu informazzjoni iktar preċiża dwar l-effett tal-ingranaġġ skont l-opzjonijiet magħżula għad-disinn (minħabba li mhux il-programmi kollha għandhom l-istess ingranaġġ).

Il-volumi indikattivi fil-mira fir-rigward tal-2014 jammontaw għal madwar il-livell ta':

— EUR 65,5 miljun għall-komponent ta' Mikrofinanzjament (EUR 13,1 million fl-Abbozz ta' Baġit 2014 × 5)

— EUR 39,3 miljun għall-komponent ta' Intraprenditorija soċjali (EUR 13,1 miljun fl-Abbozz ta' Baġit 2014 × 3)

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva") — 2014 sa 2020

*(i)* ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221

*(ii)* ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

15 04 01– It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari għall-SMEs u l-organizzazzjonijiet (fin-nomenklatura baġitarju tal-2014).

*(iii)* ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan kumplessiv tal-istrument finanzjarju kulturali u kreattiv huwa f'konformità ma' dawk tal-Programm Ewropa Kreattiva, li huwa:

— li jrawwem is-salvagwardja u l-promozzjoni tal-kultura Ewropea u d-diversità lingwistika u

— li jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur kulturali u kreattiv, bil-għan li jkun promos tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020.

L-għan speċifiku tal-Faċilità huwa li ssaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-settur kulturali u kreattiv. Hija tirrifletti l-objettivi speċifiċi stabbiliti għal fergħat oħra tal-Programm Ewropa Kreattiva, b'mod partikolari (i) is-sostenn tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej li jopeoraw f'livell transnazzjonali; u (ii) it-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi.

Il-kwistjonijiet li se taħdem bis-sħiħ biex tindirizza huma:

— Id-diffikultajiet għal SMEs u proġetti kulturali u kreattivi biex ikollhom aċċess għall-krediti bankarji,

— It-tixrid u d-disseminazzjoni limitati ta' ħila esperta fost l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-analiżi finanzjarja ta' SMEs u proġetti kulturali u kreattivi fl-UE kollha.

Sabiex ikun hemm reazzjoni għal dawn il-kwistjonijiet, l-objettivi operattivi se jkunu:

— Li jkunu pprovduti garanziji lill-banek li jittrattaw SMEs kulturali u kreattivi u b'hekk jippermettulhom aċċess eħfef għall-krediti bankarji,

— Li jkunu pprovduti ħila esperta/bini ta' kapaċità lill-istituzzjonijiet finanzjarji,

— Li jiżdied l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi,

— Li tkun massimizzata d-diversifikazzjoni ġeografika Ewropea ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi.

L-UE tipprevedi kontribuzzjoni ta' EUR 121 miljun matul il-perjodu 2015-2020 mill-baġit tal-Programm Ewropew Kreattiva u tordna l-immaniġġjar tal-fond lil parti terzi — il-Fond Ewropew tal-Investiment(FEI). Il-FEI se jiffirma Ftehimiet ta' Garanzija ma' intermedjarji finanzjarji li lesti jimpenjaw ruħhom mas-CCS, li min-naħa tiegħu se jagħti self lill-kumpaniji tas-CCS. Dawn il-portafolli ta' self se jkunu parzjalment koperti mill-Faċilità ta' Garanzija. Fl-aħħar tal-perjodu, ir-rikavati li jibqgħu fil-fond se jiġu rritornati fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-faċilità ta' Garanzija CCS se tkun disponibbli għal ftehimiet ġodda mal-banek sal-31 ta' Diċembru 2020.

Il-perjodu kollu tal-Faċilità jirreferi għall-31 ta' Diċembru 2030 bil-preżunzjoni li l-għeluq tal-Faċilità u li jiġi moqdi l-aħħar self, jista' jirrikjedi xi żmien operattiv addizzjonali.

*(iv)* ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-Iskema tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet se tiġi varata fl-2015, filwaqt li l-Faċilità ta; Garanziji CCS se tkun operazzjonali fl-2016. L-effett ta' ingranaġġ proġettat tal-faċilità tal-garanzija hu stmat li hu 5,7.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità ta' Garanzija ta' Self għall-Istudenti ("Programm Erasmus għal kulħadd") — 2014 sa 2020

*(i)* ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50)

*(ii)* ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 15 02 01 — Il-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, ir-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika Ewropea (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014)).

*(iii)* ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan tal-faċilità ta' garanzija ta' self għall-istudenti "Erasmus Master" huwa li jrawwem u jsostni l-mobbiltà sħiħa tal-programm f'livell ta' Master (it-tieni ċiklu tal-edukazzjoni superjuri). Sabiex isir dan, il-faċilità se tipprovdi garanziji parzjali għall-intermedjarji finanzjarji li joħorġu self b'kundizzjonijiet favorevoli lill-istudenti mill-pajjiżi parteċipanti fil-programm Erasmus+ li jkunu qed isegwu programm sħiħ (ta' sena jew sentejn) fil-livell ta' Masters lil hinn mill-pajjiż ta' residenza tagħhom, u lil hinn mill-pajjiż minn fejn ikunu kisbu l-kwalifika tagħhom fil-livell ta' Bachelor.

Il-garanziji maħruġa permezz tal-faċilità għandhom ikopru self eliġibbli ġdid għall-istudenti sa massimu ta' EUR 12 000 għal programm ta' sena fil-livell ta' Masters u sa massimu ta' EUR 18 000 għal programm ta' sentejn fil-livell ta' Masters.

Il-Faċilità għaldaqstant tirrappreżenta kontribuzzjoni diretta għall-mira tal-UE u l-Proċess Ministerjali ta' Bolonja li jirduppjaw il-proporzjon ta' studenti li jtemmu perjodu ta' studju jew taħriġ barra minn pajjiżhom għal 20 % sal-2020.

L-immaniġġjar tal-Faċilità fil-livell tal-Unjoni se jkun fdat lill-Fond Ewropew tal-Investiment, li se jikkonkludi ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji bħal banek u istituzzjonijiet nazzjonali/reġjonali li jagħtu self lill-istudenti. Dawn l-intermedjarji finanzjarji parteċipanti min-naħa tagħhom jgħaddu l-benefiċċju tal-investiment tal-UE billi jagħmlu s-self għall-istudenti disponibbli mingħajr ebda rekwiżit ta' kollateral mill-istudent jew mill-familja u b'kundizzjonijiet favorevoli pereżempju rata ta' interessi iktar baxxa mir-rata tas-suq u salvagwardji biex l-istudenti ma jbatux li jinkludu "perjodu ta' grazzja". Il-perjodu ta' grazzja jippermetti lill-gradwati jsibu impjieg qabel jibdew iħallsu lura s-self u "vaganza ta' pagamenti" li permezz tagħha, il-pagamenti lura jistgħu jiġu ffriżati jekk ikun meħtieġ waqt perjodu ta' qgħad jew maternità.

Il-kapital għas-self huwa ingranat mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti, bl-UE tkun garanti parzjali konta inadempjenzi fuq self possibbli mill-istudenti. Il-ħlas lura tas-self isir permezz ta' mekkaniżmi ta' self bankarji "normali", bl-informazzjoni operattiva u l-ipproċessar isir f'livell lokali.

Il-Programm Erasmus+ 2014-2020 jipprevedi kontribuzzjoni totali tal-UE ta' madwar 520 miljun (3,5 % tal-programm totali), li jippermetti lil madwar 200,000 student biex jibbenefikaw minn self sostnut mill-Faċilità.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument se jestendi sal-2037 (jiġifieri il-programm se jdum fis-seħħ sal-2020+ sentejn(2) skadenza tal-impenn + sa 15-il sena maturità fuq is-self tal-istudenti).

Il-faċilità se tipprovdi garanziji parzjali sa 90 % tal-ewwel telfiet li jirriżultaw mill-inadempjenzi tal-istudenti b'limitu tal-garanziji ta' 18 % tal-portafoll tas-self. L-ingranaġġ stmat huwa 6,17 (jiġifieri, 3,2 biljuni li għandhom jiġu pprovduti bħala capital għas-self tal-istudenti mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti).

*(iv)* ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenji baġitarji previsti għall-2014 jammontaw għal 30,5 miljun. Abbażi ta' dan, il-volum immirat huwa stmat li jkun ta' 188 miljun ta' self garantit.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

## Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji taħt l-FP7 (RSFF) — Qabel l-2014

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: Kapaċitajiet li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Artikolu 08 09 0 — Kooperazzjoni — Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013); krediti primarji ta' 800 miljun,

Artikolu 08 18 01 — Kooperazzjoni — Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013); krediti primarji ta' 200 miljun,

Artikolu 08 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm qafas preċedenti għar-riċerka — Is-Seba' Programm Qafas — KE azzjoni indiretta (2007 sal-2013) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-objettiv ewlieni tal-RSFF huwa li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament bid-dejn għal investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-UE speċjalment minn promoturi privati. Hija tikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji ta' proġetti u kumpaniji ta' innovazzjoni ta' kull daqs u sjieda, inklużi kumpaniji żgħar b'kapital medju u SMEs.

L-RSFF isostni l-aċċess għall-finanzi fil-firxa kollha tar-Riċerka, Żvilupp, Dimostrazzjoni u Innovazzjoni (RŻI), minn riċerka fundamentali għal żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni. L-RSFF tindirizza objettivi ta' politiki transsettorjali u bżonnijiet ta' investiment relatati b'mod li hu xprunat mid-domanda abbażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel".

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-UE u l-BEI huma msieħba fil-kondiviżjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tal-FP7 u l-BEI, allokaw ammont totali sa massimu ta' 2 biljuni (sa massimu ta' 1 biljun kull wieħed) għall-perjodu 2007-2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondiviżjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' 10 biljuni lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.

Il-benefiċjarji tal-RSFF jistgħu jkunu entitajiet Ewropej ta' riċerka intensiva (kumpaniji, proġetti singoli) kif ukoll infrastrutturi ta' riċerka. Is-self RSFF isostni investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u l-Innovazzjoni li jkun sar minn promoturi/benefiċjarji li jinsabu fit-28 Stat Membru tal-UE u l-Pajjiżi Assoċjati.

Il-kondiviżjoni tar-riskji bejn l-UE u l-BEI inizjalment kienet saret abbażi ta' self b'self (sal-2010). Mill-2011, wara rakkomandazzjoni minn grupp indipendenti ta' esperti, il-kondiviżjoni tar-riskji isir abbażi ta' portafolji, bl-ewwel telf tieħdu l-UE. Il-BEI qed jassumi telf ulterjuri ogħla minn ċertu limitu fil-każ li l-assorbiment tar-riskju tal-UE jkun ġie eżawrit.

Fil-perjodu 2007-2013, ġie impenjat ammont totali ta' 960,73 miljuni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (baġit inizjali FP7 flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għall-FP7) u dan tħallas lill-BEI biex isostni finanzjament ta' self RSFF. Id-"data ta' skadenza" (perjodu ta' żmien) tal-programm hija mistennija li tkun fl-2020-2022.

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, RSI (Strument għall-Kondiviżjoni għall-SMEs u kumpaniji żgħar b'kapital medju, b'massimu ta' 499 impjegat) biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-faċilità ta' garanzija RSI hija parti mill-implimentazzjoni RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investiment(FEI).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Għas-sena baġitarja 2013, qed tiġi prevista kontribuzzjoni totali mill-FP7 ta' 207,66 miljun (krediti primarji / approprjazzjoni minn pajjiżi terzi / EFTA) ġew allokati għall-RSFF u RSI.

L-arranġament ta' kondiviżjoni tar-riskji mal-BEI u l-FEI (għall-garanziji RSI) jingrana l-kontribuzzjoni tal-UE mill-FP7 b'fattur ta' 5 (self RSFF) u 8 (garanziji RSI), u għaldaqstant jiġġenera impatt għoli fuq il-finanzjament disponibbli għall-investimenti fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.

F'dan il-kuntest, għas-sena baġitarja 2013, qed jiġu previsti mill-BEI operazzjonijiet ġodda ta' self RSFF (firem) ta' 2 biljuni, għal madwar 30 operazzjoni ġdida.

B'kollox, għall-perjodu 2007-2013, diversi self RSFF ta' 10,5 biljuni huma mistennija li jiġu awtorizzati mill-BEI u l-benefiċjarji għal madwar 120 operazzjoni. Rigward il-garanziji RSI għal intermedjaarji finanzjarji għal self lil SMEs u kumpaniji żgħar b'kapital medju, huwa previst volum ta' garanzija totali ta' 1,125 biljun li jippermetti l-estensjoni ta' self li jammonta għal 2,25 biljuni għal madwar 4 500 benefiċjarju.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Strument ta' Garanzija ta' Self (LGTT) — Qabel l-2014

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1°).

Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-LGTT huwa strument ta' dejn għall-finanzjament ta' proġetti fl-infrastruttura tat-trasport stabbilit b'mod konġunt bejn l-Unjoni u l-BEI permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-11 ta' Jannar 2008, kif emendat bħalissa. Il-kondiviżjoni tar-riskji f'dan il-kuntest tfisser li ż-żewġ imsieħba jikkondividu r-riskju finanzjarju, biex iħaffu u jimplimentaw il-proġetti ta' infrastruttura TEN-T.

Il-"faċilitajiet LGTT" huma faċilitajiet ta' garanzija pprovduti mill-BEI skont l-LGTT lis-settur privat (sponsors ta' proġetti / promoturi), li jsaħħu l-klassifikazzjoni tal-kreditu tad-dejn superjuri billi jnaqqsu r-riskju tat-traffiku. Il-BEI jipprovdi garanzija fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' kontinġenza, li l-promotur ta' proġett jista' jirrikorri għaliha matul l-ewwel 5 sa 7 snin tal-operazzjoni, jekk id-dħul iġġenerat minn proġett mhux suffiċjenti biex jiżgura r-rimborż tad-dejn superjuri, fil-każ li d-dħul reali minn proġett jaqa' taħt il-livell previst;

Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament permezz tal-faċilitajiet LGTT, il-proġetti għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

— il-proġetti għandhom ikunu proġetti TEN-T u jikkonformaw mal-Linjigwida TEN-T u d-dritt tal-UE; il-konformità mal-Linji gwida TEN-T tiġi vvalutata minn DG MOVE,

— huma għandhom, kollha jew parti minnhom, ikunu bbażati fuq dħul li jirriżulta mit-traffiku. Is-settur privat, (il-promotur tal-proġett) jieħu r-riskji relatati mad-dħul jew mat-telf iġġenerat minn dak il-proġett ta' infrastruttura,

— iridu jkunu finanzjarjament vijabbli; il-vijabbiltà finanzjarja hija vvalutata mill-BEI li, fost l-oħrajn, jivvaluta, il-previżjonijiet tat-traffiku u d-dħul relatat miksub abbażi tax-xenarju tat-traffiku.

L-istrument LGTT ġie iddisinjat fl-2008, qabel il-kriżi finanzjarja globali. Minn dakinhar, proġetti bbażati fuq id-dħul saru inqas komuni għal diversi raġunijiet: ir-riluttanza tas-settur privat li jieħu riskju fuq id-domanda tat-traffiku: u r-riluttanza tas-settur pubbliku li jinvolvi ruħu fi proġetti bbażati fuq id-domanda tat-traffiku.

Il-bażi legali oriġinali tistabbilixxi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istrument LGTT bħala 500 million, fejn il-BEI huwa mitlub jipprovdi ammont ekwivalenti. Meta jidħlu fis-seħħ ir-Regolament ta' Emenda u l-finalizzazzjoni tal-emenda Nru 1 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni, 200 miljun mill-fondi allokati ġew riallokati għall-fażi pilota tal-Istrument għall-Bonds li jiffinanzjaw Proġett. Wara ftehim mal-BEI, EUR 50 miljun ġew riallokati fil-programm TEN-T għall-finanzjament tal-għotja. Għaldaqstant, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-UE disponibbli bħalissa għals-sostenn ta' proġetti LGTT huwa ta' EUR 250 miljun, li minnhom EUR 205 miljuni ġew impenjati sal-2012 u EUR 45 miljun ġew impenjati fl-2013.

Il-possibbiltà ta' modifika tal-mudell ta' kondiviżjoni tar-riskji minn pari passu għal kondiviżjoni tar-riskji bbażata fuq portafoll bejn il-Kummissjoni u l-BEI ġiet deċiża mill-koleġiżlaturi fir-Regolament ta' Emenda u kienet iggwidata mir-raġunanar li ġej:

— Skont l-"approċċ ta' portafoll", ir-riskju huwa maqsum f'żewġ segmenti. Il-Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (Portfolio First Loss Piece (PFLP)), li għaliha l-UE tikkontribwixxi 95 % u l-BEI 5 % u s-segment tar-riskju residwu li huwa kopert kollu mill-BEI. Dan jippermetti li l-biċċa l-kbira mill-kontribuzzjoni tal-BEI għal-LGTT tgħaddi għas-settur tal-Attivitajiet Speċjali, li għall-2012 kien limitat għal 8,3 % tas-self tal-Bank,

— F'perspettiva għal tul ta' żmien twil, jista' jinkiseb ingranaġġ ogħla tal-kontribuzzjoni tal-UE permezz tal-effett ta' portafoll, skont in-numru ta' tranżazzjonijiet u l-granularità tal-portafoll,

— l-iskopertura massima tal-UE għar-riskju ma tistax taqbeż il-kontribuzzjoni baġitarja għal-LGTT indipendentement mill-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji magħżul.

Qed jiġi rivedut il-ftehim ta' delegazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea sabiex tkun akkomodata din il-bidla.

L-approvazzjoni reali tal-garanziji mill-bord tal-BEI għandha tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2014. Il-garanziji jistgħu jirrikorru għalihom matul l-ewwel 5 sa 7 snin tal-operazzjoni; fil-portafoll kurrenti, l-aħħar data li fiha jistgħu jinġibdu flus għal proġett hija l-aħħar tal-2021. Għal-daqstant, l-istralċ tal-istrument se jsir mhux iktar tard mill-aħħar tal-2028.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenji baġitarji previsti għall-2013 jammontaw għal EUR 51,8 miljun. Bil-fattur ta' ingranaġġ previst ta' 15-20, il-volumi mmirati huma stmati li jkunu bejn EUR 777 miljun u EUR 1 036 miljun.

Sal-lum, kienu ffirmati 7 operazzjonijiet LGTT, li minnhom, operazzjoni waħda għaddejja minn ristrutturar mingħajr ma rrikorriet għall-garanzija. Ġew skrinjati madwar 50 proġett ieħor mill-BEI. L-LGTT hija disponibbli għal tranżazzjonijiet approvati mid-Diretturi tal-BEI sal-aħħar tal-2014. Il-BEI ippreżenta lista ta' tranżazzjonijiet potenzjali li twassal għall-preżunzjoni realistika li l-ammont sħiħ impenjat għall-istrumenti LGTT, se jintuża għal operazzjonijiet.

Sa issa, ġew assorbiti minn operazzjonijiet EUR 16,9 miljun mill-pagamenti tal-Kummissjoni għall-istrument LGTT. Dan irriżulta f'ammont totali ta' garanziji LGTT ta' EUR 476,9 miljuni li jsostnu investimenti fi proġetti TEN-T ta' EUR 11 835 miljuni. Minħabba l-għadd limitat ta' proġetti b'firxa ta' fatturi ta' ingranaġġ, għadu mhux possibbli wieħed jitkellem dwar fattur speċifiku ta' ingranaġġ ta' portafoll. Ir-Regolament ta' Emenda jawtorizza bidla fil-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji minn pari passu għal Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (PFLP). Din il-bidla għall-kondiviżjoni tar-riksji, minħabba n-numru limitat ta' operazzjonijiet, inizjalment se żżid is-sehem tal-Kontribuzzjoni tal-UE, u żżid l-assorbiment 'il fuq minn EUR 161,9 miljun, u se taffettwa wkoll il-fattur tal-ingranaġġ, li fl-aħħar mill-aħħar huwa mistenni li jkun madwar 15-20 meta l-portafoll ikun inbena kollu. L-approċċ ta' portafoll se jidħol fis-seħħ ladarba l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-BEI jkun ġie emendat.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti (IBP) — Qabel l-2014

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 32 03 02 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew (fin-nomenklatura baġitarja tal-2013),

Artikolu 09 03 01 — Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni –Programm ta' Sostenn għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-fażi pilota tal-Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti tal-UE-BEI ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 670/2012 bil-għan li tirrivitalizza u tespandi s-swieq kapitali biex jiffinanzjaw proġetti ta' infrastruttura kbar Ewropej fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-teknoloġija tal-informazzjoni.

L-għan ta' din il-fażi pilota huwa li jittestja l-kunċett ta' bonds matul il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013. Il-fażi pilota tal-Inzijattiva bdiet l-operazzjonijiet tagħha tard fl-2012 u se tiġi implimentata mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (ftehim ta' kooperazzjoni KE-BEI iffirmat fis-7 ta' Novembru 2012). L-objettivi tal-fażi pilota tal-Inizjattiva huma tnejn:

— li jiġi stimulat l-investiment f'infrastruttura strateġika ewlenija fit-trasport-TEN-transport, enerġija-TEN u broadband.

— li jiġu stabbiliti swieq kapitali ta' dejn bħala sors addizzjonali ta' finanzjament għall-proġetti ta' infrastruttura.

B'mod simili għall-Faċilità tal-Kondiviżjoni tar-Riskji u l-istrument ta' Garanzija ta' Self għal proġetti Trasport-TEN, il-baġit tal-UE huwa użat biex jipprovdi kontribuzzjonijiet kapitali għall-BEI sabiex ikopri porzjon mir-riskju li l-BEI qed jieħu meta jiffinanzja l-proġetti eliġibbli. Filwaqt li l-baġit ġenerali tal-Unjoni se jipprovdi xi riżerva għar-riskju għall-BEI sabiex jiffinanzja l-proġetti sottostanti, il-BEI għandu jkopri l-bqija tar-riskju.

Il-fażi pilota hija bbażata fuq emenda tar-Regolament 680/2007 dwar in-Netwerks Trans-Ewropej u d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE dwar il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u tiddependi mil-linji baħitarji ta' dawn il-programmi sa total ta' EUR 230 miljun EUR 230 miljun. EUR 200 miljun ġew riallokati mil-linja baġitarja TEN-T, EUR 10 miljuni mil-linja baġitarja TEN-E u EUR 20 miljun mil-linja CIP ICT.

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien ta' din l-inizjattiva, il-proġetti għandhom jiġu ffirmati qabel l-aħħar tal-2016, b'perjodu massimu ta' 30 sena (sal-2046).

Kumplessivament, l-objettiv tal-fażi pilota 2012-2013 huwa li jgħin lill-partijiet interessati jiffamiljarizzaw ruħhom mal-istrutturi ġodda tal-finanzjament ippreżentati fl-istrument. Ir-rispons li jasal matul il-fażi pilota se jintuża biex jiġu rfinuti l-parametri tal-Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti, li qed tiġi żviluppata għall-perjodu 2014-2020.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenn baġitarju ta' EUR 130 miljun previst għall-2013 jista' potenzjalment, jekk jiġi applikat ingranaġġ ta' 17,4, jattira EUR 2 262 miljun ta' investimenti.

Il-EUR 230 miljun ta' fondi tal-UE, li jservu bħala l-ewwel biċċa telf, jistgħu jippermettu lill-BEI biex jipprovdi madwar EUR 750 miljun ta' Tisħiħ ta' Kreditu għall-Bonds tal-Proġetti. Dan jista' jingrana l-iffinanzjar ta' dejn għall-proġetti infrastrutturali, fuq portafoll ta' tranżazzjonijiet PBCE, ta' iktar minn EUR 4 biljuni għat-tliet setturi mmirati u jirriżulta f'fattur ta' ingranaġġ stmat ta' 17,4. Madankollu, jista' jvarja bħala funzjoni tad-daqs tal-faċilità PBCE pprovduta lil proġett, iżda huwa medja approssimattiva.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Is-servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020-2014-2020

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE(ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-għan huwa li jitjieb l-aċċess għal finanzjament ta' dejn — self, garanziji, kontragaranziji u forom oħra ta' dejn u finanzjament ta' riskji — għal entitajiet pubbliċi u private u sħubijiet pubbliċi-privati involuti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jirrikjedu investimenti riskjużi sabiex ikollhom riżultati. Il-fokus se jkun is-sostenn għal riċerka u innovazzjoni li għandhom potenzjal għoli għal eċċellenza.

Il-benefiċjarji aħħarija finali potenzjalment se jkunu entitajiet legali ta' kull daqs li jistgħu jisselfu u jħallsu lura flus u b'mod partikolari SMEs li għandhom il-potenzjal li jwettqu innovazzjoni u tkabbir malajr; kumpaniji żgħar b'kapital medju u ditti kbar; universitajiet u istituti ta' riċerka; infrastrutturi ta' riċerka u infrastrutturi ta' innovazzjoni; sħubijiet pubbliċi-privati; u veikoli u proġetti li għandhom għanijiet speċjali.

Is-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se jiġi implimentat lejn approċċ ta' pjattaforma li joffri diversi prodotti ddisinjati speċifikament biex jindirizzaw bżonnijiet partikolari.

Il-finanzjament tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu jkollu żewġ komponenti ewlenin:

— **Komponent xprunat mid-Domanda**, li jipprovdi self u garanziji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, b'sostenn speċifiku għal benefiċjarji bħal SMEs u kumpaniji meżżana. Dan il-komponent għandu jirrispondi għal tkabbir regolari u kontinwu li jidher mill-volum ta' self RSFF li huwa mmexxi mid-domanda. Għall-SMEs, se jkunu appoġġjati attivitajiet li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u kumpanija żgħar b'kapital medju li huma xprunati mir-riċerka u l-iżvilupp u/jew l-innovazzjoni b'ammonti ta' self ta' EUR 150 000 sa EUR 7,5 miljuni. SMEs u kumpanji żgħar b'kapital medju xprunati mir-Riċerka u l-Innovazzjoni b'self li jammonta sa massimu ta' EUR 150 000 se jkunu sostnuti mill-Faċilità ta' Garanzija ta' Self tal-COSME.

  Dan il-komponent xprunat mid-domanda se jkun sostnut mill-baġit tal-programm għall-Aċċess għall-Finanzjament tar-Riskji tal-Orizzont 2020.

— **Mira**, Iffukar fuq politiki u setturi ewlenin li huma kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġi appoġġjat tkabbir sostenibbli, li jagħmel użu baxx mill-karbonju, u inklussiv u li jiġu pprovduti oġġetti ambjentali u pubbliċi oħrajn. Dan il-komponent għandu jgħin lill-Unjoni biex tindirizza aspetti tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' objettivi ta' politiki settorjali u se jkun sostnut minn partijiet oħra ta' Orizzont 2020, oqfsa, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni, reġjuni u Stati Membri partikolari li jixtiequ jikkontribwixxu bir-riżorsi proprji tagħhom (inkluż permezz tal-Fondi Strutturali) u/jew entitajiet speċifiċi (bħall-Inizjattivi Konġunti għat-Teknoloġija) jew inizjattivi.

Id-data tal-iskadenza tal-istrument hija mistennija li tkun bejn l-2027 u l-2030.

### *(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.*

Il-baġit previst għall-2014 hu ta; EUR 107,80 miljun.

Abbażi tal-esperjenza tal-RSFF, jista' jiġi previst effett ta' ingranaġġ ta' 5-6 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni minn self dirett u indirett lill-benefiċjarji mill-parti xprunata mid-domanda tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Speċifikament għall-SMEs (Garanziji ta' self għal SMEs innovattivi u kumpaniji żgħar b'kapital medju), l-effett ta' ingranaġġ mistenni tal-baġit tal-UE huwa madwar 8-10.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Strument għall-Kondiviżjoni tar-riskji tas-CEF (Kondiviżjoni tar-riskji tas-self u Bonds tal-Proġetti) — 2014 sal-2020

## *(i) Referenza għall-att bażiku*

Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

## *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014),

Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni(fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014),

Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

## *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

*L-Istrumenti Finanzjarji tas-CEF:*

L-għan tal-istrumenti finanzjarji fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa li jħaffu l-aċċess tal-proġetti tal-infrastruttura għall-finanzjament tal-proġetti u għall-finanzjament korporattiv billi jużaw il-finanzjament mill-Unjoni bħala ingranaġġ. Għandhom jgħinu fil-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar, u fit-tħaffif ta' involviment ikbar mis-settur privat fil-finanzjament fit-tul tat-tali proġetti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

Għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perjodu medju sa twil u għandhom joħolqu benefiċċji ikbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Barra minn hekk, dawn l-istrumenti għandhom jipprovdu lill-partijiet interessati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, maniġers tal-infrastrutturi, kumpaniji tal-kostruzzjoni u operaturi b'għażla ta' għodod tas-sostenn finanzjarju tal-UE orjentati lejn suq koerenti.

*Strument ta' Dejn tas-CEF:*

L-għan tal-Istrument ta' Dejn għandu jkun li jikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-swieq kapitali Ewropej tad-dejn billi joffri kondiviżjoni tar-riskji għall-finanzjament tad-dejn. Il-finanzjament tad-djun għandu jkun ipprovdut minn entitajiet inkarigati jew minn veikoli ta' investiment iddedikati fil-forma ta' dejn superjuri u subordinarju jew garanziji.

L-Istrument ta' Dejn għandu jikkonsisti fi strument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji u tal-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti. Barra minn hekk, ir-riċeventi finali — dawk li jippromwovu l-proġett — jistgħu jfittxu li jiksbu finanzjament mill-bejgħ ta' ishma skont l-Istrument ta' Ekwità.

— *Strument għall-kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji*

L-istrument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji għandu jitfassal sabiex joħloq kapaċità addizzjonali tar-riskji fl-entitajiet inkarigati. Dan għandu jippermetti lill-entitajiet inkarigati sabiex jipprovdu dejn subordinarju u superjuri ffinanzjat u mhux iffinanzjat lil proġetti u korporattivi sabiex iħaffu l-aċċess tal promoturi għall-finanzjament mill-banek. Jekk il-finanzjament tad-dejn ikun subordinarju, dan għandu jikklassifika wara d-dejn superjuri iżda qabel l-ekwità u l-finanzjament relatat marbut mal-ekwità.

Id-dejn subordinarju mhux iffinanzjat ma għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ.

Barra minn hekk, il-finanzjament tad-dejn superjuri pprovdut skont l-Istrument ta' Dejn ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ammont totali tal-finanzjament ġenerali tad-dejn superjuri pprovdut mill-entità inkarigata jew il-veikolu ta' investiment iddedikat.

— *Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti*

L-istrument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal bonds tal-proġetti għandu jitfassal bħala finanzjament tad-dejn subordinarju sabiex jitħaffef il-finanzjament għal kumpaniji tal-proġetti li jiġbru dejn superjuri fil-forma ta' bonds. Dan l-istrument ta' tisħiħ tal-kreditu għandu jkollu l-għan li jgħin sabiex id-dejn superjuri jikseb klassifikazzjoni tal-kreditu tal-grad ta' investiment.

Għandu jikklassifika wara d-dejn superjuri iżda qabel l-ekwità u l-finanzjament relatat mal-ekwità.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

Il-finanzjament tad-dejn subordinarju ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ.

Għaż-żewġ strumenti, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tintuża:

— għall-proviżjonament tar-riskji,

— biex jiġu koperti tariffi u spejjeż li jkun sar qbil fuqhom bit-twaqqif u l-ġestjoni tal-Istrument ta' Dejn, inkluża l-evalwazzjoni tiegħu, li ġew iddeterminati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prattika tas-suq,

— għal azzjonijiet ta' sostenn relatati b'mod dirett.

Huwa previst li l-implimentazzjoni ssir permezz ta' Entitajiet Inkarigati magħżulin skont ir-Regolament Finanzjarju.

Durata tal-Istrument ta' Dejn tal-FNE: L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Istrument ta' Dejn tal-FNE għandu jkun impenjat mill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni proprja tal-finanzjament tad-dejn mill-entitajiet inkarigati jew il-veikoli ta' investiment iddedikati għandha tkun iffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022. L-istralċ propju tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2032.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-istrumenti tal-FNE ser ikollhom fil-mira proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud tal-UE ċar fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet, inklużi netwerks tal-broadband.

Il-kontribuzzjoni ġenerali mill-baġit tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż l-10 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FNE (Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316(2013). Fir-rigward tal-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti, din għandha titla gradwalment sa mhux iktar minn EUR 230 miljun matul is-snin 2014 u 2015.

L-ingranaġġ mistenni tal-Istrument ta' Dejn — definit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet minn sorsi finanzjarji oħrajn) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni — għandu jkun mistenni li jvarja bejn 6 u 15, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (il-livell ta' riskju, il-benefiċjarji fil-mira, u l-finanzjament tad-dejn ikkonċernat).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Veikoli ta' investiment iddedikati

## FCP-FIS tal-Mikrofinanzjament Ewropew Progress (EPMF FCP-FIS) — Qabel l-2014

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 04 04 15 — Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Ikkompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjieg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilħqu gruppi li normalment ma setgħux jinqdew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-Faċilità tipprovdi riżorsi tal-Unjoni sabiex iżżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament u d-disponibilità tiegħu għal:

(a) persuni li tilfu jew li qegħdin f'riskju li jitilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriża tagħhom stess, inkluż l-impjieg indipendenti,

(b) mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemmijin fil-punt (a).

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 105 miljun, li EUR 25 miljun minnha għall-Faċilità ta; Garanzija EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-FCP-FIS.

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

— garanziji (EPMF-G),

— strumenti ta' dejn U EKWITÀ (FCP-FIS),

— Miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-objettivi tagħha..

It-tieqa tal-garanzija tal-mikrokreditu għandha tibqa' b'saħħitha u effettiva sal-31 ta' Diċembru 2020, l-FCP-FIS huwa mistenni jintemm fit-30 ta' April 2020.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenni baġitarji għall-EPMF li saru fl-2013 jammontaw għal EUR 22 miljun.

Il-volumi fil-mira huma stmati għal EUR 81 400 000 għall-FCP-FIS tal-EPMF (impenni baġitarji tal-2013 ta' EUR 22 000 000 x effett ta' ingranaġġ ta' 3,7).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Il-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite) — Qabel l-2014

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill C(2010) 941 tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (il-Fond Marguerite)

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Fond Marguerite huwa fond tal-ekwità Pan-Ewropew żviluppat fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u fir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal investiment fit-tul b'suċċess fl-infrastruttura fl-Ewropa. Isostni l-investiment fl-infrastruttura fis-setturi tat-trasport (TEN-T), l-enerġija (TEN-E) u l-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri u ser jinvesti l-iktar fil-Proġetti Greenfield.

L-isponsers ewlenin jinkludu investituri pubbliċi fit-tul minn Franza (CDC), l-Italja (CdP), il-Ġermanja (KfW), Spanja (ICO) u l-Polonja (PKO) kif ukoll il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea. Id-daqs tal-Fond fl-għeluq finali huwa ta' EUR 710 miljun.

Impenni baġitarji aggregati tal-KE: EUR 80 miljun mill-baġit tat-TEN-T

Riżultati mistennija:

— 30 % sa 40 % tal-impenni totali investiti fis-settur tat-Trasport,

— 25 % sa 35 % investiti fis-settur tal-Enerġija,

— 35 % sa 45 % investiti fis-settur tal-Enerġiji Rinnovabbli.

— Tal-inqas 3,5 darbiet l-impenn tal-KE għandu jiġi investit fi proġetti eliġibbli tat-TEN-T.

Il-perjodu ta' investiment jintemm f'Diċembru 2016 (b'estensjoni possibbli ta' sentejn oħra) filwaqt li d-data ta' tmiem/il-maturità tal-fond ġew stabbiliti bit-terminu massimu ta' 20 sena mill-għeluq inizjali (Marzu 2010) iżda tista' tiġi estiża sa żewġ perjodi addizzjonali ta' sena (sas-sena 2032).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

It-total tat-EUR 80 miljun tal-impenni baġitarji għall-Fond tqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-2010. Bil-multiplikatur ta' 29 (kif stmat hawn taħt għall-2013), il-volumi fil-mira aktarx li jaslu sa EUR 2,3 biljun.

Il-kalkoli tal-multiplikatur tal-2013 ta' hawn taħt huma bbażati fuq l-ammont mistenni ta' sejħiet ta' kapital kif stmat fit-30 ta' Novembru 2013 skont l-informazzjoni riċevuta minn Konsulent ta' Marguerite.

Għas-sempliċità, hu stmat li ż-żewġ varjabbli li ġejjin jibqgħu kostanti mal-livelli tal-2012: il-livell tal-kost amministrattiv u l-perċentwal presunt ta' ekwità mill-ispejjeż totali tal-proġetti.

**Tabella 1 — Kalkolu tal-multiplikatur (f'EUR miljuni)**

| | **2012** | **2013*** |
|---|---|---|
| Sejħiet għal kapital | 128,9 | 159,75 |
| nieqes l-ispejjeż ** | (10,3) | (12,7) |
| **Flus kontanti investiti jew fuq B/S (A)** | **118,6** | **147,0** |
| *bħala % tas-sejħa għal kapital* | 92 % | 92 % |
| ekwità bħala % tal-valur totali tal-impriża tal-proġetti | 28 % | 28 % |
| **Valur Totali tal-Impriża tal-Proġetti (B)** | **423,6** | **525,1** |
| Kontribuzzjoni tal-KE (11,268 % tas-sejħiet totali ta' kapital) (C) | 14,5 | 18,0 |
| Multiplikatur tal-kontribuzzjoni tal-KE (B/C) | 29,2x | 29,2x |

* Id-dejta tal-2013 aġġornata abbażi tal-informazzjoni disponibbli. Iċ-ċifri jinkludu xi stimi li jassumu li l-proporzjonijiet tal-2012 huma kostanti

** Kost amministrattiv u operazzjonali

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF) — Qabel l-2014

## *(i) Referenza għall-att bażiku*

Regolament (UE) Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 5).

## *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Partita 32 04 14 04 –Proġett enerġetiku li jgħin l-irkupru ekonomiku — L-effiċjenza enerġetika u l-inizjattivi rinnovabbli (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 32 02 52 (parzjali) — Ikkompletar ta' Proġetti enerġetiċi li jgħinu l-irkupru ekonomiku (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

## *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Fl-1 ta' Lulju 2011, ġew allokati EUR 146,3 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) għal Fond Ewropew ġdid għall-Effiċjenza Enerġetika –EEEF (fil-forma ta' fond ta' investiment speċjalizzat (SICAV)). L-EEEF jinvesti fl-effiċjenza enerġetika, proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari f'żoni urbani, li tal-inqas jiffrankaw 20 % tal-enerġija jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG/$CO_2$.

Il-benefiċjarji jridu jkunu awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati li jaġixxu f'isimhom, inklużi ESCOs ([1]).

Il-Fond, imniedi fl-1 ta' Lulju 2011 b'volum inizjali tal-fond ser ikun ta' EUR 265 miljun: minbarra l-kontribuzzjoni tal-UE (EUR 125 miljun f'"ishma Ċ" subordinarji), il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) investa EUR 75 miljun (l-iktar "ishma A" superjuri), Cassa Depositi e Prestiti SpA (CDP) EUR 60 miljun (l-iktar "ishma A" superjuri); u l-maniġer tal-investiment magħżul (Deutsche Bank) EUR 5 miljun ("ishma B" intermedji).

Il-fond joffri firxa ta' prodotti finanzjarji mhux standard bħal self superjuri u subordinarju, garanziji, parteċipazzjoni ekwitarja jew skemi ta' rtirar li jistgħu jitħalltu b'mod flessibbli ma' finanzjament standard.

Barra minn hekk, madwar EUR 20 miljun tal-finanzjament tal-UE huwa disponibbli għal assistenza teknika (fil-forma ta' għotjiet) biex l-isponsers ikunu megħjunin jagħmlu l-proġetti bankabbli għall-Fond.

Finalment, twaqqaf programm ta' EUR 1,3 miljun biex jiżdied l-għarfien dwar il-metodi ta' finanzjament u l-alternattivi għall-EE u l-RE fost l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jimmaniġġjaw il-fondi ta' Koeżjoni/Strutturali. L-EPEC ([2]) imexxi dan il-programm.

B'konformità mar-Regolament emendatorju, il-fondi tal-UE ser ikollhom jiġu allokati għal proġetti ta' investiment u Assistenza teknika (AT) sal-31 ta' Marzu 2014. Barra din, m'hemmx data ta' skadenza fissa għall-proposti. L-istralċ tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2024

*Maniġer tal-Fond/Investiment*

Deutsche Bank (DB) huwa responsabbli, jiġifieri, għall-għażla tal-proġetti u t-tmexxija ta' proċess ta' diliġenza qabel ma jiġu ppreżentati l-proġetti quddiem il-Kumitat tal-Investiment tal-Fond għall-parir u l-Bord ta' Amministrazzjoni għall-approvazzjoni. DB jamministra wkoll il-komponent tal-AT, għall-preżentazzjoni tal- proposti tat-TA lid-DĠ ENER għal approvazzjoni.

*Kumitat tal-Investiment*

Il-Kumitat tal-Investiment (IC) huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-proġetti pprerżentati lilu mill-maniġer tal-fond u għall-għoti ta' rakkomandazzjonijiet lill-Bord ta' Amministrazzjoni. Żewġ membri tal-BEI u membru tas-CDP inħatru ad interim sakemm jintlaħaq qbil fuq il-kriterji tal-għażla u l-prinċipji li jirregolaw.

*Bord ta' Amministrazzjoni*

Il-Bord ta' Amministrazzjoni (BA) għandu setgħat wisgħin biex jamministra u jmexxi l-Fond; jiddeċiedi fuq l-investimenti wara rakkomandazzjoni mill-KI. Madankollu, ma jistax jiddeċiedi fuq kwistjonijiet kbar (bħal bidla tal-istatuti u dokumentazzjoni) bla approvazzjoni mill-Bord Superviżorju (BS). Jirrapporta b'mod trimestrali lill-BS. Dan huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea (1), il-BEI (1, il-President) u CDP (1).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

*Bord Superviżorju*

Il-kompiti ewlenin tal-bord superviżorju jinkludu superviżjoni permanenti tat-tmexxija tal-Fond, l-għoti ta' pariri strateġiċi lill-BA, il-proposta tal-pjan annwali ta' direzzjoni tan-negozju tal-Fond għall-approvazzjoni tal-Azzjonisti, u l-approvazzjoni ta' bidliet fil-linji gwida dwar l-investimenti, eċċ. Huwa magħmul minn żewġ membri tal-Kummissjoni Ewropea, wieħed tal-BEI u wieħed tas-CDP.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pjan attwali ta' direzzjoni tan-negozju ppreżentat mill-maniġer tal-Fond jipprevedi sensiela ta' proġetti fl-2013 f'impenji ta' madwar EUR 100 miljun tal-allokazzjoni tal-proġett, li jirriżultaw f'kontribuzzjoni ta' madwar EUR 65 miljun li għandhom jinġiebu mill-UE (ingranaġġ ta' 1,5).

(1) Kumpanija ta' servizz ta' enerġija (ESCO), permezz ta' kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC), tista' tippermetti lil awtorità pubblika sabiex timplimenta investimenti bil-quddiem (eż. biex ittejjeb il-livelli ta' rendiment ta' binjiet pubbliċi jew biex tinstalla dwal effiċjenti fit-toroq) bla ma tieħu r-riskju finanzjarju.

(2) Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP (EPEC) huwa inizjattiva konġunta tal-BEI, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati. L-EPEC jgħin sabiex isaħħaħ il-kapaċità tal-membri tas-settur pubbliku tiegħu biex jidħlu fi transazzjonijiet ta' Shubija Pubblika-Privata (PPP).

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilitajiet Esterni (mhux iffinanzajati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)

## Faċilitajiet Reġjonali

## Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

Waħda mill-prijoritajiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) hija l-promozzjoni ta' proġetti ta' investiment f'Pajjiżi Msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF).

L-UE nediet l-NIF fl-2007. It-tmien Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin ġew adottati għal dan l-istrument matul il-perjodu 2007-2012 għal pakkett totali ta' EUR 545 miljun (EUR 324,7 miljun mil-linja baġitarja tan-Nofsinhar tal-ENPI u EUR 220,3 miljun mil-linja baġitarja tal-Lvant tal-ENPI): C(2007)6280, C(2008)2698, C(2009)3951, C(2009)8985, C(2010)4400, C(2010)7989, C(2011)5547 u C(2012)4533. Barra minn hekk, f'Diċembru 2012, mid-Deċiżjoni tal-ENPI (2012)4533 ġie deċiż riforniment li jammonta għal EUR 12,7 miljun għal-linja baġitarja tal-Lvant u EUR 9,2 miljun mil-linja baġitarja tan-Nofsinhar.

Sa mill-bidu tal-2011, l-NIF inkludiet Tieqa dwar it-Tibdil fil-Klima (CCW) skont il-Programm dwar l-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (ENRTP) biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament. Is-CCW tal-NIF hija mmexxija b'mod simplifikat u b'mod ġenerali għandha l-istess regoli u l-istess modalitajiet ta' finanzjament u implimentazzjoni bħall-NIF. Fl-2011 [C(2011)9538] il-Kummissjoni diġà kienet qablet fuq dotazzjoni ta' EUR 17,3 million, li għandha tinqasam mal-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (LAIF).

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 19 08 01 03 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja mal-Ewropa tal-Lvant (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Viċinat jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) jew prijoritajiet politiċi tematiċi relatati tal-UE billi jingranaġġa finanzjament addizzjonali għar-reġjun.

L-objettiv globali tal-NIF huwa li timmobilizza iktar investimenti biex jappoġġjaw it-twaqqif ta' żona ta' prosperità u viċinanza tajba li tinvolvi l-UE u l-pajjiżi ġirien. Flimkien ma' programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE, l-NIF tista' trawwem tkabbir sostenibbli u inkluživ u klima tal-investimenti favorevoli fil-pajjiżi msieħba tagħna.

F'dan il-qafas, l-NIF tfittex li tilħaq tliet Objettivi Strateġiċi, b'mod partikolari:

— It-twaqqif ta' interkonnessjonijiet aħjar tal-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien u fost il-pajjiżi ġirien stess,

— L-indirizzar tal-perikli għall-ambjent komuni tagħna inkluż it-tibdil fil-klima,

— Il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, b'mod partikolari permezz ta' sostenn għal intrapriżi żgħar u medji.

L-operazzjonijiet tal-NIF ser jsostnu l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-ENP u jiffokaw fuq ħames setturi ewlenin: l-Enerġija, l-Ambjent b'enfasi partikolari fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għali, it-Trasport, l-Iżvilupp Soċjali u l-Iżvilupp tal-Intrapriżi Żgħar u Medji.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

*Kopertura ġeografika u riċeventi finali*

Il-Pajjiżi Ġirien tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li huma direttament eliġibbli għall-NIF huma pajjiżi tal-viċinat li ffirmaw Pjan ta' Azzjoni, minbarra dawk li ma jikkwalifikawx minħabba l-livell ta' żvilupp tagħhom. Fuq bażi ta' każ b'każ, pajjiżi oħrajn li mhumiex direttament eliġibbli jistgħu jibbenefikaw minn interventi tal-NIF filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi reġjonali jew speċifiċi. L-eliġibilità tagħhom ser ikollha tiġi deċiża b'mod unanimu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Benefiċjarji finanzjarji oħrajn ser ikunu s-settur privat u, b'mod partikolari l-SMEs. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk multilaterali jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet interessati importanti tal-faċilità.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Skont l-istrument, jistgħu jintużaw il-kapital ta' riskju (investimenti ta' ekwità u kważi ekwità), strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, garanziji, self, finanzjament ieħor bħala għotjiet ta' investiment, sussidju tar-rata tal-imgħax u assistenza teknika.

L-implimentazzjoni tal-NIF hija possibbli permezz tal-modi ta' ġestjoni li ġejjin: Diretta, Indiretta, Konġunta u parzjalment Deċentralizzata.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-Deċiżjonijiet relatati ma' dan l-istrument huma validi għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013 u jistgħu jiġu estiżi iktar skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

Id-data finali għall-kuntrattar (għaż-żewġ reġjuni) hija s-6 ta' Lulju 2015 rigward deċiżjonijiet mill-2012. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-kuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jwaqqfu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u mhijiex limitata.

Id-disaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 766,92 miljun bejn iż-żewġ sottoreġjuni tal-Viċinat hija kif ġej:

| Referenza tas-CRIS | Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007-April 2013) | Linja baġitarja |
|---|---|---|
| | **Viċinat Nofsinhar** | |
| ENPI/2007/019548 | 158 000 000 | 19 08 01 01 |
| ENPI/2011/023086 | 309 220 334 | 19 08 01 01 |
| **Total** | **467 220 334** | |
| | **Viċinat Lvant** | |
| ENPI/2007/019549 | 137 000 000 | 19 08 01 03 |
| ENPI/2011/023087 | 162 700 000 | 19 08 01 03 |
| **Total** | **299 700 000** | |

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Fl-2013, idpDeċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (C(2013)1276) ġiet adottata fil-11 ta' Marzu għal konteribuzzjoni massima ta' EUR 200 miljun inklui fit-tabella ta' hawn fuq.

Biex jiġi stmat l-impatt fuq il-baġit fl-2013, wieħed irid juża suppożizzjonijiet ibbażati fuq il-EUR 200 miljun mistennija għall-2013 (is-sitwazzjoni f'April 2013). L-effett ta' ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2008-2012 għall-NIF huwa stmat għal 31,1 (kwozjent bejn l-ispiża totali tal-proġett u l-kontribuzzjoni tal-UE matul il-perjodu ta' referenza). Skont din l-ipoteżi, il-volum totali fil-mira għall-2013 jirriżulta f'madwar EUR 6 220 miljun tal-finanzjament totali li jistgħu jiġu mobilizzati mill-faċilità. Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)

## *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Fuq il-bażi tal-ewwel riżultati mill-NIF, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' faċilitajiet ta' investiment li jimmiraw pajjiżi li huma fir-Regolament dwar l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), għall-ewwel fl-Asja Ċentrali, l-Asja u l-Amerika Latina. Twaqqfu żewġ faċilitajiet għall-Asja; il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) fl-2010 u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF) fl-2011. Dawn iż-żewġ faċilitajiet issawru fuq il-mudell tal-NIP u għandhom l-istess tipi ta' objettivi u kamp ta' applikazzjoni bħal dawk definiti fil-Qafas Ġenerali tal-NIF li sar qbil dwaru f'Marzu 2008 (tat-taqsima dwar l-NIF).

Minn April 2013, ittieħdu żewġ deċiżjonijiet għall-IFCA ffinanzjata permezz tal-baġits tal-2010, 2011 u 2012 u deċiżjoni waħda għall-AIF iffinanzjata permezz tal-baġits tal-2011 u 2012.

## *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Artikolu 19 10 02 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja Ċentrali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013),

Partita 19 10 01 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

## *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-IFCA huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fl-ewwel perjodu ta' implimentazzjoni fuq l-enerġija u l-ambjent. Fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-Istrateġiji tal-Asja Ċentrali, iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-setturi tat-trasport, l-SMEs u l-infrastruttura soċjali fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

L-iskop ewlieni tal-AIF huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fuq it-tibdil fil-klima u investimenti "ekoloġiċi" fl-oqsma tal-ambjent u l-enerġija kif ukoll fl-SMEs u l-infrastruttura soċjali. Iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-settur tat-trasport.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-benefiċjarji finali ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet huma l-pajjiżi ta' dawn iż-żewġ reġjuni. Benefiċjarji finali oħrajn ser ikunu s-settur privat u, b'mod partikolari, l-SMEs.

L-istituzzjonijiet ta' finanzjament eliġibbli jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet interessati importanti ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

- Kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika,
- Finanzjament tal-kostijiet għall-garanziji fuq is-self,
- Sussidju tar-rata tal-imgħax,
- Assistenza teknika,
- Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju.

Modi possibbli ta' ġestjoni huma ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), konġunta u parzjalment deċentralizzata.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

L-IFCA u l-AIF huma stabiliti għall-perjodu tal-Istrument Finanzjarju, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2013 u jista' jiġi estiż wara li jittieħdu deċiżjonijiet skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

Id-dati finali għall-kuntrattar huma t-2 ta' Awwissu 2015 għall-IFCA u s-7 ta' Diċembru 2014 għall-AIF, it-tnejn li huma relatati ma' deċiżjonijiet mill-2011. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-kuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jwaqqfu l-faċilitajiet. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u MHIJIEX limitata.

Id-disaggregazzjoni baġitarja tal-EUR 95 miljun bejn iż-żewġ reġjuni hija kif ġej:

| Referenza tad-deċiżjoni | Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu) | Linja baġitarja |
|---|---|---|
| | **Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA)** | |
| DCI-ASIE/2010/021-627 | 20 000 000 | 19 10 02 |
| DCI-ASIE/2011/023-117 | 45 000 000 | 19 10 02 |
| | **Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)** | |
| DCI-ASIE/2011/022-036 | 30 000 000 | 19 10 01 01 |

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Għall-IFCA, skont il-Pjan ta' Azzjoni Annwali 2013, hemm il-pjan li jiġi rifornit il-pakkett attwali ta' EUR 28,9 miljun.

Għall-AIF, skont il-Pjan ta' Azzjoni Annwali 2013, hemm il-pjan li ssir emenda mhux sostanzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2011 biex jintlaħaq il-pakkett massimu ta' EUR 15-il miljun.

Il-fattur tal-ingranaġġ stmat bl-użu tad-dejta storika (mill-2010 sal-2012 għall-IFCA u mill-2011 sal-2012 għall-AIF) huwa ta' 11,4 għall-IFCA u 6,5 għall-AIF (kwozjent bejn l-ispiża totali tal-proġett u l-kontribuzzjoni tal-UE matul il-perjodu ta' referenza). Skont dawn is-suppożizzjonijiet, il-volumi fil-mira jkunu stmati għal madwar EUR 329 miljun (28,9 × 11,4) għall-IFCA u EUR 97 miljun (15 × 6,5) għall-AIF. Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (LAIF)

## *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-Faċilità twaqqfet fl-2009 permezz tar-Regolament DCI msemmi hawn fuq għall-perjodu 2009-2013 bil-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni li jridu jiġu deċiżi kull sena.

## *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Artikolu 19 09 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerika Latina (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013),

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

## *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-iskop ewlieni tal-LAIF ser ikun li tippromwovi investimenti addizzjonali u fl-infrastrutturi fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u l-ambjent u li ssostni s-settur soċjali bħas-saħħa u l-edukazzjoni, u l-iżvilupp tas-settur privat fil-pajjiżi tal-Amerika Latina. Il-Faċilità se ssostni t-tkabbir tal-SMEs, billi tqiegħed għad-dispożizzjoni medda ta' strumenti finanzjarji fl-Amerika Latina.

Sa mill-bidu tal-2011, il-LAIF inkludiet ukoll Tieqa dwar it-Tibdil fil-Klima biex tappoġġja l-implimentazzjoni ta' proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011 [C (2011)9538] ġiet approvata dotazzjoni ta' EUR 17,3 miljun skont SKŻ-ENV kondiviża mal-NIF kif intqal iktar 'il fuq.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-benefiċjarji finali ser ikunu l-pajjiżi tal-Amerika Latina previsti fir-Regolament SKŻ (KE) Nru 1905/2006.

Benefiċjarji finali oħrajn ser ikunu s-settur privat u b'mod partikolari l-SMEs għal kategoriji ta' operazzjonijiet iddedikati għall-iżvilupp tas-settur privat. L-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli ser ikunu l-partijiet interessati tal-operazzjonijiet tal-Istrument Finanzjarju.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-LAIF huma dawn li ġejjin:

— Kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika,

— Finanzjament tal-kostijiet għall-garanziji fuq is-self,

— Sussidju tar-rata tal-imgħax,

— Assistenza teknika,

— Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju.

Modi possibbli ta' ġestjoni huma ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), konġunta u parzjalment deċentralizzata.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

LAIF hija stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-pakkett tal-baġit ippjanat jammonta għal EUR 147,150 miljun. Il-Faċilità tista' tiġi estiża iktar wara deċiżjonijiet skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2013 rigward deċiżjonijiet mill-2012. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jistabbilixxu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ u mhijiex limitata.

| | Referenza tad-Deċiżjoni tas-CRIS | Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007-April 2013) | Linja baġitarja |
|---|---|---|---|
| | DCI-ALA/2009/21734 | 129 850 000 | 19 09 01 |
| Kondiviżi mal-NIF | C(2011)9538 | 17 300 000 | 21 04 01 |

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Għal-LAIF, l-impenni baġitarji ppjanati jammontaw għal EUR 45 miljun li għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet tal-2013. Il-fattur stmat tal-ingranaġġ li ġej mid-dejta esperjenzata fl-implimentazzjoni attwali 2010-2012 (bħala kwozjent bejn l-ispiża totali tal-proġett u l-kontribuzzjoni tal-UE) huwa ta' 26,3. Skont dawn is-suppożizzjonijiet, il-volumi indikattivi fil-mira għall-2013 jammonataw għal madwar EUR 1 183 miljun. Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilitajiet Addizzjonali

## Sostenn għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija (FEMIP)

***(i) Referenza għall-att bażiku***

L-atti preċedenti kienu l-*Mesures d'accompagnement financières et techniques* (MEDA I u MEDAII għall-1996-2006).

L-att attwali għall-FEMIP huwa l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI għall-2007-2013) li l-bażi legali għalih huwa r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

L-għan tas-Sostenn għall-FEMIP huwa li jipprovdi kapital lis-settur privat tal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran b'termini li mhumiex lokalment disponibbli.

Il-kapital ta' riskju huwa investit direttament jew indirettament sabiex (i) jagħti sostenn li s-settur privat, jiġifieri jippermetti l-ħolqien, ir-ristrutturar jew it-tkabbir tal-intrapriżi (ii) isaħħaħ ir-rwol tas-settur finanzjarju lokali billi jappoġġja l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda jew it-twaqqif ta' attivitajiet ġodda għall-benefiċċju tas-settur privat.

L-assistenza teknika hija mobilizzata sabiex issaħħaħ l-operazzjonijiet tal-FEMIP fir-reġjun tal-Mediterran, b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tas-settur privat.

*Kopertura ġeografika u riċeventi finali*

Il-FEMIP ikopri l-10 Stati fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-benefiċjarji tal-Faċilità tal-Kapital ta' Riskju huma s-settur privat b'mod ġenerali u l-SMEs kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji. Il-benefiċjarji tal-assistenza teknika huma l-intrapriżi privati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-intermedjarji finanzjarji.

*Karatteristiċi tekniċi ewlenin*

Din l-azzjoni bil-għan ta' finanzjament tal-Operazzjonijiet tal-Kapital ta' Riskju u Assistenza Teknika ser tiġi implimentata f'ġestjoni ċentralizzata indiretta mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa inkarigat mit-twettiq tal-operazzjonijiet li ġejjin:

- Operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,
- Operazzjonijiet tal-assistenza teknika,
- Self b'kundizzjonijiet speċjali,
- Sussidji tar-rati tal-imgħax.

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Il-FEMIP ġiet stabbilita għad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013. Kien hemm impenn baġitarju annwali ta' EUR 32 miljun kontra l-linja baġitarja 19 08 01 01. Għaldaqstant, il-pakkett finanzjarju totali għall-2007-2013 huwa ta' EUR 224 miljun.

Id-data finali ta' implimentazzjoni għall-impenni tal-2012 hija l-11 ta' Novembru 2028.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Kien mistenni li l-iskema tal-FEMIP tkun irċeviet EUR 32 miljun iffinanzjati bl-approprjazzjonijiet baġitarji tal-2013.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

### *(i)* ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-GEEREF ġie approvat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali (AAPs) tal-Programm Tematiku ta' erba' snin għall-Ambjent u l-Immniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija [ENRTP2007-2010].

Il-bażi legali għall-Faċilità ta' Sostenn tal-Fond Reġjonali (RFSF): Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Finanzjarju.

### *(ii)* ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

### *(iii)* ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

*Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika*

Il-GEEREF huwa veikolu ta' finanzjament innovattiv li għandu l-għan li jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-ekonomiji fi transizzjoni. Filwaqt li huwa strutturat bħala Fond ta' Fondi, l-istrateġija tal-GEEREF hija li jinvesti f'fondi tal-ekwità privata reġjonali li l-investimenti tagħhom ser ikollhom fil-mira proġetti żgħar u medji dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jgħinhom fl-iżvilupp.

L-objettivi huma sabiex isir kontribut għall-espansjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji oħrajn relatati mal-enerġija nadifa għas-swieq u s-servizzi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ekonomiji fi transizzjoni (inklużi territorji), bil-għan li jiżdied l-aċċess għal enerġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, sigura u affodabbli, u sabiex jiġi megħjun it-titjib taċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali ta' popolazzjonijiet nieqsa mis-servizzi jew żvantaġġati, sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tiġi promossa l-protezzjoni tal-ambjent.

*Kopertura ġeografika u riċevituri finali*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-GEEREF huwa li jipprovdi sostenn għas-sottofondi reġjonali għall-Istati tal-Afrika ta' Taħt is-Saħara, il-Karibew u l-Gżejjer Paċifiċi, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja, l-Amerika Latina u l-Asja (inkluża l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani). Ser ikun hemm enfasi speċjali fuq il-qadi tal-bżonnijiet tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

*Durata u impatt fuq il-baġit*

Id-data ta' tmiem tal-attivitajiet skont il-GEEREF kienet it-13 ta' Diċembru 2022, kif ikkalkolata mid-data li fiha ġie rreġistrat l-aħħar impenn.

| Referenzi tad-deċiżjonijiet | Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu) | Linja baġitarja |
|---|---|---|
| DCI-ENV/2007/147331 flimkien ma' addenda b'referenza tas-CRIS 168 899 u 282 314) | 76 100 000 | 21 04 01 |

Barra minn hekk, EUR 5 miljuni huma allokati mill-artikolu baġitarju 21 04 05 biex isostnu it-twaqqif ta' faċilità ta' sostenn integrata għall-GEEREF.

### *(iv)* ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Minn April 2013, m'hemmx impenji baġitarji ippjanati skont l-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2013 għall-GEEREF.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir

## It-Turkija

## Proġett Anatoljan tal-Kapital ta' Riskju

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

*Referenzi addizzjonali:*

— L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1) jistipula li l-assistenza tal-Unjoni skont dak ir-Regolament għandha tingħata biss jekk ma jkunx jista' jiġi pprovdut rispons adegwat u effettiv skont strumenti relatati tal-Unjoni għall-assistenza esterna.

— Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 jistabbilixxi l-objettivi u l-prinċipji ewlenin għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali,

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/211/KE (ĠU L 80, 19.3.2008, p. 18) li tistabbilixxi Sħubija Ewropea mal-Bosnja-Ħerzegovina,

— L-Azzjoni Konġunta 2007/87/PESK (ĠU L 35, 8.2.2007, p. 35) u d-Deċiżjoni 2007/427/PESK(ĠU L 159, 20.6.2007, p. 63) rigward il-Bosnja-Ħerzegovina.

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 13 05 02 — L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Ikkompletar ta' komponent tal-iżvilupp reġjonali (2007 sal-2013) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Proġett tal-Kapital ta' Riskju tal-Anatolja tal-G43 jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Programm Operazzjonali tal-Kompetittività Reġjonali (RCOP), li, fost l-oħrajn, għandu l-għan li joħloq u jiżviluppa strumenti ta' finanzjament.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma ż-żieda tal-livell ta' aċċess għal finanzjament tal-SMEs fir-reġjun fil-mira billi jintroduċi klassi ta' assi (kapital ta' riskju).

L-istrument ser jiffinanzja investimenti li għandhom fil-mira finali tagħhom setturi tradizzjonali kif ukoll innovattivi bbażati fit-Turkija, b'importanza partikolari mogħtija lill-kumpaniji tal-manifattura fl-industrija tessili, agrikoli u tal-ipproċessar tal-ikel u t-turiżmu fis-settur tas-servizzi.

Il-kopertura ġeografika ser tkun it-43 provinċja inqas żviluppati tat-Turkija li jinsabu fi 12-il reġjun tan-NUTS II bi dħul per capita ta' inqas mill-75 % tal-medja nazzjonali tat-Turkija tal-2001 kif definit fl-RCOP, b'enfasi partikolari fuq l-inqas disa' provinċji żviluppati fix-Xlokk tal-Anatolja.

Skont dan l-istrument, jistgħu jintużaw kapital ta' riskju (investimenti ta' ekwità) u assistenza teknika.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju]. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga kompiti ta' implimentazzjoni lill-istituzzjoni finanzjarja ta' żvilupp multilaterali li ġejja: il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).

Il-pakkett finanzjarju għall-istrumenti jammonta għal EUR 16 300 000 (li EUR 13 855 000 minnhom huma l-kontribuzzjoni tal-Unjoni (85 %), u l-bqija huma kofinanzjament pubbliku nazzjonali), li għandu jingranaġġa investiment totali ta' mill-inqas id-doppju tad-daqs tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, immirata għal EUR 30 000 000.

L-istrument beda f'Awwissu 2011. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' 6,5 snin (jiġifieri li jintemm sal-31 ta' Diċembru 2017), il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu ta' massimu ta' 5 snin (jiġifieri sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-Fond ser jimmira l-impenji totali ta' EUR 30 miljun iżda ser jaċċetta impenni li jaslu sa massimu ta' EUR 40 miljun. Id-daqs minimu tal-fond ser ikun ta' EUR 20 miljun.

Effett fil-mira tal-Ingranaġġ: EUR 30 miljun / EUR 16,3 miljun = 1,84;

L-effett fil-mira tal-Ingranaġġ allinjat mad-definizzjoni fir-Regoli ta' Applikazzjoni EUR 30 miljun / EUR 13,855 miljun (kontribuzzjoni tal-UE biss ta' 85 %) = 2,17

In-numru ta' intrapriżi li jibbenefikaw mill-istrumenti finanzjarji: min. 8 SMEs.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità ta' Garanzija ta' Greater Anatolia

### *(i) Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

*Referenzi addizzjonali:*

— L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1) jistipula li l-assistenza tal-Unjoni skont dak ir-Regolament għandha tingħata biss jekk ma jkunx jista' jiġi pprovdut rispons adegwat u effettiv skont strumenti relatati tal-Unjoni għall-assistenza esterna.

— Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 jistabbilixxi l-objettivi u l-prinċipji ewlenin għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għal pajjiżi kandidati u dawk li huma kandidati potenzjali,

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/211/KE (ĠU L 80, 19.3.2008, p. 18) li tistabbilixxi Sħubija Ewropea mal-Bosnja-Ħerzegovina,

— L-Azzjoni Konġunta 2007/87/PESK (ĠU L 35, 8.2.2007, p. 35) u d-Deċiżjoni 2007/427/PESK (ĠU L 159, 20.6.2007, p. 63) rigward il-Bosnja-Ħerzegovina.

### *(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Artikolu 13 05 02 — L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Ikkompletar ta' komponent tal-iżvilupp reġjonali (2007 sal-2013) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

### *(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija ta' Greater Anatolia jikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi tal-Programm Operazzjonali tal-Kompetittività Reġjonali (RCOP), li, fost l-oħrajn, għandu l-għan li joħloq u jiżviluppa strumenti finanzjarji.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma li jżid il-livell ta' aċċess għal finanzjament tal-mikroimpriżi u l-SMEs fir-reġjun fil-mira permezz ta' garanziji tal-kreditu, li ser jipprovdu kondizzjonijiet tar-riskji lill-intermedjarji finanzjarji u b'hekk iżid il-kapaċità ta' għoti b'self tal-banek kummerċjali lil mikroimpriżi u SMEs, filwaqt li fl-istess ħin inaqqas il-piż kollaterali fuq dawn tal-aħħar. Minbarra l-garanziji tal-kreditu, il-Bank Ewropew tal-Investimenti ser iqiegħed għad-dispożizzjoni Self Globali tal-SMEs għall-intermedjarji finanzjarji għar-reġjun fil-mira, li ser ikompli jsaħħaħ l-aċċess tal-SMEs għal finanzjament u dan huwa parti integrali mill-Proġett.

Il-kopertura ġeografika se tkun it-43 provinċja tat-Turkija l-inqas żviluppati li jinsabu fi 12-il reġjuni NUTS II li għandhom dħul per capita taħt il-75 % tal-medja nazzjonali Torka sa mill-2001 kif identifikat fl-RCOP f'konformità mar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni (Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna (COM(2011) 842).

Skont l-istrument, l-istrumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, il-garanziji, is-self u l-assistenza teknika jistgħu jintużaw kif ġej:

— L-Ewwel Pilastru (Komponent ta' Kontrogaranzija tal-Mikro-Kreditu) huwa skema ta' kontrogaranzija li għandha tiġi implimentata permezz ta' Kredi Garanti Fonu (KGF), l-unika istituzzjoni speċjalizzata fil-garanziji fit-Turkija;

— It-Tieni Pilastru (Skema ta' Garanzjia tas-Self tal-SMEs) li għandu jiġi implimentat permezz ta' ħames jew sitt banek kummerċjali huwa direttament marbut mal-Programm ta' Self tal-SMEs tal-Anatolja l-Kbira li għandu jiġi pprovdut mill-BEI u

— It-Tielet Pilastru (Komponent ta' Bini ta' Kapaċità u Promozzjoni) li fih l-atturi ewlenin f'din il-Faċilità jingħataw taħriġ speċifiku u li permezz tiegħu tiġi promossa wkoll il-Faċilità.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga kompiti ta' implimentazzjoni lill-istituzzjoni finanzjarja ta' żvilupp multilaterali li ġejja: il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 51,2 miljun li għandu jingranaġġa investiment totali ta' EUR 937,5 miljun. Impenn tal-UE: EUR 43 484 210,53 (= pagamenti mill-baġit) (li jikkorrispondi għal sehem tal-UE ta' 85 %)

L-istrument beda f'Mejju tal-2010. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' 54 xahar (jiġifieri mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014), il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu ta' massimu ta' 92 xahar (jiġifieri mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-ammont tal-volum ta' self ipprovdut lill-intrapriżi permezz tal-garanziji tal-kreditu: EUR 937,5 miljun

In-numru ta' intrapriżi li jibbenefikaw mill-istrumenti finanzjarji: 6 000 (1 500 mikro + 4 500 SME).

L-effett ta' ingranaġġ: EUR 937,5 miljun / EUR 51,2 miljun = 18,32.

L-effett fil-mira tal-Ingranaġġ allinjat mad-definizzjoni fir-Regoli ta' Applikazzjoni: EUR 937,5 miljun / EUR 43,5 miljun (kontribuzzjoni tal-UE biss ta' 85 %) = 21,55.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Il-Balkani tal-Punent

## Faċilità ta' Garanzija fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija jikkontribwixi għall-ilħuq tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiggarantixxi portafolli ta' self tal-SMEs maħruġin minn banek kummerċjali għal għoti b'self ġdid lil SMEs. Dan ser jinvolvi titjib tal-aċċess tal-SMEs għat-teħid b'self u potenzjalment jista' jnaqqas l-ispejjeż tat-teħid b'self.

Skont dan l-istrument, jistgħu jintużaw garanziji tal-ewwel telf ta' self ġdid lil SMEs fil-mira b'rata ta' garanzija li tasal sa 70 % u limitu massimu tal-garanzija li jasal sa 25 % fil-portafoll globali tas-self. Ir-rata tal-garanzija u l-livell limitu eżatti ser jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument li nbeda fl-2013 u ser jiggarantixxi self b'maturità sal-2023. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni (ara COM(2011) 842).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 21,9 miljun li għandu jingranaġġa investiment totali ta' EUR 140 miljun, li jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' 6.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 16,5 miljun (li EUR 1,5 miljun minnhom huma provvediment għal tariffi għall-FEI bħala l-Maniġer filwaqt li EUR 15-il miljun huwa l-kapital ta' garanzija) minn Diċembru 2012 ser jiżdied fit-tieni trimestru tal-2013 b'EUR 5,4 miljun skont DN024091 Programm Multi-Benefiċjarju IPA 2013. Minn dan l-ammont, EUR 0,4 miljun ser ikunu provvediment għal tariffi għall-FEI u EUR 5 miljun ser iżidu l-kapital ta' garanzija għall-mira ta' EUR 20 miljun.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Impriżi tal-Balkani tal-Punent

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija (ENEF) jikkontribwixi għall-ksib tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiffinanzja l-iżvilupp u l-kapital ta' espansjoni f'SMEs stabbiliti b'potenzjal għoli ta' tkabbir fis-swieq rispettivi tagħhom permezz ta' pareċipazzjoni tal-ekwità. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-investimenti skont l-istrument ser jibdew fl-2014. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' 5 snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' 5 snin (durata sal-2023). Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni (ara COM(2011) 842).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 10,4 miljiun li ġie impenjat u li tħallas lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju f'Diċembru 2012. Dan l-ammont għandu jingranaġġa investiment totali ta' madwar EUR 54 miljun.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) jikkontribwixi għall-ksib tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent. L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi fi stadju bikri permezz ta' investimenti ta' ekwità. L-istrument ser jiffinanzja kapital fil-fażi bikrija sal-fażi tal-iżvilupp u espansjoni f'SMEs innovattivi. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument ser jiġi implimentat bil-ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument ser jibda fl-2014. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' 5 snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' 5 snin (durata sal-2023). Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni (ara COM(2011) 842).

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 21,2 miljun sar f'Awwissu tal-2013.

Il-pakkett finanzjarju ta' EUR 21,2 miljun previst għall-istrument għandu jingranaġġa madwar investiment totali ta' EUR 40 miljun, li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' 1,9.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## ("Spazju riżervat")

Il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF) huwa inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB), approvat mill-Kunsill Ewropew, biex isaħħaħ l-armonizzazzjoni u l-kooperazzjoni fl-investimenti għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

Id-WBIF mhuwiex Strument Finanzjarju skont id-definizzjoni pprovduta fis-sens tal-Artikolu 2(p) tar-Regolament Finanzjarju. Minkejja dan, id-WBIF jista' jintuża għat-twaqqif ta' strumenti finanzjarji ġodda matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, li "jista' jkollhom il-forma ta' self, garanziji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti, u strumenti oħrajn ta' kondiviżjoni tar-riskji, u jistgħu, fejn ikun xieraq, ikunu kkombinati flimkien ma' għotjiet".

Barra minn hekk, id-WBIF diġà ntuża għall-istabbiliment tal-istrumenti finanzjarji li ġejjin:

— Il-Faċilità ta' Garanzija fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi,

— Il-Fond ta' Espansjoni tal-Intrapriżi (ENEF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Impriżi tal-Balkani tal-Punent,

— Il-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent.

Id-WBIF għandu l-għan li jissimplifika l-faċilitajiet eżistenti u jiġbor ir-riżorsi mill-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) msieħba, l-Istati Membri u donaturi oħrajn, biex isaħħaħ is-sostenn lill-pajjiżi benefiċjarji fil-Balkani tal-Punent. B'hekk, id-WBIF qed jiggarantixxi finanzjament ta' investimenti ta' prijorità sabiex jiżviluppa u jsostni t-tkabbir soċjoekonomiku fir-reġjun.

Il-Qafas jiffinanzja proġetti ta' investiment li jsostnu setturi li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-iżvilupp soċjoekonomiku (ekonomiku, soċjali u ambjentali) tal-Balkani tal-Punent, inklużi:

— L-ambjent: il-provvista tal-ilma, it-trattament tal-ilma mormi, is-sistemi tad-drenaġġ, l-immaniġġjar tal-iskart solidu u l-iskart perikoluż, il-kontroll tal-emissjonijiet, eċċ.,

— L-enerġija: l-enerġija rinnovabbli, is-sistemi ta' interkonnessjoni, it-trasmissjoni, il-koġenerazzjoni, idro, pipelines tal-gass, eċċ.,

— l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija,

— It-trasport: ferroviji u passaġġi fuq l-ilma intern inklużi portijiet tax-xmajjar, toroq, portijiet tal-baħar, ajruporti, faċilitajiet fil-fruntieri, terminali intermodali u trasport urban,

— Settur soċjali: skejjel u ċentri edukattivi, sptarijiet u ċentri tas-saħħa, akkomodazzjonijiet soċjali, ċentri ta' reklużjoni u bini pubbliku ieħor,

— sostenn lil SMEs, lis-settur privat u dak finanzjarju,

— Setturi oħrajn li jsostnu l-iżvilupp soċjoekonomiku kif maqbul mill-Grupp ta' Finanzjaturi tal-Proġetti u l-Kumitat tat-Tmexxija.

Il-kopertura ġeografika hija t-territorju ta' wieħed jew iktar mill-benefiċjarji li ġejjin fil-Balkani tal-Punent: l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni (ara COM(2011) 842).

Skont id-WBIF, il-finanzjament ta' għotja għal proġett ta' investiment speċifiku jista' jieħu l-forma ta' Assistenza Teknika, għotjiet ta' investiment (għotjiet diretti għal komponenti speċifiċi ta' proġett kif ukoll skemi ta' inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet li jimplimentaw), pagamenti ta' inċentivi lil intermedjarji finanzjarji, sussidji tar-rati tal-imgħax (il-forniment ta' ammont fiss biex jiġi żgurat li l-finanzjament ta' self meħtieġ għall-proġett ta' investiment jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni b'rati tal-imgħax imnaqqsin) u primjums tal-assigurazzjoni (finanzjament ta' primjums tal-assigurazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investiment).

Il-Kummissjoni timplimenta l-Qafas b'ġestjoni diretta (sostenn li ġej mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-Assistenza Teknika tal-Faċilità tal-Proġetti għal kuntratti AT) u ġestjoni indiretta (sostenn li ġej mill-IPA/mit-Tieqa Muniċipali tal-Faċilità tal-Proġetti ta' Infrastruttura) skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Għas-sostenn ipprovdut mill-Fond Konġunt Ewropew għall-Balkani tal-Punent jew mir-riżorsi tal-għotja tal-IFIs imsieħba, l-"IFI ewlenija" timplimenta l-proġett b'ġestjoni indiretta u l-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji li ġejjin: il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u l-Bank tal-Investiment tal-Kunsill tal-Ewropa (CIB), KfW Entwicklungsbank (KfW) u IFI assoċjata: il-Bank Dinji.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Sostenn tas-settur privat (Pakkett ta' Rispons għall-Kriżi)

## Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għat-Turkija

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Il-Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan tal-Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għat-Turkija (FSSP) huwa li tipprovdi self, sostnut minn għotjiet u assistenza teknika lil benefiċjarji fit-Turkija biex jitjieb l-aċċess tal-SMEs, inklużi mikroimpriżi, għal finanzjament, u li tippromwovi investimenti fl-effiċjenza enerġetika fis-settur privat.

L-għan globali tal-Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat (FSSP) huwa li tassisti lill-atturi ekonomiċi fit-Turkija sabiex iżidu l-kompetittività tagħhom fi prodotti u servizzi li jaffaċċjaw l-isfidi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul. Għal dan il-għan, l-FSSP għandha l-għan li tipprovdi r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa kif ukoll il-ħiliet tekniċi.

Il-Faċilità għandha tinvolvi tliet twieqi indipendenti:

(i) it-Tieqa ta' Finanzjament għal intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSME),

(ii) it-Tieqa tal-Effiċjenza Enerġetika, u

(iii) It-Tieqa ta' Ġestjoni ta' Inverżjoni u tas-Servizzi ta' Konsulenza Kummerċjali (TAM-BAS) tal-BERŻ.

Ir-riżorsi mqiegħda għad-dispożizzjoni permezz tal-Faċilità għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tat-tipi ta' proġetti li ġejjin:

— Proġetti ta' Intermedjazzjoni Finanzjarja Parteċipanti ("Proġetti PFI"), jiġifieri proġetti li fihom hemm ipprovdut self (sostnut minn għotja u/jew assistenza teknika ffinanzjata mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea) lil bank kummerċjali mill-BERŻ u l-bank kummerċjali huwa meħtieġ, skont il-ftehim tas-self li l-bank kummerċjali kkonkluda mal-Organizzazzjoni, li jerġa' jisilfu fil-forma ta' self sekondarju ("Self-Sekondarju") lill-benefiċjarji finali tal-Proġett PFI ("Mutwatarji finali") biex jiffinanzjaw sottoproġetti eliġibbli ("Sottoproġetti"); u/jew

— Proġetti tat-TAM/BAS ("Proġetti TAM/BAS"), jiġifieri proġetti implimentati bħala parti mill-Ġestjoni ta' Inverżjoni tal-BERŻ ("TAM") jew Servizzi ta' Konsulenza Kummerċjali ("BAS") u ffinanzjati skont dan il-Ftehim kompletament bir-riżorsi pprovduti mill-kontribuzzjoni tal-UE, jiġifieri dawn il-proġetti ma għandhomx element ta' self.

Impatt fuq il-baġit: EUR 22,5 miljun, f'azzjoni konġunta ta' ġestjoni mal-BERŻ li jieħu sehem bl-ammont ta' EUR 250 miljun. Il-Faċilità (azzjoni konġunta) ser tintemm fit-30 ta' Novembru 2021.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-operazzjonijiet ta' EUR 22,5 miljun mill-2012 aktarx li jiġġeneraw volumi ta' finanzjament ta' EUR 272,5 miljun (fil-livell tal-BERŻ) u dan jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' madwar 12.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għall-Balkani tal-Punent

***(i) Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

***(ii) Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

***(iii) Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan tal-Faċilità ta' Sostenn tas-Settur Privat għall-Balkani tal-Punent huwa li tipprovdi self, sostnut minn għotjiet u assistenza teknika lir-Reġjun għal (i) investimenti industrijali meħtieġa għall-SMEs sabiex ikunu konformi mal-acquis u (ii) investimenti fl-effiċjenza enerġetika fis-settur privat.

Il-Faċilità għandha tinvolvi tliet twieqi indipendenti:

(i) it-Tieqa ta' Sostenn tal-Kompetittività tal-SMEs,

(ii) it-Tieqa tal-Effiċjenza Enerġetika, u

(iii) it-Tieqa tal-Programm tat-TAM/BAS tal-BERŻ.

Ir-riżorsi mqiegħda għad-dispożizzjoni permezz tal-Faċilità għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tat-tipi ta' proġetti li ġejjin (il-"Proġetti"):

— Proġetti ta' Self Dirett ("Proġetti DL"), jiġifieri proġetti, li fihom, is-self (sostnut minn għotja u/jew assistenza teknika ffinanzjata mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea) huwa pprovdut direttament lill-benefiċjarju finali tat-tali self (il-"Mutwatarju tad-DL") fuq il-bażi ta' ftehim dwar il-pakkett finanzjarju bejn il-BERŻ u l-Mutwatarju tad-DL,

— Proġetti tal-Banek Parteċipanti ("Proġetti BP"), jiġifieri proġetti, li fihom, is-self (sostnut minn għotja u/jew assistenza teknika ffinanzjata mill-Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea) huwa pprovdut mill-BERŻ lil bank kummerċjali u l-bank kummerċjali huwa meħtieġ, skont il-ftehimiet ta' self li l-bank kummerċjali jkun ikkonkluda mal-BERŻ, li jerġa' jisilfu fil-forma ta' self sekondarju ("Self Sekondarju") lill-benefiċjarji finali tal-Proġett tal-BP ("Mutwatarji Finali") biex jiffinanzjaw sottoproġetti eliġibbli ("Sottoproġetti", kull wieħed "Sottoproġett"), u/jew

— proġetti tat-TAM/BAS ("Proġetti TAM/BAS"), jiġifieri proġetti implimentati bħala parti mill-Ġestjoni ta' Inverżjoni tal-BERŻ ("TAM") jew Servizzi ta' Konsulenza Kummerċjali ("BAS") u ffinanzjati skont dan il-Ftehim kompletament bir-riżorsi pprovduti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri dawn il-proġetti ma għandhomx element ta' self.

Impatt fuq il-baġit: EUR 31,5 miljun, f'Azzjoni ta' Ġestjoni konġunta mal-BERŻ, li jikkontribwixxi EUR 110 miljun. L-Azzjoni ser tintemm fit-30 ta' Novembru 2015.

***(iv) L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-operazzjonijiet ta' EUR 31,5 miljun mill-2012 aktarx li jiġġeneraw volumi ta' finanzjament ta' EUR 141,5 miljun (fil-livell tal-BERŻ) u dan jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' madwar 4.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

## Oħrajn (Mixxellanji)

## Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)

### *(i)* ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE), Għajnuna Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabilizzazzjoni (CARDS) 2006/018-264, IPA 2007/019-344, IPA 2008/020-300 u IPA 2009/021-373

### *(ii)* ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

### *(iii)* ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE) huwa forma ta' sħubija pubblika privata. L-għan tiegħu huwa li jattira kapital mis-settur pubbliku u b'hekk jingranaġġa fondi donaturi pubbliċi li ser jassistu fl-iżvilupp tas-settur privat fir-reġjun. L-EFSE jestendi self lil banek kummerċjali lokali u istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament fil-Balkani tal-Punent sabiex jerġgħu jisilfuh lil intrapriżi mikro u żgħar u familji. Il-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF) jamministra EFSE, dan tal-aħħar li jiġġenera impatti fuq tliet livelli differenti:

— Sostenn lil intrapriżi mikro u żgħar bħala l-pedament tal-ekonomiji lokali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjiegi

— Issodisfar tal-ħtieġa bażika ta' kenn diċenti

— Tisħiħ tas-swieq finanzjarji lokali

Impatt fuq il-baġit: EUR 47 miljun

Durata sal-2025 (Għeluq fl-2015+10 snin ta' investiment massimu)

### *(iv)* ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-Kummissjoni żżomm EUR 47 miljun fil-Fond li l-finanzjament totali tiegħu jammonta għal EUR 808 miljun (sottoskritti). B'hekk, il-fattur tal-ingranaġġ fil-livell tal-Fond huwa ta' madwar 17.

KUMMISSJONI

*INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU*

# Fond "Green for Growth" (GGF)

## *(i)* *Referenza għall-att bażiku*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

## *(ii)* *Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti*

Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

## *(iii)* *Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit*

Il-Fond Green for Growth (GGF) huwa fond innovattiv imniedi fl-2009 mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-KfW Entwicklungsbank (KfW) bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Fond jipprovdi finanzjament iddedikat għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli biex jgħin lill-pajjiżi fil-mira jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-enerġija.

| | KAPITOLU A3 02 — TOTAL | 1 650 000 | 1 650 000 | 1 556 000 | 1 556 000 | 2 047 819,32 | 2 047 819,32 | 124,11 |

KUMMISSJONI

*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI**
**KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI**

| Artikolu Punt | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | | % Hlas 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas | |
| | KAPITOLU A3 03 | | | | | | | |
| *A3 03 01* | *Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni* | | | | | | | |
| | Approprjazzjonijiet differenzjati | 200 000 | 200 000 | 200 000 | 200 000 | 200 000,— | 200 000,— | 100,— |
| | KAPITOLU A3 03 — TOTAL | 200 000 | 200 000 | 200 000 | 200 000 | 200 000,— | 200 000,— | 100,— |
| | KAPITOLU A3 10 | | | | | | | |
| *A3 10 01* | *Krediti proviżorji* | | | | | | | |
| | Approprjazzjonijiet differenzjati | p.m. | p.m. | 3 929 200 | 3 929 200 | | | — |
| *A3 10 02* | *Riżerva għall-kontinġenzi* | | | | | | | |
| | Approprjazzjonijiet differenzjati | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | — |
| | KAPITOLU A3 10 — TOTAL | p.m. | p.m. | 3 929 200 | 3 929 200 | 0,— | 0,— | — |
| | **Titolu A3 — Total** | **57 206 000** | **57 206 000** | **57 657 000** | **57 657 000** | **57 387 637,37** | **57 387 637,37** | **100,32** |
| | ***Ta' liema Riżervi (40 01 40)*** | | | ***3 929 200*** | ***3 929 200*** | | | |

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

# TITOLU A3

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

### A3 01 01 *Nefqa relatata mal-uffiċjali u l-persunal temporanju*

| | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|
| A3 01 01 | 38 517 000 | 34 709 800 | 36 407 864,69 |
| *Riżervi (40 01 40)* | | *3 929 200* | |
| Total | 38 517 000 | 38 639 000 | 36 407 864,69 |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fejn għandhom x'jaqsmu l-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkunu fil-pjan tal-istabbilment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,

— *allowances* ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti missalarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differentigħajr dak tal-impjieg,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

## *A3 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*

### A3 01 02 01 Persunal estern

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 612 000 | 2 586 000 | 2 538 036,54 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni tal-persunal b'kuntratt (fit-tifsira mogħtija fit-Titolu IV tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u n-nefqa fuq il-piżijiet applikati għar-remunerazzjonijiet ta' tali persunal,

— in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabbda minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta' liġi privata,

— l-ispejjeż ta' ħaddiema inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,

— In-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— l-ispejjeż ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

### A3 01 02 11 Spejjeż oħra ta' ġestjoni

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 2 689 000 | 3 159 000 | 2 230 661,42 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riżervazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċezzjonali li jkun sar b'rabta ma' missjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod uffiċjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — Tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A3 01 02*** *(ikompli)*

A3 01 02 11 *(ikompli)*

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-*internet* relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia*,

— l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

***A3 01 03*** ***Bini u nefqa relatata***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 11 520 000 | 11 499 000 | 13 953 007,38 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-spejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-*workshops* tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' *plumbing*, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' *cabling* ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-rifornimenti tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A3 01 03*** *(ikompli)*

- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),
- xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-rifورniment ta' tagħmir u materjal tekniku,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
  - ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbilità ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),
- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
  - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,
- ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,
- it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u videokonferenzar), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA’ KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A3 01 03*** *(ikompli)*

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta’ interess ġenerali relatati ma’ tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f’forma stampata jew f’forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma’ tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta’proġetti ta’ teknoloġija tal-informatika,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar id-dħul ta’ miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta’ Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta’ tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***A3 01 50*** ***Politika tal-personal u t-tmexxija***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 3 000 | 3 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta’ rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta’ nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b’diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f’dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — konjuġi ta’ uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta’natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b’riżultat ta’xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

**A3 01 51** ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u *canteens*.

**A3 01 60** ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 15 000 | 15 000 | 10 248,02 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

**KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI**

**A3 02 01** ***Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 400 000 | 1 176 000 | 1 828 295,68 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprjazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

— t-tfassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,

— it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-għojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' databases),

— li jkunu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,

— miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntrabandu tas-sigaretti,

— l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,

— li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,

— li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,

— li jkunu koperti l-ispejjeż ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

KUMMISSJONI
*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI** *(ikompli)*

***A3 02 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri ta' transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' ffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**A3 02 02** ***Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 50 000 | 50 000 | 20 347,18 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' inizjattivi u miżuri speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-munita Euro kontra l-iffalsifikar tal-flus.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

**A3 02 03** ***Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 200 000 | 330 000 | 199 176,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri ta' tagħrif u komunikazzjoni li jkunu ttieħdu mill-Uffiċċju.

L-istrateġija esterna tal-Uffiċċju fuq it-tagħrif u l-komunikazzjoni hija ċentrali għax-xogħol tiegħu. L-Uffiċċju twaqqaf bħala entità investigattiva indipendenti, u għalhekk għandu jkollu l-istrateġija tal-komunikazzjoni tiegħu. Ix-xogħol tal-Uffiċċju ħafna drabi jkun tekniku ħafna biex jiftiehem mill-ewwel mill-pubbliku. L-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-interlokuturi tiegħu u lill-pubbliku kollu dwar ir-rwol u l-ħidmiet tiegħu. Il-perċezzjoni pubblika tax-xogħol tal-Uffiċċju hija ta' importanza kbira.

Bħala servizz tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jrid iqis ukoll l-iżbilanċ demokratiku li jeżisti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-Kummissjoni għarfet dan l-iżbilanċ u fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizzah.

L-istrateġija tal-komunikazzjoni li l-Uffiċċju żviluppa u li se jkompli jimplimenta għandha turi l-indipendenza tagħha.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

KUMMISSJONI

*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

## KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI

### A3 03 01 *Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 200 000 | 200 000 | 200 000,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha li tkun ġejja mill-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-aktar:

— il-benefiċċji mogħtija lill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni għaż-żmien li dawn ikunu ddedikaw biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll biex ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u spejjeż oħra anċillari,

— l-ispejjeż li jkunu saru mill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni waqt li jkunu qed jirrappreżentawh uffiċjalment,

— l-infiq kollu marbut mal-ħidma, bħax-xiri ta' tagħmir, kartolerija u provvisti tal-uffiċċju, l-ispejjeż marbuta mal-komunikazzjonijiet u mat-telekomunikazzjonijiet (spejjeż postali, spejjeż tat-telefon, tal-fax u tat-telegraph), spejjeż ta' dokumentazzjoni u tal-librerija, ix-xiri ta' kotba u ta' abbonamenti mal-media, l-ispejjeż ta' reġistrament ma' konferenzi, eċċ.,

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sosteniment u spejjeż anċillari ta' esperti mistiedna mill-Kumitat ta' Superviżjoni biex jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' xogħol, kif ukoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' laqgħat mhux koperti mill-infrastruttura eżistenti (fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni),

— l-ispejjeż ta' studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) fejn il-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni ma jkunux jistgħu jagħtu dawn l-istudji biex isiru minn ħaddiema addattati tal-Uffiċċju.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontral l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u l-aktar l-Artikli 4 u 6(3) tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1), l-aktar l-Artikolu 11 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8), u l-aktar l-Artikolu 11 tiegħu.

## KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI

### A3 10 01 *Krediti proviżorji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | | Approprjazzjonijiet 2013 | | Riżultat 2012 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impen | Hlas | Impen | Hlas | Impen | Hlas |
| p.m. | p.m. | + 3 929 200 | + 3 929 200 | | |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

*L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI*

**KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI** *(ikompli)*

***A3 10 01*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***A3 10 02*** ***Riżerva għall-kontinġenzi***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

KUMMISSJONI

## UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

**KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI**
**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET**

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 4 0 | | | | |
| **4 0 0** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 650 000 | 676 000 | | — |
| **4 0 3** | ***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| **4 0 4** | ***Dħul mill-levy speċjali fuq is-salaraji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament*** | 134 000 | 133 000 | | — |
| | KAPITOLU 4 0 — TOTAL | 784 000 | 809 000 | 0,— | 0,— |
| | KAPITOLU 4 1 | | | | |
| **4 1 0** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*** | 945 000 | 1 049 000 | | — |
| | KAPITOLU 4 1 — TOTAL | 945 000 | 1 049 000 | | — |
| | **Titolu 4 — Total** | **1 729 000** | **1 858 000** | **0,—** | **0,—** |

KUMMISSJONI
*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# TITOLU 4

# MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 650 000 | 676 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq s-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

### 4 0 3 *Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg attiv li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sat-30 ta' April 2004.

### 4 0 4 *Dħul mill-levy speċjali fuq is-salaraji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 134 000 | 133 000 | |

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

### 4 1 0 *Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 945 000 | 1 049 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa l-qligħ kollu mill-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema tal-Uffiċċju mnaqqsa kull xahar mis-salarju tagħhom, skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u jintuża biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# TITOLU 6

# KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIFUŻJONIJIET TA' NFIQ U DĦUL

## KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

| Artikolu<br>Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja<br>2014 | Sena Finanzjarja<br>2013 | Sena Finanzjarja<br>2012 | %<br>2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 6 6 | | | | |
| **6 6 0** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | *Artikolu 6 6 0 — Total* | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU 6 6 — TOTAL | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | **—** |
| | **IS-SOMMA FINALI** | **1 729 000** | **1 858 000** | **0,—** | **0,—** |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# TITOLU 6

# KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIFUŻJONIJIET TA' NFIQ U DĦUL

## KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

### *6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# NEFQA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **A4** | **UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL** | | | |
| A4 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | 17 410 000 | 17 701 000 | 16 690 028,94 |
| A4 02 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI | 7 060 000 | 7 347 000 | 8 611 739,52 |
| A4 03 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ | 3 413 000 | 3 487 000 | 3 637 603,02 |
| A4 10 | RIŻERVI | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Titolu A4 — Total** | **27 883 000** | **28 535 000** | **28 939 371,48** |

KUMMISSJONI
*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# TITOLU A4

# UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA**
**KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI**

| Artikolu Punt | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU A4 01 | | | | |
| ***A4 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 10 166 000 | 10 439 000 | 9 181 431,76 | 90,32 |
| ***A4 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*** | | | | |
| A4 01 02 01 | Persunal estern | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 1 576 000 | 1 560 000 | 1 295 763,13 | 82,22 |
| A4 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 672 000 | 674 000 | 894 990,44 | 133,18 |
| | *Artikolu A4 01 02 — Total* | 2 248 000 | 2 234 000 | 2 190 753,57 | 97,45 |
| ***A4 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 4 991 000 | 5 023 000 | 5 297 250,62 | 106,14 |
| ***A4 01 50*** | ***Politika tal-persunal u t-tmexxija*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A4 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A4 01 60*** | ***Stokks għal-libreriji, xiri ta' kotba*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 5 000 | 5 000 | 20 592,99 | 411,86 |
| | KAPITOLU A4 01 — TOTAL | 17 410 000 | 17 701 000 | 16 690 028,94 | 95,86 |
| | KAPITOLU A4 02 | | | | |
| ***A4 02 01*** | ***Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet*** | | | | |
| A4 02 01 01 | Kompetizzjonijiet interistituzzjonali | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 6 996 000 | 7 258 000 | 8 597 489,52 | 122,89 |
| A4 02 01 02 | Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 50 000 | 75 000 | 0,— | 0,— |
| A4 02 01 03 | Kostijiet ta' laqgħat interni | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 14 000 | 14 000 | 14 250,— | 101,79 |
| | *Artikolu A4 02 01 — Total* | 7 060 000 | 7 347 000 | 8 611 739,52 | 121,98 |
| | KAPITOLU A4 02 — TOTAL | 7 060 000 | 7 347 000 | 8 611 739,52 | 121,98 |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

## KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ
## KAPITOLU A4 10 — RIŻERVI

| Artikolu Punt | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU A4 03 | | | | |
| ***A4 03 01*** | ***L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA)*** | | | | |
| A4 03 01 01 | Taħriġ ta' ġestjoni | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 1 433 000 | 1 344 000 | 1 421 999,19 | 99,23 |
| A4 03 01 02 | Korsijiet tad-dħul fis-servizz | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 1 045 000 | 1 090 000 | 1 324 303,83 | 126,73 |
| A4 03 01 03 | Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 935 000 | 1 053 000 | 891 300,— | 95,33 |
| | *Artikolu A4 03 01 — Total* | 3 413 000 | 3 487 000 | 3 637 603,02 | 106,58 |
| | KAPITOLU A4 03 — TOTAL | 3 413 000 | 3 487 000 | 3 637 603,02 | 106,58 |
| | KAPITOLU A4 10 | | | | |
| ***A4 10 01*** | ***Approprjazzjonijiet proviżorji*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A4 10 02*** | ***Riżerva ta' Kontinġenza*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU A4 10 — TOTAL | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Titolu A4 — Total** | **27 883 000** | **28 535 000** | **28 939 371,48** | **103,79** |

KUMMISSJONI
*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

# TITOLU A4

# UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

## KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

### *A4 01 01* *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 166 000 | 10 439 000 | 9 181 431,76 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,

— il-benefiċċji biex jistabbilixxu ruħhom jew biex jerġgħu jistabbilixxu ruħhom li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu imkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu imkien ieħor,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkun ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

— il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-siegħa għal sahra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn personal lokali li ma setax jingħata *leave* kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,

— *allowance* ta' sussistenza ta' kuljum għaluffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti lejn post ġdid ta' impjieg,

— l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborsati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom. Din hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

### *A4 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*

A4 01 02 01 Persunal estern

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 576 000 | 1 560 000 | 1 295 763,13 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-personal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-ispiża tal-piżijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa li tkun saret (salarji, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,

— in-nefqa li tkun saret minħabba ħaddiema li jkunu ddaħħlu f'kuntratti ta' servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv, għalgħajnuna addizzjonali u għall-provvista ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-secondment ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-valur ta' kull aġġustament fil-ħlasijiet li jkun ġie approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

— In-nefqa marbuta ma' servizzi ta' tradutturi u lingwisti li jaħdmu għal rashom u xogħol ta'tajping u xogħol ieħor li ma jkunx jista' jsir mis-servizz tat-Traduzzjoni.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A4 01 02 11 Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 672 000 | 674 000 | 894 990,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet li ġejjin:

— L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-infiq varju marbut ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li fihom jieħu sehem l-Uffiċċju,

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A4 01 02*** *(ikompli)*

A4 01 02 11 *(ikompli)*

- l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:
  - miżati li jitħallsu lill-esperti għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,
  - miżati għall-konsulenza f'diversi oqsma, l-aktar f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
  - l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
  - in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-bini u trasport u mal-ispiża tal-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,
  - in-nefqa għal taħriġ marbut ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-Internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u multimedia,
  - l-iffinanzjament ta'materjal edukattiv,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti *freelance* u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DĠ Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċċju li ma setgħux jinqdew mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u personal temporanju).

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

***A4 01 03*** ***Bini u nefqa relatata***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 4 991 000 | 5 023 000 | 5 297 250,62 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u infiq ieħor relatat, partikolarment:

- il-ħlas ta' kera u taxxi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' bini jew partijiet ta' bini li qed jintużaw, kif ukoll il-kera ta' swali ta' konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ,
- il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum ta' ilma, gass, elettriku u enerġija għat-tisħin tal-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-bini, l-liftijiet, t-tisħin ċentrali, t-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn tindif perjodiku, x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-indafa, għall-ħasil tal-ħwejjeż u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' titjib tal-bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil f'sistemi tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor fuq serraturi, tagħmir tal-elettriku, plumbing, żebgħa, kisi ta' art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' kejbils li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jintużaw fil-bini, u n-nefqa għat-tagħmir meħtieġ marbut mat-titjib tal-bini (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A4 01 03*** *(ikompli)*

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-ħarsien tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— spejjeż marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— spejjeż oħra fuq il-bini, l-aktar l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż ta' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, l-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, l-manutenzjoni, t-tiswija, l-istallazzjoni u r-rifornimen ta' tagħmir u materjal tekniku u partikolarment:

  — tagħmir (inklużi photocopiers) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti f'kull għamla (karta, media elettronika),

  — tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-canteen u tagħmir tar-restoranti,

  — għodod varji għall-workshops tal-manutenzjoni tal-bini,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċċjali b'diżabbiltà,

  — kif ukoll studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

  — ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

  — il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,

  — provista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

  — attrezzaturi speċifiċi għall-*canteens* u ristoranti,

  — il-kiri ta' għamara,

  — l-ispejjeż għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, l-kiri, l-manutenzjoni, u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

  — xiri ta' vetturi ġodda,

  — il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġġustifikat,

  — l-ispejjeż ta' kiri ta' karozzi għall-perijodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,

  — l-ispejjeż tal-manutenzjoni, t-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (xiri ta' karburant, lubrifikanti, tajers, it-tubi ta' ġewwa, provisti varji, spare parts, għodod, eċċ.),

  — għamliet differenti ta' assigurazzjoni (l-aktar dik ta' terza parti u serq),

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A4 01 03*** *(ikompli)*

  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, l-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
  - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġa,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir b'rabta mal-preżentazzjoni l-informazzjoni f'għamla stampata, eż. printers, magni tal-fax, photocopiers, scanners u microcopiers,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters u word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor li jintuża fl-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, għall-pakketti postali u oħrajn li jintbagħtu bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u għall-posta interna tal-Uffiċċju,
- spejjeż ta' miżati u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, televixin, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż ta' networks ta' trasmissjoni ta' data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ, studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta'proġetti informatiċi.

Infiq ieħor funzjonali li mhuwiex speċifikament imniżżel fuq, bħalma huma l-miżati għall-parteċipazzjoni f'konferenzi (esklużi l-ispejjeż tat-taħriġ), miżati ta' sħubija f'għaqdiet kummerċjali u xjentifiċi, l-ispiża biex jiddaħħlu d-dettalji f'direttorji telefoniċi.

(Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

### A4 01 50 *Politika tal-personal u t-tmexxija*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-għajnuna li tista’ tingħata lil uffiċjal, *ex* uffiċjal jew is-superstiti ta’ uffiċjal li jkun miet u li hu/huma f’ċirkustanzi diffiċli ħafna,

— l-għajnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta’ rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkoraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta’ nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tal-iskola,

— infiq, bħala parti minn politika favur nies b’diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f’dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — konjuġi ta’ uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull spiża infiq mhux ta’natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b’riżultat ta’xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### A4 01 51 *Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta’ rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta’ restoranti, kafetteriji u *canteens*,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta’ responsabbilità ċivili, u n-nefqa marbuta ma’ ċerti każi fejn, għall-raġunijiet ta’ ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ebda talba legali.

### A4 01 60 *Stokks għal-libreriji, xiri ta’ kotba*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 5 000 | 5 000 | 20 592,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-uffiċċju bħala parti mis-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), is-sottoskrizzjonijiet għal aċċess għad-dejta, l-ispejjeż ta’ legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni ta’ kotba u pubblikazzjonijiet, infiq fuq sottoskrizzjonijiet għal gazzetti, rivisti speċjalizzati, u x-xiri ta’ publikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI**

***A4 02 01 Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet***

*Kummenti*

Fil-qafas tal-Programm ta' Żvilupp tal-EPSO, l-Uffiċċju mmodernizza l-metodi ta' għażla tiegħu bil-għan li jissodisfa l-bżonnijiet attwali u futuri tal-istituzzjonijiet b'mod iktar kost-effettiv u effiċjenti billi:

— itejjeb l-ippjanar tal-Kompetizzjonijiet biex jagħżel il-persunal xieraq fil-waqt xieraq u jtejjeb l-użu tal-listi ta' riżerva,

— Inaqqas iż-żmien tal-proċess tal-għażla,

— itejjeb b'mod konsiderevoli l-kwalità tal-proċess tal-għażla sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jimpjegaw l-aħjar persunal għal karriera tul il-ħajja billi jagħżlu kandidati abbażi tal-kompetenzi meħtieġa biex isir ix-xogħol, u billi jipprofessjonalizzaw ix-xogħol tal-bord tal-għażla,

— jistabbilixxi immaġni pożittiva u moderna għall-Istituzzjonijiet bħala impjegaturi sabiex ikunu nistgħu jiġbdu lejhom l-aħjar persunal fil-kuntest ta' suq tal-impjiegi li iktar ma jmur iktar qed isir kompettittiv,

— jipprovdi l-faċilitajiet kollha neċessarji biex jippermetti l-parteċipazzjoni ta' applikanti b'diżabilità.

A4 02 01 01 Kompetizzjonijiet interistituzzjonali

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 6 996 000 | 7 258 000 | 8 597 489,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tkun saret b'riżultat tal-proċeduri involuti fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet differenti.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq il-EUR 250 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

A4 02 01 02 Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 50 000 | 75 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex ħaddiema addattati biex jagħmlu dan ix-xogħol. Din tkopri wkoll ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà jew miżati ta' sħubija f'istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzata.

A4 02 01 03 Kostijiet ta' laqgħat interni

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 14 000 | 14 000 | 14 250,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul laqgħat interni, l-aktar il-laqgħat ta' bordijiet tal-għażla u ta' tradutturi.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

**KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ**

***A4 03 01 L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA)***

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tat-taħriġ ġenerali organizzat mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA) bil-ħsieb li jitjiebu l-ħiliet tal-persunal kif ukoll il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet parteċipanti, inkluż:

— tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

— tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u ġestjoni tal-persunal,

— in-nefqa mġarrba fit-tfassil, il-koordinazzjoni u l-valutazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-iskola f'għamla ta' korsijiet, seminars u lezzjonijiet (ħarrieġa/għalliema u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sosteniment tagħhom flimkien mal-materjal tat-tagħlim),

— il-kost ta' parteċipazzjoni f'taħriġ minn barra, u miżati tas-sħubija f'organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— il-kostijiet biex l-EUSA jkollha netwerk, fuq livell Ewropew, ma' skejjel nazzjonali ta' amministrazzjoni u ma' istituti universitarji li jkunu attivi f'dan il-qasam, bil-ħsieb li jkun hemm skambju ta' esperjenzi, jinstabu eżempji tal-aħjar prattiki u jkun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' aktar taħriġ fl-amministrazzjonijiet Ewropej pubbliċi,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, l-użu tal-post, it-trasport, l-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u informazzjoni, assoċjata ma' siti tal-internet relatati u x-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, miżati u liċenzji għal tagħlim mill-bogħod, kotba, prodotti stampati u prodotti multimedjali,

— l-iffinanzjar ta' materjal edukattiv.

*Bażi legali*

Id-Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta' Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

A4 03 01 01 Taħriġ ta' ġestjoni

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 433 000 | 1 344 000 | 1 421 999,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ għall-uffiċjali u ħaddiema oħra f'metodi ta' tmexxija (kwalità u tmexxija tal-ħaddiema, strateġija).

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq il-EUR 100 000.

A4 03 01 02 Korsijiet tad-dħul fis-servizz

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 1 045 000 | 1 090 000 | 1 324 303,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ fl-ambjent tax-xogħol tal-Istituzzjonijiet kemm għall-uffiċjali ġodda kif ukoll għall-ħaddiema li jkunu għadhom kemm ġew irreklutati

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq l-EUR 40 000.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL*

## KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ *(ikompli)*

### *A4 03 01* *(ikompli)*

A4 03 01 03 Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 935 000 | 1 053 000 | 891 300,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ ta' tħejjija għall-uffiċjali biex ikollhom ċertifikat li jkun jagħti xhieda tal-ħila tagħhom li jwettqu l-obbligi ta' amministratur bil-ħsieb li dawn jiġu ttrasferiti lejn grupp ogħla ta' funzjoni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq is-EUR 16 000.

## KAPITOLU A4 10 — RIŻERVI

### *A4 10 01* *Approprjazzjonijiet proviżorji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

### *A4 10 02* *Riżerva ta' Kontinġenza*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

KUMMISSJONI

## UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# DĦUL

## TITOLU 4

## MIXXELANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

**KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI**
**KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJIET**

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 4 0 | | | | |
| **4 0 0** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 1 132 000 | 1 157 000 | | — |
| **4 0 3** | ***Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| **4 0 4** | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | 238 000 | 242 000 | | — |
| | KAPITOLU 4 0 — TOTAL | 1 370 000 | 1 399 000 | 0,— | 0,— |
| | KAPITOLU 4 1 | | | | |
| **4 1 0** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjonijiet*** | 2 497 000 | 2 719 000 | | — |
| | KAPITOLU 4 1 — TOTAL | 2 497 000 | 2 719 000 | | — |
| | **Titolu 4 — Total** | **3 867 000** | **4 118 000** | **0,—** | **0,—** |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# TITOLU 4

# MIXXELANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

### 4 0 0 *Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 1 132 000 | 1 157 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropoea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

### 4 0 3 *Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

### 4 0 4 *Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 238 000 | 242 000 | |

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJIET

### 4 1 0 *Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjonijiet*

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| 2 497 000 | 2 719 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul mill-kontribuzzjonijiet mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u wżat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi legali*

Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# TITOLU 6

# KONTRIBUZZJONI GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORŻI TA' NEFQA U DĦUL

## KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

| Artikolu Punt | Intestatura | Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU 6 6 | | | | |
| **6 6 0** | ***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet assenjati oħra | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | *Artikolu 6 6 0 — Total* | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU 6 6 — TOTAL | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | **—** |
| | **IS-SOMMA FINALI** | **3 867 000** | **4 118 000** | **0,—** | **0,—** |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# TITOLU 6

# KONTRIBUZZJONI GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORŻI TA' NEFQA U DĦUL

## KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

### *6 6 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra*

6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet assenjati oħra

| Sena Finanzjarja 2014 | Sena Finanzjarja 2013 | Sena Finanzjarja 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# NEFQA

## Riassunt ġenerali ta' l-approprjazzjonijiet (2014 u 2013) u riżultat (2012)

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **A5** | **UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI** | | | |
| A5 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | 36 260 000 | 36 721 000 | 41 442 564,20 |
| A5 10 | RIŻERVI | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Titolu A5 — Total** | **36 260 000** | **36 721 000** | **41 442 564,20** |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

## TITOLU A5

## UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA**
**KAPITOLU A5 10 — RIŻERVI**

| Artikolu Punt | Intestatura | Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 | % 2012/2014 |
|---|---|---|---|---|---|
| | KAPITOLU A5 01 | | | | |
| ***A5 01 01*** | ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 16 058 000 | 16 738 000 | 15 064 964,46 | 93,82 |
| ***A5 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*** | | | | |
| A5 01 02 01 | Persunal estern | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 9 896 000 | 9 543 000 | 15 349 615,35 | 155,11 |
| A5 01 02 11 | Nefqa maniġerjali oħra | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 214 000 | 214 000 | 263 928,53 | 123,33 |
| | *Artikolu A5 01 02 — Total* | 10 110 000 | 9 757 000 | 15 613 543,88 | 154,44 |
| ***A5 01 03*** | ***Binjiet u nefqa relatata*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | 10 092 000 | 10 226 000 | 10 764 055,86 | 106,66 |
| ***A5 01 50*** | ***Politika tal-personal u t-tmexxija*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A5 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A5 01 60*** | ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU A5 01 — TOTAL | 36 260 000 | 36 721 000 | 41 442 564,20 | 114,29 |
| | KAPITOLU A5 10 | | | | |
| ***A5 10 01*** | ***Krediti proviżorji*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| ***A5 10 02*** | ***Riżerva għal spejjeż mhux mistennija*** | | | | |
| | Approprjazzjonijiet mhux differenzjati | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | KAPITOLU A5 10 — TOTAL | p.m. | p.m. | 0,— | — |
| | **Titolu A5 — Total** | **36 260 000** | **36 721 000** | **41 442 564,20** | **114,29** |

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

# TITOLU A5

# UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

### A5 01 01 *Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 16 058 000 | 16 738 000 | 15 064 964,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom post fuq il-pjan ta' stabiliment:

- salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- gratifiki u għotjiet mixxellanji,
- il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg,
- il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,
- il-kost ta' kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

### A5 01 02 *Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra*

A5 01 02 01 Persunal estern

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 9 896 000 | 9 543 000 | 15 349 615,35 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijeit applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A5 01 02*** *(ikompli)*

A5 01 02 01 *(ikompli)*

— in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-uu ta' pesunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

— kostijiet tal-persunal inklużi f'kuntratti ta' servizzi għal subkuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza suplimentari u provvediment ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lis-servizzi ċivili nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jlaħħaq EUR 6 705 000.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A5 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 214 000 | 214 000 | 263 928,53 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— il-kostijiet ta' ospitalità u ta' ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru,

— nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,

  — tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,

  — il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A5 01 02*** *(ikompli)*

A5 01 02 11 *(ikompli)*

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,

— l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

***A5 01 03*** ***Binjiet u nefqa relatata***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| 10 092 000 | 10 226 000 | 10 764 055,86 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa relatata, inkluż b'mod partikolari:

— il-kostijiet tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,

— kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju tal-opzjoni tax-xiri ta' binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— il-kostijiet għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-binjiet, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn tindif regolari, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għat-tindif, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-uffiċini tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,

— rinovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablaġġ marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A5 01 03*** *(ikompli)*

- il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,
- nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),
- debiti għal assistenza teknika marbuta ma' rinovament maġġuri tal-binjiet,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,
- assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbilità ċivili u kontra s-serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:
  - xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkabir u ħmieġ anormali,
  - xiri jew rimborż tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-binjiet jkunu attrezzat b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefon, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u software meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,
- ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajprajters, proċessaturi tat-testi jew kull apparat elettroniku ieħor,
- stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,
- il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,
- nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta'datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ, persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter.
- nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

L-ammont tad-dħul skont l-Artikolu 21(3)(a) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq EUR 817 000.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

***A5 01 03*** *(ikompli)*

*Bażi legali*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

***A5 01 50*** ***Politika tal-personal u t-tmexxija***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,

— infiq, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-bàġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi legali*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

***A5 01 51*** ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u *canteens*,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' responsabbilità ċivili, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm talba legali.

KUMMISSJONI

*UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI*

**KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA** *(ikompli)*

### A5 01 60 *Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm), l-abbonamenti mas-servizzi ta' *view-data*, l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħrajn meħtieġa għall-preservazzjoni ta' xogħlijiet u perjodiċi ta' referenza, in-nefqa għall-abbonamenti ma' ġurnali u ġurnali perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

**KAPITOLU A5 10 — RIŻERVI**

### A5 10 01 *Krediti proviżorji*

| Approprjazzjonijiet 2014 | Approprjazzjonijiet 2013 | Riżultat 2012 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn kapitoli oħra skont il-proċedura rilevanti stipulata fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi legali*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

### A5 10 02 *Riżerva għal spejjeż mhux mistennija*

